ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 353 E

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

3 ta’ Diċembru 2013

Avviż Nru | Werrej | Paġna

I *Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet*

RIŻOLUZZJONIJIET

**Il-Parlament Ewropew**

SESSJONI 2012–2013

Dati tas-seduti: 11–13 ta’ Settembru 2012

Il-Minuti ta’ din is-sessjoni ġew ippubblikati fil-ĠU C 370 E, 30.11.2012.

TESTI ADOTTATI

**It-Tlieta 11 ta’ Settembru 2012**

2013/C 353 E/01 L-allegati trasportazzjoni u detenzjoni illegali ta’ priġunieri f’pajjiżi Ewropej mis-CIA

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Settembru 2012 dwar l-allegati trasportazzjoni u żamma illegali ta’ priġunieri f’pajjiżi Ewropej mis-CIA: segwitu tar-Rapport tal-Kumitat tat-TDIP tal-Parlament Ewropew (2012/2033(INI)) . . . . . . . . . . 1

2013/C 353 E/02 It-titjib tas-solidarjetà fl-UE fil-qasam tal-ażil

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Settembru 2012 dwar it-titjib tas-solidarjetà fl-UE fil-qasam tal-ażil (2012/2032(INI)) . . . . . . . . . . 16

2013/C 353 E/03 Preparazzjoni tal-Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni 2013

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Settembru 2012 dwar il-Programm ta’ Ħidma tal-Kummissjoni għall-2013 (2012/2688(RSP)) . . . . . . . . . . 25

2013/C 353 E/04 Id-donazzjoni volontarja u b’xejn ta’ tessuti u ċelluli

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta’ Settembru 2012 dwar id-donazzjoni volontarja u b’xejn ta’ tessuti u ċelluli (2011/2193(INI)) . . . . . . . . . . 31

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

2013/C 353 E/05 Ir-rwol tan-nisa fl-ekonomija ħadra

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar ir-rwol tan-nisa fl-ekonomija ekoloġika (2012/2035(INI)) ........ 38

2013/C 353 E/06 Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tan-nisa fis-settur tas-servizzi

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tan-nisa fis-settur tas-servizzi (2012/2046(INI)) ........ 47

2013/C 353 E/07 Edukazzjoni, Taħriġ u Ewropa 2020

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar l-Edukazzjoni, it-Taħriġ u Ewropa 2020 (2012/2045(INI)) ........ 56

2013/C 353 E/08 Id-distribuzzjoni onlajn ta' xogħlijiet awdjoviżivi fl-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar id-distribuzzjoni onlajn ta' xogħlijiet awdjoviżivi fl-Unjoni Ewropea (2011/2313(INI)) ........ 64

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

2013/C 353 E/09 Deċiżjoni li ma' tiġix opposta miżura ta' implimentazzjoni: sistema ta' evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru fuq ċerti inġenji tal-ajru

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li ma jopponiex l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza lir-Repubblika Franċiża biex tidderoga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1332/2011 tal-Kummissjoni firrigward tal-użu ta' verżjoni ġdida tas-softwer tas-sistema ta' evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru (ACAS II) fuq ċerti inġenji tal-ajru mibnija ġodda (D020967/02 – 2012/2745 (RPS)) ........ 75

2013/C 353 E/10 Deċiżjoni li ma' jiġix oppost att iddelegat: kooperazzjoni transnazzjonali u n-negozjati kuntrattwali talorganizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li ma jopponix ir-regolament ta' delega tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2012 li jissupplimenta r-regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kooperazzjoni transnazzjonali u nnegozjati kuntrattwali tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib (12020-12 – C(2012)4297 – 2012/2780 (RPS) ........ 76

2013/C 353 E/11 Ir-Rapport Annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 dwar ir-Rapport Annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (12562/2011 -2012/2050(INI)) ........ 77

2013/C 353 E/12 Konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 dwar l-obbligi tar-rappurtar skont ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd (2011/2291(INI)) ........ 99

2013/C 353 E/13 Ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd - Komunikazzjoni Ġenerali

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 dwar ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd – Komunikazzjoni Ġenerali (2011/2290(INI)) ........ 104

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

2013/C 353 E/14 It-18-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet - Applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u talproporzjonalità (2010)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar it-18-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet – Applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (2010) (2011/2276(INI)) ........ 117

**MT**

*(Ikompli fuq paġna 326)*

It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012

I

*(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)*

# RIŻOLUZZJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## L-allegati trasportazzjoni u detenzjoni illegali ta' priġunieri f'pajjiżi Ewropej mis-CIA

P7_TA(2012)0309

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar l-allegati trasportazzjoni u żamma illegali ta' priġunieri f'pajjiżi Ewropej mis-CIA: segwitu tar-Rapport tal-Kumitat tat-TDIP tal-Parlament Ewropew (2012/2033(INI))**

(2013/C 353 E/01)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), b'mod partikolari l-Artikoli 2, 3, 4, 6, 7 u 21 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 1, 2, 3, 4, 18 u 19 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-protokolli tagħha,

— wara li kkunsidra l-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU, b'mod partikolari l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi tas-16 ta' Diċembru 1966, il-Konvenzjoni kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra tal-10 ta' Diċembru 1984 u l-protokolli relevanti tagħhom, u l-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat tal-20 ta' Diċembru 2006,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana tal-1949,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 tas-27 ta' Ġunju 2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, tortura jew trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra ([1]),

— wara li kkunsidra l-Programm ta' Stokkolma – Ewropa Miftuħa u Sigura għas-Servizz u l-Protezzjoni taċ-Ċittadini ([2]) – u l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni tal-20 ta' April 2010 dwar 'Il-kisba ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għaċ-ċittadini tal-Ewropa: Pjan ta' Azzjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma' (COM(2010)0171),

([1]) ĠU L 200, 30.7.2005, p. 1.
([2]) ĠU C 115, 4.5.2010, p. 1.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra l-Linji Gwida għall-Politika tal-UE Lejn Pajjiżi Terzi dwar it-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra u l-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena tal-Mewt,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni ta' Brussell tal-1 ta' Ottubru 2010, adottata waqt is-6 Konferenza tal-Kumitati Parlamentari għas-Sorveljanza tas-Servizzi tal-Intelliġenza u s-Sigurtà tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-istudju konġunt tan-NU dwar prattiki globali marbuta ma' detenzjoni sigrieta fil-kuntest tal-kontroll tat-terroriżmu, ippreparat mir-Rapporteur Speċjali għall-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali filwaqt li jkun ikkontrollat it-terroriżmu, Martin Scheinin; ir-Rapporteur Speċjali dwar it-tortura jew trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, Manfred Nowak; il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Detenzjoni Arbitrarja, rappreżentat mill-Viċi President tiegħu, Shaheen Sardar Ali; u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Għajbien Involontarju Sfurzat, rappreżentat mill-President tiegħu, Jeremy Sarkin ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU tar-Rapporteur Speċjali dwar it-tortura jew trattamenti jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, li jiffoka fuq kummissjonijiet ta' inkjesta b'risposta għal mudelli jew prattiki ta' tortura jew forom oħra ta' trattament ħażin ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tar-Rapporteur Speċjali dwar il-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali filwaqt li jkun ikkontrollat it-terroriżmu, Martin Scheinin, intitolat 'Kumpilazzjoni ta' prattiki tajbin dwar oqfsa legali u istituzzjonali u miżuri li jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem minn aġenziji tal-intelliġenza filwaqt li jkun ikkontrollat it-terroriżmu, inkluż dwar is-sorveljanza tagħhom' ([3]),

— wara li kkunsidra l-kontribuzzjonijiet mill-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari x-xogħol tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem preċedenti, Thomas Hammarberg, u tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura (CPT), kif ukoll ir-riżoluzzjonijiet relevanti tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari dawk intitolati 'Detenzjonijiet sigrieti u trasferimenti interstatali illegali ta' priġunieri li jinvolvu stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa' ([4]), u 'Detenzjonijiet sigrieti u trasferimenti illegali ta' priġunieri li jinvolvu Stati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa: it-tieni rapport' ([5]), u r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Assemblea Parlamentari, intitolat 'Abbuż tas-segretezza tal-istat u s-sigurtà nazzjonali: ostakli għall-iskrutinju parlamentari u ġudizzjarju tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem' ([6]),

— wara li kkunsidra l-kawżi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem Al – Nashiri v. Il-Polonja, Abu Zubaydah v. il-Litwanja, Abu Zubaydah v. il-Polonja u El-Masri v. "Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja", li nstemgħu mill-Awla Manja fis-16 ta' Mejju 2012,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill "Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini – il-programm ta' Stokkolma" ([7]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-14 ta' Frar 2007 ([8]) u d-19 ta' Frar 2009 ([9]) dwar l-użu allegat ta' pajjiżi Ewropej mis-CIA għat-trasport u d-detenzjoni illegali ta' priġunieri,

---

([1]) A/HRC/13/42, 19.2.2010.
([2]) A/HRC/19/61, 18.1.2012.
([3]) A/HRC/14/46, 17.5.2010.
([4]) Riżoluzzjoni 1507 (2006).
([5]) Riżoluzzjoni 1562 (2007).
([6]) Dok. 12714, 16.9.2011.
([7]) ĠU C 285E, 21.10.2010, p. 12.
([8]) ĠU C 287E, 29.11.2007, p. 309.
([9]) ĠU C 76E, 25.3.2010, p. 51.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar Guantánamo, b'mod partikolari dawk tad-9 ta' Ġunju 2011 dwar "Guantánamo: deċiżjoni imminenti dwar piena tal-mewt" ([1]), tal-4 ta' Frar 2009 dwar ir-ritorn u r-risistemazzjoni tal-priġunieri tal-faċilità ta' detenzjoni ta' Guantánamo ([2]) u tat-13 ta' Ġunju 2006 dwar is-sitwazzjonijiet tal-priġunieri fi Guantánamo ([3]), u r-rakkomandazzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2004 lill-Kunsill dwar id-dritt għal proċess ġust tal-priġunieri ta' Guantánamo ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2010 dwar "il-qagħda tad-Drittijiet Fundamentali fl-Unjoni Ewropea (2009) – implimentazzjoni effikaċi wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona" ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2011 dwar "il-linja politika tal-UE kontra t-terroriżmu: il-kisbiet ewlenin u l-isfidi tal-futur" ([6])

— wara li kkunsidra d-diskors mogħti minn Jacques Barrot, Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, fi Strasburgu fis-17 ta' Settembru 2008 ([7]),

— wara li kkunsidra l-istqarrijiet magħmula mill-Kummissjoni dwar il-ħtieġa tal-Istati Membri kkonċernati li jagħmlu investigazzjonijiet dwar l-allegazzjonijiet ta' involviment fil-programm ta' rendiment u d-detenzjoni sigrieta tas-CIA, u għad-dokumenti komunikati lir-rapporteur mill-Kummissjoni, inklużi erba' ittri mibgħuta l-Polonja, erbgħa r-Rumanija u tnejn il-Litwanja bejn l-2007 u l-2010,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament tal-15 ta' Ottubru 2003 dwar "l-Artikolu 7 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea: Ir-rispett għall-valuri u l-promozzjoni tagħhom li fuqhom hija bbażata l-Unjoni" (COM(2003)0606),

— wara li kkunsidra l-ittra tad-29 ta' Novembru 2005 mill-Presidenza tal-UE għas-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti Condoleezza Rice, li titlob kwalunkwe 'kjarifika li l-Istati Uniti jistgħu jagħtu dwar dawn ir-rapporti [dwar l-allegati detenzjoni u trasport ta' suspettati terroristi ġo jew minn xi Stati Membri tal-UE] bit-tama li din ittaffi t-tħassib parlamentari u pubbliku',

— wara li kkunsidra l-2748/2749 laqgħa tal-Kunsill għall-Affarijiet Ġenerali u r-Relazzjonijiet Esterni tal-15 ta' Settembru 2006, li fiha ġie diskuss is-suġġett 'Il-ġlieda kontra t-terroriżmu – Faċilitajiet ta' detenzjoni sigrieti',

— wara li kkunsidra l-istqarrija tal-UE li saret fis-7 ta' Marzu 2011 waqt is-16-il sessjoni tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem rigward l-istudju konġunt tan-NU msemmi qabel dwar id-detenzjoni sigrieta,

— wara li kkunsidra l-artikolu intitolat 'Il-ġlieda kontra t-terroriżmu u d-drittijiet tal-bniedem', minn Villy Sovndal, Gilles de Kerchove u Ben Emmerson, ippubblikat fil-*European Voice* tad-19 ta' Marzu 2012,

— wara li kkunsidra r-risposta tas-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti Condoleezza Rice tal-5 ta' Diċembru 2005 għall-ittra tal-Presidenza tal-UE tad-29 ta' Novembru 2005, li tgħid '[…] li r-rendiment huwa għodda essenzjali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu. L-użu tiegħu mhuwiex uniku għall-Istati Uniti, jew għall-amministrazzjoni attwali', filwaqt li tiċħad l-allegazzjonijiet ta' involviment dirett mill-Istati Uniti fit-tortura u tenfasizza li l-'għan' tar-rendiment ma kienx li l-persuna li sarilha rendiment tkun ittorturata, u għad-dikjarazzjonijiet tas-Segretarju tal-Istat tal-Istati Uniti Condoleezza Rice li tikkonferma li "aħna [l-Istati Uniti] qed nirrispettaw is-sovranità tas-sħab tagħna" ([8]),

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0271.
([2]) ĠU C 67E, 18.3.2010, p. 91.
([3]) ĠU C 300E, 9.12.2006. p. 136.
([4]) ĠU C 102E, 28.4.2004, p. 640.
([5]) ĠU C 169E, 15.6.2012, p. 49.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2011)0577.
([7]) DISKORS/08/716, 'Une politique visant à assurer l'effectivité des droits fondamentaux sur le terrain'.
([8]) 'Remarks en route to Germany', Stampa, mistoqsijiet u tweġibiet ma' Condoleezza Rice, Berlin, 5 ta' Diċembru 2005, u 'Press Availability at the Meeting of the North Atlantic Council', Brussell, 8 ta' Diċembru 2005.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra r-rikonoxximent tal-President tal-Istati Uniti, George W. Bush, fid-diskors tiegħu mill-East Room tal-White House tas-6 ta' Settembru 2006, dwar l-eżistenza ta' programm ta' rendiment u detenzjoni sigrieta mmexxi mis-CIA, inklużi operazzjonijiet barranin,

— wara li kkunsidra l-memoirs ta' George W. Bush, li ġew ippubblikati fid-9 ta' Novembru 2010,

— wara li kkunsidra l-verżjoni mhux klassifikata, maħruġa f'Awwissu 2009, tar-rapport tal-2004 tal-Ispettur Ġenerali tas-CIA John Helgerson dwar l-operazzjonijiet ta' interrogazzjoni tas-CIA ta' żmien Bush,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-2007 tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar dwar it-trattament ta' 14-il priġunier ta' valur għoli fil-kustodja tas-CIA, li sar aċċessibbli għall-pubbliku fl-2009,

— wara li kkunsidra d-diversi inizjattivi fil-livell nazzjonali dwar l-involviment tal-Istati Membri fil-programm ta' rendiment u detenzjoni sigrieta tas-CIA, inkluża l-inkjesta li qed issir bħalissa fid-Danimarka u l-inkjesti li saru fil-passat fl-Isvezja, l-investigazzjonijiet kriminali li qed isiru bħalissa fil-Polonja u fir-Renju Unit, il-proċeduri kriminali preċedenti fl-Italja, il-Ġermanja, il-Litwanja, il-Portugall u Spanja, l-investigazzjoni parlamentari tal-partijiet kollha fir-Renju Unit u l-investigazzjonijiet parlamentari preċedenti fil-Ġermanja, il-Litwanja, il-Polonja u r-Rumanija,

— wara li kkunsidra l-inkjesta ġudizzjarja Portugiża li baqgħet sejra għal sentejn, u li ngħalqet f'daqqa waħda fl-2009,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-inkjesti nazzjonali li sar diġà f'xi Stati Membri,

— wara li kkunsidra r-rapporti numerużi tal-midja u atti ta' ġurnaliżmu investigattiv, b'mod partikolari – iżda mhux b'mod eżawrjenti – ir-rapporti tal-ABC News tal-2005 ([1]) u tal-2009 ([2]), ir-rapporti tal-*Washington Post* tal-2005 ([3]), li mingħajrhom l-atti ta' rendimenti u detenzjoni kienu jibqgħu verament sigrieti,

— wara li kkunsidra r-riċerka u l-investigazzjonijiet li saru, u r-rapporti prodotti minn riċerkaturi indipendenti, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet mhux governattivi nazzjonali u internazzjonali mill-2005, notevolment mill-Human Rights Watch ([4]), l-Amnesty International u Reprieve,

— wara li kkunsidra s-smigħ tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tiegħu magħmul fis-27 ta' Marzu 2012 u tas-Sottokumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem tiegħu magħmul fit-12 ta' April 2012, iż-żjara tad-delegazzjoni LIBE fil-Litwanja fil-25-27 ta' April 2012, iż-żjara tar-rapporteur fil-Polonja fis-16 ta' Mejju 2012 u kontribuzzjonijiet kollha miktuba u orali li rċieva r-rapporteur,

— wara li kkunsidra t-talba konġunta għal dejta tat-titjiriet imressqa lid-Direttur tal-Eurocontrol mill-President tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u r-rapporteur fis-16 ta' April 2012 u r-reazzjoni komprensiva li waslet mingħand il-Eurocontrol fis-26 ta' April 2012,

— wara li kkunsidra n-nota tad-DĠ IPOL intitolata "Ir-riżultati tal-inkjesti dwar il-programm tas-CIA ta' rendimenti straordinarji u ħabsijiet sigrieti fl-Istati Ewropej fid-dawl tal-qafas legali ġdid wara t-Trattat ta' Lisbona",

([1]) 'Sources Tell ABC News Top Al Qaeda Figures Held in Secret CIA Prisons', ABC News, 5.12.2005.
([2]) 'Lithuania Hosted Secret CIA Prison to Get "Our Ear"', ABC News, 20.8.2009.
([3]) 'CIA Holds Terror Suspects in Secret Prisons', 2.11. 2005, u 'Europeans Probe Secret CIA Flights', *Washington Post*, 17.11.2005.
([4]) Fost l-oħrajn: Dikjarazzjoni tal-Human Rights Watch dwar il-Faċilitajiet ta' Detenzjoni Sigrieta fl-Ewropa, 6.11.2005; Rapport tal-Amnesty International Europe intitolat 'Open secret: Mounting evidence of Europe's complicity in rendition and secret detention', 15.11.2010; Rapport ta' Reprieve intitolat 'Rendition on Record: Using the Right of Access to Information to Unveil the Paths of Illegal Prisoner Transfer Flights', 15.12.2011.

— wara li kkunsidra l-Artikoli 48 u 50 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0266/2012),

A. billi l-Parlament ikkundanna l-programm ta' rendiment u detenzjoni sigrieta tas-CIA mmexxija mill-Istati Uniti li tinvolvi numru ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, inklużi detenzjoni illegali u arbitrarja, tortura u trattament ħażin ieħor, ksur tal-prinċipju tan-non-refoulement u l-għajbien sfurzat; billi l-Kumitat Temporanju għall-użu allegat ta' pajjiżi Ewropej mis-CIA għat-trasport u d-detenzjoni illegali ta' priġunieri (minn issa 'l quddiem 'Kumitat Temporanju') iddokumenta l-użu tal-ispazju tal-ajru u t-territorju Ewropew mis-CIA, u billi l-Parlament reġa' talab investigazzjonijiet sħaħ dwar il-kollaborazzjoni ta' gvernijiet u aġenziji nazzjonali mal-programm tas-CIA;

B. billi l-Parlament talab b'mod ripetut biex il-ġlieda kontra t-terroriżmu tkun tirrispetta b'mod sħiħ id-dinjità tal-bniedem, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż fil-kuntest tal-kooperazzjoni internazzjonali fil-qasam, abbażi tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-UE u kostituzzjonijiet nazzjonali u leġiżlazzjoni tad-drittijiet fundamentali, u billi reċentament irrepeta din it-talba fir-rapport tiegħu dwar il-politika tal-UE għall-ġlieda kontra t-terroriżmu, fejn qal ukoll li r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa prekondizzjoni biex tkun żgurata l-effettività tal-politika;

C. billi l-Parlament ikkundanna ripetutament u bil-qawwa l-prattiki illegali bħall-'konsenja straordinarja', is-sekwestru, id-detenzjoni mingħajr proċess, l-għajbien, il-ħabsijiet u t-tortura sigrieti, u talab għal investigazzjonijiet sħaħ fil-livell allegat ta' involviment ta' ċerti Stati Membri b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet tal-Istati Uniti, notevolment is-CIA, inkluż l-involviment f'territorji tal-UE;

D. billi l-għan ta' din ir-riżoluzzjoni huwa li 'ssegwi b'mod politiku l-proċeduri tal-Kumitat Temporanju u li tissorvelja l-iżviluppi, u b'mod partikolari, fil-każ li l-ebda azzjoni xierqa ma ttieħdet mill-Kunsill u/jew mill-Kummissjoni, sabiex tiddetermina jekk hemmx riskju ċar ta' ksur serju tal-prinċipji u l-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea, u sabiex tirrakkommanda lilha kwalunkwe riżoluzzjoni, billi tuża l-Artikoli 6 u 7 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea bħala bażi, li tista' tkun meħtieġa f'dan il-kuntest' ([1]);

E. billi l-Unjoni Ewropea hija stabbilita fuq impenn għad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem u d-dritt internazzjonali, mhux biss fil-politiki interni tagħha, iżda wkoll fid-dimensjoni esterna tagħha; billi l-impenn tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem, imsaħħaħ bid-dħul fis-seħħ tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-proċess ta' adeżjoni mal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem għandu jiġi rifless fl-oqsma kollha tal-politika sabiex il-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem issir effettiva u kredibbli;

F. billi proċess xieraq ta' responsabilità huwa essenzjali sabiex tkun miżmuma l-fiduċja taċ-ċittadini fl-istituzzjonijiet demokratiċi tal-UE, jkunu mħarsa u promossi b'mod effettiv id-drittijiet tal-bniedem fil-politiki interni u esterni tal-UE, u jkunu żgurati politiki ta' sigurtà leġittimi u effettivi bbażati fuq l-istat tad-dritt;

G. billi l-ebda Stat Membru sa issa ma ssodisfa l-obbligi tiegħu b'mod sħiħ biex jipproteġi, jippreserva u jirrispetta d-drittijiet internazzjonali tal-bniedem u jevita l-ksur tagħhom;

([1]) Paragrafu 232 tar-riżoluzzjoni msemmija qabel tal-Parlament tal-14 ta' Frar 2007.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

H. billi l-istrumenti li jirregolaw il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE (PESK) jinkludu d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) u ż-żewġ Protokolli Fakultattivi tagħha, il-Konvenzjoni kontra t-Tortura (CAT), u l-Protokoll Fakultattiv tiegħu, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Karta tal-UE dwar il-Libertajiet Fundamentali u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Prevenzjoni tat-Tortura u tat-Trattament jew Pieni Inumani jew Degradanti, li flimkien mhux biss jipprevedu l-projbizzjoni assoluta tat-tortura iżda jirrikjedi wkoll obbligu pożittiv li jiġu investigati l-allegazzjonijiet ta' tortura u jiġu pprovduti rimedji u reparazzjoni; billi l-linji gwida għall-politika tal-UE dwar it-tortura jipprovdu qafas għall-isforzi tal-UE 'għall-prevenzjoni u l-eradikazzjoni tat-tortura u t-trattament ħażin fil-partijiet kollha tad-dinja';

I. billi sabiex jiżguraw il-promozzjoni tal-liġi internazzjonali u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-ftehimiet kollha ta' assoċjazzjoni, ta' kummerċ u ta' kooperazzjoni jinkludu klawżoli għad-drittijiet tal-bniedem, u billi l-UE tieħu sehem ukoll fi djalogi politiċi ma' pajjiżi terzi fuq il-bażi tal-linji gwida tad-drittijiet tal-bniedem, li jinkludu l-ġlieda kontra l-piena tal-mewt u t-tortura; billi fil-qafas tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR), l-UE tappoġġja organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jiġġieldu kontra t-tortura u li jipprovdu appoġġ għar-riabilitazzjoni ta' vittmi tat-tortura;

J. billi detenzjoni sigrieta, li hija forma ta' għajbien sfurzat, tista' tammonta, jekk ipprattikata b'mod wiesa' u sistematiku, għal reat kontra l-umanità; billi stati ta' emerġenza u l-ġlieda kontra t-terroriżmu jikkostitwixxu ambjent li jippermetti d-detenzjoni sigrieta;

K. billi għalkemm l-UE uriet l-impenn tagħha biex tevita kollużjoni fit-tortura permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 ([1]), emendat l-aħħar f'Diċembru 2011 ([2]), li jipprojbixxi kwalunkwe esportazzjoni jew importazzjoni ta' oġġetti li m'għandhom l-ebda użu prattiku ħlief għall-għan ta' piena kapitali, tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħrajn, għad irid isir aktar xogħol biex tkun żgurata kopertura komprensiva;

L. billi d-dipendenza fuq assigurazzjonijiet diplomatiċi biss biex tiġi awtorizzata l-estradizzjoni jew id-deportazzjoni ta' persuna lejn pajjiż fejn hemm raġunijiet sostanzjali biex jitqies li individwi jkunu fil-periklu li jiġu soġġetti għal tortura jew trattament ħażin hija inkompatibbli mal-projbizzjoni assoluta tat-tortura fil-liġi internazzjonali, fil-liġi tal-UE u fil-kostituzzjonijiet u l-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri ([3]);

M. billi l-Kunsill ammetta fil-15 ta' Settembru 2006 li 'l-eżistenza ta' faċilitajiet ta' detenzjoni sigrieti fejn priġunieri huma miżmuma f'vakum legali mhix f'konformità mal-liġi umanitarja internazzjonali u l-liġi kriminali internazzjonali', iżda sa issa naqas milli jagħraf u jikkundanna l-involviment ta' Stati Membri fil-programm tas-CIA, anka jekk l-użu tal-ispazju tal-ajru u t-territorju Ewropew mis-CIA ġie kkonfermat minn awtoritajiet politiċi u ġudizzjarji tal-Istati Membri;

N. billi hemm ksur tad-drittijiet tal-bniedem għadhom għaddejjin minħabba l-programm tas-CIA, kif konfermat b'mod partikolari mid-detenzjoni amministrattiva għaddejja fi Guantánamo Bay tas-Sur Abu Zubaydah u s-Sur Abd al-Rahim al-Nashiri, li ngħataw status ta' vittma fl-investigazzjoni kriminali Pollakka dwar il-ħabsijiet sigrieti tas-CIA;

O. billi riċerka min-NU, il-Kunsill tal-Ewropea, il-midja nazzjonali u internazzjonali, is-soċjetà ġurnalista u ċivili investigattiva ħarġet informazzjoni konkreta ġdida dwar il-post ta' siti ta' detenzjoni sigrieta tas-CIA fl-Ewropa, il-vjaġġi ta' rendiment fl-ispazju tal-ajru Ewropea u persuni trasportati jew detenuti;

([1]) ĠU L 200, 30.7.2005, p. 1.
([2]) ĠU L 338, 21.12.2011, p. 31.
([3]) L-Artikolu 5 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 7 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB) u l-każistika relatata, u l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

P. billi l-kummissjoni ta' atti illegali fit-territorju tal-UE setgħet żviluppat fil-kuntest ta' ftehimiet multilaterali jew bilaterali tan-NATO;

Q. billi l-inkjesti nazzjonali u r-riċerka internazzjonali juru li l-membri tat-Trattat tal-Organizzazzjoni tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) qablu li jimpenjaw ruħhom għal miżuri fil-kampanja kontra t-terroriżmu li ppermetta traffiku sigriet tal-linji tal-ajru u l-użu tat-territorju tal-Istati Membri tal-UE fil-programm immexxi mis-CIA ta' rendiment, li jindika għarfien kollettiv tal-programm mill-Istati Membri li huma wkoll membri tan-NATO;

R. billi l-istudju konġunt tan-NU dwar prattiki globali b'rabta mad-detenzjoni sigrieta fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu (A/HRC/13/42), imħejji mir-Rapporteur Speċjali dwar il-promozzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali filwaqt li jiġi miġġieled it-terroriżmu, ir-Rapporteur Speċjali dwar it-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Detenzjoni Arbitrarja u l-Grupp ta' Ħidma dwar l-Għajbien Sfurzat jew Involontarju, iddeskrivew fid-dettall l-użu ta' siti ta' detenzjoni sigrieti fuq territorju tal-Istati Membri tal-UE bħala parti mill-programm tas-CIA, u billi ittri ta' segwitu ntbagħtu lill-Istati Membri u talbu informazzjoni addizzjonali kif speċifikat fir-rapporti ta' komunikazzjonijiet tal-Proċeduri Speċjali, inkluż dak tat-23 ta' Frar 2012 ([1]);

S. billi r-rapport tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2011 jgħid li d-data miksuba mill-aġenziji Pollakki fl-2009 u l-2010 'tipprovdi provi definiti' li seba' ajruplani assoċjati mas-CIA niżlu fil-Polonja, u billi l-midja Pollakka rrappurtat li tressqu akkużi kontra l-eks kapijiet tal-intelligenza Pollakka, u żvelaw kuntatti possibbli bejn l-uffiċjali tal-intelligenza u l-eks Gvern Pollakk dwar l-użu ta' stallazzjoni ta' detenzjoni tas-CIA fuq it-territorju tagħha; billi fl-2011 ġurnalisti investigattivi Rumeni fittxew li jikxfu l-eżistenza ta' 'sit iswed', abbażi ta' informazzjoni fornuta minn eks impjegati tas-CIA, fl-uffiċċju tar-reġistru nazzjonali Rumen għal informazzjoni klassifikata ([2]); billi l-eżistenza ta' dan is-"sit iswed" ġiet miċħuda mill-awtoritajiet Rumeni u ma ħarġitx fl-inkjesta magħmula mill-parlament Rumen; billi eks dissidenti Libjani bdew proċedimenti legali kontra r-Renju Unit minabba l-involviment dirett tal-M16 fir-rendiment, id-detenzjoni sigrieta u t-tortura tagħhom u tal-familjari tagħhom;

T. billi l-awtoritajiet Litwani ppruvaw jiċċaraw l-involviment tal-Litwanja fil-programm tas-CIA permezz ta' inkjesta parlamentari u legali; billi l-investigazzjoni parlamentari mill-Kumitat ta' Seimas dwar is-Sigurtà u d-Difiża Nazzjonali li tikkonċerna l-allegat trasport u l-priġunerija ta' persuni detenuti mis-CIA f'territorju Litwan stabbilixxiet li ħames inġenji tal-ajru relatati mas-CIA niżlu fil-Litwanja bejn l-2003 u l-2005 u li żewġ faċilitajiet adattati biex iżommu l-priġunieri fil-Litwanja (il-Proġetti Nru 1 u 2) ġew ippreparati fuq talba tas-CIA; billi d-delegazzjoni LIBE tirringrazzja lill-awtoritajiet Litwani talli laqgħu lill-Membri tal-Parlament Ewropew f'Vilnius f'April 2012 u li ppermettew aċċess lid-delegazzjoni LIBE għall-Proġett Nru 2; billi l-pjan tal-bini u l-installazzjonijiet fuq ġewwa jidher li huwa kompatibbli mad-detenzjoni ta' priġunieri; billi ħafna mistoqsijiet relatati mal-operazzjonijiet tas-CIA fil-Litwanja jibqgħu miftuħa minkejja l-investigazzjoni legali sussegwenti li saret fl-2010 u ngħalqet f'Jannar 2011; billi l-awtoritajiet Litwani esprimew ir-rieda tagħhom li jniedu mill-ġdid l-investigazzjonijiet jekk toħroġ informazzjoni ġdida oħra u billi l-Uffiċċju tal-Prosekutur offra li jipprovdi aktar informazzjoni dwar l-investigazzjoni kriminali b'reazzjoni għal talba bil-miktub mill-Parlament;

U. billi l-awtoritajiet Portugiżi għad iridu jipprovdu kjarifika tan-numru sostanzjali ta' elementi li jindikaw li ħafna titjiriet, identifikati fost l-oħrajn mill-Kumitat Temporanju, intużaw biex isiru t-trasferimenti bejn Bagram, Diego Garcia, ħabsijiet sigrieti u Guantánamo;

([1]) A/HRC/19/44.

([2]) "Inside Romania's secret CIA prison", The Independent, 9.12.2011.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

V. billi r-riċerka u s-sejbiet tal-qorti dwar il-loġistika kienu jinvolvu li jitgħattew dawn l-operazzjonijiet illegali, inklużi pjanijiet ta' vjaġġi finti, titjiriet klassifikati mill-Istat fuq inġenji tal-ajru ċivili u militari u l-użu ta' kumpaniji tal-ajru privati sabiex isiru r-rendimenti tas-CIA, komplew jikxfu n-natura sistematika u sa fejn hija involuta l-Ewropa fil-programm tas-CIA; billi analiżi tad-data ġdida mogħtija mill-Eurocontrol tappoġġja b'mod partikolari l-argument li sabiex jaħbu l-oriġini u d-destinazzjoni ta' trasferimenti ta' priġunieri, il-kuntratturi li operaw missjonijiet ta' rendiment biddlu l-ajruplan f'nofs ir-rotta;

W. billi l-UE żviluppat politiki ta' sigurtà interna u ta' kontra t-terroriżmu bbażati fuq kooperazzjoni tal-pulizija u tal-qorti u l-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-intelliġenza; billi dawn il-politiki għandhom ikunu bbażati fuq ir-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-istat tad-dritt u sorveljanza demokratika parlamentari effettiva tas-servizzi ta' informazzjoni;

X. billi skont is-CPT, "it-tekniki tal-interrogazzjoni applikati fil-faċilitajiet ta' detenzjoni barranin immexxija mis-CIA ċertament wasslu għal ksur tal-projbizzjoni tat-tortura u t-trattament inuman u degradanti" ([1]);

Y. billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Istati Uniti huma bbażati fuq sħubija b'saħħitha u kooperazzjoni f'ħafna oqsma, abbażi ta' valuri komuni ta' demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali; billi l-UE u l-Istati Uniti saħħu l-impenn tagħhom fil-ġlieda kontra t-terroriżmu minn meta seħħew l-attakki terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001, notevolment permezz tad-Dikjarazzjoni Konġunta kontra t-Terroriżmu tat-3 ta' Ġunju 2010, iżda billi huwa neċessarju li tiġi żgurata l-konformità fil-prattika ma' impenji ddikjarati u biex jingħelbu d-diverġenzi bejn il-politiki tal-UE u tal-Istati Uniti fil-ġlieda kontra t-terroriżmu;

Z. billi f'Diċembru 2011, l-awtoritajiet tal-Istati Uniti għaddew l-Att ta' Awtorizzazzjoni ta' Difiża Nazzjonali (NDAA) li jintroduċi bħala liġi d-detenzjoni indefinita ta' persuni suspettati li kienu involuti f'azzjonijiet terroristiċi fl-Istati Uniti u li jdgħajjef id-dritt għal proċess dovut u proċess legali ġust; billi l-iskop tal-NDAA huwa s-suġġett ta' sfida legali;

AA. billi fit-22 ta' Jannar 2009, il-President Obama ffirma tliet ordnijiet eżekuttivi li jipprojbixxu t-tortura waqt l-interrogazzjonijiet, li jistabbilixxu task force bejn l-aġenziji biex jagħmlu reviżjoni b'mod sistematiku tal-politiki u l-proċeduri ta' detenzjoni, u jirrevedu l-każijiet individwali kollha, u li jordnaw l-għeluq tal-faċilità ta' detenzjoni ta' Guantánamo Bay;

AB. billi, madanakollu, il-faċilità ta' detenzjoni ta' Guantánamo Bay għad irid jingħalaq minħabba oppożizzjoni qawwija mill-Kungress tal-Istati Uniti; billi sabiex jitħaffef l-għeluq, l-Istati Uniti talbet lill-Istati Membri tal-UE biex jospitaw priġunieri ta' Guantánamo; billi l-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem esprima diżappunt qawwi għall-falliment li tingħalaq il-faċilità ta' detenzjoni ta' Guantánamo Bay u għad-dħul ta' sistema ta' detenzjoni arbitrarja;

AC. billi l-priġunieri ta' Guantánamo għadhom qed jiġu soġġetti għal proċessi minn tribunali militari, notevolment wara d-deċiżjoni tal-President tal-Istati Uniti tas-7 ta' Marzu 2011 li jiffirma l-ordni eżekuttiva li tneħħi waqfa ta' sentejn fuq proċessi ġodda quddiem qrati militari u l-liġi tas-7 ta' Jannar 2012 li tipprojbixxi t-trasferimenti ta' priġunieri ta' Guantánamo lejn l-Istati Uniti għal proċess

***Elementi ġenerali***

1. Ifakkar li strateġiji kontra t-terroriżmu jistgħu jkunu effettivi biss jekk jitwettqu strettament skont obbligi tad-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikolari skont id-dritt għal proċess ġust;

([1]) Rapport tas-CPT tad-19 ta' Mejju 2011 waqt iż-żjara tiegħu fil-Litwanja mill-14 sat-18 ta' Ġunju 2010.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

2. Itenni li l-effikaċja tal-miżuri kontra t-terroristi u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem mhumiex kontradittorji iżda huma objettivi komplementari li jsaħħu lil xulxin; ifakkar li r-rispett tad-drittijiet fundamentali huwa parti essenzjali għas-suċċess tal-politika tal-ġlieda kontra t-terroriżmu;

3. Jinsisti fuq in-natura ferm sensittiva tal-politiki ta' ġlieda kontra t-terroriżmu; jemmen li sabiex sigriet ikun iġġustifikat, irid ikun hemm motivi ġenwini ta' sigurtà nazzjonali; ifakkar madankollu li s-sigrieti tal-istat m'għandhom taħt l-ebda ċirkustanza jieħdu prijorità fuq id-drittijiet fundamentali inaljenabbli u li għalhekk ma jistgħux jintużaw argumenti ta' segretezza statali biex jillimitaw l-obbligi legali tal-istati biex jinvestigaw il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem; iqis li d-definizzjonijiet ta' informazzjoni klassifikata u tas-sigrieti tal-istat m'għandhomx ikunu soġġetti għal definizzjonijiet estensivi u li l-użu abbużiv tas-sigrieti tal-istat u tas-sigurtà nazzjonali huwa ostaklu serju għall-iskrutinju demokratiku;

4. Jenfasizza li l-persuni suspettati minn xi att ta' terroriżmu m'għandhomx ikunu soġġetti għal proċeduri speċjali; ifakkar li kull persuna għandha tkun tista' tibbenefika mill-garanziji kollha previsti mill-prinċipju ta' proċess ġust hekk kif stabbilit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;

5. Itenni l-kundanna tiegħu ta' prattiki ta' rendiment straordinarju, ħabsijiet u tortura sigrieti, li huma projbiti mil-leġiżlazzjoni interna u internazzjonali li jistipulaw ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u li jiksru fost l-oħrajn id-drittijiet għal-libertà, is-sigurtà, it-trattament uman, il-libertà mit-tortura, in-non-refoulement, il-preżunzjoni ta' innoċenza, proċess ġust, il-konsulenza legali u protezzjoni ugwali skont il-liġi;

6. Jinsisti fuq il-bżonn li jiġu stabbiliti garanziji bil-għan li jiġi evitat kull ksur tad-drittijiet fundamentali fl-implimentazzjoni tal-politki kontra t-terroriżmu;

7. Jikkunsidra li l-Istati Membri wrew ir-rieda tagħha li jobdu l-liġi internazzjonali, imma s'issa ma ssodisfawx b'mod xieraq l-obbligu pożittiv li għandhom l-Istati Membri kollha li jinvestigaw ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem konness mal-programm tas-CIA, u jiddispjaċih dwar id-dewmien biex jintefa' dawl fuq dan il-każ ħalli jkun hemm rimedju sħiħ għall-vittmi kemm jista' jkun malajr, inklużi apoloġiji u kumpens fejn xieraq;

8. Jemmen li d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom l-Istati Membri biex jagħmlu inkjesti jirriżultaw f'falliment li jkunu kompatibbli bis-sħiħ mal-obbligi internazzjonali tagħhom, li jaffettwaw b'mod negattiv il-fiduċja reċiproka fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, u għalhekk issir ir-responsabilità tal-UE b'mod ġenerali;

9. Itenni li l-impenn tal-Istati Membri u l-UE li jinvestigaw l-involviment tal-Ewropa fil-programm tas-CIA huwa konformi mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera u leali miktuba fl-Artikolu 4(3) tat-TUE;

***Il-proċess ta' responsabilità fl-Istati Membri***

10. Jesprimi tħassib dwar l-ostakli li ltaqgħu magħhom l-investigazzjonijiet parlamentari u ġudizzjarji nazzjonali dwar l-involviment ta' ċerti Stati Membri fil-programm tas-CIA, kif dokumentat fid-dettall mir-rapport tal-Kunsill tal-Ewropa tal-2011 dwar abbuż tas-segretezza tal-istat u s-sigurtà nazzjonali, inkluż in-nuqqas ta' trasparenza, il-klassifikazzjoni tad-dokumenti, il-prevalenza ta' interessi nazzjonali u politiċi, mandat dejjaq ta' investigazzjonijiet, restrizzjonijiet tad-dritt tal-vittmi għall-parteċipazzjoni effettiva u d-difiża, u nuqqas ta' tekniki investigattivi rigorużi u tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet investigattivi fl-UE; jistieden lill-Istati Membri biex jevitaw li jibbażaw il-proċeduri kriminali nazzjonali tagħhom fuq raġunijiet legali bħal dawn, li jippermettu u jwasslu għat-tmiem ta' proċeduri kriminali billi jiġu evokati klawżoli tal-istatut tal-limitazzjonijiet u jwasslu għal impunità, u biex jirrispettaw il-prinċipju tad-dritt konswetudinarju internazzjonali li jirrikonoxxi li l-istatut tal-limitazzjonijiet ma jistax u m'għandux jiġi applikat f'każijiet ta' ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

11. Iħeġġeġ lill-Istati Membri li ma ssodisfawx l-obbligi pożittivi tagħhom li jagħmlu inkjesti indipendenti u effettivi biex jinvestigaw ksur tad-drittijiet tal-bniedem billi jqisu l-evidenza ġdida kollha li ħarġet; jistieden b'mod partikolari l-Istati Membri biex jinvestigaw jekk hemmx ħabsijiet sigrieti fit-territorju tagħhom jew jekk sarux operazzjonijiet li minħabba fihom inżammu n-nies f'faċilitajiet fit-territorju tagħhom taħt il-programm tas-CIA;

12. Jinnota li l-inkjesta parlamentari mwettqa fir-Rumanija kkonkludiet li ma setgħet tiġi stabbilita l-ebda prova sabiex tipprova l-eżistenza ta' sit ta' detenzjoni sigriet tas-CIA fuq it-territorju Rumen; jistieden lill-awtoritajiet ġudizzjarji biex jifthu inkjesta indipendenti dwar is-siti allegati ta' detenzjoni sigrieti tas-CIA fir-Rumanija, b'mod partikolari fid-dawl tal-evidenza l-ġdida dwar konnessjonijiet ta' titjiriet bejn ir-Rumanija u l-Litwanja;

13. Jinkoraġġixxi lill-Polonja biex tkompli l-investigazzjoni kriminali tagħha li qed issir bħalissa dwar id-detenzjoni sigrieta iżda jikkundanna n-nuqqas ta' komunikazzjoni uffiċjali dwar l-ambitu, it-twettiq u l-istat attwali tal-investigazzjoni; jitlob lill-awtoritajiet Pollakki biex jagħmlu stħarriġ rigoruż, bi trasparenza xierqa, li jippermetti l-parteċipazzjoni effettiva tal-vittmi u l-avukati tagħhom;

14. Jinnota li l-inkjesti parlamentari u ġuddizjarji li saru fil-Litwanja bejn l-2009 u l-2011 ma rnexxil-homx juru li kienu nżammu priġunieri b'mod sigriet fil-Litwanja; jistieden lill-awtoritajiet Litwani biex jonoraw l-impenn tagħhom li jifthu mill-ġdid l-investigazzjoni kriminali dwar l-involviment tal-Litwanja fil-programm tas-CIA jekk toħroġ xi informazzjoni ġdida, skont evidenza ġdida pprovduta fid-data tal-Eurocontrol li turi li l-ajruplan N787WH, li allegatament ittrasporta lil Abu Zubaydah, fil-fatt waqaf il-Marokk fit-18 ta' Frar 2005 fi triqtu lejn ir-Rumanija u l-Litwanja; jinnota li analiżi tad-data tal-Eurocontrol tiżvela wkoll informazzjoni ġdida permezz ta' pjanijiet tat-titjiriet ta' konnessjoni bejn ir-Rumanija u l-Litwanja, permezz ta' bdil tal-ajruplan f'Tirana, l-Albanija fil-5 ta' Ottubru 2005, u bejn il-Litwanja u l-Afganistan, vija l-Kajr, fl-Eġittu, fis-26 ta' Marzu 2006; iqis li huwa essenzjali li l-kamp ta' applikazzjoni ta' investigazzjonijiet ġodda għandu jkopri, lil hinn mill-abbużi tal-poter mill-uffiċjali tal-istat, id-detenzjoni kontra l-liġi possibbli u t-trattament ħażin ta' persuni fit-territorju Litwan; jinkoraġġixxi lill-Uffiċju tal-Prosekutur-Ġenerali biex jissostanzja b'dokumentazzjoni l-affermazzjonijiet li saru matul iż-żjara tad-delegazzjoni ta' LIBE li l-konklużjonijiet 'kategoriċi' tal-inkjesta legali jkunu li 'l-ebda priġunier ma nżamm fil-faċilitajiet tal-Proġett Nru 1 u Nru 2 fil-Litwanja';

15. Jinnota l-investigazzjoni kriminali mnedija fir-Renju Unit dwar rendimenti għal-Libja u jilqa' d-deċiżjoni li jkompli għaddej stħarriġ usa' dwar ir-responsabilità tar-Renju Unit fil-programm tas-CIA ladarba l-investigazzjoni tiġi konkluża; jitlob lir-Renju Unit biex jagħmel dan l-istħarriġ bit-trasparenza xierqa, li jippermetti l-parteċipazzjoni effettiva tal-vittmi u s-soċjetà ċivili;

16. Jirrikonoxxi li l-investigazzjonijiet tal-Istati Membri għandhom ikunu bbażati fuq evidenza ġudizzjarja konkreta u fuq ir-rispett għas-sistemi ġudizzjarji nazzjonali u l-liġi tal-UE, u mhux biss fuq l-ispekulazzjoni tal-midja u dik pubblika;

17. Jistieden lill-Istati Membri, bħall-Finlandja, id-Danimarka, il-Portugall, l-Italja, ir-Renju Unit, il-Ġermanja, Spanja, l-Irlanda, il-Greċja, Ċipru, ir-Rumanija u l-Polonja, li ssemmew fir-rapport tal-Kumitat Temporanju, biex jikxfu l-informazzjoni meħtieġa kollha dwar l-ajruplani suspettati kollha assoċjati mas-CIA u t-territorju tagħhom; jistieden lill-Istati Membri kollha biex jirrispettaw id-dritt għal-libertà tal-informazzjoni u biex iwieġbu kif suppost it-talbiet għal aċċess għal informazzjoni; jesprimi tħassib, fid-dawl ta' dan, li ħafna mill-Istati Membri, bl-eċċezzjoni tad-Danimarka, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Irlanda u l-Litwanja, ma rrispondewx kif xieraq għat-talbiet mir-Reprieve u mill-Access Info Europe għal aċċess għal informazzjoni għar-raġunijiet tal-investigazzjonijiet tagħhom fuq il-każijiet ta' rendiment straordinarju;

18. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jirrevedu kwalunkwe dispożizzjoni jew interpretazzjoni li huma simpatetiċi għat-tortura, bħall-opinjoni legali ta' Michael Wood (imsemmija fir-riżoluzzjoni msemmija qabel tal-Parlament tal-14 ta' Frar 2007) li, bi sfida għall-ġurisprudenza internazzjonali, isostni li huwa leġittimu li wieħed jirċievi u juża informazzjoni miksuba permezz ta' tortura sakemm ma jkunx hemm responsabilità diretta għaliha (li tagħti motivazzjoni u tiġġustifika l-esternalizzazzjoni tat-tortura);

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

19. Jitlob lill-Istati Membri kollha biex jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni tan-NU għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha minn Għajbien Sfurzat;

20. Jistieden lill-Istati Membri, fid-dawl tal-kooperazzjoni miżjuda u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-aġenziji ta' informazzjoni sigrieta u ta' sigurtà tagħhom, biex jiżguraw skrutinju demokratiku sħiħ ta' dawk l-aġenziji u tal-attivitajiet tagħhom permezz ta' sorveljanza parlamentari interna, eżekuttiva, ġudizzjarja u indipendenti xierqa, preferibbilment permezz ta' kumitati parlamentari speċjalizzati b'mandat u setgħat estensivi inkluż is-setgħa li tinkiseb l-informazzjoni, u b'biżżejjed riżorsi investigattivi u ta' riċerka biex ikunu jistgħu jeżaminaw mhux biss kwistjonijiet bħall-politika, l-amministrazzjoni u l-finanzi, iżda wkoll il-ħidma operattiva tal-aġenziji;

***Rispons tal-istituzzjonijiet tal-UE***

21. Jikkunsidra li huwa essenzjali li l-UE tikkundanna l-prattiki abbużivi kollha fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, inklużi dawk li jitwettqu fuq it-territorju tagħha, mhux biss sabiex tissodisfa l-valuri tagħha imma wkoll sabiex tiddefendihom b'mod kredibbli fis-sħubijiet esterni tagħha;

22. Ifakkar li l-Kunsill qatt ma ta apoloġija formali talli kiser il-prinċipju minqux fit-Trattati ta' kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni meta b'mod żbaljat ipprova jipperswadi lill-Parlament biex jipprovdi deliberatament verżjonijiet imqassra tal-minuti għal-laqgħat tal-COJUR (il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar id-Dritt Internazzjonali Pubbliku) u COTRA (il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar ir-Relazzjonijiet Transatlantiċi) mal-uffiċjali għolja tal-Amerika ta' Fuq; jistenna l-apoloġiji mill-Kunsill;

23. Jistenna li finalment il-Kunsill joħroġ dikjarazzjoni li fiha jagħraf l-involviment tal-Istati Membri fil-programm tas-CIA u d-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom l-Istati Membri fil-qafas tal-inkjesti;

24. Jistieden lill-Kunsill sabiex jagħti l-appoġġ kollu għall-proċessi ta' sejba tal-verità u responsabilità fl-Istati Membri billi jindirizza formalment il-kwistjoni fil-laqgħat tal-ĠAI, jaqsam l-informazzjoni kollha, jipprovdi assistenza għall-istħarriġ u, b'mod partikolari, jilqa' talbiet għal aċċess għal dokumenti;

25. Jistieden lill-Kunsill biex jorganizza seduti ta' smigħ ma' aġenziji ta' sigurtà tal-UE relevanti, b'mod partikolari l-Europol, Eurojust u l-Koordinatur tal-UE għall-Ġlieda Kontra t-Terroriżmu, biex jikkjarifikaw l-għarfien tagħhom tal-involviment tal-Istati Membri fil-programm tas-CIA u r-rispons tal-UE; jistieden ukoll lill-Kunsill biex iwaqqaf salvagwardji li jiggarantixxu r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fl-iskambju tal-informazzjoni, u delimitazzjoni stretta tar-rwoli bejn l-attivitajiet ta' informazzjoni u infurzar tal-liġi sabiex l-aġenziji tal-informazzjoni ma jkunux permessi li jieħdu setgħat ta' arrest u detenzjoni, u biex jirrapporta lill-Parlament fi żmien sena;

26. Jistieden lill-Kunsill biex jinkoraġġixxi lill-Istati Membri biex jaqsmu l-aħjar prattika fir-rigward tas-sorveljanza parlamentari u ġudizzjarja tas-servizzi ta' intelliġenza, u jinvolvi lill-parlamenti nazzjonali u lill-Parlament Ewropew f'dan l-isforz;

27. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kunsill u l-Istati Membri biex jeskludu, bħala bażi għall-estradizzjoni jew deportazzjoni ta' persuni meqjusa li huma ta' theddida għas-sigurtà nazzjonali, id-dipendenza fuq assigurazzjonijiet diplomatiċi mhux infurzabbli fejn hemm riskju reali li jiġu soġġetti għal tortura jew trattament ħażin jew li jsir proċess bl-użu ta' evidenza miksuba b'dan il-mod;

28. Jitlob lill-awtoritajiet rilevanti sabiex ma jinvokawx is-segretezza statali fir-rigward tal-kooperazzjoni tal-intelliġenza internazzjonali sabiex jiġu blukkati l-obbligu ta' rendikont u r-rimedju, u jinsisti li raġunijiet nazzjonali awtentiċi dwar is-sikurezza biss jistgħu jiġġustifikaw is-segretezza, li fi kwalunkwe każ tiġi wara l-obbligi tad-drittijiet fundamentali mhux derogabbli bħall-projbizzjoni assoluta tat-tortura;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

29. Iheġġeġ lill-awtoritajiet relevanti biex jiżguraw li ssir distinzjoni stretta bejn l-attivitajiet ta' servizzi ta' informazzjoni sigrieta u sigurtà min-naħa waħda u l-aġenziji tal-infurzar tal-liġi min-naħa l-oħra, sabiex jiġi żgurat li l-prinċipju ġenerali ta' "nemo iudex in sua causa" jiġi mħares;

30. Jenfasizza li l-Kumitat Temporanju li wettaq l-investigazzjoni li kienet il-bażi tar-riżoluzzjonijiet tal-Parlament tal-14 ta' Frar 2007 u tad-19 ta' Frar 2009 wera kif il-proċeduri ta' awtorizzazzjoni u kontroll tal-inġenji tal-ajru ċivili li jtiru fuq l-ispazju tal-ajru jew jinżlu fit-territorju tal-Istati Membri kienu estremament żbaljati, b'hekk mhux talli ġew abbużati fir-"rendimenti straordinarji" tas-CIA, iżda wkoll ġew faċilment evitati minn kull operatur ta' kriminalità organizzata, inklużi netwerks ta' terroristi; ifakkar ukoll fil-kompetenza tal-Unjoni fil-qasam tas-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport u r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament lill-Kummissjoni biex tirregola u tissorvelja l-ġestjoni tal-ispazju tal-ajru, l-ajruporti u l-avjazzjoni mhux kummerċjali tal-UE; għalhekk, jistieden lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex ma jkomplux jipposponu l-analiżi bir-reqqa tal-implimentazzjoni tagħhom tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (il-Konvenzjoni ta' Chicago) rigward l-awtorizzazzjoni u l-ispezzjonijiet ta' inġenji tal-ajru ċivili li jtiru fl-ispazju tal-ajru jew jinżlu fit-territorju tal-Istati Membri, sabiex jiġi żgurat li tittejjeb is-sigurtà u jsiru kontrolli b'mod sistematiku, billi jeħtieġu l-identifikazzjoni antiċipata ta' passiġġieri u ekwipaġġ, u jiżguraw li kwalunkwe titjira kklassifikata bħala "titjiriet statali" (li huma esklużi mill-ambitu tal-Konvenzjoni) jiksbu awtorizzazzjoni minn qabel u kif suppost; ifakkar ukoll fir-rakkomandazzjoni tal-Parlament li l-Konvenzjoni ta' Tokyo dwar ir-Reati u Ċerti Atti Oħra Mwettqa Abbord Inġenji tal-Ajru tiġi msaħħa b'mod effettiv mill-Istati Membri;

31. Jinnota l-inizjattivi tal-Kummissjoni b'rispons għar-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament; iqis b'dispjaċir, madanakollu, li ma kinux parti minn aġenda u strateġija usa' biex jiġi żgurat l-obbligu ta' rendikont għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem magħmula fil-kuntest tal-programm tas-CIA u r-rimedju u l-kumpens meħtieġa għall-vittmi;

32. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tinvestiga jekk id-dispożizzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari dawk dwar kooperazzjoni ta' asil u ġudizzjarja, ġewx miksura bil-kollaborazzjoni mal-programm tas-CIA;

33. Jistieden lill-Kummissjoni biex tiffaċilita u tappoġġja l-għajnuna legali reċiproka u l-kooperazzjoni ġudizzjarja konformi mad-drittijiet tal-bniedem bejn l-awtoritajiet investigattivi u kooperazzjoni bejn l-avukati involuti fil-ħidma tal-obbligu ta' rendikont fl-Istati Membri, u b'mod partikolari biex jiġi żgurat li jkun hemm skambju ta' informazzjoni importanti u jitheġġeġ l-użu effettiv tal-istrumenti u r-riżorsi disponibbli kollha tal-UE;

34. Jistieden lill-Kummissjoni biex tadotta fi żmien sena qafas, inklużi rekwiżiti ta' rappurtaġġ għall-Istati Membri, li jissorvelja u jappoġġja l-proċessi ta' responsabilità nazzjonali, inklużi linji gwida dwar stħarriġ kompatibbli mad-drittijiet tal-bniedem, ibbażati fuq l-istandards żviluppati mill-Kunsill tal-Ewropa u n-NU;

35. Jistieden lill-Kummissjoni, fid-dawl ta' nuqqasijiet istituzzjonali mikxufa fil-kuntest tal-programm tas-CIA, biex tadotta miżuri immirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE biex jiġi evitat u jissewwa l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-livell tal-UE u tipprovdi għat-tisħiħ tar-rwol tal-Parlament;

36. Jistieden lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li tipproponi miżuri għall-kooperazzjoni permanenti u l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Parlament Ewropew u l-kumitati parlamentari għas-superviżjoni tas-servizzi tal-informazzjoni u s-sikurezza tal-Istati Membri f'każijiet li jindikaw li azzjonijiet konġunti mis-servizzi ta' informazzjoni u tas-sigurtà tal-Istati Membri li jkunu saru fit-territorju tal-UE;

37. Jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq proposti għall-iżvilupp ta' arranġamenti għas-sorveljanza demokratika ta' attivitajiet ta' informazzjoni transkonfinali fil-kuntest tal-politiki tal-UE kontra t-terroriżmu; għandu l-intenzjoni li jagħmel użu sħiħ mis-setgħat parlamentari tiegħu stess għall-iskrutinju ta' politiki kontra t-terroriżmu, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet imfassla mid-dipartiment ta' studju tal-Parlament (PE 453.207);

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

38. Jistieden lill-Ombudsman Ewropew biex jinvestiga n-nuqqasijiet tal-Kummissjoni u tal-Kunsill u l-aġenziji tas-sigurtà tal-UE, notevolment l-Europol u l-Eurojust biex jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u l-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u kooperazzjoni leali fir-risposta tagħhom għar-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat temporanju dwar l-użu allegat ta' pajjiżi Ewropej mis-CIA għat-trasport u ż-żamma illegali ta' priġunieri (TDIP);

39. Jitlob lill-UE sabiex tiżgura li l-obbligi internazzjonali tagħha stess jiġu kollha osservati u li l-politiki tal-UE u l-istrumenti tal-politika barranija, bħal-linji gwida dwar it-tortura u djalogi dwar id-drittijiet tal-bniedem, ikunu implimentati bis-sħiħ, sabiex tkun f'pożizzjoni aqwa biex titlob l-implimentazzjoni rigoruża ta' klawżoli tad-drittijiet tal-bniedem fil-ftehimiet internazzjonali kollha ffirmati minnha u li tħeġġeġ lill-alleati ewlenin tagħha, inkluża l-Istati Uniti, biex jikkonformaw mal-liġi interna u internazzjonali tagħhom stess;

40. Jafferma mill-ġdid li l-ġlieda internazzjonali kontra t-terroriżmu u l-kooperazzjoni bilaterali jew multilaterali internazzjonali f'dan il-qasam, inkluż bħala parti min-NATO jew bejn servizzi ta' intelliġenza u sikurezza, għandhom jkunu mwettqa b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u b'sorveljanza demokratika u ġudizzjarja xierqa; jistieden lill-Istati Membri, lill-Kummissjoni, lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u lill-Kunsill sabiex jiżguraw li dawn il-prinċipji jiġu applikati fir-relazzjonijiet barranin tagħhom, u jinsisti li għandhom jagħmlu evalwazzjoni bir-reqqa tar-rekords tal-kontrapartijiet tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem qabel ma jidħlu għal xi ftehim ġdid, notevolment dwar kooperazzjoni fir-rigward ta' informazzjoni sigrieta u kondiviżjoni ta' informazzjoni, jirrevedu ftehimiet eżistenti fejn dawk il-kontropartijiet ma jirrispettawx id-drittijiet tal-bniedem, u jinfurmaw lill-Parlament dwar il-konklużjonijiet ta' tali valutazzjonijiet u reviżjonijiet;

41. Iħeġġeġ li fil-futur ma jerġax ikun hemm indħil minn servizzi speċjali barranin fl-affarijiet tal-Istati Membri sovrani tal-UE u li l-ġlieda kontra t-terroriżmu tiġi mwettqa b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali, id-demokrazija u l-istat tad-dritt;

42. Ifakkar li l-Protokoll Fakultattiv għas-CAT jeħtieġ it-twaqqif ta' sistemi ta' monitoraġġ li jkopru s-sitwazzjonijiet kollha ta' tiċħid tal-libertà, u jinsisti fuq il-fatt li l-konformità ma' dan l-istrument internazzjonali żżid element ta' protezzjoni; jinkoraġġixxi b'mod qawwi l-pajjiżi sieħba tal-UE biex jirratifikaw il-Protokoll Fakultattiv u biex joħolqu mekkaniżmi preventivi nazzjonali indipendenti li jikkonformaw mal-Prinċipji ta' Pariġi, u biex jirratifikaw il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Sfurzat;

43. Itenni t-talba tiegħu, skont il-liġi internazzjonali, b'mod partikolari l-Artikolu 12 tas-CAT, għall-istati kollha li qed jiffaċċjaw allegazzjonijiet kredibbli sabiex jagħmlu kull sforz biex iġibu l-kjarifiki neċessarji u, jekk l-indikazzjonijiet jippersistu, biex iwettqu investigazzjonijiet u inkjesti dettaljati dwar l-atti kollha allegati ta' rendiment straordinarju, ħabsijiet sigrieti, tortura u ksur serju ieħor tad-drittijiet tal-bniedem, sabiex jistabbilixxu l-verità u, jekk ikun hemm bżonn, jiddeterminaw ir-responsabilità u jiżguraw l-obbligu ta' rendikont u jevitaw l-impunità, inkluż li jinġiebu individwi quddiem il-ġustizzja fejn ikun hemm evidenza ta' responsabilità kriminali; jistieden lir-RGħ/VP u l-Istati Membri tal-UE biex, f'din ir-rabta, jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiġi żgurat segwitu xieraq għall-Istudju Konġunt tan-NU dwar prattiki globali fir-rigward tad-detenzjoni sigrieta fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, b'mod partikolari fir-rigward tal-ittra ta' segwitu li ntbagħtet mid-detenturi tal-Mandati Speċjali fil-21 ta' Ottubru 2011 lil 59 stat, li talbet lill-gvernijiet rispettivi tagħhom biex jipprovdu aġġornament dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet li jinsabu f'dan l-istudju;

44. Jitlob lill-UE biex tiżgura li l-Istati Membri tagħha, assoċjati u msieħba tal-UE (b'mod partikolari dawk koperti mill-Ftehim ta' Cotonou), li aċċettaw li jospitaw dawk li qabel kienu priġunieri fi Guantánamo, fil-fatt jagħtuhom appoġġ sħiħ fir-rigward ta' kundizzjonijiet ta' għajxien, sforzi biex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà, trattament mediku inkluż irkupru psikoloġiku, aċċess għal dokumenti ta' identifikazzjoni u tal-ivvjaġġar, eżerċizzju tad-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja u d-drittijiet fundamentali l-oħra kollha attribwiti lill-persuni bi status ta' asil politiku;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

45. Huwa mħasseb b'mod partikolari dwar il-proċedura mwettqa minn kummissjoni militari tal-Istati Uniti fir-rigward tas-Sur Abd al-Rahim al-Nashiri li jista' jiġi kkundannat għall-mewt jekk jinsab ħati; jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti biex jinsew għal kollox il-possibilità li tingħata l-piena tal-mewt lis-Sur al Nashiri u jtenni l-oppożizzjoni tiegħu, li ilha stabbilita, għall-piena kapitali fis-sitwazzjonijiet kollha u taħt iċ-ċirkostanzi kollha; jinnota li l-każ tas-Sur al-Nashiri ilu quddiem il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem mis-6 ta' Mejju 2011; jistieden lill-awtoritajiet ta' kwalunkwe pajjiż li fih inżamm is-Sur al-Nashiri biex jużaw il-mezzi disponibbli kollha biex jiżguraw li ma jkunx soġġett għall-piena kapitali; iħeġġeġ lir-RGħ/VP biex tqajjem il-każ tas-Sur al-Nashiri bħala kwistjoni ta' prijorità mal-Istati Uniti bi qbil mal-Linji Gwida tal-UE dwar il-Piena Kapitali;

46. Itenni li applikazzjoni sħiħa tal-klawżola tad-drittijiet tal-bniedem tal-ftehimiet ma' pajjiżi terzi hija fundamentali fir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u dawk il-pajjiżi, u jqis li hemm momentum reali biex jiġi rivedut kif il-gvernijiet Ewropej ikkooperaw mal-apparat ta' ripressjoni tad-dittatorjati fil-ġlieda kontra t-terroriżmu; iqis, f'dan ir-rigward, li l-Politika Ewropea tal-Viċinat li għadha kemm ġiet riveduta għandha ġġib appoġġ b'saħħtu għar-riforma fis-settur tas-sigurtà li għandu jiżgura, b'mod partikolari, separazzjoni ċara bejn funzjonijiet ta' informazzjoni sigrieta u infurzar tal-liġi; jistieden lis-SEAE, il-Kunsill u l-Kummissjoni biex jerġgħu isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom mal-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura u mekkaniżmi oħra relevanti tal-Kunsill tal-Ewropa fl-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' assistenza fil-ġlieda kontra t-terroriżmu ma' pajjiżi terzi u fil-forom kollha ta' djalogi kontra t-terroriżmu ma' pajjiżi terzi;

47. Jitlob lill-Gvern ta' Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja (FYROM) biex jiċċara r-responsabilità u jiżgura l-obbligu ta' rendikont għall-ħtif, apparentament minħabba identità żbaljata, tas-Sur Khaled el-Masri, li wassal għad-detenzjoni illegali u t-tortura allegata tiegħu; jiddeplora n-nuqqas ta' azzjoni mill-Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Skopje bil-għan li ssir investigazzjoni kriminali dwar l-ilment tas-Sur el-Masri; jinnota li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ħadet dan il-każ u li l-Awla Manja kellha l-ewwel smigħ tagħha fis-16 ta' Mejju 2012; iqis li, f'dan il-każ, l-imġiba allegata tal-Gvern tal-FYROM hija inkonsistenti mal-prinċipji li fuqhom twaqqfu d-drittijiet fundamentali tal-UE u l-istat tad-dritt u trid tiġi diskussa kif suppost mill-Kummissjoni f'konnessjoni mal-kandidatura tal-FYROM għall-adeżjoni tal-UE;

48. Jistieden lin-NATO u l-awtoritajiet tal-Istati Uniti biex jagħmlu l-investigazzjonijiet tagħhom stess, biex jikkooperaw mill-qrib mal-UE u l-inkjesti parlamentari u ġudizzjarji tal-Istati Membri dwar dawn il-kwistjonijiet ([1]), inkluż, fejn hu xieraq, billi jwieġbu mal-ewwel għat-talbiet għal għajnuna legali reċiproka, biex jiżvelaw informazzjoni dwar programmi ta' rendimenti straordinarji u prattiki oħrajn li jiksru d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u jipprovdu rappreżentanti legali ta' nies suspettati bl-informazzjoni neċessarja kollha ħalli jiddefendu l-klijenti tagħhom; jitlob għal konfermazzjoni li l-ftehimiet kollha tan-NATO u ta' bejn in-NATO u l-UE u ftehimiet transatlantiċi oħrajn ikunu jirrispettaw id-drittijiet fundamentali;

49. Jagħti ġieħ lill-inizjattivi tas-soċjetà ċivili tal-Istati Uniti biex twaqqaf fl-2010 task force indipendenti magħmula miż-żewġ partiti biex teżamina l-politika u l-azzjonijiet tal-Gvern tal-Istati Uniti relatati mal-qbid, id-detenzjoni u l-prosekuzzjoni ta' "terroristi suspettati" u l-kustodja tal-Istati Uniti waqt l-amministrazzjonijiet ta' Clinton, Bush u Obama;

50. Jitlob lill-Istati Uniti, minħabba r-rwol ewlieni tas-sħubija transatlantika u t-tmexxija tal-Istati Uniti f'dan il-qasam, sabiex jinvestigaw bis-sħiħ u jiżguraw obbligu ta' rendikont għal kwalunkwe abbuż li ġie prattikat, jiżguraw li l-liġi domestika u internazzjonali relevanti jiġu applikati bis-sħiħ bil-għan li jtemmu l-paradigma tal-gwerra li fil-prattika wasslet għal nuqqasijiet legali, itemmu l-proċessi quddiem qrati militari, japplikaw bis-sħiħ il-liġi kriminali għal dawk suspettati b'terroriżmu u jistabbilixxu reviżjoni tad-detenzjoni, habeas corpus, proċess ġust, libertà mit-tortura u n-nondiskriminazzjoni bejn ċittadini barranin u tal-Istati Uniti;

51. Jistieden lill-President Obama sabiex jonora l-wegħda tiegħu magħmula f'Jannar 2009 sabiex jingħalaq Guantánamo, biex jippermetti lil kwalunkwe persuna arrestata li ma tkunx se tiġi akkużata tmur lura pajjiżha jew pajjiż ieħor sigur malajr kemm jista' jkun, u sabiex jitressqu l-persuni arrestati fi Guantánamo li jkun hemm prova ammissibbli suffiċjenti kontrihom mingħajr dewmien f'seduta ta'

([1]) Ara fost l-oħrajn ir-riżoluzzjoni msemmija qabel tal-Parlament tad-9 ta' Ġunju 2011.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

smigħ ġusta u pubblika minn qorti indipendenti u imparzjali u, jekk jinstabu ħatja, jiġu impriġunati fl-Istati Uniti skont l-istandards u l-prinċipji internazzjonali applikabbli; jitlob bl-istess mod li jiġi investigat il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem li seħħ f'Guantánamo u li jiġu rfinati r-responsabilitajiet;

52. Jitlob sabiex kwalunkwe persuna arrestata li ma tkunx se tiġi akkużata iżda li ma tistax tkun ripatrijata minħabba r-riskju reali ta' tortura jew persekuzzjoni f'pajjiżha sabiex tingħata l-opportunità ta' risistemazzjoni fl-Istati Uniti taħt protezzjoni umanitarja u tingħata rimedju [1], u jħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex huma wkoll jospitaw persuni miżmuma fi Guantánamo;

53. Jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Uniti biex jirrevokaw is-setgħa ta' detenzjoni indefinita mingħajr akkuża jew proċess taħt l-NDAA;

54. Jistieden lill-Konferenza tal-Presidenti tad-Delegazzjonijiet biex tiżgura l-bidu tad-djalogi parlamentari dwar il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali filwaqt li jiġi miġġieled it-terroriżmu abbażi tas-sejbiet tal-Istudju Konġunt tan-NU dwar prattiki globali fir-rigward tad-detenzjoni sigrieta fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu u bħala s-segwitu tiegħu, u tal-Kompilazzjoni ta' prattiki tajba tan-NU dwar oqfsa u miżuri legali u istituzzjonali li jiżguraw ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem minn aġenziji tal-informazzjoni sigrieta filwaqt li jiġi miġġieled it-terroriżmu, inkluża s-sorveljanza tagħhom;

55. Jintrabat li jiddedika l-laqgħa parlamentari konġunta tiegħu li jmiss mal-parlamenti nazzjonali għar-reviżjoni tar-rwol tal-parlamenti li jiżguraw responsabilità għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem fil-kuntest tal-programm tas-CIA, u li jippromwovi kooperazzjoni aktar b'saħħitha u skambju regolari bejn korpi ta' sorveljanza nazzjonali li huma responsabbli mill-iskrutinju tas-servizzi tal-intelliġenza, fil-preżenza tal-awtoritajiet nazzjonali relevanti, l-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE;

56. Huwa determinat li jkompli jissodisfa l-mandat mogħti lilu mill-Kumitat Temporanju, skont l-Artikoli 2, 6 u 7 tat-TUE; jagħti istruzzjonijiet lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern tiegħu, flimkien mas-Sottokumitat tad-Drittijiet tal-Bniedem, biex jindirizzaw il-Parlament fil-plenarja dwar il-kwistjoni sena wara l-adozzjoni ta' din ir-riżoluzzjoni; jikkunsidra li huwa essenzjali li issa jiġi vvalutat sa fejn ġew segwiti r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Parlament, u f'każ li ma jkunux ġew segwiti, jiġi analizzat għaliex dan ma seħħx;

57. Jitlob lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, tal-istati kandidati u l-pajjiżi assoċjati, u lill-Kunsill tal-Ewropa, lin-NATO, lin-Nazzjonijiet Uniti u lill-Gvern u ż-żewġ Kmamar tal-Kungress tal-Istati Uniti biex iżommu lill-Parlament infurmat bi kwalunkwe żvilupp li jista' jsir fl-oqsma li jaqgħu taħt il-mandat ta' dan ir-rapport;

*

* *

58. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Ombudsman Ewropew, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, tal-istati kandidati u l-pajjiżi assoċjati, u lill-Kunsill tal-Ewropa, lin-NATO, lin-Nazzjonijiet Uniti u lill-Gvern u ż-żewġ Kmamar tal-Kungress tal-Istati Uniti.

---

[1] Ara Paragrafu 3 tar-riżoluzzjoni msemmija qabel tal-Parlament tal-4 ta' Frar 2009.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

# It-titjib tas-solidarjetà fl-UE fil-qasam tal-ażil

P7_TA(2012)0310

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar it-titjib tas-solidarjetà fl-UE fil-qasam tal-ażil (2012/2032(INI))**

(2013/C 353 E/02)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 67(2), 78 u 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tat-2 ta' Diċembru 2011 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-titjib tas-solidarjetà fl-UE fil-qasam tal-ażil - Aġenda tal-UE għal kondiviżjoni tar-responsabbiltà aħjar u aktar fiduċja reċiproka (COM(2011)0835),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar iż-Żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja għas-servizz taċ-ċittadini – il-Programm ta' Stokkolma ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tas-6 ta' April 2005 mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew li tistabbilixxi programm ta' qafas dwar is-solidarjetà u l-ġestjoni tal-flussi migratorji għall-perjodu 2007-2013 (COM(2005)0123),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill "Ġustizzja u Intern" tat-8 ta' Marzu 2012 dwar Qafas Komuni għal solidarjetà ġenwina u prattika lejn l-Istati Membri li qegħdin jaffaċċjaw pressjonijiet partikolari fuq is-sistemi tal-ażil tagħhom, inkluż minħabba flussi migratorji mħallta, waqt il-laqgħa numru 3151 tal-Kunsill "Ġustizzja u Intern",

— wara li kkunsidra l-istrumenti tad-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u Ewropej inkluż b'mod partikolari l-Konvenzjoni tan-NU dwar l-Istatus tar-Rifuġjati, il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (il-KEDB), u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-Karta),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ġunju 2007 dwar is-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil futura (COM(2007)0301),

— wara li kkunsidra l-Programm ta' Politika dwar l-Ażil tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2008: Approċċ integrat għall-protezzjoni fl-UE (COM(2008)0360),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn ([2]),

— wara li kkunsidra l-programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2011, imħejji mill-Presidenzi tal-Polonja, tad-Danimarka u ta' Ċipru,

([1]) ĠU C 285 E, 21.10.2010, p. 12.
([2]) ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-15 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2011)0751),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0248/2012),

A. billi l-Unjoni Ewropea impenjat ruħha li tlesti t-twaqqif ta' Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil (SEKA) fl-2012;

B. billi s-solidarjetà ġiet rikonoxxuta mill-bidu bħala komponent essenzjali u prinċipju ta' gwida għas-SEKA, kif ukoll tikkostitwixxi prinċipju ewlieni fid-dritt tal-UE skont liema l-Istati Membri għandhom jaqsmu kemm il-vantaġġi kif ukoll il-piżijiet b'mod ugwali u ġust;

C. billi s-solidarjetà trid timxi id f'id mar-responsabbiltà, u l-Istati Membri jridu jiżguraw li s-sistemi tal-ażil tagħhom ikunu kapaċi jissodisfaw l-istandards stabbiliti fid-dritt internazzjonali u Ewropew, b'mod partikolari dawk tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar ir-Rifuġjati tal-1951 u l-protokoll addizzjonali tagħha tal-1967, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

D. billi l-għoti ta' appoġġ fit-twettiq tal-proċeduri tal-ażil fis-sens ta' solidarjetà effiċjenti u responsabbiltà kondiviża b'mod ġust għandhom jitqiesu bħala mezz biex l-Istati Membri jiġu megħjuna jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li jipprovdu protezzjoni lil dawk li jkunu jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u assistenza lil pajjiżi terzi li jospitaw l-akbar numri ta' rifuġjati, bl-għan li tissaħħaħ iż-żona komuni ta' protezzjoni kollha kemm hi;

E. billi, minkejja l-obbligu li jiġu eżaminati t-talbiet individwali għal ażil fuq bażi ta' każ b'każ, jekk l-ipproċessar konġunt iwassal għal deċiżjonijiet komuni huwa neċessarju li jingħata r-rispett dovut lill-kunċetti komuni tal-UE tal-pajjiżi ta' oriġini bla periklu u pajjiżi terzi sikuri, filwaqt li jiġu rispettati l-kundizzjonijiet u s-salvagwardji inklużi fil-pożizzjoni fl-ewwel qari tal-Parlament tas-6 ta' April 2011 dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva riveduta dwar il-Proċeduri tal-Ażil;

***Daħla***

1. Jilqa' l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar it-tisħiħ tas-solidarjetà fl-UE fil-qasam tal-ażil, li titlob li s-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà jiġu tradotti f'miżuri konkreti, u li l-Istati Membri jissodisfaw ir-responsabbiltà tagħhom biex jiżguraw li s-sistemi ta' ażil tagħhom jilħqu kemm l-istandards nazzjonali kif ukoll dawk Ewropej;

2. Jenfasizza r-rwol ċentrali u l-effett orizzontali tas-solidarjetà u tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà fl-istabbiliment tas-SEKA; itenni l-ħtieġa biex tkun żgurata l-applikazzjoni effiċjenti u uniformi tal-aquis tal-ażil tal-Unjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni sabiex ikunu żgurati livelli għolja ta' protezzjoni;

3. Ifakkar li d-dritt għal protezzjoni internazzjonali huwa dritt fundamentali li jinsab fid-dritt internazzjonali u tal-Unjoni li jiġi kkumplimentat b'serje ta' drittijiet u prinċipji addizzjonali, bħall-prinċipju tan-non-refoulement, id-dritt għad-dinjità, il-projbizzjoni tat-tortura, it-trattament diżuman u degradanti, il-protezzjoni għan-nisa mill-vjolenza u mill-forom kollha tad-diskriminazzjoni, id-dritt għal rimedju effettiv u d-dritt għal ħajja privata u familjari;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

4. Jenfasizza li l-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà huwa stabbilit fit-Trattati, u li mill-inqas, qafas effettiv ta' solidarjetà jinkludi d-dmir tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE u l-Istati Membri li jikkooperaw sabiex isibu modi biex jagħtu effett lil dan il-prinċipju; jiddikjara li s-solidarjetà mhijiex limitata għar-relazzjonijiet tal-Istati Membri ma' xulxin, iżda hija mmirata wkoll lejn dawk li jfittxu l-ażil u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali;

5. Jenfasizza l-fatt li filwaqt li n-numru ta' dawk li qed ifittxu l-ażil żdied matul l-2011, l-aħħar deċennju ra tnaqqis ġenerali sinifikanti fin-numru ta' applikazzjonijiet għall-ażil fl-UE; jenfasizza li ċerti Stati Membri, meta mqabbla ma' oħrajn, jaffaċċjaw numru sproporzjonat ta' talbiet għal ażil minħabba diversi fatturi inklużi l-karatteristiċi ġeografiċi tagħhom, u li l-applikazzjonijiet għal ażil huma mqassma b'mod mhux uniformi fl-UE; ifakkar li fl-2011, għaxar Stati Membri kienu responsabbli għal iktar minn 90 % tal-applikazzjonijiet tal-ażil, li sas-sajf tal-2011 ġew rilokati 227 benefiċjarju biss tal-protezzjoni internazzjoni fl-UE minn Malta, f'sitt Stati Membri oħra, u li fl-2011 fl-UE kollha, 4 125 rifuġjat biss ġie risistemat f'għaxar Stati Membri biss tal-UE, li jirrappreżentaw bejn wieħed u ieħor 6,6 % tal-persuni kollha risistemati tul dik is-sena; jenfasizza li huwa kruċjali li jiġu identifikati dawn id-disparitajiet billi, inter alia, jitqabblu n-numri assoluti ma' indikaturi tal-kapaċità, u li l-Istati Membri l-aktar affettwati mill-applikazzjonijiet tal-ażil jingħataw aktar assistenza mill-UE, kemm f'livell amministrattiv kif ukoll finanzjarju;

6. Jenfasizza li ma jistax jintlaħaq livell għoli ta' protezzjoni għal dawk li japplikaw għal ażil u għall-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, u ma jistgħux jittieħdu deċiżjonijiet sodi fil-qasam tal-ażil, jekk id-diskrepanzi bejn il-proporzjon tal-applikazzjonijiet għal ażil u l-kapaċità ta' assorbiment ta' Stati Membri individwali f'termini tekniċi u amministrattivi ma jinstabx rimedju għalihom u jekk il-miżuri ta' appoġġ fis-seħħ fl-Istati Membri ma jkunux adattati sew biex jirreaġixxu għal flussi ta' ażil li jvarjaw;

7. Itenni li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jibdew jithaddmu sistemi ġusti u effiċjenti tal-ażil biex tingħata reazzjoni għal flussi ta' ażil li jvarjaw; huwa tal-fehma li għalkemm in-numru ta' applikazzjonijiet għal ażil mhuwiex kostanti, jeżistu provi ta' punti ta' dħul speċifiċi fil-fruntieri esterni tal-UE li huma "hot spots", u fejn jista' b'mod raġonevoli jitbassar li numru kbir ta' applikazzjonijiet għal ażil jistgħu jiġu depożitati; jitlob li jiddaħħlu miżuri biex tingħata spinta lill-istat ta' tħejjija tas-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri li jinsabu fil-punti ta' dħul ewlenin tal-UE, bħala sinjal ta' solidarjetà fil-prattika;

8. Jenfasizza li l-Istati Membri kollha għandhom l-obbligu li jimplimentaw u japplikaw bis-sħiħ kemm id-dritt tal-UE kif ukoll l-obbligi internazzjonali tagħhom dwar l-ażil; jinnota li l-Istati Membri fil-fruntieri esterni tal-Unjoni jiffaċċjaw sfidi differenti fl-ambitu tas-SEKA minn Stati Membri mingħajr fruntieri esterni, u għalhekk għandhom bżonn ukoll forom differenti ta' appoġġ sabiex iwettqu b'mod adegwat il-kompiti rispettivi tagħhom; jirrimarka li l-Artikolu 80 tat-TFUE jirrikjedi l-attivazzjoni ta' miżuri eżistenti kif ukoll l-iżvilupp ta' miżuri ġodda sabiex jassistu dawk l-Istati Membri meta jkun meħtieġ;

9. Jitlob l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-miżuri eżistenti, kif ukoll għall-iżvilupp ta' miżuri u għodod immirati ġodda sabiex jirrispondu għall-isfidi li dejjem jinbidlu b'mod flessibbli iżda effikaċi; ottimizzazzjoni bħal din hija f'waqtha b'mod partikolari minħabba l-kriżi finanzjarja akuta li għaddejja minnha l-UE, li qed tqiegħed pressjoni żejda fuq l-isforzi tal-Istati Membri biex ilaħħqu b'mod effiċjenti mal-proċeduri tal-ażil, b'mod partikolari fil-każ ta' dawk li qed jirċievu numri sproporzjonati ta' dawk li qed ifittxu l-ażil;

10. Jinnota li fid-dawl tal-ħtiġijiet li dejjem jikbru fir-rigward tar-rifuġjati fuq livell globali, il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-kuntest tal-politiki ambjentali u ta' żvilupp jista' jkollha rwol vitali fil-kostruzzjoni ta' relazzjonijiet iggwidati bis-solidarjetà;

11. Jenfasizza l-importanza li tinġabar, tiġi analizzata u titqiegħed f'perspettiva data kwantitattiva u kwalitattiva affidabbli, preċiża, komprensiva, kumparabbli u aġġornata, sabiex jiġu monitorjati u evalwati miżuri u jinkiseb għarfien sod tal-kwistjonijiet relatati mal-ażil; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri, għalhekk,

sabiex jipprovdu lill-EASO u lill-Kummissjoni b'data relevanti dwar kwistjonijiet ta' ażil, minbarra d-data prevista mir-Regolament dwar l-istatistika fil-qasam tal-migrazzjoni u r-Regolament dwar l-EASO; fejn possibbli, id-data statistika kollha għandha titqassam skont is-sess;

12. Jiddispjaċih biż-żieda tal-ksenofobija u r-razziżmu u ta' suppożizzjonijiet negattivi u bbażati fuq informazzjoni ħażina dwar dawk li jfittxu ażil u r-refuġjati li jakkumpanjaw l-insikurezza soċjoekonomika fl-UE; jirrakkomanda li l-Istati Membri jwettqu kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar is-sitwazzjoni attwali ta' dawk li jfittxu ażil u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali;

***Il-kooperazzjoni prattika u l-assistenza teknika***

13. Jenfasizza li t-twaqqif tal-Uffiċċju Ewropew ta' Appoġġ għall-Ażil (EASO) għandu l-potenzjal li jippromwovi kooperazzjoni prattika iżjed mill-qrib bejn l-Istati Membri sabiex jgħin fit-tnaqqis ta' diverġenzi sinifikanti fil-prattiki tal-ażil, bil-għan li jinħolqu sistemi aħjar u iżjed ġusti ta' ażil fl-UE; ifakkar li din il-kooperazzjoni prattika u attiva għandha timxi id f'id ma' armonizzazzjoni leġiżlattiva tal-politiki Ewropej tal-ażil;

14. Ifakkar fil-ħtieġa li l-EASO jipprovdi appoġġ tekniku u ħila esperta speċifika lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tagħhom tal-leġiżlazzjoni tal-ażil, f'kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili u l-UNHCR; jenfasizza li huwa importanti li l-Kummissjoni tuża l-informazzjoni miġbura mill-EASO biex tidentifika nuqqasijiet potenzjali fis-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri; informazzjoni bħal din miġbura mill-EASO skont ir-Regolament (UE) Nru 439/2010 hija rilevanti wkoll fil-qafas tal-mekkaniżmu għal twissija bikrija, l-istat ta' tħejjija u l-ġestjoni tal-kriżijiet li se jifforma parti mir-Regolament ta' Dublin emendat; jenfasizza l-importanza tal-preżentazzjoni ta' rapporti regolari u tat-tfassil ta' pjanijiet ta' azzjoni sabiex jiġu promossi soluzzjonijiet immirati u rakkomandazzjonijiet għat-titjib fis-SEKA u rimedju tan-nuqqasijiet li jista' jkun hemm; jinnota, b'mod partikolari, ir-rwol tal-aġenzija fil-koordinament u l-appoġġ tal-azzjoni komuni biex jiġu megħjuna l-Istati Membri li s-sistemi tal-ażil u l-faċilitajiet ta' akkoljenza tagħhom huma suġġetti għal pressjoni partikolari, permezz ta' miżuri inklużi l-issekondar ta' uffiċjali fl-Istat Membru kkonċernat u l-bgħit ta' timijiet ta' esperti tal-ażil u ta' social workers u interpreti li jistgħu jiġu mobilizzati malajr f'sitwazzjonijiet ta' kriżi; ifakkar li l-impatt tal-EASO se jiddependi fuq ir-rieda tal-Istati Membri li jagħmlu użu sħiħ mill-potenzjal tiegħu;

15. Jistieden lill-EASO, waqt li jikkunsidra kemm id-dmirijiet tiegħu kif ukoll il-baġit, ir-riżorsi u l-esperjenza limitati tiegħu, sabiex jottimizza r-riżorsi disponibbli tiegħu billi jinvolvi ruħu fi djalogu u kooperazzjoni mill-qrib mal-organizzazzjonijiet internazzjonali u s-soċjetà ċivili bil-għan li jsir skambju ta' informazzjoni u l-ġbir tal-għarfien fil-qasam tal-ażil, il-ġbir tad-data, l-iskambju tal-aħjar prattika, l-iżvilupp ta' linji gwida komprensivi dwar kwistjonijiet tal-ażil li għandhom x'jaqsmu mas-sess, l-iżvilupp tat-taħriġ u l-ħolqien ta' gruppi ta' esperti, case workers u interpreti li jistgħu jiġu mobilizzati f'qasir żmien sabiex jipprovdu l-assistenza; jirrakkomanda wkoll li l-EASO jiżgura rappreżentanza wiesgħa ta' organizzazzjonijiet li qegħdin jipparteċipaw fil-forum konsultattiv;

16. Jenfasizza li l-attivitajiet tal-EASO għandhom jiffukaw kemm fuq l-objettivi preventivi fit-tul u fuq il-miżuri reattivi għal żmien qasir, sabiex jirrispondu b'mod xieraq għal sitwazzjonijiet differenti; għalhekk jikkunsidra, li waqt l-EASO għandu jappoġġa l-miżuri tal-bini tal-kapaċità għas-sistemi tal-ażil sottożviluppati u li ma jiffunzjonawx sew, għandu jagħti prijorità lis-sitwazzjonijiet ta' emerġenza u lill-Istati Membri li qed jaffaċċjaw pressjonijiet partikolari jew sproporzjonati; f'dan ir-rigward, jenfasizza r-rwol kruċjali tat-Timijiet Esperti tal-Ażil fl-għajnuna għal ammonti kbar ta każijiet u xogħol b'lura, l-għoti ta' taħriġ, it-twettiq tal-ġestjoni tal-proġetti, l-għoti ta' pariri u r-rakkomandazzjoni ta' miżuri konkreti, u s-sorveljanza u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' segwitu;

17. Jieħu nota tal-pjan operattiv fis-seħħ sabiex jappoġġa s-sistema Griega tal-ażil u jtejjeb is-sitwazzjoni ta' dawk li qed ifittxu ażil u benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali fil-Greċja; jenfasizza li minkejja xi progress miksub, huma meħtieġa sforzi addizzjonali kemm mill-UE kif ukoll mill-awtoritajiet Griegi biex itejbu s-sistema tal-ażil u jiżguraw li d-drittijiet ta' dawk li qed ifittxu ażil jiġu rispettati bis-sħiħ; ifakkar li l-miżuri biex jitnaqqas id-deficit tal-baġit jipprekludu l-allokazzjoni tal-fondi nazzjonali għar-reklutaġġ ta' iktar uffiċjali, u jirrakkomanda li din il-problema tiġi indirizzata, peress li hija meħtieġa awtorità tal-ażil li tiffunzjona tajjeb sabiex tippermetti lill-Greċja tissodisfa l-obbligi tagħha skont id-dritt internazzjonali u tal-UE;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

18. Jinnota r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni u l-Kunsill dwar il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-EASO u l-Frontex, u jisħaq fuq il-fatt li l-implimentazzjoni sħiħa u rapida tal-Istrateġija tad-Drittijiet Fundamentali tal-Frontex hija *sine qua non* għal kwalunkwe kooperazzjoni bħal din fil-kuntest tal-protezzjoni internazzjonali, inkluża l-ħatra ta' Uffiċjal tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-ħolqien ta' forum konsultattiv mas-soċjetà ċivili u l-istedina tal-organizzazzjonijiet internazzjonali biex jipparteċipaw fl-attivitajiet tagħha bħala osservaturi tad-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza li kwalunkwe kooperazzjoni trid titqies fil-kuntest tad-difiża tal-istandards stabbiliti minn normi Ewropej u internazzjonali biex b'hekk tiżdied fil-prattika l-kwalità tal-protezzjoni provduta lil dawk li qed ifittxu ażil; jitlob għalhekk lill-EASO tappoġġa lill-Frontex fir-rigward tal-obbligi tiegħu relatati mal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju tan-non-refoulement; jenfasizza li l-miżuri tal-fruntieri għandhom jiġu applikati b'mod li jkun sensittiv għal kwistjonijiet ta' protezzjoni;

19. Jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi rieżaminat regolarment il-mandat tal-EASO, sabiex ikun żgurat rispons adegwat għall-isfidi different iffaċċjati mis-sistemi ta'ażil; filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu li l-azzjonijiet kollha mwettqa mill-EASO jiddependu fuq ir-rieda tajba tal-Istati Membri, jissuġġerixxi l-kunsiderazzjoni tal-possibbiltà tal-introduzzjoni ta' salvagwardji strutturali fi ħdan il-mandat tal-EASO sabiex jiżgura li l-kooperazzjoni prattika u l-assistenza teknika jkunu pprovduti fejn meħtieġa;

***Solidarjetà finanzjarja***

20. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri sabiex jagħmlu użu sħiħ mill-possibilitajiet disponibbli fil-Fond Ewropew għar-Rifuġjati (FER) f'termini tat-twettiq tal-azzjonijiet immirati għat-titjib fis-sistemi tal-ażil; jirrakkomanda li l-Istati Membri jieħdu azzjoni sabiex jindirizzaw kwistjonijiet bħal proċedruri burokratiċi ineffiċjenti, dewmien fl-assorbiment u problemi fil-likwidità, sabiex tkun żgurata distribuzzjoni effettiva u mgħaġġla tal-fondi;

21. Ifakkar li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir użu sħiħ tal-possibbiltajiet offruti mill-Fond Ewropew għar-Rifuġjati u li l-approprjazzjonijiet kollha allokati jkunu jistgħu jiġu żburżati sabiex il-mexxejja tal-proġetti ma jaffaċċjawx problemi meta jimplimentaw il-proġetti ffinanzjati;

22. Jilqa' l-ħolqien mill-2014 ta' Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (FMA) aktar sempliċi u flessibbli, li se jissostitwixxi l-Fond Ewropew għar-Rifuġjati, il-Fond Ewropew għall-Integrazzjoni ta' Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi u l-Fond Ewropew għar-Ritorn, u jenfasizza l-ħtieġa li jiġu allokati biżżejjed riżorsi biex tiġi appoġġata l-protezzjoni tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali u dawk li qed ifittxu ażil; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq l-importanza li jiġu inklużi salvagwardji fil-FMA, sabiex tiġi impedita allokazzjoni eċċessiva ta' fondi lejn qasam ta' politika wieħed biss askapitu tas-SEKA b'mod ġenerali; jikkunsidrah meħtieġ, fil-kuntest tar-riforma tal-allokazzjoni tal-fondi fil-qasam tal-intern għall-QFM 2014-2020, li jiġu allokati wkoll biżżejjed riżorsi għall-protezzjoni fuq il-fruntiera sabiex tinkiseb iżjed solidarjetà f'dan il-qasam ukoll; ifakkar li għandu dejjem ikun hemm biżżejjed riżorsi biex tiġi ffinanzjata l-protezzjoni internazzjonali u l-miżuri ta' solidarjetà għall-Istati Membri;

23. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil ikun biżżejjed flessibbli u faċli biex jiġi mobilizzat kif ukoll joffri aċċess rapidu, biex ikun jista' jirreaġixxi rapidament u b'mod xieraq għal pressjonijiet mhux previsti jew sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jaffettwaw Stat Membru wieħed jew aktar; f'dan ir-rigward jipproponi li jiġi riservat, fejn meħtieġ, ċertu perċentwal tal-ammont mill-FMA allokat fil-qafas tar-rieżami intermedju għal miżuri li jkollhom l-għan li jgħinu lill-Istati Membri jimplimentaw u japplikaw bis-sħiħ l-acquis tal-ażil tal-UE u jaderixxu mal-obbligi internazzjonali kollha f'dan il-qasam;

24. Jilqa' d-djalogi dwar il-politika tal-intern mal-Istati Membri individwali dwar l-użu min-naħa tagħhom tal-fondi qabel il-programmazzjoni multiannwali; jenfasizza l-importanza ta' azzjoni parteċipattiva biex jinkisbu riżultati ottimali, u jirrakkomanda t-tisħiħ tal-prinċipju ta' sħubija billi jiġu inklużi s-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll il-partijiet interessati rilevanti, peress li l-esperjenza tagħhom fil-prattika hija essenzjali biex jiġu stabbiliti prijoritajiet realistiċi u jiġu żviluppati programmi sostenibbli; il-kontribut tagħhom f'termini ta' żvilupp, implimentazzjoni, monitoraġġ u evalwazzjoni tal-objettivi u l-programmi għalhekk huwa importanti u għandu jitqies mill-Istati Membri;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

25. Jenfasizza l-importanza tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà finanzjarja fil-qasam tal-ażil, u jirrakkomanda l-ħolqien ta' mekkaniżmu fornit tajjeb b'riżorsi biex jintlaqa' numru akbar ta' dawk li jfittxu l-ażil u benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, f'termini assoluti jew proporzjonali, u għall-għajnuna ta' dawk b'sistemi ta' ażil inqas żviluppati; jikkunsidra li hija meħtieġa iżjed riċerka sabiex jiġu identifikati u kkwantifikati l-ispejjeż reali tal-akkoljenza u l-ipproċessar ta' talbiet għal ażil; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni twettaq studju sabiex tivvaluta l-fondi li għandhom jiġu allokati skont ir-responsabbiltà li għandu kull Stat Membru, fuq il-bażi ta' indikaturi bħal: in-numru tal-ewwel applikazzjonijiet tal-ażil, in-numru ta' deċiżjonijiet pożittivi li jagħtu status ta' rifuġjat jew protezzjoni sussidjarja, in-numru ta' rifuġjati risistemati u rilokati, in-numru ta' deċiżjonijiet u operazzjonijiet ta' ritorn, u n-numru ta' migranti irregolari maqbuda;

26. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jagħmlu użu mill-inċentivi finanzjarji disponibbli permezz tal-FMA għall-attivitajiet ta' rilokazzjoni, u jirrikonoxxi li l-assistenza finanzjarja permezz tal-fond u l-assistenza teknika mill-EASO huma importanti; jissuġġerixxi li jiddaħħlu oqsma prijoritarji sabiex jindirizzaw sitwazzjonijiet urġenti u jipprovdu assistenza finanzjarja iktar sostanzjali lill-Istati Membri li jixtiequ jipparteċipaw fl-inizjattivi tar-rilokazzjoni, sabiex ineħħu l-piż tal-ispiża finanzjarja relatata;

27. Jemmen li t-twaqqif ta' sistema iżjed ċara u effikaċi ta' inċentivi finanzjarji għall-Istati Membri li jkunu qed jipparteċipaw f'attivitajiet ta' rilokazzjoni u strateġiji proattivi mmirati lejn it-titjib tal-infrastrutturi tas-sistemi nazzjonali ta' ażil se jkollu effett pożittiv fuq perjodu twil fuq il-konverġenza tal-istandards fl-UE u l-kwalità tas-SEKA;

28. Jilqa' l-possibilità li tiżdied il-kontribuzzjoni tal-Kummissjoni sa 90 % tal-infiq totali eliġibbli għal proġetti li nkella ma kinux jistgħu jiġu implimentati; jikkunsidra li valur miżjud ċar għandu jirriżulta minn proġetti ffinanzjati mill-Kummissjoni; jenfasizza li l-finanzjamenti tal-UE fl-ebda ċirkostanza m'għandhom jieħdu post il-baġits nazzjonali ddedikati għall-politiki tal-ażil;

29. Jenfasizza l-problemi li attwalment huma konnessi mal-finanzjament ta' attivitajiet f'termini ta' ostakoli għall-aċċess għal informazzjoni preċiża u finanzjament, l-istabbiliment ta' għanijiet realistiċi u mfassla apposta u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' segwitu effikaċi; jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' salvagwardji sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni, l-allokazzjoni ċara ta' finanzjament u l-eżami bir-reqqa tal-valur miżjud tal-attivitajiet u r-riżultati miksuba;

30. Jenfasizza l-importanza ta' superviżjoni stretta rigward l-użu u l-ġestjoni tal-fondi, abbażi ta' indikaturi kwantitattivi u kwalitattivi u ta' kriterji speċifiċi, sabiex tiġi evitata l-allokazzjoni ħażina ta' riżorsi umani u finanzjarji u tiġi garantita konformità mal-objettivi stabbiliti; f'dan ir-rigward jilqa' bi pjaċir it-twaqqif ta' sistema komuni ta' valutazzjoni u monitoraġġ;

31. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, bl-assistenza tal-Kummissjoni, biex jiżguraw l-isfruttament sħiħ tal-kumplementarjetajiet eżistenti bejn strumenti ta' finanzjament oħra disponibbli bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-Fondi Strutturali oħra, sabiex jinkiseb approċċ ta' finanzjament olistiku għall-politiki relatati mal-ażil;

***Allokazzjoni tar-responsabilitajiet***

32. Jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni sabiex twettaq evalwazzjoni komprensiva tas-sistema ta' Dublin fl-2014, u li tanalizza l-effetti ġuridiċi, ekonomiċi, soċjali u dawk fuq id-drittijiet tal-bniedem tagħha, inkluż l-effett fuq is-sitwazzjoni tan-nisa li qed ifittxu ażil; iqis li hija meħtieġa aktar riflessjoni dwar l-iżvilupp ta' mekkaniżmu adegwat għall-kondiviżjoni tar-responsabbiltà biex jiġi ddeterminat liema Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-ipproċessar ta' applikazzjonijiet għal ażil, ħaġa li tippermetti li jingħata appoġġ prattiku rapidu u effikaċi lil Stati Membri f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza u li jaffaċċjaw piżijiet sproporzjonati;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

33. Jikkunsidra li r-Regolament ta' Dublin, li jirregola l-allokazzjoni tar-responsabbiltà għall-applikazzjonijiet għal ażil, jitfa' piż sproporzjonat fuq l-Istati Membri li jikkostitwixxu punti tad-dħul fl-UE, u ma jipprevedix distribuzzjoni ġusta tar-responsabbiltà għall-ażil fost l-Istati Membri; jinnota li s-sistema ta' Dublin kif ġiet applikata sa issa, f'kuntest ikkaratterizzat minn sistemi ta' ażil differenti ħafna u livelli insuffiċjenti ta' implimentazzjoni tal-acquis tal-ażil, wasslet għat-trattament inugwali ta' dawk li qed ifittxu ażil filwaqt li kellha impatt negattiv fuq ir-riunifikazzjoni tal-familji u l-integrazzjoni; jisħaq, barra dan, fuq in-nuqqasijiet tagħha f'termini ta' effiċjenza u kosteffettività, billi iżjed min-nofs tat-trasferimenti miftiehma qatt ma jseħħu u xorta għad hemm numri sinifikanti ta' applikazzjonijiet multipli; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li dawk li jfittxu ażil li jkunu rritornati fi Stat Membru abbażi tar-Regolament Dublin II ma jkunux iddiskriminati għall-unika raġuni li jkunu persuni trasferiti skont Dublin II;

34. Jenfasizza li l-ġurisprudenza rilevanti diġà hija fil-proċess li ddgħajjef il-motivazzjoni tas-sistema ta' Dublin; iqis li filwaqt li tipprovdi tweġiba għal każijiet individwali, il-ġurisprudenza tonqos milli tegħleb in-nuqqasijiet li jeżistu fl-implimentazzjoni tal-acquis fil-qasam tal-ażil; filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa li l-Istati Membri jiżguraw li s-sistemi tal-ażil tagħhom jikkonformaw mar-regoli tal-UE u dawk internazzjonali, jilqa', għalhekk, l-isforzi sabiex jiġu inklużi kriterji addizzjonali f'Dublin II biex jittaffew l-effetti negattivi mhux mixtieqa tas-sistema; jemmen li d-diskussjonijiet għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli jridu jieħdu f'kunsiderazzjoni l-fatt li xi Stati Membri diġà qed jaffaċċjaw pressjonijiet sproporzjonati u xi sistemi tal-ażil qegħdin jiffunzjonaw ħażin parzjalment jew għalkollox;

***Ipproċessar konġunt tal-applikazzjonijiet għall-ażil***

35. Jidhirlu li huwa essenzjali li wieħed jidħol fi djalogu ulterjuri rigward il-kondiviżjoni tar-responsabbiltà lejn dawk li jfittxu ażil u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, inkluż dwar l-użu ta' għodod bħall-ipproċessar konġunt ta' applikazzjonijiet għall-ażil (minn hawn 'il quddiem "ipproċessar konġunt") u skemi ta' rilokazzjoni;

36. Jikkunsidra li l-ipproċessar konġunt jista' jikkostitwixxi għodda prezzjuża għas-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà f'każijiet varji, b'mod partikolari fejn l-Istati Membri jaffaċċjaw influssi sinifikanti jew għal għarrieda ta' dawk li qed ifittxu ażil jew ikun hemm applikazzjonijiet sostanzjali b'lura li jittardjaw u jdgħajfu l-proċedura tal-ażil askapitu tal-applikanti tal-ażil; l-ipproċessar konġunt jista' jipprevjeni jew jirrettifika problemi tal-kapaċità, inaqqas il-piżijiet u l-ispejjeż relatati mal-ipproċessar tal-ażil, iħaffef il-ħin li jieħu l-ipproċessar tat-talbiet u jiżgura kondiviżjoni iżjed ekwa tar-responsabbiltà għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-ażil; jenfasizza li l-ipproċessar konġunt jirrikjedi allokazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri involuti biex jiġi evitat l-ispostament tar-responsabbiltà, u li t-teħid tad-deċiżjonijiet għadu r-responsabbiltà tal-Istat Membru; jinnota li dan għandu bżonn jiġi kkumplimentat b'sistema sabiex tkun żgurata kondiviżjoni tar-responsabbiltà iktar ġusta ladarba l-applikazzjonijiet jiġu pproċessati;

37. Jilqa' l-istudju ta' fattibbiltà mniedi mill-Kummissjoni sabiex tinvestiga l-implikazzjonijiet ġuridiċi u prattiċi tal-ipproċessar konġunt fit-territorju tal-Unjoni, billi hija meħtieġa kjarifika rigward serje ta' kwistjonijiet;

38. Jinnota li l-ipproċessar konġunt mhux neċessarjament jimplika deċiżjoni komuni, iżda jista' jinvolvi sostenn u pproċessar komuni rigward aspetti oħra tal-proċedura tal-ażil, bħall-identifikazzjoni, il-preparazzjoni tal-proċeduri fl-ewwel istanza, l-intervisti, jew il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni politika fil-pajjiż tal-oriġini;

39. Jenfasizza li l-ipproċessar konġunt għandu joffri valur miżjud fir-rigward tal-kwalità tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, li jiżgura u jiffaċilita proċeduri ġusti, effiċjenti u rapidi; jenfasizza l-fatt li meta l-proċeduri tal-ażil jiġu mtejba mill-bidu (frontloading), dan jista' jnaqqas it-tul u l-ispiża tal-proċedura, u b'hekk jibbenefikaw kemm dawk li qed ifittxu l-ażil kif ukoll l-Istati Membri;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

40. Jisħaq li skema ta' pproċessar konġunt għandha tirrispetta bis-sħiħ id-drittijiet tal-applikanti u tinkludi garanziji sodi għal dak il-fini; jinsisti li l-ipproċessar konġunt fl-ebda ċirkostanza ma għandu jintuża sabiex iħaffef il-proċedura tal-ażil askapitu tal-kwalità tagħha; jidhirlu li l-ipproċessar konġunt jista' jwassal għal proċeduri ta' ażil aktar effiċjenti, li jibbenefikaw minnhom ukoll dawk l-individwi li qed ifittxu ażil, peress li b'kapaċitajiet amministrattivi akbar, il-ħtiġijiet ta' protezzjoni tagħhom jistgħu jiġu rikonoxxuti aktar malajr;

41. Jikkunsidra li r-rwol tal-EASO jista' jkun ta' valur fl-istabbiliment ta' timijiet ta' appoġġ tal-ażil li jipprovdu assistenza, konsulenza, u rakkomandazzjonijiet għall-proċeduri fl-ewwel istanza, kif ukoll fit-taħriġ u fil-koordinament tagħhom;

42. Jirakkomanda li l-iskemi previsti fir-rigward tal-ipproċessar konġunt għandhom jipprijoritizzaw għażliet li jinvolvu l-isfruttament u l-kooperazzjoni tal-awtoritajiet rilevanti, aktar milli t-trasferiment ta' dawk li qed ifittxu ażil;

43. Jirrakkommanda li l-EASO jħeġġeġ, jiffaċilita u jikkoordina l-iskambji ta' informazzjoni u l-attivitajiet l-oħra b'rabta mal-ipproċessar konġunt;

***Rilokazzjoni tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali u ta' dawk li jfittxu ażil***

44. Jenfasizza li l-iskemi ta' risistemazzjoni u ta' rilokazzjoni ġewwa l-UE huma miżuri kumplimentari maħsuba biex isaħħu l-protezzjoni ta' dawk li qed ifittxu ażil u l-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali filwaqt li juru solidarjetà fl-UE u barra minnha;

45. Jisħaq fuq il-fatt li, f'ċerti kundizzjonijiet, ir-rilokazzjoni fiżika tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali u dawk li jfittxu l-ażil hija waħda mill-forom l-iżjed konkreti ta' solidarjetà u tista' tagħti kontribut sinifikanti għal SEKA iżjed ekwa; jenfasizza li għalkemm tirrappreżenta wkoll espressjoni solida ta' impenn fir-rigward tal-protezzjoni internazzjonali u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, sa issa ftit Stati Membri involvew ruħhom f'inizjattivi ta' rilokazzjoni;

46. Jisħaq fuq l-importanza ta' proġetti bħall-Proġett ta' Rilokazzjoni tal-Unjoni Ewropea għal Malta (Eurema) u l-estensjoni tiegħu, fejn il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali kienu u qed jiġu rilokati minn Malta lejn Stati Membri oħra, u jippromwovi l-iżvilupp ta' iżjed inizjattivi ta' dan it-tip; jiddispjaċih li dan il-proġett ma kellux daqstant suċċess kif kien mistenni minħabba li l-Istati Membri ma kinux ħerqana jipparteċipaw; jistieden lill-Istati Membri jipparteċipaw b'mod iktar attiv fil-proġett Eurema fi spirtu ta' solidarjetà u kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni sabiex twettaq evalwazzjoni bir-reqqa tal-proġett Eurema u tissottometti proposta għal Mekkaniżmu ta' Rilokazzjoni tal-UE permanenti;

47. Jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra, fil-proposta leġiżlattiva tagħha għal Mekkaniżmu permanenti u effikaċi ta' Rilokazzjoni ġewwa l-UE, l-użu ta' Koeffiċjent ta' Distribuzzjoni tal-UE għar-rilokazzjoni tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, abbażi ta' indikaturi xierqa relatati mal-kapaċitajiet ta' akkoljenza u integrazzjoni tal-Istati Membri, bħall-PDG, il-popolazzjoni u s-superfiċje tal-Istati Membri kif ukoll l-aħjar interess u l-prospetti ta' integrazzjoni tal-benefiċjarji; dan il-Koeffiċjent ta' Distribuzzjoni tal-UE jista' jiġi kkunsidrat għal Stati Membri li qed iħabbtu wiċċhom ma' pressjonijiet speċifiċi u sproporzjonati fuq is-sistemi tal-ażil nazzjonali tagħhom jew matul sitwazzjonijiet ta' emerġenza; jenfasizza li r-rilokazzjoni dejjem se tiddependi fuq il-kunsens tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali u li l-introduzzjoni ta' Koeffiċjent ta' Distribuzzjoni tal-UE jkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' kull Stat Membru li jimplimenta u japplika l-acquis eżistenti tal-UE fil-qasam tal-ażil f'termini ta' kwalifikazzjoni għall-protezzjoni, il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza u l-garanziji proċedurali, u li jaderixxi mal-obbligi internazzjonali kollha f'dan il-qasam;

48. Jistieden lill-Kummissjoni tinkludi fil-proposta tagħha salvagwardji proċedurali sodi u kriterji ċari għal skema permanenti ta' rilokazzjoni tal-UE, sabiex jiġu garantiti l-aħjar interessi tal-benefiċjarji potenzjali, kif ukoll biex tittaffa l-pressjoni migratorja tal-Istati Membri partikolarment esposti għall-flussi ta' migrazzjoni; jirrakkomanda l-involviment tal-komunità ospitanti, is-soċjetà ċivili u l-awtoritajiet lokali mill-bidu f'inizjattivi ta' rilokazzjoni;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

49. Jenfasizza li waqt li r-rilokazzjoni tista' toffri kemm soluzzjonijiet għal perjodu twil għall-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali kif ukoll tneħħi l-piż minn fuq is-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri, m'għandhiex tirriżulta fl-ispostament tar-responsabbiltà; jinsisti li r-rilokazzjoni għandha tinkludi impenji sodi min-naħa tal-Istati Membri li jibbenefikaw minnha sabiex jindirizzaw b'mod effikaċi n-nuqqasijiet relatati mal-protezzjoni fis-sistemi tal-ażil tagħhom u sabiex jiggarantixxu livelli għolja ta' protezzjoni għal dawk li jibqgħu fl-Istati Membri spedituri fit-termini tal-kundizzjonijiet tal-akkoljenza, il-proċeduri tal-ażil u l-integrazzjoni;

50. Jilqa' l-possibilitajiet ta' finanzjament ipprovduti mill-FMA għar-rilokazzjoni ta' dawk li jfittxu l-ażil u jheġġeġ lill-Istati Membri sabiex jinvolvu ruħhom f'inizjattivi volontarji, waqt li jirrispettaw bis-sħiħ id-drittijiet ta' dawk li jfittxu l-ażil u l-ħtieġa tal-kunsens tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga l-fattibbiltà li tiġi żviluppata sistema tal-UE għar-rilokazzjoni ta' dawk li jfittxu ażil, filwaqt li tiġi eżaminata, inter alia, il-fattibbiltà li tkun ibbażata fuq koeffiċjent ta' distribuzzjoni tal-UE li jikkunsidra kriterji oġġettivament verifikabbli bħall-PDG, il-popolazzjoni u s-superfiċje tal-Istati Membri kif ukoll l-aħjar interess u l-prospetti ta' integrazzjoni tal-benefiċjarji; programm bħal dan jista' jkun applikat bħala miżura ta' solidarjetà f'sitwazzjonijiet fejn in-numru ta' dawk li jfittxu ażil ikun sproporzjonatament għoli meta mqabbel mal-kapaċità tas-sistema tal-ażil tal-Istat Membru, jew f'emerġenzi;

51. Ifakkar fil-mandat tal-EASO fir-rigward tal-promozzjoni tar-rilokazzjoni tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali fost l-Istati Membri, u jistieden lill-Aġenzija tibni l-kapaċità tagħha biex tappoġġa b'mod attiv il-programmi u l-attivitajiet ta' rilokazzjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-UNHCR, permezz tal-iskambju tal-informazzjoni u tal-aħjar prattiki u attivitajiet ta' koordinament u kooperazzjoni;

52. Jinnota li l-Kummissjoni indikat li hija dejjem se tikkunsidra l-attivazzjoni tal-mekkaniżmu tad-Direttiva ta' Protezzjoni Temporanja meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet adegwati, b'mod partikolari fil-każ ta' influss ta' massa jew influss ta' massa imminenti ta' persuni spostati li ma jistgħux jiġu rimpatrijati f'kundizzjonijiet sikuri u dejjiema; jistieden lill-Kummissjoni tagħmilha possibbli li din id-Direttiva tiġi attivata anke f'każijiet fejn l-influss rilevanti jikkostitwixxi influss ta' massa għal mill-inqas Stat Membru wieħed u mhux biss meta jikkostitwixxi influss bħal dan għall-UE kollha kemm hi;

***Fiduċja reċiproka fil-qalba ta' sistema ta' governenza ġdida***

53. Jinsisti li l-fiduċja reċiproka hija bbażata fuq fehim komuni tar-responsabbiltajiet; Jenfasizza li l-konformità mad-dritt tal-UE hija element indispensabbli għall-fiduċja fost l-Istati Membri;

54. Jenfasizza li jekk l-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi ġuridiċi u tad-drittijiet fundamentali, dan isaħħaħ kemm il-fiduċja kif ukoll is-solidarjetà;

55. Jisħaq dwar l-importanza li jiġu stabbiliti pedamenti sodi għall-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri, billi dan huwa kwintessenzjalment konness mal-iżvilupp tas-SEKA u ma' solidarjetà ġenwina u prattika;

56. Jirrikonoxxi li waqt li l-konformità mal-obbligi internazzjonali ta' protezzjoni ttejjeb il-fiduċja reċiproka, dan mhux bilfors jirriżulta fl-applikazzjoni uniformi tar-regoli, billi l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dritt internazzjonali u tal-UE dwar l-ażil għadha tvarja ħafna fost l-Istati Membri, kif jidher ċar mill-ġurisprudenza tal-QEDB u tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea relatata mar-Regolament ta' Dublin; jenfasizza li hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni u tal-qrati li jissorveljaw u jevalwaw l-applikazzjoni tar-regoli tal-ażil f'konformità mad-dritt internazzjonali tal-UE;

57. Jemmen li l-mekkaniżmi ta' twissija bikrija introdotti biex jiskopru u jindirizzaw il-problemi li jitfaċċaw qabel iwasslu għall-kriżijiet jistgħu jikkostitwixxu għodda siewja; jikkunsidra, madankollu, li soluzzjonijiet kumplimentari għandhom ukoll jiġu previsti, sabiex jiġi evitat il-ksur tad-drittijiet fundamentali u jkun żgurat il-funzjonament xieraq tas-sistemi tal-ażil;

58. Jisħaq fuq il-fatt li waqt li l-proċeduri tal-ksur għandhom jintużaw iktar ta' spiss sabiex tinġibed l-attenzjoni għar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri u n-nuqqas tagħhom li jaderixxu mal-acquis tal-ażil eżistenti, għandhom jiġu akkumpanjati minn miżuri preventivi, pjanijiet operattivi u mekkaniżmi ta' superviżjoni, sabiex jipproduċu riżultati; jenfasizza l-importanza ta' evalwazzjonijiet regolari, djalogu kostruttiv, u l-iskambju tal-aħjar prattika, bħala elementi kruċjali li huma aktar suxxettibbli li jipproduċu żviluppi pożittivi fis-sistemi tal-ażil fejn huma identifikati nuqqasijiet; għalhekk għandhom jingħataw forom differenti ta' assistenza finanzjarja u prattika sabiex tintlaħaq l-implimentazzjoni sħiħa u korretta tal-leġiżlazzjoni Ewropea fil-qasam tal-ażil;

59. Jinnota li s-sistema ta' Dublin hija bbażata fuq il-fiduċja reċiproka u li l-implimentazzjoni tagħha tammonta għal rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ta' rifjut fost l-Istati Membri, billi talba għal ażil tista' tiġi kkunsidrata darba biss fl-UE; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta komunikazzjoni dwar qafas għat-trasferiment tal-protezzjoni tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u r-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet dwar l-ażil sal-2014, b'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni li Jimplimenta l-Programm ta' Stokkolma;

60. Jenfasizza li l-ġestjoni tal-migrazzjoni tista' żżid il-fiduċja reċiproka u l-miżuri ta' solidarjetà biss jekk tiġi akkumpanjata minn approċċ li jkun sensibbli għall-protezzjoni li fih il-miżuri tal-fruntieri jitwettqu mingħajr ħsara għad-drittijiet tar-rifuġjati u l-persuni li jitolbu protezzjoni internazzjonali;

61. Jenfasizza li r-reġimi tal-viża jirregolaw numru kbir ta' awtorizzazzjonijiet tad-dħul u l-ħruġ u li dawk ir-regoli tad-dħul u l-ħruġ ma jirrestrinġux l-obbligi ġuridiċi dwar li jingħata aċċess għall-ażil;

62. Ifakkar fl-impenn tal-Kummissjoni li tiffaċilita l-wasla ordinata fl-UE ta' persuni li jeħtieġu protezzjoni, u jistedinha teżamina approċċi ġodda rigward l-aċċess għall-proċeduri ta' ażil; jilqa', f'dan ir-rigward, l-impenn tal-Kummissjoni li tadotta "Komunikazzjoni dwar approċċi ġodda rigward l-aċċes għal proċeduri ta' ażil li jiffukaw fuq il-pajjiżi ewlenin ta' transitu" sal-2013;

*

* *

63. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Parlamenti tal-Istati Membri u lill-Kunsill tal-Ewropa.

---

## Preparazzjoni tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni 2013

P7_TA(2012)0319

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2013 (2012/2688(RSP))**

(2013/C 353 E/03)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2013,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Qafas eżistenti dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament u l-Kummissjoni, b'mod partikolari l-Anness 4 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2012 [1],

— wara li kkunsidra l-Artikolu 35(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

[1] Testi adottati, P7_TA(2012)0292.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

A. billi l-grad u n-natura tad-dejn sovran u tal-kriżi finanzjarja u ekonomika qed jittestjaw il-governanza tal-Unjoni Ewropea bħal qatt qabel;

B. billi l-UE tinsab f'punt kritiku u l-kriżi mhux se tingħeleb bla approfondizzazzjoni sinifikanti tal-integrazzjoni Ewropea, b'mod partikolari fiż-żona tal-euro, b'tisħiħ korrispondenti tal-kontroll demokratiku u r-responsabilizzazzjoni;

C. billi r-rwol tal-Kummissjoni huwa li tippromwovi l-interess ġenerali tal-Unjoni, li tieħu inizjattivi xierqa għal dan l-għan, li tiżgura l-applikazzjoni tat-Trattati, li tissorvelja l-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni, li teżerċita funzjonijiet eżekuttivi, ta' koordinazzjoni u ta' ġestjoni, u li tipproponi leġiżlazzjoni;

***PARTI 1***

1. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tuża bis-sħiħ is-setgħat kollha tagħha u tipprovdi t-tmexxija politika meħtieġa sabiex taffronta d-diversi sfidi li qed jinħolqu minħabba l-kriżi kontinwa, filwaqt li timmira lejn il-ksib ta' stabilità finanzjarja u l-irkupru ekonomiku fuq il-bażi ta' kompetittività miżjuda u aġenda kontra l-kriżi li tkun sostenibbli, effettiva u soċjalment ġusta;

2. Ifakkar it-talba tiegħu tal-4 ta' Lulju 2012 li l-Kummissjoni tippreżenta pakkett ta' proposti leġiżlattivi sa Settembru, b'konformità mal-metodu tal-Komunità, fuq il-bażi tal-erba' elementi fundamentali identifikati fir-rapport bl-isem 'Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja Ġenwina';

3. Jinsisti li l-Kummissjoni jkollha rwol sħiħ fil-formulazzjoni tar-rapporti għal-laqgħat tal-Kunsill Ewropew f'Ottubru u Diċembru 2012, li għandhom jistabbilixxu pjan direzzjonali ċar u skeda għall-konsolidazzjoni tal-unjoni ekonomika u monetarja, inkluż qafas politiku finanzjarju, fiskali u ekonomiku integrat, u li għandhom iwasslu eventwalment għal unjoni politika iktar b'saħħitha, u b'mod partikolari għal iktar responsabilizzazzjoni demokratika u leġittimità fuq il-bażi tal-bidla fit-Trattat;

4. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-leġiżlazzjoni taż-żewġ pakketti, li se ssaħħaħ is-sorveljanza baġitarja u ttejjeb il-politika baġitarja fiż-żona tal-euro u li tinkludi dispożizzjonijiet li jippermettu toroq differenzjati għall-konsolidazzjoni baġitarja f'każ ta' tnaqqis sever fir-ritmu ekonomiku;

5. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tressaq proposti biex timplimenta l-impenji msemmija fil-Patt għal Tkabbir u Impjiegi, b'mod partikolari fid-dawl tal-istimulazzjoni ta' investiment sostenibbli u orjentat lejn it-tkabbir, it-titjib tal-kompetittività ta' ekonomija Ewropea mmirata lejn l-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020, b'mod partikolari dawk dwar l-effiċjenza tar-riżorsi u s-sostenibilità, u l-approfondizzazzjoni tas-suq uniku; jistieden lill-Kummissjoni tuża il-Programm ta' Ħidma għall-2013 tagħha biex tistabbilixxi aġenda dettaljata għat-tkabbir li tkun tiffoka fuq it-tħeġġiġ tan-negozji u l-intraprendituri biex jiżviluppaw l-industriji u s-servizzi li se jipprovdu impjiegi u prosperità fuq medda twila ta' żmien; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-iskalar sinifikanti 'l fuq tal-bonds tal-proġett Ewropew fuq il-bażi ta' kooperazzjoni bejn il-baġit tal-UE u l-Bank Ewropew tal-Investiment;

6. Jiġbed l-attenzjoni, barra minn hekk, lejn il-bżonn għal tnaqqis sostnut u simetriku tal-iżbilanċi makroekonomiċi eċċessivi u jitlob li jkun hemm bidliet konkreti fil-leġiżlazzjoni fiskali tal-UE biex jiġu ffaċċjati l-aspetti kollha tar-rifuġji fiskali u tal-evażjoni fiskali;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-aħjar li tista' biex tiffaċilita l-adozzjoni aċċelerata tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u l-programmi leġiżlattivi pluriennali relatati, bl-involviment sħiħ tal-Parlament u bir-rispett dovut tad-drittijiet tiegħu ta' kodeċiżjoni; jappoġġja bil-qawwi l-impenn biex il-baġit tal-UE jsir katalist għat-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa kollha; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex tiddefendi l-proposta tagħha li jkun żgurat li l-baġit tal-Unjoni jirrifletti iktar direttament il-bżonnijiet u l-objettivi politiki tagħha;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

8. Jinsisti, madankollu, li r-riforma tas-sistema ta' riżorsi proprji, inkluż il-ħolqien ta' riżorsi proprji ġodda, hija element essenzjali li mingħajru l-prospetti għal ftehim dwar il-QFP il-ġdid huma ftit wisq; jitlob lill-Kummissjoni tappoġġja t-talba minn diversi Stati Membri għal kooperazzjoni mtejba f'dan il-qasam; jenfasizza x-xewqa, madankollu, li jintlaħaq ftehim globali sal-aħħar ta' din is-sena;

9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb il-koeranza tal-programm leġiżlattiv tagħha, iżżid il-kwalità tal-abbozzar leġiżlattiv tagħha, issaħħaħ l-evalwazzjoni ta' impatt tagħha ta' liġijiet abbozzati, tipproponi fejn xieraq l-użu ta' tabbelli ta' korrelazzjoni fid-dawl ta' traspożizzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni tal-UE, u tappoġġja lill-Parlament fin-negozjati tiegħu mal-Kunsill dwar l-użu ta' atti delegati u implimentattivi; itenni s-sejħa ripetuta tiegħu li l-Ftehim Interistituzzjonali tal-2003 dwar leġiżlar aħjar jiġi rinegozjat;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tqis b'mod dovut il-pożizzjonijiet tal-Parlament speċifiċi għal kull settur kif stipulati f'parti 2 hawn taħt;

***PARTI 2***

***Implimentazzjoni***

11. Jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni xierqa u f'waqtha tal-liġi tal-UE permezz tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni, jekk ikun neċessarju, biex tibda proċedimenti ta' ksur biex tiżgura traspożizzjoni xierqa u infurzar effettiv;

12. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tipproponi l-introduzzjoni ta' dikjarazzjonijiet obbligatorji ta' ġestjoni nazzjonali, iffirmati fil-livell politiku xieraq, li jkopru l-fondi tal-UE taħt ġestjoni kondiviża; iħeġġeġ azzjoni kontinwa dwar is-simplifikazzjoni tal-programmi tal-UE, partikolarment fil-qasam tar-riċerka u l-innovazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja mill-qrib l-użu tal-istrumenti tal-inġinerija finanzjarja (SIF); jitlob li jsiru evalwazzjonijiet sistematiċi, regolari u indipendenti sabiex ikun żgurat li l-infiq kollu qed jikseb ir-riżultati mixtieqa b'mod li jkun kosteffettiv;

13. Jistenna li l-Kummissjoni tippreżenta fiż-żmien xieraq l-abbozzi ta' baġits ta' emenda neċessarji biex tiżgura li l-livelli tal-pagamenti jkunu konformi mal-miżuri maqbula fil-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2012 biex jiġi stimulat it-tkabbir u jkunu suffiċjenti biex jiġu onorati l-impenji pendenti;

***Is-suq uniku***

14. Jistieden lill-Kummissjoni tkompli tiffoka fuq it-titjib tal-governanza tas-suq uniku, iġġedded l-impetu tagħha biex tikseb s-simplifikazzjoni amministrattiva, tagħti kunsiderazzjoni xierqa biex tipproporni, meta jkun xieraq, regolamenti iktar milli direttivi sabiex tiżgura l-proporzjonalita tal-miżuri proposti, u biex timmoniterja l-progress fid-dawl tal-implimentazzjoni sħiħa tal-acquis tas-suq uniku, speċjalment fis-settur tas-servizzi, inkluża l-possibilità ta' proċeduri ta' ksur aċċellerati; jenfasizza li għandhom jitqiesu kif xieraq id-dimensjonijiet eknomiċi, soċjali u ambjentali tas-suq uniku;

15. Jistenna bil-ħerqa l-proposti tal-Kummissjoni dwar l-Att dwar is-Suq Uniku II għal azzjonijiet ta' prijorità sabiex tingħata spinta lit-tkabbir, lill-impjiegi u lill-fiduċja fis-suq uniku; jinkoraġġixxi l-użu tal-kooperazzjoni mtejba meta jkun xieraq u neċessarju;

16. Jistieden lill-Kummissjoni tkun iktar sistematiku fil-valutazzjoni tal-impatt tal-proposti tagħha fuq l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, li l-Ewropa tistrieħ fuqhom għal ħafna impjiegi ġodda; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tiskoraġġixxi b'mod attiv ir-regolamentazzjoni żejda fil-leġiżlazzjoni tal-UE fil-livell nazzjonali, ħaġa li tfixkel il-kundizzjonijiet kompetittivi ugwali fis-suq intern; jitlob li l-piż burokratiku jitnaqqas iktar;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

17. Jikkonferma l-appoġġ tiegħu għall-enfażi tal-Kummissjoni fuq l-aġenda diġitali; iħeġġeġ li l-proposti jipprovdu iktar servizzi transkonfinali għall-konsumaturi permezz tal-UE;

18. Ifakkar fil-ħtieġa ta' reviżjoni solida tad-Direttiva dwar is-Sikurezza Ġenerali tal-Prodotti (Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])) li tiggarantixxi s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi iżda li tiffaċilita wkoll il-kummerċ ta' merkanzija b'mod partikolari għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju; iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tipproponi regolament orizzontali dwar is-sorveljanza tas-suq għall-prodotti kollha; jitlob, barra minn hekk, rimedju effettiv fis-servizzi finanzjarji tal-bejgħ bl-imnut u approċċ orizzontali komuni koordinat sabiex jiġu protetti l-konsumaturi;

19. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb l-imġiba regolatorja tagħhom lejn l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju u l-mikrointrapriżi billi tfassal il-leġiżlazzjoni speċifikament għall-bżonnijiet tal-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju kif ukoll tagħmel iktar progress fl-introduzzjoni ta' eżenzjonijiet adegwati;

20. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tispiċċa r-riforma tagħha tad-drittijiet tal-awtur, li għandha tkun adegwata għall-ambjent tal-internet u bbażata fuq il-leġittimità soċjali, bir-rispett dovut tad-drittijiet fundamentali, inkluż li titlesta r-riforma tad-drittijiet tal-proprjetà industrijali biex tingħata spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fl-Ewropa; jistieden lill-Kummissjoni tqis il-problemi legali li tfaċċjaw fil-kontroversja dwar il-Ftehim Kummerċjali dwar il-Ġlieda Kontra l-Falsifikazzjoni (l-ACTA) meta tippreżenta l-proposta tagħha dwar ir-reviżjoni tal-liġi tal-UE dwar il-marka kummerċjali;

***Il-klima, l-ambjent, l-enerġija u t-trasport***

21. Jinsisti fuq il-bżonn li jiġi implimentat il-pjan direzzjonali għal Ewropa effiċjenti fir-riżorsi sabiex jinħolqu inċentivi għall-iżvilupp tal-ekonomija ekoloġika, għall-promozzjoni tal-bijodiversità u għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, inkluża l-integrazzoni ta' miżuri tal-effiċjenza tar-riżorsi kif previst fl-Istrateġija Ewropa 2020;

22. Jemmen li s-Semestru Ewropew irid jipprovdi l-opportunità biex kull Stat Membru jagħti rendikont tal-impenji tiegħu stess fil-konfront tal-Istrateġija Ewropa 2020, il-Patt Euro Plus, l-Att dwar is-Suq Uniku u objettivi ewlenin oħra tal-UE;

23. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq bla dewmien proposti biex tindirizza d-dgħufijiet fis-Sistema attwali għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet biex jiġi evitat il-falliment tagħha;

24. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta pjan ta' azzjoni dettaljat ta' miżuri mfassla biex jinkiseb suq uniku integrat bis-sħiħ u interkonness fl-enerġija, u jenfasizza l-importanza li l-UE tiġi provduta b'infrastruttura tal-grilja moderna;

25. Jistieden lill-Kummissjoni biex timplimenta l-Pjan Direzzjonali li jmexxi lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju fl-2050, inklużi passi importanti ta' nofs it-terminu;

26. Jitlob li l-Kumissjoni tħejji strateġija li tindirizza l-impatt tal-prezzijiet dejjem jogħlew tal-enerġija fuq il-membri tas-soċjetà;

27. Jemmen li l-kriżi għandha tintuża bħala opportunità biex titrasforma l-mudell tal-iżvilupp tagħna tas-soċjetà fid-dawl tal-ħolqien ta' ekonomija effiċjenti ħafna, ibbażata fuq l-enerġija rinovabbli u reżistenti għall-klima; jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tippreżenta proposti għal pakkett tal-enerġija u l-klima 2030 imsejjes fuq it-tliet pilastri attwali, jiġifieri l-gassijiet b'effett ta' serra, sori tal-enerġiji rinovabbli u l-effiċjenza tal-enerġija;

([1]) ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

28. Jappoġġja l-enfasi tal-Kummissjoni dwar il-bżonn li n-netwerk tat-trasport multimodali tal-Ewropa jiġi modernizzat, ħaġa li hija vitali għas-suċċess tas-suq intern; jistieden lill-Kummissjoni biex tonora l-impjeni tagħha għar-rotot ferrovjarji u testendi l-kompetenzi tal-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea fil-qasam taċ-ċertifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tas-sikurezza tal-materjal rotanti tagħha;

29. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-inizjattiva dwar l-Ajru Uniku Ewropew ma rnexxilhiex tiġi implimentata bis-sħiħ, u jistieden lill-Kummissjoni ġġedded l-isforzi tagħha f'dan ir-rigward;

***Soċjetajiet koeżivi u inklużivi – Ewropa taċ-ċittadini***

30. Jilqa' b'sodisfazzjon kbir l-iffokar tal-Kummissjoni fuq l-impjiegi taż-żgħażagħ u l-proposti tagħha li tespandi l-kapaċità tal-Unjoni li ttejjeb l-edukazzjoni u t-taħriġ; jistenna, bħala parti mill-komunikazzjoni ġenerika dwar il-pakkett tal-impjiegi, miri u skedi ta' żmien ċari u proposti konkreti fl-oqsma tal-mobilità taż-żgħażagħ, il-'Garanzija għaż-Żgħażagħ', il-qafas tal-kwalità għall-apprendistati, il-ħiliet tal-lingwi u l-intraprenditorja taż-żgħażagħ, sabiex ikun miġġieled il-qgħad għoli fost iż-żgħażagħ; jistenna wkoll miżuri konkreti biex jitnaqqas il-faqar, jiġi riformat is-suq tal-impjiegi u jiġu stabbiliti standards soċjali, sabiex ikun jista' jiġi implimentat approċċ bilanċjat tal-flessigurtà f'dawk l-Istati Membri li jixtiequ dan, u jistieden li jkun hemm iktar enfasi fuq l-impjieg tal-persuni b'diżabilità fil-kuntest ta' soċjetà li qed tixjieħ;

31. Jenfasizza l-importanza ta' investiment fil-kapital uman u fir-riċerka u l-iżvilupp, u ta' edukazzjoni u taħriġ xierqa li jiffaċilitaw il-mobilità professjonali; jistieden ukoll li ssir iktar ħidma dwar il-kwistjonijiet tal-vjolenza kontra n-nisa u t-traffikar tal-bnedmin;

32. Itenni s-sejħa tiegħu għal politika ta' koeżjoni b'saħħitha fl-UE kollha wara l-2013, li għandha tintegra b'mod sistematiku l-fondi u l-programmi eżistenti, tiżgura finanzjament adegwat, tkun ibbażata fuq governanza f'ħafna livelli u tkun allinjati mill-qrib mal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020; jinsisti fuq il-bżonn li jitjiebu l-effiċjenza u r-reazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà u jistenna proposti f'dan ir-rigward; hu konvint li hu possibbli li tinstab, b'mod adegwat, bażi komuni għall-politiki ta' koeżjoni, ta' riċerka u żvilupp tal-UE, li jeħtieġu jkunu mmirati lejn it-tkabbir u l-kompetittività, filwaqt li jiġu osservati l-prinċipji ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif anki tal-eċċellenza;

33. Jappoġġa l-inizjattivi fil-livell tal-Unjoni biex jikkumplimentaw l-isforzi nazzjonali sabiex jiżdied il-mikrokreditu u sabiex tikber l-intraprenditorija soċjali li tipprovdi servizzi li mhumiex suffiċjentement provduti mis-settur pubbliku jew dak privat;

34. Jilqa' l-approċċ iktar robust meħud mill-Kummissjoni biex tipproteġi l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali fl-Unjoni kolha; jitlob li tiġi reveduta l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali sabiex ikunu garantiti l-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-Karta tad-Drittijiet tal-Bniedem u din tiġi allinjata mat-Trattat ta' Lisbona; jappoġġja lill-Kummissjoni fin-negozjati tagħha għall-adeżjoni tal-UE mal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

35. Jistieden lill-Kummissjoni teżamina l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ugwaljanza Razzjali (Direttiva tal-Kunsill 2000/43/KE ([1])) u t-traspożizzjoni tad-deċiżjoni qafas dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija (Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI ([2])), u jiddispjaċih li l-qafas tal-UE għal strateġiji nazzjonali ta' integrazzjoni tar-Roma mhux vinkolanti legalement;

36. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura li tkun żgurata l-libertà tal-moviment u li l-acquis ta' Schengen jiġi rrispettat bis-sħiħ; jenfasizza l-bżonn li tiġi sostitwita l-evalwazzjoni bejn il-pari inadegwata mill-Istati Membri u jistieden lill-Kummissjoni tieħu responsabilità sħiħa għas-superviżjoni tar-regoli ta' Schengen; jilqa' l-appoġġ tal-Kummissjoni għall-pożizzjoni tiegħu dwar il-bażi legali għar-regoli ta' Schengen;

([1]) ĠU L 180, 19.7.2000, p. 22.
([2]) ĠU L 328, 6.12.2008, p. 55.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

37. Jiddispjaċih bin-nuqqas ta' proposta leġiżlattiva dwar is-solidarjetà msaħħa fi ħdan l-UE fil-qasam tal-asil; jitlob li tiġi preżentata proposta leġiżlattiva biex tkun stabbilita sistema komuni Ewropea ta' ażil li tikkombina r-responsabilità u s-solidarjetà;

38. Jenfasizza l-importanza li jiġi adottat r-regolament dwar qafas ġenerali għall-protezzjoni tad-data u d-direttiva dwar il-protezzjoni tad-data fil-qasam tal-prevenzjoni, l-individwazzjoni, l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni tar-reati kriminali sabiex ikun żgurat li kwalunkwe miżura ulterjuri kontra t-terroriżmu jkollha standards għoljin ta' privatezza u protezzjoni tad-data; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta r-reviżjoni tagħha tad-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Data (Direttiva 2006/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]));

39. Jappoġġja bis-saħħa l-enfasi tal-Kummissjoni fuq l-implimentazzjoni ta' inizjattivi faċli għaċ-ċittadini fil-kuntest tal-proposta għal deċiżjoni dwar is-Sena Ewropea taċ-Ċittadini (2013) (COM(2011)0489) sabiex jissaħħah iktar it-tqajjim ta' kuxjenza taċ-ċittadini dwar il-benefiċċji li jirriżulatw miċ-ċittadinanza Ewropea;

### *Agrikoltura u sajd*

40. Jieħu nota tar-riforma kurrenti tal-Politika Agrikola Komuni; jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tippromwovi approċċ bilanċjat u integrat li jissalvagwardja kemm il-produzzjoni sostenibbli u effiċjenti ta' ikel ta' kwalità għolja u li wieħed jiflaħ iħallas għalih, kif ukoll ir-rispett tal-valur ambjentali u ta' wirt tal-kampanja; iħeġġeġ li l-PAK tkun allinjata mill-qrib mal-Istrateġija Ewropa 2020 sabiex titħeġġeġ l-innovazzjoni fil-biedja u jikbru s-sostenibilità, il-ġustizzja u l-kompetittività tal-agrikoltura Ewropea fil-livelli lokali u reġjonali;

41. Jenfasizza li r-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd trid tkun ambizzjuża sabiex tikseb stokkijiet tal-ħut sostenibbli u b'saħħithom għall-medda twila taż-żmien; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) huwa l-bażi legali għall-proposti tagħha u biex tillimita l-użu tal-Artikolu 43(3) għal proposti strettament konnessi mal-istabbiliment u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd; ifakkal l-oppożizzjoni tiegħu għall-prattika tar-rimi u għal miżuri mhux maħsuba tajjeb u għoljin ħafna biex titnaqqas il-kapaċità tal-flotta;

### *Il-politika barranija u dik tal-iżvilupp*

42. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna biex jaħdmu flimkien ħalli jipproponu inizjattivi kkoordinati tajjeb lill-Kunsill fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tgħaqqad l-attivitajiet u s-servizzi relevanti kollha tagħha, inkluża l-politika għall-iżvilupp, fid-dawl tal-ilħiq tal-objettivi internazzjonali tat-Trattat ta' Lisbona u, b'mod partikolari, l-Artikolu 208 tat-TFUE, li jirrelata mal-koerenza tal-politiki għall-iżvilupp, filwaqt li tibqa' tonora l-valuri li fuqhom l-Unjoni bniet lilha nnifisha;

43. Jistenna inizjattivi leġiżlattivi biex jiġu riveduti l-bażijiet legali għall-ġenerazzjoni li jmiss ta' strumenti ta' assistenza finanzjarja esterna, filwaqt li tintuża bis-sħiħ is-sistema tal-atti delegati; jitlob li jkun hemm iktar flessibilità fl-isborsjar tal-assistenza finanzjarja f'sitwazzjonijiet ta' kriżi;

44. Jistenna lill-Kummissjoni tappoġġja t-tkabbir tal-Unjoni biex jidħol kwalunkwe pajjiż Ewropew li jirrispetta l-valuri tal-Unjoni u li jimpenja ruħu li jippromwovihom, filwaqt li jitqies ir-rekwiżit għall-pajjiżi tal-adeżjoni li jissodisfaw il-kriterji ta' Kopenħagen u l-kapaċità għall-integrazzjoni tal-Unjoni; jemmen li l-Unjoni titlef l-awtorità morali u l-kredibilità politika tagħha fid-dinja kieku kellha tagħlaq il-bibien tagħha għall-ġirien tagħha; Jistenna li l-Kummissjoni tissokta b'ħidmitha dwar in-negozjati kurrenti tal-adeżjoni;

([1]) ĠU L 105, 13.4.2006, p. 54.

45. Jistieden lill-Kummissjoni biex tapplika politika tal-iżvilupp li tkun orjentata lejn ir-riżultati filwaqt li tiżgura effettività ikbar tal-għajnuna u tiggarantixxi koerenza politika iktar stretta u koordinazzjoni ikbar tad-donaturi fil-livell nazzjonali, tal-UE u dak dinji u, dejjem iktar, mal-atturi dinjija emerġenti tal-iżvilupp; jinsisti fuq il-bżonn li jinħoloq fond fiduċjarju dedikat li jindirizza l-problema tal-malnutriment fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u li jinfetaħ proċess ta' konsultazzjoni dwar il-fenomenu tal-ħtif tal-art; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura effettività akbar tal-għajnuna tal-UE fid-dawl ta' qafas ta' żvilupp possibbli tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millenju wara l-2015;

***Kummerċ***

46. Iqis il-ftuħ reċiproku u bilanċjat tas-swieq bħala strument politiku strateġiku għat-tkabbir intern u l-impjiegi fl-UE; jenfasizza l-importanza li l-Parlament ikun involut fl-istadji kollha tan-negozjati u jibqa' impenjat lejn approċċ multilaterali għall-kummerċ internazzjonali; jenfasizza l-importanza tal-ġlieda kontra l-protezzjoniżmu fil-livell multilaterali u permezz tal-ftehimiet kummerċjali kollha;

47. Jappoġġja l-isforzi tal-Kummissjoni fin-negozjali kummerċjali bilaterali u reġjonali kollha li għaddejjin bħalissa; jirrikonoxxi l-bżonn li jitkompla l-progress biex jiġu konklżi ftehimiet bilaterali ta' kummerċ ħieles ma' sħab sinifikanti;

48. Jenfasizza l-importanza li jagħti lill-integrazzjoni sistematika tad-drittijiet tal-bniedem, l-istandards soċjali u ambjentali u r-responsabilità soċjali korporattiva fil-politiki internazzjonali kollha, flimkien ma' regoli ċari li jirrikjedu imġiba responsabbli mill-kumpaniji Ewropej;

*

* *

49. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## Id-donazzjoni volontarja u b'xejn ta' tessuti u ċelluli

P7_TA(2012)0320

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar id-donazzjoni volontarja u b'xejn ta' tessuti u ċelluli (2011/2193(INI))**

(2013/C 353 E/04)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 184 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 1 dwar id-dinjità tal-bniedem u l-Artikolu 3 dwar id-dritt għall-integrità tal-persuna, li jirreferi għall-"projbizzjoni li l-ġisem tal-bniedem u l-partijiet tiegħu, bħala tali, jintużaw bħala mezz ta' gwadann finanzjarju",

— wara li kkunsidra t-Tieni Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar id-Donazzjoni Volontarja u Bla Ħlas ta' Tessuti u Ċelluli (COM(2011)0352),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-istandards tal-kwalità u s-sikurezza ta' organi umani maħsuba għal trapjanti [1],

[1] ĠU L 207, 6.8.2010, p. 14.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Mejju 2010 dwar il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni: "Pjan ta' Azzjoni dwar id-Donazzjoni tal-Organi u t-Trapjanti (2009-2015): Kooperazzjoni aktar b'saħħitha bejn l-Istati Membri ([1]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1394/2007 ([2]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sikurezza għad-donazzjoni, ksib, ittestjar, proċessar, priservazzjoni, ħażna u tqassim ta' tessuti u ta' ċelloli tal-bniedem ([3]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/17/KE tat-8 ta' Frar 2006 ([4]) li timplimenta d-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ċerti rekwiżiti tekniċi għad-donazzjoni, għall-ksib u għall-ittestjar tat-tessuti u taċ-ċelluli umani,

— wara li kkunsidra l-Prinċipji Gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa dwar it-Trapjant ta' Ċelluli, Tessuti u Organi Umani,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina u l-Protokoll Addizzjonali tagħha dwar it-Trapjant ta' Organi u Tessuti ta' Oriġini Umana,

— wara li kkunsidra t-Trattat ta' Oviedo dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Bijomediċina, u l-protokoll addizzjonali tiegħu dwar it-trapjanti ta' organi u ta' tessuti ta' oriġini umana,

— wara li kkunsidra d-data Ewropea dwar l-attivitajiet ta' donazzjoni u ta' trapjant ta' Tessuti u ta' Ċelluli Emopojetiċi u Riproduttivi tar-Rapport tal-2010 tar-Reġistru Ewropew għall-Organi, it-Tessuti u ċ-Ċelluli,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2005 dwar il-kummerċ ta' ċelluli tal-bajd uman ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0223/2012),

A. billi t-tessuti u ċ-ċelluli mogħtija, bħalma huma l-ġilda, l-għadam, l-għeruq, il-kornej u ċ-ċelluli staminali emopojetiċi, qed ikunu użati aktar fit-terapiji mediċi u bħala materjal inizjali għall-prodotti mediċinali tat-terapija avvanzata (ATMP); billi d-Direttiva 2004/23/KE tistipula li l-Istati Membri għandhom ifittxu li jiżguraw donazzjonijiet volontarji u b'xejn u għandhom ifittxu wkoll li jiżguraw li x-xiri ta' tessuti u ċelluli jsir fuq il-bażi li ma jwassalx għal profitt; billi dan huwa obbligu legali ċar, u jekk Stat Membru ma jikkonformax mal-prinċipju, jistgħu jinfetħu proċedimenti ta' ksur;

B. billi skont l-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 2004/23/KE, l-Istati Membri għandhom iressqu rapporti lill-Kummissjoni kull tliet snin dwar il-prattika tad-donazzjoni volontarja u mingħajr ħlas;

([1]) ĠU C 161E, 31.5.2011, p. 65.
([2]) ĠU L 324, 10.12.2007, p. 121.
([3]) ĠU L 102, 7.4.2004, p. 48.
([4]) ĠU L 38, 9.2.2006, p. 40.
([5]) ĠU C 320 E, 15.12.2005, p. 251.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

C. billi 27 mid-29 pajjiż li rrappurtaw għandhom xi forma ta' dispożizzjonijiet li jirregolaw il-prinċipju tad-donazzjoni volontarja u mingħajr ħlas ta' tessuti u ċelluli (jorbtu jew ma jorbtux);

D. billi 13-il pajjiż għandhom prinċipji ta' gwida dwar il-possibilità li jingħataw forom ta' kumpens jew inċentivi lid-donaturi ta' tessuti u ċelluli;

E. billi 19-il pajjiż irrappurtaw li jipprovdu xi forma ta' kumpens jew inċentivi għad-donaturi ħajjin ta' tessuti u ċelluli (esklużi ċ-ċelluli riproduttivi);

F. billi 14-il pajjiż jagħtu xi forma ta' kumpens jew inċentivi għad-donazzjoni taċ-ċelluli riproduttivi;

G. billi erba' pajjiżi jipprovdu forom ta' kumpens jew inċentivi lill-qraba tad-donaturi mejta;

H. billi s-sensibilizzazzjoni mmirata tal-pubbliku u t-tixrid ta' informazzjoni medika ċara, vera, b'bażi xjentifika u konvinċenti fil-livell nazzjonali u Ewropew, partikolarment fost iċ-ċirku immedjat tal-pazjent, għandhom rwol importanti ferm sabiex tkun appoġġjata l-opinjoni pubblika u jiżdiedu r-rati ta' donazzjoni tat-tessuti u ċ-ċelluli;

I. billi r-reklamar tal-ħtieġa jew id-disponibilità ta' tessuti u ċelluli tal-bniedem bil-għan li jiġi offrut jew biex isir gwadann finanzjarju jew vantaġġ komparabbli, għandu jkun projbit;

J. billi, waqt li 11-il pajjiż uffiċjalment għandhom politiki stabbiliti li jaħdmu għall-promozzjoni tal-awtosuffiċjenza tat-tessuti u ċ-ċelluli, 17-il pajjiż ieħor għandhom ftehimiet bilaterali mmirati lejn l-istess objettiv ta' provvista fuq livell nazzjonali ta' tessuti u ċelluli tal-bniedem;

K. billi huwa wkoll tal-akbar importanza etika li tiġi żgurata, sa fejn huwa possibbli, provvista adegwata ta' tessuti u ċelluli meħtieġa għal raġunijiet mediċi; billi dik il-provvista għandha tiġi amministrata fl-interess taċ-ċittadini u għalhekk għandha tiġi sorveljata minn korpi pubbliċi;

L. billi l-maġġoranza tal-pajjiżi li rrappurtaw għandhom kolletturi/fornituri pubbliċi ta' tessuti u ċelluli jew sistema doppja ta' kolletturi/fornituri privati u pubbliċi;

M. billi l-ksib ta' tessuti u ċelluli tal-bniedem għandu jsir minn persuni li jkunu lestew b'suċċess programm ta' taħriġ speċifikat minn grupp kliniku li jispeċjalizza fit-tessuti u ċ-ċelluli li jkollhom jinkisbu jew impjant tat-tessuti awtorizzat għall-ksib;

N. billi t-tneħħija ta' tessuti u ta' ċelluli għall-benefiċċju tar-riċeventi tista' ssir biss taħt żewġ kundizz-jonijiet: għandha ssir għal finijiet mediċi jew xjentifiċi u terapewtiċi u l-elementi kollha meħuda għandhom ikunu parti minn donazzjoni li ssir bħala att ta' ġenerożità;

O. billi t-tneħħija ta' tessuti u ċelluli għandu jiġi kkontrollat mill-prinċipji li ġejjin: l-anonimità (ħlief fil-każ ta' teħid ta' tessuti u ċelluli għal qraba ta' persuna ħajja), ikun mingħajr ħlas, l-għoti ta' kunsens, u l-obbligu li t-trapjanti jitqassmu b'mod ugwali fost il-pazjenti, u s-salvagwardja tas-saħħa tad-donaturi u r-riċeventi;

P. billi t-tneħħija tat-tessuti u taċ-ċelluli jista' jitwettaq biss jekk id-donatur ikun ta l-kunsens liberu u infurmat tiegħu minn qabel u bil-miktub; billi dan il-kunsens jista' jiġi rtirat f'kull ħin, mingħajr ebda rekwiżit partikolari dwar il-format;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

Q. billi l-użu ta' tessuti u ċelluli biex ikunu applikati għall-ġisem tal-bniedem iġorr riskju ta' trażmissjoni ta' patoloġiji għar-riċeventi; billi dak ir-riskju jista' jitnaqqas b'aktar attenzjoni fl-għażla, evalwazzjoni tad-donaturi potenzjali qabel it-teħid, li tkun ibbażata fuq analiżi tar-riskji u l-benefiċċji, bl-ittestjar u l-monitoraġġ ta' kull donazzjoni u bl-applikazzjoni ta' proċeduri għall-ksib ta' tessuti u ċelluli skont ir-regoli u l-proċessi stabbiliti u aġġornati skont l-aħjar parir xjentifiku disponibbli;

R. billi d-donazzjoni ta' xi tessuti jew ċelluli toħloq riskju serju għad-donatur; u billi dan ir-riskju huwa partikolarment għoli fir-rigward ta' donazzjoni ta' ċelluli tal-bajd minħabba t-trattament tal-ormoni li huwa meħtieġ bi tħejjija għad-donazzjoni;

S. billi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, li hija l-prinċipju ewlieni għall-Unjoni Ewropea u li bdiet torbot legalment wara li daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona, tipprojbixxi li l-ġisem tal-bniedem u l-partijiet tiegħu, bħala tali, jintużaw bħala mezz ta' gwadann finanzjarju;

T. billi jkun mixtieq li l-Istati Membri kollha jkollhom regoli vinkolanti biex jinfurzaw dak il-prinċipju etiku, inkluż permezz tal-liġijiet kriminali;

U. billi, madankollu, jibqa' dubji rigward il-kompatibbiltà ta' ċerti tipi ta' kumpens ipprovduti b'konnessjoni mad-donazzjonijiet, ma' dan il-prinċipju etiku, b'mod partikolari meta tali kumpens jiġi pprovdut lill-familjari tad-donaturi mejta;

V. billi d-donazzjoni bla ħlas mhijiex biss prinċipju etiku iżda wkoll neċessarju biex jipproteġi s-saħħa tad-donatur u tar-riċevent, minħabba li l-involviment ta' ammonti kbar ta' flus fil-proċess tad-donazzjoni jista' jistimula lid-donatur biex jieħu r-riskji u jista' jxekkel l-iżvelar tar-riskji fl-istorja medika tiegħu/tagħha;

W. billi hemm ħafna evidenza li turi li t-trapjant alloġeniku tad-demm tal-kurdun diġà huwa ta' suċċess għal ħafna pazjenti, u billi hemm ukoll rapporti kredibbli li f'xi każijiet it-trattament awtologu b'dawn it-tipi ta' ċelluli jista' jkun ta' suċċess;

X. billi rapporti minn sorsi serji tal-midja jissuġġerixxu li fil-qasam tat-tessuti u taċ-ċelluli l-prinċipju tad-donazzjoni bla ħlas qed jinkiser ripetutament;

Y. billi l-kapaċità għar-rintraċċar ta' ċelluli u tessuti mid-donatur għar-riċevent u viċe versa u segwitu fit-tul ta' donaturi ħajjin u ta' riċeventi taċ-ċelluli u tat-tessuti huma elementi ċentrali għall-ġestjoni tas-sikurezza u tal-kwalità;

1. Jilqa' l-preżentazzjoni tat-Tieni Rapport dwar id-Donazzjoni Volontarja u Bla Ħlas ta' Tessuti u Ċelluli, li juri li qed isir ħafna fl-Istati Membri biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' donazzjoni bla ħlas, iżda juri wkoll li għad fadal ħafna xi jsir;

2. Jinnota bi tħassib li nofs l-Istati Membri jiddikjaraw li regolarment qed iħabbtu wiċċhom ma' nuqqas ta' tessuti u ċelluli tal-bniedem, b'mod partikolari tan-nerv li jgħaddi mis-sinsla, tal-gameti u ta' tessuti bħall-kornea u l-ġilda, u li jeħtieġ għalhekk li ssir reviżjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni fis-seħħ li qed juru li mhumiex biżżejjed sabiex jiffaċċjaw l-isfida tal-awtosuffiċjenza fi ħdan l-Unjoni Ewropea;

***In-nonremunerazzjoni, il-kunsens u s-salvagwardja tas-saħħa***

3. Jenfasizza li d-donazzjoni għandha tkun volontarja, mingħajr ħlas u anonima (ħlief fil-każ ta' teħid minn persuna li tkun għadha ħajja għal qarib tagħha), irregolata minn regoli ġuridiċi u etiċi li jirrispettaw l-integrità tal-persuna;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

4. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jadottaw miżuri li jipproteġu d-donaturi ħajjin u jiggarantixxu li d-donazzjoni tkun waħda anonima (ħlief fil-każ ta' teħid minn persuna għadha ħajja għal qarib tagħha), volontarja, b'kunsens liberu, infurmat u mingħajr ħlas;

5. Jitlob lill-Kummissjoni tissorvelja b'attenzjoni l-iżviluppi fl-Istati Membri, teżamina b'attenzjoni kull rapport mis-soċjetà ċivili jew mill-midja dwar ksur tal-prinċipju ta' donazzjoni mingħajr ħlas, u tieħu azzjoni xierqa, inkluż jekk meħtieġ, l-użu ta' proċedimenti ta' ksur;

6. Jemmen li huwa vitali li l-Istati Membri kollha jiddefinixxu b'mod ċar il-kundizzjonijiet li taħthom ikun jista' jingħata kumpens ġust u proporzjonali, waqt li jikkunsidraw li l-kumpens huwa limitat b'mod strett għal kundizzjonijiet li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż mġarrba fid-donazzjoni ta' tessuti u ċelluli, bħall-ispejjeż ta' vjaġġar, it-telf ta' dħul jew spejjeż mediċi, marbuta ma' proċedura medika jew effetti negattivi possibbli, b'hekk jiġi projbit kwalunkwe inċentiv finanzjarju u jiġu evitati żvantaġġi għal donaturi potenzjali; kumpens bħal dan għandu jkun trasparenti u awditjat b'mod regolari;

7. Jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta dwar prattiki u kriterji nazzjonali attwali għall-kumpens ta' donaturi ħajjin, b'mod speċjali fir-rigward ta' donazzjoni ta' ċelluli tal-bajd;

8. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li kwalunkwe kumpens ipprovdut lid-donaturi jkun kompatibbli mal-prinċipji etiċi; jagħti l-parir li għandha tingħata attenzjoni partikolari lil din il-kwistjoni meta l-kumpens ma jingħatax lid-donatur, iżda jingħata lill-familja tad-donatur wara l-mewt;

9. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li d-donaturi ħajjin jintgħażlu abbażi ta' evalwazzjoni tas-saħħa u l-istorja medika tagħhom, inkluża, jekk jitqies li dan ikun meħtieġ, evalwazzjoni psikoloġika bbażata fuq analiżi dwar ir-riskju u l-benefiċċji, minn professjonisti kkwalifikati u mħarrġa;

10. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jieħdu miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' teħid ta' tessuti u ta' ċelluli għall-persuni taħt l-età u għall-adulti li jkunu taħt kura ta' tutur;

***Anonimità, traċċabilità, trasparenza u informazzjoni***

11. Jisħaq li l-prinċipji ta' trasparenza u ta' sikurezza huma essenzjali għall-ilħuq ta' livell għoli ta' appoġġ pubbliku għad-donazzjonijiet; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jaħdmu ħalli joħolqu sistema ta' donazzjonijiet trasparenti li tkun sigura għad-donaturi u r-riċeventi;

12. Jistieden lill-Istati Membri kollha jistabbilixxu regoli li jiżguraw it-traċċabilità ta' tessuti u ċelluli ta' oriġini umana mid-donatur għall-pazjent u viċe versa, kif ukoll sistema li tirregola l-importazzjonijiet ta' tessuti u ċelluli tal-bniedem minn pajjiżi terzi, biex tiżgura li jiġu applikati standards ekwivalenti ta' kwalità u sikurezza;

13. Jistieden lill-Istati Membri biex jintensifikaw il-kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni tagħhom mal-pubbliku favur id-donazzjoni ta' tessuti u ta' ċelluli u biex jiżguraw il-provvediment ta' informazzjoni medika ċara, vera, b'bażi xjentifika u konvinċenti u data li tippermetti lill-pubbliku sabiex jagħmel għażliet infurmati; jenfasizza li d-donaturi għandhom ikunu infurmati bis-sħiħ dwar il-proċeduri użati f'dan il-proċess u l-konsegwenzi morali, psikoloġiċi, mediċi u soċjali tagħhom;

14. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni koordinata sabiex ikun evitat l-iżvilupp ta' suq iswed tal-gameti fuq l-Internet, peress li dan is-suq jissogra li jipperikola kemm il-kwalità kif ukoll is-sikurezza tat-tessuti u ċ-ċelluli u jqajjem problemi ġuridiċi, etiċi u ta' saħħa pubblika;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

***L-iskambju tal-aħjar prattika u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni Ewropea u internazzjonali***

15. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jintensifikaw l-iskambji tal-aħjar prattiki, speċjalment rigward il-provvista ta' tessuti u ċelluli, il-preservazzjoni tal-kwalità tat-tessuti u taċ-ċelluli waqt it-trasport tagħhom, is-sensibilizzazzjoni għad-donazzjoni u t-taħriġ tal-persunal tas-saħħa;

16. Jistenna li l-Istati Membri kollha jistabbilixxu banek pubbliċi tat-tessuti u taċ-ċelluli;

17. Jitlob għal standards u rekwiżiti Ewropej għal banek tat-tessuti u taċ-ċelluli;

18. Iqis li, sabiex jiġi segwit il-prinċipju imperattiv etiku li tiġi żgurata provvista adegwata, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iqisu l-possibbiltà tat-twaqqif ta' bażi tad-data fl-Ewropa kollha ta' donaturi u riċeventi potenzjali sabiex il-provvista tiġi amministrata fl-interess ġenerali u, meta jkun possibbli, jiġi evitat in-nuqqas tal-provvista;

19. Iqis li r-rwol tal-ftehimiet bilaterali huwa estremament importanti għall-appoġġ tal-pajjiżi li jkollhom skarsezza ta' tessuti u ċelluli jew li ma jkollhom l-ebda donaturi domestiċi li jaqblu u sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni dwar it-tessuti u ċ-ċelluli timxi iżjed liberament bejn l-Istati;

20. Fil-kuntest Ewropew, ifaħħar b'mod partikolari r-rwol f'dan il-qasam ta' Eurocet, li żvolġa rwol kruċjali bħala l-bażi ta' data ċentrali Ewropea għall-ġbir tad-data dwar id-donazzjoni ta' tessuti u ċelluli u l-attivitajiet ta' trapjant; jistieden lill-awtoritajiet tal-Istati Membri sabiex isaħħu l-kollaborazzjoni tagħhom mal-Eurocet ħalli jilħqu ftehim dwar iżjed standards komuni fid-donazzjoni ta' ċelluli u tessuti u b'hekk il-professjonisti tal-qasam tal-kura tas-saħħa jkunu jistgħu jtejbu t-tlaqqigħ tat-tessuti u ċ-ċelluli offruti liċ-ċittadini Ewropej;

21. Jistieden lill-Istati Membri biex jesploraw l-opportunitajiet kollha possibbli għal kooperazzjoni internazzjonali usa' f'dan il-qasam, b'mod partikolari rigward l-użu potenzjali taċ-ċelluli staminali emopojetiċi;

***Demm tal-kurdun u ċelluli staminali***

22. Jirrikonoxxi l-avvanzi xjentifiċi sinifikanti magħmula fil-qasam tad-demm tal-kurdun, li jikkostitwixxi alternattiva terapewtika promettenti ħafna fit-trattament għal ħafna mard, inkluż il-mard tat-tfal;

23. Jieħu nota li attwalment, il-provi kliniċi li jużaw iċ-ċelluli staminali tad-demm tal-kurdun umbilikali għat-trattament marbut ma' mard mhux ematoloġiku qed iseħħu l-aktar barra l-UE; għalhekk jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri adegwati sabiex jistabbilixxu qafas regolatorju li jista' jistimula disponibilità akbar ta' ċelluli staminali tad-demm tal-kurdun umbilikali;

24. Jiddispjaċih li attwalment, iċ-ċelluli staminali mid-demm tal-kurdun umbilikali huma maħżuna biss sa 1 % min-numru totali ta' twelid fl-Unjoni Ewropea; jenfasizza, konsegwentement, l-importanza li l-ommijiet jqiegħdu d-demm tal-kurdun u t-tessuti mat-twelid ġewwa banek, li jaderixxu ma' standards etiċi u operazzjonali komuni, sabiex jgħinu fit-trattament tal-mard u biex issir iżjed riċerka fil-qasam; jenfasizza, barra minn hekk, li t-traċċabilità għandha tkun waħda mill-kundizzjonijiet meħtieġa għall-awtorizzazzjoni ta' dawn il-banek fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew; jenfasizza li l-proċess ta' allokazzjoni permezz ta' banek bħal dawn għandu jkun proċess ġust, ekwu, mhux diskriminatorju u trasparenti;

25. Jieħu nota li l-banek pubbliċi taċ-ċelluli għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipproteġu l-kunfidenzjalità tad-data sabiex ir-rekwiżit tat-traċċabilità jiġi rikonċiljat mal-bżonn li jkunu protetti d-drittijiet tad-donatur, bħalma huma l-kunfidenzjalità u l-privatezza medika;

26. Hu tal-fehma li donazzjonijiet ta' demm tal-kurdun umbilikali alloġeniku mhux familjari —kemm jekk il-bank ikun pubbliku kif ukoll jekk privat — għandhom ikunu żviluppati aktar, b'mod li l-unitajiet maħżuna ta' demm tal-kurdun umbilikali jkunu rreġistrati fil-bażi ta' data tal-Bank Dinji tad-Donaturi tal-Mudullun (BDMW) u li jkunu għad-dispożizzjoni ta' kwalunkwe pazjent li huwa kompatibbli u li għandu bżonnhom;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

27. Ifakkar li din id-donazzjoni għandha tkun soġġetta għall-kunsens mill-omm li jkun liberu, infurmat u nnotifikat bil-miktub, u li dan il-kunsens jista' jiġi rtirat mingħajr formalitajiet f'kull mument qabel id-donazzjoni;

28. Jistieden lill-Istati Membri jqajmu għarfien dwar il-banek pubbliċi tad-demm tal-kurdun permezz ta' kampanji ta' informazzjoni li jistgħu jseħħu, pereżempju, matul klassijiet ta' qabel it-tqala, u jipproponi dan f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

29. Iqis li l-irġiel u n-nisa għandhom ikunu infurmati dwar l-għażliet eżistenti marbuta mad-donazzjoni tad-demm tal-kurdun mat-twelid pereżempju: il-ħażna pubblika jew privata, id-donazzjoni għal skopijiet awtologi u eterologi jew għar-riċerka; iqis li informazzjoni komprensiva, oġġettiva u akkurata għandha tkun ipprovduta dwar il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' banek tad-demm tal-kurdun;

30. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu fl-istess ħin il-protezzjoni tad-dritt tal-ġenituri għal kunsens infurmat u għal libertà tal-għażla fir-rigward ta' prattiki ta' preservazzjoni taċ-ċelluli staminali tad-demm tal-kurdun;

31. Jipproponi li l-Istati Membri jikkunsidraw l-adozzjoni u l-infurzar ta' standards operazzjonali u etiċi għall-banek tad-demm tal-kurdun pubbliċi u privati li jħarsu l-prinċipju tan-nonkummerċjalizzazzjoni tal-ġisem tal-bniedem u l-partijiet tiegħu, pereżempju, u li jiżguraw it-traċċabilità;

32. Jistenna li l-Istati Membri kollha jistabbilixxu tal-anqas bank pubbliku taċ-ċelluli staminali wieħed;

33. Jitlob li l-opinjoni maħruġa fl-2004 mill-Grupp Ewropew dwar l-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġiji l-Ġodda dwar "Aspetti Etiċi relatati mal-Banek tad-Demm tal-Kurdun Umbilikali" (l-Opinjoni Nru 19) tiġi aġġornata fid-dawl tal-iżviluppi fil-preservazzjoni taċ-ċelluli staminali tad-demm tal-kurdun u l-provi kliniċi kontinwi dwar l-użu taċ-ċelluli staminali tad-demm tal-kurdun umbilikali;

34. Jistieden l-Istati Membri sabiex jipprovdu netwerk territorjali tal-kliniki tal-maternità awtorizzati sabiex iwettqu dan it-teħid bil-għan li tiġi ggarantita l-provvista tad-demm tal-kurdun fiż-żoni kollha tal-popolazzjoni;

35. Jitlob li l-banek kollha li jirrispettaw l-istandards operazzjonali tal-UE għall-ġabra u l-ħażna tad-demm tal-kurdun jiġu kkonsultati mill-awtoritajiet nazzjonali meta jkunu qed jiġu definiti u implimentati strateġiji ta' kampanji nazzjonali ta' informazzjoni maħsuba għall-ġenituri;

36. Jitlob għal standards u rekwiżiti Ewropej għal banek privati taċ-ċelluli staminali;

37. Jinnota li mudelli u opportunitajiet ta' kollaborazzjoni bejn setturi pubbliċi u privati diġà jeżistu f'xi Stati Membri, u jinkoraġġixxi l-banek pubbliċi u privati tad-demm tal-kurdun sabiex jikkollaboraw iżjed mill-qrib ħalli jżidu l-disponibbiltà u l-iskambju tal-kampjuni nazzjonali, Ewropej u internazzjonali tad-demm tal-kurdun u t-tessuti; jistieden lill-Istati Membri jirregolaw kif xieraq il-banek pubbliċi u privati sabiex tkun garantita t-trasparenza u s-sikurezza totali tad-demm tal-kurdun, b'enfasi fuq il-bżonn li l-banek jiżguraw prattiki ta' xogħol miftuħa u soda fit-tqassim tal-informazzjoni tagħhom, sabiex ikun ipprovdut benefiċċju massimu għall-pazjent;

38. Jenfasizza l-iżvilupp ta' proċeduri li mhumiex intrużivi ta' tkabbir taċ-ċelluli staminali bl-użu tal-ġbir periferali taċ-ċelluli staminali tad-demm (PBSC);

39. Hu tal-fehma li l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw iżidu l-għadd ta' donaturi tal-mudullun u taċ-ċelluli staminali ta' demm periferali, filwaqt li jtejbu r-reġistri tad-donaturi tal-mudullun sabiex, b'kollaborazzjoni mar-reġistri nazzjonali ta' pajjiżi oħra u permezz tal-BMDW kwalunkwe pazjent li jkun fi bżonn ta' trapjant ta' ċelluli staminali jkollu l-aħjar probabilità li jsib donatur kompatibbli;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

40. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw programmi li jħeġġu lill-minoranzi etniċi biex jagħtu tessuti u ċelluli lill-banek pubbliċi sabiex jiġu indirizzati l-iskarsezzi ta' donaturi li jaqblu f'dan il-grupp;

41. Jenfasizza li hija l-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jippermettux, jipprojbixxux jew jirregolawx ir-riċerka biċ-ċelluli staminali embrijoniċi tal-bniedem u l-fertilizzazzjoni in vitro iżda l-Istat Membru kkonċernat f'dan ir-rigward għandu jirrispetta r-regoli stabbiliti fid-Direttiva 2004/23/KE, inklużi dawk dwar il-kwalità u s-sikurezza u dawk marbuta mal-prinċipju ta' donazzjoni mhux imħallsa; jieħu nota li l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza limitata f'dan il-qasam u, meta tapplika din il-kompetenza, trid tirrispetta l-prinċipji tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-prinċipji applikati fis-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;

42. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi, kemm jista' jkun malajr, reviżjoni tad-Direttiva 2004/23/KE, sabiex issir konformi mal-prinċipji li jirregolaw id-donazzjoni tal-organi stabbiliti fid-Direttiva 2010/45/UE, u sabiex jiġu kkunsidrati s-sitwazzjoni legali ġdida wara li daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona, l-iżviluppi xjentifiċi, l-esperjenza prattika ta' dawk involuti fis-settur u r-rakkomandazzjonijiet ta' dan ir-rapport;

43. Jistieden ukoll lill-Kummissjoni tipproponi reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1394/2007 sabiex tinkludi dispożizzjoni li tiggarantixxi l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' donazzjoni mingħajr ħlas simili għal dik imsemmija fid-Direttiva 2010/45/UE u biex tikkunsidra l-problemi li tfaċċaw fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-regolament, b'mod speċjali għall-SMEs;

*

* *

44. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri.

---

## Ir-rwol tan-nisa fl-ekonomija ħadra

P7_TA(2012)0321

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar ir-rwol tan-nisa fl-ekonomija ekoloġika (2012/2035(INI))**

(2013/C 353 E/05)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(3), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2011 intitolata'Rio+20: lejn l-ekonomija ekoloġika u governanza aħjar' (COM(2011)0363),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Marzu 2011 intitolata 'Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050' (COM(2011)0112),

— wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni tal-11 ta' Frar 2011 intitolata 'Rapport dwar il-progress għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-2010' (SEC(2011)0193),

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010 intitolata 'Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015' (COM(2010)0491),

— wara li kkunsidra r-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa organizzata f'Beijing f'Settembru 1995, id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni adottati f'Beijing u d-dokumenti riżultanti sussegwenti adottati mis-Sessjonijiet Speċjali tan-Nazzjonijiet Uniti Beijing +5, +10 u +15 dwar aktar azzjonijiet u inizjattivi għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni ta' Beijing u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, adottati fid-9 ta' Ġunju 2000, fil-11 ta' Marzu 2005 u fit-2 ta' Marzu 2010 rispettivament,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tat-18 ta' Diċembru 1979 dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-2012 intitolat 'Rieżami tal-Implimentazzjoni fl-UE ta' qasam K tal-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing: In-nisa u l-Ambjent, l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u t-Tibdil fil-Klima',

— wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni konġunta tal-Programm Ambjentali tan-Nazzjonijiet Uniti (UNEP), il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) u l-Uffiċċju tar-Rappreżentant Għoli għall-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati, il-Pajjiżi li qed Jiżviluppaw Imdawrin bl-Art u l-Istati Gżejjer Żgħar li qed Jiżviluppaw (UN-OHRLLS) tar-rapport "Why a Green Economy matters for the Least Developed Countries" (Ir-raġunijiet għalfejn ekonomija ekoloġika hija importanti għall-pajjiżi l-anqas Żviluppati) ([1]), ippreparat għall-Konferenza LDC-IV f'Mejju 2011,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-UNEP ta' Settembru 2008 bl-isem "Green Jobs: Towards Decent Work in a Sustainable, Low-Carbon World" (Impjiegi Ekoloġiċi: Lejn Xogħol Diċenti f'Dinja Sostenibbli, b'Livell Baxx ta' Karbonju) ([2]),

— wara li kkunsidra r-rapport tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-Nisa tal-1 ta' Novembru 2011 intitolat 'The Centrality of Gender Equality and the Empowerment of Women for Sustainable Development' (Iċ-ċentralità tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-Empowerment tan-Nisa għall-Iżvilupp Sostenibbli) ([3]), imħejji fl-istennija tad-dokument riżultanti tal-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (Rio+20) li ser issir fl-2012,

— wara li kkunsidra s-Sommarju tad-Dikjarazzjoni dwar il-Pożizzjoni tal-Grupp Maġġuri tan-Nisa Rio+20 tal-1 ta' Novembru 2011 ([4]),

— wara li kkunsidra d-dokument dwar il-pożizzjoni tal-Grupp Maġġuri tan-Nisa ta' Marzu 2011 bi preparazzjoni għall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli 2012 intitolat 'A Gender Perspective on the 'Green Economy" (Perspettiva tal-Ġeneru dwar 'l-Ekonomija Ekoloġika') ([5]),

— wara li kkunsidra l-pubblikazzjoni tar-rapport uffiċjali tal-gvern (Stokkolma, l-Isvezja) tal-2005 bl-isem "Bilen, Biffen, Bostaden: Hållbara laster – smartare konsumtion" ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' April 2012 dwar in-nisa u t-tibdil fil-klima ([7]),

---

([1]) http://unctad.org/en/Docs/unep_unctad_un-ohrlls_en.pdf
([2]) http://www.unep.org/labour_environment/features/greenjobs-report.asp.
([3]) http://www.unwomen.org/wp-content/uploads/2011/11/Rio+20-UN-Women-Contribution-to-the-Outcome-Document.pdf.
([4]) http://www.womenrio20.org/Women's_MG_Rio+20_Summary.pdf.
([5]) http://www.wecf.eu/download/2011/March/greeneconomyMARCH6docx.pdf.
([6]) http://www.regeringen.se/content/1/c6/04/59/80/4edc363a.pdf.
([7]) Testi adottati, P7_TA(2012)0145.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Marzu 2012 dwar in-nisa fit-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi – kwalità u ugwaljanza ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-13 ta' Marzu 2012 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2011 ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-29 ta' Settembru 2011 dwar l-iżvilupp ta' pożizzjoni komuni tal-UE qabel il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (Rio+20) ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010 dwar l-iżvilupp tal-potenzjal ta' ħolqien ta' impjiegi ta' ekonomija sostenibbli ġdida ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar aspetti rigward il-ġeneru fil-kuntest tar-reċessjoni ekonomika u l-kriżi finanzjarja ([5]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0235/2012),

A. billi ekonomija ekoloġika tiddefinixxi ruħha bħala ekonomija sostenibbli, li tfisser sostenibilità soċjali u ekoloġika; billi s-sostenibilità soċjali tinvolvi ordni soċjali bbażat fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-ġustizzja soċjali, indipendentement mis-sess, l-oriġini etnika, il-kulur, ir-reliġjon, l-orjentazzjoni sesswali, diżabilità jew l-opinjoni politika;

B. billi t-tibdil tal-klima u t-tnaqqis tal-bijodiversità qed jheddu l-kundizzjonijiet tal-għajxien u l-benessri tan-nisa u tal-irġiel; billi l-konservazzjoni tal-ekosistema tagħna hija l-pedament ta' ekonomija ekoloġika; billi l-ġenerazzjoni tal-lum ma tistax tafda r-responsabilità is-sejba ta' soluzzjonijiet tal-problemi ambjentali attwali f'idejn il-ġenerazzjonijiet li ġejjin; billi s-sostenibbiltà ekoloġika tinvolvi l-użu, il-konservazzjoni u t-titjib tar-riżorsi tal-komunità sabiex il-proċessi ekoloġiċi li fuqhom tiddependi l-ħajja jiġu ppreservati u l-kwalità tal-ħajja totali, issa u fil-futur, tkun tista' tiżdied;

C. billi minħabba r-rwoli relatati mal-ġeneri, in-nisa ma jaffettwawx l-ambjent bl-istess mod bħall-irġiel, u f'diversi pajjiżi, in-normi strutturali u d-diskriminazzjoni jillimitaw l-aċċess tan-nisa għar-riżorsi, u l-possibilitajiet tagħhom li jiġġestixxu l-kundizzjonijiet u li jadattaw;

D. billi l-politiki ambjentali għandhom impatt dirett fuq is-saħħa u l-istatus soċjoekonomiku tal-individwi, u billi l-inugwaljanza bejn il-ġeneri, flimkien ma' nuqqas ta' sensittività għall-istatus u l-ħtiġijiet ekonomiċi u soċjali differenti tan-nisa, jissarrfu f'tendenza li n-nisa jsofru b'mod sproporzjonat minħabba d-degradazzjoni ambjentali u l-politiki inadegwati f'dan il-qasam;

E. billi f'ċerti Stati Membri, ir-rwol tal-mara fl-ekonomija ekoloġika għadu sottovalutat u mhux rikonoxxut, bir-riżultat li jinħolqu diversi tipi ta' diskriminazzjoni f'termini ta' benefiċċji mitlufa, bħal pereżempju l-ħarsien soċjali, l-assigurazzjoni tal-kura tas-saħħa, pagi xierqa u drittijiet tal-pensjoni;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0070.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0069.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0430.
([4]) ĠU C 308 E, 20.10.2011, p. 6.
([5]) ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 79.

F. billi l-aktar persuni foqra, li hu stmat li 70 % minnhom huma nisa, ser jintlaqtu l-aktar mit-tibdil fil-klima u mill-qerda tal-ekosistema;

G. billi t-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u sostenibbli hija essenzjali sabiex jitnaqqas l-impatt ambjentali, tissaħħaħ il-ġustizzja soċjali u tinħoloq soċjetà fejn in-nisa u l-irġiel għandhom l-istess drittijiet u opportunitajiet;

H. billi t-tranżizzjoni lejn l-ekonomija ekoloġika sikwit toħloq sfidi partikolari fir-rigward tal-integrazzjoni tan-nisa fis-suq tal-impjiegi ekoloġiċi, minħabba li n-nisa sikwit ma jkollhomx it-taħriġ tekniku meħtieġ biex iwettqu rwol speċjalisti fl-ekonomija ekoloġika;

I. billi jidher ċar li n-nisa mhumiex rappreżentati biżżejjed waqt in-negozjati ambjentali, id-diskussjonijiet baġitarji u t-teħid ta' deċiżjonijiet relatati mal-kisba ta' ekonomija ekoloġika;

J. billi d-drawwiet tal-konsum u tal-istil tal-ħajja għandhom effett sinifikanti fuq l-ambjent u l-klima; billi d-drawwiet tal-konsum tal-pajjiżi sinjuri, b'mod partikolari fl-oqsma tal-ikel u tat-trasport, mhumiex sostenibbli fit-tul, l-aktar jekk wieħed iqis li n-nisa u l-irġiel kollha tad-dinja għandhom id-dritt li jkollhom kwalità ta' ħajja tajba b'livell adegwat ta' benessri;

K. billi n-nisa u l-irġiel ġeneralment għandhom drawwiet ta' konsum differenti; billi n-nisa jikkunsmaw anqas mill-irġiel, ikun xi jkun l-istat soċjoekonomiku tagħhom, imma apparti minn hekk in-nisa donnhom li għandhom aktar rieda li jieħdu azzjoni favur il-ħarsien tal-ambjent permezz tad-drawwiet tal-konsum, bħal pereżempju billi jieklu anqas laħam, isuqu anqas u jużaw l-enerġija b'mod aktar effiċjenti;

L. billi n-nisa, minħabba l-istruttura attwali tal-poter skont il-ġeneru, m'għandhomx l-istess kontrol bħall-irġiel fuq is-sistema tat-trasport, u lanqas għandhom l-istess aċess għaliha; billi biex jitjiebu l-opportunitajiet tat-trasport tan-nisa jeħtieġ li jiġu introdotti mezzi aktar effiċjenti tat-trasport pubbliku, aktar rotot tal-mixi u tar-roti u distanzi iqsar għas-servizzi, u li jitjiebu l-għarfien u l-innovazzjoni fir-rigward ta' mezzi ta' trasport favorevoli għall-ambjent;

M. billi n-nisa huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti ta' perikli ambjentali u t-tibdil fil-klima minħabba li l-istatus soċjoekonomiku tagħhom huwa aktar baxx minn dak tal-irġiel, minħabba s-sehem tagħhom ta' responsabbiltajiet domestiċi li tradizzjonalment hu sproporzjonatament kbir, u l-periklu li jkunu esposti għall-vjolenza f'sitwazzjonijiet ta' konflitti maħluqa jew aggravati minħabba l-iskarsezza tar-riżorsi naturali;

N. billi jeħtieġ li n-nisa jipparteċipaw bis-sħiħ fit-tfassil tal-politiki, it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-implimentazzjoni ta' ekonomija ekoloġika; billi l-parteċipazzjoni tan-nisa rriżultat f'titjib fir-rispons ta' emerġenza, żieda fil-bijodiversità u fis-sikurezza tal-ikel, tnaqqis fid-deżertifikazzjoni u aktar ħarsien tal-foresti;

O. billi hemm nuqqas ta' data komprensiva u komparabbli dwar l-impatt ta' ekonomija ekoloġika fuq is-suq tax-xogħol;

***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Jappoġġa l-bżonn li s-soċjetà tiġi orjentata lejn ekonomija ekoloġika, fejn il-ħtiġijiet ambjentali jimxu id f'id mas-sostenibilità soċjali, pereżempju t-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn is-sessi u tal-ġustizzja soċjali;

2. Jinnota li partijiet speċifiċi u importanti tal-ekonomija ekoloġika qed jaffettwaw l-ekosistema, il-konsum, l-ikel, it-tkabbir, it-trasport, l-enerġija u s-settur tal-benessri;

3. Jiddispjaċih li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-istituzzjonijiet u lill-Kumitati tal-UE dwar 'Rio+20: lejn l-ekonomija ekoloġika u governanza aħjar' ma tinkludix fiha perspettiva tal-ġeneri;

4. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiġbru l-informazzjoni mqassma skont l-età u skont il-ġeneru waqt l-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-istrateġiji, il-programmi u l-proġetti tal-baġits fl-oqsma tal-ambjent u tal-klima: jiddikjara li n-nuqqas ta' statistika jnaqqas l-għażliet għall-implimentazzjoni ta' miżuri adegwati għat-titjib fl-ugwaljanza;

5. Jiddispjaċih li l-kwistjonijiet u l-perspettivi relatati mal-ġeneru mhumiex integrati sew fil-politiki u l-programmi għall-iżvilupp sostenibbli; ifakkar li n-nuqqas ta' perspettivi relatati mal-ġeneru fil-politiki ambjentali jżid l-inugwaljanza tal-ġeneri, u jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi għall-integrazzjoni sistematika tal-ugwaljanza tal-ġeneru fil-livell internazzjonali, nazzjonali u reġjonali fil-politiki ambjentali;

6. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti bidu għal riċerka dwar il-ġeneri u l-ekonomija ekoloġika, kif ukoll il-kontribut tan-nisa għall-iżvilupp ta' innovazzjonijiet, servizzi u prodotti ekoloġiċi;

7. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw u jippromwovu riċerka u studji speċifiċi dwar kif il-bidla għal ekonomija ekoloġika se taffettwa lin-nisa u l-irġiel f'diversi setturi, u dwar ir-rwol essenzjali tan-nisa fil-faċilitazzjoni tat-tranżizzjoni; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw perspettiva tal-ġeneru fil-ħarsien ambjentali u fl-istudji ta' valutazzjoni tal-impatt ambjentali;

8. Jirrikonoxxi l-ħtieġa urġenti għal ftehim internazzjonali dwar definizzjoni komuni tal-ekonomija ekoloġika, ibbażata fuq il-pilastri tas-sostenibbiltà soċjali u ekoloġika; jenfasizza r-rwol sinifikanti tas-soċjetà ċivili, u b'mod speċjali tal-movimenti soċjali, l-organizzazzjonijiet ambjentali u l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, fid-definizzjoni tal-għanijiet u l-objettivi tal-ekonomija ekoloġika;

9. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex b'mod sistematiku tinkludi perspettiva ta' ugwaljanza tal-ġeneri fid-definizzjoni, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tal-politiki ambjentali fil-livelli kollha, inkluż l-iżvilupp lokali u reġjonali u l-attivitajiet tar-riċerka; jistieden lill-Kummissjoni tuża u tappoġġja l-promozzjoni tal-integrazzjoni tal-kwistjonijiet tal-ġeneru bħala strument tal-governanza tajba;

10. Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi l-ugwaljanza bejn is-sessi bħala kwistjoni prinċipali fit-tfassil u n-negozjar ta' regolamenti u programmi futuri għall-fondi strutturali tal-UE (il-FSE, il-FEŻR u l-PAK), speċjalment fil-qafas ta' miżuri relatati mal-bidla lejn ekonomija ekoloġika;

11. Jinnota li l-enerġija rinnovabbli tista' tiġi sfruttata f'żoni remoti u iżolati fejn m'hemmx elettriku, u li din tikkontribwixxi għall-produzzjoni ta' enerġija li ma tniġġisx; jinkoraġġixxi, għaldaqstant, lill-Istati Membri biex jiżviluppaw faċilitajiet biex jisfruttaw l-enerġija rinnovabbli u favorevoli għall-ambjent permezz tal-użu tal-FEŻR u tal-FSE; jinkoraġġixxi, għaldaqstant, aktar innovazzjoni u aktar parteċipazzjoni tan-nisa u tal-irġiel fl-iżvilupp ta' enerġija u arkitettura rinnovabbli u favorevoli għall-ambjent;

12. Jistieden lill-Kummissjoni biex fil-kampanji ta' informazzjoni tagħha, toħloq kuxjenza dwar l-importanza tat-tranżizzjoni lejn ekonomija ekoloġika u dwar l-effetti pożittivi ta' politiki ambjentali li jkunu sensittivi għal kwistjonijiet relatati mal-ġeneru;

***Konsum sostenibbli***

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw l-ugwaljanza tal-ġeneri fl-oqsma kollha tal-politika ambjentali u fil-livelli kollha tat-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi; jispjega li dawn il-miri għandhom jitwettqu f'konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili;

14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jibdew japplikaw indikatur ġdid tat-tkabbir soċjali u li jiffavorixxi l-klima, li jinkludi aspetti mhux ekonomiċi tal-benessri u jkun orjentat prinċipalment fuq kwistjonijiet relatati mal-iżvilupp sostenibbli bħall-ugwaljanza tal-ġeneru, it-tnaqqis tal-faqar u t-tnaqqis fil-livell ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra;

15. Jinnota li l-ħidma biex jiġu sodisfati l-ħtiġijiet leġittimi taċ-ċittadini għall-akkomodazzjoni, l-ikel, il-provvisti, l-enerġija u l-impjiegi trid dejjem issir b'mod li l-ekosistemi jiġu preservati u li jillimita t-tibdil fil-klima, filwaqt li r-riżorsi tad-dinja jintużaw b'mod konsistenti mad-drittijiet tal-bniedem, li jwassal għal aktar ugwaljanza u allokazzjoni msejsa fuq il-prinċipji tal-ugwaljanza ambjentali;

16. Jenfasizza l-importanza li jkun żgurat li t-tfal u t-tfal tat-tfal igawdu kundizzjonijiet tal-għajxien tajba u li l-iżvilupp ekonomiku jissodisfa l-ħtiġijiet attwali mingħajr ma jikkomprometti l-ġenerazzjonijiet ġejjiena;

17. Jenfasizza li l-PDG huwa biss kejl tal-produzzjoni u ma jkejjilx is-sostenibilità ambjentali, l-użu effiċjenti tar-riżorsi, l-inklużjoni soċjali jew l-iżvilupp soċjali b'mod ġenerali; jitlob li jiġi żviluppati indikaturi ġodda li jkunu ċari u jistgħu jitkejlu li jikkunsidraw il-bidliet fil-klima, il-bijodiversità, l-użu effiċjenti tar-riżorsi u l-ġustizzja soċjali;

18. Jistieden lill-Istati Membri biex jimplimentaw politiki fiskali orjentati lejn ekonomija ekoloġika, parzjalment billi jiffissaw il-prezz tal-impatt ambjentali u parzjalment billi jinvestu fondi biex jitħeġġu l-innovazzjonijiet ekoloġiċi u s-sistemi infrastrutturali sostenibbli;

19. Jemmen li l-fondi pubbliċi tal-UE għandhom jintużaw ħafna aktar għal użi kollettivi sostenibbli;

20. Jitlob li jiġu imposti kundizzjonijiet biex is-sussidji tal-UE jkunu limitati għal attivitajiet ta' benefiċċju għall-ambjent u li jiffavorixxu s-sostenibilità soċjali;

***Trasport sostenibbli***

21. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri joħolqu sistema ta' trasport sostenibbli li tqis bl-istess mod il-bżonnijiet tat-trasportazzjoni tan-nisa u tal-irġiel, u li fl-istess ħin ikollha impatt żgħir fuq l-ambjent;

22. Jistieden lill-Kummissjoni tiffoka l-finanzjament għar-riċerka, li hi lieva vitali, fuq proġetti għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tat-trasport innovattivi u sostenibbli;

23. Jistieden lill-Istati Membri jnaqqsu l-impatt ambjentali u tal-enerġija tas-settur tat-trasport u jtejbu l-ugwaljanza billi jaħdmu biex jiżdied l-aċċess għal sistemi tal-IT u l-ippjanar effiċjenti tat-traffiku;

24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintroduċu ġerarkija tat-trasport li tindika b'mod ċar il-metodi tat-trasport li għandhom jingħataw prijorità, biex jintlaħqu l-miri ġenerali fir-rigward tal-ambjent u taċ-ċirkulazzjoni tat-traffiku;

25. Jitlob li qabel ma titfassal kwalunkwe ġerarkija tat-trasport tingħabar data tal-istatistika li tkejjel l-impatt ambjentali tal-mezzi ta' trasport pubbliċi u privati fil-firxa sħiħa ta' kuntesti lokali differenti, u jistieden lill-amministrazzjoni pubblika konċernata tagħti l-eżempju f'din il-ħidma;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

26. Jistieden lill-Istati Membri jintegraw l-impatt tal-użu tat-trasport mill-amministrazzjonijiet pubbliċi fl-awditjar tal-kontijiet pubbliċi li jwettqu l-awtoritajiet tal-awditjar rispettivi;

27. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw ix-xogħol mid-dar permezz ta' inċentivi soċjali u fiskali, u billi jingħata qafas ġuridiku li jipproteġi l-ħaddiema;

28. Jistieden lill-Istati Membri biex isaħħu t-trasport pubbliku lokali b'mod sinifikanti billi jżidu l-kwantità u l-kwalità tas-servizzi tat-trasport, itejbu s-sikurezza, il-kumdità u l-aċċessibilità fiżika tal-mezzi u tal-faċilitajiet tat-trasport, u billi jipprovdu sistemi ta' trasport integrati u addizzjonali, anke lejn bliet żgħar u nħawi rurali, biex b'hekk tissaħħaħ il-ħila tan-nisa, ta' ersuni b'diżabilità u tal-anzjani li jivvjaġġaw, biex b'hekk igawdu aktar inkużjoni soċjali u titjib fil-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħhom;

29. Jisħaq li l-investiment f'sistemi tat-trasport sostenibbli jrid iqis il-fatt li l-viżjoni tan-nisa u tal-irġiel ta' 'spazji pubbliċi' hi differenti, u hija msejsa fuq valutazzjoni tar-riskju differenti, u dan ifisser li ambjenti sikuri fis-sistema tat-trasport għandhom ikunu prijorità, kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel;

***Benessri u impjiegi ekoloġiċi***

30. Jinnota li l-impjiegi ekoloġiċi f'setturi bħall-agrikoltura, l-enerġija, it-trasport, il-konsum, ir-riċerka, it-teknoloġija, it-teknoloġija tal-informatika, il-kostruzzjoni u l-iskart għandhom importanza tassew kbira f'ekonomija ekoloġika;

31. Jistieden lill-Istati Membri jippromwovu l-intraprenditorjat tan-nisa fl-ekonomija ekoloġika billi jiffaċiliataw l-aċċess tagħhom għaliha, billi jiddistribwixxu data, jagħmlu workshops ta' taħriġ, u billi joħolqu miżuri biex jgħinu lin-nisa jiksbu bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik privata; jistieden lill-Istati Membri jinkoraġġixxu l-intraprenditorjat tan-nisa fl-iżvilupp tal-ħarsien ambjentali u ta' teknoloġiji favorevoli għall-ambjent, pereżempju f'setturi bħall-enerġija rinnovabbli, l-agrikultura u t-turiżmu, u fl-iżvilupp ta' innovazzjonijiet ekoloġiċi, b'mod speċjali fis-settur tas-servizzi; Jinnota li l-enerġija rinnovabbli tista' toħloq opportunitajiet ġodda ta' impjieg għall-imprendituri nisa f'oqsma fejn ir-rata ta' qgħad fost in-nisa hi partikolarment għolja;

32. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li n-nisa jgawdu kundizzjonijiet tax-xogħol adegwati, ikollhom aċċess għal livell diċenti ta' kura tas-saħħa, edukazzjoni u akkomodazzjoni, u li jipparteċipaw b'leħen sod fi djalogi soċjali biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn l-impjiegi ekoloġiċi ġodda;

33. Jinnota li ekonomija sostenibbli tfisser "ekoloġija għal kulħadd", u toħloq xogħol deċenti u komunitajiet sostenibbli u tippermetti distribuzzjoni aktar ġusta tal-ġid;

34. Jinnota li mhux biss l-impjiegi ekoloġiċi iżda x-xogħol kollu b'impatt ambjentali baxx hu importanti f'ekonomija ekoloġika; jinnota li filwaqt li dan it-tip ta' xogħol jista' jinstab fis-settur privat, jeżisti wkoll fis-settur tal-benessri, bħal pereżempju l-iskejjel u s-servizzi tal-kura;

35. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu l-ugwaljanza fir-rappreżentanza tan-nisa f'korpi tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi kif ukoll fil-korpi u l-istituzzjonijiet maħtura mill-gvernijiet li jittrattaw id-definizzjoni, l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-politiki ambjentali, enerġetiċi u tal-impjiegi ekoloġiċi, sabiex tiġi inkluża l-perspettiva tal-ġeneri; jistieden lill-Istati Mei jaħtru aktar nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali u fil-bordijiet tal-kumpaniji fis-settur tal-impjiegi ekoloġiċi; jisħaq li jekk mhux possibbli li din il-mira tintlaħaq fuq bażi volontarja, għandhom jittieħdu inizjattivi mmirati, bħat-twaqqif ta' kwoti jew metodi oħra, biex jissaħħu l-ugwaljanza u d-demokrazija;

36. Jindika li l-bidla lejn ekonomija ekoloġika, u t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' karbonju se joħolqu domanda kbira ta' ħaddiema tas-sengħa; jirreferi għall-fatt li l-ħaddiema nisa huma sottorappreżentati ħafna fis-settur tas-sorsi rinnovabbli u speċjalment fl-impjiegi xjentifikament u teknoloġikament intensivi; jisħaq, għaldaqstant, li huwa importanti ħafna li l-Istati Membri jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni biex iħeġġu għadd akbar ta' nisa jagħżlu korsijiet u karrieri f'oqsma bħall-inġinerija, ix-xjenzi naturali, l-IT u oqsma oħra ta' teknoloġija avvanzata, għax dawn se jkunu l-fokus ta' ħafna impjiegi ekoloġiċi fil-ġejjieni;

37. Jistieden lill-Istati Membri jużaw u jiżviluppaw metodi li jinkoraġġixxu lin-nisa jagħżlu studji u karrieri fis-setturi tal-ambjent, tat-trasport u tal-enerġija, filwaqt li jiġu miġġielda b'mod determinat l-istereotipi li jiffavorixxu karrieri fix-xjenzi naturali u applikati għall-irġiel;

38. Jinnota l-ħtieġa li jiġi appoġġat u mħeġġeġ l-aċċess tan-nisa għall-mikrokreditu għal negozji żgħar.

39. Jistieden lill-Istati Membri jużaw u jiżviluppaw metodi li jinkoraġġixxu lill-irġiel biex jagħżlu studji u karrieri b'impatt ambjentali baxx fis-settur tal-benessri;

40. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżviluppaw korsijiet ta' taħriġ, permezz ta' Programmi tal-Unjoni Ewropea bħall-FEŻR u l-FSE, imfassla biex jiffaċilitaw l-aċċess ta-nnisa għal impjiegi ekoloġiċi ġodda, u teknoloġiji emerġenti b'impatt ambjentali baxx, fis-settur privat kif ukoll dak pubbliku; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li ħaddiema nisa jkunu inklużi aktar fi proġetti ta' taħriġ u programmi dwar it-trasformazzjoni ekoloġika, jiġifieri fis-settur rinnovabbli u f'impjiegi intensivi mil-lat ta' xjenza u teknoloġija, u li jiffokaw fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ għan-nisa biex dawn jiksbu l-kompetenzi u l-kwalifiki meħtieġa biex jikkompetu fuq bażi ugwali mal-irġiel għall-impjiegi u għall-iżvilupp individwali tal-karriera; jinnota li l-irġiel għandhom aċċess aktar faċli għal mezzi avvanzati tal-produzzjoni agrikola u għat-teknoloġiji intraprenditorjali meħtieġa biex jiksbu pożizzjonijiet ta' livell għoli fl-ekonomija ekoloġika;

41. Jinnota li biex in-nisa jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-ekonomija ekoloġika bl-istess kundizzjonijiet bħall-irġiel, jinħtieġu aktar ċentri għall-kura tat-tfal u tal-anzjani, huwa indispensabbli li kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel ikunu jistgħu jikkonċiljaw il-ħajja familjari u professjonali, filwaqt li jkunu żgurati d-drittijiet sesswali u riproduttivi tan-nisa; jindika li l-politiki u r-regolamenti għandhom jistinkaw biex jipprovdu appoġġ għas-sigurtà soċjali, l-ippjanar tal-familja u l-kura tat-tfal, u huwa biss jekk dawn il-ħtiġijiet jiġu sodisfati li n-nisa jkunu jistgħu jużaw il-kompetenza tagħhom u jikkontribwixxu s-sehem ugwali tagħhom f'ekonomiji ekoloġiċi ta' suċċess;

42. Jinnota li l-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija beda jiġi meqjus bħala mezz ta' stimolu tal-iżvilupp ekonomiku, b'mod partikoli fil-kuntest tal-kriżi ekonomika u tal-Istrateġija UE 2020; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw sforzi favur l-ekoloġizzar tal-ekonomija billi jinkoraġġixxu investimenti u programmi li jippromwovu l-innovazzjonijiet ekoloġiċi u l-impjiegi ekoloġiċi u li huma mmirati lejn dawk li għandhom bżonnhom l-aktar; jinsisti li l-perspettiva tal-ġeneru hija kruċjali biex jiġi evitat li l-inugwaljanzi ikomplu jikbru;

43. Jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jiġbru u janalizzaw data maqsuma skont il-ġeneru dwar id-distribuzzjoni ta' riżorsi finanzjarji f'korrelazzjoni ma' setturi diviżi skont il-ġeneri u innovazzjonijiet ekoloġiċi, u biex jiżviluppaw sabiex ikejlu l-effetti disaggregati potenzjali ta' ekonomija ekoloġika fuq il-koeżjoni territorjali u soċjali; jistieden lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżviluppaw direzzjoni strateġika u sensiela ta' strumenti biex jirreaġixxu b'mod effettiv għal tibdiliet potenzjali fil-livell ta' impjegar u fl-istruttura tas-suq tax-xogħol;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

***Politika sostenibbli fir-relazzjonijiet internazzjonali***

44. Jistenna li t-tranżizzjoni lejn indikaturi ekonomiċi usa' u aktar sostenibbli, anke fil-politika tal-iżvilupp, għandha tippermetti li jitpoġġa aktar enfasi fuq l-objettivi soċjali u ambjentali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u li politiku u regolamenti speċifiċi se jiżguraw id-drittijiet tan-nisa għall-proprjetà u għal kontrol fuq ir-riżorsi naturali; jisħaq li jeħtieġ ikun promoss l-aċċess tan-nisa għas-servizzi u għat-teknoloġiji ġodda meħtieġa għall-ġestjoni u għall-operat ta' skemi tal-enerġija u tal-ilma, intrapriżi tan-negozju u l-produzzjoni agrikola; jisħaq li jeħtieġ li n-nisa jinvolvu rwieħhom aktar fin-negozji u fit-tmexxija organizzattiva;

45. Jistieden lill-Kummissjoni tirrikonoxxi bis-sħiħ u tindirizza l-effetti multipli tad-degradazzjoni ambjentali fuq l-inugwaljanzi, b'mod partikolari bejn in-nisa u l-irġiel, u biex tiżgura l-promozzjoni tad-drittijiet indaqs tan-nisa fit-tfassil ta' proposti tal-politika ġodda fil-qasam tat-tibdil fil-klima u tas-sostenibbiltà ambjentali;

46. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw indikaturi biex jivvalutaw l-impatt tal-proġetti u l-programmi skont il-ġeneru, u biex jiffaċilitaw perspettiva tal-ġeneru u tal-ugwaljanza fi strateġiji ambjentali għall-kisba ta' ekonomija ekoloġika;

47. Jistieden lill-Kummissjoni tkun partikolarment konxja li l-aċċess għall-ilma nadif hu importanti ħafna għall-bniet u n-nisa f'ħafna partijiet tad-dinja, għax ir-responsabbilità tal-ġarr tal-ilma aktarx tkun tagħhom; jisħaq li huwa importanti wkoll li jitħares l-għarfien indiġenu tan-nisa tal-ekosistemi lokali;

48. Jistieden lill-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-fatt li f'ħafna pajjiżi li qed jiżviluppaw, iċ-ċans li n-nisa jidħlu f'postijiet tax-xogħol fl-ekonomija ekoloġika għadu limitat ħafna minħabba kundizzjonament soċjali u sistemi patrijarkali, u li għalhekk in-nisa ma għandhomx aċċess għall-informazzjoni, għat-taħriġ u għat-teknoloġiji meħtieġa biex jidħlu f'dan is-settur;

49. Jistieden lill-Kummissjoni tkun partikolarment konxja li biljuni ta' nies huma totalment dipendenti mill-bijomassa għall-enerġija, u li nisa u tfal isofru minn problemi tas-saħħa għax jiġbru, jipproċessaw u jużaw il-bijomassa; jenfasizza għaldaqstant li jinħtieġu investimenti f'sorsi tal-enerġija rinnovabbli u aktar effiċjenti;

50. Jitlob li jitwettaq analiżi tal-impatt profonda, mill-perspettiva tal-klima, ġeneru u sostenibilità, tal-eżitu tal-ftehimiet kummerċjali multilaterali u bilaterali nnegozjati bejn l-UE u pajjiżi terzi, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni tawtorizza appoġġ espliċitu għall-immaniġġjar tat-tibdil fil-klima bħala parti mill-għajnuna kollha għall-kummerċ u kwalunkwe għajnuna għall-iżvilupp oħra rilevanti;

51. Jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa programmi għat-trasferiment tat-teknoloġiji moderni u tal-ħiliet esperti biex tgħin lill-pajjiżi u r-reġjuni li qed jiżviluppaw jadattaw għall-bidliet ambjentali;

52. Jenfasizza li l-inugwaljanzi tal-ġeneru fir-rigward tal-aċċess għar-riżorsi, bħal pereżempju mikroself, kreditu, informazzjoni u teknoloġija, għandhom jitqiesu meta jiġu definiti l-istrateġiji biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima;

*

* *

53. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

## Il-kundizzjonijiet tax-xogħol tan-nisa fis-settur tas-servizzi

P7_TA(2012)0322

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tan-nisa fis-settur tas-servizzi (2012/2046(INI))**

(2013/C 353 E/06)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 2 u 3(3), it-tieni subparagrafu, tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 8, 153(1)(i), u 157 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 23 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 bl-isem 'Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi' (COM(2012)0173) u d-dokument ta' akkumpanjament dwar l-isfruttament tal-potenzjal fir-rigward tal-impjiegi li joffru s-servizzi personali u domestiċi (SWD(2012)0095),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2011 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Programm tal-Unjoni Ewropea għall-Bidla Soċjali u l-Innovazzjoni (COM(2011)0609),

— wara li kkunsidra l-Patt Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (2011-2020), adottat mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kummissjoni tal-2011 bl-isem Progress fl-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel: ir-Rapport Annwali 2010 (SEC(2011)0193),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-21 ta' Settembru 2010 bl-isem 'Strateġija għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel 2010-2015' (COM(2010)0491),

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar 'il-linji gwida għal politika dwar l-impjiegi tal-Istati Membri: It-Tieni Parti tal-Linji Gwida Integrati tal-Istrateġija Ewropa 2020' (COM(2010)0193),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2009 dwar 'Il-Flessigurtà fi żminijiet ta' kriżi',

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/123/KE tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern ([2]),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2006/54/KE tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (riformulazzjoni) ([3]);

([1]) L-Anness tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2011.
([2]) ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36.
([3]) ĠU L 204, 26.7.2006, p. 23.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 2004/113/KE tat-13 ta' Diċembru 2004 li timplimenta l-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għal u l-provvista ta' merkanzija u servizzi ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-2008 mill-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol bit-titolu 'Ix-xogħol fl-Ewropa: Differenzi bejn is-sessi',

— wara li kkunsidra r-rapport tal-2007 tal-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Għajxien u tax-Xogħol dwar 'Il-kundizzjonijiet tax-Xogħol fl-Unjoni Ewropea: Il-perspettiva tal-generu',

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW), tat-18 ta' Diċembru 1979,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-13 ta' Marzu 2012 dwar 'l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea – 2011' ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Marzu 2011 dwar l-aspett tal-faqar tan-nisa fl-Unjoni Ewropea ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tad-19 ta' Ottubru 2010 dwar il-ħaddiema nisa prekarji ([4]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0246/2012),

A. billi bosta pajjiżi ġarrbu terzjarizzazzjoni tal-ekonomiji tagħhom, jiġifieri s-settur tas-servizzi issa sar iħaddan il-maġġoranza tal-impjiegi u huwa l-akbar kontributur għall-PDG fil-pajjiżi kkonċernati, u jirrappreżenta aktar minn 70 % tal-attività ekonomika fl-Unjoni Ewropea u perċentwal simili, u li qed jikber, tal-impjiegi totali, u billi fl-UE fl-2010 l-impjiegi fis-settur tas-servizzi fil-medja kien jirrappreżenta kważi 70 % tal-impjiegi totali, filwaqt li s-sehem tal-impjiegi fl-industrija kien 25,4 % u dak tal-impjiegi fl-agrikoltura 5,2 %;

B. billi bħalissa disgħa minn kull għaxar impjiegi qed jinħolqu fis-settur tas-servizzi, u l-istudji jindikaw li aktar titjib tas-suq uniku għas-servizzi jista' jgħin biex jillibera potenzjal konsiderevoli għax-xogħol — impjiegi li l-UE teħtieġ b'urġenza f'dan iż-żmien ta' kriżi;

C. billi r-rata tal-impjiegi għan-nisa hija 62,1 % meta mqabbla mal-75,1 % għall-irġiel, li jfisser li l-mira primarja tal-istrateġija Ewropa 2020 għall-ilħiq ta' rata ta' impjiegi ta' 75 % sal-2020 tista' tintlaħaq biss jekk iktar nisa jkollhom aċċess għas-suq tax-xogħol;

D. billi l-parti l-kbira tal-forza tax-xogħol tan-nisa hija impjegata fis-settur tas-servizzi, u billi fl-UE fl-2010 din il-proporzjon fil-medja kienet 83,1 %, mqabbla mal-58,1 % tal-forza tax-xogħol tal-irġiel;

([1]) ĠU L 373, 21.12.2004, p. 37.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2012)0069.
([3]) ĠU C 199E, 7.7.2012, p. 77.
([4]) ĠU C 70E, 8.3.2012, p. 1.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

E. billi n-nisa x'aktarx ikunu rrappreżentati b'mod sproporzjonali fis-suq tal-impjiegi flessibbli u dawk part-time minħabba fl-isterjotipi tal-ġenenru li jpinġu immaġni tan-nisa bħala dawk li għandhom ir-responsabilità primarja li jieħdu ħsieb il-familja, u billi għaldaqstant jitqiesu li huma aktar adatti mill-irġiel għal xogħol fuq bażi temporanja, każwali jew part-time jew għal xogħol ibbażat fi djarhom; billi l-arranġamenti flessibbli tax-xogħol, inklużi t-teleworking u x-xogħol part-time jew f'uffiċċju bbażat id-dar, fil-parti l-kbira għadhom jitqiesu bħala mod "tan-nisa" għat–tqassim tal-ħin tax-xogħol;

F. billi s-settur tas-servizzi joffri bosta opportunitajiet għal kuntratti ta' impjieg flessibbli – ħin flessibbli, part-time u kuntratti għal żmien qasir – li jistgħu jgħinu kemm lill-irġiel kif ukoll lin-nisa li jieħdu ħsieb ħaddieħor, meta jkollhom il-kapaċità li jagħżlu, sabiex jikkumbinaw ix-xogħol u l-kura; billi n-nisa huma dawk li l-iktar jagħżlu impjiegi flessibbli u part-time sabiex ikunu jistgħu jibbilanċjaw l-obbligi tax-xogħol tagħhom u dawk tal-familja, anke fejn ikun hemm differenza fil-paga f'dik li hija r-rata ta' ħlas fis-siegħa bejn ħaddiema li jaħdmu part-time u dawk li jaħdmu full time; u billi n-nisa jkollhom iktar perjodi ta' waqfien fil-karriera tagħhom u jakkumulaw anqas sigħat ta' xogħol mill-irġiel, fattur li jista' jaffettwa l-iżvilupp tal-karriera tagħhom u l-prospetti ta' promozzjoni soċjali, u b'hekk iwassal biex ikollhom karrieira b'anqas qligħ;

G. billi x-xogħol prekarju huwa karatteristika persistenti tas-suq tax-xogħol tal-Unjoni Ewropea, u billi n-nisa huma iżjed affettwati minn din il-prekarjetà, issirilhom diskriminazzjoni f'termini ta' ħlas u huma iżjed imdaħħla fix-xogħol part-time, u għalhekk jitħallsu anqas mill-irġiel, igawdu anqas protezzjoni soċjali, huma iżjed ristretti f'termini tal-progress tal-karriera u għandhom anqas ċans ta' indipendenza ekonomika, ilkoll ħwejjeġ li jinkoraġġuhom jerġgħu lura fl-isfera privata, bir-riżultat li l-qsim tar-responsabbiltajiet ikompli sejjer lura; billi n-nisa jirrappreżentaw proporzjon akbar ta' ħaddiema f'impjiegi mhux dikjarati, li jaħdmu l-aktar f'xogħol fid-djar u ta' kura;

H. billi, fil-livelli kollha tat-taħriġ, hemm perċentwal akbar ta' rġiel li għandhom impjiegi milli nisa, minkejja l-fatt li dawn tal-aħħar jistgħu jkunu kwalifikati daqs l-irġiel jew aktar minnhom, imma billi ħiliet in-nisa spiss jitqiesu anqas minn dawk tal-irġiel u l-karrieira tagħhom timxi 'l quddiem b'anqas ħeffa;

I. billi n-nisa jirrappreżentaw madwar 60 % tal-gradwati u minkejja dan, ir-rappreżentanza tagħhom f'karigi ta' uffiċjali għolja u deċiżjonali fis-settur tas-servizzi hija sproporzjonatament baxxa;

J. billi n-nisa huma sovrarappreżentati fl-aktar impjiegi u pożizzjonijiet baxxi tas-settur tas-servizzi f'termini ta' kwalifikai, rimunerazzjoni u prestiġju, u n-nisa b'hekk iħabbtu wiċċhom ma aktar nuqqas ta' sigurtà tax-xogħol u jaqilgħu anqas mill-irġiel;

K. billi l-kontribut tan-nisa fil-forza tax-xogħol soltu tisfa sottovalutata minn min iħaddem, għaliex hemm probabbiltà akbar li jintoerrompu l-karriera tagħhom biex ikollhom it-tfal u u jrabbuhom;

L. billi opportunitajiet aħjar għan-nisa fil-ħajja tax-xogħol jeħtieġ li jitqiesu bħala vantaġġ u investiment għas-soċjetà kollha kemm hi, speċjalment fil-kuntest tat-tibdil u l-isfidi tad-demografija fl-Ewropa;

M. billi n-nisa jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet akbar huma u jippruvaw jibbilanċjaw il-ħajja tax-xogħol ma' dik tal-familja, minħabba li r-responsabbiltajiet assoċjati mal-ħajja tal-familja mhux dejjem jinqasmu ndaqs u l-kura tal-membri dipendenti tal-familja fil-parti l-kbira jieħdu ħsiebha n-nisa, u billi l-ħolqien ta' bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja għaldaqstant se jgħin biex jiġi lliberat potenzjal sostanzjali għan-nisa u jiffaċilitalhom li jsibu impjiegi disponibbli fis-settur tas-servizzi u fis-setturi l-oħra kollha tal-impjiegi, u b'hekk jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku, l-impjiegi u l-innovazzjoni; billi, f'dan ir-rigward, politiki governattivi li jipprovdu servizzi tal-kura tat-tfal u d-dipendenti huma fattur importanti fil-kapaċità tan-nisa u l-irġiel li jlaħħqu mal-esiġenzi differenti li joħorġu minn attivitajiet tal-post tax-xogħol u dawk tal-kura tad-dipendenti;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

N. billi r-rwoli tradizzjonali tal-ġeneri u l-isterjotipi għad għandhom influwenza qawwija fuq il-qsim tar-rwoli bejn in-nisa u l-irġiel fid-dar, fil-post tax-xogħol u fis-soċjetà ġenerali, u x'aktarx iżommu għaddej l-istatus quo ta' ostakoli miruta li jtellfu l-ilħiq ta' ugwaljanza bejn is-sessi u jillimitaw il-firxa ta' għażliet għan-nisa rigward l-impjiegi u l-iżvilupp personali tagħhom fis-settur tas-servizzi, b'tali mod li jtellfuhom milli jisfruttaw il-potenzjal sħiħ tagħhom bħala individwi u atturi ekonomiċi;

O. billi l-vjolenza domestika, konjugali, ekonomika u sesswali kontra n-nisa hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem li taffettwa s-saffi soċjali, kulturali u ekonomiċi kollha;

P. billi l-indipendeza ekonomika tan-nisa hija kundizzjoni *sine qua non* biex jieħdu f'idejohm il-kontroll fuq il-ħajja personali u tax-xogħol tagħhom u jkunu jistgħu tabilħaqq jagħmlu l-għażliet tagħhom;

Q. billi għad hemm inugwaljanzi bejn l-irġiel u n-nisa fl-aċċess għat-teknoloġiji l-ġodda u l-Internet u fl-użu tagħhom, inugwaljanzi li spiss iwasslu għal qabża fil-ħiliet u anke għal "analfabetiżmu diġitali", fenomenu magħruf bħala "l-qasma diġitali bejn is-sessi";

R. billi d-differenza fil-pagi bejn l-irġiel u n-nisa għall-istess xogħol jew għal xogħol tal-istess valur tilħaq wieħed mill-ogħla livelli tagħha fis-settur tas-servizzi;

1. Jinnota li hemm segregazzjoni orizzontali qawwija jew diviżjoni tax-xogħol skont il-ġeneru fis-settur tas-servizzi: kważi nofs in-nisa impjegati huma kkonċentrati f'10 minn 130 tip ta' xogħol elenkat fil-Klassifika Standard Internazzjonali tax-Xogħol imfassla mill-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (ILO): bejjiegħa u dimostraturi tal-bejgħ fil-ħwienet, assistenti domestiċi u xogħol relatat tad-dar, ħaddiema tat-tindif u tal-ħasil tal-ħwejjeġ, ħaddiema involuti fil-kura personali u servizzi relatati, skrivani tal-uffiċini, assoċjati tal-amministrazzjoni, ħaddiema f'lukandi u ristoranti, sergretarji u operaturi tal-apparat tal-uffiċċju, maniġers ġenerali, assoċjati finanzjarji u kummerċjali u infermiera u qwiebel assoċjati;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiġġieled kontra din id-diviżjoni skont il-ġeneru billi tippromwovi x-xogħolijiet imsemmijahawn fuq;

3. Jissottolinja l-importanza li titnaqqas is-segregazzjoni okkupazzjonali sabiex tingħalaq id-diverġenza fil-pagi bejn is-sessi, li spiss hija agħar għan-nisa impjegati fit-tipi ta' xogħol iddominati min-nisa, milli għan-nisa li għandhom l-istess kwalifiki imma huma impjegati f'setturi oħra;

4. Jirrimarka li hemm ukoll konċentrazzjoni ta' impjegati nisa fis-settur pubbliku, fejn jinsabu 25 % tal-popolazzjoni attiva femminili, imqabbla ma' 17 % tal-popolazzjoni attiva tal-irġiel; jenfasizza l-fatt li f'dan is-settur in-nisa huma iżjed vulnerabbli għat-telf tal-impjieg minħabba tnaqqis fil-baġit; jinnota li, biex tintlaħaq il-mira tal-impjiegi ta' 75 % għan-nisa u l-irġiel, mira stabbilita fl-Ewropa 2020 (l-istrateġija tal-UE għat-tkabbir), jeħtieġ li jsiru sforzi sabiex iżjed nisa jidħlu jaħdmu kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat; jinnota li f'għadd kbir ta' Stati Membri, hemm wisq aktar tobba nisa milli tobba rġiel;

5. Jitlob lill-Istati Membri jiżguraw li s-settur pubbliku, li huwa kkaratterizzat minn kriterji ta' reklutaġġ u kundizzjonijiet ta' promozzjoni trasparenti u ċari, juri attitudni eżemplari rigward l-aċċess indaqs għall-impjiegi fis-servizz pubbliku u speċjalment f'pożizzjonijiet maniġerjali; jenfasizza l-ħtieġa li jiddaħħlu regoli trasparenti għall-għażla u r-reklutaġġ tal-impjegati fis-settur privat;

6. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri konkreti lejn approfondiment ulterjuri tas-suq għas-servizzi biex jiżviluppaw il-potenzjal sinifikanti tiegħu għall-impjiegi;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

7. Jenfasizza l-importanza tal-ġlieda kontra l-isterjotipi u d-diskriminazzjoni abbażi tal-ġeneru permezz tal-adozzjoni ta' politiki attivi li jistgħu jnaqqsu l-iżvantaġġi reali li jaffettwaw lin-nisa fis-settur tas-servizzi, fejn teżisti l-idea li hemm xogħolijiet maskili u femminili, u li dawn tal-aħħar huma marbuta max-xogħolijiet li jwettqu n-nisa fid-dar u li jitqiesu bħala estensjoni ta' dawn (il-ħwejjeġ u t-tessuti, it-tagħlim, ix-xogħol ta' infermiera, it-tindif, eċċ.); jappella biex is-servizzi ta' parir edukazzjonali u okkupazzjonali jkollhom rwol usa' fl-iskejjel, biex l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa tiġi promossa fost iż-żgħażagħ u biex il-ġlieda kontra l-isterjotipi tiggwida lin-nisa żgħażagħ lejn il-kwalifiki u l-professjonijiet fejn għadhom sottorappreżentati; jinnota li l-proporzjon tal-irġiel li jidħlu għall-professjoni tat-tagħlim hija wisq iżgħar minn dik tan-nisa u jenfasizza l-ħtieġa għal iżjed irġiel fil-professjoni;

8. Jinnota li, fost in-nisa impjegati fis-settur tas-servizzi, hemm iżjed nisa li jsibu xogħol fis-setturi soċjali, tal-kura u tat-telekomunikazzjonijiet, setturi li x'aktarx jirrikjedu inqas kwalifiki, igawdu ftit prestiġju soċjali u jikkorrispondu mar-rwoli tradizzjonali tan-nisa fis-soċjetà, filwaqt li l-irġiel jiddominaw is-setturi l-iżjed prestiġjużi u li jħallu l-aħjar qligħ: dak tal-finanzi u dak bankarju;

9. Jirrimarka li l-politiki tal-kura u s-servizzi għall-anzjani, id-dipendenti u t-tfal, inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-liv tal-maternità, tal-paternità u tal-ġenituri, huma elementi assolutament fundamentali għall-ilħiq tal-ugwaljanza bejn is-sessi; jinnota għalhekk li n-nisa u l-irġiel għandu jkollhom l-għażla li jwettqu xogħol bil-paga, u li jkollhom it-tfal u l-familja, mingħajr ma jisfaw imċaħħda mil-libertà tagħhom li jagħmlu użu sħiħ mid-dritt tagħhom għax-xogħol u għall-opportunitajiet indaqs;

10. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li x-xogħol part-time (19,2 % tat-total tal-impjiegi tal-UE fl-2010) għadu xogħol primarjament femminili; jinnota li fl-UE fil-2010 31,9 % tal-popolazzjoni attiva tan-nisa kienu jaħdmu part-time, kontra 8,7 % biss tal-popolazzjoni tal-irġiel, li jfisser li 78 % tax-xogħol part-time jitwettaq min-nisa; jirrimarka li fl-UE kollha kemm hi 19 % tan-nisa u 7 % tal-irġiel jaħdmu xogħol part-time ta' ftit sigħat (anqas minn 20 siegħa fil-ġimgħa) mentri biss 3 % tal-irġiel bejn l-etajiet ta' 35 u 49 sena jaħdmu xogħol part-time ta' ftit sigħat, imqabbla ma 18 % tan-nisa fl-istess grupp tal-età; jinnota wkoll li xogħlijiet part-time jinsabu l-aktar f'setturi speċifiċi, b'aktar minn 38 % tal-ħaddiema part-time, kemm dawk bi ftit sigħat kif ukoll dawk b'sigħat "sostanzjali" (jiġifieri bejn 20 u 34 siegħa fil-ġimgħa), impjegati fis-servizzi tal-edukazzjoni, tas-saħħa u soċjali, f'servizzi oħra, jew fil-bejgħ tal-imnut u tal-ingrossa;

11. Jiġbed l-attenzjoni fuq il-ġeneralizzazzjoni tal-kunċett ta' ħinijiet tax-xogħol flessibbli: xogħol fi tmiem il-ġimgħa, ħinijiet tax-xogħol irregolari u imprevedibbli u l-estensjoni tas-sigħat tax-xogħol, u l-fatt li, billi t-talba għall-flessibilità hija l-akbar fost il-ħaddiema part-time, li fil-parti l-kbira tagħhom huma nisa, dan ifisser li iktar nisa milli rġiel huma soġġetti għal bidliet fil-ħinijiet tax-xogħol tagħhom minn ġimgħa għal oħra, ħaġa li tkompli tagħmilha aktar diffiċli għan-nisa, speċjalment għall-ommijiet li qed irabbu t-tfal weħidhom u għal dawk li qed jieħdu ħsieb qraba dipendenti, li jibbilanċjaw il-ħajja tax-xogħol ma' dik tal-familja; jenfasizza li l-kuntratti tax-xogħol għandhom ikunu stabbli u s-sigħat tax-xogħol skedati, imma b'mod li jkunu jistgħu jiġu nnegozjati skont it-talba tal-impjegat sabiex dan tal-aħħar jilħaq bilanċ aħjar bejn il-ħajja professjonali, dik tal-familja u dik privata; jenfasizza li l-flessibilità fil-ħinijiet tax-xogħol għandha tkun l-għażla tal-ħaddiem, u mhux tkun imposta jew infurzata minn min iħaddem; jirrifjuta sitwazzjonijiet ta' flessibilità u inċertezza kuntrattwali li ma jippermettux għall-formazzjoni u l-istabbiltà tal-familja;

12. Ifakkar li arranġamenti flessibbli tax-xogħol huma speċifiċi għal ħafna impjiegi f'dan is-settur; jenfasizza li, minn naħa waħda, aktar flessibbiltà fl-arranġamenti tax-xogħol – dment li tkun volontarja u maħsuba biex taqdi l-ħtiġijiet reali tal-ħaddiema, u li l-ħaddiema jkollhom kontroll fuqha u ċarezza dwar is-sigħat tax-xogħol tagħhom u dwar l-arranġamenti part-time – lin-nisa tkattrilhom l-opportunitajiet biex ikunu jistgħu jieħdu sehem attiv fis-settur tas-servizzi u tirfed l-ilħiq ta' bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol, dik tal-familja u dik privata, iżda li, min-naħa l-oħra, il-flessibbiltà jista' jkollha impatt negattiv fuq il-pagi u l-pensjonijiet tan-nisa u konsegwenzi negattivi għan-nisa impjegati, pereżempju nuqqas ta' kuntratti formali, sigurtà soċjali u sigurtà tal-impjieg; jinnota li tista' twassal ukoll biex min iħaddem ma jipprovdix kundizzjonijiet adegwati tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol;

13. Jenfasizza l-importanza tax-"xogħol mid-dar", li qed isir dejjem iżjed popolari; jirrimarka li iżjed minn 90 % tal-kumpaniji fil-Ġermanja u fl-Isvezja jaqsmu l-ġimgħa tax-xogħol tagħhom b'modi ġodda, u l-persunal jiġi ġġudikat fuq is-sigħat f'sena u mhux fil-ġimgħa u jippermettu li l-koppji miżżewġin jaqsmu l-impjiegi bejniethom;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

14. Jissottolinja l-importanza li jkunu żgurati kundizzjonijiet ta' xogħol diċenti flimkien ma drittijiet rigward, fost l-oħrajn, standards tal-pagi, saħħa u sikurezza, aċċessibbiltà, prospetti tal-karriera, taħriġ addizzjonali, sigurtà soċjali sostenibbli u tagħlim tul il-ħajja;

15. Josserva li fl-2010 fl-UE l-proporzjon tal-popolazzjoni attiva tan-nisa b'kuntratt għal żmien definit kienet 14,5 %, ftit iktar minn dik tal-irġiel, li laħqet 13 %;

16. Ifakkar, għal darb'oħra, li fl-Unjoni Ewropea n-nisa jaqilgħu medja ta' 16,4 % inqas mill-irġiel; jistqarr li n-nisa ma jirċevux l-istess paga fil-każijiet fejn għandhom l-istess impjiegi bħall-irġiel jew impjiegi tal-istess valur; jinnota li, f'każijiet oħra, ma jokkupawx l-istess impjiegi, minħabba l-persistenza tas-segregazzjoni vertikali u orizzontali tax-xogħol u minħabba l-inċidenza akbar ta' impjiegi part-time; jistieden, għaldaqstant, lill-Istati Membri, lil min iħaddem u lill-movimenti trejdjunjonistiċi biex ifasslu u jimplimentaw għodod utilizzabbli u speċifiċi għall-evalwazzjoni tal-impjiegi biex jiddeterminaw xogħlijiet ta' valur indaqs biex jiżguraw li n-nisa u l-irġiel jitħallsu l-istess, u jinkoraġġixxi lill-kumpaniji jwettqu awditi annwali tal-pagi u jippubblikaw id-dejta f'ġieħ l-akbar tarsparenza u biex titnaqqas id-diverġenza fil-pagi bejn is-sessi; jirrimarka li d-diverġenza fil-pagi bejn is-sessi spiss twassal għal diverġnza fil-pensjonijiet tal-irtirar, li tista' twassal biex in-nisa jsibu ruħhom taħt il-linja tal-faqar;

17. Jenfasizza, għalhekk, l-importanza li l-prinċipju ta' paga ugwali għan-nisa u l-irġiel fl-istess post tax-xogħol, kif minqux fl-Artikolu 157 tat-Trattat ta' Lisbona; ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Mejju 2012 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għall-ħaddiema rġiel u nisa għal xogħol ugwali jew għal xogħol ta' valur ugwali ([1]), u jtenni t-talba tiegħu għal rieżami tad-Direttiva 2006/54/EC sa mhux aktar tard mill-15 ta' Frar 2013;

18. Jinnota bi tħassib li l-parti l-kbira ħafna tal-pagi baxxi, u prattikament il-pagi l-aktar baxxi kollha, jirrigwardaw ix-xogħol part-time u li madwar 80 % tal-foqra li jaħdmu huma nisa; jirrimarka li hemm ħtieġa għal miżuri konkreti biex jaħdmu kontra l-impjiegi prekarji fis-settur tas-servizzi, li jaffettwaw lin-nisa b'mod partikolari, u għaldaqstant jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw strateġiji ħalli jikkombattu l-impjiegi prekarji;

19. Jasserixxi li prattika mifruxa mhux ħażin, minkejja li hija diskriminatorja, hija li l-irġiel u n-nisa jiġu allokati kategoriji okkupazzjonali differenti għall-istess xogħol jew għal xogħol tal-istess valur: fil-każ tas-servizzi ta' tindif, pereżempju, l-irġiel jinħatru bħala tekniċi tal-manutenzjoni, filwaqt li n-nisa jinħatru bħala awżiljari tat-tindif, sitwazzjoni li tintuża biex tiġġustifika pagi aktar baxxi għax-xogħol imwettaq min-nisa;

20. Jinnota li titjib fil-livell tal-edukazzjoni tan-nisa rarament ikun akkumpanjat minn pożizzjoni ogħla fil-ġerarkija tal-impjiegi jew titjib fil-kondizzjonijiet tax-xogħol, b'tali mod li wieħed jista' jitkellem dwar l-eżistenza ta' sovrakwalifikazzjoni fost il-popolazzjoni tan-nisa;

21. Jinnota li, bi rbit max-xejra li qed tikber ta' nisa impjegati f'xogħol part-time u l-fatt li min iħaddem jippreferi jinvesti jinvesti f'ħaddiema b'kuntratti ta' xogħol permanenti, huwa ċar li n-nisa għandhom aċċess limitat għal firxa wiesgħa ta' korsijiet ta' taħriġ u taħriġ mill-ġdid, u b'hekk anqas opportunitajiet għall-iżvilupp professjonali;

22. Jenfasizza l-ħtieġa li l-ħaddiema kollha fis-settur tas-servizzi, b'attenzjoni għal dawk li jappartjenu għall-gruppi l-aktar vulnerabbli, ikollhom aċċess għal programmi permanenti ta' titjib tal-kompetenzi u tagħlim tul il-ħajja, sabiex itejbu l-opportunitajiet futuri tagħhom fis-suq tax-xogħol u jnaqqsu l-iżbilanċ bejn il-kompetenzi u d-dmirijiet ta' xogħol li dejjem jevolvu;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0225.

23. Jinnota l-livelli baxxi tal-parteċipazzjoni tan-nisa fit-taħriġ vokazzjonali fis-settur tas-servizzi fil-kuntest tat-tagħlim tul il-ħajja, u jistieden lill-Istati Membri jieħdu azzjoni dwar din il-kwistjoni;

24. Jenfasizza l-ħtieġa għal titjib tal-kompetenzi fil-każ ta' ħaddiema li huma akbar fl-età u ta' ġenituri li jidħu lura fis-suq tax-xogħol wara li jkunu għamlu żmien jieħdu ħsieb it-tfal jew qraba dipendenti;

25. Jirrimarka li fl-2010 waħda biss minn kull seba' membri tal-bordijiet tal-amministrazzjoni tal-kumpaniji Ewropej l-iktar importanti kienet mara (13,7 %) u li 3,4 % biss tal-bordijiet tal-amministrazzjoni tal-ikbar kumpaniji kellhom president mara;

26. Jenfasizza l-importanza li ssir ħidma sabiex iżjed nisa jidħlu fis-settur tar-riċerka, u jissottlonja li n-nisa jistgħu jieħdu rwol deċiżiv fl-iżvilupp ta' sistemi ġodda u innovattivi u prodotti u servizzi ġodda fis-settur tas-servizzi, b'mod partikolari minħabba l-fatt li, minkejja li n-nisa huma responsabbli għal 80 % tad-deċżjonijiet ta' xiri madwar id-dinja, il-parti l-kbira tal-prodotti jiddisinjawhom l-irġiel, inklużi 90 % tal-prodotti tekniċi; jemmen li aktar parteċipazzjoni tan-nisa fil-proċessi tal-innovazzjoni għandha tiftaħ ukoll swieq ġodda u żżid il-kompetittività; jemmen ukoll li servizzi innovattivi huma essenzjali biex nilqgħu għall-isfidi tal-ġejjieni, b'mod partikolari ż-żieda fid-domanda għas-servizzi kkawżata minn popolazzjoni li qed tixjieħ, u jistgħu joħolqu opportunitajiet imtejba biex in-nies jgħixu u jaħdmu fi bliet kbar u żgħar u fi nħawi rurali fl-Unjoni kollha permezz tal-forniment ta' servizzi tajba ta' komunikazzjoni u ta' kummerċ;

27. Jissottolinja l-fatt li, peress li ħafna nisa jkomplu jagħżlu t-taħriġ tagħhom fis-settur tas-servizzi u b'hekk qed jibnu l-esperjenza kummerċjali u l-għarfien tagħhom tan-negozju, hemm ambitu wiesa' u potenzjal kbir għall-intraprenditorija tan-nisa; jemmen li sabiex l-isforzi biex titqawwa l-intraprenditorija u l-impriża fost in-nisa jkunu effikaċi, is-settur tal-produzzjoni jeħtieġ li jkollu kundizzjonijiet ekwivalenti għal dawk fis-settur tas-servizzi; jilqa' f'dan ir-rigward, il-proposta li l-mikrofinanza tiġi estiża bħala assi speċifika tal-Programm Għat-Tibdil Soċjali u l-Innovazzjoni, u jenfasizza l-importanza tal-mikrofinanza bħala strument ta' appoġġ għall-intraprendituri nisa u għall-persuni li jinsabu f'pożizzjoni vulnerabbli tas-suq tax-xogħol fis-settur tas-servizzi, u jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Inizjattiva għan-negozju soċjali" (COM(2011)0682), għax in-nisa b'mod partikolari qed jidħlu f'xogħol fis-settur tan-negozju soċjali;

28. Jinnota li, fis-settur tas-servizzi, in-nisa f'pożizzjonijiet maniġerjali x'aktarx jaħdmu l-aktar f'setturi bħad-distribuzzjoni tal-imnut u l-lukandi, għalkemm qed javvanzaw f'setturi anqas tradizzjonali bħall-assigurazzjoni u l-banek, u li, fil-parti l-kbira tal-każijiet, in-nisa huma maniġers ta' impriżi żgħar jew impriżi bla impjegati; josserva wkoll li, f'organizzazzjonijiet kbar, in-nisa normalment jilħqu pożizzjonijiet maniġerjali għoljin biss fl-oqsma inqas importanti tal-impriża, bħar-riżorsi umani u r-rwoli amministrattivi; iħeġġeġ lill-kumpaniji jagħmlu disponibbli għall-impjegati f'livelli minuri taħriġ regolari u jimplimentaw skemi effikaċi ta' appoġġ għall-maternità, il-paternità parentali;

29. Jitlob li jintemm is-saqaf tal-ħġieġ fis-settur pubbliku li lin-nisa jżommhom milli jilħqu pożizzjonijiet ta' responsabbiltà għolja; jinnota li s-settur pubbliku jeħtieġ li jkollu rwol eżemplari f'dan il-qasam;

30. Jenfasizza li n-nisa jirrappreżentaw proporzjon akbar mill-irġiel tal-ekonomija moħbija fis-settur tas-servizzi, sa ċertu punt peress li hemm aktar tnaqqis tar-regolazzjoni fis-setturi li tradizzjonalment jaħdmu fihom in-nisa, bħal pereżempju s-servizz domestiku jew xogħol ta' kura tal-persuni; jirrimarka, min-naħa l-oħra, li l-ekonomija informali kibret minħabba l-kriżi, minkejja li huwa diffiċli ħafna li dak li jkun jiddetermina d-daqs partikolari tagħha fin-nuqqas ta' dejta affidabbli dwar l-inċidenza u l-impatt tagħha;

31. Jilqa' d-dokument ta' ħidma tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir bl-isem 'Dwar l-isfruttament tal-potenzjal tax-xogħol tas-servizzi personali u domestiċi' u jistieden lill-Istati Membri, lis-sħab soċjali u lil partijiet interessati oħra biex jilqgħu attivament l-istedina tal-Kummissjoni biex jidħlu f'diskussjoni dwar din il-kwistjoni;

32. Jistieden lill-Istati Membri jiżviluppaw politiki maħsuba biex il-ħaddiema prekarji fl-ekonomija informali jsiru ħaddiema regolari, pereżempju bl-introduzzjoni ta' benefiċċji tat-taxxa u kupuni tas-servizzi; jitlob li jiġi żviluppat programm maħsub biex jeduka lill-ħaddiema fis-settur tas-servizzi dwar drittijiethom u li jippromwovi l-organizzazzjoni ta' dawn il-ħaddiema; jitlob li ittieħdu inizjattivi mmirati lejn min iħaddem u lejn il-pubbliku inġenerali biex iqajmu kuxjenza dwar l-effetti u l-impatti negattivi tax-xogħol irregolari prekarju, inklużi dawk dwar is-sikurezza okkupazzjoniali u s-saħħa;

33. Jitlob lill-Kummissjoni tordna studju indipendenti dwar l-effetti tal-liberalizzazzjoni tas-settur tas-servizzi tal-kura domestika fuq il-pożizzjoni u l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema;

34. Huwa mħasseb dwar is-sitwazzjoni tal-ħaddiema nisa immigranti u mhux dikjarati fis-settur tas-servizzi, b'mod partikolari dawk impjegati fid-djar privati, minħabba li fil-maġġoranza l-kbira tagħhom dawn jaħdmu mingħajr kuntratt f'impjieg prekarju fis-servizz domestiku b'kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena, b'pagi sostanzjalment aktar baxxi minn dawk tal-ħaddiema dikjarati u bl-ebda tip ta' drittijiet soċjali; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa għal politiki xierqa li jiżguraw li l-ħaddiema migranti jkunu intitolati għad-drittijiet bażiċi tal-bniedem inkluż id-dritt għall-kura tas-saħħa, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, edukazzjoni u taħriġ, integrità morali u fiżika u ugwaljanza quddiem il-liġi; jistieden lill-Istati Membri jirrevedu l-politiki u l-prattiki nazzjonali biex jiffukaw iżjed fuq il-prattiki tar-reklutaġġ, l-aċċess għall-informazzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, u biex lil dawn il-ħaddiema jinkoraġġuhom jirrapurtaw kundizzjonijiet tax-xogħol abużivi bla riskju ta' kwalunkwe impatt fuq l-istatus tagħhom ta' residenza;

35. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jirratifikaw mingħajr dewmien il-Konvenzjoni Nru 189 tal-ILO dwar il-ħaddiema domestiċi, adottata mill-organizzazzjoni tripartitika fl-2011 bl-għan li tiżgura kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti għall-ħaddiema domestiċi u l-istess drittijiet bażiċi tax-xogħol bħal dawk disponibbli għall-ħaddiema l-oħra u li tappoġġja l-iżvilupp ta' settur formali tas-servizzi domestiċi u tal-kura;

36. Jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' reġim speċjali għas-settur tas-servizz personali u domestiċi sabiex jiġi regolarizzat il-fenomenu mifrux tax-xogħol mhux iddikjarat - li jaffettwa b'mod partikolari lin-nisa - u b'hekk jiżguraw kundizzjonijiet ta' xogħol diċenti; Jistieden lill-Istati Membri jirrappurtaw dwar l-isforzi tagħhom biex jiġġieldu kontra x-xogħol mhux iddikjarat fil-programmi ta' riforma nazzjonali tagħhom ippreżentati fl-istrateġija Ewropa 2020;

37. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw politiki dwar l-integrazzjoni tal-ħaddiema vulnerabbli fis-suq tax-xogħol, b'mod partikolari l-ħaddiema b'ħiliet baxxi, qiegħda, il-ħaddiema żgħar u ikbar, nies b'diżabilità, dawk b'disturbi mentali jew gruppi minuri bħal ħaddiema migranti u Roma, permezz ta' gwida okkupazzjonali immirata u mfassla, taħriġ u programmi ta' apprendistat;

38. Jirrimarka li l-kriżi ekonomika u l-hekk imsejħa miżuri ta' awsterità wasslu għal tnaqqis fil-miżuri tal-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa u huma ostakolu addizzjonali għall-applikazzjoni tal-prinċipju tal-ugwaljanza tal-ġeneru, partikolarment f'dak li jirrigwarda t-telf tal-impjiegi, l-aċċess għal impjiegi ġodda u aktar insigurtà għan-nisa, li flimkien mal-fatt li r-rati tal-impjiegi tal-irġiel x'aktarx li terġa' tirkupra iktar malajr minn dik tan-nisa, qed ikollha riperkussjonijiet negattivi ħafna fuq in-nisa li jaħdmu fis-settur tas-servizzi u fuq il-karrieri u l-pensjonijiet tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tiġbor dejta dwar l-impatt tal-miżuri ta' awsterità fuq in-nisa fis-suq tax-xogħol, b'enfasi speċjali fuq is-settur tas-servizzi; jenfasizza l-ħtieġa l-interdipendenza bejn il-kwistjonijiet soċjali u dawk ekonomiċi tiġi rikonoxxuta aktar, minħabba li iżjed attenzjoni għall-kwistjonijiet soċjali saret prerekwiżit għat-trattament effikaċi tal-inugwaljanzi abbażi tal-ġeneru;

39. Jinnota li l-Ħames Stħarriġ Ewropew dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol ta' April 2012 sab li 18 % tal-ħaddiema rrapportaw li ftit kellhom bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja; jenfasizza l-ħtieġa ta' politiki xierqa għall-bilanċ bejn il-ħajja tal-familja u dik tax-xogħol u, b'mod partikolari, jappella għal aktar servizzi soċjali pubbliċi bla ħlas u ta' kwalità biex jipprovdu servizzi tal-kura tat-tfal u ta' dipendenti oħrajn b'mod li jkun kompatibbli mal-bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol, dik tal-familja u dik privata, kemm f'żoni rurali kif ukoll f'dawk urbani; jenfasizza li l-provvista ta' faċilitajiet ta' kura tkompli tgħin biex tnaqqas il-faqar fost in-nisa billi tagħmilhielhom jaħdmu;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

40. Jenfasizza l-fatt li l-parteċipazzjoni attiva u l-involviment tal-irġiel fil-miżuri ta' bilanċ bejn il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja, bħalma huwa x-xogħol part-time, huma kruċjali sabiex jintlaħaq dan il-bilanċ, għaliex kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel jistgħu jibbenefikaw minn politiki tal-impjiegi li huma favur il-familja u mill-qsim ugwali tax-xogħol mhux imħallas u tar-responsabbiltajiet tad-dar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni deċiżiva ta' politika kontra l-isterjotipi tal-ġeneru u jinkoraġġixxu lill-irġiel jieħdu sehem ugwali fir-responsabbiltajiet ta' kura u tad-dar, b'mod partikolari permezz ta' inċentivi biex l-irġiel jieħdu liv parentali u tal-paternità, u b'hekk isaħħu drittijiethom bħala ġenituri, jiżguraw grad ogħla ta' ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u qsim aktar f'loku tar-responsabbiltajiet familjari u tax-xogħol tad-dar, u jtejbu l-opportunitajiet biex in-nisa jieħdu sehem sħiħ fis-suq tax-xogħol; jissuġġerixxi li l-Istati Membri għandhom japplikaw korrettament id-Direttiva tal-Kunsill Nru 2010/18/EU ([1]) dwar il-liv tal-ġenituri, permezz ta' miżuri sew leġiżlattivi kif ukoll edukattivi rigward l-ugwaljanza tal-ġeneri;

41. Jitlob lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jadottaw pjan ta' azzjoni għall-ilħiq tal-miri ta' Barċellona rigward il-faċilitajiet tal-kura tat-tfal u jistabbilixxu skeda ta' żmien biex il-livelli ta' mira joghlew progressivament;

42. Jinnota l-opportunitajiet limitati li n-nisa għandhom biex jadattaw għar-rekwiżiti tas-swieq tax-xogħol f'dinja moderna u globalizzata ferm, fejn l-attribwit ewlieni tal-ħaddiem huwa l-mobilità u l-faċilità li jiċċaqlaq biex jieħu post tax-xogħol lil hinn mill-post tar-residenza tiegħu, li fil-każ tan-nisa, li huma iżjed involuti fil-kura tat-tfal u tad-dar din hija spiss impossibbli, b'tali mod li ma jitħallewx jieħdu vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet li joffri s-suq tax-xogħol;

43. Iħeġġeġ lill-Kunsill biex jiżblokka l-adozzjoni tal-emenda tad-Direttiva dwar il-Liv tal-Maternità billi jaċċetta l-flessibilità proposta mill-Parlament Ewropew sabiex l-Ewropa tkun tista' timxi 'l quddiem rigward il-protezzjoni tad-drittijiet u t-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema tqal jew li għadhom kif welldu; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-protezzjoni tal-maternità u l-paternità billi jiġu miġġielda i) it-tkeċċija mill-impjieg matul jew wara t-tqala, ii) it-tnaqqis fis-salarju matul il-liv tal-maternità, u iii) it-tnaqqis fil-grad tal-impjieg jew tar-rimunerazzjoni meta l-persuna terġa' lura x-xogħol; jenfasizza li jeħtiġilna niżguraw li anke impjegati atipiċi fl-impriżi, bħal sostituti temporanji, ħaddiema li jaħdmu għal rashom u impjegati temporanji oħra għandhom ikunu jistgħu jasserixxu drittijiet f'livell li jirrifletti l-prestazzjoni tal-ħidma tal-individwu fil-perijodu qabel it-tqala u t-twelid, u li jiżgura l-akbar ugwaljanza possibbli ta' trattament fil-konfront tal-kollegi permanenti fis-settur ikkonċernat;

44. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, bir-rispett xieraq tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u f'konsultazzjoni mas-sħab soċjali, jiżviluppaw strateġiji għad-definizzjoni ta' standards minimi fis-settur tas-sevizzi, inklużi kuntatti regolari u negozjar kollettiv, u jippruvaw jindirizzaw il-konsegwenzi negattivi tas-segregazzjoni orizzontali u vertikali;

45. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jkunu miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza kontra n-nisa fis-settur tas-servizzi, b'mod partikolari l-vjolenza ekonomika, il-fastidju psikoloġiku u sesswali fuq il-post tax-xogħol, l-abbużi sesswali u t-traffikar tal-bnedmin;

46. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżguraw li l-kundizzjonijiet tax-xogħol tan-nisa (xogħol iebes u r-riskji li jġib miegħu kif ukoll l-ambjent tax-xogħol) fis-settur tas-servizzi jkunu konformi mad-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar Prinċipji u Drittijiet Fundamentali tax-Xogħol, adottata f'Ġunju 1998, u mal-konvenzjonijiet fundamentali speċifiċi tal-ILO;

47. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri kontra l-abbuż mis-servizzi ta' kura personali, bħall-massaġġi u s-sawna, biex jaħbu servizzi ta' natura sesswali fejn dawn jingħataw bi sfurzar u taħt il-kontroll ta' netwerks ta' traffikar tal-bnedmin;

48. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiggarantixxu l-protezzjoni ta' drittijiet soċjali u tax-xogħol għan-numru kbir ta' ħaddiema mobbli fis-settur tas-servizzi, u biex jiġġieldu kull tip ta' sfruttament u r-riskju tal-esklużjoni soċjali filwaqt li jiżguraw li l-informazzjoni dwar id-drittijiet tal-ħaddiema tkun faċilment aċċessibbli; jenfasizza li l-mobilità għandha tkun volontarja;

([1]) ĠU L 68, 18.3.2010, p. 13.

49. Jinnota l-ħtieġa li jiġu promossi korsijiet ta' taħriġ inizjali u kontinwi għan-nisa, li għandhom ikunu wkoll immirati u koerenti mal-għan tal-iżvilupp tal-kompetenzi xjentifiċi u tekniċi meħtieġa għad-dħul fid-dinja tax-xogħol u għall-karriera;

50. Jirrimarka li, filwaqt li qed jiżdied l-għadd ta' nisa li jużaw il-kompjuters u l-Internet b'mod elementari, il-qasma diġitali rigward tal-ħiliet għadha wiesgħa ħafna, fatt li lin-nisa jirrestrinġilhom l-aċċess u l-użu tat-teknoloġiji tal-infoamrzzjoni u tal-komunikazzjoni (ICTs), u b'hekk itellfilhom il-kapaċità li jfittxu u jsibu xogħol kwalifikat u, konsegwentement, jintensifika l-inugwaljanzi fid-djar, fil-komunitajiet, fis-swieq tax-xogħol u fl-ekonomija inġenerali; jitlob, għalhekk, li jsiru sforzi biex jippromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-użu tat-teknoloġiji l-ġodda billi jingħatalhom aċċess prijoritarju għal korsijiet ta' taħriġ b'xejn; jistieden lill-Istati Membri u lir-Reġjuni sabiex ifasslu korsijiet ta' taħriġ b'xejn fl-informatika permezz ta' proġetti ffinanzjati mill-Fond Soċjali Ewrepew (FSE), biex b'hekk in-nisa jingħataw il-possibbiltà li jiksbu kompetenzi tekniċi ġodda fl-oqsma tat-teknoloġiji ġodda u l-informatika li jwasslu għal opportunitajiet akbar ta' impjieg tan-nisa fis-settur tas-servizzi; jistieden lill-gvernijiet jimplimentaw politiki (bħal kampanji ta' promozzjoni u boroż ta' studju speċifiċi) immirati biex iżidu r-reġistrazzjoni tal-istudenti femminili f'korsijiet tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;

51. Jitlob li jsir djalogu soċjali b'saħħtu u l-involviment tar-rappreżentanti ta' min iħaddem u tal-ħaddiema fl-istabbiliment tal-prijoritajiet tal-UE fil-qasam tas-settur tas-servizzi fir-rigward tal-ħarsien tad-drittijiet soċjali u tax-xogħol, il-benefiċċji tal-qgħad u d-drittijiet rappreżentattivi;

52. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

## Edukazzjoni, Taħriġ u Ewropa 2020

P7_TA(2012)0323

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar l-Edukazzjoni, it-Taħriġ u Ewropa 2020 (2012/2045(INI))**

(2013/C 353 E/07)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikoli 165 u 166 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tagħha,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2011 bit-titolu 'L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir 2012' (COM(2011)0815),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Diċembru 2011 bit-titolu:'L-Edukazzjoni u t-Taħriġ f'Ewropa intelliġenti, sostenibbli u inklussiva' (COM(2011)0902),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Marzu 2010 dwar 'Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv' (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2010 dwar id-dimensjoni soċjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ [1],

[1] ĠU C 135, 26.5.2010, p. 2.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Mejju 2009 dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ ('ET 2020') ([1]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 bit-titolu 'Żgħażagħ f'Moviment' – il-promozzjoni tal-mobilità fit-tagħlim taż-żgħażagħ ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra t-tluq kmieni mill-iskola ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar it-tagħlim fl-ewwel snin tat-tfulija fl-Unjoni Ewropea ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Mejju 2010 dwar il-kompetenzi ewlenin għal dinja li qed tinbidel: l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010 ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar l-għoti ta' tagħlim tul il-ħajja għat-tagħrif, il-kreattività u l-innovazzjoni – l-implimentazzjoni tal-'Programm ta' ħidma dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010' ([6]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjoni tal-Kummissjoni għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A7-0247/2012),

A. billi, minkejja xi titjib fl-edukazzjoni u t-taħriġ, għall-maġġoranza tal-popolazzjoni tal-UE it-tagħlim tul il-ħajja (TTĦ) għadu m'huwiex realtà, u ċerta indikaturi huma, fil-fatt, inkwetanti, billi, flimkien mal-edukazzjoni ġenerali u t-taħriġ vokazzjonali, l-importanza tal-edukazzjoni adulta formali u mhux formali għandha tiġi enfasizzata wkoll;

B. billi l-istrateġiji tat-TTĦ huma l-bogħod milli jiġu implimentati għal kollox f'ħafna Stati Membri, għalkemm huma parti ewlenija tal-istrateġija tal-UE 2020;

C. billi l-politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ jeħtieġ li jipprovdu opportunitajiet ta' TTĦ għal kulħadd, irrispettivament mill-età, diżabilità, sess, razza jew oriġini etnika, reliġjon jew twemmin, orjentament sesswali, sfond lingwistiku u soċjo-ekonomiku tal-individwu;

D. billi opportunitajiet ta' tagħlim li huma limitati u mhux imfassla sew għadhom jippersistu għal nies li ġejjin minn gruppi differenti; u billi kemm il-popli indiġeni kif ukoll il-gruppi lingwistiċi u kulturali minoritarji għandhom ikunu jistgħu jsegwu t-tagħlim bil-lingwa materna tagħhom;

E. billi t-tkabbir ekonomiku għandu jkun ibbażat, bħala suġġett ta' prijorità, fuq l-edukazzjoni, it-tagħrif, l-innovazzjoni u l-politiki soċjali adattati sabiex l-UE toħroġ mill-kriżi attwali, u huwa importanti li jiġu implimentati l-politiki f'din l-isfera fl-istrateġija ta' struttura tal-UE 2020 b'mod tajjeb u sħiħ sabiex tgħaddi minn dan il-perjodu kruċjali;

([1]) ĠU C 119, 28.5.2009, p. 2.
([2]) ĠU C 199, 7.7.2011, p. 1.
([3]) Testi adottati, P7_TA(2011)0531.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2011)0231.
([5]) ĠU C 161 E, 31.5.2011, p. 8.
([6]) ĠU C 45 E, 23.2.2010, p. 33.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

F. billi l-Istati Membri għandhom responsabbiltà pubblika għat-tħejjija ta' politiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ, u billi dawn l-oqsma jeħtieġu allokazzjonijiet pubbliċi xierqa biex jiġi żgurat l-aċċess ugwali għall-edukazzjoni mingħajr diskriminazzjoni soċjali, ekonomika, kulturali, razzjali jew politika;

G. billi l-miżuri ta' awsterità, u t-tnaqqis konsegwenti fil-baġit għas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ fl-UE, ipoġġu f'periklu wieħed mill-motivaturi ewlenin ta' koeżjoni u tkabbir u jnaqqas l-objettiv ta' stabbiliment ta' ekonomija bbażata fuq l-għarfien fl-Ewropa;

H. billi l-Istati Membri jeħtieġ li jkomplu jaħdmu flimkien u jagħmlu skambju tal-aħjar prattiki sabiex imexxu 'l quddiem is-sistemi nazzjonali tagħhom tal-edukazzjoni u t-taħriġ;

I. billi n-nuqqas suffiċjenti ta' tagħrif tal-lingwa jkompli jkun ostaklu enormi għall-mobilità għall-fini ta' edukazzjoni u taħriġ;

J. billi strateġija ta' edukazzjoni u taħriġ ta' suċċess għandha timmira wkoll li tgħammar lill-istudenti b'ħiliet u kompetenzi neċessarji għall-iżvilupp personali u ċ-ċittadinanza attiva;

K. billi t-TTĦ għandu ġenwinament ifisser tul il-ħajja fil-kuntest demografiku attwali, u billi għandna nkomplu nieħdu konsiderazzjoni aħjar tal-potenzjal tat-tagħlim akkumulat minn persuni ta' età akbar;

L. billi l-kompetenzi fit-teknoloġiji l-ġodda jiffaċilitaw l-objettivi tat-Tagħlim Tul il-Ħajja (TTĦ) b'mod sinifikanti;

M. billi t-TTĦ huwa proċess kontinwu ta' tagħlim u għandu jibqa' għaddej tul il-ħajja kollha ta' persuna, minn edukazzjoni ta' kwalità għal tfal ta' età bikrija sal-età ta' wara x-xogħol;

N. billi t-tfal kollha jiġu pprovduti b'faċilitajiet u edukazzjoni ta' kwalità għal tfal ta' età bikrija huma ta' investiment fil-futur u jipprovdu benefiċċju kbir kemm għall-individwu kif ukoll għas-soċjetà;

O. billi t-Tluq Bikri mill-Iskola (ESL) għandu konsegwenzi serji kemm għall-individwu kif ukoll għall-iżvilupp soċjali u ekonomiku tal-UE;

P. billi għandha tiġi kkunsidrata aktar innovazzjoni fil-qasam tal-għotjiet tal-istudenti fl-istadju tal-edukazzjoni ta' qabel id-dħul fl-università;

Q. billi l-aċċessibbiltà għall-edukazzjoni u t-taħriġ hija sfida kruċjali wkoll biex tikkontribwixxi aktar għall-inklużjoni soċjali, il-koeżjoni u l-ġlieda kontra l-faqar;

R. billi l-awtoritajiet Ewropej, nazzjonali, reġjonali u lokali jeħtieġ li jikkoperaw biex jindirizzaw b'suċċess l-isfidi li l-Ewropa attwalment qed tiffaċċja;

1. Jinnota l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq dwar 'Edukazzjoni u Taħriġ f'Ewropa intelliġenti, sostenibbli u inklussiva';

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

2. Ifakkar li, qabel il-kriżi attwali, il-prestazzjoni tal-Istati Membri f'termini ta' parteċipazzjoni tal-gruppi kollha ta' età fl-edukazzjoni, fit-taħriġ u fit-TTĦ kien wieħed varjat ħafna u l-medja ġenerali tal-UE baqgħet lura meta mqabbla ma' medji internazzjonali;

3. Jirrimarka illi wħud mill-Istati Membri għaddew minn tnaqqis konsegwenti fil-baġit għall-edukazzjoni u t-taħriġ fid-dawl tas-sitwazzjoni ekonomika attwali, iżda jemmen li dawk l-investimenti bl-ikbar valur strateġiku għandhom jiġu protetti u anke miżjuda. jenfasizza illi l-qafas finanzjarju multiannwali tal-Unjoni jantiċipa li l-edukazzjoni u s-setturi relatati se jottjenu l-ogħla żieda perċentwali taħt il-baġit fit-tul tal-UE;

4. Jindika l-bżonn li tiġi approvata ż-żieda fil-baġit iddedikat għas-setturi tal-edukazzjoni u għas-setturi relatati taħt il-qafas finanzjarju multiannwali; jitlob lill-Istati Membri sabiex jadottaw l-istrateġiji tagħhom tat-TTĦ, b'ammonti adattati ta' riżorsi finanzjarji bħala l-aqwa għodda possibbli disponibbli biex jintlaħqu l-objettivi elenkati fl-istrateġija tal-ET 2020;

5. Jenfasizza li l-ispejjeż ekonomiċi tal-konsegwenzi tan-nuqqas ta' rendiment edukattiv, li jinkludi t-tluq mill-iskola u inugwaljanzi soċjali fis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-impatt tagħhom fuq l-iżvilupp tal-Istati Membri, huma iktar għoljin b'mod sinifikanti mill-ispejjeż tal-kriżi finanzjarja, u l-Istati Membri diġa' qed iħallsu qares sena wara sena;

6. Jitlob lill-Istati Membri biex jagħtu prijorità lin-nefqiet fl-edukazzjoni, fit-taħriġ, fiż-żgħożija, fit-tagħlim tul il-ħajja, fir-riċerka, fl-innovazzjoni u fid-diversità kulturali u lingwistika, li huma investimenti għal tkabbir u bilanċ ekonomiku fil-futur, u fl-istess ħin jiggarantixxu l-valur miżjud ta' dan l-investiment; itenni, f'dan ir-rigward, it-talba li jiġi mmirat investiment totali ta' mill-anqas 2 % tal-PDG fl-edukazzjoni għolja, kif rakkomandat mill-Kummissjoni fl-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u l-Imjiegi, bħala l-mimimu meħtieġ għall-ekonomiji bbażati fuq l-għarfien;

7. Ifakkar li sabiex ikunu kompetittivi mal-abbiltajiet globali ġodda fil-futur l-Istati Membri huma rikjesti sabiex jiksbu l-objettivi bażiċi tal-Ewropa 2020 li, fil-qasam tal-edukazzjoni, jistgħu jiġu espressi li jilħqu 3 % f'investimenti għar-riċerka, li jiżdiedu għall-40 % fin-numru taż-żgħażagħ b'edukazzjoni universitarja, u jirriduċu dawk li jitilqu kmieni mill-iskola għal inqas minn 10 %;

8. Ifakkar l-importanza tar-riċerka fil-qafas tal-istrateġija ambizzjuża għall-edukazzjoni u t-taħriġ; għal-hekk, jistaqsi, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jerġgħu jinforzaw l-azzjonijiet tagħhom bil-għan li jżidu n-numru taż-żgħażagħ li jidħlu f'dan il-qasam;

9. Ifakkar li hemm bżonn tingħata fokus speċjali liż-żgħażagħ, wieħed għandu jżomm f'moħħu li r-rata tal-qgħad fl-UE żdiedet għal iktar minn 20 %, bl-ogħla valur jeċċedi l-50 % f'diversi Stati Membri jew diversi reġjuni, u li ż-żgħażagħ, partikolarment dawk iż-żgħażagħ li huma l-inqas kwalifikati, huma partikolarment milquta ħażin fil-kriżi attwali; jenfasizza b'mod partikolari, l-effetti negattivi tal-programmi ta' awsterità f'termini ta' qgħad fost iż-żgħażagħ f'xi Stati tal-UE, speċjalment dawk fin-nofsinhar tal-Ewropa, li jwassal, per eżempju, għal-eżodu ta' mħuħ sinifikanti lejn pajjiżi oħra, inklużi l-pajjiżi ta' barra mill-UE; ifakkar ukoll li wieħed minn kull sebat itfal tal-iskola fil-ġurnata tal-lum (14.4 %) iħalli s-sistema tal-edukazzjoni b'mhux iżjed minn edukazzjoni sekondarja baxxa u ma jipparteċipax f'edukazzjoni jew taħriġ ieħor;

10. Jinnota l-eżistenza tas-sistemi ta' taħriġ vokazzjonali doppji f'xi wħud mill-Istati Membri li jassiguraw għaqda bejn it-teorija u l-prattika u jippermettu dħul aħjar fid-dinja tax-xogħol iktar minn forom ta' taħriġ purament ibbażati għall-iskejjel;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

11. Jipproponi li l-Istati Membri jnaqqsu l-investimenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ mill-kalkolazzjoni tad-defiċit nazzjonali tal-patt fiskali billi huma kkunsidrati li jkunu motivaturi ewlenin għall-irkupru sod skont l-objettivi tal-UE 2020;

12. Jitlob lill-istituzzjonijiet tal-UE biex jagħmlu sforzi akbar sabiex jelaboraw politiki dwar iż-żgħażagħ li huma iktar ċari, aktar immirati għall-politiki taż-żgħażagħ fil-livell tal-UE li huma adattati għall-isfidi ġodda tas-soċjetà; il-ġenerazzjoni attwali taż-żgħażagħ thoss li mhux se jirnexxilha tikseb l-istess livell ta' prosperità bħalma kisbet il-ġenerazzjoni ta' qabel;

13. B'mod partikolari, jitlob lill-Istati Membri sabiex jimplimentaw miżuri mmirati lejn iż-żgħażagħ li huma probabbli li jitilqu mill-iskola kmieni jew li m'humiex fl-edukazzjoni, fit-taħriġ jew fl-impjieg, sabiex joffrulhom tagħlim ta' kwalità u jipprovduhom b'taħriġ u bi skemi ta' garanzija għaż-żgħażagħ, sabiex ikunu jistgħu jiksbu l-abbiltajiet u l-esperjenza li għandhom bżonn biex jidħlu fl-impjieg, u sabiex jiffaċilitaw ir-ritorn ta' wħud minnhom fis-sistema edukazzjonali; jitlob, fl-istess ħin, għall-attenzjoni speċjali tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali fl-edukazzjoni terzjarja, filwaqt li tiġi kkunsidrata d-diversità fis-sistemi edukattivi nazzjonali; jitlob lill-Istati Membri sabiex jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jiżguraw li ż-żgħażagħ jistgħu jiksbu esperjenza ta' xogħol reali u jidħlu malajr fis-suq tax-xogħol; jenfasizza li l-iskemi ta' taħriġ għandhom ikunu relevanti għall-istudji u jifformaw parti mill-kurrikulu;

14. Jirrimarka li l-kapaċità għall-impjieg taż-żgħażagħ huwa partikolarment f'riskju fil-perjodu ta' kriżi; jenfasizza l-importanza li ssir osservazzjoni ta' kemm iż-żgħażagħ gradwati jottjenu impjieg malajr u adattat għall-edukazzjoni u t-tagħrif tagħhom wara li jlestu l-edukazzjoni, u li ssir analiżi, abbażi ta' din l-informazzjoni, tal-kwalità tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u tal-bżonn u l-possibiltà li jsiru aġġustamenti;

15. Jitlob lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jaħdmu b'mod konsistenti fuq l-introduzzjoni, l-implimentazzjoni u iktar żvilupp fis-Sistema Ewropea ta' Kreditu għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali, il-Europass u l-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki;

16. Jenfasizza li ż-żgħażagħ għandhom rwol importanti x'jilagħbu fil-kisba tal-miri ewlenin tal-UE għall-2020 fir-rigward tal-impjieg, ir-riċerka u l-innovazzjoni, il-klima u l-enerġija, l-edukazzjoni u l-ġlieda kontra l-faqar;

17. Jenfasizza l-importanza tal-edukazzjoni informali u mhux formali għall-iżvilupp tal-valuri, l-ħiliet u l-kompetenzi, b'mod partikolari għaż-żgħażagħ, kif ukoll għat-tagħlim dwar iċ-ċittadinanza u l-involviment demokratiku; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tiżgura appoġġ, inkluż appoġġ finanzjarju, għall-edukazzjoni informali u mhux formali fil-qafas tal-programmi ġodda tal-edukazzjoni u taż-żgħażagħ, kif ukoll taċ-ċittadinanza;

18. Jitlob lill-universitajiet sabiex iwessgħu l-aċċess għat-tagħlim, u jimmodernizzaw il-kurrikulu tagħhom biex jindirizzaw sfidi ġodda, sabiex jgħollu fil-grad l-abbiltajiet tal-popolazzjoni Ewropea, mingħajr ma jsejjħu in kwistjoni in-nuqqas akkademiku f'termini li jwasslu t-tagħrif, u jżommu f'moħħhom li l-bidla demografika hija realtà fl-Ewropa li ma tistax tiġi miċħuda; jenfasizza, f'dan il-kuntest, l-importanza tal-appoġġ u r-rikonoxximent tal-edukazzjoni mhux formali u t-tagħlim informali;

19. Jinkoraġixxi d-djalogu bejn il-partijiet interessati privati, partikolarment l-SMEs u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja/universitajiet sabiex jippromwovu l-akkwist mill-istudenti tal-għarfien u l-ħiliet biex jiffaċilitaw id-dħul tagħhom fis-suq tax-xogħol; ifakkar lil min iħaddem dwar l-importanza tal-inizjazzjoni fil-ħidma, billi din tippromwovi l-aġġustament taż-żgħażagħ fil-ħajja tax-xogħol;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

20. Ifakkar li l-kreattività hija element essenzjali tal-ekonomija l-ġdida bbażata fuq l-għarfien; jenfasizza li s-settur tal-kreattività jagħti kontribut b'saħħtu u dejjem jikber lill-ekonomija, li jammonta għal 4.5 % tal-PDG tal-UE u għal 8.5 miljun impjieg;

21. Jikkunsidra s-sinerġija bejn il-provvista tax-xogħol u l-kapaċità ta' assorbiment tas-suq tax-xogħol bħala essenzjali;

22. Jenfasizza l-irwol essenzjali li jilgħabu s-servizzi pubbliċi tal-impjieg fit-twettieq tal-politiki ta' assistenza u ta' pariri għal min ikun qed ifittex impjieg, b'mod partikolari għall-għajnuna fit-tfittxija tax-xogħol u tat-taħriġ. jenfasizza li numru dejjem jiżdied ta' dawn li qed ifittxu x-xogħol għandhom jirċievu taħriġ adegwat li jiffaċilitalhom ir-ritorn tagħhom fis-suq tax-xogħol, u għalhekk iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jagħmlu disponibbli dawn ir-riżorsi neċessarji;

23. Jenfasizza l-importanza kritika li jiġi ffaċilitat l-aċċess għat-TTĦ għall-persuni b'diżabilità, mhux biss permezz tal-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' programmi mmirati iżda wkoll permezz ta' integrazzjoni tad-diżabilità fil-programmi kollha li huma intenzjonati għall-pubbliku ġenerali; attenzjoni partikolari għandha tingħata, f'dan ir-rigward, għar-rabta bejn id-diżabilità u t-TTĦ sabiex jipprevenu l-esklużjoni soċjali u tiġi msaħħa ġenwinament il-pożizzjoni ta' dawk b'diżabilità fis-suq tax-xogħol, billi, skont l-istudji kollha relevanti, il-livell tal-edukazzjoni ta' dawk b'diżabilità huwa taħt il-medja filwaqt li l-grad tagħhom ta' parteċipazzjoni fil-programmi in kwistjoni huwa baxx ħafna;

24. Ifakkar li min iħaddem għandu responsabbiltà ewlenija biex jagħmel it-TTĦ realtà għal kulħadd, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-ugwaljanza bejn is-sessi; jinkoraġixxi lil min iħaddem sabiex jiġi ffaċilitat t-taħriġ kontinwu matul il-karriera tal-ħaddiema billi tingħata iktar viżibilità lid-dritt għat-taħriġ, billi jiġi żgurat li t-taħriġ huwa disponibbli għall-ħaddiema kollha u billi jingħata kreditu proprju għat-taħriġ fis-servizz, b'hekk ikun possibbli għal aktar speċjalizzazzjoni u jiġu kkreati opportunitajiet għall-avvanz fil-karriera;

25. Jitlob għal sforzi akbar sabiex tiġi stabbilita u implimentata sistema Ewropea għaċ-ċertifikazzjoni u r-rikonoxximent tal-kwalifiki, tat-tagħlim formali u mhux formali, li jinkludu servizz volontarju, sabiex jiġu msaħħa l-għaqdiet vitali bejn it-tagħlim mhux formali u l-edukazzjoni formali, kif ukoll tiġi mtejba l-mobilità nazzjonali u transkonfinali tal-edukazzjoni u tas-suq tax-xogħol;

26. Jinnota d-disparità kbira bejn l-edukazzjoni nazzjonali u s-sistemi ta' taħriġ u, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, jirrakkomanda li r-rapport dwar il-progress għandu jkun akkompanjat minn manwal għal kull Stat Membru individwali li jinkludu rakkomandazzjonijiet ta' kif il-politiki eżistenti jistgħu jiġu mtejba u s-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni żviluppati;

27. Jitlob għall-dimensjoni esterna tal-politiki tal-UE biex jiġu mkabbra permezz ta' djalogu tal-politika intensifikata u permezz ta' kooperazzjoni dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ bejn l-Unjoni u l-imsieħba internazzjonali tagħha u pajjiżi ġirien, li timmira li (a) tirrifletti l-interdipendenzi ekonomiċi, soċjali u politiċi li qed jiżdiedu, (b) tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-dimensjoni esterna tal-Ewropa 2020, u (c) tappoġġja l-istabilità, il-prosperità u opportunitajiet ta' mpjieg aħjar għaċ-ċittadini tal-pajjiżi msieħba, u fl-istess ħin tiżviluppa strumenti aħjar biex tiġi mmaniġjata u ffaċilitata l-migrazzjoni tal-ħiliet lejn l-Ewropa, b'hekk jiġu bbilanċjati n-nuqqas ta' ħiliet u l-qsim li huma riżultat tal-iżviluppi demografiċi fl-Ewropa;

28. Ifakkar li, bħala atturi fis-suq globali tal-edukazzjoni, is-sistemi tal-edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali (ETV) għandhom bżonn li jkunu konnessi mad-dinja wiesgħa sabiex jibqgħu aġġornati u kompetittivi, u għandhom bżonn ikunu iktar kapaċi li jattrattaw studenti minn pajjiżi oħra terzi u Ewropej, u jipprovduhom b'edukazzjoni u taħriġ kif ukoll jagħmluha faċli li jirrikonoxxu l-abbiltajiet tagħhom; jenfasizza li bidla demografika u migrazzjoni internazzjonali jagħmlu dawn il-punti iktar relevanti;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

29. Jenfasizza li, għalkemm qed jitfaċċa qasam Ewropew tal-edukazzjoni u t-taħriġ, l-objettiv li jitneħħew l-ostakli għall-mobilità għadu ma nkisibx, u l-mobilità tal-istudenti fl-ETV għadha baxxa; jenfasizza li billi tiżdied sostanzjalment il-mobilità transnazzjonali tal-istudenti u l-għalliema tal-ETV, u jiġu rikonoxxuti l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li jkunu akkwistaw minn barra l-pajjiż, ikunu sfidi importanti għall-futur, u li l-proviżjoni ta' informazzjoni u l-gwida aħjar huma bżonnjużi wkoll biex jattiraw aktar studenti barranin lejn is-sistemi tal-ETV tagħna;

30. Jiddispjaċih li l-Kommunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar 'L-Edukazzjoni u t-Taħriġ f'Ewropa intelliġenti, sostenibbli u inklussiva' ma tagħtix kopertura adegwata lill-kwistjoni tal-iżvilupp bikri tal-iskola, partikolarment lid-dimensjoni lingwistika tagħha, minkejja l-fatt li tikkonsisti f'objettivi bażiċi tal-istrateġija tal-'Ewropa 2020'; jemmen li dan l-istadju tal-edukazzjoni għandu jiġi meqjus bħala l-iktar kruċjali għall-akkwist tal-edukazzjonu futura tal-individwu u l-iżvilupp personali u soċjali; jemmen li t-tfal se jibbenefikaw minn edukazzjoni bikrija li hija mmirata biex tkabbar il-ħiliet motoriċi u soċjali kif ukoll tippromwovi t-tkabbir emozzjonali bbilanċjat filwaqt li fl-istess ħin tistimula l-kurżità intellettwali;

31. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tinkoraġixxi u tgħin lill-Istati Membri jpoġġu f'posthom il-miżuri biex jassistu t-tfal fil-mogħdijiet edukattivi ġenwini, minn età bikrija ħafna;

32. Jemmen bis-sħiħ li l-investiment fl-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (EKBT), mfassla b'mod xieraq għall-perjodu ta'sensittività u l-livell ta' maturità ta' kull grupp fil-mira, iġġib ritorni akbar milli jiġi investit f'xi stadju ieħor tal-edukazzjoni; jirrimarka li ġie ppruvat li l-investiment fis-snin bikrin tal-edukazzjoni jirriduċi l-ispejjeż futuri; jemmen ukoll li s-suċċess tal-edukazzjoni f'kull livell jiddependi minn għalliema li huma mħarrġa sew, u mit-taħriġ professjonali tagħhom li qed javvanza kontinwament, u l-investiment suffiċjenti huwa għalhekk bżonnjuż fit-taħriġ tal-għalliema;

33. Jenfasizza l-bżonn għall-kura professjonali tat-tfal sabiex tindirizza l-iżvilupp soċjali tat-tfal, partikolarment tfal f'familji li qed jesperjenzaw diffikultajiet soċjali;

34. Jenfasizza l-bżonn li kulħadd jakkwista ħiliet eċċellenti tal-lingwa minn eta' bikrija ħafna, li tkopri mhux biss il-lingwi uffiċjali tal-UE imma wkoll il-lingwi reġjonali u dawk fil-minoranza, għax dawn jippermettu lin-nies sabiex ikunu iktar mobbli, jagħtuhom aċċess ikbar għas-suq tax-xogħol u jżidu l-opportunitajiet għall-istudju b'mod sinifikanti, filwaqt li jservu biex jippromwovu skambji interkulturali u koeżjoni akbar Ewropea;

35. Jenfasizza li huwa neċessarju li tiġi inkoraġġuta l-mobilità għat-tagħlim tal-lingwi sabiex jiġi akkwistat l-objettiv li ċ-ċittadini kollha tal-Unjoni Ewropea għandhom ikunu jafu tal-inqas żewġ lingwi minbarra l-lingwa materna tagħhom;

36. Jinnota l-bżonn li jinbeda l-akkwist tal-lingwi qabel il-bidu tal-iskola, u jilqa' inizjattivi li jippermettu lill-istudenti li jitgħallmu l-lingwa nattiva fil-forma miktuba u mitħaddta bħala suġġett elettiv fl-iskola, b'hekk jakkwistaw ħiliet addizzjonali;

37. jemmen li huwa vitali li tiġi promossa l-mobilità permezz ta' programmi ambizzjużi tal-kommunità għall-edukazzjoni u l-kultura, b'mod partikolari permezz ta' tibdiliet ta' għalliema, studenti u tfal, u speċjalment fis-settur tal-lingwa, sabiex jiġi promossi ċ-ċittadinanza attiva u l-valuri Ewropej kif ukoll ħiliet tal-lingwa u ħiliet u kompetenzi oħra ta' valur;

38. Jinkoraġixxi lill-Kummissjoni sabiex tagħti l-appoġġ tagħha lill-iżvilupp tas-soluzzjonijiet innovattivi fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ li faċilment jistgħu jiġu adattati fir-rigward tal-lingwi u t-termini tekniċi, u dawn jikkreaw l-mobilità fis-setturi li huma affettwati l-inqas permezz tal-fenomenu tal-multilingwiżmu;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

39. Jirrikonoxxi l-kontribuzzjoni importanti tas-Sena Ewropea għat-Tixjiħ Attiv u s-Solidarjetà bejn il-Ġenerazzjonijiet tal- 2012, u jfakkar kemm huwa importanti għall-UE li ċ-ċittadini tagħha jingħataw l-opportunità li jipparteċipaw fit-tagħlim, fil-forom kollha tagħha, aktar tard fil-ħajja, u li jinvolvu studenti akbar fl-età fi djalogu ma' professjonisti li jaħdmu fis-servizzi li jipprovdu u jappoġġaw it-tagħlim;

40. Ifakkar li l-programm Grundtvig jimmira sabiex jgħin sabiex jiżviluppa s-settur tal-edukazzjoni adulta kif ukoll jawtorizza iktar nies sabiex jipparteċipaw fl-esperjenzi ta' tagħlim; jirrimarka li huwa jiffoka fuq it-tagħlim u l-bżonnijiet tal-istudju tal-istudenti li jieħdu l-edukazzjoni tat-tagħlim għall-adulti u l-korsijiet 'alternattivi' tal-edukazzjoni, kif ukoll dwar l-organizzazzjonijiet li jwasslu dawn is-servizzi; jitlob lill-Istati Membri sabiex itejbu l-kwalità tal-edukazzjoni offruta minn – u biex irawmu l-kooperazjoni bejn – organizzazzjonijiet tat-tagħlim għall-adulti;

41. Jenfasizza l-bżonn li jiġu promossi l-għodod Ewropej eżistenti, partikolarment l-Fondi Strutturali għat-taħriġ;

42. Jenfasizza li t-tagħlim fost l-adulti jestendi lilhinn mill-attivitajiet relatati mal-impjieg li jinkludu l-avvanz tal-ħiliet personali, ċiviċi u soċjali permezz tas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ formali matul il-ħajja, kif enfasissat mill-programm tat-TTĦ;

43. Jirrikonoxxi l-impatt pożittiv tal-attivitajiet tal-persuni adulti fuq is-soċjetà in ġenerali, promossi mill-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivitajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, li huma mwettqa għas-sodisfazzjon personali jew kuntatt soċjali;

44. Jenfasizza l-bżonn għal statistika dwar it-TTĦ li tkopri l-età minn 65 sena 'l fuq; jirrimarka li bl-età ta' rtirar li qed tiżdied f'ħafna mill-pajjiżi tal-UE, u bin-nies jaħdmu iktar tard fil-ħajja, huwa neċessarju li jitqies it-tibdil fil-popolazzjoni li jaqa' 'l barra mill-kategorija tal-età;

45. Jirrikonoxxi l-irwol li l-isport għandu fl-edukazzjoni u t-taħriġ, u għalhekk jistieden lill-Istati Membri sabiex iżidu l-investimenti fl-isports, u jippromwovu l-attivitajiet sportivi fl-iskejjel, sabiex jinkoraġixxu l-integrazzjoni u jikkontribwixxu għall-iżvliupp tal-valuri pożittivi fost iż-żgħażagħ Ewropej;

46. Jenfasizza li t-taħriġ tal-plejers f'livell lokali huwa fundamentali għall-iżvilupp sostenibbli u l-irwol tas-soċjetà fl-isport, u jesprimi l-appoġġ tiegħu għall-korpi li jirregolaw l-isports sabiex jinkoraġixxu lill-klabbs li jinvestu fl-edukazzjoni u t-taħriġ tal-plejers żgħażagħ lokali permezz ta' miżuri li jistabbilixxu numru minimu ta' plejers lokali imħarrġa fi skwadra tat-tim, u jinkoraġixxihom biex jimxu 'l quddiem;

47. Jinkoraġixxi lill-Istati Membri li jikkonsidraw l-possibilità li jintroduċu sistema iktar wiesgħa ta' għotjiet żgħar, b'minimu ta' burokrazija żejda, għall-istudenti fl-istadju tal-edukazzjoni qabel id-dħul fl-università li jkunu ffaċjati minn diffikultajiet finanzjarji, sabiex jinkoraġġuhom biex jibqgħu fl-edukazzjoni, u b'hekk jikkontribwixxu għall-eliminazzjoni tan-nuqqas ta' ugwaljanza u jassiguraw opportunitajiet akbar ta' tagħlim għal kulħadd;

48. Jemmen li għandu jsir sforz akbar biex tiġi indirizzata d-disparità bejn l-irġiel u n-nisa li jiggradwaw bi gradi fis-suġġetti STEM (xjenza, teknoloġija, inġinerija u matematika), hekk kif jidher bil-fatt li 20 % biss tal-gradwati tal-inġinerija huma nisa;

49. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

# Id-distribuzzjoni onlajn ta' xogħlijiet awdjoviżivi fl-UE

P7_TA(2012)0324

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar id-distribuzzjoni onlajn ta' xogħlijiet awdjoviżivi fl-Unjoni Ewropea (2011/2313(INI))**

(2013/C 353 E/08)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-konvenzjoni dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali adottata mill-Organizzazzjoni Edukattiva, Xjentifika u Kulturali tan-Nazzjonijiet Uniti (Unesco) fl-20 ta' Ottubru 2005,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li fuq il-bażi tiegħu s-setturi kulturali u kreattiva jagħtu kontribut sinifikanti għall-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni, inklużi r-razziżmu u l-ksenofobija,

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dipożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-fornimant ta' servizzi tal-midja awdjoviżiva (Id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li fuq il-bażi tiegħu jeħtieġ li tkun garantita l-protezzjoni tad-dejta personali,

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 1718/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' programm ta' appoġġ għas-settur awdjoviżiv Ewropew (MEDIA 2007) ([2]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2005 dwar il-patrimonju ċinematografiku u l-kompetittività ta' attivitajiet industrijali relatati ([3]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Awwissu 2006 dwar id-diġitizzazzjoni u l-aċċessibilità onlajn tal-materjal kulturali u l-preżervazzjoni diġitali ([4]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummisjsoni tat-3 ta' Marzu 2010 bl-isem "Ewropa 2020: strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv" (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Awwissu 2010 bl-isem: "Aġenda Diġitali għall-Ewropa" (COM(2010)0245),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar l-isfruttar tal-potenzjal tal-industriji kulturali u kreattivi ([5]),

([1]) ĠU L 95, 15.4.2010, p. 1.
([2]) ĠU L 327, 24.11.2006, p. 12.
([3]) ĠU L 323, 9.12.2005, p. 57.
([4]) ĠU L 236, 31.8.2006, p. 28.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2011)0240.

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0262/2012),

A. billi l-era diġitali, mill0istess natura tagħha, toffri opportunitajiet kbar għall-ħolqien u t-tqassim tax-xogħolijiet, imma tippreżenta wkoll sfidi enormi;

B. billi l-progress tas-suq b'ħafna modi ħoloq it-tkabbir meħtieġ u l-kontenut kulturali f'konformità mal-għanijiet tas-suq uniku;

C. billi illum jeżisti iżjed kontenut għall-konsumatur minn qatt qabel;

D. billi huwa essenzjali li s-settur awdjoviżiv Ewropew isir aktar kompetittiv filwaqt li jappoġġja s-servizzi onlajn u jippromwovi wkoll iċ-ċiviltà, id-diversità lingwistika u kulturali u l-pluraliżmu tal-midja tal-Ewropa;

E. billi d-dritt tal-awtur huwa strument legali vitali li jagħti ċertu drittijiet esklussivi lid-detenturi tad-drittijiet u jħares dawn id-drittijiet, u jippermetti li l-industriji kulturali u kreattivi jikbru u jgawdu minn prosperità finanzjarja filwaqt li jgħinu wkoll biex jiġu ssalvagwardjati l-impjiegi;

F. billi tibdiliet fil-qafas ġuridiku bil-għan li li jiffaċilitaw il-ksib tad-drittijiet jiffavorixxu ċ-ċirkolazzjoni libera tax-xogħlijiet fl-Unjoni u jikkontribwixxu biex isaħħu l-industrija awdjoviżiva Ewropea;

G. billi l-impriżi tax-xandir Ewropej għandhom rwol kruċjali għall-promozzjoni tal-industrija kreattiva Ewropea u l-ħarsien tad-diversità kulturali, u billi l-impriżi tax-xandir jiffinanzjaw aktar minn 80 % tal-kontenut awdjoviżiv oriġinali Ewropew;

H. billi l-użu ċinematografiku kummerċjali jkompli jirrappreżenta parti importanti mid-dħul ta' xogħol ċinematografiku u għandu impatt konsiderevoli fuq is-suċċess ta' film fuq il-pjattaformi tal-video-on-demand;

I. billi l-Artikolu 13 (1) tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva jipprovdi l-bażi għall-introduzzjoni ta' impenji ta' finanzjament u promozzjoni tas-servizzi tal-midja awdjoviżiva on-demand, għaliex huma wkoll għandhom rwol kruċjali fil-promozzjoni u l-ħarsien tad-diversità kulturali;

J. billi l-impriżi tax-xandir Ewropej, li joperaw f'ambjent ta' pjattaformi multipli diġitali, konverġenti u multimedjali, jeħtieġu sistemi flessibbli u orjentati lejn il-ġejjieni li jikkjarifikaw id-drittijiet, u li jippermettu wkoll il-kjarifika effettiva tad-drittijiet f'punt uniku ta' servizz; billi, fil-pajjiżi Nordiċi, sistemi flessibbli ta' kjarifika tad-drittijiet ta' dan it-tip ilhom jeżistu għal għexieren ta' snin;

K. billi huwa indispensabbli li jiġi garantit l-iżvilupp ta' firxa diversa ta' offerta legali onlajn attraenti, u sabiex tkun faċilitata iżjed u żgurata d-distribuzzjoni faċli ta' din l-offerta billi jinżammu f'minimu assolut l-ostakoli għal-liċenzjar, inkluż il-liċenzjar transkonfinali; jenfasizza wkoll l-importanza li jkun faċilitat l-użu tal-kontenut għall-konsumaturi, partikolarment rigward il-ħlas;

L. billi l-konsumaturi qed jitolbu l-aċċess għal għażla dejjem akbar ta' films onlajn, irrispettivament mil-lok ġeografiku tal-pjattaforma;

M. billi d-distribuzzjoni transfruntiera tax-xogħlijiet awdjoviżivi diġà qed isseħħ illum fl-Ewropa, abbażi ta' liċenzji pan-Ewropej miksuba fuq bażi volontarja, u billi l-iżvilupp ulterjuri tagħhom jista' jkun qieħed mit-toroq li għandhom jiġu esplorati, dment li teżisti d-domanda ekonomika korrispondenti; billi għandu jsir ir-rikonoxximent dovut tal-fatt li l-kumpaniji jeħtiġilhom ukoll jikkunsidraw id-diversi preferenzi lingwistiċi u kuturali tal-konsumaturi Ewropej, li jirriflettu l-għażliet diversi taċ-ċittadini tal-UE fil-konsum tax-xogħlijiet awdjoviżivifis-suq intern;

N. billi d-distribuzzjoni onlajn tal-prodotti awdjoviżivi hija opportunità eċċellenti biex ittejjeb l-għarfien tal-lingwi Ewropej, u billi dan il-għan jista' jintlaħaq permezz ta' verżjonijiet oriġinali u l-possibbiltà li l-prodotti awdjoviżivi jiġu tradotti f'varjetà kbira ta' lingwi;

O. billi, kemm għad-detenturi tad-drittijiet kif ukoll għall-konsumaturi, huwa essenzjali li tkun żgurata ċ-ċertezza ġuridika rigward l-applikazjzoni tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet ġirien fl-ispazju diġitali Ewropew, permezz ta' aktar koordinament tar-regoli legali bejn l-Istati Membri;

P. billi t-tisħiħ tal-qafas legali għas-settur awdjoviżiv fl-Ewropa jikkontribwixxi għal aktar protezzjoni tal-libertà tal-espressjoni u tal-ħsieb, filwaqt li jsaħħaħ il-valuri u l-prinċipji demokratiċi tal-UE;

Q. billi jeħtieġ li tittieħed azzjoni speċifika biex il-wirt ċinematografiku u awdjoviżiv Ewropew jiġi ppreservat, partikolarment permezz tal-promozzjoni tad-diġitizzazzjoni tal-kontenut, u billi jsir aktar faċli għaċ-ċittadini u l-utenti li jaċċessaw il-wirt ċinematografiku u awdjoviżiv Ewropew;

R. billi l-introduzzjoni ta' sistema ta' identifikazzjoni u ta' tikettar ta' xogħlijiet tippermetti li d-detenturi tad-drittijiet jiġu protetti u li jiġi llimitat l-użu mhux awtorizzat;

S. billi huwa assolutament essenzjali li titħares in-newtralità tan-net fin-netwerks tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni u jkun garantit li d-disinn tal-pjattaformi tal-midja u tal-players ikun teknoloġikament newtrali bil-għan li tkun żgurata d-disponibilità tas-servizzi awdjoviżivi, u għall-promozzjoni tal-espressjoni u tal-pluraliżmu tal-midja fl-Unjoni Ewropea u l-qies tal-konverġenza teknoloġika;

T. billi la jista' jkun hemm kreattività sostenibbli u lanqas diversità kulturali mingħajr jew drittijiet tal-awtur li jipproteġu u jippremjaw lil dawk li joħolqu l-kontenut, jew inkella aċċess legalment ineċ-ċeppibbli għall-wirty kulturali għall-utenti tiegħu; billi mudelli ġodda tan-negozju għandhom jinkorporaw sistemi effikaċi tal-liċenzjar, kontinwazzjoni tal-investiment fid-diġitalizzazzjoni tal-kontenut kreattiv, u aċċess faċli għall-konsumaturi;

U. billi għadd kbir ta' vjolazzjonijiet tad-drittijiet tal-awtur jew drittijiet relatati tal-proprjetà intellettwali huma kkawżati mill-bżonn komprensibbli tal-udjenza potenzjali għal offerti kontenuti awdjoviżivi ġodda b'kundizzjonijiet ta' prezz ġust, u billi din id-domanda għadha ma ġietx sodisfatta biżżejjed;

V. billi jeħtieġ li jiġu mħeġġa l-adattamenti għar-realtajiet tal-era diġitali, u partikolarment dawk li għandhom l-għan li jevitaw ir-rilokazzjonijiet motivati mit-tiftixa għal leġiżlazzjoni li tagħti l-anqas protezzjoni possibbli;

W. billi l-ekwità titlob li l-kuntratti kollha jipprevedu remunerazzjoni ġusta għall-awturi għall-forom kollha tal-użu tax-xogħlijiet tagħhom, inkluż l-użu onlajn;

X. billi hemm ħtieġa urġenti li l-Kummissjoni tipproponi direttiva dwar il-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet u dwar is-soċjetajiet tal-ġbir tqawwi l-fiduċja fis-soċjetajiet tal-ġbir billi tintroduċi miżuri maħsuba biex itejbu l-effiċjenza, iżidu t-trasparenza b'mod sinifikanti u jippromwovu l-governanza tajba tagħhom u r-riżoluzzjoni efiċjenti tat-tilwim;

Y. billi l-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet hija għodda essenzjali għax-xandara, minħabba l-għadd kbir ta’ drittijiet li jridu jikklerjaw kuljum, u għalhekk għandu jsir provvediment għal skemi effiċjenti tal-liċenzjar għall-użu onlajn *on-demand* tal-kontenut awdjoviżiv;

Z. billi jkun f’loku li t-taxxa tal-oġġetti u tas-servizzi kulturali tiġi adattata għall-era diġitali;

AA. billi l-prinċipju tal-kronoloġija tal-midja jippermetti ekwilibriju ġenerali fis-settur awdjoviżiv, u b’hekk jiżgura prefinanzjament effiċjenti tax-xogħlijiet awdjoviżivi;

AB. billi l-prinċipju tal-kronoloġija tal-midja qed qed jiffaċċa żieda tal-kompetizzjoni minħabba aktar disponibbiltà tax-xogħlijiet diġitali u l-possibbiltajiet tat-tixrid immedjat li toffri s-soċjetà tal-informazzjoni avvanzata tagħna;

AC. billi l-Unjoni jeħtieġ li tadotta approċċ koerenti għal kwaistjonijiet teknoloġiku billi tippromwovi l-interoperabilità tas-sistemi użati fl-era diġitali;

AD. billi l-qafas leġiżlattiv u fiskali għandu jkun favorevoli għall-impriżi li jippromwovu d-distribuzzjoni onlajn tal-prodotti awdjoviżivi b’valur ekonomiku;

AE. billi l-aċċess għall-midja huwa ta’ importanza kbira għall-persuni b’diżabilità u għandu jiġi ffaċilitat, filwaqt li l-programmi għandhom jiġu adattati għall-persuni b’diżabilità;

AF. billi hemm ħtieġa kruċjali ta’ intensifikazzjoni tar-riċerka u l-iżvilupp biex jiġu żviluppati tekniki li tal-ġestjoni awtomatizzata tas-servizzi għall-persuni b’diżabilità, partikolarment permezz tax-xandir ibridu;

1. Jirrikonoxxi l-frammentazzjoni tas-suq onlajn, li huwa kkaratterizzat minn, pereżempju, ostakoli teknoloġiċi, kumplessità tal-proċeduri ta’ liċenzjar, differenzi fil-metodi ta’ ħlas, nuqqas ta’ interoperabilità għall-elementi kruċjali bħall-firma elettronika, u varjazzjonijiet fir-rati ta’ ċerti taxxi applikabbli għall-oġġetti u s-servizzi, inklużi r-rati tal-VAT; jemmen, għalhekk, li llum hemm ħtieġa għal approċċ trasparenti, flessibbli u armonizzat fil-livell Ewropew biex nimxu ‘l quddiem lejn is-suq uniku diġitali; jissottolinja li kwalunkwe miżura proposta għandha tfittex li tnaqqas il-piżijiet amministrattivi u l-kosts tat-tranżazzjonijiet assoċjati mal-liċenzjar tal-kontenut;

***Kontenut legali, aċċessibilità u ġestjoni kollettiva tad-drittijiet***

2. Jenfasizza l-ħtieġa li l-kontenut legali jsir aktar attraenti, sew rigward il-kwantità kif ukoll il-kwalità, u aktar aġġornat, u li tittejjeb id-disponibbiltà onlajn ta’ xogħlijiet awdjoviżivi, inklużi sew xogħlijiet b’sottotitoli kif ukoll xogħlijiet bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE;

3. Jissottolinja l-importanza li l-kontenut jiġi offrut b’sottotitoli bl-akbar għadd ta’ lingwi possibbli, speċjalment permezz tas-servizzi ta’ video on demand;

4. Jenfasizza li hemm ħtieġa dejjem tikber li tiġi promossa provvista onlajn legali u attraenti u li tiġi inkoraġġita l-innovazzjoni, u li għalhekk huwa essenzjali li l-metodi ġodda ta’ distribuzzjoni jkunu flessibbli biex jippermettu li jfeġġu mudelli tan-negozju ġodda u biex il-prodotti diġitali jitqiegħdu għad-dispożizzjoni taċ-ċittadini kollha tal-UE, irrispettivament mill-Istat Membru ta’ residenza tagħhom, u b’kunsiderazzjoni tal-prinċipju tan-newtralità tal-netwerk;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

5. Jenfasizza li s-servizzi diġitali, bħas-servizzi tal-video streaming, għandhom isiru disponibbli għaċ-ċittadini kollha tal-UE irrispettivament minn liema Stat Membru jinsabu fih; jistieden lill-Kummissjoni biex titlob li l-kumpaniji diġitali Ewropej ineħħu l-kontrolli ġeografiċi (eż. l-ibblukkar ta' indirizzi IP) madwar l-Unjoni kollha u jippermettu x-xiri ta' servizzi diġitali minn barra l-Istat Membru ta' oriġini tal-konsumatur; jitlob lill-Kummissjoni tabbozza analiżi tal-applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-kejbil u s-satelliti ([1]) għad-distribuzzjoni diġitali;

6. Iqis li għandha tingħata attenzjoni għat-titjib tas-sigurtà tal-pjattaformi tad-distribuzzjoni onlajn, inklużi il-ħlas onlajn;

7. Jenfasizza li jiġu żviluppati sistemi alternattivi u innovattivi ta' mikropagament, bħalma hu l-ħlas permezz ta' SMS jew applikazzjonijiet għall-pjattaformi legali tas-servizzi onlajn, sabiex l-użu tagħhom mill-konsumaturi jkun faċilitat;

8. Jenfasizza li problemi marbutin ma' sistemi ta' ħlas online, bħal nuqqas ta' interoperabilità u spejjeż għoljin ta' mikropagamenti għall-konsumaturi, għandhom jiġu indirizzati bil-għan li jiġu żviluppati soluzzjonijiet sempliċi, innovattivi u kosteffikaċi li jkunu ta' siwi sew għall-konsumaturi kif ukoll għall-pjattaformi diġitali;

9. Jappella għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda fil-qasam ta' sistemi tal-ħlas li jkunu faċli għall-utent, bħall-mikropagamenti, u ta' sistemi li jippermettu l-ħlas dirett lil dawk li joħolqu l-kontenuti, għall-benefiċċju kemm tal-konsumaturi kif ukoll tal-awturi;

10. Jenfasizza li l-użu onlajn jista' jirrappreżenta opportunità reali għad-diffużjoni u d-distribuzzjoni aħjar ta' xogħlijiet Ewropej, partikolarment ta' xogħlijiet awdjoviżivi, f'kundizzjonijiet fejn il-forniment legali jista' jiżviluppa f'ambjent ta' kompetizzjoni tajba li b'mod effikaċi tindirizza l-forniment illegali ta' xogħlijiet protetti;

11. jippromwovi l-iżvilupp ta' provvista rikka u diversa ta' kontenut awdjoviżiv, b'mod partiolari permezz ta' perjodi aktar flessibbli ta' ħruġ fis-suq; jenfasizza li d-detenturi tad-drittijiet għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu liberament meta jixtiequ jvaraw il-prodotti tagħhom fuq pjattaformi differenti;

12. Jenfasizza li għandna noqogħdu attenti li s-sistema attwali ta' twieqi għall-użu ma tintużax bħala mezz sabiex jiġi llimitat l-użu onlajn għad-detriment tal-produtturi u d-distributuri żgħar;

13. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li timplimenta l-azzjoni preparatorja adottata mill-Parlament għall-ittestjar ta' metodi ġodda bbażati fuq il-komplementarjetà bejn il-pjattaformi rigward il-flessibiltà l-perjodi tal-ħruġ fis-suq;

14. Jitlob li jiġu appoġġjati strateġiji awdjoviżivi Ewropej li jippermettu li l-SMEs jamministraw id-drittijiet diġitali b'iktar effikaċja u, għalhekk, jilħqu pubbliku akbar;

15. Jistieden lill-Istati Membri kollha biex, b'urġenza, jimplimentaw l-Artikolu 13 tad-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva b'mod preskrittiv u jintroduċu impenji ta' finanzjament u promozzjoni għas-servizzi tal-midja awdjoviżiva on-demand, u jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti lill-Parlament Ewropew, bla dewmien, rapport dettaljat kif stipulat fl-Artikolu 13(3) dwar l-istat attwali tal-implimentazzjoni;

([1]) Id-Direttiva 93/83/KEE, ĠU L 248, 6.10.1993, p. 15.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

16. Ifakkar, li għall-ħolqien ta' suq intern diġitali u uniformi fl-Ewropa, huwa neċessarju li jiġu stabbiliti Regolamenti uniformi fl-Ewropa kollha dwar l-amministrazzjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet relatati, biex ma jibqax ikun hemm emendi differenti għal-leġiżlazzjoni fl-Istati Membri, li tkompli tikkomplika l-ġestjoni tad-drittijiet transkonfinali;

17. Jappoġġja l-ħolqien ta' qafas legali biex jiffaċilita d-diġitizzazzjoni u d-disseminazzjoni transkonfinali ta' xogħlijiet orfni fis-suq uniku diġitali, ladarba din hija waħda mill-azzjonijiet ewlenin identifikati fl-Aġenda Diġitali għall-Ewropa, li hija parti mill-Istrateġija Ewropa 2020;

18. Jirrimarka li l-iżvilupp tas-servizzi transkonfinali huwa għalkollox possibbli, dment li pjattaformi kummerċjali jkunu lesti ħalli jakkwistaw, b'mezzi kuntrattwali, id-drittijiet għall-kopertura ta' territorju jew territorji, għax m'għandux jintesa l-fatt li s-sistemi territorjali huma swieq naturali fil-qasam awdjoviżiv;

19. Jenfasizza l-ħtieġa li tinħoloq ċertezza ġuridika dwar liema sistema legali tapplika għall-ikklerjar tad-drittijiet fil-każ ta' distribuzzjoni transkonfinali, billi jiġi propost li l-liġi applikabbli tkun dik tal-pajjiż fejn impriża twettaq l-attività prinċipali tagħha u minn fejn tiġġenera l-introjtu ewlieni tagħha;

20. Itenni l-għan ta' distribuzzjoni onlajn transkonfinali intensifikata u effiċjenti tax-xogħlijiet awdjoviżivi bejn l-Istati Membri;

21. Jissuġġerixxi li jiġi adottat approċċ komprensiv fil-livell tal-UE li għandu jinvolvi kooperazzjoni akbar bejn id-detenturi tad-drittijiet, il-pjattaformi tad-distribuzzjoni onlajn u l-fornituri tas-servizz tal-internet, b'tali mod li jiġi ffaċilitat l-aċċess faċli u kompetittiv tal-utenti għall-kontenut awdjoviżiv;

22. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi żgurata l-flessibilità fid-distribuzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi minn pjattaformi diġitali, sabiex l-offerta legali onlajn ta' xogħlijiet awdjoviżivi tespandi b'risposta għad-domanda tas-suq, u jitrawwem l-aċċess transkonfinali għal kontenut li joriġina minn Stati Membri oħra, filwaqt li jkun żgurat ir-rispett tad-drittijiet tal-awtur;

23. Jilqa' l-Programm il-ġdid dwar Ewropa Kreattiva propost mill-Kummissjoni, li jissottolinja li d-distribuzzjoni onlajn qed ikollha wkoll impatt enormi u pożittiv fuq id-distribuzzjoni tax-xogħlijiet awdjoviżivi, speċjalment billi tilħaq udjenzi ġodda fl-Ewropa u lil hinn minnha, u billi ssaddaq il-koeżjoni soċjali;

24. Jenfasizza l-importanza tan-newtralità tan-netwerk sabiex jiġi ggarantit aċċess ugwali għal netwerks ta' veloċità kbira, li huwa kruċjali għall-kwalità ta' servizzi awdjoviżivi onlajn leġittimi;

25. Jissottolinja li d-distakk diġitali bejn l-Istati Membri jew ir-reġjuni tal-UE jirrappreżenta ostakolu serju għall-iżvilupp tas-suq uniku diġitali; jitlob, għalhekk li l-aċċess għall-internet broadband jespandi madwar l-UE kollha kemm hi bil-ħsieb li jiġi stimulat l-aċċess għas-servizzi onlajn u għat-teknoloġiji l-ġodda;

26. Ifakkar li, għall-finijiet tal-użu kummerċjali, id-drittijiet jiġu trasferiti lill-produttur awdjoviżiv, li jiddependi fuq iċ-ċentralizzazzjoni tad-drittijiet esklussivi mogħtija skont il-liġi tad-drittijiet tal-awtur biex jorganizza l-finanzjament, il-produzzjoni u d-distribuzzjoni tax-xogħlijiet awdjoviżivi;

27. Ifakkar li l-isfruttament kummerċjali tad-drittijiet esklussivi ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" u ta' "disponibilità għall-pubbliku" għandu l-għan li jiġġenera riżorsi finanzjarji, f'każ ta' suċċess kummerċjali, biex jiffinanzja l-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' proġetti tal-ġejjieni, u b'hekk jippromwovi d-disponibilità ta' offerta diversifikata u permanenti ta' films ġodda;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

28. Jistieden lill-Kummissjoni biex tippreżenta inizjattiva leġiżlattiva għall-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tal-awtur, bil-għan li tiżgura responsabbiltà, trasparenza u governanza aħjar min-naħa ta' soċjetajiet tal-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet, kif ukoll mekkaniżmi effiċjenti għar-riżoluzzjoni tat-tilwim, u li tiċċara u tissimplifika s-sistemi tal-liċenzjar fis-settur tal-mużika; jisħaq, f'dan ir-rigward, fuq il-bżonn li ssir distinzjoni ċara bejn prattiki ta' liċenzjar għal tipi differenti ta' kontenut, b'mod partikolari bejn xogħlijiet awdjoviżivi/ċinematografiċi u dawk mużikali; ifakkar li l-liċenzjar ta' xogħlijiet awdjoviżivi isir fuq il-bażi ta' ftehimiet kuntrattwali individwali, f'xi każijiet flimkien mal-ġestjoni kollettiva tal-klejms għar-remunerazzjoni;

29. Jenfasizza li r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/29/KE ([1]) identifika differenzi fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5, 6 u 8 fl-Istati Membri, li wasslu għal diversi interpretazzjonijiet u deċiżjonijiet mill-qrati tal-Istati Membri; jirrimarka li dawn saru parti mill-ġabra ta' ġurisprudenza speċifika rigward is-settur awdjoviżiv;

30. Jitlob lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja rigorożament l-applikazzjoni tad-Direttiva 2001/29/KE u tirrapporta s-sejbiet tagħha regolarment lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill;

31. Jistieden lill-Kummissjoni biex tirrevedi d-Direttiva 2001/29/KE, wara li tikkonsulta l-partijiet interessati relevanti kollha, b'tali mod li d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5, 6 u 8 jingħataw diċitura aktar preċiża, bil-għan li tiġi żgurata l-armonizzazzjoni fil-livell tal-Komunità tal-qafas legali għall-protezzjoni tad-dritt tal-awtur fis-soċjetà tal-informazzjoni;

32. Jappoġġja l-istabbiliment ta' regoli konsistenti Ewropej dwar il-governanza tajba u trasparenza tas-soċjetajiet tal-ġbir kif ukoll dwar mekkaniżmi effiċjenti għar-riżoluzzjoni tat-tilwim;

33. Jenfasizza li kklerjar u aggregazzjoni sempliċi, speċjalment tad-drittijiet tal-mużika f'xogħlijiet awdjoviżivi għad-distribuzzjoni onlajn, jaqdu biex jippromwovu s-suq intern, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra dan kif jixraq fl-att legali mħabbar dwar il-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet;

34. Jirrimarka li l-konverġenza progressiva tal-midja mhux biss teħtieġ soluzzjonijiet ġodda fir-rigward tad-dritt tal-awtur, iżda wkoll fil-leġiżlazzjoni li tirregola l-midja; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex, fir-rigward tal-iżviluppi teknoloġiċi ġodda, teżamina sa fejn għadhom aġġornati r-Regolamenti differenti għas-servizzi lineari u mhux lineari fid-Direttiva 2010/13/UE dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva;

35. Iqis li, minkejja d-distinzjoni dejjem aktar skaduta bejn l-offerti lineari u mhux lineari, jibqgħu f'lokhom ir-restrizzjonijiet tar-reklamar għal offerti lineari għat-tfal, l-aħbarijiet u x-xandir informattiv; madankollu jissuġġerixxi, li għandhom jiġu kkunsidrati l-forom ġodda ta' sistemi ta' ħlas li jkopru diversi pjattaformi u programmi għall-ħinijiet ta' reklamar, li bl-għajnuna tagħhom jinħolqu inċentivi għal kontenut bi kwalità ogħla, li jżid b'mod ugwali l-kwalità tal-programmi lineari u d-diversità onlajn, mingħajr ma jintefa' piż fuq id-dħul tax-xandara privati;

36. Jenfasizza li l-għażla ta' skemi ta' produzzjoni u distribuzzjoni territorjali għandha tkompli tapplika għall-ambjent diġitali, minħabba li din il-forma ta' organizzazzjoni tas-suq awdjoviżiv tidher sservi bħala l-bażi għall-finanzjament ta' xogħlijiet awdjoviżivi u ċinematografiċi Ewropej;

37. Jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta analiżi dwar jekk il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku jistax jiġi applikat għall-prodotti diġitali bl-istess mod bħall-prodotti fiżiċi;

([1]) ĠU L 167, 22.6.2001, p. 10.

*Identifikazzjoni*

38. Huwa tal-fehma li teknoloġiji ġodda jistgħu jintużaw biex jiffaċilitaw l-ikklerjar tad-drittijiet; jilqa', f'dan ir-rigward, l-inizjattiva tal-International Standard Audiovisual Number (ISAN), li tiffaċilita l-identifikazzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi u tad-detenturi tad-drittijiet tagħhom; jitlob lill-Kummissjoni biex tikkunsidra miżuri implimentattivi li jiffaċilitaw l-użu usa' tas-sistema tal-ISAN.

*Użu mhux awtorizzat*

39. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti ċertezza legali lill-utenti tal-internet huma u jużaw servizzi tal-istreaming u jistedinha biex tqis, b'mod partikolari, modi li jipprevjenu l-użu ta' sistemi ta' pagament, u l-finanzjament ta' dawn is-sistemi, permezz ta' reklamar fuq pjattaformi bi ħlas li joffru tniżżil u streaming mhux awtorizzati;

40. Jappella biex l-Istati Membri jippromwovu r-rispett tad-drittijiet tal-awtur u ta' drittijiet relatati u biex jiġġieldu kontra l-forniment u d-distribuzzjoni ta' kontenut mhux awtorizzat, inkluż permezz tal-istreaming;

41. Jiġbed l-attenzjoni għall-ispinta li ħadu l-pjattaformi tan-netwerking soċjali li lill-utenti tal-internet joffrulhom l-opportunità li jagħtu sostenn finanzjarju għall-produzzjoni ta' film jew dokumentarju, li jagħtihom sens ta' appartenenza fil-proċess kreattiv, iżda jenfasizza, madankollu, li fuq medda qasira ta' żmien, dan it-tip ta' finanzjament mhuwiex probabbli li jieħu l-post ta' sorsi tradizzjonali ta' finanzjament;

42. Jirrikonoxxi madankollu li, fejn jeżistu alternattivi legali, il-ksur tad-drittijiet tal-awtur onlajn jibqa' sors ta' tħassib, u għalhekk id-disponibbiltà legali onlajn ta' materjal kulturali bid-dritt tal-awtur jeħtieġ li tiġi ssupplimentata b'infurzar onlajn tad-dritt tal-awtur b'mod aktar intelliġenti u b'rispett sħiħ għad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari l-libertà tal-informazzjoni u tal-kelma, il-ħarsien tad-dejta personali u d-dritt tal-privatezza, kif ukoll il-prinċipju tal-"kollegament sempliċi";

43. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippromwovi qafas ta' ċertezza legali fil-kuntest ta' reviżjoni tad-Direttiva 2004/48/KE, li kienet maħsuba għas-suq analoġiku, bil-għan li jsirulha t-tibdiliet meħtieġa għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet effikaċi għas-suq diġitali;

*Rimunerazzjoni*

44. Ifakkar fil-ħtieġa li tkun żgurata remunerazzjoni xierqa għad-detenturi tad-drittijiet għad-distribuzzjoni onlajn ta' materjali awdjoviżivi; jinnota li, għalkemm dan id-dritt ilu rikonoxxut fil-livell Ewropew mill-2001, għad hemm nuqqas ta' remunerazzjoni tajba għal xogħlijiet disponibbli onlajn;

45. Huwa tal-fehma li din ir-remunerazzjoni għandu jkollha l-għan li tiffaċilita l-ħolqien ta' xogħlijiet artistiċi, tqawwi l-kompetittività tal-Ewropa u tikkunsidra l-karatteristiċi tas-settur, l-interessi tal-persuni interessati differenti u l-ħtieġa ta' proċeduri tal-liċenzjar issimplifikati; jistieden lill-Kummissjoni biex tistimula soluzzjonijiet minn isfel għal fuq f'kooperazzjoni mal-partijiet interessati kollha ħalli tiżviluppa leġiżlazzjoni speċifika tal-UE;

46. Isostni li huwa essenzjali li l-awturi u l-artisti jkollhom garanzija ta' rimunerazzjoni ekwa u proporzjonali għall-forom kollha ta' utilizzazzjoni, b'mod partikolari l-użu onlajn ta' xogħlijiethom; u għalhekk, jitlob lill-Istati Membri biex jipprojbixxu l-kuntratti tat-tip buyout, li jmorru kontra dan il-prinċipju;

47. Jitlob lill-Kummissjoni biex b'urġenza tippreżenta studju li jikkunsidra d-diverġenzi fil-mekkaniżmi differenti ta' remunerazzjoni għall-awturi u l-artisti li jintużaw fil-livell nazzjonali, ħalli tfassal lista tal-aqwa prattiki;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

48. Jitlob li l-pożizzjoni ta' negozjar bejn l-awturi u l-artisti fil-konfront tal-produtturi terġa' tiġi bbilanċjata billi l-awturi u l-atturi jingħataw dritt li ma jistax jiġi ċedut għal rimunerazzjoni għall-forom kollha tal-użu ta' xogħlijiethom, inkluża r-rimunerazzjoni kontinwata meta jkunu ttrasferew id-dritt esklussiv tagħhom 'tad-disponibbiltà' lill-produttur;

49. Jitlob li jittieħdu miżuri li jiggarantixxu rimunerazzjoni ekwa għad-detenturi tad-drittijiet meta ssir distribuzzjoni, ritrażmissjoni jew xandir mill-ġdid ta' xogħlijiet awdjoviżivi;

50. Isostni li l-aqwa mezz biex lill-propjetarji tad-dritt tal-awtur ikollhom rimunerazzjoni adegwata garantita huwa permezz ta' għażla, skont il-preferenza, bejn ftehimiet tan-negozjati kollettivi (inklużi l-kuntratti standard), liċenzji kollettivi estiżi u organizzazzjonijiet tal-ġestjoni kollettiva;

***Liċenzjar***

51. Jirrimarka li l-acquis communautaire Ewropew dwar id-drittijiet tal-awtur per se ma jeskludix mekkaniżmi volontarji ta' liċenzjar multiterritorjali jew pan-Ewropej, iżda li differenzi bejn l-Istati Membri fil-kultura u fil-lingwa, kif ukoll varjazzjonijiet fir-regoli nazzjonali, inklużi dawk li m'għandhomx x'jaqsmu mal-proprjetà intellettwali, jirrikjedu approċċ flessibbli u kumplimentari fil-livell Ewropew biex nimxu 'l quddiem lejn suq uniku diġitali;

52. Jirrimarka li l-mekkaniżmi ta' liċenzjar multiterritorjali jew pan-Ewropej għandhom jibqgħu volontarji u li d-differenzi lingwistiċi u kulturali bejn l-Istati Membri, flimkien mal-varjazzjonijiet fir-regoli nazzjonali li mhumiex relatati mal-liġi tad-drittijiet tal-awtur, għandhom l-isfidi speċifiċi tagħhom; jemmen għalhekk li jeħtieġ li jiġi adottat approċċ flessibbli rigward il-liċenzjar pan-Ewropew, filwaqt li jitħarsu d-detenturi tad-drittijiet u jsir progress lejn is-suq uniku diġitali;

53. Huwa tal-fehma li, jekk liċenzjar multiterritorjali sostenibbli jista' jiġi inkoraġġut u promoss fis-suq uniku diġitali għax-xogħlijiet awdjoviżivi, dan għandu jiffaċilita inċentivi mmexxija mis-suq; jissottolinja li t-teknoloġiji diġitali jipprovdu modi ġodda u innovattivi kif il-provvista ta' dawn ix-xogħlijiet tiġi adattata u arrikkita għal kull suq u biex taqdi t-talba tal-konsumaturi, inkluż għal servizzi transkonfinali mfassla apposta; jitlob li jsir sfruttament aħjar ta' teknoloġiji diġitali, li minnu għandhom jieħdu spinta sew id-differenzjazzjoni kif ukoll it-tkattir tal-provvista leġittima tax-xogħlijiet awdjoviżivi;

54. Jemmen li jeħtieġ li jkun hemm informazzjoni aġġornata dwar il-kundizzjonijiet tal-liċenzjar, id-detenturi tal-liċenzji u r-repertorji, u li jeħtieġ li jsiru studji komprensivi fil-livell Ewropew ħalli jiffaċilitaw it-trasparenza, jidentifikaw fejn jinsabu l-problemi u jsibu mekkaniżmi ċari, effiċjenti u adegwati biex isolvuhom;

55. Jirrimarka li l-amministrazzjoni tad-drittijiet awdjoviżivi fl-era diġitali tista' tkun faċilitata għall-użu kummerċjali tax-xogħlijiet jekk l-Istati Membri jkunu jistgħu jippromwovu, fil-każ fejn dan ikun nieqes, liċenzjar effikaċi u trasparenti, inkluż il-liċenzjar kollettiv estiż volontarju;

56. Jinnota li jkun utli li l-ħaddiema kulturali u l-Istati Membri jinnegozjaw l-implimentazzjoni ta' miżuri li jippermettu lill-arkivji pubbliċi jibbenefikaw bis-sħiħ mit-teknoloġija diġitali għal xogħlijiet li jiffurmaw parti mill-wirt, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna l-aċċess għax-xogħlijiet diġitali b'mod remot fuq skala mhux kummerċjali;

57. Jilqa' l-konsultazzjoni tal-Kummissjoni mibdija bl-pubblikazzjoni tal-Green Paper u r-rikonoxximent tagħha tal-ispeċifiċitajiet tas-settur awdjoviżiv fir-rigward ta' mekkaniżmi ta' liċenzjar, li huma ta' importanza kbira għall-iżvilupp kontinwu tas-settur fil-kuntest tal-promozzjoni kemm ta' diversità kulturali kif ukoll ta' industrija Ewropea awdjoviżiva b'saħħitha fis-suq uniku diġitali;

*L-interoperabilità*

58. Jistieden lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-ġestjoni kollettiva tad-drittijiet tkun ibbażata fuq sistemi effikaċi, funzjonali u interoperabbli;

*VAT*

59. Jenfasizza kemm huwa importanti li tinbeda diskussjoni dwar il-kwistjoni tad-differenza bejn ir-rati tal-VAT applikabbli fl-Istati Membri u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom f'dan il-qasam;

60. Jenfasizza li għandha titqies l-applikazzjoni ta' rata ta' VAT imnaqqsa għad-distribuzzjoni diġitali ta' oġġetti u servizzi kulturali sabiex jiġtneħħew id-diskrepanzi bejn is-servizzi onlajn u dawk offlajn;

61. Jenfasizza l-bżonn li l-istess rata ta' VAT tiġi applikata għal xogħlijiet kulturali awdjovizivi mibjugħin onlajn u offlajn; huwa tal-fehma li l-applikazzjoni ta' rati mnaqqsa ta' VAT għal kontenut kulturali onlajn mibjugħ minn fornitur stabbilit fl-UE lil konsumatur residenti fl-UE tista' tagħti spinta lill-attrazzjoni ta' pjattaformi diġitali; ifakkar, f'dan ir-rigward, fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tas-17 ta' Novembru 2011 dwar l-immodernizzar tal-leġiżlazzjoni tal-VAT sabiex jingħata spinta s-suq uniku diġitali ([1]) u tat-13 ta' Ottubru 2011 dwar il-futur tal-VAT ([2]);

62. Jitlob lill-Kummissjoni biex timplimenta qafas legali għal servizzi awdjoviżivi onlajn li mhumiex tal-UE iżda li jkunu mmirati direttament jew indirettament lejn pubbliku tal-UE, b'tali mod li jkunu soġġetti għall-istess obbligi bħas-servizzi tal-UE;

*Protezzjoni u promozzjoni tax-xogħlijiet awdjoviżivi*

63. Jiġbed l-attenzjoni fuq il-kundizzjonijiet li fihom jitwettaq ix-xogħol ta' restawr, konservazzjoni u preżentazzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi għal finijiet kulturali u edukattivi fl-era diġitali, u jenfasizza li din il-kwistjoni jisthoqqilha kunsiderazzjoni partikolari;

64. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jimplimentaw id-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Midja Awdjoviżiva u jirrakkomandalhom biex jissorveljaw kif ix-xogħlijiet Ewropej, b'mod partikolari l-films u d-dokumentarji, jiġu ppreżentati u vvalutati fid-diversi servizzi tal-midja awdjoviżiva aċċessibbli għall-pubbliku, u jenfasizza l-ħtieġa li l-awtoritajiet regolatorji jikkooperaw aktar mill-qrib mal-korpi għall-finanzjament tal-films;

65. Jistieden lill-Kummissjoni biex tfittex mekkaniżmi ħalli tinkoraġġixxi aċċess għal materjal awdjoviżiv arkivjat miżmum milll-istituzzjonijiet tal-wirt ċinematografiku Ewropew; jirrimarka li, għal raġunijiet spiss assoċjati ma' tnaqqis fl-interess għall-konsumatur u perjodu limitat ta' disponibbiltà, parti sostanzjali mill-materjal awdjoviżiv Ewropew mhuwiex disponibbli kummerċjalment;

66. Jistieden lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jippromwovu soluzzjonijiet favur id-diġitizzazzjoni, il-preservazzjoni u d-disponibilità edukattiva ta' dawn ix-xogħlijiet, anki f'sitwazzjonijiet transkonfinali;

67. Jinnota l-importanza tal-librerija onlajn "Europeana", u jemmen li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet kulturali għandhom jagħtu aktar attenzjoni għal kif jistgħu jiżguraw li tkun aċċessibbli u viżibbli;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0513.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0436.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

68. Iqis li d-diġitizzazzjoni u l-preservazzjoni tar-riżorsi kulturali, kif ukoll l-aċċess imtejjeb għal dawn ir-riżorsi, joffru opportunitajiet ekonomiċi u soċjali kbar u jirrappreżentaw kundizzjoni essenzjali għall-iżvilupp futur tal-kapaċitajiet kulturali u kreattivi tal-Ewropa u għall-preżenza industrijali tagħha f'dan il-qasam; jappoġġja, għaldaqstant, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar id-diġitizzazzjoni u l-aċċessibilità onlajn għax-xogħlijiet diġitali u l-preservazzjoni diġitali [1], kif ukoll il-proposta li jinħoloq pakkett aġġornat ta' miżuri għal dak il-għan;

***Edukazzjoni***

69. Jenfasizza l-importanza li jiġu promossi l-ħiliet diġitali u l-litteriżmu medjatiku għaċ-ċittadini kollha tal-UE, inklużi x-xjuħ u dawk b'diżabilità, bħalma huma dawk neqsin mis-smigħ, u li tiċċekken id-diverġenza diġitali fis-soċjetà, għax dawn il-ħiliet għandhom rwol essenzjali għall-parteċipazzjoni fis-soċjetà u għaċ-ċittadinanza demokratika; ifakkar fir-rwol importanti li għandha l-midja tas-servizz pubbliku f'dan ir-rigward bħala parti mill-missjonijiet tagħha ta' servizz pubbliku;

70. Itenni r-rwol kruċjali tal-integrazzjoni ta' teknoloġiji ġodda fil-programmi edukattivi nazzjonali, u l-importanza partikolari li ċ-ċittadini kollha Ewropej, tal-etajiet kollha, jiġu edukati dwar il-midja u dwar il-litteriżmu diġitali, biex jiżviluppaw u jgawdu minn ħiliethom f'dawn l-oqsma;

71. Jenfasizza l-ħtieġa għal kampanji Ewropej u nazzjonali ta' edukazzjoni li jkattru l-għarfien dwar l-importanza tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, kif ukoll dwar il-mezzi legali disponibbli li permezz tagħhom ix-xogħlijiet awdjoviżivi jiġu distribwiti onlajn; jirrimarka li l-konsumaturi għandhom jiġu mgħarrfa sew dwar kwalunkwe kwistjoni relatata mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali li tista' tqum waqt l-użu ta' servizzi tal-iskambju ta' fajls fil-kuntest ta' servizzi tal-cloud computing;

72. Jiġbed l-attenzjoni għall-ħtieġa ta' komunikazzjoni intensifikata lill-pubbliku dwar l-importanza tal-ħarsien tad-drittijiet tal-awtur u l-ħtieġa relatata ta' rimunerazzjoni ġusta;

73. Jenfasizza l-ħtieġa li jitqies li istituzzjonijiet b'finijiet edukattivi jingħataw status speċjali rigward l-aċċess onlajn għal xogħlijiet awdjoviżivi;

***MEDIA 2014-2020***

74. Ifakkar li l-Programm MEDIA stabbilixxa ruħu bħala isem kummerċjali indipendenti u li huwa vitali li jitkompla programm MEDIA ambizzjuż għall-perjodu 2014-2020, fl-istess spirtu tal-programm kurrenti;

75. Jenfasizza li huwa kruċjali MEDIA jibqa' jeżisti bħala programm speċifiku li jiffoka esklussivament fuq is-settur awdjoviżiv;

*

* *

76. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

---

[1] ĠU L 283, 29.10.2011, p. 39.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

## Deċiżjoni li ma' tiġix opposta miżura ta' implimentazzjoni: sistema ta' evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru fuq ċerti inġenji tal-ajru

P7_TA(2012)0325

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li ma jopponiex l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tawtorizza lir-Repubblika Franċiża biex tidderoga mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1332/2011 tal-Kummissjoni fir-rigward tal-użu ta' verżjoni ġdida tas-softwer tas-sistema ta' evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru (ACAS II) fuq ċerti inġenji tal-ajru mibnija ġodda (D020967/02 – 2012/2745 (RPS))**

(2013/C 353 E/09)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni (D020967/02),

— wara li kkunsidra l-opinjoni mogħtija fl-4 ta' Ġunju 2012 mill-Kumitat tal-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, immirat lejn il-premessa 9 tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kummissjoni tal-5 ta' Lulju 2012, fejn talbitu jiddikjara li mhux se joġġezzjona għall-abbozz ta' deċiżjoni,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu lill-President tal-Konferenza tal-Presidenti tal-Kumitati, tas-27 ta' Lulju 2012,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabblixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza ta' l-Avjazzjoni ([1]), u partikolarment l-Artikolu 14(6) u (7) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 5a tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 88(4)(d) u l-Artikolu 87a(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra li l-ebda oġġezzjoni ma ġiet espressa fil-perjodu previst fit-tielet u r-raba inċiżi tal-Artikolu 87a (6) tar-Regoli ta' Proċedura li skada fil-11 ta' Settembru 2012,

A. billi l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni jipprevedi li tali deċiżjoni ma tibqax applikabbli fil-31 ta' Jannar 2013 u billi jixraq li, f'dawn il-kundizzjonijiet, l-adozzjoni tagħha ma tiġix ittardjata;

1. Jiddikjara li mhux se jopponi l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kummissjoni u, għall-informazzjoni, lill-Kunsill.

---

([1]) ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.
([2]) U L 184, 17.7.1999, p. 23.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

## Deċiżjoni li ma' jiġix oppost att iddelegat: kooperazzjoni transnazzjonali u n-negozjati kuntrattwali tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib

P7_TA(2012)0326

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li ma jopponix ir-regolament ta' delega tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2012 li jissupplimenta r-regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kooperazzjoni transnazzjonali u n-negozjati kuntrattwali tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib (12020-12 – C(2012)4297 – 2012/2780 (RPS)**

(2013/C 353 E/10)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-regolament ta' delega tal-Kummissjoni (C(2012)4297),

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2012, fejn talbitu jiddikjara li mhux se joġġezzjona għar-regolament ta' delega,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Regolament dwar l-OKS Unika) [1], u partikolarment l-Artikolu 126(e)(1) tiegħu u l-Artikolu 196a(5) tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 87a(6) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra li l-ebda oġġezzjoni ma ġiet espressa fil-perjodu previst fit-tielet u r-raba inċiżi tal-Artikolu 87a (6) tar-Regoli ta' Proċedura li skada fil-11 ta' Settembru 2012,

A. billi l-Kummissjoni enfasizzat li jkun essenzjali li l-Parlament jieħu d-deċiżjoni tiegħu qabel it-3 ta' Ottubru 2012 peress li d-dispożizzjonijiet tal-att leġislattiv ta' bażi dwar in-negozjati kuntrattwali tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib se jibdew jiġu applikati minn din id-data;

B. billi l-Kunsill iddeċieda, fis-16 ta' Lulju 2012, li jitlob il-proroga ta' xahrejn tal-iskadenza biex jesprimi oġġezzjonijiet fir-rigward tar-regolament ta' delega, jiġifieri sat-28 ta' Ottubru 2012, kif ukoll li jirrikonoxxi l-importanza li tittieħed deċiżjoni qabel it-3 ta' Ottubru 2012 jekk dan jesprimi jew le oġġezzjonijiet fir-rigward tal-imsemmi regolament, u billi hu informa lill-Parlament b'dan bl-ittra tas-17 ta' Lulju 2012;

1. Jiddikjara li mhux se jopponi r-regolament ta' delega;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

## Ir-Rapport Annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni

P7_TA(2012)0334

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 dwar ir-Rapport Annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (12562/2011 -2012/2050(INI))**

(2013/C 353 E/11)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra ir-Rapport Annwali mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (12562/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 36 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 Parti II, Taqsima G, paragrafu 43 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali msemmi hawn fuq tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-11 ta' Mejju 2011 ([2]) u tal-10 ta' Marzu 2010 ([3]) dwar ir-rapporti annwali tal-PESK tal-2008 u tal-2009 rispettivament,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2010 ([4]) dwar is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) dwar l-affidabilità politika ([5]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli lill-Parlament Ewropew li ltaqa' fil-plenarja tat-8 ta' Lulju 2010 dwar l-organizzazzjoni bażika tal-amministrazzjoni ċentrali tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2012 dwar ir-Rapport Annwali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fid-Dinja u l-politika tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjoni, inklużi l-implikazzjonijiet għall-politika strateġika dwar id-drittijiet tal-bniedem tal-UE ([7]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni Konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2011 bl-isem "Id-Drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-qalba tal-azzjoni esterna tal-UE – Lejn approċċ aktar effettiv" (COM(2011)0886),

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0227.
([3]) ĠU C 349 E, 22.12.2010, p. 51.
([4]) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 454.
([5]) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 470.
([6]) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 472.
([7]) Testi adottati, P7_TA(2012)0126.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet 1325 (2000) u 1820 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, ir-Riżoluzzjoni 1888 (2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar il-vjolenza sesswali fuq in-nisa u t-tfal f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt armat, ir-Riżoluzzjoni 1889 (2009) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU bil-għan li jissaħħu l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tar-Riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u r-Riżoluzzjoni 1960 (2010) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, li ħolqu mekkaniżmu għall-ġabra ta' dejta fuq, u i jelenkaw lista tal-awturi ta', vjolenza sesswali fil-kunflitti armati,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 119(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0252/2012),

A. billi l-UE għandha tiżviluppa l-objettivi tal-politika barranija tagħha aktar u għandha tavvanza l-valuri u l-interessi tagħha mad-dinja kollha bl-għan globali li tikkontribwixxi għall-paċi, is-sigurtà umana, is-solidarjetà, il-prevenzjoni tal-kunflitti, l-istat tad-dritt u l-promozzjoni tad-demokrazija, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-ugwaljanza bejn is-sessi, ir-rispett għad-dritt internazzjonali, l-appoġġ għall-istituzzjonijiet internazzjonali, il-multilateraliżmu effikaċi u r-rispett reċiproku fost in-nazzjonijiet, l-iżvilupp sostenibbli, il-governanza trasparenti u responsabbli, il-kummerċ ħieles u ġust u l-qerda tal-faqar;

B. billi sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet l-UE għandha tkun kapaċi toħloq sinerġiji u tiżviluppa sħubiji strateġiċi ma' dawk il-pajjiżi li għandhom l-istess valuri u huma lesti li jadottaw politiki komuni u jwettqu azzjonijiet miftiehma b'mod reċiproku;

C. billi l-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona qed iġġib dimensjoni ġdida lill-azzjoni esterna Ewropea u se jkun strumentali biex jitjiebu l-koerenza, il-konsistenza u l-effikaċja tal-politika barranija tal-UE u, b'mod iktar mifrux, l-azzjonijiet esterni; billi għandhom jittieħdu lezzjonijiet min-nuqqasijiet tal-passat tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha fit-tiswir mill-ġdid tal-azzjoni esterna tagħha waqt li tħaddan id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija fil-qalba tal-politiki tagħha u fil-promozzjoni ta' tranżizzjoni f'pajjiżi b'reġimi awtoritarji b'mod partikolari fejn it-tħassib dwar l-istabilità u s-sigurtà kkompromettа politika bi prinċipji ta' promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem;

D. billi t-Trattat ta' Lisbona qed joħloq momentum ġdid fil-politika barranija tal-UE, li partikolarment jagħti l-għodod istituzzjonali u operattivi li jistgħu jippermettu lill-Unjoni li jkollha rwol internazzjonali kompatibbli mal-istatus ekonomiku prominenti tagħha u mal-ambizzjonijiet tagħha u li torganizza ruħha b'tali mod biex tkun attur globali effettiv, kapaċi li jkollha sehem fir-responsabilità għas-sigurtà dinjija u li tkun mexxejja fid-definizzjoni ta' reazzjonijiet komuni għall-isfidi komuni;

E. billi l-kriżi finanzjarja u tad-dejn sovran li għaddejja bħalissa qed taffettwa profondament il-kredibilità tal-Unjoni Ewropea fl-arena internazzjonali u qed tfixkel l-effettività u s-sostenibilità fit-tul tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK);

F. billi l-momentum il-ġdid fl-azzjoni esterna Ewropea jirrikjedi wkoll li l-UE taġixxi b'mod aktar strateġiku sabiex ikollha piż fix-xena internazzjonali; billi l-kapaċità tal-UE li tinfluwenza l-ordni internazzjonali tiddependi mhux biss mill-koerenza fost il-politiki, l-atturi u l-istituzzjonijiet tagħha imma wkoll minn kunċett strateġiku reali tal-politika barranija tal-UE, li għandha tgħaqqad flimkien u tikkoordina l-Istati Membri kollha mal-istess sensiela ta' prijoritajiet u miri sabiex dawn jitkellmu b'vuċi unika b'saħħitha u juru solidarjetà fl-arena internazzjonali; billi l-politika barranija tal-UE għandhom jingħatawlha l-mezzi u l-istrumenti neċessarji ħalli tippermetti lill-Unjoni taġixxi b'mod effikaċi u konsistenti fix-xenarju dinji;

G. billi l-iskrutinju tal-politika barranija tal-UE mwettaq mill-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali fil-livelli rispettivi tagħhom huwa essenzjali jekk l-azzjoni esterna Ewropea għandha tiġi mifhuma u appoġġjata miċ-ċittadini tal-UE; billi l-iskrutinju parlamentari jtejjeb il-leġittimità ta' din l-azzjoni;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

**VALUTAZZJONI TAR-RAPPORT ANNWALI TAL-KUNSILL 2010 DWAR PESK**

1. Jilqa' l-passi li ttieħdu mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ), fir-Rapport Annwali tal-2010, favur l-immappjar tal-Politika Barranija tal-Unjoni f'dokument ta' politika li jħares 'il quddiem u strateġiku;

2. Jemmen, madankollu, li r-Rapport Annwali tal-Kunsill ma jilħaqx l-ambizzjonijiet tat-Trattat ta' Lisbona b'modi importanti, li jinkludu: li ma jagħtix sens ċar ta' prijoritajiet jew linji gwida strateġiċi fit-terminu medju u twil għall-PESK; li ma jiċċarax il-mekkaniżmi tal-politika biex jiżguraw koerenza u konsistenza fost il-komponenti differenti tal-politika barranija, inklużi dawk taħt ir-responsabilità tal-Kummissjoni; li ma jindirizzax kwistjonijiet importanti dwar ir-rwol tas-SEAE u d-Delegazzjonijiet fl-iżgurar li r-riżorsi tal-Unjoni (tal-persunal, finanzjarji u diplomatiċi) jkunu allinjati mal-prijoritajiet tagħha tal-affarijiet barranin; u li jevita diskussjoni, li t-twettiq tagħha huwa implikat fl-istrateġiji l-ġodda għall-Qarn tal-Afrika u s-Sahel, dwar kif għandhom jiġu inkorporati l-missjonijiet u l-operazzjonijiet ad hoc tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) (ir-raġunament u l-istat finali tagħhom) fil-qafas politiku strateġiku tal-prijoritajiet tal-politika barranija tal-UE għal pajjiż jew reġjun;

3. Ifakkar fil-prerogattiva tiegħu tat-Trattat li jiġi kkonsultat fl-oqsma tal-PESK u tal-PSDK, li l-opinjonijiet tiegħu jitqiesu b'mod xieraq u li jagħmel rakkomandazzjonijiet; jirrikonoxxi, f'dan ir-rigward, id-disponibilità tal-VP/RGħ għall-Parlament; iqis madankollu li bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, jista' jitjieb il-mod kif jiġi infurmat il-kumitat kompetenti dwar ir-riżultat tal-Kunsill għall-Affarijiet Barranin kif ukoll il-mod kif jiġi kkonsultat il-Parlament sabiex jiġi żgurat li l-opinjonijiet tiegħu jitqiesu kif suppost qabel l-adozzjoni tal-mandati u l-istrateġiji fil-qasam tal-PESK; jistenna bil-ħerqa r-reviżjoni tal-istrumenti tal-assistenza esterna u riżultat li jirrikonoxxi d-drittijiet tal-Parlament fuq karti ta' strateġija u pjanijiet ta' azzjoni multiannwali, kif stabbilit fl-Artikolu 290 tat-TFUE; jitlob, barra minn hekk, għal titjib fl-għoti ta' informazzjoni u konsultazzjoni mal-Parlament fl-istadji kollha tal-proċedura għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill tal-PESK dwar ftehimiet ma' pajjiżi terzi, speċjalment qabel ma jiġi deċiż li jingħata mandat lill-Kummissjoni jew lill-VP/RGħ biex tinnegozja u tiffirma ftehimiet f'isem l-Unjoni u f'dak li jirrigwarda oqfsa għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi f'operazzjonijiet ta' ġestjoni tal-kriżi tal-UE;

4. Jistieden lill-Kunsill biex fit-tfassil ta' Rapporti Annwali futuri tal-PESK jinvolvi lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin fi stadju bikri sabiex jiddiskutu l-qafas wiesa' tal-politika għas-sena sussegwenti u l-objettivi strateġiċi fit-tul, u biex jistabbilixxu punt ta' referenza biex iċ-ċittadini Ewropej jingħataw dikjarazzjoni ċara dwar l-evoluzzjoni, il-prijoritajiet u l-progress tal-politika barranija tal-Unjoni Ewropea;

**APPROĊĊ KOMPRENSIV ĠDID GĦALL-POLITIKA BARRANIJA TAL-UE**

5. Jindika li fit-tieni deċennju tas-seklu wieħed u għoxrin hemm kuxjenza dejjem tikber fost iċ-ċittadini Ewropej, u lil hinn minn dan, li huma biss l-approċċi komprensivi li jintegraw mezzi diplomatiċi, ekonomiċi, tal-iżvilupp u – bħala l-aħħar għażla u f'konformità sħiħa mad-dispożizzjonijiet tal-Karta tan-NU – mezzi militari li jkunu adegwati biex jiġu indirizzati t-theddidiet u l-isfidi globali;

6. Jemmen li bit-Trattat ta' Lisbona l-UE għandha l-mezzi kollha meħtieġa biex tadotta approċċ komprensiv bħal dan, fejn ir-riżorsi diplomatiċi u finanzjarji kollha tal-Unjoni huma użati biex jappoġġjaw il-linji gwida strateġiċi komuni ta' politika sabiex ikun hemm l-akbar ingranaġġ possibbli fil-promozzjoni tas-sigurtà u l-prosperità ekonomika taċ-ċittadini Ewropej u l-ġirien tagħhom, kif ukoll id-drittijiet fundamentali; jitlob, barra minn hekk, żvilupp ulterjuri ta' mekkaniżmu xieraq fis-SEAE, bil-parteċipazzjoni tas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni, fejn il-kompetenza ġeografika u dik tematika jiġu integrati u jmexxu approċċ komprensiv għall-ippjanar, il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

7. Jenfasizza li fehim komprensiv tal-PESK ikopri l-oqsma kollha tal-politika barranija, inkluż it-tfassil progressiv ta' Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) li jista' jwassal għal difiża komuni, b'enfasi fuq il-koerenza u l-konsistenza filwaqt li tiġi rrispettata l-ispeċifiċità ta' kull komponent tal-azzjoni esterna; itenni li approċċ bħal dan għall-iżvilupp tal-politika barranija tal-UE għandu jkun ibbażat fuq il-prinċipji u l-objettivi stabbiliti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jfisser li l-azzjoni esterna tal-UE għandha tiġi spirata mill-promozzjoni u l-protezzjoni tal-valuri tal-UE, bħar-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija u l-istat tad-dritt; jenfasizza, fl-istess ħin, l-importanza ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn id-dimensjonijiet interni u esterni tal-politiki ta' sigurtà tal-UE, li għandha tiġi riflessa fl-azzjoni esterna tal-Unjoni;

8. Jinnota li l-2013 se timmarka l-fatt li jkunu għaddew għaxar snin mill-adozzjoni tal-Istrateġija Ewropea ta' Sigurtà u, konsegwentement, jissottolinja l-ħtieġa li dan id-dokument qafas jiġi aġġornat u kkonsolidat skont l-ambjent internazzjonali kurrenti;

**L-ARKITETTURA TAL-POLITIKA BARRANIJA**

9. Jenfasizza r-rwol ta' tmexxija politika mistenni mill-VP/RGħ fl-iżgurar tal-unità, il-koordinazzjoni, il-konsistenza, il-kredibilità u l-effettività ta' azzjoni mill-Unjoni; jistieden lill-VP/RGĦ tuża s-setgħat kollha tagħha fil-ħin biex tibda, tmexxi u tiżgura konformità mal-PESK, billi tinvolvi kompletament il-korpi relevanti tal-Parlament fl-isforzi tagħha; jilqa' r-rwol prinċipali importanti, f'isem il-komunità internazzjonali, taħt ċirkostanzi diffiċli mill- VP/RGĦ fin-negozjati mal-Iran;jikkunsidra r-relazzjoni storika importanti bejn lUnjoni Ewropea u l-poplu tal-Iran jitlob tmexxija fit-titjib tar-rwol tal-Unjoni b'appoġġ għall-Viċinat Ewropew, fid-dawl tar-Rebbiegħa Għarbija, b'mod partikolari fil-proċessi demokratiċi ta' tranżizzjoni fil-Mediterran tan-Nofsinhar, inkluż permezz tal-Fond Ewropew għad-Demokrazija, kif ukoll fil-proċess ta' paċi li waqaf fil-Lvant Nofsani;

10. Jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tas-SEAE (inklużi d-Delegazzjonijiet tiegħu u r-Rappreżentanti Speċjali tal-UE) fl-assistenza lill-VP/RGħ biex isegwi approċċ politiku aktar strateġiku, koerenti u konsistenti għall-azzjoni esterna tal-Unjoni; jafferma l-intenzjoni tiegħu li jkompli bis-sorveljanza tal-bilanċ ġeografiku u tas-sessi tal-persunal fis-SEAE, inkluż f'pożizzjonijiet għolja, u li jevalwa jekk il-ħatra ta' diplomatiċi ta' Stati Membri bħala Kapijiet ta' Delegazzjoni u pożizzjonijiet ewlenin oħra tkunx fl-interess tal-Unjoni, u mhux biss tal-Istati Membri tagħhom; jenfasizza l-importanza ta' SEAE totalment funzjonali u effiċjenti u tat-tisħiħ tar-relazzjonijiet bejn is-SEAE, il-Kummissjoni u l-Istati Membri bil-għan li jinkisbu sinerġiji fl-implimentazzjoni effettiva ta' azzjoni esterna u fit-twassil ta' messaġġ uniku tal-UE dwar kwistjonijiet politiċi ewlenin;

11. Jenfasizza li r-rwol tal-Rappreżentanti Speċjali tal-UE (RSUE) għandu jikkumplimenta u jkun konsistenti mal-ħidma speċifika għall-pajjiż tal-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-UE u għandu jirrappreżenta u jikkoordina l-politika tal-UE lejn reġjuni bi strateġiji jew interessi ta' sigurtà speċifiċi, li jeħtieġu preżenza u viżibilità kontinwa tal-UE; jilqa' r-rispons pożittiv mill-VP/RGħ rigward il-fatt li RSUE u Kapijiet tad-Delegazzjoni li għadhom jilħqu jidhru quddiem il-Parlament għal skambju ta' fehmiet qabel ma dawn jieħdu l-kariga tagħhom; jitlob titjib fir-rappurtar u fl-aċċess għar-rapporti politiċi minn Delegazzjonijiet u RSUE biex il-Parlament jirċievi informazzjoni sħiħa u f'waqtha dwar l-iżviluppi mill-post, partikolarment f'oqsma kkunsidrati bħala strateġikament importanti jew iċ-ċentru ta' tħassib politiku;

12. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li politiki tematiċi importanti li qabel kienu koperti minn Rappreżentanti Personali għandu jkollhom l-appoġġ sħiħ tas-SEAE u rappreżentazzjoni politika esterna xierqa, u għalhekk jitlob li jitressqu proposti bħal dawk għad-Drittijiet tal-Bniedem;

13. Jilqa' d-deċiżjoni għall-ħatra ta' rappreżentant speċjali tal-UE għad-drittijiet tal-bniedem li għandu jkollu mandat sostanzjali għall-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-PESK u l-PSDK u politiki oħra tal-UE u jipprovdi viżibilità u koerenza mal-azzjoni tal-UE f'dan il-qasam;

14. Jemmen li linji gwida strateġiċi definiti b'mod ċar għandhom jgħinu biex ir-riżorsi importanti finanzjarji iżda limitati tal-Unjoni jiġu mfassla skont l-ambizzjonijiet u l-prijoritajiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni; jenfasizza li approċċ strateġiku bħal dan għandu jkun taħt kontroll demokratiku, iżda li dan m'għandux jimpedixxi jew inaqqas il-flessibilità tar-reazzjoni sabiex ċirkostanzi politiċi jinbidlu fil-post;

15. Jilqa' l-impenn mill-Istati Membri fit-Trattat ta' Lisbona biex iwettqu r-rwol sħiħ tagħhom fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika barranija tal-UE u biex jiżguraw il-koordinazzjoni u l-konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni; jenfasizza l-importanza tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri, waqt żmien ta' restrizzjonijiet ekonomiċi, meta jasal iż-żmien għal titjib fl-effettività tal-Unjoni bħala attur globali koeżiv; jinnota b'mod partikolari l-importanza li l-Istati Membri jagħmlu disponibbli kapaċitajiet ċivili u militari għall-implimentazzjoni effettiva tal-PSDK; jiddispjaċih, madankollu, li f'ħafna okkażjonijiet ir-relazzjonijiet bilaterali ta' xi Stati Membri ma' pajjiżi terzi għadhom jiddominaw jew idgħajfu l-konsistenza tal-azzjoni tal-UE u jitlob, f'dan ir-rigward, li jsiru aktar sforzi mill-Istati Membri biex jallinjaw il-politiki esterni tagħhom mal-PESK tal-UE;

16. Jistieden lill-VP/RGĦ, filwaqt li jsaħħaħ il-kooperazzjoni sistematika bejn l-Istati Membri kollha fil-PESK, biex jesplora b'mod sħiħ il-possibilitajiet ipprovduti mit-Trattat ta' Lisbona għal kooperazzjoni msaħħa, inkluża l-produzzjoni ta' linji gwida għall-kunsinna sistematika ta' kompiti u missjonijiet speċifiċi lil koalizzjonijiet ta' voluntiera, bħal "grupp ċentrali" ta' Stati tal-UE, u biex jinbeda l-proċess li jwassal għal konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar il-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża u dwar l-implimentazjoni ta' klawżola għad-difiża reċiproka;

**POLITIKA BARRANIJA – ARKITETTURA BAĠITARJA U FINANZJARJA**

17. Ifakkar li r-reviżjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali 2006 dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja tajba għandha timmarka pass ieħor 'il quddiem lejn trasparenza akbar fil-qasam tal-PESK u għoti ta' informazzjoni relevanti lill-awtorità baġitarja bi qbil mad-Dikjarazzjoni tal-VP/RGħ dwar ir-Responsabilità Politika; jemmen, f'dan ir-rigward, li t-trasparenza sħiħa u l-iskrutinju demokratiku jeħtieġu linji baġitarji separati għal kull missjoni u operazzjoni tal-PSDK, u għal kull RSUE, flimkien ma' proċeduri simplifikati iżda trasparenti għat-trasferiment ta' fondi minn entrata għal oħra jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu hekk; fl-istess ħin, huwa konvint li m'għandux ikun hemm ksur tal-flessibilità u r-reattività meħtieġa għall-PESK;

18. 15 Jinsisti li r-riżorsi disponibbli tal-UE għall-implimentazzjoni tal-PESK għandhom jintużaw bl-aktar mod effiċjenti possibbli u għalhekk is-sinerġija bejn l-azzjonijiet esterni tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għandha tinkiseb kemm f'termini politiċi kif ukoll baġitarji;

19. Iqis li l-mekkaniżmu Athena għall-iffinanzjar ta' spejjeż komuni marbuta ma' operazzjonijiet militari u ta' difiża mmexxija mill-UE ma jipprovdix perspettiva ġenerali biżżejjed tal-implikazzjonijiet finanzjarji kollha tal-missjonijiet imwettqa mill-PESK, u għalhekk jitlob għal lista ċara tan-nefqiet kollha;

20. Jilqa' l-enfasi akbar fuq il-konsistenza u l-koerenza fil-firxa tal-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni, pereżempju fl-għamla tad-dispożizzjonijiet trasversali dwar is-SEAE fir-regolamenti proposti għal strumenti finanzjarji ġodda ta' relazzjonijiet esterni għall-perjodu 2014-2020; jemmen li approċċ bħal dan se juri l-valur miżjud tal-Unjoni fit-tfittxija għas-sigurtà u l-prosperità għaċ-ċittadini tal-Ewropa; jenfasizza f'dan ir-rigward li għandhom jintużaw l-istrumenti finanzjarji b'mod kumplementari tul il-firxa komprensiva tal-politika estera tal-Unjoni mingħajr duplikazzjoni;

21. Jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-istrumenti finanzjarji l-ġodda tar-relazzjonijiet esterni kkunsidrati mill-Parlament u mill-Kunsill jiġu mfassla u jkunu ffinanzjati b'mod adegwat biex jirrispondu għall-interessi strateġiċi tal-Unjoni kif ukoll ikunu jistgħu jiġu adattati għaċ-ċirkustanzi politiċi li qed jinbidlu; jitlob, għalhekk, li l-baġit tal-Unjoni (il-Qafas Finanzjarju Multiannwali 2014-2020) ikollu r-riżorsi xierqa, skont l-ambizzjonijiet u l-prijoritajiet tal-Unjoni bħala attur globali, b'tali mod li jipprovdi futur sigur u ta' prosperità għaċ-ċittadini kif ukoll il-flessibilità meħtieġa biex ilaħħaq ma' żviluppi mhux previsti;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

22. Jemmen li approċċ aktar konġunt u komprensiv għall-applikazzjoni tal-istrumenti tal-UE tar-relazzjonijiet esterni b'appoġġ għall-objettivi politiċi u strateġiċi komuni għandu jagħti risposti aktar effiċjenti u kost-effettivi għall-isfidi tal-politika estera u ta' sigurtà u għalhekk jipprovdi aktar sigurtà u prosperità liċ-ċittadini tal-Ewropa; jenfasizza li biex il-Parlament jassigura liċ-ċittadini rigward il-koerenza u l-kost-effettività tal-politiki esterni u l-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni, is-setgħat mogħtija lilu mit-Trattati (notevolment skont l-Artikolu 290 tat-TFUE) għandhom ikunu riflessi kif xieraq fir-reviżjoni tal-istrumenti finanzjarji, u b'mod partikolari fl-użu ta' atti delegati għal dokumenti strateġiċi ta' programmazzjoni;

23. Hu tal-fehma li, sabiex tkun konsistenti mal-valuri proprji tal-Unjoni, l-istrumenti finanzjarji li jippromwovu, fost l-oħrajn, il-bini tal-paċi, is-sigurtà, l-istat ta' dritt, il-governanza tajba u soċjetajiet ġusti għandhom jissaħħu peress li huma strumenti strateġiċi tal-politika estera u tal-azzjoni esterna tal-UE fl-indirizzar ta' sfidi globali.

24. Jenfasizza l-importanza li tiġi żgurata koerenza bejn l-ippjanar, il-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politika, permezz ta' taħlita xierqa ta' strumenti finanzjarji esterni fil-qasam tal-affarijiet barranin; jitlob fost affarijiet oħra kumplimentarjetà kontinwa bejn il-PESK u l-Istrument għall-Istabilità fl-oqsma tal-medjazzjoni, il-prevenzjoni tal-kunflitti, il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-konsolidazzjoni tal-paċi wara kunflitt, kif ukoll għal ħidma ulterjuri lejn kumplimentarjetà mal-istrumenti ġeografiċi għal impenn fit-tul ma' pajjiż jew reġjun; jilqa' l-introduzzjoni ta' Strument ta' Sħubija ġdid kif mitlub mill-Parlament li jġib valur miżjud importanti fil-PESK tal-UE billi jipprovdi qafas finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi terzi dwar objettivi li jirriżultaw mir-relazzjonijiet bilaterali, reġjonali jew multilaterali tal-Unjoni u huma barra mill-ambitu tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp;

25. Jemmen li approċċ bħal dan jista' jiġi megħjun bit-twaqqif ta' punti ta' referenza ċari, li għandhom jiġu ssorveljati u valutati mill-Parlament fuq żmien qasir, medju u twil; jitlob li jkun hemm punti ta' riferiment tal-politika barranija tal-UE, permezz ta' dokumenti ta' programmazzjoni strateġika jew oqfsa ta' politika strateġika eżistenti (bħal dawk imwaqqfa għall-Qarn tal-Afrika jew is-Sahel), inkluż definizzjoni aktar sistematika u kwantifikabbli tal-prijoritajiet u l-objettivi politiċi, u tar-riżorsi li għandhom jintużaw fi skedi preċiżi fit-terminu qasir, medju u twil;

26. Jemmen li approċċ komprensiv għall-azzjoni esterna tal-Unjoni jeħtieġ, fost l-oħrajn, allinjament akbar u tisħiħ reċiproku tal-PESK u tal-Politika Ewropea tal-Viċinat (PEV); jilqa', f'dan il-kuntest, ir-rispons tal-politika konġunta tal-Kummissjoni u s-SEAE għall-avvenimenti fil-Viċinat tan-Nofsinhar, li hemm eżempju tagħhom fil-"Komunikazzjoni Konġunta" tal-25 ta' Mejju 2011; jemmen, barra minn hekk, li l-istrutturi multilaterali tal-PEV għandhom jiġu konsolidati u żviluppati b'mod aktar strateġiku, sabiex javvanzaw b'mod effettiv il-prijoritajiet tal-politika estera tal-Unjoni; isostni li, minħabba ċ-ċentralità tal-"multilateraliżmu effettiv" fl-azzjoni esterna tal-Unjoni, is-SEAE u l-Kummissjoni għandhom jesploraw il-vijabilità tad-direzzjoni multilaterali tal-PEV biex isservi bħala qafas għall-organizzazzjoni ta' relazzjonijiet politiċi fl-Ewropa aktar wiesgħa;

**PRIJORITAJIET STRATEĠIĊI: ĊRIEKI KONĊENTRIĊI TA' PAĊI, SIGURTÀ U ŻVILUPP SOĊJOEKONOMIKU**

27. Jemmen li l-interessi, l-objettivi u l-linji gwida strateġiċi ġenerali li għandhom jiġu segwiti permezz tal-PESK għandhom ikunu bbażati fuq l-għoti ta' paċi, sigurtà u prosperità liċ-ċittadini tal-Ewropa u lil hinn minnha, l-ewwel nett fil-viċinat tagħna, iżda wkoll lil hinn minnu, iggwidati mill-prinċipji li spiraw il-ħolqien tal-UE nnifisha, inklużi d-demokrazija, l-istat tad-dritt, l-universalità u l-indiviżibilità tad-drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali, ir-rispett tad-dinjità tal-bniedem, l-ugwaljanza u s-solidarjetà u r-rispett għal-liġi internazzjonali u għall-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, inkluż l-eżerċizzju tar-responsabilità ta' protezzjoni;

28. Ikompli jappoġġja t-tkabbir potenzjali tal-Unjoni Ewropea għal kwalunkwe stat Ewropew li jirrispetta l-valuri tal-Unjoni u li huwa impenjat fil-promozzjoni tagħhom u li huwa lest u kapaċi jissodisfa l-kriterji ta' adeżjoni;

29. Jinnota li maż-żmien l-Unjoni żviluppat relazzjonijiet ma’ pajjiżi u organizzazzjonijiet reġjonali li għandhom bażijiet kuntrattwali u legali differenti, li xi wħud minnhom ġew imsejħa ‘strateġiċi’; josserva li m’hemmx formula ċara biex tiġi stabbilita l-għażla ta’ sieħeb strateġiku tal-Unjoni u li, meta jsiru dawn l-għażliet, il-Parlament Ewropew la hu infurmat u lanqas ikkonsultat; jinnota li l-ingranaġġ tar-relazzjonijiet bilaterali ġenwini u responsabbli jista’ jkun multiplikatur importanti tas-setgħa għall-politika barranija tal-UE kemm b’mod reġjonali kif ukoll fil-fora multilaterali, u li għalhekk l-għażla tas-sħsb strateġiċi jixirqilha riflessjoni bir-reqqa fid-dawl tal-valuri u l-objettivi strateġiċi li l-Unjoni tixtieq tipproġetta;

30. Jemmen, għalhekk, li d-deċiżjonijiet futuri dwar is-sħab strateġiċi għandhom isiru b’attenzjoni skont il-prijoritajiet tal-politika estera tal-Unjoni, jew vis-à-vis pajjiż jew reġjun, jew fil-fora internazzjonali, u li għandu jitqies b’mod xieraq li jintemmu sħubiji li jkunu tilfu r-rilevanza jew li jkunu saru kontroproduttivi; għalhekk, jitlob li jsir dibattitu ta’ segwitu mal-Parlament dwar id-diskussjoni tal-Kunsill Ewropew ta’ Settembru 2010 dwar l-isħubiji strateġiċi u li l-Parlament jiġi infurmat regolarment u bil-quddiem rigward deċiżjonijiet dwar sħubiji futuri, b’mod partikolari fejn dawn is-sħubiji jirċievu appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni jew jinvolvu relazzjoni kuntrattwali aktar mill-qrib mal-UE;

31. Huwa tal-opinjoni li, sabiex l-Unjoni tkun effettiva fit-twassil tal-paċi, sigurtà u żvilupp soċjo ekonomiku għaċ-ċittadini f’ordni politika internazzjonali kompetittiva ħafna, li qed tinbidel u li hija imprevedibbli, huwa importanti li wieħed jiffoka r-riżorsi limitati tal-Unjoni fuq il-prijoritajiet strateġiċi, l-ewwel fuq l-isfidi l-aktar viċin, b’mod partikolari dawk fil-pajjiżi ta’ tkabbir, fil-viċinat, u wara dan jiġi estiż ’il barra fi ċrieki konċentriċi, inkluż, fejn ikun rilevanti, ir-rwol u l-influwenza relattiva ta’ organizzazzjonijiet reġjonali;

32. Jemmen li r-rispett għall-impenji magħmula fil-qafas tat-tkabbir, u l-wiri ta’ responsabilità għall-viċinat tagħna, isaħħaħ il-kredibilità tal-firxa globali tal-Unjoni; jikkonferma mill-ġdid l-impenn tal-UE għal multilateraliżmu effettiv, bis-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba, u jenfasizza l-importanza ta’ ħidma ma’ msieħba internazzjonali oħra fir-reazzjoni għal kriżijiet, theddidiet u sfidi internazzjonali;

***Il-Balkani tal-Punent***

33. Jappoġġja l-istrateġiji tal-UE għall-Balkani tal-Punent, inkluż il-prospett tat-tkabbir tal-UE, li jħeġġu d-demokratizzazzjoni, l-istabbilizzazzjoni, is-soluzzjoni paċifika tal-kunflitti u l-modernizzazzjoni soċjoekonomika kemm tal-pajjiżi individwali kif ukoll tar-reġjun kollu kemm hu; jinnota bi tħassib, li l-instabilità politika, id-dgħufijiet istituzzjonali, il-korruzzjoni mferrxa, il-kriminalità organizzata u l-kwistjonijiet reġjonali u bilaterali li għadha ma nstabitx soluzzjoni għalihom, qed ixekklu iktar progress ta’ xi pajjiżi lejn l-integrazzjoni fl-UE; jitlob għalhekk lill-UE biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet b’mod aktar vigoruż fil-proċess ta’ integrazzjoni, f’konformità mal-Karta tan-NU, kif ukoll issaħħaħ ir-rwol ċentrali tagħha fir-reġjun;

34. Itenni l-appoġġ tiegħu għat-titjib tal-proċess ta’ adeżjoni tal-Balkani tal-Punent billi jagħmlu iktar immexxi mill-punti ta’ riferiment, trasparenti u responsabbli b’mod reċiproku u billi jiġu introdotti indikaturi ċari; jistieden lill-UE biex tagħmel sforzi ġodda, konvinċenti u ġenwini sabiex terga’ tagħti l-ħajja lill-proċess tat-tkabbir kif ukoll biex tkompli tagħti prijorità lill-kundizzjonijiet li ġejjin: djalogu politiku kostruttiv, relazzjonijiet tajbin mal-ġirien, żvilupp ekonomiku, konsolidazzjoni tal-istat tad-dritt, inkluż l-iżgurar tal-libertà tal-espressjoni u r-rispett għad-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għal minoranzi nazzjonali, ġlieda effettiva kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, titjib fl-effettività u l-indipendenza tal-ġudikatura, titjib fil-kapaċitajiet u r-rekords amministrattivi biex jinfurzaw il-leġiżlazzjoni relatata mal-acquis, trattament ta’ tensjonijiet interetniċi u interreliġjużi, u indirizzar tas-sitwazzjoni tar-refuġjati u l-persuni spostati kif ukoll is-soluzzjoni ta’ kwistjonijiet bilaterali u reġjonali miftuħa;

35. Iqis, barra minn hekk, li huwa essenzjali li l-politika esterna tal-UE għal reġjun bi storja riċenti ta’ kunflitt armat interetniku tippromwovi klima ta’ tolleranza, rispett għad-drittijiet ta’ persuni li jappartjenu għal minoranzi u politiki u leġiżlazzjoni kontra d-diskriminazzjoni, relazzjonijiet tajba mal-viċinat u kooperazzjoni reġjonali – inkluż permezz ta’ sistemi edukattivi aktar integrati (skambji intrareġjonali ta’ studenti) – u kollaborazzjoni xjentifika, bħala prerekwiżiti għal stabilità Ewropea u bħala mezz li jiffaċilita r-rikonċiljazzjoni;

36. Jilqa' l-konfigurazzjoni mill-ġdid tal-missjoni EULEX u l-iffokar mill-ġdid tagħha fuq l-istat tad-dritt u l-mandat eżekuttiv; jistenna li din tkun operattiva għal kollox fit-territorju kollu tal-Kosovo, inkluż it-Tramuntana, u biex issaħħaħ il-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha, inkluż kontra l-kriminalità organizzata;

### *It-Turkija*

37. Jilqa' l-aġenda pożittiva tal-Kummissjoni għar-relazzjonijiet UE-Turkija; jinsab imħasseb dwar is-sitwazzjoni f'numru ta' oqsma, b'mod partikolari fir-rigward tal-libertà ta' espressjoni, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tan-nisa fit-Turkija, il-progress bil-mod lejn kostituzzjoni ċivili ġdida u, barra minn hekk, il-polarizzazzjoni tas-soċjetà Torka; iħeġġeġ lit-Turkija biex tħaffef il-proċess ta' riforma;jinnota li t-Turkija mhijiex biss pajjiż kandidat iżda wkoll sieħeb strateġiku importanti u alleat tan-NATO; jitlob, għalhekk, biex jisaħħaħ id-djalogu politiku eżistenti mat-Turkija dwar l-għażliet u l-objettivi tal-politika barranija ta' interess reċiproku; jenfasizza l-importanza li t-Turkija tiġi mħeġġa biex issegwi l-politika barranija tagħha f'qafas ta' relazzjonijiet tajbin mal-ġirien fi djalogu u koordinazzjoni mal-Unjoni Ewropea sabiex jinħolqu sinerġiji siewja u jissaħħaħ il-potenzjal għal impatt pożittiv, b'mod partikolari fir-rigward tal-appoġġ għall-proċess ta' riforma fid-dinja Għarbija; Jittama li l-kundizzjonijiet jitjiebu għall-ftuħ ta' aktar kapitli fin-negozjati ta' sħubija (eż. ratifika u implimentar tal-Protokoll ta' Ankara);

### *Il-Viċinat tan-Nofsinhar u l-Lvant Nofsani*

38. Jitlob biex il-prinċipji sottostanti tal-approċċ il-ġdid tal-PEV, kif stabbilit fil-Komunikazzjoni Konġunta tal-VP/RGħ u l-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2011, b'mod partikolari l-prinċipju 'aktar għal aktar', dak tad-differenzjazzjoni u dak tar-responsabilità reċiproka, kif ukoll "is-sħubija mas-soċjetà", ikunu kompletament operattivi u li l-assistenza tal-Unjoni tkun allinjata bis-sħiħ ma' dan l-approċċ ġdid; ifakkar li l-Komunikazzjoni Konġunta 'Twettiq ta' Politika Ewropea tal-Viċinat ġdida' tal-15 ta' Mejju 2012 telenka dawn l-isfidi li jiffaċċjaw il-pajjiżi tar-reġjun: id-demokrazija sostenibbli, l-iżvilupp u t-tkabbir ekonomiku u inkluživ, il-mobilità, il-kooperazzjoni reġjonali u l-istat tad-dritt;

39. Ifakkar li l-Viċinat tan-Nofsinhar huwa ta' importanza vitali għall-Unjoni Ewropea, jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ is-sħubija bejn l-UE u l-pajjiżi u s-soċjetajiet tal-Viċinat fl-għajnuna għat-tranżizzjoni lejn demokraziji kkonsolidati, u jħeġġeġ li jintlaħaq bilanċ aħjar bejn, fuq naħa waħda, l-insegwiment ta' approċċ orjentat lejn is-suq, u min-naħa l-oħra, ta' approċċi umani u soċjali fir-rispons tal-UE għar-Rebbiegħa Għarbija; jitlob, għalhekk, li tingħata aktar attenzjoni lid-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, l-impjieg (speċjalment il-qgħad fost iż-żgħażagħ), l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-iżvilupp reġjonali, sabiex jiġu megħjuna jtaffu l-kriżi ekonomika u soċjali attwali f'dawn il-pajjiżi, u tiġi pprovduta l-assistenza meħtieġa għal appoġġ tat-tisħiħ tal-governanza tajba u tar-riformi politiċi demokratiċi kif ukoll l-iżvilupp soċjali u ekonomiku; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza ta' appoġġ għall-bini ta' kapaċitajiet istituzzjonali u l-amministrazzjoni pubblika effettiva, inkluż għall-parlamenti ta' dawn il-pajjiżi, ta' sistema ġudizzjarja indipendenti, għat-tisħiħ ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u midja indipendenti, u għall-formazzjoni ta' partiti politiċi pluralisti f'sistema kemm jista' jkun sekulari li fiha jiġu rrispettati għal kollox id-drittijiet tan-nisa, u fejn hemm titjib notevoli fir-rispett għad-drittijiet fundamentali ewlenin bħal dak tad-dritt għal-libertà tar-reliġjon, fl-aspetti individwali, kollettivi, pubbliċi, privati u istituzzjonali tiegħu;

40. Itenni li relazzjoni ekonomika, politika, kulturali jew xi tip ta' relazzjoni oħra bejn l-UE u l-pajjiżi tal-PEV għandha tkun ibbażata fuq it-trattament indaqs, is-solidarjetà, id-djalogu u l-osservanza tal-asimetriji speċifiċi u l-karatteristiċi ta' kull pajjiż;

41. Iqis li l-valutazzjoni tal-progress globali magħmul mill-pajjiżi msieħba għandha tkun ibbażata fuq it-trasparenza reċiproka u għandha tkun ibbażata fuq il-livell ta' impenn għar-riforma u fuq punti ta' referenza definiti b'mod ċar, u miftiehma b'mod konġunt, li jistabbilixxu skedi għall-implimentazzjoni ta' riformi kif stabbilit fil-pjanijiet ta' azzjoni; dawn il-punti ta' referenza għandhom ikunu l-bażi għal monitoraġġ u valutazzjoni regolari u, fejn ikun possibbli, konġunti li jinkludu rwol sħiħ għas-soċjetà ċivili, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva u trasparenti tal-politiki;

42. Jenfasizza l-importanza tal-Unjoni għall-Mediterran bħala strument għall-instituzzjonalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Viċinat tan-Nofsinhar; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi megħlub l-istadju ta' paraliżi li sabet ruħha fiha din l-organizzazzjoni; jilqa' l-bidliet magħmula rigward il-kopresidenza Ewropea u jittama li d-dinamiżmu tas-Segretarju Ġenerali l-ġdid se jikkontribwixxi biex jagħti spinta 'l quddiem lill-proġetti identifikati;

43. Ifakkar l-impenn tal-UE għall-proċess ta' paċi fil-Lvant Nofsani u l-appoġġ tiegħu għal soluzzjoni ta' żewġ stati mal-Istat tal-Iżrael u Stat Palestinjan indipendenti, demokratiku, kontigwu u vijabbli li jgħixu fil-paċi u s-sigurtà flimkien;

44. Ifakkar li s-soluzzjoni tal-kunflitt fil-Lvant Nofsani huwa interess fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll tal-partijiet infushom u r-reġjun aktar wiesa'. jenfasizza, għalhekk, li l-ħtieġa għal progress fil-proċess ta' paċi hija aktar urġenti minħabba l-bidliet li għaddejjin bħalissa fid-dinja Għarbija;

*L-Iran*

45. Jappoġġja l-approċċ doppju tal-Kunsill bil-għan li tinstab soluzzjoni diplomatika bħala l-uniku approċċ vijabbli għall-kwistjoni nukleari Iranjana; ifakkar li s-sanzjonijiet mhumiex riżultat fihom infushom; iħeġġeġ lill-UE3+3 u lill-Iran biex ikomplu jipparteċipaw mal-mejda tan-negozjati u jistieden lin-negozjaturi jilħqu ftehim; ifakkar li, skont il-prinċipju ċentrali tan-NPT, l-Iran għandu d-dritt li jarrikkixxi l-uranju għal skopijiet paċifiċi u li jirċievi assistenza teknika għall-istess objettiv; huwa mħasseb li jaf ikun hemm azzjoni militari u jsejjaħ lill-partijiet kollha għal riżoluzzjoni paċifika u jħeġġeġ lill-Iran biex jirrispetta t-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni u r-riżoluzzjonijiet tan-NU u biex jikkoopera bi sħiħ mal-IAEA;

46. Barra minn hekk, jistieden lill-Kunsill jikkunsidra miżuri pożittivi, jekk l-Iran jimpenja ruħu li jillimita l-arrikkiment tal-uranju għal inqas minn 5 %, jesporta l-istokkijiet kollha tal-uranju 'l fuq minn dan il-livell għall-ipproċessar mill-ġdid f'vireg tal-fjuwil għal skopijiet nukleari ċivili u jiftaħ b'mod sħiħ l-aspetti kollha tal-programm nukleari tiegħu lill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA), sabiex l-IAEA tkun tista' tivverifika li l-programm nukleari tal-Iran huwa totalment ċivili; jistieden lill-VP/RGħ u lill-Kunsill sabiex jibdew mill-ġdid in-negozjati diplomatiċi dwar kwistjonijiet oħra ta' interess reċiproku għall-UE u l-Iran, bħas-sigurtà reġjonali, id-drittijiet tal-bniedem, is-sitwazzjoni fis-Sirja, l-Afganistan, l-Iraq u l-Golf Persjan; jitlob li l-Iran ikollu rwol kostruttiv fis-sigurtà reġjonali;

47. Jitlob, għalhekk, li jkun hemm sforz sostnut u persistenti mill-VP/RGħ u l-Kunsill biex l-Iran jintalab bis-saħħa biex jirrispetta d-drittijiet tal-bniedem; jenfasizza l-ħtieġa għal politika Ewropea għall-Iran biex tesprimi solidarjetà ma' dawk li jirreżistu r-ripressjoni u jiġġieldu għal-libertajiet bażiċi u d-demokrazija; jinsisti li preżenza tal-UE fuq il-post tista' tiżgura li l-Istati Membri, kif ukoll l-UE, jevalwaw kif suppost l-evoluzzjoni f'kull qasam u jikkomunikaw mal-awtoritajiet Iranjani; iqis li l-ftuħ ta' delegazzjoni tal-UE fl-Iran tista' sseħħ fil-mument opportun fl-iżvilupp tar-relazzjonijiet UE-Iran;

*Il-Libja*

48. Jitlob lill-VP/RGħ biex jiżgura skjerament rapidu fil-Libja ta' biżżejjed persunal u kompetenza istituzzjonali li jassisti lil-Libja biex tilħaq il-ħtiġijiet tagħha u tirrispondi għat-talbiet tal-Libja fil-qasam tal-bini tal-kapaċità, il-governanza, is-soċjetà ċivili u l-iżvilupp; iħeġġeġ lill-UE biex tappoġġja t-tranżizzjoni demokratika fil-Libja fl-oqsma kollha u jitlob lill-VP/RGħ biex tiżgura li l-Istati Membri tal-UE jaġixxu b'mod koordinat, konsistenti mal-prinċipji u l-valuri tal-UE u mal-interessi strateġiċi fl-issodisfar tal-ħtiġijiet u t-talbiet tal-Libja;

*Is-Sirja*

49. Iħeġġeġ lill-VP/RGħ, il-Kunsill u l-Istati Membri biex jinvestu lilhom infushom sabiex isibu soluzzjoni għall-kriżi fis-Sirja; jitlob lill-VP/RGħ biex jiżgura li l-Istati Membri jaġixxu b'mod unit u kkoordinat fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, li jikkostitwixxi l-forum xieraq biex jiġi diskuss intervent potenzjali internazzjonali u appoġġjat min-NU fis-Sirja; iħeġġeġ, barra minn hekk, lill-VP/RGħ biex iżżid l-isforzi biex b'mod

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

diplomatiku titfa' pressjoni fuq ir-Russja u ċ-Ċina biex ineħħu l-istaġnar fir-rigward tas-Sirja fil-Kunsill tas-Sigurtà; jistieden lill-VP/RGħ u l-Kummissjoni biex jesploraw il-modi kollha biex jipprovdu u jsaħħu l-assistenza umanitarja sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet f'dawk il-pajjiżi ġirien li, b'mod partikolari minħabba l-influss tar-refuġjati, huma affettwati l-aktar mill-kriżi fis-Sirja;

### *Il-Viċinat tal-Lvant*

50. Ifakkar li l-Viċinat tal-Lvant huwa ta' importanza strateġika; jitlob għal sforzi ikbar, u impenn politiku akbar, sabiex jinkisbu l-objettivi tas-Sħubija tal-Lvant – kif iddikjarat fid-Dikjarazzjoni ta' Praga u l-Konklużjonijiet tas-Samit tal-Varsavja, u fakkar fil-Komunikazzjoni Konġunta 'Is-Sħubija tal-Lvant: Pjan direzzjonali għas-Samit tal-Ħarifa 2013' tal-15 ta' Mejju 2012 – inkluż, b'mod partikolari, it-tħaffif tal-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika, u t-titjib tal-mobilità għaċ-ċittadini f'ambjent sikur u ġestit sew; huwa tal-opinjoni li l-Unjoni għandha b'mod partikolari ssegwi n-negozjati u l-konklużjonijiet tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni mas-Sħab tal-Lvant, li jippromwovu l-mobilità permezz ta' sħubiji ta' mobilità u djalogi dwar il-viża, u li jiżguraw progress kontinwu fl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tar-riformi, f'assoċjazzjoni mill-qrib mal-Assemblea Parlamentari EURONEST; jenfasizza li d-deċiżjonijiet kollha għandhom ikunu akkumpanjati bl-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji adegwati u jitlob għal titjib biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet fis-Sħubiji għal Modernizzazzjoni;

51. Jiddispjaċih, madankollu, li s-sitwazzjoni globali dwar l-istandards demokratiċi u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant bilkemm għamlet progress; jenfasizza, barra minn hekk, li l-iżvilupp sħiħ tas-Sħubija tal-Lvant jista' jseħħ biss ladarba l-kunflitti ffriżati kollha jiġu solvuti; jitlob, f'dan ir-rigward, involviment aktar attiv tal-UE fil-proċessi rilevanti tal-paċi sabiex jinbdew inizjattivi kredibbli mmirati biex jitneħħa l-istaġnar attwali, tiġi ffaċilitata t-tkomplija tad-djalogu bejn il-partijiet u jinħolqu l-kondizzjonijiet għal soluzzjonijiet komprensivi u dejjiema;

52. Jitlob involviment iktar b'saħħtu min-naħa tal-UE, b'kooperazzjoni ma' sħab reġjonali, fis-soluzzjoni tal-kunflitti ffriżati' li qed iseħħu fit-territorji tal-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant, b'mod partikolari t-tkissir tal-istaġnar dwar Ossezja tan-Nofsinhar u Abkhazia u dwar il-kunflitt bejn Nagorno u Karabakh u li jkollha rwol sħiħ fl-appoġġ ta' kwalunkwe ftehim ta' paċi konsegwenti; jemmen li l-kwistjoni Transnistrijana tista' tkun każ ta' prova tajjeb għar-rieda tajba tas-sħab reġjonali;

*Il-Moldova*

53. Jilqa' l-isforzi multidimensjonali tar-Repubblika tal-Moldova biex toqrob lejn l-UE, b'mod partikolari billi tagħmel progress fir-riformi politiċi domestiċi u billi tieħu passi sostantivi u pożittivi fin-negozjati "5+2" dwar il-kunflitt Transnistrijan;

*L-Ukraina*

54. Jenfasizza li, filwaqt li l-Ftehim bejn l-UE u l-Ukraina ġie inizjalat, l-iffirmar u r-ratifika tiegħu jistgħu jseħħu biss jekk l-Ukraina tissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa, li jfisser, jekk jiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-minoranzi, jinforza l-istat tad-dritt – billi jissaħħu l-istabilità, l-indipendenza u l-effettività tal-istituzzjonijiet li jiggarantixxuh – u billi juri rispett lejn id-drittijiet – u jtemm il-persekuzzjoni – tal-oppożizzjoni, li b'hekk tiġi stabbilita demokrazija verament pluralista; jitlob lill-VP/RGħ u l-Kummissjoni biex jiggarantixxu mezzi finanzjarji suffiċjenti biex jappoġġjaw il-missjonijiet addizzjonali ta' monitoraġġ elettorali ippjanati għall-elezzjonijiet parlamentari li ġejjin fl-Ukraina; jitlob lill-Parlament tal-Ukraina biex jemenda l-kodiċi penali, li tmur lura għal żminijiet Sovjetiċi, billi jitneħħew is-sanzjonijiet kriminali għal atti politiċi ċari mwettqa minn funzjonarji tal-istat li jaġixxu f'kapaċità uffiċjali;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

*Il-Bjelorussja*

55. Jitlob lill-awtoritajiet tal-Belarus biex jirrilaxxaw lill-priġunieri politiċi kollha; jitlob li l-iżvilupp tar-relazzjonijiet mal-awtoritajiet tal-Bjelorussja ikunu kondizzjonali fuq il-progress lejn ir-rispett għall-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem; ifakkar li ma jista' jkun hemm ebda progress fid-djalogu UE-Bjelorussja sakemm ma jinħelsux u ma jiġux riabilitati l-priġunieri politiċi kollha; fl-istess ħin, jilqa' l-isforzi mill-UE u d-Delegazzjoni tagħha f'Minsk biex tintlaħaq u tiġi involuta aktar is-soċjetà tal-Bjelorussja, inkluż permezz ta' "Djalogu Ewropew għall-modernizzazzjoni", proċeduri ffaċilitati għall-għoti tal-viża u aktar parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-Bjelorussja fil-programmi tal-UE;

*Il-Kawkasu tan-Nofsinhar*

56. Jinnota l-progress sinifikanti li sar fil-qafas tas-Sħubija tal-Lvant sabiex jissaħħu r-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Armenja, l-Azerbajġan u l-Ġeorġja; jitlob għal passi ulterjuri biex jiġu approfonditi r-relazzjonijiet bejn l-UE u t-tliet pajjiżi tal-Kawkasu tan-Nofsinhar;

*Strateġija għall-Baħar l-Iswed*

57. Jenfasizza l-importanza strateġika tar-reġjun tal-Baħar l-Iswed għall-Unjoni u jerġa' jfakkar lill-Kummissjoni u lis-SEAE biex ifasslu strateġija għar-reġjun tal-Baħar l-Iswed li tiddefinixxi approċċ integrat u komprensiv tal-UE biex jiġu indirizzati l-isfidi u l-opportunitajiet tar-reġjun;

***Ir-Russja***

58. Jappoġġja l-politika tal-Unjoni ta' impenn kritiku mar-Russja; jikkunsidra r-Russja bħala sieħba u ġara strateġika importanti, iżda jkompli jkollu t-tħassib dwar l-impenn tar-Russja għall-istat tad-dritt, id-demokrazija pluralista u d-drittijiet tal-bniedem; jiddeplora b'mod partikolari l-intimidazzjoni kontinwa, il-fastidju u l-arresti tar-rappreżentanti tal-forzi tal-oppożizzjoni u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-adozzjoni reċenti ta' liġi dwar il-finanzjament tal-NGOs, u l-pressjoni li dejjem tiżdied fuq il-midja libera u indipendenti; f'dan ir-rigward jistieden lill-UE biex tibqa' kostanti fit-talbiet tagħha li l-awtoritajiet Russi jissodisfaw ir-responsabilitajiet tagħhom bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-OSCE; jenfasizza li t-tisħiħ tal-istat tad-dritt fl-oqsma kollha tal-ħajja pubblika Russa, inkluża l-ekonomija, ikun rispons kostruttiv għall-iskuntentizza li dejjem tikber espressa minn ħafna ċittadini Russi, u huwa bżonnjuż biex tinbena sħubija ġenwina u kostruttiva bejn l-UE u r-Russja; jenfasizza r-rieda tal-UE li tikkontribwixxi għas-Sħubija għall-Modernizzazzjoni u għal kwalunkwe suċċessur għall-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni attwali li huwa marbut mal-progress tar-Russja rigward id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-demokrazija pluralista;

59. Huwa tal-fehma li s-sentenza riċenti tat-tliet membri tal-grupp punk femminist Pussy Riot għal sentejn f'kolonja penali għal "ħuliganiżmu mmotivat minn mibegħda reliġjuża" hija parti minn miżuri ripressivi fuq in-nuqqas ta' qbil politiku u l-forzi tal-oppożizzjoni li jkomplu jnaqqsu l-ispazju demokratiku Russu u jdgħajfu ħafna l-kredibilità tas-sistema ġudizzjarja Russa; jikkundanna bil-kbir dan il-verdett immotivat mill-politika u jistenna li din il-kundanna tinbidel fl-appell bir-rilaxx tat-tliet membri ta' Pussy Riot.

60. Jemmen li l-aħjar bażi għal sħubija aktar mill-qrib għandha tkun Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni ġdid, ambizzjuż u komprensiv li jinkludi kapitli dwar id-djalogu politiku, il-kummerċ u l-investimenti, il-kooperazzjoni fl-enerġija, id-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-oqsma tal-ġustizzja, il-libertà u s-sigurtà; jenfasizza l-ħtieġa għall-bini ta' sħubija ġenwina bejn is-soċjetajiet tal-UE u tar-Russja, u f'dan il-kuntest, jilqa' l-progress miksub fl-implimentazzjoni ta' "Passi komuni lejn vjaġġar mingħajr viża" bi ftehim bejn l-UE u r-Russja;

61. Jistieden lill-VP/RGħ u lill-Kunsill biex jaħdmu mar-Russja u ċ-Ċina sabiex jegħlbu d-diverġenzi – inkluż ġewwa l-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti – fl-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni fis-Sirja bl-għan komuni li jitkisser iċ-ċiklu tal-vjolenza, filwaqt li tiġi evitata gwerra ċivili u tinstab soluzzjoni paċifika dejjiema fis-Sirja; jilqa' l-kooperazzjoni mar-Russja fin-negozjati E3 +3 mal-Iran sabiex l-Iran ma jitħalliex jakkwista armi nukleari;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

62. Jistieden lir-Russja biex itejbu l-istabilità, il-kooperazzjoni politika u l-iżvilupp ekonomiku filwaqt li jirrispettaw id-dritt sovran ta' kull pajjiż biex jagħmel l-arranġamenti ta' sigurtà tiegħu; iħeġġeġ lir-Russja biex tirrispetta l-integrità territorjali u kostituzzjonali tal-ġirien reġjonali u biex tissieħeb fil-kunsens internazzjonali fin-Nazzjonijiet Uniti rigward id-demokrazija emerġenti;

63. Jenfasizza li waqt li l-Istati Membri jistabbilixxu l-konnessjonijiet u l-integrazzjoni tas-swieq nazzjonali tagħhom permezz ta' investiment fl-infrastruttura u l-approvazzjoni tar-regolamenti komuni, għandhom isiru wkoll sforzi kontinwi fil-kollaborazzjoni mar-Russja sabiex jiġu identifikati miżuri kreattivi u reċiprokament aċċettabbli biex inaqqsu d-diskrepanzi bejn iż-żewġ swieq tal-enerġija;

64. Huwa mħasseb dwar il-militarizzazzjoni żejda riċenti fiż-żona ta' Kaliningrad li qed toħloq nuqqas ta' sigurtà dejjem akbar madwar iż-żona tal-UE;

*L-Asja Ċentrali*

65. Jappoġġja l-promozzjoni tal-UE ta' approċċ reġjonali fl-Asja Ċentrali, li huwa essenzjali biex tiġi trattata d-dimensjoni reġjonali ta' kwistjonijiet li jinkludu l-kriminalità organizzata, it-traffikar (tad-drogi, ta' materjali radjuattivi u tal-bnedmin), it-terroriżmu, id-diżastri ambjentali naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem u l-ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma u tal-enerġija; jiddispjaċih, madankollu, dwar in-nuqqas ta' progress sostanzjali dovut parzjalment biss minħabba r-riżorsi finanzjarji limitati disponibbli; jitlob għalhekk li dan l-impenn ikun sod u kondizzjonali ("aktar għal aktar") fuq il-progress fid-demokratizzazzjoni, id-drittijiet tal-bniedem, il-governanza tajba, l-iżvilupp sostenibbli soċjoekonomiku, l-istat tad-dritt u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jenfasizza li l-approċċ reġjonali ma għandux ifixkel sforzi individwali għal stati aktar avvanzati; jinnota li l-Istrateġija ta' Kooperazzjoni tal-UE għall-Asja Ċentrali tidentifika seba' prijoritajiet, iżda tipprovdi riżorsi li huma wisq limitati biex ikollhom impatt fl-oqsma kollha tal-politika; jitlob li l-UE tiddefinixxi aħjar il-prijoritajiet skont ir-riżorsi disponibbli; ifakkar l-importanza tar-reġjun f'termini ta' kooperazzjoni ekonomika, enerġija u sigurtà, iżda jenfasizza li huwa importanti li jiġi żgurat li l-kooperazzjoni għall-iżvilupp ma tkunx subordinata għall-interessi ekonomiċi, tal-enerġija jew tas-sigurtà; madankollu jisħaq fuq l-importanza tad-djalogu tal-UE mal-pajjiżi tal-Asja Ċentrali fuq kwistjonijiet ta' sigurtà reġjonali, b'mod partikolari fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Afganistan u eskalazzjoni possibbli fir-relazzjonijiet Uzbeki-Taġik; jissuġġerixxi li l-UE tħares lejn possibilitajiet biex tgħaqqad ir-riżorsi tagħha mal-Istati Membri attivi fir-reġjun;

66. Jinnota li s-sitwazzjoni ġenerali fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tax-xogħol, in-nuqqas ta' appoġġ għas-soċjetà ċivili u l-istatus tal-istat tad-dritt tibqa' inkwetanti; jitlob li d-djalogi tad-drittijiet tal-bniedem jiġu msaħħa u jsiru aktar effettivi u orjentati lejn ir-riżultati, bil-kooperazzjoni mill-qrib u l-involviment ta' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fit-tħejjija, il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni ta' djalogi bħal dawn; jitlob lill-UE u lill-VP/RGħ biex iqajmu pubblikament il-każijiet ta' priġunieri politiċi u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u ġurnalisti mixħutin il-ħabs u biex jitolbu li jkun hemm ir-rilaxx immedjat tal-priġunieri politiċi kollha u biex ikun hemm proċeduri legali ġusti u trasparenti għall-oħrajn; jitlob li l-Inizjattiva għall-Istat tad-Dritt ittejjeb it-trasparenza għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tinkludi objettivi ċari li jagħmlu possibbli valutazzjoni trasparenti tal-implimentazzjoni u r-riżultati tagħha;

67. Jinnota li l-pajjiżi tal-Asja Ċentrali li għandhom ħafna enerġija u riżorsi jipprovdu sors potenzjalment sinifikanti għad-diversifikazzjoni tal-UE tas-sorsi u r-rotot ta' provvista; jinnota li l-UE hija konsumatur affidabbli u li l-pajjiżi produtturi għandhom juru l-affidabilità tagħhom bħala fornituri lill-pajjiżi konsumaturi u lil investituri barranin billi, fost l-oħrajn, jistabbilixxu kundizzjonijiet indaqs għall-korporazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali skont l-istat tad-dritt; jistieden lis-SEAE u lill-Kummissjoni biex ikomplu jipprovdu appoġġ għal proġetti ta' enerġija u l-promozzjoni ta' komunikazzjoni fuq għanijiet importanti bħall-Kuritur tan-Nofsinhar u t-trans-Caspian pipeline mingħajr ma jintesew il-prinċipji ta' governanza tajba u trasparenza bħala elementi ta' benefiċċju għal kulħadd fil-kooperazzjoni tal-enerġija bejn l-UE u l-pajjiżi msieħba;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

68. Jenfasizza li l-isfruttament u l-ġestjoni tar-riżorsi naturali fir-rigward, b'mod partikolari, tal-ilma għadhom punt ta' diskussjoni fir-reġjun u sors ta' instabilità, tensjoni u kunflitt potenzjali; jilqa', f'dan ir-rigward, l-Inizjattiva tal-Ilma mnedija mill-UE fl-Asja Ċentrali iżda jitlob djalogu iktar effettiv u kostruttiv bejn il-pajjiżi muntanjużi fin-naħa ta' fuq u dawk man-naħa t'isfel bil-ħsieb li jinkisbu modi sodi u sostenibbli ta' kif jiġu trattati l-kwistjonijiet tal-ilma u l-adozzjoni ta' ftehimiet komprensivi u dejjiema tal-qsim tal-ilma;

*L-Afganistan*

69. Huwa mħasseb dwar r-riġenerazzjoni tal-vjolenza wara li fallew in-negozjati għall-paċi; jenfasizza l-importanza ta' approċċ subreġjonali tal-Asja Ċentrali biex jiġi indirizzat it-traffikar transkonfinali tal-persuni u l-merkanzija u għall-ġlieda kontra l-produzzjoni u t-traffikar illegali tad-droga, li huma sors bażiku ta' finanzjament għall-kriminalità organizzata u t-terroriżmu; jitlob għal kooperazzjoni mtejba fost l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-missjoni tal-ISAF tan-NATO sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-intervent; jitlob li jiżdied l-appoġġ għall-bini tal-kapaċità tal-Gvern tar-Repubblika Islamika tal-Afganistan u l-Forzi tas-Sigurtà Nazzjonali kif ukoll biex tingħata għajnuna lill-popolazzjoni aktar wiesgħa bl-iżvilupp agrikolu u soċjoekonomiku sabiex il-pajjiż jassumi responsabilità sħiħa għas-sigurtà tiegħu wara t-tlestija tat-trasferiment tas-sigurtà interna lill-Forzi Afgani sa tmiem l-2014;

70. Jinnota, bi tħassib kbir għall-popolazzjoni affettwata, li l-intervent militari fl-Afganistan ma kisibx il-bini ta' stat vijabbli bi strutturi demokratiċi, it-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja għall-maġġoranza – b'mod partikolari għan-nisa u l-bniet - jew is-sostituzzjoni tal-produzzjoni tan-narkotiċi b'forom oħrajn ta' agrikoltura, iżda minflok daħħal lill-pajjiż f'livell bla preċedent ta' korruzzjoni; minħabba l-irtirar mgħaġġel tat-truppi Ewropej jistieden lill-UE u lill-Istati Membri, bħala kwistjoni ta' prijorità, biex jippreparaw pjan ta' sikurezza għal dawk l-Afgani li appoġġjaw mill-qrib l-isforzi tal-UE għall-bini tal-istat, u li l-eżistenza tagħhom tista' tkun mhedda mit-tluq tal-forzi Ewropew, b'mod partikolari attivisti tan-nisa; jistieden lis-SEAE biex jagħmel evalwazzjoni onesta tal-politika tal-UE u tal-Istati Membri fl-Afganistan mill-2001 u biex jippreżenta pjan realistiku ta' attivitajiet futuri tal-UE fir-reġjun sal-aħħar tas-sena;

71. Jenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni msaħħa ma' pajjiżi bħar-Russja, il-Pakistan, l-Indja u l-Iran meta jiġu indirizzati l-isfidi fl-Afganistan, speċjalment dawk relatati mat-traffikar tad-drogi, it-terroriżmu u r-riskju ta' tixrid fil-pajjiżi ġirien u r-reġjun;

***Il-Kontinent Amerikan***

*L-Istati Uniti*

72. Jemmen bis-sħiħ li l-Istati Uniti hija l-aktar sieħeb strateġiku importanti għall-UE; għalhekk iħeġġeġ lill-UE biex tagħti prijorità politika ċara għall-approfondiment tar-relazzjonijiet transatlantiċi fil-livelli kollha;

73. Jissottolinja l-importanza kbira tar-relazzjonijiet transatlantiċi; huwa tal-opinjoni li samits regolari bejn l-UE u l-Istati Uniti jipprovdu opportunità għall-identifikazzjoni ta' objettivi komuni u l-koordinazzjoni ta' strateġiji rigward theddidiet u sfidi ta' rilevanza globali, inkluża, fost l-oħrajn, il-governanza ekonomika, u l-iżvilupp ta' approċċ komuni għas-setgħat emerġenti; jilqa' r-rapport tal-Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar l-Impjiegi u t-Tkabbir; iqis li l-Kunsill Ekonomiku Trans-Atlantiku (TEC)u d-Djalogu Transatlantiku tal-Leġiżlaturi (TLD) għandhom jinkludu riflessjoni dwar l-impenn strateġiku mill-UE u l-Istati Uniti mal-pajjiżi BRICS u pajjiżi emerġenti oħrajn rilevanti, kif ukoll mal-ASEAN, l-Unjoni Afrikana, il-Mercosur, il-Komunità Andina u CELAC u dwar kif għandha tiġi mrawma konverġenza regolatorja ma' pajjiżi bħal dawn; jissottolinja l-importanza tat-TEC, bħala l-korp responsabbli għat-titjib tal-integrazzjoni ekonomika u l-kooperazzjoni regolatorja, u t-TLD, bħala forum għal djalogu parlamentari u għall-koordinazzjoni tal-ħidma parlamentari miż-żewġ naħat dwar kwistjonijiet ta' tħassib komuni, speċjalment leġiżlazzjoni rilevanti għas-suq transatlantiku; ifakkar il-ħtieġa għall-ħolqien, mingħajr aktar dewmien, ta' Kunsill Politiku Trans-Atlantiku bħala korp ad hoc għal konsultazzjoni u koordinazzjoni sistematiċi u ta' livell għoli dwar il-politika barranija u ta' sigurtà bejn l-UE u l-Istati Uniti b'mod parallel man-NATO;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

74. Jinnota li, minħabba r-rilevanza globali u reġjonali dejjem tikber taċ-Ċina, l-Indja u pajjiżi oħra emerġenti fl-Asja, l-Istati Uniti tal-Amerika progressivament qiegħda ċċaqlaq l-attenzjoni primarja, l-investiment politiku u r-riżorsi militari tagħha lejn il-Paċifiku; barra minn hekk jinnota li l-Asja għandu jkollha post aktar importanti fuq l-aġenda barranija tal-UE u l-Istati Membri; jitlob għalhekk li ssir koordinazzjoni akbar bejn il-politiki tal-Istati Uniti u tal-UE lejn iċ-Ċina, l-Indja u pajjiżi emerġenti oħra fl-Asja sabiex jiġi evitat diżakkoppjar tal-approċċi rispettivi tagħhom għall-politiki ewlenin;

75. Jemmen li l-Istati Uniti se tkompli tagħti kontribut vitali għas-sigurtà kollettiva taż-żona Ewro-Atlantika, u jafferma mill-ġdid ir-rilevanza kritika u li ma tinbidilx tar-rabta tas-sigurtà transatlantika; jinnota li, fis-sitwazzjoni ġeostrateġika u ekonomika li dejjem tinbidel, il-bini ta' kapaċitajiet Ewropej ta' sigurtà u difiża aktar b'saħħithom jirrappreżenta mezz importanti ta' kif tissaħħaħ ir-rabta transatlantika;

*L-Amerika Latina*

76. Jitlob li d-djalogu politiku bejn l-UE u l-Amerika Latina jitwessa' f'kull livell, inklużi s-samits tal-kapijiet ta' stat u l-Assemblea Parlamentari EUROLAT, bħala għodda importanti għall-iżvilupp ta' kunsens politiku; jitlob li l-impenji politiċi li jiġu wara s-samits bejn l-UE u l-Amerika Latina jkunu akkumpanjati mill-allokazzjoni ta' riżorsi finanzjarji adegwati; jesprimi t-tħassib serju dwar il-fatt li l-Arġentina riċentement innazzjonalizzat kumpanija ewlenija Spanjola tal-petrol (YPF) u wettqet ukoll proċeduri politiċi li ma jgħinu xejn rigward il-Gżejjer Falkland tar-Renju Unit;

77. Jipproponi li tiġi esplorata l-possibilità ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib, l-aktar il-kooperazzjoni ekonomika, bejn l-Ameriki u l-UE bil-għan ta' ftehim ta' kummerċ ħieles komuni;

78. Jitlob għat-tisħiħ tad-djalogi eżistenti dwar id-drittijiet tal-bniedem, b'livell ogħla ta' involviment minn naħa tal-Parlament, kif ukoll għat-tnedija ta' djalogu biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar sfidi ta' sigurtà importanti, u mhux anqas l-impatt devastanti tal-kriminalità organizzata u narkotika fuq l-istituzzjonijiet tal-istat u s-sigurtà tal-bniedem; jinnota li s-7 Samit UE-ALK tal-Kapijiet tal-Istat u l-Gvern, li għandu jsir fiċ-Ċili f'Jannar 2013, jista' jkun opportunità tajba biex jiġu mnedija viżjonijiet ġodda għal kooperazzjoni bireġjonali f'numru ta' oqsma politiċi u soċjoekonomiċi;

79. Jenfasizza li l-koeżjoni soċjali għandha tibqa' prinċipju fundamentali fl-istrateġija għall-kooperazzjoni għall-iżvilupp lejn l-Amerika Latina, mhux biss minħabba l-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi tagħha, iżda wkoll minħabba l-importanza tagħha f'termini tal-konsolidament tal-istituzzjonijiet demokratiċi fir-reġjun u l-istat tad-dritt; jenfasizza wkoll li hemm bżonn ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp ulterjuri bejn l-UE u l-pajjiżi bi dħul medju tal-Amerika Latina, b'mod li jistgħu jiġu indirizzati l-inugwaljanzi kbar li għadhom jeżistu fir-reġjun; jitlob għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni trijangulari u l-kooperazzjoni Nofsinhar-Nofsinhar mal-pajjiżi tal-Amerika Latina;

80. Jitlob għal iktar żvilupp tal-kooperazzjoni trijangulari mal-Ameriki dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku, bil-ħsieb li jimxu lejn żona Ewro-Atlantika li jkun fiha l-UE, l-Istati Uniti, l-Kanada u l-Amerika Latina;

81. Jinnota l-impatt sinifikanti tal-emerġenza tal-Brażil fir-reġjun u globalment, li tgħaqqad programmi ekonomiċi u soċjali mad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-libertajiet bażiċi; jitlob għat-tisħiħ tas-sħubija strateġika u d-djalogu politiku UE-Brażil; bl-għan li jiġu appoġġati l-isforzi tal-pajjiż biex isaħħaħ il-bini tal-istituzzjonijiet fil-Mercosur u fil-Unasur;

82. Jilqa' l-fatt li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali se jiġi ffirmat dalwaqt u jkun suġġett għall-proċedura ta' kunsens fil-Parlament Ewropew; jissottolinja l-fatt li bħala l-ewwel trattat komprensiv bejn reġjun u reġjun għall-UE, huwa jtejjeb ir-relazzjoni u jrawwem approċċ reġjonali kif ukoll integrazzjoni

reġjonali tal-Amerika Latina; jiddikjara l-intenzjoni tiegħu li jissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-ftehim, u b'mod partikolari l-impatt tiegħu fuq is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt fl-Amerika Ċentrali;

83. Jilqa' l-fatt li l-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Perù se jiġi ffirmat dalwaqt u se jkun suġġett għall-proċedura ta' kunsens fil-Parlament Ewropew; ifakkar li dan il-ftehim ma jistax jitqies bħala qafas definittiv għar-relazzjoni bejn l-UE u dawn il-pajjiżi iżda bħala pass ieħor lejn ftehim ta' assoċjazzjoni globali, li jħalli l-bieb miftuħ għal pajjiżi oħrajn tal-Komunità Andina biex jingħaqdu miegħu;

84. Ifakkar għalhekk li l-objettiv tal-UE huwa li jiġi ffirmat Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-membri kollha tal-Komunità Andina; jikkunsidra li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-MERCOSUR għandu jirrappreżenta avvanz deċiżiv fir-relazzjonijiet strateġiċi mal-Amerika Latina, sakemm jiġi bbażat fuq il-prinċipji tal-kummerċ ħieles u ġust u s-sigurtà ġuridika tal-investiment, fir-rispett tal-liġijiet internazzjonali, tax-xogħol u ambjentali u bl-imġiba affidabbli tal-membri;

85. Jiddeplora l-fatt li l-proposti tal-Kummissjoni fuq ir-regolament dwar sistema ta' preferenzi doganali ġeneralizzati u l-Istrument ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp jinjoraw in-natura strateġika tar-relazzjonijiet mal-Amerika Latina, billi jeskludu numru sew ta' pajjiżi vulnerabbli tar-reġjun; ifakkar li ċerti pajjiżi tal-Amerika Latina huma fost l-aktar inugwali fid-dinja f'termini ta' dħul per capita u li l-inugwaljanza persistenti sseħħ f'kuntest ta' mobilità soċjoekonomika baxxa; iqis li l-messaġġ li tittrażmetti l-UE lejn dan ir-reġjun huwa ta' tħassib u li, fil-prattika, hija dikjarazzjoni li ma tingħatax l-importanza li jistħoqqilha, minkejja l-impenji politiċi u kummerċjali numerużi miksuba kif ukoll l-interessi globali komuni;

### *L-Afrika*

86. Jinnota li l-Istrateġija konġunta Afrika-UE u t-tmien setturi tagħha inizjalment iffokat fuq l-Unjoni Afrikana (UA) u fuq l-appoġġ tekniku għall-bini tal-kapaċitajiet istituzzjonali u politiki madwar l-firxa tal-paċi u s-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem, il-promozzjoni tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp tal-Millennju (MDGs); ifakkar li filwaqt li tali approċċ komprensiv jibqa' validu, il-koerenza u l-effetività ta' l-istrateġija tnaqqsu bl-eżistenza ta' ftehimiet li jidduplikaw lil xulxin b'bosta sħab u n-nuqqas ta' baġit speċifiku għal implimentazzjoni tiegħu; barra minn hekk hemm bżonn urġenti li nimxu lil hinn mill-bini tal-kapaċitajiet istituzzjonali fil-livell kontinentali lejn l-iżvilupp ta' sħubija politika għall-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp soċjoekonomiku fuq livell reġjonali u subreġjonali; jitlob estenzjoni ta' dawn is-sħubiji politiċi biex jinkludu l-Komunitajiet Ekonomiċi Reġjonali, mhux biss bħala strateġija għat-tisħiħ tal-Unjoni Afrikana, iżda wkoll bħala mezz ta' approfondiment tas-sħubija UE-Afrika fil-livell reġjonali u subreġjonali, biex b'hekk jiġu indirizzati l-interessi politiċi, ta' sigurtà u ekonomiċi taċ-ċittadini Afrikani u Ewropej; jiddeplora l-ostakli li joħolqu kolpi ta' stat bħal dawk li seħħew fil-Mali u l-Ginea Bissaw skont il-prinċipji u l-miri demokratiċi mressqa mill-UA, l-UE u n-NU; jitlob li l-ordni kostituzzjonali tiġi stabbilita mill-ġdid b'mod urġenti f'dawk il-pajjiżi;

87. Jinnota l-istrateġiji tal-UE għall-Qarn tal-Afrika u r-reġjun tas-Sahel; jemmen li l-kawżi strutturali tal-kunflitt f'dawn ir-reġjuni għandhom jiġu indirizzati sabiex tiġi mwittija t-triq għal soluzzjoni paċifika vijabbli tal-problemi u tingħata perspettiva aħjar għall-popolazzjoni, li timplika aċċess ġust għar-riżorsi, l-iżgurar tal-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni u r-ridistribuzzjoni tal-ġid; jitlob evalwazzjoni tal-politiki tal-Unjoni fejn huma skjerati għajnuna għall-iżvilupp u riżorsi konsiderevoli diplomatiċi sabiex jevalwaw l-aċċess fuq il-popolazzjoni; jitlob ukoll assoċjazzjoni aktar mill-qrib bejn il-Parlament Ewropew, il-Parlament Pan-Afrikan u l-arranġamenti parlamentari reġjonali sabiex tiġi żgurata responsabilità akbar għad-deċiżjonijiet politiċi u baġitarji vis-à-vis iċ-ċittadini taż-żewġ kontinenti, u bħala bażi għall-kejl u l-valutazzjoni tal-progress fl-l-implimentazzjoni tal-politiki; jilqa' b'mod partikolari d-deċiżjoni tal-Kunsill biex jestendi l-mandat ta' EUNAVFOR Atalanta (biex ikun inkluż l-indirizzar tat-theddida tal-piraterija fuq l-art) bħala mezz biex jissaħħaħ l-approċċ komprensiv tiegħu li jindirizza t-theddida speċifika tal-piraterija kif ukoll jingħata appoġġ għall-iżvilupp tar-reġjun fuq terminu ta' żmien twil;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

88. Huwa mħasseb serjament dwar it-tensjonijiet bejn is-Sudan u s-Sudan tan-Nofsinhar; jitlob liż-żewġ naħat biex juru rieda politika biex isolvu l-kwistjonijiet pendenti wara l-firda tagħhom fuq il-bażi tal-Pjan Direzzjonali approvat fir-Riżoluzzjoni 2046 (2012) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU tat-2 ta' Mejju 2012; jenfasizza li l-istabilità fit-tul fir-reġjun teħtieġ strateġija ġdida, magħquda, komprensiva u internazzjonali, fejn l-UE jkollha rwol, flimkien ma' atturi oħrajn globali u reġjonali, li tiffoka mhux biss fuq kwistjonijiet tat-Tramuntana-Nofsinhar u s-sitwazzjoni fil-Kordofan tan-Nofsinhar u l-Blue Nile, iżda wkoll fuq il-proċess ta' riforma fis-Sudan li suppost ilu li sar, u l-approfondiment tar-riformi demokratiċi fis-Sudan tan-Nofsinhar;

89. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2010 dwar is-sitwazzjoni fis-Saħara tal-Punent iħeġġeġ lill-Marokk u lill-Front Polisario biex ikomplu n-negozjati għal soluzzjoni paċifika u dejjiema tal-kunflitt tas-Saħara tal-Punent, u jtenni d-dritt tal-poplu Saħarawi għall-awtodeterminazzjoni, u d-dritt tagħhom li jiddeċiedu dwar l-istatus tas-Saħara tal-Punent permezz ta' referendum demokratiku, skont ir-riżoluzzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti;

## *L-Asja*

90. Jistieden lill-UE biex ikollha preżenza ikbar u iktar b'saħħitha fir-reġjun Asja-Paċifiku, b'mod partikolari billi tenfasizza l-kisbiet tat-tranżizzjoni demokratika fl-Indoneżja, l-ikbar nazzjon Musulman, u billi tikkontribwixxi, permezz tal-esperjenza u l-kompetenza tagħha, għall-inizjattivi multilaterali fl-ASEAN u madwaru, u għall-emerġenza progressiva ta' żieda fl-inizjattivi Trans-Paċifiċi; huwa tal-fehma li s-SEAE issa għandu jagħmel użu sħiħ tal-potenzjal għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Asja; iqis li l-Pjan ta' Azzjoni Bandar Seri Begawan isaħħaħ is-sħubija mtejba ASEAN-UE bħala l-ewwel pass rilevanti f'dan ir-rigward; ifaħħar ukoll l-approvazzjoni riċenti tat-Trattat ta' Ħbiberija bħala opportunità għall-approfondiment tal-kooperazzjoni, bil-għan li jintlaħaq lil hinn mill-perspettiva tal-ftehimiet kummerċjali bejn l-UE u l-pajjiżi Asjatiċi; jenfasizza li l-fertilizzazzjoni trasversali ekonomika u kulturali għandha tingħata aktar prijorità, b'mod partikolari billi jiġu mrawma opportunitajiet ta' investiment dirett u billi l-aċċess lill-istudenti u r-riċerkaturi jsir aktar faċli u aktar attraenti; jinnota li dan jimplika koordinazzjoni strateġika tal-isforzi tal-Istati Membri u tal-UE, għall-kuntrarju ta' politiki nazzjonali paralleli u f'kompetizzjoni; jinnota li fil-kuntest reġjonali ta' sigurtà Asja-Paċifiku, inkluż tilwim territorjali madwar il-Baħar tan-Nofsinhar taċ-Ċina kif ukoll tħassib dwar il-Korea ta' Fuq, l-UE bħala sieħeb newtrali għandha tkun proponent attiv ta' soluzzjoni stabbli u paċifika bbażata fuq istituzzjonijiet multilaterali;

91. Jitlob li jinbdew malajr in-negozjati dwar il-Ftehim ta' Kooperazzjoni u Sħubija UE - Ġappun;

### *Iċ-Ċina*

92. Jilqa' l-progress li sar fl-iżvilupp tal-isħubija strateġika UE-Ċina, inkluż l-iżvilupp ta' tielet pilastru "Djalogu bejn in-Nies", minbarra d-djalogi tal-ekonomija u tas-sigurtà; jenfasizza l-interdipendenza dejjem tikber bejn l-ekonomiji tal-UE u taċ-Ċina u jfakkar is-sinifikat tat-tkabbir rapidu tal-ekonomija Ċiniża u l-influwenza għas-sistema internazzjonali;

93. Jinnota li l-bidla fit-tmexxija taċ-Ċina se tkun test importanti tal-evoluzzjoni tal-pajjiż; Itenni l-mira tiegħu li jiżvuiluppa sħubija strateġika komprensiva maċ-Ċina; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri biex ikunu aktar konsistenti u strateġiċi fil-messaġġi u politiċi rispettivi tagħhom u b'hekk jikkontribwixxu b'mod li jappoġġjaw l-evoluzzjoni f'direzzjoni pożittiva; jenfasizza li dan jimplika eliminazzjoni tad-diskrepanzi bejn prijoritajiet tal-Istati Membri u tal-UE fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem fiċ-Ċina, id-djalogu dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-appoġġ għal organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

### *Il-Ġappun*

94. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu kkonsolidati r-relazzjonijiet tal-Unjoni mal-Ġappun bħala attur internazzjonali ewlieni li jaqsam il-valuri demokratiċi komuni tal-UE u huwa sieħeb naturali għall-kooperazzjoni fil-fora multilaterali u dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku; jistenna bil-ħerqa t-twettiq tal-qafas tal-ftehim komprensiv u l-Ftehim tal-Kummerċ Ħieles;

*L-Asja tan-Nofsinhar u tal-Lvant*

95. Jistieden lill-UE tkun aktar attiva fl-Asja t'Isfel u l-Asja tax-Xlokk b'appoġġ ta' żviluppi demokratiċi u titjib fil-qasam tal-governanza u l-istat tad-dritt; għalhekk, jilqa' l-impenn għal Pakistan demokratiku, sekulari, stabbli u soċjalment inklużiv; jilqa' l-ewwel Djalogu Strateġiku UE-Pakistan li sar f'Ġunju 2012 u l-impenn għal diskussjonijiet kostruttivi biex tissaħħaħ kooperazzjoni bilaterali u opinjonijiet komuni dwar kwistjonijiet reġjonali u internazzjonali ta' interess reċiproku, inkluż impenn aktar proattiv fil-ġlieda kontra t-terroriżmu; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jfittxu relazzjonijiet mal-Indja, abbażi tal-promozzjoni tad-demokrazija, l-inklużjoni soċjali, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem, u jistieden lill-UE u l-Indja biex jikkonkludu malajr in-negozjati tagħhom li għaddejjin bħalissa ta' Ftehim komprensiv tal-Kummerċ Ħieles UE-Indja, li jistimola l-kummerċ u t-tkabbir ekonomiku Ewropew u Indjan; jitlob lill-UE u l-Istati Membri tagħha biex jappoġġjaw ir-rikonċiljazzjoni, ir-rikostruzzjoni wara l-gwerra u l-iżvilupp ekonomiku tas-Sri Lanka, u f'dan ir-rigward, iħeġġeġ lill-Kunsill biex jappoġġa lil Sri Lanka fl-implimentazzjoni tar-rapport tal-Kumitat tal-Lezzjonijiet Mitgħallma u tar-Rikonċiljazzjoni (LLRC); jilqa' appoġġ attiv tal-UE għall-promozzjoni tad-demokrazija fil-Mjanmar;

96. Jilqa' l-konklużjoni ta' suċċess tal-elezzjonijiet presidenzjali u parlamentari li saru fit-Tajwan fl-14 ta' Jannar 2012; ifaħħar l-isforzi kontinwi tat-Tajwan fiż-żamma tal-paċi u l-istabilità fir-reġjun tal-Asja Paċifika; jirrikonoxxi l-progress li sar f'relazzjonijiet bejn iċ-Ċina u t-Tajwan, speċjalment it-titjib fir-rabtiet ekonomiċi, billi jiġi nnotat li rabtiet ekonomiċi eqreb mat-Tajwan jistgħu jtejbu l-aċċess tal-UE għas-suq taċ-Ċina; iħeġġeġ il-Kummissjoni u lill-Kunsill, skont ir-riżoluzzjoni PESK tal-Parlament ta' Mejju 2011, biex jieħdu passi konkreti biex jissaħħu r-relazzjonijiet ekonomiċi bejn l-UE u t-Tajwan u jiġu ffaċilitati n-negozjati tal-ftehim ta' kooperazzjoni ekonomika bejn l-UE u t-Tajwan; itenni l-appoġġ b'saħħtu tiegħu għall-parteċipazzjoni sinifikanti tat-Tajwan f'organizzazzjonijiet u attivitajiet internazzjonali rilevanti, inkluża l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa; jirrikonoxxi li l-Programm tal-UE għall-Eżenzjoni mill-Viża mogħti liċ-ċittadini tat-Tajwan, li daħal fis-seħħ f'Jannar 2011, wera li kien ta' benefiċċju reċiproku; jinkoraġġixxi kooperazzjoni bilaterali aktar mill-qrib bejn l-UE u t-Tajwan f'oqsma bħall-kummerċ, ir-riċerka, il-kultura, l-edukazzjoni u l-protezzjoni ambjentali;

97. Jistieden lill-UE biex tqajjem kuxjenza dwar il-ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, il-qtil estensiv u t-trattament inuman fil-kampijiet ta' priġunieri tax-xogħol u politiċi fil-Korea ta' Fuq u biex tappoġġa l-vittmi ta' tali ksur;

***Is-sħab multilaterali***

*G-7, G-8 u G-20*

98. Jemmen li, fid-dawl tar-rilevanza dejjem tikber tal-BRICS u ta' setgħat emerġenti oħrajn u fid-dawl tas-sistema ta' governanza globali multipolari li qed tissawwar, il-G20 jista' jirriżulta bħala forum utli u partikolarment xieraq għall-bini ta' kunsens li huwa inklussiv, ibbażat fuq sħubija u li jkun kapaċi jrawwem il-konverġenza, inkluża l-konverġenza regolatorja; Huwa tal-fehma, madankollu, li l-G-20 għad irid juri l-valuri tiegħu fil-konverżjoni ta' konklużjonijiet tas-samits f'politiki sostenibbli li jindirizzaw sfidi kritiċi, mhux anqas il-kontroll tar-rifuġji fiskali u sfidi u theddidiet oħrajn espressi bil-kriżi finanzjarja u ekonomika globali; jinnota f'dan ir-rigward il-potenzjal għall-G-8 li jkollu rwol fil-bini ta' kunsens qabel il-laqgħat tal-G-20; iqis li l-fatt li jeżisti l-G-8 għandu jintuża wkoll fit-tentattiv biex jerġgħu jiġu stabbiliti r-relazzjonijiet mar-Russja bl-għan li jiġu affrontati l-isfidi b'mod ikkoordinat u effikaċi;

*In-NU*

99. Jitlob lill-UE meta tafferma li l-multilateraliżmu effettiv huwa l-pedament tal-politika barranija tal-UE, biex tieħu rwol ewlieni fil-kooperazzjoni internazzjonali u tavvanza l-azzjoni globali tal-komunità internazzjonali; jinkoraġġixxi lill-UE biex tkompli tippromwovi s-sinerġiji fis-sistema tan-NU, taġixxi bħala bennejja ta' pontijiet fin-NU u timpenja ruħha globalment ma' organizzazzjonijiet reġjonali u msieħba strateġiċi; jesprimi l-appoġġ tiegħu għat-tkomplija tar-riforma tan-NU; jitlob lill-UE biex tikkontribwixxi għal tmexxija finanzjarja tajba u dixxiplina baġitarja fir-rigward tar-riżorsi tan-NU;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

100. Jistieden għalhekk lill-UE biex tinsisti għal riforma komprensiva tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU sabiex issaħħaħ il-leġittimità tagħha, ir-rappreżentanza reġjonali u l-effettività; jenfasizza li tali proċess ta' riforma jista' jiġi mniedi b'mod irriversibbli mill-Istati Membri tal-UE jekk huma jitolbu, b'mod konsistenti mar-raġunijiet tat-Trattat ta' Lisbona biex titheġġeġ il-politika barranija tal-UE u r-rwol tal-UE fil-paċi globali u s-sigurtà, siġġu permanenti għall-UE f'KSNU mkabbar u riformat; jitlob lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President tal-Kummissjoni biex tieħu inizjattiva b'mod urġenti biex l-Istati Membri jkollhom jiżviluppaw pożizzjoni komuni għal dik ir-raġuni; sakemm tali pożizzjoni komuni tiġi adottata, iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiftiehmu dwar u jippromulgaw, mingħajr dewmien, sistema ta' rotazzjoni fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, sabiex jiżguraw siġġu tal-UE permanenti fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU;

101. Iqis li huwa importanti li r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU dwar il-parteċipazzjoni tal-UE fil-ħidma tal-AĠNU tkun implimentata bis-sħiħ u li l-UE taġixxi u tagħti riżultati rigward kwistjonijiet sostantivi fil-ħin u b'mod ikkoordinat; jitlob lill-UE tkompli ttejjeb il-koordinazzjoni tal-pożizzjonijiet tal-Istati Membri tal-UE u l-interessi fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; jilqa' t-twaqqif ta' prijoritajiet tal-UE fuq perijodu medju fin-NU u jitlob li Kumitat għall-Affarijiet Barranin tal-Parlament biex jiġi kkonsultat rego-larment dwar ir-reviżjoni annwali u kwalunkwe implimentazzjoni; jenfasizza l-ħtieġa għal diplomazija pubblika aktar b'saħħitha dwar l-affarijiet tan-NU u għall-komunikazzjoni tar-rwol globali tal-UE b'mod aktar effettiv lill-pubbliku Ewropew;

102. Jemmen bis-sħiħ fil-ħtieġa li jinbnew sħubiji fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kunflitti, il-ġestjoni tal-kriżijiet ċivili u militari, u l-konsolidazzjoni tal-paċi, u, fir-rigward ta' dan, li l-Kumitat ta' Tmexxija UE-NU jsir aktar operattiv fil-kuntest tal-ġestjoni tal-kriżi; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jiġġeneraw progress akbar fl-operazzjonalizzazzjoni tal-prinċipju tar-responsabilità ta' protezzjoni u għax-xogħol mas-sħab tan-NU lejn l-iżgurar li dan il-kunċett isir parti mill-prevenzjoni u l-bini mill-ġdid ta' wara l-kunflitt; jitlob l-elaborazzjoni ta' "Kunsens dwar ir-R2P u Politika komuni dwar il-Prevenzjoni tal-Kunflitti" Interistituzzjonali b'mod parallel mal-"Kunsens dwar l-Għajnuna Umanitarja" u l-"Kunsens għall-Iżvilupp" diġà eżistenti, li jista' jiżgura aktar konsistenza tal-UE fil-fora tan-NU dwar dawk il-kwistjonijiet;

103. Ifakkar li l-approċċ komprensiv għall-implimentazzjoni tal-UE tar-Riżoluzzjonijiet 1325 u 1820 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà, adottati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tal-1 ta' Diċembru 2008, jirrikonoxxi r-rabtiet mill-qrib bejn il-kwistjonijiet tal-paċi, is-sigurtà, l-iżvilupp u l-ugwaljanza bejn is-sessi u għandhom ikunu pedament għall-PESK; jenfasizza li l-UE talbet b'mod konsistenti għall-implimentazzjoni sħiħa tar-riżoluzzjonijiet 1325 (2000) u 1820 (2008) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti dwar in-nisa, il-paċi u l-aġenda tas-sigurtà u sussegwentement msaħħa mill-adozzjoni tar-riżoluzzjonijiet 1888 u 1889 (2009) u 1960 (2010) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari l-ħtieġa tal-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa f'sitwazzjonijiet ta' kunflitt u l-promozzjoni tal-parteċipazzjoni tan-nisa fil-bini tal-paċi; jitlob lil dawk l-Istati Membri li għadhom ma għamlux dan biex jadottaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà u jenfasizza li dawn għandhom ikunu bbażati fuq standards uniformi minimi Ewropej fir-rigward tal-objettivi tagħhom, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ fl-UE;

104. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati linji gwida u kapaċitajiet ta' medjazzjoni aktar effettivi permezz ta' kollaborazzjoni bejn l-UE u n-NU rigward il-kapaċitajiet ta' medjazzjoni sabiex jiġu pprovduti riżorsi adegwati għal medjazzjoni fil-ħin u b'mod ikkoordinat, inkluż permezz tal-iżgurar tal-parteċipazzjoni tan-nisa f'dawn il-proċessi; iqis li huwa essenzjali għall-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem li tiġi żviluppata l-kapaċità tal-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU li jindirizza sitwazzjonijiet serji u urġenti tad-drittijiet tal-bniedem, li jiġi msaħħaħ il-proċess ta' segwitu dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Proċeduri Speċjali u li jiġi msaħħaħ il-proċess tar-Reviżjoni Perjodika Universali; jisħaq fuq it-tkomplija tal-appoġġ tal-UE għall-Qorti Kriminali Internazzjonali, bil-għan li tikkontribwixxi għall-ħarsien effettiv tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda kontra l-impunità.

105. Jitlob lill-VP/RGħ tal-UE u lill-Kunsill, fir-rigward tan-negozjati tan-NU dwar it-Trattat dwar il-Kummerċ fl-Armi (ATT), biex jaħdmu għall-ogħla standards possibbli tal-protezzjoni tal-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali billi jiġu stabbiliti standards li jmorru lil hinn minn dawk diġà miftiehma fil-livell tal-UE u stabbiliti fil-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar l-Esportazzjoni tal-Armi; jenfasizza għalhekk li l-partijiet tal-Istati tal-UE għandhom joqogħdu lura milli jaċċettaw standards iktar baxxi li bla dubju jkunu ta' detriment għas-suċċess u l-effettività tal-ATT;

*UE-NATO*

106. Jilqa' l-impenji mwettqa mill-UE u n-NATO biex isaħħu s-sħubija strateġika tagħhom, affermata mill-ġdid mill-Alleanza fil-Kunċett Strateġiku ġdid u fis-Summit ta' Chicago u jenfasizza l-progress li sar fir-rigward tal-kooperazzjoni prattika fl-operazzjonijiet. jinnota li l-kriżi ekonomika attwali globali u Ewropea xprunat sforzi għal kapaċitajiet operazzjonali aktar effettivi u meħtieġa b'mod urġenti kemm fl-UE kif ukoll fin-NATO; jitlob, għalhekk, li l-VP/RGħ tkun aktar proattiva fil-promozzjoni ulterjuri ta' proposti konkreti għal kooperazzjoni bejn organizzazzjoni u oħra, inkluż permezz tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (b'difiża, akkomunament u qsim intelliġenti u approċċ komprensiv bħala prinċipji ta' gwida bbażati fuq il-kumplimentarjetà tal-inizjattivi); jitlob soluzzjoni politika urġenti għall-imblukkar fil-kooperazzjoni taħt l-arranġamenti 'Berlin Plus', li qed iżommu lura lill-prospetti għall-kooperazzjoni b'mod aktar effettiv bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet;

*Il-Kunsill tal-Ewropa*

107. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jikkonkludu malajr in-negozjati dwar l-adeżjoni tal-UE għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB); jissottolinja l-importanza tal-istandards, il-proċeduri ta' monitoraġġ u s-sejbiet tal-Kunsill tal-Ewropa bħala kontribut ewlieni għall-valutazzjoni tal-progress mill-pajjiżi fil-viċinat fil-kisba ta' riformi demokratiċi;

108. Jenfasizza l-fatt li l-adeżjoni tal-UE għall-KEDB hija opportunità storika biex id-drittijiet tal-bniedem jiġu affermati kemm bħala valur ewlieni tal-UE kif ukol bħala bażi komuni għar-relazzjonijiet tagħha ma' pajjiżi terzi u jittama li din issir mingħajr dewmien bla bżonn; jafferma mill-ġdid li l-adeżjoni tal-UE għall-KEDB tikkostitwixxi kisba sinifikanti għat-tisħiħ ulterjuri tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-Ewropa;

*OSKE*

109. Jappoġġja d-djalogu dwar ir-riforma tal-Organizzazzjoni għas-Sigurta u l-Koperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), sakemm dan ma jikkawżax dgħufija fl-istituzzjonijiet jew fil-mekkaniżmi eżistenti, jew ma jaffettwax l-indipendenza tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li jinżamm bilanċ bejn it-tliet dimensjonijiet tal-OSKE, li jiġu żviluppati b'mod koerenti u komprensiv, u l-bini fuq dak li diġà nkiseb; jenfasizza, barra minn hekk, li t-theddid għas-sigurtà u l-isfidi għandhom jiġu indirizzati permezz tat-tliet dimensjonijiet kollha sabiex l-azzjoni tkun verament effettiva; jitlob lill-OSKE biex issaħħaħ aktar il-kapaċità tagħha li tiżgura r-rispett, u l-implimentazzjoni, tal-prinċipji u l-impenji mwettqa mill-Istati parteċipanti tagħha fit-tliet dimensjonijiet kollha, fost l-oħrajn permezz tat-tisħiħ ta' mekkaniżmi ta' segwitu;

*GCC*

110. Jistenna li l-UE tiżviluppa sħubija strateġika reali mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf (GCC), inkluż djalogu miftuħ, regolari u kostruttiv u kooperazzjoni strutturata dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija kif ukoll dwar il-proċess ta' tranżizzjoni u l-ġestjoni tal-kriżi fil-Viċinat tan-Nofsinhar; itenni, biex jappoġġja dan l-objettiv, li s-SEAE għandu jiddedika aktar riżorsi umani għar-reġjun u delegazzjonijiet miftuħa fil-pajjiżi ewlenin tal-GCC; jenfasizza li d-drittijiet tal-bniedem, id-drittijiet tan-nisa, l-istat tad-dritt u l-aspirazzjonijiet demokratiċi tan-nies fil-pajjiżi tal-GCC, mill-Baħrejn għall-Arabja Sawdija, ma jistgħux ikomplu jiġu injorati fil-politiki tal-UE lejn ir-reġjun;

*Il-Lega Għarbija*

111. Jirrikonoxxi r-rwol dejjem aktar importanti tal-organizzazzjonijiet reġjonali, b'mod partikolari tal-Lega Għarbija, iżda wkoll l-Organizzazzjoni tal-Konferenza Islamika u l-Organizzazzjoni ta' Kooperazzjoni Ekonomika, u jistieden lill-UE ssaħħaħ il-kooperazzjoni, speċjalment dwar kwistjonijiet relatati mal-proċessi ta' tranżizzjoni u l-ġestjoni tal-kriżi fil-Viċinat tan-Nofsinhar; jilqa' l-isforzi tal-UE biex tassisti lil-Lega Għarbija fil-proċess ta' integrazzjoni tagħha;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

***Prijoritajiet tematiċi tal-PESK***

*Il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni*

112. Jenfasizza li l-azzjonijiet tal-PSDK għandhom jiddaħħlu f'politika komprensiva li timmira lejn il-pajjiżi u r-reġjuni fi kriżi fejn il-valuri u l-interessi strateġiċi tal-UE u fejn l-operazzjonijiet tal-PESK jagħtu valur miżjud reali f'termini ta' promozzjoni tal-paċi, stabilità u l-istat tad-dritt; jenfasizza, barra minn hekk, il-ħtieġa ta' proċess ta' tagħlim ta' lezzjonijiet li jevalwa b'mod aktar preċiż l-implimentazzjoni b'suċċess ta' kull operazzjoni u tal-impatt fit-tul tagħha fil-post;

113. Itenni t-talba tiegħu li l-VP/RGħ, il-Kunsill u l-Istati Membri jindirizzaw il-kwistjonijiet numerużi li jtellfu l-kooperazzjoni ċivili-militari, min-nuqqas ta' persunal ikkwalifikat għal nuqqas u żbilanċi fit-tagħmir; jitlob b'mod partikolari għall-persunal fl-oqsma tal-ġustizzja, l-amministrazzjoni ċivili, id-dwana, id-djalogu, ir-rikonċiljazzjoni u l-medjazzjoni, sabiex jiġi żgurat li tkun tista' tingħata l-kompetenza adegwata u suffiċjenti lill-missjonijiet tal-PSDK; jitlob li l-VP/RGħ tressaq proposti speċifiċi biex jitranġaw in-nuqqasijiet tal-persunal, b'mod partikolari fil-qasam tal-ġestjoni tal-kriżijiet ċivili il-prevenzjoni tal-kunflitti, ir-rikostruzzjoni ta' wara l-kriżi u s-setturi deskritti hawn fuq;;

114. Jilqa' b'sodisfazzjon sejħiet għal aktar ippuljar u qsim tal-piżijiet ta' kapaċitajiet militari ewlenin, kapaċitajiet imtejba għall-ippjanar u t-tmexxija ta' missjonijiet u operazzjonijiet, u integrazzjoni ta' missjonijiet u operazzjonijiet ċivili u militari; jenfasizza l-ħtieġa li kontinwament titjieb il-prestazzjoni tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, inkluż permezz tal-valutazzjoni tal-eżiti, punti ta' riferiment, il-valutazzjoni tal-impatt, l-identifikazzjoni u l-implimentazzjoni ta' lezzjonijiet meħuda u l-iżvilupp tal-aħjar prattiki għal azzjoni aktar effettiva u effiċjenti tal-PSDK; madankollu, jiddispjaċih dwar il-limiti politiċi fir-rigward tal-kooperazzjoni, li kultant iwaqqfu l-aħjar prattiki milli joħolqu sinerġiji;

*Il-kummerċ fl-armi*

115. Ifakkar li l-Istati Membri huma responsabbli għal aktar minn terz tal-esportazzjonijiet ta' armi globali; iħeġġeġ lill-Istati Membri biex ma jikkonformawx biss mat-tmien kriterji tal-Pożizzjoni Komuni 2008/944/PESK (il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-Esportazzjoni tal-Armi) iżda wkoll mal-prinċipji tal-politika tal-iżvilupp tal-UE; jitlob biex il-kompetenza dwar ir-regoli li jirregolaw l-esportazzjoni tal-armi jiġu ttrasferiti lejn l-UE; ifakkar lill-Istati Membri li l-pajjiżi li qed jiżviluppaw għandhom l-ewwel u qabel kollox jinvestu riżorsi finanzjarji fl-iżvilupp sostenibbli soċjali u ekonomiku, id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt; iħeġġeġ lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri tal-UE biex jużaw ir-reviżjoni li għaddejja bħalissa tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE 2008/944/PESK biex jissaħħu l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-kriterji tal-UE għall-esportazzjonijiet tal-armi; jiddispjaċih ħafna għan-nuqqas tan-negozjati tan-NU għal Trattat dwar il-Kummerċ tal-Armi (ATT) globali f'Lulju 2012; jitlob lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri tal-UE jagħmlu pressjoni urġenti fuq dawk il-pajjiżi li opponew ATT globali robust; jitlob li jkun hemm ATT b'saħħtu u robust li jeħtieġ li l-istati partijiet jiċħdu kull esportazzjoni tal-armi u munizzjon f'każ li jkun hemm riskju serju li l-armi jintużaw biex jitwettaq jew jiġi ffaċilitat ksur serju tal-liġi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem u l-liġi umanitarja internazzjonali, inkluż il-ġenoċidju, id-delitti kontra l-umanità u delitti tal-gwerra;

*Il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-bini tal-paċi*

116. Jistieden lill-VP/RGħ iressaq proposti għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tas-SEAE fuq il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi, b'referenza partikolari għall-Programm ta' Gothenburg, u għall-estenzjoni tal-kapaċità tal-UE biex timpedixxi l-kunflitti u tipprovdi kapaċitajiet ta' medjazzjoni, djalogu u rikonċiljazzjoni flimkien mal-kapaċitajiet tal-ġestjoni tal-kriżijiet tagħha li għandhom riżorsi aħjar; bħala kwistjoni prijoritarja, jitlob li jittieħed kont tal-politiki tal-UE fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kunflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi bil-għan li l-VP/RGħ tirrapporta lura lill-Parlament rigward proposti għat-tisħiħ tal-kapaċità esterna u r-rispons tal-Unjoni f'dan il-qasam; jilqa' l-proposta mill-Kummissjoni u s-SEAE li jintroduċu linja baġitarja li tammonta għal EUR 500 000 għas-Servizzi ta' Appoġġ ta' Prevenzjoni u Medjazzjoni tal-Kunflitti fil-baġit tas-SEAE għall-2013, wara li fl-aħħar ta' din is-sena titlesta b'suċċess azzjoni preparatorja proposta mill-Parlament; jitlob lill-VP/RGħ biex ittejjeb il-parteċipazzjoni tan-nisa f'mekkaniżmi ta' prevenzjoni tal-kunflitti, medjazzjoni, djalogu u rikonċiljazzjoni u l-bini tal-paċi;

117. Iqis il-proposta għal Istitut Ewropew għall-Paċi awtonomu jew semiawtonomu b'rabtiet mill-qrib mal-UE hija idea promettenti ħafna, li tista' tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-prevenzjoni tal-kunflitti u ta' medjazzjoni fl-Ewropa; jitlob li tali istitut ikun ibbażata fuq mandat definit b'mod ċar li jevita d-duplikazzjoni ta' organizzazzjonijiet eżistenti governattivi u mhux governattivi u li jiffoka fuq diplomazija tal-medjazzjoni informali u t-trasferiment tal-għarfien fost u bejn l-UE u atturi ta' medjazzjoni indipendenti; jistenna bil-ħerqa r-riżultati tal-proġett pilota dwar Istitut Ewropew għall-Paċi mnedi din is-sena; jistenna li jkun involut totalment fid-diskussjonijiet li jwasslu għall-ħolqien possibbli ta' tali istitut;

*Sanzjonijiet u miżuri restrittivi*

118. Jemmen li fit-trattament tagħha ta' reġimi awtoritarji l-UE għandha tiżviluppa politika aktar konsistenti fir-rigward tal-impożizzjoni u t-tneħħija ta' sanzjonijiet u miżuri restrittivi;

*Nonproliferazzjoni u diżarm*

119. Jitlob li l-VP/RGħ tanalizza l-effettività tal-Unjoni Ewropea fl-indirizzar tat-theddida mill-armi kimiċi, bijoloġiċi, radjoloġiċi u nukleari għaxar snin wara l-adozzjoni tal-Istrateġija 2003 kontra l-Proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva u malli tgħaddi l-iskadenza estiża għall-implimentazzjoni tal-Linji Gwida Ġodda għal Azzjoni tal-2008, bil-għan ta' rappurtar mill-VP/RGħ lura lill-Parlament dwar il-proposti għat-tisħiħ kapaċità tal-UE f'dan il-qasam ta' politika;

120. Jitlob lill-VP/RGħ biex tanalizza l-effettività tal-Unjoni Ewropea fl-indirizzar tat-theddida minħabba l-proliferazzjoni ta' armi żgħar u ħfief (SALW) u armi konvenzjonali oħra kif ukoll fit-trattament ta' kwistjonijiet aktar wiesgħa relatati mad-diżarmament mill-adozzjoni tal-Istrateġija dwar l-Armi Żgħar u Ħfief tal-2005 u oqfsa politiċi rilevanti oħrajn, inkluża l-Pożizzjoni Komuni tal-UE 2003 dwar l-intermedjazzjoni għall-armi u l-embargoes tal-armi tal-UE, bil-għan li l-VP/RGħ tirrapporta lura lill-Parlament dwar proposti għat-tisħiħ tal-kapaċità tal-UE f'dan il-qasam ta' politika;

*L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża*

121. Itenni t-talba tiegħu lill-Istati Membri biex iżidu l-kooperazzjoni Ewropea fid-difiża, li huwa l-uniku mod possibbli biex jiġi żgurat li l-forzi militari Ewropej ikomplu jkunu kredibbli u operattivi rigward il-baġits tad-difiża li qegħdin jonqsu; jinnota l-progress li sar taħt l-akkomunament u l-qsim tal-UE u d-difiża intelliġenti tan-NATO u jqis li huwa essenzjali li jinkisbu iktar sinerġiji miż-żewġ organizzazzjonijiet; jenfasizza l-ħtieġa li jsir aktar progress fl-akkomunament u l-qsim tal-assi, u l-potenzjal għas-sinerġiji fir-riċerka, l-iżvilupp u l-kooperazzjoni industrijali fi kwistjonijiet tad-difiża fil-livell tal-Unjoni; jilqa' l-inizjattivi ta' kooperazzjoni msaħħa f'dan il-qasam, u fosthom l-Inizjattiva Weimar Plus;

122. Ifakkar, f'dan il-kuntest, ir-rwol essenzjali tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politika ta' kapaċitajiet u armamenti tal-UE; jistieden lill-Kunsill, għalhekk, biex isaħħaħ il-karattru istituzzjonali tal-EDA u biex jillibera l-potenzjal sħiħ tagħha, kif previst fl-Artikoli 42(3) u 45 TUE;

123. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jipprovdu finanzjament adegwat lill-EDA għall-firxa sħiħa tal-missjoni u l-kompiti tagħha; huwa tal-opinjoni li dan isir l-aħjar permezz tal-finanzjament tal-persunal u tal-ispejjeż tal-Aġenzija mill-baġit tal-Unjoni, mill-qafas finanzjarju multiannwali li jmiss; għal dak il-għan jitlob lill-VP/RGħ biex tressaq il-proposti meħtieġa;

*Is-sigurtà tal-enerġija*

124. Jinnota li l-Artikolu 194 tat-Trattat ta' Lisbona jispeċifika li l-UE hija intitolata li tieħu miżuri fuq livell Ewropew biex tiżgura s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li sabiex tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija u fl-istess ħin tissaħħaħ il-kredibilità u l-effettività tal-PESK, huwa ta' importanza kbira li titnaqqas id-dipendenza fuq enerġija minn pajjiżi terzi, li ma jaqblux ma' jew li jaġixxu kontra l-valuri tal-UE; jemmen li d-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-provvista u r-rotot ta' transitu, u dipendenza li dejjem tiżdied

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

fuq l-enerġiji rinnovabbli u s-sorsi tal-enerġija nadifa u rotot ta' transitu, hija urġenti u esenzjali għall-UE, li hija dipendenti ħafna fuq sorsi esterni tal-enerġija; jinnota li l-direzzjonijiet ewlenin għal diversifikazzjoni huma l-Artiku, il-baċin tal-Mediterran u l-Kuritur tan-Nofsinhar mill-Iraq sal-Asja Ċentrali u l-Lvant Nofsani, u jistieden lill-Kummissjoni biex tagħti prijorità lil tali proġetti; jinsab imħasseb bid-dewmien fl-ikkompletar tal-Kuritur tan-Nofsinhar; jenfasizza l-ħtieġa li tinkiseb sigurtà tal-enerġija permezz tad-diversità tal-enerġija u jenfasizza l-potenzjal ta' kuritur kumplimentari LNG fil-Mediterran tal-Lvant, bħala sors flessibbli ta' enerġija u inċentiv għal kompetizzjoni akbar fis-suq intern tal-UE; jemmen li l-UE għandha tiżgura li sors prinċipali attwali tal-importazzjonijiet – ir-Russja – tkun konformi mar-regoli tas-suq intern, ir-regolamenti taħt it-Tielet Pakkett dwar l-Enerġija u t-Trattat tal-Karta tal-Enerġija; jinnota l-potenzjal kbir fl-iżvilupp u l-interdipendenza li jistgħu joffru netwerks intelliġenti transkontinentali għall-enerġija rinnovabbli li jgħaqqdu l-Ewropa u l-Afrika;

125. Jinnota li fl-2011 il-Kummissjoni pproponiet li twaqqaf mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni dwar il-ftehimiet intergovernattivi fl-enerġija bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi; jemmen li l-iskambji tal-aħjar prattiki u l-appoġġ politiku mill-Kummissjoni jsaħħu wkoll is-setgħa tan-negozjar tal-Istati Membri; jitlob lill-VP/RGħ u lill-Kummissjoni biex jirrapportaw regolarment lill-Parlament dwar it-twaqqif u l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu; jistieden lill-Kummissjoni biex tinkludi 'klawżola tas-sigurtà tal-enerġija' fil-ftehimiet tal-kummerċ, tal-assoċjazzjoni u s-sħubija u ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi produtturi u ta' transitu, jiġifieri kodiċi ta' kondotta fil-każ ta' tfixkil, jew bidliet unilaterali, fit-termini tal-provvista;

*Theddidiet u sfidi ġodda*

126. Jissottolinja li, fil-PESK, l-azzjoni kontra l-ġenerazzjoni ġdida ta' sfidi għall-istabilità u s-sigurtà internazzjonali bħat-tibdil fil-klima, il-kriminalità u t-terroriżmu internazzjonali, l-attakki ċibernetiċi, il-proliferazzjoni tal-armi nukleari u tal-qerda massiva, stati li jfallu, il-piraterija u l-pandemiji, għandu jkollha post importanti;

*Id-dimensjoni esterna taż-żona tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja*

127. Ifakkar li d-dimensjoni esterna taż-żona tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja għandu jkollha rwol importanti fil-PESK; jenfasizza l-ħtieġa ta' ġestjoni organizzata tal-flussi migratorji li jiżguraw l-kooperazzjoni mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' transitu;

*Djalogu kulturali u reliġjuż*

128. Jemmen li t-trawwim ta' djalogu u fehim bejn reliġjonijiet u kulturi differenti għandu jkun parti integrali mill-impenn estern tagħna ma' pajjiżi u soċjetajiet tat-tielet dinja u b'mod partikolari, mill-appoġġ tagħha biex jissolvew kunflitti u jiġu promossi soċjetajiet ibbażati fuq it-tolleranza, inklużivi u demokratiċi;

*

* *

129. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Viċi President tal-Kummissjoni/ ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO, lill-President tal-Assemblea Parlamentari tan-NATO, lill-President fil-kariga tal-OSKE, lill-President tal-Assemblea Parlamentari tal-OSKE, lill-President tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa, u lill-President tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

## Konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd

P7_TA(2012)0335

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 dwar l-obbligi tar-rappurtar skont ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd (2011/2291(INI))**

(2013/C 353 E/12)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-obbligi tar-rappurtar skont ir-Regolament (KE) Nru 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2011)0418),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni tas-Sajd,

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tat-22 ta' April 2009 dwar ir-Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2009)0163),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2011 għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2011)0425),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tal-5 ta' Frar 2007 dwar it-titjib tal-kapaċità tas-sajd u l-indikaturi tal-isforz skont il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2007)0039),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2011 li tikkonċerna konsultazzjoni dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd (COM (2011)0298),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri Nru 12/2011 intitolat "Il-miżuri tal-UE kkontribwixxew għall-adattament tal-kapaċità tal-flotot tas-sajd għal opportunitajiet ta' sajd disponibbli?",

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Frar 2006 dwar ir-reviżjoni ta' ċerti restrizzjonijiet ta' aċċess għal Politika Komuni tas-Sajd (Shetland Box u Plaice Box) ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A7-0225/2012),

A. billi r-rapport mill-Kummissjoni, imsemmi hawn fuq, jerġa' jikkonferma li l-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) attwali ma laħqitx il-miri tagħha fir-rigward ta' konservazzjoni u sfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd tal-UE u li taġġusta l-kapaċità ta' sajd disponibbli għar-riżorsi tas-sajd disponibbli;

([1]) ĠU C 290 E, 29.11.2006, p. 113.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

B. billi aktar minn 60 % tal-istokkijiet tal-ħut fl-ilmijiet Ewropej huma mistada lil hinn mill-ogħla rendiment sostenibbli, u billi hemm nuqqas ta' dejta xjentifika għal diversi speċijiet;

C. billi s-sistema ta' TACs u ta' kwoti rriżultat ineffiċjenti fil-ġestjoni sostenibbli ta' ċerta stokkijiet tal-ħut u billi pjanijiet ta' ġestjoni fit-tul (LTMPs) huma essenzjali għal ġestjoni sostenibbli ta' stokkijiet tal-ħut;

D. billi l-fatt li xi drabi d-dejta xjentifika hi nieqsa jew mhux affidabbli u l-livell ta' inċertezza dwar il-mudelli biex tiġi determinata din id-dejta tkompli tkun problema serja fit-tfittxija għal ġestjoni sostenibbli ta' ħafna stokkijiet ta' ħut;

E. billi l-popolazzjonijiet dejjem jikbru ta' għasafar tal-baħar u foki qed jagħmlu aktar pressjoni fuq ir-riżorsi tas-sajd skarsi f'uħud mir-reġjuni tal-UE;

F. billi l-konservazzjoni sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd hija affettwata wkoll mit-tibdil fil-klima, bħat-tisħin globali, u minn effetti antropoġeniċi, bħat-tniġġis;

G. billi matul id-deċennju li għadda ntilfu numru sinifikanti ta' impjiegi fl-industrija tas-sajd Ewropea minħabba l-istat fqir tal-istokkijiet tal-ħut, iż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni, it-tnaqqis fil-prezzijiet ikkawżat minn importazzjonijiet irħas, u żviluppi teknoloġiċi; billi, fl-istess ħin, f'xi każijiet, dawn l-iżviluppi teknoloġiċi wasslu għal żieda sinifikanti fil-kapaċità tal-flotta tas-sajd;

H. billi d-dejta disponibbli dwar il-kapaċità attwali tal-flotta tas-sajd Ewropea mhix affidabbli biżżejjed minħabba li ma ġewx ikkunsidrati l-iżviluppi teknoloġiċi u l-Istati Membri qed jonqsu milli jirrappurtaw dejta preċiża dwar il-kapaċitajiet tal-flotta;

I. billi r-reviżjoni ppjanata tal-oqsfa ta' miżuri tekniċi se tkun leġiżlazzjoni importanti li tindirizza u tgħaqqad miżuri ta' konservazzjoni;

1. Jinnota li l-Kummissjoni issa ssodisfat l-obbligi tagħha skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 li jobbliga lill-Kummissjoni sabiex tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjoni tal-PKS fir-rigward tal-Kapitoli II (Konservazzjoni u Sostenibbiltà) u III (Aġġustament tal-Kapaċità għas-Sajd) ta' dak ir-Regolament qabel l-aħħar tal-2012;

2. Jinnota li l-Kummissjoni ssodisfat ukoll l-obbligu tagħha skont l-istess Regolament li tirrapporta dwar l-arranġament stipulat fl-Artikolu 17(2) dwar restrizzjonijiet tas-sajd fiż-żona ta' 12-il mil nawtiku sal-31 ta' Diċembru 2011;

***Konservazzjoni u sostenibbiltà (Kapitolu II)***

3. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi pjanijiet ta' ġestjoni fit-tul għas-sajd kummerċjali kollu tal-UE f'reġim ta' ġestjoni deċentralizzat ħafna li jinvolvi b'mod sħiħ lill-partijiet interessati rilevanti kollha; jenfasizza l-possibbiltà li s-sajd jinqasam fi gruppi skont ir-reġjuni ġeografiċi ta' sajd billi ssir reġjonalizzazzjoni tal-politika komuni tas-sajd, fejn l-aspetti speċifiċi tal-ilmijiet Ewropej differenti kif ukoll is-sitwazzjoni tas-sajd fuq skala żgħira għandhom jiġu kkunsidrati fiż-żoni differenti sabiex jiġu mwettqa bl-aħjar mod possibbli l-miżuri ta' ġestjoni fis-sitwazzjonijiet reali tal-flotot differenti;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

4. Jistieden lill-Kummissjoni, tippriserva riżorsi ħajjin u tiżgura sostenibbiltà ambjentali fit-tul, tevalwa l-possibilità li twaqqaf netwerk ta' żoni magħluqa li fihom l-attivitajiet kollha tas-sajd ikunu projbiti għal xi żmien sabiex tiżdied il-produttività tal-ħut u jkunu konservati riżorsi akwatiċi ħajjin u l-ekosistema marina;

5. Jemmen li fl-objettiv tal-garanzija tas-sostenibbiltà għandhom jiġu kkunsidrati politiki li jappoġġjaw il-futur tas-settur tas-sajd u, konsegwentement, li jiffaċilitaw l-introduzzjoni ta' ġenerazzjonijiet ġodda ta' sajjieda;

6. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u l-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RACs), fil-futur, sabiex jużaw il-metodu tal-ekosistema bħala l-bażi għal-LTMPs kollha; iqis li dawn il-pjanijiet ta' ġestjoni għandhom ikunu l-bażi tal-PKS tal-futur, u jinkludu objettivi definiti b'mod ċar li jistabbilixxu regoli li jiddeterminaw l-isforz tas-sajd annwali filwaqt li jikkunsidraw id-differenza bejn, fuq naħa, id-daqs u l-istruttura tal-istokk tas-sajd preżenti u, fuq l-oħra, l-objettiv tal-istokk fil-mira, il-kriterji dwar ir-rimi u l-kontroll tal-qbid. iħeġġeġ lill-Kunsill f'dan ir-rigward sabiex isegwi l-objettivi tal-LTMPs mingħajr eċċezzjoni;

7. Jesprimi diżappunt dwar l-imblokk interistituzzjonali attwali fir-rigward ta' ċerti pjanijiet multiannwali proposti, li għandu implikazzjonijiet usa' għal-LTMPs kollha;

8. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' bilanċ bejn is-sitwazzjoni ekoloġika u dik ekonomika u soċjali f'kull tip ta' sajd, waqt li jirrikonoxxi l-fatt li mingħajr stokkijiet ta' ħut abbondanti ma jistax ikun hemm industrija tas-sajd effiċjenti u li tħalli l-qligħ, u jenfasizza li hu importanti ħafna li s-sajjieda Ewropej jaċċettaw ir-regoli tal-kontroll tal-qbid, u għalhekk jitlob parteċipazzjoni wiesgħa mir-rappreżentanti tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RACs) u partijiet interessati rilevanti oħra meta jiġu stabbiliti l-pjanijiet ta' ġestjoni; iqis li fil-futur dawn il-partijiet għandu jkollhom rwol ħafna akbar f'dan il-proċess; jitlob għalhekk għal reġjonalizzazzjoni ġenwina; jipproponi li r-RACs jibagħtu opinjoni mandatorja lill-Kummissjoni dwar il-pjanijiet kollha ta' ġestjoni qabel ma ssir il-proposta;

9. Jenfasizza r-rabta diretta bejn il-ħut skartat, qabdiet mhux mixtieqa u sajd żejjed, u l-ħtieġa li tkun żviluppata politika effikaċi mingħajr rimi fil-livell tal-UE fejn l-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd (CFCA) għandu jkollha setgħat akbar sabiex tiżgura sistema ġusta ta' regoli u sanzjonijiet, jiġifieri l-prinċipju ta' trattament ugwali; jargumenta li projbizzjoni ta' rimi għandha tiġi implimentata b'mod gradwali, skont it-tip ta' sajd differenti, tiġi inkorporata fil-pjanijiet varji ta' ġestjoni u mhux relatata ma' stokkijiet ta' ħut differenti; jenfasizza li għandhom jiġu promossi tagħmir tas-sajd selettiv u apparat ieħor selettiv li jnaqqas jew jelimina qabdiet mhux mixtieqa ta' speċi mhux fil-mira, ta' speċijiet żgħar fil-mira, flimkien ma' metodi oħra ta' sajd sostenibbli; jenfasizza li meta tiġi stabbilita kwalunkwe sistema ta' ġestjoni fl-Unjoni Ewropea huwa essenzjali li tiġi kkunsidrata l-importanza ta' sajd imħallat fl-ilmijiet Komunitarji, li jimplika li jsiru l-adattamenti neċessarji u t-trattamenti speċifiċi skont iż-żoni kkonċernati;

10. Iqis li, skont il-PKS riformata, l-Istati Membri li jikkooperaw fuq bażi reġjonali għandhom ikunu inkoraġġiti jaħdmu mal-industrija u ma' partijiet interessati oħra biex joħolqu metodi innovattivi għall-eliminazzjoni tar-rimi li jkunu adattati għal reġjuni u tipi ta' sajd individwali;

11. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tindirizza minnufih il-kwistjoni ta' nuqqas ta' dejta meħtieġa affidabbli għal konsulenza xjentifika tajba; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi sistema fejn l-Istati Membri li ma jissodisfawx l-obbligi rispettivi dwar il-ġbir u t-trażmissjoni tad-dejta fil-qafas tal-programm Ewropew tal-ġbir tad-dejta tas-sajd ikunu sanzjonati; jisħaq fuq il-kontradizzjoni bejn l-ilmenti tal-Kummissjoni minħabba nuqqas ta' dejta u l-baġit baxx maħsub biex tinġabar din id-dejta, u għalhekk jinsisti li għandhom jiġu allokati mezzi finanzjarji adegwati għall-ġbir tad-dejta u għal riċerka xjentifika rilevanti fl-Istati Membri; iħeġġeġ, fl-istess ħin, lill-Kummissjoni sabiex, f'sitwazzjonijiet fejn hemm skarsezza ta' dejta, toħloq qafas għat-teħid ta' deċiżjonijiet kemm dwar pjanijiet ta' ġestjoni u TACs kif ukoll deċiżjonijiet dwar kwoti, ibbażati fuq l-approċċ prekawzjonali;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

12. Jenfasizza li r-riċerka xjentifika fil-qasam tas-sajd hija għodda essenzjali għall-ġestjoni tas-sajd, indispensabbli biex jiġu identifikati s-setturi li jikkundizzjonaw l-iżvilupp tar-riżorsi tas-sajd, sabiex ikun hemm progress għall-valutazzjoni kwantitattiva tagħhom u għall-iżvilupp ta' mudelli li jippermettu l-previżjoni tal-iżvilupp ta' dawk ir-riżorsi, imma wkoll għal titjib fit-tagħmir tas-sajd, tad-dgħajjes u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u tas-sigurtà tas-sajjieda, flimkien mal-għarfien u l-esperjenzi tagħhom; iqis, f'dan il-qasam, li hemm lok ta' investiment fit-taħriġ tar-riżorsi umani, li jiġu offruti l-mezzi finanzjarji adegwati u li tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet pubbliċi differenti tal-Istati Membri;

13. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex tieħu miżuri li jnaqqsu l-effetti negattivi fuq l-istokkijiet tal-ħut ikkawżati mill-foki u ċerti għasafar tal-baħar, b'mod partikolari meta dawn huma speċijiet invażivi f'reġjun partikolari;

### *Aġġustament tal-Kapaċità tas-Sajd (Kapitolu III)*

14. Jenfasizza l-fatt li m'hemmx definizzjoni preċiża u kwantifikata tal-kapaċità żejda; jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi definizzjoni ta' kapaċità żejda fil-livell tal-UE li takkomoda definizzjonijiet reġjonali, filwaqt li jiġu meqjusa l-ispeċifikazzjonijiet lokali; jitlob ukoll lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi mill-ġdid il-kapaċità tas-sajd b'tali mod li kemm il-kapaċità tas-sajd tal-bastiment kif ukoll l-isforz tas-sajd attwali tiegħu jittieħdu bħala bażi; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li jkun definit is-sajd fuq skala żgħira, għaliex m'hemmx definizzjoni li tapplika b'mod universali, u sabiex dan ikun adattat skont l-objettivi tal-PKS il-ġdida;

15. Isejjaħ lill-Kummissjoni, bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet tal-konsultazzjoni teknika tal-FAO tal-1999, u dan qabel tmiem l-2013, sabiex tkejjel il-kapaċità tal-flotot Ewropej ħalli tistabbilixxi fejn hemm kapaċità żejda meta mqabbla mar-riżorsi disponibbli u liema tip ta' tnaqqis/konverżjonijiet hemm bżonn; jinsisti sabiex il-kejl tal-kapaċità ma jkunx limitat għall-ammont ta' tunnellati u l-qawwa tal-magni iżda jkun jinkludi t-tipi u l-kwantitajiet ta' tagħmir tas-sajd użati u kull parametru ieħor li jikkontribwixxi għall-kapaċità tas-sajd;

16. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tissorvelja u taġġusta l-limiti massimi tal-kapaċità tal-flotta għall-Istati Membri sabiex ikunu f'konformità ma' dejta affidabbli u jiġu kkunsidrati avvanzi tekniċi;

17. Iħeġġeġ lill-Istati Membri, sabiex fejn meħtieġ jagħmlu tnaqqis xieraq, ibbażat fuq kejl preċiż tal-kapaċità tal-flotot eżistenti, inkluża l-kapaċità tal-magni u għall-qbid, sabiex jintlaħqu miri stabbiliti għal livell ta' kapaċità sostenibbli definit minn qabel għal kull tip ta' sajd sabiex tiġi indirizzata l-kapaċità żejda u sinifikanti tal-flotot tas-sajd li fadal, b'sanzjonijiet għal min ma jilħaqx il-miri, jiġifieri l-iffriżar tal-fondi mill-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS);

18. Jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni li tintroduċi sistema ta' konċessjonijiet tas-sajd trasferibbli individwalment (TFCs), soġġetta għal salvagwardji stretti, li teskludi s-sajd fuq skala żgħira u jitlob li tiġi stabbilita sistema speċjali għal sajd fuq skala żgħira u kostali kif ukoll trattament preferenzjali għal bastimenti tas-sajd ekoloġiċi, li tipprovdi għal kundizjonalità u tindirizza l-kwistjoni tal-konċentrazzjoni tad-drittijiet u l-possibbiltà li jkunu revokati konċessjonijiet tas-sajd; jemmen li skema volontarja ta' TFC hi wieħed minn diversi mudelli li l-Istati Membri jistgħu japplikaw sabiex inaqqsu l-kapaċità żejda;

19. Jenfasizza li s-sistema ta' TFCs ma tistax tiġi kkunsidrata bħala l-unika miżura sabiex jiġu indirizzati s-sajd żejjed u l-kapaċità żejda, imma għandha tkun disponibbli bħala waħda minn għadd ta' miżuri ta' ġestjoni addizzjonali disponibbli għal Stat Membru li biha l-Kummissjoni, flimkien maż-żewġ koleġiżlaturi, tistabbilixxi l-qafas usa', tikkontrolla u tissorvelja l-applikazzjoni nazzjonali, (sakemm din tkun l-għażla tal-Istat Membru) u tirrapporta lil-leġiżlaturi perjodikament dwar ir-riżultati ta' din is-sistema; jenfasizza, f'dan ir-rigward, li l-iżvilupp ta' firxa tajba ta' miżuri tekniċi li jippromovu tagħmir tas-sajd selettiv, bħall-għeluq ta' żoni speċifiċi jew ir-restrizzjoni ta' aċċess għal żoni marittimi identifikati bħala żoni bijoġeografikament sensittivi għal flotot reġjonali li jużaw tagħmir ta' sajd li jirrispetta l-ambjent għandhom jiġu promossi aktar bħala miżuri komplementari;

20. Jenfasizza li l-FEMP tal-futur għandu jikkunsidra l-impatt soċjoekonomiku tal-miżuri maħsuba sabiex titnaqqas il-kapaċità żejda, fejn dan tal-aħħar jkun ippruvat, u jiġi aġġustat id-daqs u l-isforz tal-flotot tas-sajd f'konformità mal-opportunitajiet tas-sajd u s-sostenibbiltà fit-tul, u konsegwentement jiġu pprovduti l-allokazzjonijiet finanzjarji xierqa sabiex jitnaqqas dan l-impatt; huwa tal-opinjoni li, aktar ma l-parteċipazzjoni tkun għolja, l-objettivi jkunu aktar ċari, u li aktar ma l-għajnuna ekonomika u soċjali offruta lill-partijiet interessati tkun importanti, il-miżuri differenti ta' ġestjoni tar-riżorsi tal-ħut ikunu mifhuma, aċċettati u applikati aħjar;

21. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu stabbiliti skadenzi ċari u li, fejn meħtieġ, isir progress malajr kemm jista' jkun fir-rigward tal-aġġustamenti tal-flotta; jenfasizza li għandha tingħata prijorità lil sistemi li jinkoraġġixxu l-flotot jaġġustaw għar-realtajiet tas-sajd tagħhom, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni sabiex toffri skema ta' miżuri li tissanzjona Stati Membri li ma jissodisfawx l-obbligi rispettivi tagħhom fiż-żmien stipulat, filwaqt li tipprovdi wkoll fondi adegwati għal dan il-proċess, u sabiex tiżviluppa aktar il-kunċett ta' kondizzjonalità ekoloġika u soċjali fil-kuntest ta' aċċess għal riżorsi tas-sajd u rikompens li jippremja sajd sostenibbli;

22. Jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni sabiex tinżamm l-awtorizzazzjoni għal restrizzjonijiet tas-sajd speċifiċi sal-31 ta' Diċembru 2022. jaqbel mal-Kummissjoni li modifika tal-arranġamenti relatati mar-reġim ta' aċċess għat-12-il mil tista' ttellef il-bilanċ preżenti li ġie żviluppat mill-introduzzjoni ta' dan ir-reġim speċjali; ifakkar, barra minn hekk, li l-objettivi tar-reġim ta' aċċess għat-12-il mil huma kompletament differenti minn dawk imħaddna permezz tal-istabbiliment tar-restrizzjonijiet l-oħra;

23. Jitlob lill-Kummissjoni sabiex tistabbilixxi sistema ta' ġestjoni bbażata fuq ir-riżultati għat-tqassim ta' drittijiet ta' aċċess li bihom l-obbligu tal-prova ta' sajd sostenibbli tkun fuq l-industrija;

24. Jemmen li, għalissa, ir-reġim ta' aċċess speċjali għal sajd fuq skala żgħira fiż-żona ta' 12-il mil nawtiku għandu jinżamm, bħalma jaqbel li jinżammu r-restrizzjonijiet speċifiċi li japplikaw għall-bastimenti rreġistrati fil-portijiet ta' Azores, ta' Madeira u tal-gżejjer Kanarji, fl-ilmijiet madwar dawn l-arċipelagi, partikolarment fiż-żoni bijoġeografikament sensittivi, li attwalment huma rregolati mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 ([1]);

25. Jinnota li r-rapport tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) dwar ix-Shetland Box kien jgħid li t-tneħħija tal-istazzjonament tista' twassal għal żieda fl-isforz tas-sajd f'din iż-żona u li l-STECF għaldaqstant irrakkomanda li l-istazzjonament jibqa' f'postu;

26. Jemmen li fil-futur, il-klassifikar ta' żoni ristretti għas-sajd, bħal ma jista' jkun il-każ ta' Shetland Box, għandu jiġi appoġġjat b'mod wiesa' minn kriterji xjentifiċi li juru r-rigorożità tal-ikklassifikar tagħhom bħala żoni bijoġeografikament sensittivi, speċjalment jekk ikun mistenni li dawk ir-restrizzjonijiet jiffurmaw parti mill-qafas regolatorju tal-Politika Komuni tas-Sajd permezz tar-Regolament bażiku tiegħu;

27. Iqis li r-rwol ta' perjodi ta' mistrieħ bijoloġiku għandu jkun rikonoxxut u appoġġjat bħala mezz importanti għall-ħarsien tar-riżorsi tas-sajd, li rriżulta bħala strument effikaċi u essenzjali għal ġestjoni sostenibbli tas-sajd; jemmen li t-twaqqif ta' perjodi ta' mistrieħ bijoloġiku, f'ċerti fażijiet kritiċi taċ-ċiklu tal-ħajja tal-ispeċi, jippermetti tkabbir tal-istokkijiet li hu kompatibbli maż-żamma tal-attività tas-sajd barra mill-perjodu ta' mistrieħ;

*

* *

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-Riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

([1]) ĠU L 289, 7.11.2003, p. 1.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

# Ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd - Komunikazzjoni Ġenerali

P7_TA(2012)0336

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 dwar ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd – Komunikazzjoni Ġenerali (2011/2290(INI))**

(2013/C 353 E/13)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Ftehim tal-1995 dwar l-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokk ta' Ħut li hu Komuni f'Aktar minn Żona Waħda u Stokk ta' Ħut li hu Migratorju Ħafna ("Il-Ftehim ta' New York" tal-4 ta' Awwissu 1995),

— wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Kondotta tal-FAO għas-Sajd Responsabbli, adottata fil-31 ta' Ottubru 1995,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' Jannar 2002 dwar il-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-ġejjieni tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni li saret fis-Samit Dinji dwar l-Iżvilupp Sostenibbli li sar mis-26 ta' Awwissu sal-4 ta' Settembru 2002 f'Johannesburg,

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd ([2]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "It-twettiq tas-sostenibilità tas-sajd fl-UE permezz tar-rendiment massimu sostenibbli" (COM(2006)0360) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-6 ta' Settembru 2007 dwar it-twettiq tas-sostenibilità tas-sajd fl-UE abbażi tal-ogħla rendiment sostenibbli ([3]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Diċembru 2007 dwar l-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq fis-settur tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura ([4]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu "Politika sabiex jitnaqqas il-qbid inċidentali mhux mixtieq u jiġi eliminat ir-rimi lura ta' ħut fis-sajd Ewropew" (COM(2007)0136) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tal-31 ta' Jannar 2008 dwar politika sabiex jitnaqqas il-qbid inċidentali mhux mixtieq u jiġi eliminat ir-rimi lura ta' ħut fis-sajd Ewropew ([5]),

— wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali Nru 12/2011 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri intitolat "Il-miżuri tal-UE kkontribwixxew għall-adattament tal-kapaċità tal-flotot tas-sajd għal opportunitajiet ta' sajd disponibbli?",

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina) ([6]),

([1]) ĠU C 271 E, 7.11.2002, p. 401.
([2]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.
([3]) ĠU C 187 E, 24.7.2008, p. 228.
([4]) ĠU C 323 E, 18.12.2008, p. 271.
([5]) ĠU C 68 E, 21.3.2009, p. 26.
([6]) ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-rwol tal-PKS fl-implimentazzjoni tal-approċċ ekosistemiku għall-ġestjoni tal-ibħra (COM(2008)0187) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-13 ta' Jannar 2009 dwar il-PKS u l-approċċ tal-ekosistema għat-treġija tas-sajd ([1]),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Settembru 2008 intitolata 'Strateġija Ewropea għar-Riċerka tal-Baħar u dik Marittima: Qafas koerenti ta' Żona Ewropea ta' Riċerka b'appoġġ ta' użu sostenibbli tal-oċeani u l-ibħra' (COM(2008)0534) u r-riżoluzzjoni tal-Parlament tad-19 ta' Frar 2009 dwar ir-riċerka applikata li jkollha x'taqsam mal-politika komuni tas-sajd ([2]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2009 dwar 'Il-Governanza fil-PKS: il-Parlament Ewropew, il-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali u atturi oħra' ([3]),

— wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Mejju 2009 dwar ir-rwol u r-responsabilitajiet ġodda tal-Parlament fl-implimentazzjoni tat-Trattat ta' Lisbona ([4]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu, "Il-bini ta' futur sostenibbli għall-akkwakultura - Spinta ġdida għall-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Akkwakultura Ewropea" (COM(2009)0162),

— wara li kkunsidra l-Green Paper tal-Kummissjoni tat-22 ta' April 2009 dwar ir-Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2009)0163),

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Frar 2010 dwar il-Green Paper dwar ir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd ([5]),

— wara li kkunsidra l-objettiv Nru 6 ta' Aichi tal-Protokoll ta' Nagoya, ippubblikat wara s-Samit ta' Nagoya dwar il-Bijodiversità, li sar bejn it-18 u d-29 ta' Ottubru 2010,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tat-13 ta' Lulju 2011 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2011)0425) u d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja din il-proposta (SEC(2011)0891),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu, "Riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd" (COM(2011)0417),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (COM(2011)0804),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura (COM(2011)0416),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar id-Dimensjoni Esterna tal-Politika Komuni tas-Sajd (COM(2011)0424),

(1) ĠU C 46 E, 24.2.2010, p. 31.
(2) ĠU C 76 E, 25.3.2010, p. 38.
(3) ĠU C 184 E, 8.7.2010, p. 75.
(4) ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 37.
(5) ĠU C 348 E, 21.12.2010, p. 15.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-Obbligi tar-Rappurtar skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 tal-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skont il-Politika Komuni dwar is-Sajd (COM(2011)0418),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2012 dwar il-kontribut tal-politika komuni tas-sajd għall-produzzjoni ta' beni pubbliċi ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Mejju 2011 dwar il-kriżi fis-settur Ewropew tas-sajd minħabba ż-żieda fil-prezz taż-żejt ([2]),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni intitolata 'Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv' (COM(2010)2020),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Iżvilupp kif ukoll tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali (A7-0253/2012),

A. billi din hija l-ewwel darba fl-istorja tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS) li l-Parlament qed jaġixxi bħala koleġiżlatur fit-twaqqif ta' PKS riformata;

B. billi l-industrija tas-sajd hija ta' importanza strateġika f'termini tal-provvista pubblika tal-ħut u l-bilanċ tal-ikel f'diversi Stati Membri u fl-Unjoni Ewropea stess, u billi din tikkontribwixxi b'mod konsiderevoli għall-benessri soċjoekonomiku fil-komunitajiet kostali, l-iżvilupp lokali, l-impjiegi, il-preservazzjoni u l-ħolqien tal-attivitajiet ekonomiċi upstream u downstream u l-preservazzjoni tat-tradizzjonijiet kulturali lokali;

C. billi, minkejja ċerta progress li sar wara r-reviżjoni fl-2002, il-komunikazzjoni attwali tfakkar li l-PKS preċedenti naqset milli tilħaq uħud mill-objettivi ewlenin: sar sajd żejjed f'ħafna stokkijiet; is-sitwazzjoni ekonomika ta' partijiet mill-flotta tal-UE hija fraġli minkejja s-sussidji; l-impjiegi fis-settur tas-sajd qed jintilfu u m'għadhomx attraenti, speċjalment għaż-żgħażagħ li jibdew jaħdmu f'dan is-settur, u s-sitwazzjoni ta' ħafna komunitajiet kostali li jiddependu fuq is-sajd u l-akkwakultura hija prekarja;

D. billi l-PKS preċedenti kellha madanakollu xi impatti pożittivi għaliex ippermettiet l-irkupru ta' xi stokkijiet u l-ħolqien tal-Kunsilli Konsultattivi Reġjonali (RACs);

E. billi huwa essenzjali li l-politika komuni tas-sajd (PKS) issegwi approċċ għas-settur tas-sajd li jqis il-livelli ekoloġiċi, u d-dimensjonijiet ekonomiċi u soċjali (it-tliet pilastri tar-riforma PKS) sabiex dejjem ikun hemm kompromess bejn l-istat ta' riżorsi eżistenti fid-diversi żoni marittimi u l-protezzjoni tan-nisġa soċjoekonomika tal-komunitajiet kostali li jiddependu fuq sajd qrib il-kosta biex jiggarantixxu l-impjiegi u l-prosperità;

F. billi l-Unjoni Ewropea tirrappreżenta madwar 4,6 % tas-sajd globali u l-produzzjoni tal-akkwakultura, li jagħmilha r-raba' l-akbar produttur fid-dinja; billi, madankollu, l-UE timporta iktar minn 60 % tal-ħut li tikkonsma;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0052.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0234.

G. billi, minkejja n-nuqqas rikonoxxut ta' data xjentifika, il-Kummissjoni tikkalkula li 75 % tal-istokkijiet tal-ħut tal-UE huma sfruttati żżejjed, li aktar minn 60 % tal-istokkijiet fl-ilmijiet Ewropej huma mistada lil hinn mir-rendiment massimu sostenibbli (MSY), u li l-UE qed titlef madwar EUR 1.8 biljun fis-sena fi dħul potenzjali minħabba l-falliment tagħha li tamministra s-sajd b'mod sostenibbli;

H. billi minkejja li ċerti industriji tas-sajd tal-UE huma akkreditati bħala sostenibbli li juri li l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet governattivi, l-industrija tas-sajd u partijiet interessati oħra tista' tikseb riżultati sodisfaċenti;

I. billi, skont il-Kummissjoni, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill qabżu r-rakkomandazzjonijiet xjentifiċi b'medja ta' 47 % mill-2003, u attwalment 63 % tal-istokkijiet stmati fl-Atlantiku huma mistada żżejjed, bħalma huma 82 % ta' dawk fil-Mediterran u 4 minn 6 ta' dawk fil-Baltiku;

J. billi, għalkemm l-industrija tas-sajd tal-UE tilfet 30 % tal-impjiegi tagħha bejn l-2002 u l-2007 minħabba l-istat ħażin tal-istokkijiet tal-ħut, l-inżul fil-prezzijiet ikkawżat minn importazzjonijiet irħas, u l-avvanzi teknoloġiċi, is-settur tas-sajd (inkluż l-akkwakultura) xorta hu stmat li ġġenera EUR 34.2 biljun fi qligħ annwali f'dak il-perjodu, u joħloq aktar minn 350 000 impjieg kemm upstream kif ukoll downstream fis-setturi tas-sajd, tal-ipproċessar tal-ħut u tat-tqegħid fis-suq, b'mod partikolari fiż-żoni kostali, ir-reġjuni mbiegħda u l-gżejjer, fejn qed jipproduċi 'prodotti għall-pubbliku' li għadhom mhux qed jiġu kkunsidrati; billi, minkejja t-telf tal-impjiegi, il-kapaċità tal-flotta tas-sajd żdiedet sew minħabba l-iżviluppi teknoloġiċi;

K. billi d-data disponibbli dwar il-kapaċità tal-flotta tas-sajd Ewropea mhix affidabbli minħabba li ma ġewx ikkunsidrati l-iżviluppi teknoloġiċi u l-Istati Membri qed jonqsu milli jirrappurtaw data preċiża dwar il-kapaċitajiet tal-flotta;

L. billi d-dħul u l-pagi tan-nies li jaħdmu fl-industrija tas-sajd mhumiex siguri minħabba l-mod li bih jiġi kkumerċjalizzat is-sajd, il-mod li bih jiġu stabbiliti l-prezzijiet tal-ewwel bejgħ u l-karatteristiċi irregolari tas-sajd, li jfisser li hemm bżonn li jinżamm finanzjament pubbliku nazzjonali u tal-UE xieraq għal dan is-settur;

M. billi l-flotot artiġjanali u dawk fuq skala żgħira, fuq naħa, inkluż dawk involuti f'sajd għall-molluski u attivitajiet oħra tradizzjonali u estensivi tal-akwakultura, u flotot ta' skala ikbar ta' natura industrijali, fuq l-oħra għandhom karatteristiċi differenti ferm, kif fil-fatt għandhom flotot f'partijiet differenti tal-UE irrispettivament mid-daqs tal-bastiment; billi, għaldaqstant strumenti u problemi ta' ġestjoni xierqa ma jistgħux jiġu inkorporati f'mudell uniformi, u għalhekk flotot differenti għandhom jiġu ttrattati b'mod differenti;

N. billi r-riforma tal-PKS għandha tiżgura s-sopravivenza u l-prosperità futura tal-flotot tas-sajd artiġjanali u fuq skala żgħira kif ukoll dawk taż-żoni kostali, inklużi r-reġjuni l-aktar imbiegħda, li jiddependu ferm fuq is-sajd u li jistgħu jeħtieġu appoġġ soċjoekonomiku tranżitorju skont il-PKS il-ġdida, mingħajr ma jżidu l-kapaċità totali tal-flotta;

O. billi huwa meħtieġ li r-rappreżentanti tas-setturi tal-flotot industrijali u ta' skala żgħira u tal-akkwakultura jkunu involuti fid-definizzjoni u l-iżvilupp tal-PKS il-ġdida;

P. billi n-nisa għandhom rwol fundamentali fis-settur tal-ipproċessar u l-akkwakultura, fl-eżerċizzju tal-kompiti anċillari ta' ġestjoni u dawk amministrattivi, kif ukoll fil-ġbir tal-molluski; billi dawn huma wkoll, għalkemm fuq skala iżgħar, attivi fis-settur tal-qbid; billi, madankollu, il-kontribut importanti tagħhom ħafna drabi ma jiġix rikonoxxut u ppremjat kif xieraq;

Q. billi t-Trattat ta' Lisbona jitlob li niżguraw koerenza fil-politiki tal-Unjoni, inkluż fir-riforma tal-PKS;

R. billi l-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura għandhom rwol sinifikanti fid-dieta tal-bniedem, kemm fl-Ewropa u madwar id-dinja, bħala sors ta' ikel bnin b'ħafna proteini;

S. billi jeħtieġ li t-tfal tal-iskola jiġu mgħallma minn età żgħira dwar il-varjetà wiesgħa ta' speċijiet ta' ħut disponibbli u dwar l-istaġuni ta' dawn l-ispeċijiet;

T. billi jeħtieġ li l-konsumaturi jiġu infurmati b'mod kontinwu bil-varjetà wiesgħa ta' speċijiet disponibbli, sabiex titnaqqas il-pressjoni fuq ċerti stokkijiet;

U. billi l-PKS għandha tkun responsabbli għall-finanzjament tal-ispejjeż tagħha, b'mod partikolari d-deċiżjonijiet u l-miżuri adottati skont il-parametri tagħha;

***GĦANIJIET TAR-RIFORMA***

***Is-sostenibbiltà ambjentali***

*Miżuri għall-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar*

1. Iqis li l-objettiv ewlieni ta' kwalunkwe politika tas-sajd huwa li jiżgura l-provvista tal-ħut lill-pubbliku u l-iżvilupp tal-komunitajiet kostali, il-promozzjoni tal-impjiegi u kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar għall-professjonisti tas-sajd, f'qafas li jiggarantixxi s-sostenibbiltà u l-konservazzjoni tajba tar-riżorsi;

2. Iqis li l-politika komuni tas-sajd (is-settur tal-sajd estrattiv u l-akkwakultura) teħtieġ riforma profonda u ambizzjuża jekk l-UE trid tiżgura s-sostenibbiltà fuq perjodu twil, li huwa prerekwiżit sabiex tiġi żgurata l-vijabbiltà ekonomika u soċjali tas-settur tas-sajd tal-UE; isostni li l-politika riformata għandha tiġi koordinata iktar mill-qrib ma' politiki Ewropej oħra bħall-politika ta' koeżjoni, il-politika dwar l-ambjent, il-politika agrikola u l-politika esterna, u li l-ftehimiet internazzjonali fil-ġejjieni dwar is-sajd sostenibbli għandhom ikunu konsistenti magħha; ifakkar f'dan ir-rigward, f'l-importanza ta' strumenti bħall-politika marittima integrata jew l-approċċ makro-reġjonali li jistgħu joffru livell ta' integrazzjoni iktar mill-qrib;

3. Jenfasizza li kwalunkwe politika tas-sajd għandha tqis varjetà ta' dimensjonijiet soċjali, ambjentali u ekonomiċi li jirrikjedu approċċ integrat u bbilanċjat li jkun inkompatibbli ma' viżjoni li toħloq ġerarkija bbażata fuq definizzjonijiet ta' prijoritajiet a priori;

4. Jenfasizza li s-settur tas-sajd estrattiv u tal-akwakultura tal-UE, jekk ġestit sew fuq il-bażi ta' sostenibbiltà globali, jista' jagħti kontribut akbar għall-ħtiġijiet tas-soċjetà Ewropea f'termini ta' sigurtà u kwalità tal-ikel, impjiegi, ħarsien ambjentali u ż-żamma ta' sajd dinamiku u varjat kif ukoll tal-komunitajiet kostali;

5. Jirrikonoxxi li s-sajd, għal diversi ġenerazzjonijiet, ipprovda impjiegi għal komunitajiet numerużi, ħafna drabi ekonomikament fraġli, madwar il-kosta Ewropea; iqis li dawn il-komunitajiet kollha, irrispettivament mid-daqs, għandhom jiġu mħarsa taħt il-politika tas-sajd Ewropea u li għandha tinżamm il-konnessjoni storika bejn il-komunitajiet u l-ilmijiet li fihom storikament stadu;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

6. Jemmen li, bl-applikazzjoni tal-kunċett tal-kundizzjonalità, għandhom jiġu offruti inċentivi lil dawk li jistadu, jew jiġbru l-molluski, li jużaw tagħmir tas-sajd u metodi ambjentalment sostenibbli, b'impatt baxx u selettiv, sabiex jiżguraw l-użu mifrux ta' dawn it-tipi ta' prattiki tas-sajd u l-iżvilupp sostenibbli tal-komunitajiet kostali; iqis li l-industrija tas-sajd għandu jkollha rwol ewlieni fl-iżvilupp ta' metodi tas-sajd sostenibbli, u li l-inċentivi kollha għandhom ikunu offruti f'livell li jkun qrib tal-partijiet interessati u b'kooperazzjoni mas-sajjieda u ma' partijiet interessati oħra; jinnota li dan jinkludi l-għoti ta' appoġġ għal ekotikketta volontarja tal-UE, li tista' tiġi ddelegata lil korpi ta' ċertifikazzjoni eżistenti, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għas-sajjieda u l-produtturi kemm barra minn kif ukoll ġewwa l-UE

7. Jinsab konvint li r-riforma tal-PKS għandha tistabbilixxi l-istrumenti adattati u effettivi biex issostni l-ġestjoni tas-sajd ibbażat fuq l-ekosistemi; jemmen, għalhekk, li l-pjanijiet ta' ġestjoni multiannwali għandhom iqisu dan l-approċċ ekosistemiku; huwa tal-opinjoni li hemm bżonn li tintemm din is-sitwazzjoni ta' impass istituzzjonali fir-rigward ta' dawn il-pjanijiet ta' ġestjoni multiannwali u li għandha tiġi applikata l-proċedura leġiżlattiva ordinarja; iqis, barra minn hekk, li s-setgħat mikroġestjonali għandhom jgħaddu għand l-Istati Membri li jikkooperaw fuq bażi reġjonali;

8. Itenni li l-iżvilupp kollu fiż-żoni marittimi u kostali għandu jikkonforma mal-leġiżlazzjoni ambjentali bħad-direttiva Qafas dwar Strateġija Marittima u d-direttivi dwar il-protezzjoni tal-bijodiversità, għaliex stat ambjentali tajjeb għandu jkun prerekwiżit għall-attivitajiet kollha fir-reġjuni marittimi u kostali;

9. Jenfasizza li l-PKS għandha tapplika l-approċċ ta' prekawzjoni għall-ġestjoni tas-sajd u tiżgura li l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi ħajjin tal-baħar jreġġa' lura u jżomm popolazzjonijiet tal-istokkijiet kollha ta' speċijiet mistada f'livelli viċin ta' dawk li jistgħu jagħtu rendiment massimu sostenibbli (MSY); jenfasizza li skeda ċara, inkluż skadenza finali, għandha tkun stabbiliti fir-regolament bażiku; jenfasizza li l-provvista ta' riżorsi ekonomiċi xierqa għall-implimentazzjoni tal-PKS hi meħtieġa biex gradwalment tnaqqas is-sajd eċċessiv fejn dan ikun ippruvat u tintlaħaq konservazzjoni sostenibbli tal-istokk, li tkun teħtieġ data xjentifika affidabbli;

10. Jemmen li għandu jiġi implimentat immedjatament l-objettiv tal-Ogħla Rendiment Sostenibbli fuq il-bażi tal-mortalità tas-sajd (FMSY), peress li dan jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għas-sostenibbiltà tal-istokkijiet fid-direzzjoni t-tajba; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jimplimentaw dan l-objettiv b'mod operazzjonali, fuq il-bażi ta' data xjentifika soda u b'kunsiderazzjoni tal-konsegwenzi soċjo-ekonomiċi;

11. Jenfasizza, madankollu, id-diffikultajiet involuti fl-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-MSY, b'mod partikolari fil-każ ta' sajd imħallat jew fejn id-data xjentifika dwar l-istokkijiet tal-ħut ma tkunx disponibbli jew ma tkunx affidabbli; jitlob, għalhekk, għall-ammonti xierqa allokati għar-riċerka xjentifika u l-ġbir tad-data bl-għan li tkun implimentata politika tas-sajd sostenibbli;

12. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tipprovdi għat-twaqqif ta' pjanijiet ta' ġestjoni fit-tul (LTMPs) għall-industriji tas-sajd kollha tal-UE ibbażati fuq approċċ ekosistemiku, b'għanijiet definiti b'mod ċar u fejn ir-regoli għall-kontroll tal-ġbir ikollhom rwol kruċjali f'kull pjan, u li fuq il-bażi tagħhom jiġu stabbiliti regoli għad-determinazzjoni tal-isforz annwali tal-industrija tas-sajd b'kunsiderazzjoni tad-differenza bejn id-daqs attwali tal-istokk u l-istruttura tal-industrija tas-sajd u l-għan tal-istokk fil-mira; iħeġġeġ lill-Kunsill, f'dan ir-rigward, sabiex isegwi l-objettivi tal-LTMPs mingħajr eċċezzjoni;

13. Jenfasizza l-konnessjoni diretta bejn il-ħut mormi, il-qbid inċidentali mhux mixtieq u s-sajd żejjed, u jifhem il-motivazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-ħtieġa li tiġi żviluppata politika effiċjenti tal-abolizzjoni tar-rimi fuq livell tal-UE fejn l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (CFCA) għandu jkollha setgħat akbar sabiex tiżgura sistema ġusta ta' regoli u sanzjonijiet bi qbil mal-prinċipju tat-trattament indaqs;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

14. Jipproponi għalhekk li issir obbligatorja id-dokumentazzjoni komprensiva tal-kwantitajiet ta' speċijiet li jinqabdu 'il fuq minn ċerta volum u li ma jitniżżlux l-art u dan sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tar-riċerka xjentifika u jkun jista' jsir żvilupp ta' tagħmir selettiv għall-bastimenti b'għarfien sħiħ tal-fatti;

15. Jemmen li l-eliminazzjoni gradwali tar-rimi għandha tkun ibbażata fuq is-sajd u tiddependi fuq il-karatteristiċi u r-realtajiet tal-modalitajiet differenti tas-sajd, filwaqt li jiġi kkunsidrat li dan hu eħfef li jintlaħaq fuq sajd għal speċi waħda u li sajd imħallat jirrappreżenta diversi sfidi għal li jeħtieġ jiġu megħluba; jenfasizza li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u tas-sajjieda għandhom jingħataw kunsiderazzjoni u jkunu involuti b'mod attiv; jenfasizza li l-eliminazzjoni tar-rimi għandu jkun akkumpanjat minn miżuri tekniċi li jnaqqsu jew jeliminaw qbid inċidentali u minn inċentivi li jinkoraġġixxu prattiki ta' sajd selettiv; jemmen li għandha tingħata prijorità biex ikunu evitati qabdiet mhux mixtieqa qabel kollox, aktar milli kif dawn jiġu ġestiti; jinsab imħasseb, f'dan ir-rigward, dwar l-emerġenza ta' suq tar-rimi parallel li joħloq periklu għall-ekosistema u s-settur tas-sajd Ewropew; jenfasizza li għandhom ikunu provduti salvagwardji xierqa; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li l-partijiet interessati ikunu involuti u li jsir ippjanar bir-reqqa tal-obbligu tal-ħatt fuq l-art u tat-trattament li jsir wara, sabiex ma jkunx hemm bidla minn ħut mhux mixtieq fil-baħar għal ħut mhux mixtieq fuq l-art;

16. Jenfasizza l-ħtieġa li tiżdied ir-riċerka xjentifika u jkunu allokati fondi għaliha, flimkien mal-iżvilupp ta' tekniki u ta' tagħmir tas-sajd li jevitataw qabdiet mhux mixtieqa; jitlob lill-Kummissjoni tipproponi miżuri suffiċjenti u xierqa u li tipprovdi lill-Istati Membri b'appoġġ finanzjarju għal dan il-għan; jenfasizza, għal dan il-għan, l-importanza li tiġi indirizzata l-ġestjoni ta' sajd imħallat; jinnota li t-teknoloġija eżistenti għat-tnaqqis jew l-eliminazzjoni tar-rimi mhix daqstant effettiva għat-tipi kollha tas-sajd; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex tippromwovi sħubijiet bejn ix-xjentisti u s-sajjieda, tqis l-opinjonijiet tagħhom fit-tfassil tal-politiki tagħha, u tassisti lill-Istati Membri fl-iżvilupp ta' tekniki ġodda tas-sajd;

17. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex immedjatament iwettqu 'proġetti pilota' bl-għan li jtejbu s-selettività tat-tagħmir;

18. Jinnota d-diffikultà fl-applikazzjoni ta' miżura għall-eliminazzjoni tar-rimi fil-każ ta' sajd imħallat, inkluż, iżda mhux limitat, għall-Mediterran, minħabba l-eżistenza ta' prattiki tas-sajd speċifiċi u kundizzjonijiet klimatiċi u ġeoloġiċi speċifiċi; jemmen li teħtieġ konsultazzjoni ulterjuri biex jiġu indirizzati d-diffikultajiet marbuta mat-twaqqif tal-infrastruttura meħtieġa għall-ġbir u l-ipproċessar tal-qbid inċidentali kif propost mill-Kummissjoni; jitlob għal aktar miżuri li jnaqqsu l-qbid taż-żgħar u jiskoraġġixxu l-kummerċjalizzazzjoni taż-żgħar;

19. Jistieden lill-Kummissjoni, bl-għan li tippreserva r-riżorsi ħajjin u tiżgura s-sostenibilità ambjentali fit-tul, tivvaluta l-possibilità li tistabbilixxi netwerk ta' żoni magħluqa fejn l-attivitajiet kollha tas-sajd ikunu pprojbiti għal perjodu partikolari ta' żmien sabiex tiżdied il-produttività tal-ħut u jiġu kkonservati r-riżorsi akwatiċi ħajjin u l-ekosistema tal-baħar;

20. Jenfasizza l-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni l-aktar imbiegħda, li f'termini ekonomiċi, soċjali u demografiċi huma ferm dipendenti fuq is-sajd (l-aktar fuq skala żgħira), u li huma mdawwra b'baħar fond; jemmen li jeħtieġ ikun ristrett l-aċċess għaż-żoni marittimi bijoġeografikament sensittivi tagħhom għal flotot lokali li jużaw tagħmir tas-sajd li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent;

21. Jesprimi d-dubji tiegħu dwar il-proposti relatati mal-kummerċjalizzazzjoni tal-qbid inċidentali, u jenfasizza li, fil-każ li jiġu implimentati, għandhom jiġu pprovduti salvagwardji adegwati li jevitaw il-ħolqien ta' suq parallel li paradossalment jista' jinkoraġġixxi lis-sajjieda biex ikabbru l-qabdiet tagħhom;

22. Jemmen li l-projbizzjoni tar-rimi għandha tkun introdotta gradwalment għal kull tip ta' sajd, sabiex ikun aktar faċli li s-settur jadatta; jenfasizza li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom ikunu involuti b'mod attiv fl-implimentazzjoni gradwali ta' din il-projbizzjoni;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

23. Jitlob lill-Kummissjoni biex tassisti lill-Istati Membri jikkumpensaw għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi diversi tal-adozzjoni tal-projbizzjoni tar-rimi;

24. Jenfasizza li l-introduzzjoni ta' miżuri li gradwalment jeliminaw ir-rimi teħtieġ riforma radikali tassistema ta' kontroll u infurzar; jitlob lill-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri f'dan ir-rigward, sabiex tiżgura li l-infurzar japplika fl-Istati kollha b'mod uniformi; jemmen li CFCA għandha tkun sostnuta kif xieraq, b'setgħat u risorsi suffiċjenti biex twettaq id-dmirijiet tagħha u b'hekk tassisti lill-Istati Membri fl-applikazzjoni tas-sistemi tagħhom ta' regoli u sanzjonijiet;

25. Jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga t-tnaqqis tal-istokkijiet tal-ħut minn predaturi naturali bħalma huma l-bumerini, il-foki u l-marguni u fl-istess ħin biex b'kooperazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati tiżviluppa u ddaħħal fis-seħħ pjanijiet ta' ġestjoni għar-regolazzjoni ta' dawn il-popolazzjonijiet.

26. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex timplimenta programmi li jeduka lit-tfal tal-iskola u l-konsumaturi bl-istess mod dwar il-varjetà ta' speċijiet disponibbli u dwar l-importanza li jiġi kkunsmat ħut li jiġi prodott b'mod sostenibbli;

27. Ifakkar fl-obbligu, li hemm fit-Trattat ta' Lisbona, li tiġi żgurata l-koerenza tal-politiki tal-Unjoni, anki fir-riforma tal-Politika Komuni tas-Sajd.

*Monitoraġġ u ġbir ta' data ta' kwalità*

28. Jemmen li l-affidabbiltà u d-disponibbiltà tad-data xjentifika u l-valutazzjoni tal-impatt soċjoekonomiku dwar l-istokkijiet differenti, fil-baċini differenti tal-baħar, u l-ekosistemi rispettivi tagħhom kif ukoll ittitjib u l-istandardizzazzjoni tal-mudelli applikati, għandhom ikunu fost l-akbar prijoritajiet tar-riforma; jinsab imħasseb dwar in-nuqqas ta' data xjentifika affidabbli u disponibbli meħtieġa għal parir xjentifiku sod;

29. Jenfasizza li r-riċerka xjentifika dwar is-sajd hija għodda essenzjali għat-treġija tas-sajd li hija indispensabbli kemm biex jiġu identifikati l-fatturi li jinfluwenzaw l-iżvilupp tar-riżorsi tas-sajd, billi ssir evalwazzjoni kwantittativa u billi jiġu żviluppati mudelli li bihom ikun jista' jitbassar l-iżvilupp tagħhom, kif wkoll biex jittejbu t-tagħmir tas-sajd, il-bastimenti u l-kundizzjonijiet tax-xogħol u tas-sikurezza għassajjieda, flimkien mal-għerf u l-esperjenza tagħhom;

30. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti, armonizzati fuq livell tal-UE, dwar ġbir effettiv tad-data ta' kwalità għax-xjentisti; iheġġiġha, fl-istess ħin, biex tistabbilixxi qafas għat-teħid ta' deċiżjonijiet f'sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' data u biex toħroġ b'mudelli xjentifiċi li fuqhom tkun tista' tibbaża ġestjoni tas-sajd ta' ħafna speċi; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu involuti s-sajjieda, kif ukoll il-partijiet interessati kollha, flimkien max-xjentisti sabiex dawn jikkontribwixxu għall-ġbir u l-analiżi ta' informazzjoni u l-iżvilupp attiv ta' sħubiji ta' riċerka;

31. Jinnota li r-raġunijiet ewlenin għan-nuqqas ta' data xjentifika bażika dwar il-maġġoranza tal-istokk huma rrapurtar b'mod inadegwat mill-Istati Membri, in-nuqqas ta' fondi adegwati, u riżorsi umani u tekniċi limitati fl-Istati Membri; jitlob lill-Kummissjoni sabiex, f'dan ir-rigward, tistabbilixxi sistema fejn l-Istati Membri li ma jissodisfawx l-obbligi tal-ġbir u t-trażmissjoni tad-data tagħhom jiġu sanzjonati; jemmen li l-FEMS il-ġdid għandu jipprovdi lill-Istati Membri b'għajnuna teknika u finanzjarja, jekk meħtieġ, għall-ġbir u l-analiżi ta' data affidabbli, u li għandhom ikunu allokati riżorsi finanzjari adegwati għar-riċerka xjentifika relevanti fl-Istati Membri;

32. Jinnota li l-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-finanzjament tal-akkwist, l-ipproċessar u d-disponibbiltà tad-data xjentifika, li jiffavorixxu ġestjoni bbażata fuq l-għarfien, preżentement ma teċċedix il-50 %; jitlob, għaldaqstant, għal sforz akbar mill-Unjoni f'dan il-qasam;

33. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi definizzjoni ta' kapaċità żejda fil-livell tal-UE li takkomoda d-definizzjonijiet reġjonali, u li tikkunsidra l-karatteristiċi speċifiċi lokali; jitlob ukoll lill-Kummissjoni sabiex tiddefinixxi mill-ġdid il-kapaċità tas-sajd b'tali mod li kemm il-kapaċità tas-sajd tal-bastiment kif ukoll l-isforz tas-sajd attwali tiegħu jittieħdu bħala bażi; jisħaq, barra minn hekk, fuq il-ħtieġa li jkun definit is-sajd fuq skala żgħira sabiex dan ikun separat mis-sajd industrijali;

### *Sostenibbiltà soċjoekonomika*

34. Iqis li r-riżorsi marittimi ħajjin huma ġid pubbliku komuni li ma jistax jiġi privatizzat; jirrifjuta l-ħolqien ta' drittijiet ta' proprjetà privata li jagħtu aċċess għall-isfruttament ta' dan il-ġid pubbliku;

35. Jinnota li l-proposta li hemm fir-regolament bażiku li tintroduċi 'konċessjoni tas-sajd trasferibbli' (TFCs), bħala l-mezz uniku li jsolvi l-problema ta' kapaċità żejda, tista' tiġġenera prattiki antikompetittivi, spekulattivi u ta' konċentrazzjoni, u jemmen għalhekk li din għandha tkun fuq bażi volontarja fin-natura u suġġett għad-deċiżjoni tal-Istati Membri, kif attwalment hu l-każ; jirrimarka li l-esperjenza diretta ta' xi Stati Membri li diġà introduċew sistemi TFC mingħajr restrizzjonijiet u salvagwardji effettiviti turi korrelazzjoni diretta bejn l-introduzzjoni tagħhom u żieda fil-konċentrazzjoni tad-drittijiet tas-sajd f'idejn ftit kummerċjanti, u sussegwentement żieda fil-prezzijiet tal-prodotti tas-sajd; jinnota li, għalkemm f'xi pajjiżi l-implimentazzjoni ta' din is-sistema kienet segwita minn tnaqqis fil-kapaċità tal-flotta, dan sar l-aktar għad-detriment ta' sajd kostali fuq skala żgħira u artiġjanali, li huma l-aktar setturi ta' flotot ambjentalment distruttivi, imma din hi l-aktar parti tal-industrija li ekonomikament qiegħda fil-periklu u dik li tipprovdi l-akbar numru ta' impjiegi u attività ekonomika fir-reġjuni kostali; ifakkar ukoll li tnaqqis fil-kapaċità tas-sajd ma jfissirx neċessarjament tnaqqis fl-attività tas-sajd, iżda biss il-konċentrazzjoni tal-isfruttament tar-riżorsi tas-sajd minn operaturi li huma iżjed kompetittivi ekonomikament; jenfasizza li, jekk l-iskemi TFC ikunu introdotti, ikunu meħtieġa salvagwardji adegwati sabiex jipproteġu sajd fuq skala żgħira u kostali;

36. Jemmen li għandu jingħata aċċess prijoritarju għal żoni tas-sajd lil dawk li jistadu b'mod soċjali u ambjentalment responsabbli; jirrimarka li tnaqqis fil-kapaċità ta' xi tipi ta' sajd jista' jintlaħaq mingħajr l-użu ta' TFCs; jitlob lill-Istati Membri jimplimentaw il-miżuri l-aktar xierqa għaċ-ċirkustanzi tagħhom sabiex inaqqsu l-kapaċità fejn meħtieġ;

37. Iqis li l-vijabbiltà ekonomika tas-settur tas-sajd hija affetwata, fost fatturi oħrajn, mill-volatilità fil-prezzijiet taż-żejt; jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq miżuri adatti li jtejbu l-effiċjenza tal-fjuwils fis-settur tas-sajd u l-akwakultura mingħajr ma jżidu l-kapaċità tas-sajd, biex ittaffu s-sitwazzjoni ekonomika diffiċli li jinsabu fiha s-sajjieda u dawk li jrabbu l-ħut Ewropej u biex tipproponi, f'dan ir-rigward, pjan ta' azzjoni għar-reġjuni kostali u l-gżejjer, b'mod partikolari r-reġjuni l-aktar imbiegħda;

38. Ifakkar li l-oċeani tad-dinja, permezz tas-sajd, mhux biss jipprovdu nutrizzjoni, sigurtà tal-ikel u għajxien għal 500 miljun persuna madwar id-dinja u li tal-anqas 50 % tal-proteini mill-annimali għal 400 miljun persuna fl-ifqar pajjiżi, iżda huma wkoll ta' importanza kruċjali għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, huma l-akbar bjar tal-karbonju fit-tul, jipprovdu t-trasport, u jospitaw il-ħabitats ta' madwar 90 % tal-ħajja fid-dinja;

39. Jafferma mill-ġdid il-ħtieġa għal monitoraġġ u ċertifikazzjoni stretti ta' prodotti tas-sajd li jidħlu fis-suq tal-Unjoni, inklużi importazzjonijiet, li jiġi żgurat li dawn joriġinaw minn sajd sostenibbli u li, fil-każ ta' prodotti importati, dawn jilħqu l-istess rekwiżiti li għandhom jikkonformaw magħhom il-produtturi tal-Unjoni - pereżempju, fir-rigward tat-tikkettar, it-traċċabbiltà, ir-regolamenti fitosanitarji u d-daqsijiet minimi;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

*Futur għall-impjiegi fl-industrija tas-sajd u l-akkwakultura*

40. Jemmen bis-sħiħ li l-PKS riformata m'għandhiex titneħħa mill-kuntest soċjoekonomiku u ambjentali li tinsab fih; iqis li s-sajd u s-setturi estensivi tal-akkwakultura għandhom jitqiesu bħala sorsi importanti diretti u indiretti għall-ħolqien tal-impjiegi li jagħtu vitalità lir-reġjuni marittimi tagħna u huma l-qafas tal-ekonomija ta' dawn ir-reġjuni, filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għas-sigurtà alimentari fl-UE; jemmen, għal dan il-għan,li l-PKS għandha tikkontribwixxi biex jitjieb l-istandard tal-għajxien tal-komunitajiet li jiddependu mis-sajd, billi tipprovdi kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar għas-sajjieda, b'mod partikolari permezz tal-konformità mal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà u tar-regoli stabbiliti mill-ftehimiet kollettivi tax-xogħol;

41. Jinsab imħasseb li aktar minn 30 % tal-impjiegi ntilfu fis-settur tal-qbid f'dawn l-aħħar għaxar snin; iqis li t-tnaqqis fl-istokkijiet tal-ħut, in-nuqqas ta' salarju minimu ggarantit, il-valur baxx tal-ewwel bejgħ, u l-kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli huma ostakli għat-tiġdid meħtieġ tar-riżorsi umani fis-settur;

42. Jinnota b'sodisfazzjon li ċerti studji juru li jistgħu jinkisbu benefiċċji soċjali u ekonomiċi konsiderevoli jekk l-istokkijiet tal-ħut jitħallew jiżdiedu sakemm jilħqu livelli 'l fuq minn dawk li kapaċi jipproduċu MSY, inkluż iżjed impjiegi u qligħ;

43. Iqis li s-settur tas-sajd jista' jibqa' sostenibbli jekk jinstab bilanċ bejn l-aspetti soċjoekonomiċi u dawk ambjentali, u jekk ikun hemm ħaddiema mħarrġa u b'ħiliet adegwati; jemmen li sabiex jinkiseb dan, jeħtieġ li l-karrieri fis-sajd isiru attraenti u l-istandards tal-kwalifiki u t-taħriġ jissodisfaw il-ħtiġijiet internazzjonali u Ewropej; jitlob lill-Kummissjoni biex tippromwovi taħriġ xieraq u skemi edukattivi obbligatorji fl-aħjar prattika u l-bijoloġija marittima f'oqsma differenti tas-settur, peress li dan jista' jattira liż-żgħażagħ u jgħin biex jinħoloq sajd kompetittiv u sostenibbli u settur tal-akkwakultura sostenibbli; jemmen li għandu għandhom ikunu disponibbli pakketti tal-bidu li jiggarantixxu ġenerazzjoni ġdida ta' sajjieda fis-settur tas-sajd fuq skala żgħira;

44. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal "Inizjattiva tat-'Tkabbir Blu' fuq it-tkabbir sostenibbli mill-oċeani, l-ibħra u l-kosti"; iqis li mobbiltà professjonali akbar fis-settur tas-sajd, id-diversifikazzjoni tal-impjiegi u l-identifikazzjoni ta' għodod li jagħmluha possibbli li l-ħiliet, il-kwalifiki u l-programmi ta' edukazzjoni jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-settur huma importanti għat-tkabbir tal-industriji marittimi, tas-sajd u l-akkwakultura;

45. Iqis li r-rwol tan-nisa fis-settur tas-sajd għandu jingħata rikonoxximent legali u soċjali u kumpens ikbar; jinsisti li n-nisa fis-settur tas-sajd f'kull rispett għandu jkollhom l-istess drittijiet bħall-irġiel, pereżempju f'dak li jirrigwarda s-sħubija u l-eliġibbiltà fil-korpi governattivi tal-organizzazzjonijiet tas-sajd; iqis li l-konjuġi u l-imsieħba tul il-ħajja tas-sajjieda li jappoġġjaw l-impriża tal-familja għandhom de facto jingħataw status legali u benefiċċji soċjali ekwivalenti għal dawk tal-persuni bi status ta' ħaddiema awtonomi, kif ipprovdut fid-Direttiva 2010/41/UE; iqis, barra minn hekk, li l-fondi tal-FES u tal-FEMS futur għandhom ikunu disponibbli għal taħriġ speċifikament maħsub għan-nisa li jaħdmu fis-settur tas-sajd;

46. Jibża' li r-riforma tal-PKS tista, fin-nuqqas ta' miżuri adatti li jakkunpanjawha, twassal għal telfien ta' impjiegi fuq perjodu qasir, speċjalment fis-setturi tal-qbid u tal-ippakkjar fuq l-art, b'hekk jikkompromettu b'mod permanenti t-tkabbir fraġli tal-komunitajiet kostali u l-gżejjer, partikolarment fir-reġjuni l-aktar imbiegħda; jisħaq, f'dan ir-rigward, li hemm bżonn ta' miżuri soċjoekonomiċi ta' akkumpanjament, inklużi kooperazzjoni professjonali u pjan għall-impjiegi, sabiex jittaffew l-effetti temporanji tar-Rendiment Massimu Sostenibbli (MSY) u sabiex jagħmlu s-settur aktar attraenti għaż-żgħażagħ u jipprovdu inċentivi għad-dħul fis-settur; jistieden lill-Kummissjoni biex tesplora u tippromwovi l-kooperazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment sabiex issaħħaħ l-investiment fis-settur;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

47. Iqis li huwa meħtieġ li jiġi promoss l-iżvilupp tal-innovazzjonijiet u l-attivitajiet relatati mas-sajd, li jistgħu jpattu għat-telf ta' impjiegi li jirriżultaw minn bidliet li jridu jsiru minħabba r-riforma tal-PKS; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżviluppa programmi speċifiċi ddedikati għall-iżvilupp tat-turiżmu tas-sajd u oqsma oħrajn ta' żvilupp ekonomiku marbuta mal-baħar u mal-attività tas-sajd;

***Reġjonalizzazzjoni***

48. Huwa tal-istess opinjoni espressa fil-proposta tal-Kummissjoni dwar il-ħtieġa ta' adattament u miżuri speċifiċi, ibbażati fuq realtajiet differenti tal-industrija tas-sajd u tal-akwakultura Ewropea, u speċjalment fil-każ taż-żoni kostali u r-reġjuni l-aktar imbiegħda tal-Unjoni. jappoġġja l-idea li r-reġjonalizzazzjoni tiġi stabbilita bħala wieħed mill-istrumenti prinċipali ta' din il-forma ta' governanza ġdida, sabiex ikun hemm rispons adegwat għall-ħtiġijiet ta' kull baċin tal-baħar u tiġi inċentivata l-aderenza mar-regoli adottati fuq livell Ewropew.

49. Jemmen li r-riforma għandha tkun opportunità sabiex isiru passi sinifikanti lejn forma ġdida ta' kooperazzjoni bejn il-komunità xjentifika, l-industrija u l-imsieħba soċjali, sabiex jiġi implimentat il-proċess ta' reġjonalizzazzjoni;

50. Jenfasizza l-importanza tas-settur tas-sajd fis-sitwazzjoni soċjoekonomika, tax-xogħol u l-promozzjoni tal-koeżjoni ekonomika u soċjali fir-reġjuni l-aktar imbiegħda (ORs), żoni li huma karatterizzati minn ekonomiji b'restrizzjonijiet strutturali permanenti u ftit opportunitajiet għal diversifikazzjoni ekonomika;

51. Jemmen li, safejn jikkonċerna r-reġjonalizzazzjoni, iridu jiġu stabbiliti regoli ċari u sempliċi fil-livell xieraq, biex b'hekk tiżdied il-konformità; jemmen bis-sħiħ ukoll li r-RACs, b'rappreżentazzjoni usa' u b'aktar responsabilitajiet, għandhom jinkoraġġixxu aktar id-djalogu u l-kooperazzjoni bejn il-partijiet interessati u jikkontribwixxu b'mod attiv għat-twaqqif ta' pjanijiet ta' ġestjoni multiannwali; ifakkar ir-rwol tal-koleġiżlaturi fl-adozzjoni ta' dawn il-pjanijiet;

52. Jemmen, b'mod aktar ġenerali, li r-rwol tal-RACs għandu jiġi msaħħaħ f'termini ta' rappreżentanza u setgħa; iħeġġeġ lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, biex tippreżenta proposta ġdida mmirata lejn it-tisħiħ tal-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati, tas-sajd artiġjanali u dak fuq skala żgħira, biex tiġi assigurata reġjonalizzazzjoni ġenwina fil-PKS; jilqa', f'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni biex twaqqaf Kunsill Konsultattiv tal-Baħar l-Iswed; jenfasizza wkoll li l-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) mhijiex qafas adegwat għall-ġestjoni tal-Baħar l-Iswed, u għaldaqstant hemm bżonn ta' Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd (RFMO) ġdida; jistieden lill-Kummissjoni biex tintensifika d-djalogu mal-pajjiżi tal-Baħar l-Iswed, b'mod partikolari fir-rigward tal-isfruttament u l-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut; jitlob għall-ħolqien ta' Kunsill Konsultattiv għar-Reġjuni l-Aktar Imbiegħda; jemmen li, fuq il-gwida tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-prinċipji tar-reġjonalizzazzjoni u s-sussidjarjetà, għandu jiġi kkunsidrat il-ħolqien ta' Kunsill Konsultattiv Reġjonali għar-reġjuni l-aktar imbiegħda, li jqis in-natura sensittiva tal-karatteristiċi speċifiċi tagħhom; jenfasizza li l-RACs għandhom jagħtu parir lill-Parlament u l-Kunsill fl-adozzjoni tal-pjanijiet multiannwali, u jinvolvu lix-xjentisti fl-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tagħhom;

53. Jemmen li r-reġjonalizzazzjoni tal-PKS għandha tirrifletti l-iskala ġeografika tas-sajd li jkun qed jiġi ġestit, b'għanijiet u prinċipji adottati mill-koleġiżlaturi tal-UE u fejn id-dettalji tal-miżuri ta' ġestjoni jiġu deċiżi f'livell reġjonali u kemm jista' jkun possibbli lokalment, li jfisser li għal ċerti industriji tas-sajd dan isir f'ħafna Stati Membri waqt li għal oħrajn jista' jsir f'parti ta' Stat Membru wieħed; jirrikonoxxi li jista' jkun meħtieġ li jinħolqu strutturi ġodda sabiex sistema bħal din tkun tista' tiffunzjona;

54. Jemmen li hu importanti li jingħata valur akbar lil uħud mis-setturi tas-sajd Ewropew, pereżempju sajd kostali fuq skala żgħira, li f'xi żoni ġeografiċi, bħall-Baħar Mediterran, jgħin biex jikber il-ġid u jiżdiedu l-impjiegi;

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

55. Jinsab konvint ukoll li hija meħtieġa viżjoni iżjed olistika u integrata tal-ambjent marittimu, u li l-ippjanar tal-ispazju marittimu fuq livell lokali u reġjonali, li jinvolvi l-partijiet interessati kollha, huwa għodda meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' approċċ ġenwin ekosistemiku għall-ġestjoni;

56. Jinnota li l-ippjanar effettiv fuq livell reġjonali jew lokali jiffaċilita użu l-iżjed xieraq tar-riżorsi marittimi, b'kunsiderazzjoni tal-kundizzjonijiet lokali, l-eżiġenzi tas-suq, l-użu ta' kompetizzjoni, il-ħtieġa għal żoni protetti, id-deżinjazzjoni ta' żoni speċifiċi fejn jitħalla jintuża biss ċertu tagħmir tas-sajd tal-aħjar prattika, eċċ;

57. Jenfasizza li riforma ambizzjuża u reali tal-PKS tista' tiġi ffaċilitata jekk ikunu disponibbli mezzi finanzjarji suffiċjenti għall-għaxar snin li ġejjin, sabiex jiġu appoġġjati l-miżuri ta' riforma kollha u jiġu indirizzati l-problemi soċjoekonomiċi u ambjentali li jistgħu jinqalgħu; jirrifjuta kwalunkwe sejħa mill-Istati Membri biex ifittxu jnaqqsu l-livell ta' fondi tal-UE allokati lis-sajd u l-akwakultura;

58. Jenfasizza, b'mod partikolari, l-importanza tas-sinerġiji bejn il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), l-Istrument Ewropew ta' Viċinat u Sħubija (ENPI) u l-Fond Ewropew għas-Sajd (FES) għall-ippjanar fiż-żoni kostali; jemmen li l-istrateġiji makroreġjonali, il-programmi ta' kooperazzjoni territorjali Ewropej u tal-baċin tal-baħarhuma strumenti importanti għall-implimentazzjoni ta' strateġiji integrati għall-iżvilupp tat-territorji kostali tal-UE;

59. Jenfasizza l-ħtieġa għall-FES futur li joffri għotjiet għall-modernizzazzjoni ta' flotot tas-sajd abbażi ta' sikurezza, protezzjoni ambjentali u ekonomija tal-karburanti;

60. Jenfasizza li għandhom jiġu allokati fondi ġodda għal politiki, objettivi jew prijoritajiet ġodda b'im-patt fuq l-ambjent marittimu; jirrifjuta li l-finanzjament ta' dawn il-prijoritajiet, l-objettivi jew politiki ġodda (bħall-Politika Marittima Integrata) isir għad-detriment tal-fondi meħtieġa għall-politika tas-sajd;

61. Ifakkar fl-obbligu mniżżel fl-Artikolu 208 TFUE fejn l-UE trid tikkunsidra l-objettivi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp fil-politiki li hi timplimenta u li jistgħu jaffettwaw il-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluża l-PKS;

62. Jenfasizza li prodotti importati tas-sajd u l-akkwakultura għandhom ikunu soġġetti għall-istess standards ambjentali, sanitarji u soċjali bħall-produzzjoni domestika Ewropea, inkluża t-traċċabbiltà sħiħa "mill-baħar sal-mejda", u huwa tal-fehma li pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw se jkollhom bżonn ta' għajnuna finanzjarja u teknika sabiex jilħqu l-istess standards, u biex jiġġieldu b'mod effikaċi kontra s-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat;

63. Jenfasizza li kwalunkwe aċċess għar-riżorsi tas-sajd fil-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw jeħtieġ jirrispetta mhux biss l-Artikolu 62 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) rigward eċċess fl-istokkijiet tal-ħut, iżda wkoll l-Artikoli 69 u 70 dwar id-drittijiet tal-pajjiżi fir-reġjun li jkunu mdawrin bl-art u ġeografikament żvantaġġati, speċjalment fir-rigward tal-ħtiġijiet nutrizzjonali u soċjoekonomiċi tal-popolazzjonijiet lokali;

64. Itenni l-kundizzjoni bażika tal-eċċess, kif stabilita f'UNCLOS, fl-aċċess għall-istokkijiet tal-ħut fl-ibħra ta' pajjiżi terzi; jenfasizza l-importanza li l-eċċess jiġi stabbilit b'mod xieraq u xjentifiku; jenfasizza li l-PKS jeħtiġilha tipprovdi għal trasparenza u skambju tal-informazzjoni kollha rilevanti bejn il-pajjiżi tal-UE u l-pajjiżi sħab terzi dwar l-isforz totali tas-sajd għall-istokkijiet ikkonċernati minn vapuri nazzjonali, u, fejn rilevanti, barranin.

65. Itenni li l-futur tal-PKS jeħtieġlu jkun iggwidat minn prinċipji ta' governanza tajba, li jinkludu t-trasparenza u l-aċċess għall-informazzjoni, skont il-Konvenzjoni ta' Aarhus, u l-valutazzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija Sostenibbli (SFAs);

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

66. Jenfasizza li l-UE għandha tippromwovi l-ġestjoni tar-riżorsi sostenibbli f'pajjiżi terzi u għalhekk jistieden lill-UE tintensifika l-azzjonijiet biex tiġġieled kontra attivitajiet tas-sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat; jenfasizza li ftehimiet tas-sajd sostenibbli għandhom ikunu ffukati aktar fuq riċerka xjentifika u ġbir ta' data, monitoraġġ, kontroll u sorveljanza; għal dan il-għan, l-UE għandha tidderieġi lejn il-pajjiżi terzi sħab appoġġ adegwat ta' natura finanzjarja, teknika u ta' riżorsi umani;

67. Itenni li l-PKS għandha tkun koerenti mal-politiki tal-iżvilupp u tal-ambjent, inkluż il-ħarsien ta' ekosistemi marittimi; jitlob, għalhekk, li tittieħed azzjoni li ttejjeb u twessa' l-għarfien xjentifiku, kif ukoll li tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali biex tiġi żgurata prestazzjoni mtejba;

68. Itenni li ċ-ċittadini kollha tal-UE, irrispettivament minn fejn joperaw, jeħtiġilhom josservaw ir-regoli u r-regolamenti tal-PKS, inklużi r-regolamenti ambjentali u soċjali tagħha;

*

* *

69. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jibgħat din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

# It-18-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet - Applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u talproporzjonalità (2010)

P7_TA(2012)0340

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar it-18-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet – Applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità (2010) (2011/2276(INI))**

(2013/C 353 E/14)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni tat-28 ta' Settembru 2011 dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([2]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([3]),

— wara li kkunsidra l-arranġamenti prattiċi li sar qbil dwarhom fit-22 ta' Lulju 2011 bejn is-servizzi kompetenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 294(4) tat-TFUE f'każ ta' qbil fl-ewwel qari,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2011 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet, is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità u r-regolamentazzjoni intelliġenti ([4]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2011 dwar is-27 rapport annwali dwar il-Monitoraġġ tal-applikazzjoni tad-Dritt tal-UE ([5]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar l-iżgurar ta' valutazzjonijiet tal-impatt indipendenti ([6]),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità (it-18-il rapport dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet li jkopri s-sena 2010) (COM(2011)0344),

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni dwar l-imminimizzar tal-piż regolatorju għall-SMEs - L-adattament tar-regolamentazzjoni tal-UE għall-bżonnijiet tal-intrapriżi mikro (COM(2011)0803),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-28 rapport annwali dwar il-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-liġi tal-UE (2010) (COM(2011)0588),

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar ir-Regolamentazzjoni Intelliġenti fl-Unjoni Ewropea (COM(2010)0543),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Kompetittività tal-5 ta' Diċembru 2011 dwar il-valutazzjoni tal-impatt,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Kompetittività tat-30 ta' Mejju 2011 dwar ir-regolamentazzjoni intelliġenti,

([1]) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.
([2]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.
([3]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 15.
([4]) Testi adottati, P7_TA(2011)0381.
([5]) Testi adottati, P7_TA(2011)0377.
([6]) Testi adottati, P7_TA(2011)0259.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra r-rapport tal-15 ta' Novembru 2011 tal-Grupp ta' Livell Għoli ta' Partijiet Interessati Indipendenti għall-Piżijiet Amministrattivi, bl-isem 'l-Ewropa baqgħalha x'taqdef: Rapport dwar l-aħjar prattika fl-Istati Membri biex il-leġiżlazzjoni tal-UE tiġi implimentata bil-mod l-inqas ta' xkiel',

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0251/2012),

A. billi fl-2010 l-Parlament Ewropew irċieva seba' darbiet aktar kontribuzzjonijiet milli opinjonijiet motivati mill-parlamenti nazzjonali;

B. billi l-aġenda dwar ir-regolamentazzjoni intelliġenti fiha nnifisha hija sforz biex jiġu konsolidati l-isforzi f'termini ta' tfassil aħjar tal-liġijiet, is-semplifikazzjoni tal-liġijiet tal-UE u t-tnaqqis tal-piżijiet amministrattivi u regolatorji, u biex jinbeda proċess għall-ksib ta' governanza tajba li jkun ibbażat fuq tfassil tal-politika abbażi tal-evidenza, li fiha l-valutazzjonijiet tal-impatt u l-kontrolli ex post ikollhom rwol essenzjali;

C. billi l-Ftehim Interistituzzjonali tal-2003 dwar tfassil aħjar tal-liġijiet ma baqax adattat għall-ambjent leġiżlattiv attwali kif maħluq mit-Trattat ta' Lisbona, mhux inqas minħabba l-approċċ frammentat użat mill-istituzzjonijiet tal-UE f'termini ta' adozzjoni ta' dikjarazzjonijiet politiċi konġunti dwar dokumenti ta' spjegazzjoni u l-arranġamenti prattiċi fil-livell tas-segretarjat għall-implimentazzjoni tal-Artikolu 294 tat-TFUE;

D. billi għażla żbaljata bejn l-użu ta' atti delegati skont l-Artikolu 290 tat-TFUE jew atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-TFUE f'att leġiżlattiv tqiegħdu f'riskju li tiġi annullata mill-Qorti tal-Ġustizzja;

***Kummenti ġenerali***

1. Jenfasizza l-ħtieġa ġenerali li l-leġiżlazzjoni tkun ċara, sempliċi, faċli biex tinftiehem kif ukoll aċċessibbli għal kulħadd;

2. Jenfasizza li l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità jridu jiġu osservati mill-istituzzjonijiet Ewropej meta jfasslu l-liġijiet;

3. Jesprimi t-tħassib serju tiegħu dwar l-opinjoni tal-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt li l-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni rigward dawn il-prinċipji fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha ta' spiss ma jkunux ta' natura sodisfaċenti; jikkunsidra li huwa ta' importanza kbira li l-Kummissjoni tindirizza kwalunkwe nuqqas f'dan il-qasam sabiex ikun żgurat li dawn il-prinċipji jiġu osservati;

4. Itenni s-sejħiet ripetuti tiegħu biex jiġi nnegozjat mill-ġdid il-Ftehim Interistituzzjonali tal-2003 dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet sabiex jiġi kkunsidrat l-ambjent leġiżlattiv ġdid li nħoloq bit-Trattat ta' Lisbona, tiġi kkonsolidata l-aqwa prassi attwali u sabiex il-ftehim jiġi aġġornat b'konformità mal-aġenda dwar ir-regolamentazzjoni intelliġenti; jissuġġerixxi li l-arranġamenti dwar id-demarkazzjoni bejn atti delegati u ta' implimentazzjoni jiġu miftiehma f'dak il-kuntest; jitlob lill-President jieħu l-passi meħtieġa biex jiftaħ negozjati mal-istituzzjonijiet l-oħra;

***Il-kontroll tas-sussidjarjetà mill-parlamenti nazzjonali***

5. Jilqa' l-involviment aktar mill-qrib tal-parlamenti nazzjonali fil-proċess leġiżlattiv Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward tal-iskrutinju tal-proposti leġiżlattivi fid-dawl tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità;

6. Jinnota li, fl-2010, 211-il opinjoni ġew irċevuti minn parlamenti nazzjonali, iżda li numru żgħir minnhom biss – 34 b'kollox – kienu jitrattaw kwistjonijiet ta' sussidjarjetà; jindika li fir-rigward tal-proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà

tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz (COM(2012)0130), il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 2(2), l-ewwel sentenza, tal-Protokoll dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità ġew sodisfatti għall-ewwel darba f'Mejju 2012; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan il-kuntest, twettaq ir-rieżami neċessarju tal-abbozz bl-akbar kunsiderazzjoni tar-rieda espressa tal-parlamenti nazzjonali, billi l-proċedura ta' skrutinju l-ġdida għandha l-għan li tiżgura li d-deċiżjonijiet meħuda jkunu kemm jista' jkun orjentati lejn iċ-ċittadini;

7. Jitlob analiżi indipendenti f'isem il-Kummissjoni, li teżamina r-rwol tal-parlamenti reġjonali jew lokali fil-qasam tal-kontrolli tas-sussidjarjetà; jinnota, f'dan il-kuntest, il-pjattaforma tal-internet IPEX iffinanzjata mill-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali, li hija partikolarment utli għall-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-proċeduri ta' skrutinju;

8. Jissuġġerixxi li l-istituzzjonijiet involuti fit-tfassil tal-liġijiet għandhom jiġu mfakkra fil-ħtieġa li jiżguraw li l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità jiġu applikati b'mod korrett skont it-termini tal-Protokoll Nru 2 mehmuż mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

9. Jinnota li l-kritika li saret mill-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt dwar il-kunsiderazzjoni tas-sussidjarjetà saret ukoll minn numru ta' parlamenti nazzjonali fis-sottomissjonijiet tagħhom taħt il-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà li ġie introdott fit-Trattat ta' Lisbona; jinnota wkoll, madankollu, li fl-2010 qatt ma ntlaħaq il-limitu biex jiġu attivati l-proċeduri formali skont il-Protokoll Nru 2, hekk kif anness mat-Trattati;

10. Jinnota, madankollu, li fit-22 ta' Mejju 2012, għall-ewwel darba minn meta daħal fis-seħħ it-Trattat ta' Lisbona, il-parlamenti nazzjonali bdew iħaddmu l-proċedura ta' 'karta safra' billi jadottaw opinjonijiet motivati kontra l-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill dwar l-eżerċizzju tad-dritt li tittieħed azzjoni kollettiva fil-kuntest tal-libertà tal-istabbiliment u l-libertà li tagħti servizz (COM(2012)0130);

11. Jinnota bi tħassib li ċerti opinjonijiet mill-parlamenti nazzjonali jenfasizzaw il-fatt li, f'numru ta' proposti tal-Kummissjoni, il-ġustifikazzjoni tas-sussidjarjetà hi insuffiċjenti jew lanqas biss teżisti;

12. Jenfasizza l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet Ewropej jagħmluha possibbli għall-Parlamenti nazzjonali li jeżaminaw il-proposti leġiżlattivi billi jiżguraw li l-Kummissjoni tipprovdi bażi dettaljata u komprensiva għad-deċiżjonijiet tagħha dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, skont l-Artikolu 5 tal-Protokoll Nru 2 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

13. Jissuġġerixxi li għandha ssir valutazzjoni biex jiġi determinat jekk għandhomx jiġu stipulati kriterji xierqa, fil-livell tal-UE, għall-evalwazzjoni tal-konformità mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità;

14. Iqis li l-iskadenzi attwali stabbiliti fit-Trattati għall-parlamenti nazzjonali biex iwettqu l-kontrolli tas-sussidjarjetà għandhom jiġu riveduti biex jiġi determinat jekk humiex suffiċjenti; jissuġġerixxi li l-PE, il-Kummissjoni u r-rappreżentanti tal-parlamenti nazzjonali jinvestigaw kif jista' jitnaqqas kwalunkwe ostakolu għall-parteċipazzjoni tal-parlamenti nazzjonali fil-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà;

15. Ifakkar li, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-UE għandha tintervjeni barra l-oqsma ta' kompetenza esklussiva tagħha, biss u sakemm l-għanijiet ta' miżura ppjanata jkunu jistgħu jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni aktar milli fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali; għaldaqstant, is-sussidjarjetà tista' twassal kemm għal estensjoni tal-attivitajiet tal-Unjoni fi ħdan il-qafas tas-setgħat tagħha meta ċ-ċirkostanzi jitolbu dan, kif ukoll kuntrarjament, sabiex l-azzjoni kkonċernata tiġi ristretta jew imnaqqsa f'każijiet fejn m'għadhiex iġġustifikata; jenfasizza li s-sussidjarjetà f'dan il-kuntest, mhux biss tapplika għar-relazzjoni bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha iżda tinkludi wkoll il-livelli reġjonali u lokali;

16. Iheġġeġ lill-Kummissjoni ttejjeb u tirregolarizza d-dikjarazzjonijiet li jiġġustifikaw l-inizjattivi leġiżlattivi tagħha fuq il-bażi tas-sussidjarjetà; ifakkar li l-liġi amministrattiva tal-UE għandha tiġi aġġustata u ssimplifikata sabiex jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi u regolatorji; iqis li, f'dan il-kuntest, il-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità għandhom jiġu applikati kif xieraq;

17. Jiddispjaċih li l-Kummissjoni ma rrappurtatx sew dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju tal-proporzjonalità, b'mod speċjali fir-rigward tal-użu tal-Artikoli 290 u 291 TFUE dwar atti ddelegati u ta' implimentazzjoni; iwissi lill-Kunsill biex ma ċċajparx id-distinzjoni ċara bejn atti ddelegati u atti ta' implimentazzjoni; iheġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura l-applikazzjoni xierqa ta' dawn iż-żewġ artikoli;

18. Jirrikonoxxi li matul il-perjodu ta' rappurtar, ingħatat biss sentenza waħda mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-proporzjonalità u s-sussidjarjetà (dwar "roaming" fit-telefonija mobbli), u li l-Qorti sabet li f'dan il-każ ma kienx hemm ksur ta' dawn iż-żewġ prinċipji billi l-limitazzjoni tal-prezzijiet kienet meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi finali, u barra minn hekk dan l-għan seta' jintlaħaq l-aħjar fil-livell tal-Unjoni;

19. Jilqa', f'dan ir-rigward, l-introduzzjoni tal-websajt riveduta tal-IPEX imsemmija hawn fuq, li tista' taġixxi bħala katalista għal aktar titjib u impenn fl-operazzjoni tal-mekkaniżmu ta' kontroll tas-sussidjarjetà, u jenfasizza l-ħtieġa li ssir aktar promozzjoni tas-sit;

20. Jenfasizza li huwa essenzjali li l-eżami tal-prinċipju ta' sussidjarjetà jinkorpora wkoll il-livelli reġjonali u lokali tal-Istati Membri; jilqa', f'dan ir-rigward, ir-Rapporti Annwali dwar is-Sussidjarjetà ppubblikati mill-Kumitat tar-Reġjuni kif ukoll il-websajt REGPEX li stabilixxa l-Kumitat, li jgħinu fl-iskambju ta' informazzjoni u li se jagħmlu titjib ulterjuri fil-monitoraġġ tas-sussidjarjetà;

21. Jistieden lill-parlamenti nazzjonali, b'konformità mal-Protokoll dwar is-Sussidjarjetà, jikkonsultaw il-parlamenti reġjonali b'poteri leġiżlattivi; jistieden lill-Kummissjoni, fl-eżami tas-sussidjarjetà u partikolarment fir-rapporti annwali tagħha dwar is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, tagħti attenzjoni lir-rwol tal-parlamenti nazzjonali b'poteri leġiżlattivi;

***It-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza***

22. Jenfasizza l-importanza tal-aġenda dwar ir-regolamentazzjoni intelliġenti u li jiġu żviluppati approċċi regolatorji ġodda sabiex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni tal-UE taqdi l-għan tagħha u tkun tista' tikkontribwixxi b'mod effettiv biex jiġu ffaċċjati l-isfidi tal-kompetittività u t-tkabbir tal-ġejjieni;

23. Jinnota l-importanza kruċjali tal-valutazzjonijiet tal-impatt bħala strumenti li jgħinu fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-proċess leġiżlattiv u jenfasizza l-ħtieġa, f'dan il-kuntest, li tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kwistjonijiet relatati mas-sussidjarjetà u mal-proporzjonalità;

24. Jenfasizza l-impenn tal-Parlament lejn l-obbligi tiegħu skont l-aġenda dwar ir-regolamentazzjoni intelliġenti, u jinkoraġġixxi l-użu tad-Direttorat tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Parlament minn kumitati li huma involuti fil-ħidma leġiżlattiva bħala rutina; ifakkar l-impenn li sar mill-Parlament u mill-Kunsill fl-Approċċ Komuni Interistituzzjonali għall-Valutazzjoni tal-Impatt tal-2005 biex iwettqu valutazzjonijiet tal-impatt qabel l-adozzjoni ta' emendi sostantivi, u jistieden lill-kumitati biex jagħmlu użu mid-Direttorat ġdid tal-Valutazzjoni tal-Impatt fl-implimentazzjoni ta' dan l-impenn;

25. Jissuġġerixxi li bħala parti minn approċċ aktar sistematiku għall-kunsiderazzjoni ta' valutazzjonijiet tal-impatt fil-Parlament, id-Direttorat tal-Valutazzjoni tal-Impatt għandu jintalab mill-kumitati biex iħejji sommarju qasir dwar kull valutazzjoni tal-impatt għall-kunsiderazzjoni meta jseħħ skambju inizjali ta' fehmiet; jissuġġerixxi li dan is-sommarju jista' jinkludi konklużjoni qasira dwar il-kwalità tal-valutazzjoni tal-impatt, flimkien ma' nota qasira dwar ir-riżultati ewlenin u kwalunkwe qasam ta' analiżi li tħalla barra mill-Kummissjoni; huwa tal-fehma li dan itejjeb ħafna l-iskrutinju ta' abbozzi tal-leġiżlazzjoni mill-Parlament;

26. Iqis li huwa essenzjali li l-metodoloġiji applikati mid-Direttorat tal-Valutazzjoni tal-Impatt ikunu kompatibbli u ta' tip li jistgħu jitqabblu mal-approċċ adottat mill-Kummissjoni, u jistieden lill-Parlament u lill-Kummissjoni biex jikkooperaw b'mod sħiħ f'dan ir-rigward;

27. Ifakkar fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tal-2003, u jħeġġeġ lill-Kunsill biex ilesti x-xogħol ta' twaqqif tal-mekkaniżmu tiegħu stess biex isiru valutazzjonijiet tal-impatt mingħajr dewmien żejjed, b'konformità mal-obbligi tiegħu skont il-ftehim tal-2003;

28. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli ttejjeb l-approċċ tagħha stess lejn valutazzjonijiet tal-impatt, u jistedinha ssaħħaħ ir-rwol tal-Bord tal-Valutazzjoni tal-Impatt u, b'mod partikolari, biex tiffinalizza u tippreżenta biss proposti leġiżlattivi fejn dawn ikunu ġew approvati permezz ta' opinjoni favorevoli mill-Bord;

***It-tnaqqis ta' piżijiet regolatorji***

29. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar it-tnaqqis tal-piżijiet regolatorji għall-SMEs; jikkunsidra li huwa essenzjali li l-Kummissjoni tirrispetta l-prinċipju 'l-ewwel aħseb żgħir' waqt li tkun qed tħejji l-leġiżlazzjoni, u huwa inkoraġġit mill-impenn muri mill-Kummissjoni u mix-xewqa tagħha li tmur lil hinn minn approċċi attwali biex tintroduċi sistemi eħfef u eżenzjonijiet għan-negozji ż-żgħar;

30. Ifakkar fil-pożizzjoni tal-Parlament dwar il-kwistjoni tal-eżenzjonijiet regolatorji, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex testendi l-eżenzjoni għall-SMEs fejn id-dispożizzjonijiet regolatorji jaffettwawhom b'mod sproporzjonat u ma hemm l-ebda raġuni valida biex jiġu inklużi fil-kamp tal-leġiżlazzjoni; jilqa' l-attenzjoni mġedda fuq l-applikazzjoni soda tat-test tal-SMEs, u jqis il-mikrodimensjoni bħala parti inerenti ta' dak it-test fejn l-għażliet disponibbli kollha huma vvalutati b'mod sistematiku; f'dan ir-rigward jilqa' l-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-inklużjoni tal-mikroentitajiet, li għandhom jiġu inklużi biss sal-punt massimu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-abbozz ta' leġiżlazzjoni jekk jissodisfaw it-test imsaħħaħ tal-SMEs;

31. Ifakkar lill-Kummissjoni, madankollu, li l-inverżjoni tal-oneru tal-provi m'għandhiex twassal b'mod awtomatiku għal leġiżlazzjoni aktar kumplessa li tiġi żviluppata mingħajr ma jkunu ġew ikkunsidrati l-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni biex, fejn ikun possibbli tħabrek għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, u biex tkompli tipprepara u tippreżenta proposti b'aċċessibilità u b'implimentazzjoni faċli għall-SMEs bħala prinċipji ta' gwida fl-abbozzar tal-leġiżlazzjoni, anki meta tista' tiġi applikata eżenzjoni;

32. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Kummissjoni tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tat-test imsaħħaħ tal-SMEs fid-Direttorati tagħha, u jistieden lill-Istati Membri jinkludu kunsiderazzjonijiet simili fil-proċessi nazzjonali tagħhom tat-teħid tad-deċiżjonijiet;

33. Jilqa' l-approċċ 'imfassal apposta' għal-leġislazzjoni proposta mill-Kummissjoni; jitlob li tingħata kunsiderazzjoni għall-applikazzjoni possibbli fil-ġejjieni ta' approċċi 'mfassla apposta' meta l-leġiżlazzjoni eżistenti tiġi riveduta;

***Segwitu, kontrolli ex post u feedback fiċ-ċiklu tat-tfassil tal-politika***

34. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kummissjoni tar-rakkomandazzjoni tal-Parlament dwar il-pubblikazzjoni ta' informazzjoni li tikkonċerna l-implimentazzjoni, sabiex b'hekk tiġi indirizzata l-problema ta' 'regolamentazzjoni żejda' (gold-plating); ifakkar lill-Kummissjoni u lill-Kunsill li sabiex jiġi żgurat li l-programmi eżistenti u futuri biex inaqqsu l-piżijiet ikunu ta' suċċess, hemm bżonn ta' kooperazzjoni attiva bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, sabiex jiġu evitati diskrepanzi fl-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri jkomplu jnaqqsu l-piż amministrattiv tagħhom b'25 % oħra sal-2015;

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

35. Iqis il-proposti biex 'issemmi u tiddenunzja' l-istituzzjonijiet Ewropej li jitbiegħdu mill-idea tas-semplifikazzjoni bħala proposti b'intenzjoni tajba; jemmen, madankollu, li impenn aktar kostruttiv fil-proċess preleġiżlattiv mal-partijiet interessati rilevanti u l-istituzzjonijiet, flimkien mal-konformità mal-impenji ġenerali tas-simplifikazzjoni u l-aġenda dwar ir-regolamentazzjoni intelliġenti, jagħmlu din il-pubb-liċità mhux neċessarja; jissuġġerixxi, madankollu, li dawk l-Istati Membri li jwettqu l-aktar 'regolamentazz-joni żejda' (gold-plating) tad-direttivi għandhom jissemmew, flimkien ma' dawk li huma l-aktar ħatja fil-kuntest tat-traspożizzjoni magħmula tard, impreċiża jew inkompleta tal-liġijiet tal-UE;

36. Ifakkar fid-dikjarazzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-ħtieġa għal reviżjoni komprensiva tal-proċess ta' konsultazzjoni li sar mill-Kummissjoni, u jistenna bil-ħerqa li l-Kummissjoni tadotta r-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament f'dan il-qasam qabel it-tmiem tal-2012;

***L-iżgurar tal-kontinwità u l-viġilanza***

37. Jenfasizza l-importanza ta' dawn il-miżuri bħala element ewlieni għal tkabbir ekonomiku mġedded fl-UE; ifakkar, f'dan ir-rigward, ir-riżoluzzjoni tiegħu dwar ir-regolamentazzjoni intelliġenti, u jistieden lill-Kummissjoni sabiex tressaq proposti li jimplimentaw kompensazzjoni regolatorja, li tkun teħtieġ li jiġu identifikati kompensazzjonijiet ekwivalenti għall-ispejjeż, qabel ma leġiżlazzjoni ġdida tintroduċi l-impożizz-joni ta' spejjeż ġodda; ifakkar, barra minn hekk, fil-pożizzjoni tiegħu favur l-estensjoni u l-espansjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Programm ta' Tnaqqis tal-Piżijiet Amministrattivi, u jħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tintroduċi, fil-Programm ta' Ħidma 2013, programm li jindirizza l-ħtieġa li jitnaqqas il-piż regolatorju ġenerali;

*

* *

38. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

## Strateġija għar-Reġjun tal-Atlantiku fil-qafas tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE

P7_TA(2012)0341

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar l-istrateġija għar-reġjun tal-Atlantiku fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni (2011/2310(INI))**

(2013/C 353 E/15)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu 'Niżviluppaw Strateġija Marittima għaż-Żona tal-Oċean Atlantiku' (COM(2011)0782),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill fl-14 ta' Ġunju 2010 dwar l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żona tal-Oċean Atlantiku,

— wara li kkunsidra l-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għar-reġjun tal-Baħar Baltiku u l-istrateġija għar-reġjun tad-Danubju,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-9 ta' Marzu 2011 dwar l-istrateġija tal-UE għar-reġjun tal-Atlantiku [1],

[1] ĠU C 199 E, 7.7.2012, p. 95.

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Niżviluppaw Strateġija Marittima għaż-Żona tal-Oċean Atlantiku" (ECO/306),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-komunikazzjoni mill-Kummissjoni bit-titolu "Niżviluppaw Strateġija Marittima għaż-Żona tal-Oċean Atlantiku",

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2011 dwar l-Objettiv 3: l-aġenda futura tal-koperazzjoni transkonfinali, transnazzjonali u interreġjonali ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 48 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0222/2012),

A. billi ż-żona Atlantika għandha għadd ta' karatteristiċi li jiddefinixxuha li jeħtieġu tweġibiet politiċi fuq skala Ewropea:

— hija żona marittima dinamika;

— hija żona b'ambjent marittimu fraġli;

— hija żona li tikkostitwixxi l-aċċess min-naħa tal-Punent tal-UE;

— hija żona periferika fi ħdan l-UE;

B. billi l-kriżi Ewropea ggravat is-sitwazzjoni u l-parti l-kbira mit-territorju rilevanti tal-ispazju tal-Atlantiku raw il-livell ta' żvilupp tagħhom jitbaxxa;

C. billi ż-żona tal-Atlantiku hija magħmula minn ġabra ta' territorji relattivament eteroġenji, parti kbira minnhom għadhom ma laħqux il-livell medju ta' introjtu tal-UE, u għalhekk jibqgħu taħt l-objettiv ta' konverġenza għall-finijiet tal-politika ta' koeżjoni Ewropea;

D. billi l-istrateġija makroreġjonali hija essenzjali biex tingħata ħajja mill-ġdid liż-żona Atlantika billi jiġi offrut approċċ komuni, għall-iskopijiet li:

— jiġu indirizzati l-isfidi komuni u jiġu riżolti l-problemi li jaħabbtu magħhom il-pajjiżi u r-reġjuni tal-Atlantiku;

— jiġu promossi s-sinerġji fost l-istrumenti differenti u l-livelli differenti ta' azzjoni involuti fil-politiki ta' ppjanar territorjali;

— jiġu involuti l-partijiet interessati (is-settur privat, l-awtoritajiet pubbliċi reġjonali u lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili) fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politiki ta' ppjanar territorjali;

E. billi l-istrateġija għandha tkopri r-reġjuni Atlantiċi kollha tal-UE, inklużi ż-żoni ta' mal-kosta tal-Kanal Ingliż u tal-Baħar Irlandiż, ir-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej, u għandha tikkunsidra l-interazzjonijiet bejn ir-reġjuni tal-Atlantiku u r-reġjuni tal-Baħar tat-Tramuntana;

F. billi għandna niżguraw żvilupp sostenibbi f'termini ta' ambjent, soċjetà u ekonomija għat-territorji msemmija;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2011)0285.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

***Politika ta' ppjanar territorja għall-Atlantiku***

1. Jixtieq li l-istrateġija tadotta approċċ usa' billi tistabbilixxi viżjoni strateġika miftiehma għall-iżvilupp futur taż-żona Atlantika, billi tinkorpora d-dimensjoni territorjali, tiżviluppa l-konnessjonijiet bejn l-art u l-baħar u tistabbilixxi qafas li jippermetti ġestjoni aħjar tal-politika tal-ippjanar marittimu u territorjali fir-reġjuni tal-Atlantiku;

2. Jitlob li l-lezzjonijiet prezzjużi li tgħallimna mill-iżvilupp ta' strateġiji makroreġjonali u strateġiji oħra transnazzjonali eżistenti jiġu integrati bis-sħiħ fil-proċess tal-istrateġija tal-Atlantiku, partikolarment għal dak li jikkonċerna l-governanza, l-iżvilupp tal-politiki, il-komunikazzjoni u s-sjieda, il-objettivi u l-evalwazzjoni;

3. Jemmen li l-politika ta' koeżjoni hija strument fundamentali biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-politika territorjali tal-UE u tingħata spinta biex jitħeġġeġ l-iżvilupp endoġeniku fir-reġjuni fi ħdan il-makroreġjun;

4. Jappella biex l-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni tagħha tpoġġi enfasi qawwija fuq l-impjiegi, it-tkabbir u l-investimenti fir-reġjuni, kemm marittimi kif ukoll fiż-żoni interni;

5. Jitlob il-ħolqien ta' struttura permanenti ta' ppjanar marittimu u territorjali tal-Atlantiku, magħmula mir-reġjuni u mill-Istati Membri kkonċernati u l-Kummissjoni, li l-iskopijiet tagħha jkunu li tikkoordina l-istrateġija stabbilita u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni skont loġika intersettorjali u transnazzjonali;

6. Iqis li l-ġestjoni integrata tad-data dwar il-baħar u d-data marittima fil-livell tal-UE hija essenzjali biex jiġu sfruttati l-opportunitajiet marittimi; jitlob lill-Kummissjoni tkompli bl-isforzi tagħha biex ittejjeb il-ġestjoni u l-aċċessibilità tad-data;

7. Iqis li hemm bżonn ta' azzjoni qawwija sabiex jiġu mħarsa l-bilanċ ambjentali u l-bijodiversità u biex titnaqqas il-marka tal-karbonju fl-Atlantiku;

8. Iqis li l-attivitajiet tas-sajd fil-baħar, partikolarment dak artiġjanali u mal-kosta, tal-akkwakultura jridu jiżvolġu rwol ċentrali fil-politiki għall-ġestjoni tat-territorji marittimi, billi jikkontribwixxu b'mod deċiżiv favur tkabbir ekonomiku vigoruż, il-ħolqien tal-ġid u ta' impjiegi; huwa tal-fehma li r-reġjonalizzazzjoni tal-politika komuni tas-sajd għandha tissarraf f'ġestjoni ekosistemika adattata għall-eżiġenzi tal-ispazju tal-Atlantiku, u jitlob f'dan is-sens lill-Kummissjoni tinvolvi lill-Kumitati Konsultattivi Reġjonali (RACs) f'kon-sultazzjonijiet minn qabel fil-qafas tal-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd u l-pjanijiet ta' ġestjoni;

9. Jitlob it-twaqqif ta' sħubiji lokali, reġjonali u transkonfinali bil-għan li jtejbu l-kapaċitajiet ta' preven-zjoni u ta' ġestjoni tar-riskji fl-Atlantiku f'każijiet ta' xi inċidenti fuq il-baħar jew fuq l-art, ta' katastrofi naturali jew ta' attivitajiet kriminali (piraterija, traffikar, sajd illegali, eċċ.), kif ukoll għall-ħolqien ta' mekka-niżmi suffiċjenti u flessibbli ta' kumpens u indennizz għad-danni kkawżati; jitlob il-ħolqien ta' korp ta' gwardji tal-kosti Ewropej;

10. Jitlob it-titjib fis-sistemi eżistenti tal-monitoraġġ tal-bastimenti, l-applikazzjoni immedjata tal-kompe-tenzi msaħħin tal-EMSA u l-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kondiviżjoni tad-data bejn l-awtoritajiet kompetenti, sabiex jippermettu l-identifikazzjoni u t-traċċar ta' bastimenti u jiġġieldu t-theddid bħall-kriminalità tran-skonfinali, il-kuntrabandu, is-sajd illegali u t-traffikar; jenfasizza l-importanza li jiġu promossi l-użu u l-implimentazzjoni tal-programmi Ewropej għan-navigazzjoni bis-satellita (EGNOS u Galileo), sabiex jiġu koperti sistemi ta' appoġġ għat-tiftix u s-salvataġġ fl-Atlantiku; ifakkar fil-ħtieġa li jkun żgurat finanzjament kontinwu mill-Unjoni għall-programm ta' Monitoraġġ Globali għall-Ambjent u s-Sigurtà (GMES) li jikkon-tribwixxi b'mod partikolari għall-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji marittimi;

11. Iqis li d-dimensjoni territorjali tal-istrateġija hija essenzjali għall-iskopijiet li r-reġjuni tal-Atlantiku jsiru aktar aċċessibbli, u li għandha tikkonċentra fuq il-konnessjoni taż-żona Atlantika mal-kontinent Ewropew, l-interkonnessjoni tan-netwerks tat-trasport, tal-enerġija u tal-informazzjoni, l-iżvilupp taż-żoni rurali u urbani tat-territorju intern kif ukoll it-titjib tar-rabtiet bejn l-art u l-baħar, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi u insulari;

12. Huwa tal-opinjoni li l-awtostradi tal-baħar jippermettu l-aċċess għar-reġjuni tal-Atlantiku, it-tisħiħ fl-iskambji kummerċjali, li tingħata spinta l-attività ekonomika tal-portijiet, id-dinamizzazzjoni tat-turiżmu u t-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$; iqis li huwa importanti li, fl-azzjonijiet għat-tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$, jitqies il-kummerċ marittimu fl-Atlantiku u l-partikolaritjiet tar-reġjuni ultraperiferiċi, fejn it-trasport marittimu tal-merkanzija u tal-persuni huwa essenzjali biex tiġi żgurata koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika; jitlob li dawn ikunu eliġibbli għal appoġġ tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa;

13. Iħeġġeġ, għall-finijiet tas-sostenibilità tal-awtostradi tal-baħar u f'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020, li jiġu stabbiliti rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar il-bastimenti, bil-għan li tiġi promossa l-inkorporazzjoni ta' sistemi ta' propulsjoni b'emissjonijiet baxxi ta' karbonju, u l-użu ta' kriterji tal-kostruzzjoni eżiġenti f'termini ta' effiċjenza, kumdità, kapaċità, sikurezza, lokalizzazzjoni u telekomunikazzjonijiet; jenfasizza li dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jikkonċentraw fuq iż-żieda fl-effiċjenza ta' dan il-mod ta' trasport, il-garanzija ta' preservazzjoni tal-ambjent u l-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni tiegħu man-netwerks u l-modi ta' trasport l-oħrajn;

14. Iqis essenzjali li jkun hemm titjib fil-kollegamenti bejn ir-reġjuni tal-Atlantiku mal-bqija tal-Ewropa permezz tal-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport skont loġika multimodali;

15. Jenfasizza l-bżonn ta' koordinament u ta' kooperazzjoni transkonfinali effikaċi għall-bini u l-użu tal-infrastrutturi stradali u ferrovjarji, inklużi l-linji ferrovjarji b'veloċità għolja, l-ajruporti, il-portijiet marittimi, il-portijiet tan-navigazzjoni interna, it-terminals fiż-żoni interni u l-loġistika biex tiġi żviluppata sistema tat-trasport aktar sostenibbli u multimodali;

16. Jinsisti fuq l-importanza ekonomika u territorjali tal-portijiet u huwa tal-opinjoni li l-eżistenza ta' kollegamenti permezz tal-ferrovija u tax-xmajjar maż-żoni interni tagħhom hija kundizzjoni fundamentali tal-kompetittività tagħhom;

17. Jiddispjaċih mill-assenza ta' kuritur tat-trasport li jkopri l-ispazju kollu tal-Atlantiku fil-proposti tal-Kummissjoni marbuta man-netwerk ċentrali tan-netwerks trans-Ewropej tat-trasport u jiddispjaċih li ftit huma l-portijiet fl-Atlantiku li ġew proposti f'dan in-netwerk ċentrali; iqis neċessarju li aktar portijiet tal-Atlantiku jiġu inklużi bħala hub u għandu l-intenzjoni li jagħmel proposti f'dan is-sens;

18. Ifakkar fil-benefiċċji li rriżultaw mill-ftuħ tal-Ajru Uniku Ewropew, għar-rinfurzar tal-koeżjoni territorjali permezz tal-multiplikazzjoni tal-iskambji bejn l-ajruporti reġjonali fl-Unjoni, u għalhekk jistieden lill-Kummissjoni taċċerta ruħha li l-blokok funzjonali tal-ispazju tal-ajru jitlestew saż-żminijiet stabbiliti biex jintlaħaq dan l-għan;

***Politika industrijali għall-Atlantiku***

19. Jittama li l-istrateġija se ssostni l-kompetittività tas-setturi ekonomiċi dinamiċi fir-reġjuni Atlantiċi, permezz ta' politika industrijali xierqa; jemmen, f'dan ir-rigward, li l-investiment tas-settur privat għandu jiġi sostnut mill-awtoritajiet pubbliċi fl-oqsma tar-riċerka u żvilupp, l-innovazzjoni, l-iżvilupp tar-raggruppamenti (clusters) u s-sostenn għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju;

20. Jitlob li tingħata attenzjoni partikolari lir-reġjuni milquta mir-ristrutturar tal-impriżi u s-setturi tagħhom, kif ukoll l-għeluq jew ir-rilokalizzazzjoni tal-impriżi, bl-għan tal-promozzjoni tar-reindustrijalizzazzjoni tagħhom permezz tal-ġenerazzjoni ta' sinerġiji bejn l-attività fil-port, il-loġistika u l-iżvilupp ta' industriji anċillari b'valur miżjud akbar; jitlob ukoll li jinħoloq mekkaniżmu għall-iskambju ta' prattiki industrijali li għamlu suċċess fost ir-reġjuni tal-Ark Atlantiku;

21. Iqis li l-istrateġija għandha tinkoraġġixxi r-riċerka marina u marittima u tiffaċilita l-aċċess tal-impriżi għar-riżultati ta' tali riċerka sabiex ittejjeb l-għarfien xjentifiku fil-qasam tal-baħar, tinkoraġġixxi l-innovazzjoni tal-industriji marittimi u tippermetti sfruttament sostenibbli tar-riżorsi marini;

22. Huwa tal-fehma li l-istrateġija għandha tinkludi dimensjoni soċjali u ambizzjuża sabiex tiffavorixxi t-taħriġ u l-aċċess għaż-żgħażagħ għall-professjonijiet marittimi, permezz tal-konsolidament tal-istrutturi tal-impjieg attwalment marbuta mal-baħar u r-rwol tagħhom biex jippermettu lill-popolazzjoni tibqa' fiż-żoni mal-kosta, u anki biex jinħolqu speċjalizzazzjonijiet ġodda li jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp sostenibbli tar-reġjuni tas-sajd u t-titjib tal-kwalità ta' ħajja f'dawn iż-żoni;

23. Jenfasizza li l-enerġiji marittimi rinnovabbli huma settur industrijali tal-ġejjieni li jista' jiġġieled it-tibdil fil-klima u d-dipendenza enerġetika tal-UE, jikseb sostenibbiltà enerġetika akbar fi ħdan ir-reġjuni Atlantiċi, u jilħaq l-objettivi tal-istrateġija Ewropa 2020; josserva li ż-żona Atlantika hija partikolarment adatta għall-promozzjoni ta' tali enerġiji, u jqis li hemm bżonn ta' appoġġ pubbliku biex jakkumpanja l-investiment privat fit-teknoloġiji kkonċernati, speċjalment l-enerġija mir-riħ u l-enerġija magħmula mill-mewġ u mill-marea offshore;

24. Jenfasizza l-importanza strateġika tat-trasport marittimu tul il-kosta Atlantika u tal-kollegamenti bejn ir-reġjuni ultraperiferiċi u t-territorji kontinentali l-oħra; jitlob lill-Kummissjoni tipproponi miżuri għas-semplifikazzjoni tal-burokrazija żejda fil-portijiet, mingħajr ma tintilef il-kapaċità ta' kontroll u ta' verifika tar-regolarità tal-operazzjonijiet u l-merkanzija;

25. Ifakkar fil-piż ekonomiku tal-industriji marittimi fir-reġjuni tal-Atlantiku, b'mod partikolari l-inġinerija navali, li għaddejja minn sitwazzjoni estremament diffiċli f'ċerti reġjuni tal-Atlantiku, u li għaliha l-Kummissjoni għandha tiffaċilita s-soluzzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni terġa' tniedi l-inizjattiva LeaderSHIP 2012 sabiex issaħħaħ il-kompettitività f'dan is-settur fil-kuntest tal-kompetizzjoni internazzjonali;

26. Jinsisti fuq l-importanza tal-attivitajiet marbuta mal-baħar u mas-sajd u l-akkwakultura fir-reġjuni tal-Atlantiku u huwa favur appoġġ pubbliku għat-tiġdid u l-modernizzazzjoni tal-bastimenti tas-sajd, kif ukoll differenzjazzjoni speċifika bejn il-karatteristiċi u l-potenzjal tas-sajd artiġjanali mal-kosta u s-sajd għall-frott tal-baħar;

27. Jenfasizza l-importanza tal-promozzjoni ta' forom sostenibbli ta' turiżmu f'livell soċjali, ekonomiku u ambjentali u jistgħu jikkostitwixxu għajn konsiderevoli ta' valur miżjud għar-reġjuni Atlantiċi filwaqt li jipproteġu l-ekosistemi u l-bijodiversità tagħhom; jissottolinja t-turiżmu nawtiku li għandu jwassal għal żvilupp tal-attivitajiet sportivi u biex jagħti spinta lit-turiżmu tal-kruċieri;

28. Jenfasizza l-ġid ta' qiegħ il-baħar fl-Oċean Atlantiku u jqis li l-istrateġija għandha tiffaċilita l-esplorazzjoni u l-isfruttament b'mod sostenibbli;

***Pjan ta' azzjoni għall-2014-2020***

29. Jitlob li l-istrateġija tippreżenta dimensjoni esterna bil-għan li tippermetti li ċerti objettivi jiġu avvanzati u li jiġu attirati l-investimenti internazzjonali, sabiex jiġu sfruttati l-possibilitajiet offruti, u jissuġġerixxi li l-promozzjoni taż-żona Atlantika bħala post ta' investiment, tat-turiżmu u fejn isir in-negozju tird tkun element fundamentali tal-Pjan ta' Azzjoni;

30. Jitlob lill-Kummissjoni toħloq il-makroreġjun Atlantiku u tipproponi pjan ta' azzjoni sabiex timplimenta l-istrateġija fil-perjodu 2014-2020;

31. Jappella għal approċċ ta' governanza f'diversi livelli għat-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni u r-rieżami tal-pjan ta' azzjoni, billi tiġi żgurata parteċipazzjoni mill-qrib tal-awtoritajiet pubbliċi reġjonali u lokali, tal-partijiet interessati tas-settur privat u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;

32. Jenfasizza li l-pjan ta' azzjoni se juża l-finanzjamenti Ewropej eżistenti, mingħajr ma joħloq strumenti baġitarji ġodda;

33. Jipproponi li l-pjan ta' azzjoni jintrabat mal-politika reġjonali tal-UE, mal-politika marittima integrata tal-Unjoni, mal-politika ta' riċerka u innovazzjoni (Orizzont 2020) u mal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa; huwa tal-opinjoni li huwa fundamentali li jinħolqu sinerġiji ma' politiki Ewropej oħrajn fil-qasam tar-riċerka u tal-innovazzjoni, tat-trasport, tal-ambjent, tal-enerġija, tat-teknoloġija, tat-turiżmu, tas-sajd u tal-akkwakultura u tal-kooperazzjoni internazzjonali;

34. Jenfasizza l-potenzjal importanti li għandhom il-Bank Ewropew tal-Investiment, il-bonds għall-finanzjament ta' proġetti ("project bonds") u s-sħubiji pubbliċi/privati għall-finanzjament tal-investimenti meħtieġa fl-ambitu tal-istrateġija;

35. Jinsisti sabiex l-istrateġija tal-Atlantiku futura trid tkun ibbażata fuq il-pilastri tematiċi tal-istrateġija Ewropa 2020, billi dan jippermetti li l-kontenut tematiku jiġi integrat iktar fil-fond fil-politiki settorjali; huwa tal-fehma, f'dan is-sens, li l-objettivi u l-konċentrazzjoni tematika proposti għall-ħames fondi inklużi fil-qafas strateġiku komuni għall-politika ta' koeżjoni Ewropea għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss għandhom isawru l-qafas tal-pjan ta' azzjoni; jinsisti fuq l-objettivi ta' "tisħiħ tar-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni", "it-tisħiħ tal-kompetittività tal-SMEs", "l-appoġġ tat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju" u "il-promozzjoni ta' trasport sostenibbli u u t-tneħħija ta' konġestjonijiet f'netwerks infrastrutturali kruċjali";

36. Jappella li l-kuntratti ta' sħubija u l-programmi operattivi jkunu orjentati b'mod vinkolanti lejn il-prijoritajiet korrispondenti tal-istrateġiji makroreġjonali li fihom jipparteċipaw, bil-għan li jiġi garantit li l-miżuri fl-ambitu tal-programmi operattivi u l-prijoritajiet tal-istrateġiji makroreġjonali jkunu allinjati mill-qrib, bil-konsegwenza li l-Fondi Strutturali jintużaw b'mod ferm aktar effiċjenti u jinħoloq valur miżjud f'livell reġjonali; jindika li dan l-orjentament vinkolanti jrid ikopri mhux biss il-programmi operattivi li jidħlu fl-ambitu tal-objettiv ta' kooperazzjoni territorjali tal-politika ta' koeżjoni (INTERREG), iżda wkoll il-programmi operattivi għal kull reġjun fiż-żona Atlantika;

37. Isostni r-rikonoxximent u l-inkorporazzjoni tal-istrateġiji, proġetti u esperjenzi preeżistenti ta' kooperazzjoni territorjali, li jistgħu joffru linji ta' azzjoni u prijoritajiet politiċi u operattivi lill-pjan ta' azzjoni; jappella biex jitqies kif xieraq il-pjan ta' azzjoni matul it-tfassil u l-implimentazzjoni tal-programmi futuri ta' kooperazzjoni territorjali kkonċernati mill-istrateġija; iqis, barra minn hekk, li l-aspett transkonfinali tal-objettiv ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea għandha tikkostitwixxi appoġġ tekniku fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni, partikolarment billi jiġu ffaċilitati l-iskambji ta' prattiki tajba u n-networking;

38. Iqis li l-programmi operattivi b'bosta reġjuni u fondi kif ukoll l-investimenti territorjali integrati (ITI) huma strumenti partikolarment rilevanti biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni;

39. Jipproponi li r-rapporti annwali ta' implimentazzjoni għall-programmi rilevanti għandhom jinkludu valutazzjoni dwar kif il-programmi qed jikkontribwixxu għall-objettivi tal-istrateġija tal-Atlantiku u l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni;

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

40. Jissottolinja li l-potenzjal li fihom ir-reġjuni ultraperiferiċi f'dak li huwa laboratorju naturali għar-realizzazzjoni ta' attivitajiet ta' riċerka u ta' żvilupp fil-qasam tal-enerġiji rinnovabbli u l-ekonomija tal-baħar; jenfasizza l-importanza li għandu s-settur tat-turiżmu għal dawn ir-reġjuni u l-possibilitajiet li jeżistu biex jinħolqu pjattaformi loġistiċi li jiffaċilitaw it-trasport ta' merkanzija bejn l-Ewropa u l-ekonomiji mondjali l-oħra;

41. Jistieden lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jfittxu sinerġiji bejn il-politiki u l-prijoritajiet tagħhom tal-pjan ta' azzjoni;

42. Ifakkar li l-parteċipazzjoni tal-fondi Ewropej suġġetti għal ġestjoni diretta jew kondiviża fl-istrateġija tipprevedi l-bżonn ta' definizzjoni ta' sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll adatta, u għalhekk jitlob il-ħolqien ta' pjattaforma ta' ġestjoni tal-pjan ta' azzjoni li toffri modulu ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni għall-benefiċjarji u tiffavorixxi l-koordinament bejn id-diversi awtoritajiet responsabbli mill-ġestjoni tal-fondi;

43. Jirrakkomanda li, fil-qafas tal-Istrateġija għall-Atlantiku, l-ewwel jintlaħaq qbil dwar viżjoni strateġika għaż-żona tal-Atlantiku, li sservi bħala referenza għall-pjan ta' azzjoni 2014-2020; jipproponi li dan il-pjan ta' azzjoni jimpenja ruħu li jirrealizza dan li ġej:

— jistabbilixxi l-prijoritajiet u l-miżuri essenzjali u jidentifika l-proġetti emblematiċi;

— jiddefinixxi b'mod ċar ir-rwoli u l-kompetenzi tal-partijiet kollha involuti fil-politka u fl-implimentazzjoni;

— jiddetermina l-objettivi fundamentali u serje ta' indikaturi sabiex titkejjel l-implimentazzjoni;

— jintlaħaq qbil dwar proċedura ta' valutazzjoni u ta' eżami intermedju tar-riżultati; kif ukoll

— jidentifika r-riżorsi neċessarji għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni.

44. Ifakkar li għall-2012 u l-2013 ġie stabbilit forum tal-Atlantiku, fil-forma ta' azzjoni preparatorja proposta mill-Parlament, sabiex l-atturi kollha kkonċernati jiġu involuti fit-tfassil tal-pjan ta' azzjoni; jissottolinja li l-Parlament, bħala l-fattur li ħa l-inizjattiva għal dan il-forum, għandu r-rwol ta' mexxej;

45. Jipproponi li l-pjan ta' azzjoni jiġi adottat mill-Forum tal-Atlantiku, u jistieden lill-Presidenza Irlandiża li jmiss tagħti prijorità lill-adozzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni min-naħa tal-Kunsill Ewropew matul il-mandat tagħha, billi tenfasizza l-implimentazzjoni, proċedura kredibbli ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni kontinwa u tipprevedi rieżami intermedju;

46. Jistieden lill-Kummissjoni tistudja l-possibilità li tistabbilixxi strateġiji makroreġjonali simili f'reġjuni oħra fejn dan iwassal għal tkabbir ekonomiku sostenibbli u dejjiemi;

*

* *

47. Jitlob lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill kif ukoll lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

## Is-sitwazzjoni fis-Sirja

P7_TA(2012)0351

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar is-Sirja (2012/2788(RSP))**

(2013/C 353 E/16)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-Sirja,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin dwar is-Sirja tat-23 ta' Lulju, il-25 ta' Ġunju, l-14 ta' Mejju, it-23 ta' April u t-23 ta' Marzu 2012; wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew dwar is-Sirja tad-29 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Viċi President tal-Kummissjoni/tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar is-Sirja tal-15 ta' Marzu, l-14 u s-27 ta' April, is-27 ta' Mejju, it-3 u t-18 ta' Ġunju, is-6, it-8 u l-20 ta' Lulju, it-3, l-4, it-8 u t-18 ta' Awwissu, u l-5 ta' Settembru 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjonijiet tal-Kummissarju responsabbli għall-Kooperazzjoni Internazzjonali, l-Għajnuna Umanitarja u r-Rispons f'Każ ta' Kriżi dwar is-Sirja tas-17 u l-31 ta' Lulju u d-29 ta' Awwissu 2012,

— wara li kkunsidra ż-żjara ta' tlett ijiem lis-Sirja tal-President tal-Kumitat Internazzjonali tas-Salib l-Aħmar mill-4 sas-6 ta' Settembru 2012,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni meħuda fis-17 ta' Awwissu 2012 mis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti Ban Ki-moon u mis-Segretarju Ġenerali tal-Lega tal-Istati Għarab Nabil El Araby biex Lakhdar Brahimi jinħatar bħala r-Rappreżentant Speċjali Konġunt il-ġdid għas-Sirja,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 509/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u d-deċiżjonijiet sussegwenti tal-Kunsill li jinfurzaw dawn il-miżuri,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni 66/253 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU tat-3 ta' Awwissu 2012 dwar is-sitwazzjoni fir-Repubblika Għarbija Sirjana,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet 19/1 tal-1 ta' Marzu 2012, S-19/1 tal-1 ta' Ġunju 2012 u 20/L.22 tas-6 ta' Lulju 2012 tal-Kunsill tan-NU tad-Drittijiet tal-Bniedem dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fis-Sirja,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta tan-NU dwar is-Sirja tal-15 ta' Awwissu 2012,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni meħuda mill-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika (OIC) fit-13 ta' Awwissu 2012 biex is-sħubija tas-Sirja tiġi sospiża,

— wara li kkunsidra l-Patt Nazzjonali u l-Viżjoni Politika Komuni għat-Tranżizzjoni fis-Sirja maħruġa wara l-konferenza tal-oppożizzjoni Sirjana li saret taħt il-patroċinju tal-Lega tal-Istati Għarab fil-Kajr fit-2 u t-3 ta' Lulju 2012,

— wara li kkunsidra l-eżitu tal-laqgħa tal-Grupp ta' Azzjoni f'Ġinevra tat-30 ta' Ġunju 2012,

**Il-Ħamis 13 ta’ Settembru 2012**

— wara li kkunsidra l-Pjan Annan u r-riżoluzzjonijiet 2042, 2043 u 2059 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti,

— wara li kkunsudra l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-"Proġett tal-Organizzazzjoni 'The Day After': Appoġġ għal Tranżizzjoni Demokratika fis-Sirja", ippubblikat f’Awwissu 2012,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni Kontra t-Tortura u Trattament jew Pieni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra, il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal u l-Protokoll Fakultattiv tagħha dwar l-Involviment tat-Tfal f’Kunflitti Armati, u l-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Kastig tad-Delitt ta’ Ġenoċidju, li s-Sirja hija firmatarja tagħhom,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

A. billi, skont in-NU, mill-bidu tat-trażżin vjolenti ta’ dimostranti paċifiċi fis-Sirja f’Marzu 2011, inqatlu kważi 20 000 ruħ li l-biċċa l-kbira tagħhom kienu ċivili; billi l-vjolenza qawwija, bħall-użu tal-artillerija ta’ kalibru kbir u l-bumbardamenti fuq żoni popolati, u l-qtil orribbli mill-armata Sirjana, il-forzi tas-sigurtà u l-ġellieda Shabiha, kif ukoll minn diversi forzi tal-oppożizzjoni, żdiedu kontinwament; billi twettqu diversi massakri u qtil immirat tal-massa ("point blank") ta’ rġiel, nisa u tfal; billi l-użu tat-tortura, l-arresti tal-massa u l-qerda mifruxa ta’ żoni popolati eskalaw drammatikament fix-xhur li għaddew; billi bliet madwar is-Sirja kollha qed jinżammu taħt assedju u qed jiġu bbumbardjati, inter alia permezz ta’ elikotteri u ġettijiet tal-ġlied, minn forzi mmexxija mill-Gvern; billi minħabba ż-żieda fil-militarizzazzjoni tal-kunflitt, is-sitwazzjoni riesqa lejn gwerra ċivili;

B. billi l-militarizzazzjoni ulterjuri tas-sitwazzjoni fis-Sirja jkollha impatt serju fuq il-popolazzjoni ċivili tagħha, li diġà qed taffaċċja sitwazzjoni umanitarja li qed tiddeterjora rapidament, u tkompli taffettwa wkoll ir-reġjun usa’, b’mod partikolari l-Ġordan u l-Libanu, f’termini ta’ sigurtà u stabbiltà, b’implikazzjonijiet u konsegwenzi imprevedibbli;

C. billi, skont estimi tan-NU, madwar 5 000 ruħ inqatlu f’Awwissu b’riżultat tal-ġlied li għaddej, li jfisser li mietu aktar minn 20 000 ruħ mill-bidu tal-kunflitt; billi, minħabba l-intensifikazzjoni tal-vjolenza u l-kundizzjonijiet umanitarji u ta’ sigurtà prekarji fis-Sirja, il-pajjiżi tal-viċinat, speċjalment fl-aħħar ġimgħat, qed jaraw għadd li qed jiżdied b’mod sinifikanti ta’ ċittadini Sirjani li qed ifittxu refuġju, partikolarment fit-Turkija, il-Ġordan u l-Libanu; billi 235 000 refuġjat mis-Sirja ġew irreġistrati jew qed jistennew li jiġu rreġistrati mal-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Refuġjati; billi aktar min 75 % ta’ dawn ir-refuġjati huma nisa u tfal; billi għexieren ta’ eluf ta’ refuġjati mhumiex qed jirreġistraw; billi huwa maħsub li aktar minn 100 000 refuġjat ħarbu mis-Sirja mill-fruntieri tal-Ġordan, il-Libanu, l-Iraq u t-Turkija b’rata medja ta’ 500-2 000 kuljum matul Awwissu; billi, skont estimi tan-NU, aktar minn 1.2 miljun ruħ ġew spustati internament fis-Sirja u madwar 3 miljun ruħ huma fil-bżonn ta’ għajnuna umanitarja urġenti; billi r-reġim Sirjan qata’ deliberatament l-aċċess għall-ikel, l-ilma, id-dawl u l-provvisti mediċi għal komunitajiet sħaħ, bħal f’Homs u, aktar reċentement, f’Aleppo; billi t-Turkija talbet lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jikkunsidra l-istabbiliment ta’ żona sikura għaċ-ċivili mgħassa mill-pajjiżi tal-viċinat;

D. billi fit-2 ta’ Awwissu 2012 Kofi Annan ħabbar ir-riżenja tiegħu bħala l-Mibgħut Speċjali Konġunt NU-LAS għas-Sirja b’riżultat tal-intransiġenza tar-reġim Sirjan, iż-żieda fil-vjolenza armata u n-nuqqas ta’ Kunsill tas-Sigurtà mifrud li jingħaqad bil-qawwa favur l-isforzi tiegħu biex jiġi implimentat il-pjan ta’ sitt punti; billi l-ex Ministru għall-Affarijiet Barranin tal-Alġerija, Lakhdar Brahimi, inħatar reċentement bħala r-Rappreżentant Speċjali Konġunt il-ġdid għas-Sirja tan-NU u l-Lega tal-Istati Għarab;

E. billi r-reġim Sirjan tilef il-kredibbiltà u l-leġittimità kollha bħala rappreżentant tal-poplu Sirjan;

F. billi vetoes mir-Russja u ċ-Ċina waqqfu lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU milli jadotta riżoluzzjoni li tapprova l-eżitu tal-isforzi tal-Grupp ta' Azzjoni għas-Sirja u waqqfu l-introduzzjoni tal-miżuri proposti biex tiġi infurzata l-konformità mal-Pjan Annan ta' sitt punti skont l-Artikolu 41 tal-Karta tan-NU; billi sal-lum il-komunità internazzjonali ma rnexxilhiex tingħaqad u tagħti rispons xieraq għall-kriżi fis-Sirja;

G. billi l-President Bashar al-Assad u r-reġim awtoritarju tiegħu m'għandhomx post fil-futur tas-Sirja; billi l-President irid jirreżenja biex tiġi evitata kull eskalazzjoni ulterjuri tal-kriżi u biex tkun tista' sseħħ tranżizzjoni paċifika u demokratika fil-pajjiż; billi diversi ex mexxejja politiċi u militari tar-reġim kif ukoll ambaxxaturi ddiżertaw lejn pajjiżi tal-viċinat u lil hinn;

H. billi tinħtieġ alternattiva kredibbli għar-reġim; billi din l-alternattiva għandha tkun inklużiva u rappreżentattiva tad-diversità tas-soċjetà Sirjana u għandha tirrispetta bis-sħiħ il-valuri universali tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, b'attenzjoni speċjali għad-drittijiet tal-minoranzi etniċi, kulturali u reliġjużi u tan-nisa; billi l-istabbiliment ta' gvern proviżorju inklużiv u rappreżentattiv mill-forzi tal-oppożizzjoni jista' jikkontribwixxi għal din l-alternattiva;

I. billi l-UE imponiet sanzjonijiet immirati fuq is-Sirja f'diversi rawnds, u saħħet ukoll l-embargo fuq l-armi tagħha kontra s-Sirja; billi minkejja l-embargo tal-UE li huwa fis-seħħ fuq l-armamenti, il-munizzjon u tagħmir militari ieħor, kif ukoll projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' teknoloġiji ta' monitoraġġ, diversi inċidenti rrapportati li jinvolvu kunsinni ta' armi mill-ilmijiet tal-UE u dettalji żvelati ta' tranżazzjonijiet kummerċjali bejn kumpaniji tal-UE u diversi entitajiet, gruppi u persuni Sirjani, koperti bis-sanzjonijiet tal-UE, indikaw l-inkompetenza interna tal-UE li timplimenta d-deċiżjonijiet u r-regolamenti tagħha stess;

J. billi diversi atturi u stati esterni, jew direttament jew permezz ta' kanali reġjonali u pajjiżi tal-viċinat, għadhom jappoġġaw attivament il-partijiet kollha fil-kunflitt, b'appoġġ u għajnuna finanzjarji, operattivi, loġistiċi u tattiċi, inklużi l-forniment ta' armamenti, munizzjon u kull tip ta' tagħmir militari ieħor, l-għoti ta' għajnuna loġistika, l-għoti ta' għodda ta' komunikazzjoni u kull tip ta' għajnuna li tista' tintuża għal skopijiet militari, u dan jenfasizza n-natura panreġjonali tal-kunflitt; billi militarizzazzjoni ulterjuri tal-kunflitt tista' twassal biss għal tbatija akbar għall-poplu Sirjan u għar-reġjun kollu;

K. billi l-Kummissjoni, fis-7 ta' Settembru 2012, ħabbret li se jiġu mobilizzati EUR 50 miljun oħra bħala appoġġ għal persuni fi bżonn ta' tali għajnuna fis-Sirja u għal dawk li qed jaqsmu l-fruntieri; billi skont l-ECHO l-UE diġà pprovdiet EUR 142 miljun u l-għajnuna totali tal-UE, inkluża l-għajnuna mill-Istati Membri, tammonta għal madwar EUR 224 miljun;

L. billi r-rappreżentanti tal-oppożizzjoni Sirjana kellhom diversi laqgħat fix-xhur li għaddew bl-għan li jingħelbu d-diverġenzi interni u li jinħoloq front magħqud, u ħarġu 'Patt Nazzjonali' u 'Viżjoni Politika Komuni għat-Tranżizzjoni fis-Sirja', kif ukoll il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-"Proġett tal-Organizzazzjoni 'The Day After: Appoġġ għal Tranżizzjoni Demokratika fis-Sirja"; billi, minkejja l-isforzi kollha, għad hemm diviżjonijiet u tensjonijiet interni fi ħdan l-oppożizzjoni;

M. billi, fl-1 ta' Lulju 2012, il-Grupp ta' Azzjoni għas-Sirja, waqt il-laqgħa f'Ġinevra, qabel dwar prinċipji u linji gwida għal tranżizzjoni mmexxija mis-Sirjani li tinkludi l-istabbiliment ta' korp governattiv tranżitorju li jeżerċita setgħat eżekuttivi sħaħ;

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

1. Itenni l-kundanna qawwija tiegħu tal-użu dejjem jiżdied ta' vjolenza indiskriminata mir-reġim tal-President Assad kontra l-popolazzjoni ċivili Sirjana, b'mod partikolari l-qtil immirat ta' tfal u nisa u l-eżekuzzjonijiet tal-massa fl-irħula; jesprimi l-preokkupazzjoni kbira tiegħu dwar il-gravità tal-ksur tad-drittijiet tal-bniedem u d-delitti possibbli kontra l-umanità awtorizzati u/jew imwettqa mill-awtoritajiet Sirjani, l-armata Sirjana, il-forzi tas-sigurtà u l-milizji affiljati; jikkundanna l-eżekuzzjonijiet extraġudizzjarji sommarji u kull forma oħra ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa minn gruppi u forzi li jopponu r-reġim ta' Assad;

2. Ifaħħar l-isforzi tal-pajjiżi tal-viċinat biex jospitaw u jagħtu għajnuna umanitarja lir-refuġjati mis-Sirja u jitlob aktar appoġġ u għajnuna internazzjonali f'dan ir-rigward; jisħaq fuq l-importanza kruċjali li jinstab rispions sostenibbli għall-kriżi umanitarja kemm fis-Sirja kif ukoll fost ir-refuġjati mis-Sirja fil-pajjiżi tal-viċinat; iħeġġeġ lill-pajjiżi tal-viċinat jibqgħu jagħtu protezzjoni lir-refuġjati mis-Sirja u lill-persuni spustati u biex jieqfu, skont l-obbligi internazzjonali tagħhom, milli jkeċċu u jirritornaw lil dawn il-persuni fis-Sirja; jistieden lill-UE tieħu miżuri responsabbli xierqa rigward l-influss possibbli ta' refuġjati fl-Istati Membri tagħha; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' kooperazzjoni mas-Salib l-Aħmar; jilqa' l-fatt li l-UE lesta toffri appoġġ addizzjonali, inklużi riżorsi finanzjarji, biex tgħin il-pajjiżi tal-viċinat, inklużi t-Turkija, il-Libanu u l-Ġordan, biex jospitaw l-għadd dejjem jiżdied ta' refuġjati mis-Sirja, u jħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jżidu l-isforzi tagħhom biex isibu modi alternattivi biex tingħata għajnuna umanitarja lill-poplu tas-Sirja, minkejja l-ostakli u d-diffikultajiet kollha;

3. Jistieden lir-reġim Sirjan jippermetti l-għoti rapidu ta' għajnuna umanitarja u aċċess sħiħ lill-organizzazzjonijiet umanitarji u lill-midja internazzjonali għas-Sirja, u jiffaċilita l-implimentazzjoni ta' waqfiet umanitarji li jippermettu l-forniment sikur ta' għajnuna umanitarja; jerġa' jenfasizza li d-dritt umanitarju internazzjonali jrid jitħares bis-sħiħ minn dawk kollha involuti fil-kriżi; jenfasizza li l-kura medika qatt m'għandha tiġi mċaħħda lill-midruba u lil min ikun fil-bżonn ta' għajnuna, u jistieden lill-partijiet involuti kollha biex jipproteġu liċ-ċivili, jippermettu aċċess sħiħ u bla xkiel għall-ikel, l-ilma, id-dawl u ma jużawx forom ta' intimidazzjoni u vjolenza kontra l-pazjenti, it-tobba u min jagħti l-għajnuna;

4. Jagħti l-kondoljanzi tiegħu lill-familji tal-vittmi; itenni s-solidarjetà tiegħu mal-poplu Sirjan li qed jiġġieled għal-libertà, id-dinjità u d-demokrazija, u jfaħħar il-kuraġġ u d-determinazzjoni tagħhom, speċjalment fir-rigward tan-nisa;

5. Jistieden lill-atturi armati kollha jwaqqfu minnufih il-vjolenza fis-Sirja; jistieden lill-Gvern Sirjan jirtira l-armata Sirjana minn bliet assedjati bla dewmien, jeħles minnufih id-dimostranti detenuti kollha, il-priġunieri politiċi, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, il-bloggers u l-ġurnalisti;

6. Jiddeplora l-fatt li l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU naqas milli jaġixxi u ma laħaqx ftehim dwar riżoluzzjoni biex issir pressjoni aktar robusta u effikaċi sabiex tintemm il-vjolenza fis-Sirja; itenni l-istedina tiegħu lill-membri tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, b'mod partikolari lir-Russja u liċ-Ċina, biex jonoraw ir-responsabbiltà tagħhom biex jintemmu l-vjolenza u t-trażżin kontra l-poplu Sirjan, anke bl-appoġġ tal-konformità sfurzata mar-riżoluzzjonijiet 2042 u 2043 tal-KSNU; jibqa' jappoġġa l-isforzi tal-UE u l-Istati Membri tagħha f'dan ir-rigward; jistieden lill-VP/RGħ tagħmel ħilitha biex tiżgura l-adozzjoni ta' riżoluzzjoni tal-KSNU, li teżerċita pressjoni diplomatika effikaċi kemm fuq ir-Russja kif ukoll fuq iċ-Ċina;

7. Jenfasizza li l-UE għandha tkun lesta tadotta miżuri addizzjonali u tkompli tesplora fi ħdan il-KSNU l-possibilitajiet kollha fil-qafas tar-Responsabbiltà ta' Protezzjoni (RtoP), b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Uniti, it-Turkija u l-Lega tal-Istati Għarab sabiex il-poplu Sirjan jiġi megħjun u biex jitwaqqaf it-tixrid ta' demm;

8. Jappoġġa talbiet minn diversi gruppi tal-oppożizzjoni u mill-Gvern Tork biex jiġu stabbiliti postijiet ta' kenn mal-fruntiera tat-Turkija u s-Sirja, u possibilment fis-Sirja, kif ukoll biex jinħolqu kurituri umanitarji mill-komunità internazzjonali; jistieden lill-VP/RGħ tintensifika d-diskussjonijiet mat-Turkija, il-Lega Għarbija u l-oppożizzjoni Sirjana dwar l-istabbiliment ta' dawn il-postijiet ta' kenn għar-refuġjati Sirjani u biex dawk ippersegwitati mir-reġim ikunu jistgħu jsibu refuġju u protezzjoni;

9. Itenni l-appell tiegħu lill-President Assad u lir-reġim tiegħu biex jirriżenjaw immedjatament, biex tkun tista' sseħħ tranżizzjoni paċifika, inklużiva u demokratika mmexxija mis-Sirjani mill-aktar fis possibbli;

10. Jistieden lill-partijiet kollha jilħqu ftehim dwar waqfien mill-ġlied (lokali) mill-aktar fis possibbli, biex ikun jista' jseħħ waqfien mill-ġlied usa', innegozjat u sinifikanti;

11. Jesprimi l-preokkupazzjoni tiegħu dwar militarizzazzjoni ulterjuri tal-kunflitt u l-vjolenza settarja; jinnota r-rwol ta' atturi reġjonali differenti, inkluż il-forniment ta' armi, u huwa preokkupat dwar l-effetti sekondarji tal-kunflitt Sirjan fil-pajjiżi tal-viċinat; jistieden lill-Kunsill jikkunsidra l-adozzjoni ta' miżuri restrittivi addizzjonali kontra atturi u gruppi esterni involuti f'operazzjonijiet fuq l-art b'appoġġ attiv għar-reġim ta' Bashar al-Assad;

12. Jikkundanna l-intenzjoni ddikjarata tar-reġim Sirjan li juża l-armamenti kimiċi kontra "theddid terroristiku estern"; ifakkar lill-President Assad fl-obbligi tal-Gvern tiegħu skont il-Protokoll ta' Ġinevra dwar il-fatt li ma jintużawx armamenti kimiċi u jistieden lill-awtoritajiet Sirjani jonoraw rigorożament l-obbligi internazzjonali tagħhom;

13. Jappoġġa l-isforzi kontinwi tal-UE li żżid il-pressjoni fuq ir-reġim tal-President Assad permezz ta' miżuri restrittivi, jistieden lill-UE tikkunsidra t-twessigħ tal-ambitu tal-miżuri restrittivi tagħha għal entitajiet jew gruppi esterni li bla dubju jipprovdu jew jiffaċilitaw appoġġ finanzjarju u operattiv lill-awtoritajiet Sirjani;

14. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Konferenza tas-Summit Iżlamika tal-14-15 ta' Awwissu 2012 li tissospendi s-sħubija tar-Repubblika Għarbija Sirjana fl-Organizzazzjoni tal-Kooperazzjoni Iżlamika u l-entitajiet sussidajrji, kif ukoll l-istituzzjonijiet speċjalizzati u affiljati kollha tagħha;

15. Jilqa' l-isforzi li saru mir-rappreżentanti tal-oppożizzjoni Sirjana biex jinħoloq front magħqud ta' forzi tal-oppożizzjoni, kif ukoll il-'Patt Nazzjonali' u 'Viżjoni Politika Komuni għat-Tranżizzjoni fis-Sirja' li nħarġu reċentement, u l-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-"Proġett tal-Organizzazzjoni 'The Day After': Appoġġ għal Tranżizzjoni Demokratika fis-Sirja"; iħeġġeġ lill-oppożizzjoni Sirjana tibqa' għaddejja f'din it-triq bl-għan li tinħoloq alternattiva kredibbli għar-reġim u jħeġġeġ lill-VP/RGħ u lill-Istati Membri tal-UE jagħmlu kull sforz biex jgħaqqdu l-oppożizzjoni Sirjana; jilqa' l-appoġġ qawwi li wrew it-Turkija, il-Libanu u l-Ġordan għall-popolazzjoni Sirjana; iħeġġeġ lill-VP/RGħ tagħmel kull sforz biex tniedi diskussjonijiet mal-awtoritajiet tat-Turkija, il-Libanu u l-Ġordan, il-Lega Għarbija u l-oppożizzjoni Sirjana dwar it-tħejjija tat-tranżizzjoni paċifika għas-Sirja ta' wara Assad;

16. Itenni l-approvazzjoni qawwija tiegħu tat-talba tal-Kummissarju tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem biex is-sitwazzjoni fis-Sirja titressaq mill-KSNU quddiem il-QKI għal investigazzjoni formali; jimpenja ruħu bil-qawwa li jiżgura li dawk kollha responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem u għal ksur tad-dritt internazzjonali jiġu identifikati u jinżammu responsabbli; jappoġġa bil-qawwa l-ħidma tal-Kummissjoni Internazzjonali Indipendenti ta' Inkjesta dwar is-Sirja, li l-għan tagħha huwa li jiġi investigat il-ksur kollu tar-regoli internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u tad-dritt umanitarju internazzjonali mwettaq fil-pajjiż sabiex ikun żgurat li ssir ġustizzja ma' dawk responsabbli, u jistieden lill-Istati Membri tal-UE biex, matul il-21 sessjoni tal-UNHRC, jiżguraw li l-Kummissjoni tista' tkompli l-ħidma tagħha b'appoġġ xieraq jekk ikun meħtieġ;

17. Jitlob li ssir tranżizzjoni politika paċifika u ġenwina mmexxija mis-Sirjani lejn demokrazija li tissodisfa t-talbiet leġittimi tal-poplu Sirjan u tkun imsejsa fuq djalogu inklużiv li jinvolvi l-forzi u l-komponenti demokratiċi kollha fis-soċjetà Sirjana, bl-għan li jitnieda proċess ta’ riforma demokratika profonda, li tqis ukoll il-ħtieġa li tiġi żgurata rikonċiljazzjoni nazzjonali u li tkun impenjata favur l-iżgurar tar-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet tal-minoranzi inklużi l-minoranzi etniċi, reliġjużi, kulturali u oħrajn;

18. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta’ Sigurtà, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tat-Turkija, lill-Gvern u lill-Assemblea Konsultattiva tal-Istat tal-Qatar, lill-Gvern u lill-Kamra tad-Deputati tal-Istati Uniti tal-Amerika, lill-Gvern tar-Renju tal-Arabja Sawdija, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Renju Ħaxemita tal-Ġordan, lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika tal-Libanu, lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, lis-Segretarju Ġenerali tal-Lega tal-Istati Għarab u lill-Gvern u lill-Parlament tar-Repubblika Għarbija Sirjana.

---

## L-użu politiku tal-ġustizzja fir-Russja

P7_TA(2012)0352

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta’ Settembru 2012 dwar l-użu politiku tal-ġustizzja fir-Russja (2012/2789(RSP))**

(2013/C 353 E/17)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rapporti u riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja, b’mod partikolari r-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-15 ta’ Marzu 2012 dwar ir-riżultat tal-elezzjonijiet presidenzjali fir-Russja ([1]), tas-16 ta’ Frar 2012 dwar l-elezzjoni presidenzjali imminenti fir-Russja ([2]), tal-14 ta’ Diċembru 2011 dwar l-elezzjonijiet tad-Duma tal-Istat ([3]) u tas-7 ta’ Lulju 2011 dwar it-tħejjijiet għall-elezzjonijiet ta’ Diċembru tad-Duma tal-Istat Russu ([4]),

— wara li kkunsidra n-negozjati kontinwi għal ftehim ġdid li jipprovdi qafas komprensiv ġdid għar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja, kif ukoll is-"Sħubija għall-Modernizzazzjoni" mibdija fl-2010,

— wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali, li tgħid li kulħadd għandu jkun intitolat għal smigħ xieraq u pubbliku minn tribunal kompetenti, indipendenti u imparzjali stabbilit mil-liġi,

— wara li kkunsidra l-Kostituzzjoni tar-Russja, b’mod partikolari l-Artikolu 118 tagħha, li jgħid li l-ġustizzja fil-Federazzjoni Russa għandha tkun amministrata mill-qrati biss, u l-Artikolu 120 tagħha, li jipprevedi li l-imħallfin huma indipendenti u subordinati biss għall-Kostituzzjoni Russa u għad-dritt federali,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-17 ta’ Awwissu 2012 mir-Rappreżentant Għoli tal-UE Catherine Ashton dwar il-kundanna tal-membri tal-grupp punk "Pussy Riot" fir-Russja,

— wara li kkunsidra t-talba tal-Prosekutur Ġenerali Russu biex tittieħed votazzjoni dwar it-tkeċċija bikrija tal-Membru tad-Duma ta’ Just Russia Gennady Gutkov fit-12 ta’ Settembru 2012,

---

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0088.
([2]) Test adottat, P7_TA(2012)0054.
([3]) Test adottat, P7_TA(2011)0575.
([4]) Test adottat, P7_TA(2011)0335.

— wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-Federazzjoni Russa, bħala membru sħiħ tal-Kunsill tal-Ewropa u l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa impenjat ruħha fir-rigward tal-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem; billi minħabba bosta każijiet ta' ksur sejru tal-istat tad-dritt u l-adozzjoni ta' liġijiet restrittivi matul l-aħħar xhur hemm tħassib li qiegħed dejjem jikber rigward il-konformità tar-Russja mal-obbligi internazzjonali u nazzjonali;

B. billi l-Unjoni Ewropea għadha impenjata li ssaħħaħ u tiżviluppa ulterjorment ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja, ħaġa li tidher mill-impenn tal-Unjoni li tinvolvi ruħha serjament f'negozjati għal ftehim qafas ġdid għall-iżvilupp ulterjuri tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja, u billi l-Unjoni Ewropea u r-Russja stabbilixxew relazzjonijiet profondi u komprensivi, partikolarment fis-setturi tal-enerġija, l-ekonomija u l-kummerċ, u saru reċiprokament interdipendenti fl-ekonomija globali;

C. billi s-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fir-Russja marret għall-agħar drastikament fl-aħħar ftit xhur u l-awtoritajiet Russi dan l-aħħar adottaw serje ta' liġijiet li fihom dispożizzjonijiet ambigwi u jistgħu jintużaw biex ikomplu jirrestrinġu l-atturi tal-oppożizzjoni u tas-soċjetà ċivili u jxekklu l-libertà tal-espressjoni u ta' għaqda; billi dawn l-aspetti għandhom jiġu indirizzati b'mod xieraq bħala prijorità, b'mod partikolari waqt il-laqgħat u n-negozjati bilaterali bejn l-UE u r-Russja;

D. billi l-imwiet ta' Anna Politkovskaya, Natalia Estemirova, Anastasia Barburova, Stanislav Markelov u Sergei Magnitsky għadhom ma ġewx spjegati;

E. billi Mikhail Khordorkovsky u sieħbu fin-negozju Platon Lebedev ingħataw verdett ta' ħtija għal approprjazzjoni bla jedd mill-qorti tad-distrett ta' Khamovnichesky ta' Moska fit-30 ta' Diċembru 2010; billi l-prosekuzzjoni, il-proċess u l-verdett intwerew internazzjonalment bħala politikament motivati;

F. billi l-każ ta' Sergei Magnitsky huwa biss wieħed minn bosta każijiet ta' abbuż tal-poter mill-awtoritajiet Russi għall-infurzar tal-liġi, li jiksru bil-kbir l-istat tad-dritt u jħallu mingħajr kastig lil dawk li huma ħatja li kkawżaw il-mewt tiegħu; billi hemm għadd kbir ta' każijiet ġudizzjarji oħrajn fejn raġunijiet politiċi qed jintużaw biex jeliminaw kompetizzjoni politika u biex jheddu s-soċjetà ċivili;

G. billi l-kundanna tal-membri tal-grupp punk Russu Pussy Riot għal sentejn priġunerija għal prestazzjoni ta' protesta kontra l-President Vladimir Putin f'Katedral Ortodoss ta' Moska hija sproporzjonata;

H. billi d-Duma hija skedata li tivvota fit-12 ta' Settembru 2012 biex twaqqaf il-mandat ta' Gennady Gudkov minħabba attivitajiet kummerċjali matul il-mandat tiegħu, mingħajr ma ssegwi l-proċeduri demokratiċi meħtieġa; billi, fl-interess tal-istat tad-dritt, ir-regoli parlamentari għandhom japplikaw b'mod ugwali u imparzjali għall-membri kollha tad-Duma; billi membri oħrajn tal-fazzjoni Fair Russia bħal Dimitri Gudkov u Ilya Ponomarev qed jaffaċċjaw akkużi simili;

I. billi l-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar l-NGOs u l-leġiżlazzjoni dwar id-dritt għal-libertà ta' għaqda jistgħu jintużaw biex irażżnu lis-soċjetà ċivili, joħonqu opinjonijiet politiċi opposti u jiffastidjaw l-NGOs, l-oppożizzjoni politika u l-midja; billi l-Parlament Russu, f'Lulju 2012, adotta liġi li tagħti status ta' "aġent barrani" lil organizzazzjonijiet mhux kummerċjali Russi impenjati f'attivitajiet politiċi u ffinanzjati minn barra l-pajjiż;

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

J. billi, għall-kuntrarju ta' dikjarazzjonijiet u wegħdiet mill-President Putin u mill-Prim Ministru Medvedev, hemm pressjoni li qed tikber fuq il-libertajiet politiċi taċ-ċittadini Russi; billi l-President Putin iddikjara l-bżonn urġenti li tingħeleb il-korruzzjoni kbira fir-Russja u impenja ruħu pubblikament li jsaħħaħ l-istat ta' dritt fir-Russja u esprima tħassib dwar l-indipendenza tas-sistema ġudizzjarja u legali tar-Russja;

1. Jinnota li relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja li jkunu sinifikanti u konstruttivi se jiddependu fuq l-isforzi biex jissaħħu d-demokrazija, l-istat ta' dritt u r-rispett tad-drittijiet fundamentali; jenfasizza l-fatt li l-istabilità politika u ekonomika u l-iżvilupp tar-Russja fuq perjodu ta' żmien medju u twil jiddependu fuq il-prevalenza tal-istat ta' dritt u l-emerġenza ta' għażla verament demokratika;

2. Huwa tal-fehma li r-Russja, bħala membru tal-Kunsill tal-Ewropa u tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa, trid tissodisfa l-obbligi li impenjat ruħa fir-rigward tagħhom; jirrimarka li l-iżviluppi riċenti mxew fid-direzzjoni opposta tar-riformi meħtieġa biex jitjiebu l-istandards demokratiċi, l-istat tad-dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura fir-Russja;

3. Jilqa' d-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tal-25 ta' Lulju 2012 li terġa' teżamina kemm il-każ Khoderkovsky kif ukoll dak ta' Lebedev skont ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Presidenzjali għad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Diċembru 2011; jinnota t-tnaqqis tas-sentenza ta' Lebedev bi tliet snin; jappella biex tissokta analiżi komprensiva ta' dawn il-kawżi abbażi tal-impenji internazzjonali Russi rigward proċessi ġusti u trasparenti u biex is-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummisjoni Presidenzjali għad-Drittijiet tal-Bniedem jiġu rispettati għalkollox u implimentati fir-rigward tal-każ tas-Sur Khodorkovsky;

4. Jistieden lill-awtoritajiet Russi jressqu lill-ħatja quddiem il-ġustizzja fil-każijiet ta' qtil ta' Anna Politkovskaya u Natalya Yestemirova, u jħeġġiġhom iwettqu investigazzjoni kredibbli u indipendenti tal-każ Magnistky u każijiet oħra, u jtemmu l-impunità u l-korruzzjoni li jeżistu kullimkien fil-pajjiż;

5. Jesprimi tħassib serju rigward proċessi oħra motivati politikament, b'mod partikolari l-prosekuzzjoni kriminali ta' xjenzati akkużati bi spjunaġġ talli kkooperaw ma' istituzzjonijiet xjentifiċi barranin, il-kundanna tal-attivista tal-oppożizzjoni Taisia Osipova għal tmien snin f'kolonja penali fi proċess deskritt bħala motivat politikament, bl-użu ta' provi dubjużi u possibilment inventati u li ma ssodisfax l-istandards ta' proċess ġust, id-detenzjoni ta' aktar minn tnax-il parteċipant fil-manifestazzjoni ta' protesta f'Moska fis-6 ta' Mejju 2012 akkużati inġustament b'rabta mal-allegati "rvelli tal-massa", kif ukoll l-akkużi politikament motivati kontrihom, u l-investigazzjoni kriminali ta' attivisti tal-oppożizzjoni, bħal Alexei Navalny, Boris Nemtsov u Sergey Udalcov;

6. Jesprimi d-diżappunt qawwi tiegħu bil-verdett u s-sentenza sproporzjonata maħruġa mill-Qorti Distrettwali ta' Khamovnichesky fir-Russja fil-każ ta' Nadezhda Tolokonnikova, Maria Alyokhina u Ekaterina Samutsevitch, membri tal-grupp punk "Pussy Riot"; jinnota bi tħassib li dan il-każ għandu jingħaqad maż-żieda reċenti fl-intimidazzjoni u l-prosekuzzjoni motivati politikament tal-attivisti tal-oppożizzjoni fil-Federazzjoni Russa, tendenza li tippreżenta tħassib dejjem jiżdied għall-Unjoni Ewropea; itenni t-twemmin tiegħu li din is-sentenza se tiġi rieżaminata u revokata bi qbil mal-impenji internazzjonali tar-Russja;

7. Jieħu nota tat-talba tal-Prosekutur Ġenerali li tittieħed votazzjoni dwar it-tneħħija bikrija tal-istatus tal-membru tad-Duma Gennady Gudkov minħabba attivitajiet kummerċjali matul il-mandat tiegħu li jmorru kontra l-Artikolu 289 tal-Kodiċi Kriminali tar-Russja; jenfasizza li t-tnedija tal-proċedura politika parlamentari biex lil Gennady Gudkov, membru tal-partit tal-oppożizzjoni Just Russia, jitneħħielu l-mandat politiku tiegħu hija meqjusa b'mod ġenerali bħala intimidazzjoni mmirata lejn l-attività politika leġittima ta' partit tal-oppożizzjoni li appoġġa t-talbiet tal-moviment ta' protesta; jistieden lir-Russja biex ma tużax il-liġijiet b'mod arbitrarju għal skopijiet ta' ripressjoni tal-Membri tal-oppożizzjoni;

8. Jesprimi, madankollu, it-tħassib tiegħu dwar il-klima li qed tmur għall-agħar għall-iżvilupp tas-soċjetà ċivili fir-Russja, b'mod partikolari fir-rigward tal-adozzjoni reċenti ta' serje ta' liġijiet li jirregolaw id-dimostrazzjonijiet, l-NGOs, il-malafama u l-internet li fihom dispożizzjonijiet ambigwi u jistgħu jwasslu għal infurzar arbitrarju; ifakkar lill-awtoritajiet Russi li soċjetà moderna u prosperuża teħtieġ li tirrikonoxxi u tipproteġi d-drittijiet individwali u kollettivi taċ-ċittadini kollha tagħha; jistieden, f'dan il-kuntest, lill-korpi kompetenti Russi jemendaw il-liġijiet il-ġodda dwar l-NGOs sabiex jipproteġu minn persukuzzjoni politika l-assoċjazzjonijiet taċ-ċittadini li jirċievu appoġġ finanzjarju minn fondi barranin b'reputazzjoni tajba;

9. Jesprimi tħassib ukoll dwar il-liġi dwar l-estremiżmu f'termini tad-diskrezzjoni wiesgħa fl-interpretazzjoni tal-kunċetti bażiċi tagħha ta' "azzjonijet estremisti" u "organizzazzjonijiet estremisti" li, skont il-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa, tista' twassal għal arbitrarjetà u restrizzjoni tal-libertajiet ta' assoċjazzjoni, ta' espressjoni u ta' twemmin; jistieden lill-awtoritajiet Russi jindirizzaw dan it-tħassib billi jemendaw il-liġi;

10. Ifakkar li l-ex President Medvedev stabbilixxa grupp ta' ħidma dwar ir-riforma tas-sistema elettorali u t-titjib fir-rispett tal-istat ta' dritt u tad-drittijiet fundamentali fir-Russja; ifakkar li l-Parlament Ewropew ħeġġeġ lill-awtoritajiet Russi biex ikomplu b'dawn ir-riformi u offra kostantament l-appoġġ tal-UE, inkluż permezz tal-qafas ipprovdut mis-Sħubija għall-Modernizzazzjoni;

11. Jikkundanna l-leġiżlazzjoni adottata riċentament biex tikkriminalizza l-informazzjoni pubblika dwar l-orjentazzjoni sesswali u l-identità tal-ġeneru f'diversi reġjuni Russi u pjanijiet simili fil-livell federali; ifakkar lill-awtoritajiet Russi dwar l-obbligi tagħhom li jiddefendu l-libertà tal-espressjoni u d-drittijiet tal-persuni LGBT;

12. Jistieden lill-VP/RGħ u lill-Kummissjoni joffru appoġġ konsistenti u profond lill-attivisti tas-soċjetà ċivili u r-rappreżentanti tal-moviment soċjali ġdid tal-massa; jistieden lill-UE tagħmel pressjoni kostanti fuq l-awtoritajiet Russi biex jissodisfaw l-istandards tal-OSKE fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat ta' dritt u l-indipendenza tal-ġudikatura;

13. Jenfasizza l-importanza tal-iskambju kontinwu ta' fehmiet dwar id-drittijiet tal-bniedem mar-Russja fil-kuntest tal-Konsultazzjonijiet dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u r-Russja, bħala mezz kif tiġi kkonsolidata l-interoperabilità tagħna fl-oqsma kollha ta' kooperazzjoni, u jitlob li jkun hemm titjib fil-format ta' dawn il-laqgħat sabiex tiżdied l-effikaċja, b'attenzjoni speċjali lill-azzjoni komuni kontra r-razziżmu u l-ksenofobija, u li dan il-proċess jinfetaħ għal input effettiv mill-Parlament Ewropew, id-Duma tal-Istat u l-NGOs għad-drittijiet tal-bniedem, u jistenna li d-djalogu jseħħ b'mod alternat fir-Russja u fi Stat Membru tal-UE;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa, lill-Kunsill tal-Ewropa u lill-Organizzazzjoni għas-Sigurta u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

## Proposti għal Unjoni Bankarja Ewropea (UBE)

P7_TA(2012)0353

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 Lejn Unjoni Bankarja (2012/2729(RSP))**

(2013/C 353 E/18)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-rapport mill-President tal-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Ġunju 2012 bl-isem "Lejn Unjoni Ekonomika u Monetarja vera",

— wara li kkunsidra l-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 u d-29 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tas-Samit taż-Żona tal-Euro tad-29 ta' Ġunju 2012,

— wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ottubru 2009 bl-isem "Qafas tal-UE għall-Immaniġġjar Transkonfinali tal-Kriżijiet fis-Settur Bankarju" (COM(2009)0561),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Lulju 2010 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-Ġestjoni Transkonfnali tal-Kriżijiet fis-Settur Bankarju ([1]),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja tal-G20 maħruġa fis-Samit ta' Pittsburgh tal-24 u l-25 ta' Settembru 2009 rigward ir-riżoluzzjoni transkonfinali u istituzzjonijiet finanzjarji ta' importanza sistemika,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Lulju 2011 dwar il-kriżi finanzjarja, ekonomika u soċjali: rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri u inizjattivi li għandhom jittieħdu ([2]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ġunju 2012 għal direttiva tal-Parlament ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 77/91/KEE u 82/891/KEE, id-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE u 2011/35/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (COM(2012)0280),

— wara li kkunsidra d-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([3]),

— wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni 13 tar-rapport ippreżentat lill-President Barroso fil-25 ta' Frar 2009 mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar is-Superviżjoni Finanzjarja ppresedut minn Jacques de Larosière, li jistqarr, "il-Grupp jappella għal qafas regolatorju koerenti fattibbli għall-ġestjoni tal-kriżijiet fl-UE",

([1]) ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 61.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0331.
([3]) ĠU L 125, 5.5.2001, p. 15.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2010 b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar it-titjib tal-qafas tal-governanza ekonomika u l-istabilità tal-Unjoni, partikolarment fiż-Żona tal-Euro ([1]), u b'mod partikolari r-Rakkomandazzjoni 6 tagħha,

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlamenr Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([2]),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1096/2010 tas-17 ta' Novembru 2010 li jagħti lill-Bank Ċentrali Ewropew kompiti speċifiċi rigward il-funzjonament tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku ([3]),

— wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE ([4]),

— wara li kkunsidra r-Rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tiegħu dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Bankarja Ewropea (A7-0166/2010),

— wara li kkunsidra l-ittri mill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tiegħu sew lill-Kummisjsoni kif ukoll lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej(ESAs) rigward l-indipendenza tal-ESAs,

— wara li kkunsidra l-Memornadum ta' Qbil tal-1 ta' Ġunju 2008 dwar il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji finanzjarji, il-banek ċentrali u l-ministeri tal-finanzi tal-Unjoni Ewropea dwar l-istabbiltà finanzjarja transkonfinali ([5]),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2011 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment (COM(2011)0452),

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2011 għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment u li temenda d-Direttiva 2002/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-superviżjoni supplementari ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' assigurazzjoni u ditti tal-investiment f'konglomerat finanzjarju (COM(2011)0453),

— wara li kkunsidra t-Tieni Direttiva 77/91/KEE tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1976 dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu ta l-Artikolu 58 tat-Trattat, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti ([6]), it-Tielet Direttiva tal-Kunsill 78/855/KEE tad-9 ta' Ottubru 1978 dwar l-għaqda ta' kumpanniji b'responsabbiltà pubblika limitata ([7]) u s-Sitt Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE tas-17 ta' Diċembru 1982 dwar id-diviżjoni ta' kumpanniji b'responsabbiltà pubblika limitata ([8]),

([1]) ĠU C 70 E, 8.3.2012, p. 41.
([2]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 1.
([3]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 162.
([4]) ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12.
([5]) ECFIN/CEFCPE(2008)REP/53106 REV REV.
([6]) ĠU L 26, 31.1.1977, p. 1.
([7]) ĠU L 295, 20.10.1978, p. 36.
([8]) ĠU L 378, 31.12.1982, p. 47.

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Skemi ta' Garanzija tad-Depożiti (riformulazzjoni) ([1]),

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu tal-5 ta' Lulju 2011 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 97/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi ta' kumpens għall-investitur ([2]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għal-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji tiegħu tal-31 ta' Awwissu 2011 għall-Kumitat għall-Baġits tiegħu dwar il-pożizzjoni tal-Parlament rigward l-Abbozz ta' Baġit kif modifikat mill-Kunsill – it-taqsimiet kollha (2011/2020(BUD)),

— wara li kkunsidra l-mistoqsija orali lill-Kummissjoni dwar proposti għal Unjoni Bankarja Ewropea (O-000151/2012 – B7-0360/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi d-Dikjarazzjoni tal-Mexxejja tal-G20 maħruġa fis-Samit ta' Pittsburgh tal-24 u l-25 ta' Settembru 2009 talbet li sa tmiem l-2010 jintlaħaq ftehim dwar it-trattament ta' riżoluzzjonijiet transkonfinali u istituzzjonijiet finanzjarji ta' importanza sistemika;

B. billi huwa ta' importanza kruċjali li jiġu mmobilizzati l-isforzi kollha biex is-suq finanzjarju Ewropew jiġi stabilizzat u biex tinqata' l-konnessjoni bejn il-banek u s-sovrani, sabiex nibdew mexjin lejn unjoni ekonomika u monetarja vera;

C. billi, diġa f'Lulju 2010, il-Parlament Ewropew kien identifika – permezz tar-Riżoluzzjoni tiegħu dwar il-Ġestjoni Transkonfinali tal-Kriżijiet fis-Settur Bankarju u r-Rapport tiegħu dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Awtorità Bankarja Ewropea – soluzzjonijiet għal kwistjonijiet tal-ġestjoni transkonfinali tal-kriżijiet, jiġifieri mekkaniżmu superviżorju integrat, ir-riforma tal-Mekkaniżmu tal-Iskemi għall-Garanzija tad-Depożiti u l-ħolqien ta' Fond Ewropew ta' Stabilità;

D. billi, għall-banek fiż-żona tal-euro, l-ESM jista' wara deċiżjoni regolari, jkollu l-possibbilta li jirrikapitalizza l-banek direttament;

E. billi l-Kunsill Ewropew u l-Kunsill fl-aħħar qed jaslu għall-istess konklużjonijiet bħall-Parlament Ewropew rigward il-ħtieġa għal sistema superviżorja aktar integrata, u issa qed jitolbu li tiġi stabbilita Unjoni Bankarja permezz tat-twaqqif ta' mekkaniżmu superviżorju uniku f'assoċjazzjoni mal-iskemi għall-garanzija tad-depożiti u skema ta' riżoluzzjoni;

F. billi l-involviment Parlamentari sħiħ huwa essenzjali għal-leġittimita demokratika tal-proċess li jwassal għall-istabbiliment ta' tali Unjoni Bankarja, kif mistqarr ċar fir-raba' importanti identifikat fir-rapport imsemmi hawn fuq ta' Herman Van Rompuy, jiġifieri dak li jisaħħu l-leġittimità u r-responsabbiltà demoktarika;

G. billi l-Parlament Ewropew kien involut bis-sħiħ fl-istabbiliment tas-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja (ESFS), inkluż l-istabbiliment tal-Awtorità Bankarja Ewropea, permezz tal-proċedura ta' kodeċiżjoni;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0049.
([2]) Testi adottati, P7_TA(2011)0313.

H. billi, f'kuntradizzjoni ovvja ma' dawn l-istess prinċipji, iżda wkoll mad-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew talab lil din tal-aħħar biex tressaq proposta dwar mekkaniżmu superiżorju uniku li jkollha bħala l-bażi legali tagħha biss l-Artikolu 127(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, b'tali mod li l-Parlament Ewopew jisfa mċaħħad mis-setgħa leġiżlattiva tiegħu f'materji tas-suq uniku li għajr hekk jiġu ttrattati permezz tal-kodeċiżjoni;

I. billi l-involviment esklussiv tal-Istati Membri fil-proċedura, mhux talli ma jiggarntixxix proċess aktar rapidu u effiċjenti, imma lill-opinjoni pubblika jagħtiha sinjal negattiv fi żmien meta hemm rikonoxximent wiesa' tal-ħtieġa għal aktar trasparenza u sostenn demokratiku;

1. Itenni li, fi żminijiet ta' kriżi, jeħtieġ li l-metodu Komunitarju jipprevali dejjem, għaliex dan huwa l-uniku mod li niżguraw li l-Unjoni tkun tista' toħroġ mill-kriżi aktar b'saħħitha;

2. Iħeġġeġ lill-mexxejja politiċi biex jinkoraġġixxu l-leġittimità demokratika fl-affarijiet kollha tal-Unjoni Ewropea;

3. Jenfasizza l-ħtieġa li l-leġittimità demokratika tissaħħaħ fir-rigward tal-Unjoni Bankarja u l-mekkaniżmu superviżorju uniku proposti, permezz tal-involviment sħiħ tal-Parlament Ewropew bħala koleġiżlatur;

4. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu kkunsidrati sewwa l-effetti sekondarji reċiproċi potenzjali tal-Unjoni Bankarja fiż-żona tal-euro fuq pajjiżi li mhumiex membri taż-żona tal-euro;

5. Jenfasizza li se jikkunsidra proposti dwar l-Unjoni Bankarja bħala pakkkett fil-każ li jemendaw leġiżlazzjoni li ġiet adottata permezz tal-proċedura ta' kodeċiżjoni;

6. Jissottolinja li kwalunkwe bidla maġġuri fis-superviżjoni, inkluż ċaqliq lejn istituzzjonijiet oħra, jeħtieġ li tkun akumpanjata minn żieda ekwivalenti fit-trasparenza u r-responsabbiltà ta' tali istituzzjonijiet lejn il-Parlament Ewropew, li jeħtieġ li jkollu drittijiet sħaħ li jagħmel mistoqsijiet u setgħat sħaħ rigward proċeduri ta' ħatra u proċeduri baġitarji;

7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Kunsill, lill-Kunsill Ewropew, u lill-parlamenti u lill-gvernijiet tal-Istati Membri.

---

## L-Afrika t'Isfel: massakru tal-minaturi fuq strajk

P7_TA(2012)0354

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar l-Afrika t'Isfel: il-massakru tal-minaturi li qed jistrajkjaw (2012/2783(RSP))**

(2013/C 353 E/19)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Pjan ta' Azzjoni Konġunt għall-Isħubija Strateġika bejn l-Afrika t'Isfel u l-UE, li sal-lum, hi l-unika sħubija tat-tip tagħha li qatt ġiet konkluża bejn l-UE u pajjiż Afrikan,

— wara li kkunsidrat il-Ftehim ta' Sħubija AKP-KE ('Il-Ftehimta' Cotonou'),

— wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-ILO dwar il-Prinċipji u d-Drittijiet Fundamentali fuq ix-Xogħol u s-segwitu tagħha,

— wara li kkunsidra l-inizjattiva tan-NU "Global Compact" u l-Linji gwida tal-OECD għall-Intrapriżi Multinazzjonali,

— wara li kkunsidra l-Kunsill Internazzjonali għal Qafas ta' Żvilupp Sostenibbli għat-Tħaffir u l-Metalli,

— wara li kkunsidra il-ftehim għall-kummerċ, l-iżvilupp u l-kooperazzjoni ffirmat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Afrika t'Isfel fl-1999, komplut fl-2009 b'dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni politika u ekonomika,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni għall-istampa tal-President Jacob Zuma tas-17 ta' Awwissu 2012,

— wara li kkunsidra r-rimarki mir-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton tat-23 u tal-24 ta' Awwissu 2012, wara l-11-il Djalogu Politika Ministerjali bejn l-Afrika t'Isfel u l-UE mal-Ministru għall-Affarijiet Barranin Nkoana-Mashabane,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE tat-30 ta' Mejju 2012 dwar l-impatt soċjali u ambjentali tat-tħaffir fil-minjieri fil-pajjiżi AKP,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi 34 persuna ġew maqtula u minn tal-inqas 78 ġew midruba fis-16 ta' Awwissu 2012 f'konfronti bejn il-pulizija u l-minaturi li qed jistrajkjaw fil-minjiera tal-platinu ta' Marikana Lonmin li tinsab fil-Provinċja tal-Majjistral, l-Afrika t'Isfel; billi dawn l-avvenimenti kienu preċeduti minn bosta jiem ta' azzjonijiet ta' strajks vjolenti, bir-riżultat li nqatlu 10 persuni, inkluż żewġ gwardji tas-sigurtà u żewġ uffiċjali tal-pulizija;

B. billi 270 ħaddiem fil-minjieri ġew arrestati tul l-istrajks u ġew akkużati bil-qtil ta' sħabhom stess skont liġi ta' żmien l-apartheid magħrufa bħala l-liġi dwar l-"iskop komuni";

C. billi, wara protesti pubbliċi, il-prosekuturi rtiraw l-akkużi ta' qtil kontra l-minaturi arrestati fis-16 ta' Awwissu 2012, filwaqt li l-każ kontrihom għal vjolenza pubblika ġie postpost sakemm jintemmu l-investigazzjonijiet;

D. billi din l-isparatura tikkostitwixxi l-iktar inċident mdemmi li seħħ bejn il-pulizija u d-dimostranti sa minn tmiem l-apartheid fl-1994;

E. billi dan l-inċident għandu jiġi eżaminat f'perspettiva aktar wiesa' ta' żbilanċi soċjoekonomiċi kbar li l-pajjiż ilu jiffaċċja; billi l-Afrika t'Isfel, sa mil-waqa' tar-reġim ta' apartheid, irnexxielha tibni stat demokratiku iżda għadha qed tiffaċċja sfidi ekonomiċi u soċjali kruċjali, b'inugwaljanza qawwija u persistenti, kif ukoll b'rata għolja ta' faqar u qgħad;

F. billi, wara dawn l-avvenimenti mdemmija, il-President Zuma ddeplora b'mod pubbliku din is-sitwazzjoni traġika;

G. billi ġiet stabbilita Kummissjoni Ġudizzjarja ta' Inkjesta mill-President Zuma biex tinvestiga l-qtil, u d-Direttorat Investigattiv Indipendenti tal-Pulizija tal-Afrika t'Isfel (IPID) ukoll nieda investigazzjoni dwar il-qtil; billi nħoloq kumitat inter-ministerjali responsabbli għas-sejba ta' soluzzjoni dejjiema għall-problemi li kkawżaw dan il-qtil;

H. billi n-nuqqas ta' riforma tal-mekkaniżmi ta' tilwim dwar ix-xogħol wasslet għal telf ekonomiku konsiderevoli għall-Afrika t'Isfel u kien deterrent għall-investiment barrani;

I. billi l-minaturi li qed jistrajkjaw kienu f'nofs tilwima dwar il-pagi ma' sid il-minjiera, Lonmin, kumpanija għat-tħaffir tal-platinu li hi rreġistrata Londra - u li hi t-tielet l-ikbar kumpanija fid-dinja;

J. billi r-rivalità politika qawwija bejn il-unjins kompliet saħħnet it-tilwima, b'mod partikolari t-tensjonijiet li hemm bejn il-Unjin Nazzjonali tal-Ħaddiema fil-Minjieri (NUM) u l-Assoċjazzjoni tal-Ħaddiema fil-Minjieri u l-Unjin ta' Kostruzzjoni (AMCU);

K. billi l-eks president imkeċċi tal-Lega taż-Żgħażagħ tal-Kungress Nazzjonali Afrikan (ANCYL), Julius Malema, kien qed jappoġġja l-minaturi li qed jistrajkjaw u l-AMCU;

L. billi l-minerali u l-prodotti tat-tħaffir fil-minjieri mill-Afrika t'Isfel huma esportati, anke f'pajjiżi tal-Unjoni Ewropea; billi s-settur tat-tħaffir fil-minjieri hu effettwat min-nuqqas ta' talba u minn spejjeż operattivi dejjem jiżdiedu;

M. billi xi ħaddiema fil-minjiera tal-platinu ta' Marikana Lonmin għadhom jinsabu fuq strajk biex jiksbu pagi aħjar;

N. billi fil-5 ta' Settembru 2012 kien hemm skjerament qawwi tal-pulizija, meta aktar minn 3 000 minaturi li qed jistrajkja ipprotestaw fit-toroq qrib il-minjiera ta' Marikana fit-tieni l-akbar protesta non-vjolenti sa mill-isparatura tas-16 ta' Awwissu 2012;

O. billi din l-azzjoni ta' protesta xterrdet f'minjieri oħrajn, b'erba' persuni jiġu midruba fil-5 ta' Settembru 2012 f'konfrontazzjoni fil-minjiera Gold One Modder East, meta gwardji tas-sigurtà sparaw balal tal-lastiku kontra l-minaturi li qed jistrajkjaw;

1. Jikkundanna bil-qawwi l-qtil brutali tal-minaturi li qed jistrajkjaw tas-16 ta' Awwissu 2012 kif ukoll il-vjolenza preċedenti li wasslet għall-mewt ta' 10 persuni, inkluż ta' żewġ gwardji tas-sigurtà u ta' żewġ uffiċjali tal-pulizija;

2. Jesprimi l-kondoljanzi sinċieri tiegħu lill-familji ta' dawk kollha li tilfu ħajjithom sa mill-bidu tal-kriżi fil-minjiera ta' Marikana;

3. Jilqa' kemm id-deċiżjoni tal-President Zuma li jistabbilixxi Kummissjoni ta' Inkjesta u ukoll l-inizjattiva IPID għall-investigazzjoni tal-qtil;

4. Jitlob lill-Kummissjoni ta' Inkjesta tipproteġi t-trasparenza, sabiex taġixxi b'mod indipendenti u imparzjali immens, u biex tiżgura li l-investigazzjonijiet tagħha jikkumplimentaw dawk tal-IPID;

5. Iheġġeġ lill-partijiet kollha milquta biex jikkollaboraw mal-Kummissjoni ta' Inkjjesta biex jistabbilixxu l-fatti dwar l-avvenimenti li seħħew f'Marikana;

6. Jitlob lill-Kummissjoni ta' Inkjesta biex tinvestiga l-kawża ewlenija tal-użu eċċessiv tal-forza mill-pulizija, u jesprimi tħassib serju dwar l-użu, mill-awtoritajiet, tal-liġi dwar "skop komuni" ta' żmien l-apartheid;

7. Jinsab imħasseb li l-imsieħba soċjali stabbiliti fl-Afrika t'Isfel qed jitilfu l-leġittimità tagħhom fost iċ-ċittadini kaġun tal-evidenza kontinwa ta' korruzzjoni fil-livelli kollha;

8. Jitlob lill-awtoritajiet tal-Afrika t'Isfel u lil Lonmin sabiex jiżguraw li l-vittmi u l-familji tagħhom ikollhom aċċess għall-ġustizzja u jiġu kumpensati u jingħataw kura;

9. Jitlob li dawk kollha li ġew arrestati jiġu trattati b'mod ġust bi qbil mal-proċeduri ġudizzjarji, inkluż permezz ta' investigazzjonijiet imparzjali u trasparenti tal-pulizija;

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

10. Jiddispjaċih għan-nuqqas min-naħa ta' Lonmin li tittratta t-tilwima dwar ix-xogħol bis-sensittività li kien jisthoqqilha, u għall-falliment tagħha li tassumi kwalunkwe tip ta' responsabilità, iżda jilqa' d-dikjarazzjoni tal-kumpanija li mhijiex se tkeċċi lill-ħaddiema li qed jistrajkjaw jekk huma ma jirritornawx għax-xogħol, kif kienet qed titlob qabel;

11. Jinsab imħasseb bil-qawwi dwar it-theddida ta' vjolenza mill-minaturi li qed jistrajkjaw, b'mod partikolari fir-rigward tar-rapporti ta' intimidazzjoni fuq dawk il-ħaddiema fil-minjieri li ġew mhedda bil-mewt jekk ikomplu jaħdmu; jitlob lill-partijiet kollha involuti biex jiżguraw li l-protesti jibqgħu paċifiċi;

12. Jinsab imħasseb li l-konfrontazzjoni fil-minjiera Gold One Modder East hi sinjal li l-inkwiet dwar ix-xogħol jista' jinfirex ukoll fis-settur tad-deheb bil-konsegwenza li jwassal għall-possibilità ta' espansjoni tal-vjolenza;

13. Ifakkar lill-partijiet kollha dwar l-obbligu tagħhom li jirrispettaw id-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipji u l-prijoritajiet tal-ILO, u l-Kostituzzjoni tal-Afrika t'Isfel li tiggarantixxi d-drittijiet ta' għaqda, assemblea u tal-libertà ta' espressjoni;

14. Jitlob lill-awtoritajiet tal-Afrika t'Isfel, lit-trejdunjins u lil Lonmin biex ikomplu jagħmlu l-almu tagħhom biex jilħqu soluzzjoni rapida, komprensiva u ġusta għall-kunflitt u għat-tilwima dwar il-pagi, bil-għan li jintlaħaq l-objettiv ta' paċi u stabbilità fiż-żona;

15. Jitlob li tinstab soluzzjoni urġenti għat-tilwima u l-kunflitti kontinwi bejn in-NUM u l-AMCU;

16. Jinsisti li tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' salarji adegwati għall-ħaddiema fil-minjieri tal-Afrika t'Isfel kif ukoll l-inugwaljanza fl-iskala tal-pagi;

17. Jirrikonoxxi li l-Gvern tal-Afrika t'Isfel ħa numru ta' miżuri biex itejjeb il-kondizzjonijiet tax-xogħol fl-industrija tal-minjieri u jħeġġeġ lill-awtoritajiet biex ikomplu bl-isforzi tagħhom;

18. Jitlob lill-Gvern tal-Afrika t'Isfel biex jindirizza l-bżonn ta' żvilupp ta' ħiliet fi ħdan is-Servizz tal-Pulizija tal-Afrika t'Isfel, b'mod partikolari rigward il-kontroll ta' dimostrazzjonijiet vjolenti u l-użu ta' munizzjon attiv; jitlob li tkun intensifikata l-kooperazzjoni għat-taħriġ tal-pulizija bejn l-UE u l-Afrika t'Isfel;

19. Jitlob lill-Kummissjoni tistabbilixxi mekkaniżmu ta' kontroll bil-għan li tipprevjeni l-importazzjoni lejn l-UE ta' prodotti tal-minjieri li jiġu estratti mingħajr garanziji soċjali, ta' xogħol, ta' sigurtà u ambjentali; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tistabbilixxi tikketta ta' kwalità għall-prodotti tal-minjieri li jiġu estratti bi qbil mal-istandards soċjali, ta' xogħol, ta' sigurtà u ambjentali minimi;

20. Iħeġġeġ lill-Gvern tal-Afrika t'Isfel li jindirizza l-kważi fundamentali tal-vjolenza li seħħet, inkluż id-diskrepanza preokkupanti bejn il-għonja u l-fqar, iż-żieda fil-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-kondizzjonijiet ta' xogħol u ta' għajcien tal-ħaddiema, sabiex b'hekk tintemm l-inugwaljanza ekonomika estrema;

21. Jinsab lest li jkompli jappoġġa lill-Afrika t'Isfel, u jenfasizza l-ħtieġa ta' sħubija sostnuta u aktar iffokata sabiex il-pajjiż jiġi megħjun jindirizza l-isfidi soċjo-ekonomiċi li qed jiffaċċja;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Parlament u lill-Gvern tal-Afrika t'Isfel, lill-Ko-Presidenti tal-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE, lill-Parlament Pan-Afrikan u lill-Unjoni Afrikana.

## Il-persekuzzjoni tal-Musulmani Rohingya f'Burma

P7_TA(2012)0355

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar il-Persekuzzjoni tal-Musulmani Rohingya fil-Burma/Mjanmar (2012/2784(RSP))**

(2013/C 353 E/20)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar il-Burma/Mjanmar, u b'mod partikolari r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' April 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra r-rapport dwar il-progress tas-7 ta' Marzu 2012 tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fil-Burma/Mjanmar,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' April 2012 dwar il-Burma/Mjanmar,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tat-13 ta' Ġunju 2012 mill-kelliem għar-Rappreżentant Għoli Catherine Ashton dwar il-kriżi fl-Istat ta' Rakhine fit-Tramuntana tal-Burma/Mjanmar,

— wara li kkunsidra l-iskambju ta' fehmiet dwar il-kwistjoni tar-Rohingya li seħħ fis-Sottokumitat tal-Parlament Ewropew dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-11 ta' Lulju 2012,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tad-9 ta' Awwissu 2012 mill-Kummissarju Georgieva dwar l-aċċess tar-Rohingya u ta' komunitajiet oħra affettwati għall-għajnuna umanitarja,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tas-17 ta' Awwissu 2012 mill-ministri barranin tal-ASEAN dwar l-iżviluppi reċenti fl-Istat ta' Rakhine,

— wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU tal-1951 dwar l-Istatus tar-Rifuġjati u l-Protokoll ta' magħha tal-1967,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 18 sa 21 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem (UDHR) tal-1948,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 25 tal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR) tal-1966,

— wara li kkunsidra d-deċiżjonijiet li ppermettew li l-Burma/Mjanmar jospita l-Logħob tal-Ażja tax-Xlokk fl-2013 u li jassumi l-presidenza tal-ASEAN fl-2014,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi minn meta l-gvern il-ġdid tal-President Thein Sein ħa l-kariga f'Marzu 2011, dan ħa bosta passi biex jespandi l-libertajiet ċivili fil-pajjiż, il-parti l-kbira tal-priġunieri politiċi inħelsu u xi wħud minnhom ġew eletti fil-Parlament fl-elezzjonijiet parzjali, daħal fis-seħħ waqfien mill-ġlied preliminari mal-iktar gruppi etniċi armati, u bosta dissidenti politiċi li kienu jinsabu f'eżil irritornaw lura, wara li ġew imwiegħda rikonċiljazzjoni;

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0142.

B. billi madankollu d-diskriminazzjoni kontra l-minoranza Rohingya żdiedet;

C. billi fit-28 ta' Mejju 2012, l-istupru u l-qtil ta' mara Buddista taw bidu għal katina ta' kunflitti fatali bejn il-maġġoranza tal-popolazzjoni ta' Rakhine, li hija Buddista, u l-komunità minoritarja Musulmana Rohingya fl-Istat ta' Rakhine;

D. billi fil-jiem sussegwenti, inxterdet vjolenza komunali bejn iż-żewġ komunitajiet, li involviet b'mod sproporzjonat il-gangs u l-forzi tas-sigurtà ta' Rakhine li mmiraw lir-Rohingya, kunflitti li ħallew għexieren ta' persuni mejtin, eluf ta' djar meqruda u 'l fuq minn 70 000 persuna spustjata internament; billi fl-10 ta' Ġunju 2012 ġie ddikjarat stat ta' emerġenza f'sitt ibliet tal-Istat ta' Rakhine;

E. billi l-President Thein Sein inizjalment esprima l-fehma li l-unika soluzzjoni għar-Rohingya kienet li jew jintbagħtu f'kampijiet ta' refuġjati bl-appoġġ tal-UNHCR jew inkella li jiġu spustjati f'pajjiżi oħra;

F. billi r-Rohingya, li ħafna minnhom stabilixxew ruħhom fl-Istat ta' Rakhine mijiet ta' snin ilu, ma ġewx rikonoxxuti bħala wieħed mill-135 grupp nazzjonali ta' Burma/il-Mjanmar, u b'hekk ma ngħatawx drittijiet ta' ċittadinanza taħt il-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza tal-1982, u huma meqjusa minn bosta Mjanmarin bħala immigranti illegali mill-Bangladexx u ġew soġġetti għal diskriminazzjoni sistematika u ħarxa u restrizzjonijiet bħal dik tal-libertà tal-moviment, taż-żwieġ, l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u l-impjieg, filwaqt li sofrew qtif tal-art, xogħol furzat, arrest arbitrarju u fastidju min-naħa tal-awtoritajiet;

G. billi ffaċċjati b'persekuzzjoni persistenti, madwar miljun Musulman Rohingya ħarab lejn pajjiżi ġirien tul is-snin; billi 300 000 ħarbu lejn il-Bandladexx biss, fejn is-sitwazzjoni fit-tul tagħhom għadha mhux solvuta u fejn l-awtoritajiet tal-Bangladexx reċentement taw istruzzjonijiet lill-NGOs umanitarji internazzjonali li jipprovdu servizzi bażiċi ta' saħħa u tal-ikel lil refuġjati mhux reġistrati kif ukoll lill-popolazzjoni lokali fid-Distrett ta' Cox's Bazar District biex jissospendu l-attivitajiet tagħhom, u issa allegatament qed jibagħtu lura lill-Musulmani Rohingya li jfittxu l-ażil;

H. billi d-dipartiment għall-Għajnuna Umanitarja u l-Protezzjoni Ċivili (ECHO) tal-Kummissjoni allokat EUR 10 miljuni b'appoġġ għar-refuġjati Rohingya, u lill-popolazzjoni lokali ospitanti tal-Bangladexx għall-2012;

I. billi fis-17 ta' Awwissu 2012, il-gvern tal-Burma/Mjanmar ħatar Kumitat ta' Inkjesta indipendenti, magħmul minn 27 rappreżentant mis-soċjetà ċivili u minn organizzazzjonijiet politiċi u reliġjużi, sabiex jistħarrġu dwar il-kawżi tal-kunflitti settarjani, u biex jipprovdu konsulenza;

1. Jinsab imbeżża' fir-rigward tal-vjolenza etnika kontinwa f'Burma tal-punent, li kkawżat bosta mwiet, midruba, qirda tal-proprjetà u spustjar tal-popolazzjonijiet lokali, u jesprimi t-tħassib tiegħu li l-kunflitti interkomunali jistgħu jipperikolaw it-tranżizzjoni lejn id-demokrazija fil-Burma/Mjanmar;

2. Jitlob lill-partijiet kollha jeżerċitaw restrizzjoni u jħeġġeġ lill-awtoritajiet ta' Burma biex ma jkomplux bl-arresti arbitrarji ta' Rohingya, jipprovdu informazzjoni dwar fejn jinsabu l-mijiet ta' persuni arrestati minn meta bdew l-operazzjonijiet ta' sigurtà fl-Istat ta' Rakhine f'Ġunju 2012, u biex jeħilsu b'mod immedjat lill-ħabsin arrestati b'mod arbitrarju,

3. Jitlob li l-gvern tal-Burma/Mjanmar jipprovdi urġentement lill-aġenziji tan-NU u lill-NGOs umanitarji, kif ukoll lill-ġurnalisti u lid-diplomatiċi aċċess mingħajr ostakli għaż-żoni kollha tal-Istat ta' Rakhine, u biex jiggarantixxi aċċess mhux ristrett għall-għajnuna umanitarja għall-popolazzjonijiet kollha affettwati, u biex jiżgura li l-ispustjati Rohingya ikunu liberi li jiċċaqilqu u jitħallew jirritornaw lejn il-post ta' residenza tagħhom ladarba jkun sigur għalihom li jagħmlu dan;

4. Jilqa' l-ħolqien ta' Kumitat ta' Inkjesta indipendenti iżda jiddispjaċih li dan ma jinkludix rappreżentant Rohingya;

5. Jitlob lill-gvernijiet tal-Burma/Mjanmar iġibu lill-awturi tal-kunflitti vjolenti u abbużi oħra fl-Istat ta' Rakhine quddiem il-ġustizzja, u biex jiġu arrestati gruppi estremisti li qed jistigaw il-mibgħedu komunali, ixerrdu t-theddid kontra l-aġenziji umanitarji u internazzjonali u jappoġġaw it-tkeċċija jew is-segregazzjoni permanenti taż-żewġ komunitajiet;

6. Jitlob lis-SEAE jappoġġa lill-gvern ta' Burma bl-aħjar mod possibbli fl-isforzi tiegħu biex jistabilizza s-sitwazzjoni, jimplimenta programmi li jippromwovu r-rikonċiljazzjoni, ifassal pjan ta' żvilupp soċjoekonomiku usa' għall-Istat ta' Rakhine u jkompli fit-triq tal-Burma/Mjanmar lejn id-demokrazija;

7. Jesprimi l-apprezzament tiegħu għal dawk iċ-ċittadini Burmiżi li wrew l-appoġġ tagħhom għall-minoranza Musulmana u favur soċjetà pluralista, u jitlob lill-forzi politiċi kolla biex jieħdu pożizzjoni iktar ċara f'dan ir-rigward; jemmen li djalogu inklussiv mal-komunitajiet lokali jista' jkun element importanti biex jittaffew il-bosta problemi etniċi fil-Burma/Mjanmar;

8. Jinsisti li l-minoranza Rohingya ma tistax tiġi eskluża mill-ftuħ li qed jiġi żviluppat lejn Burma/Mjanmar multikulturali, u jitlob lill-Gvern biex jemenda l-Liġi dwar iċ-Ċittadinanza tal-1982 biex din issir konformi mal-istandards internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal bl-għan li r-Rohingya u minoranzi oħra mingħajr stat jingħataw id-drittijiet taċ-ċittadini, kif ukoll trattament indaqs liċ-ċittadini kollha Burmiżi, u b'hekk jintemmu l-prattiki diskriminatorji;

9. Jinsab imħasseb dwar l-arrest ta' 14-il ħaddiem umanitarju internazzjonali matul il-kunflitti, u jitlob għall-ħelsien immedjat tal-ħamsa li għadhom jinsabu l-ħabs;

10. Iħeġġeġ lill-gvern Burmiż jippermetti lir-Rapporteur Speċjali tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem jidħol fil-pajjiż biex iwettaq stħarriġ indipendenti dwar l-abbużi fl-Istat ta' Rakhine; jitlob lill-OHCHR tistabbilixxi uffiċċju fil-Burma/Mjanmar b'mandat sħiħ għall-protezzjoni, promozzjoni u għajnuna teknika, kif ukoll fergħat oħra fi stati madwar il-pajjiż, inkluż l-Istat ta' Rakhine;

11. Iħeġġeġ lill-gvern Burmiż jibqa' jimplimenta r-riformi demokratiċi tiegħu, jistabbilixxi l-istat tad-dritt u jiżgura r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, b'mod partikolari l-libertà tal-espressjoni u tal-għaqda (inkluż fuq l-Internet);

12. Iħeġġeġ lill-pajjiżi kollha fir-reġjun biex jgħinu lir-refuġjati mill-Burma-Mjanmar u biex jappoġġaw lill-gvern Burmiż fis-sejba ta' soluzzjonijiet ġusti għall-kawżi sottostanti;

13. Iħeġġeġ lill-Bangladexx b'mod partikolari biex jibqa' jaċċetta li jagħti l-appoġġ ta' donatur tiegħu, kif qed jagħmel bħalissa, u biex jimplimenta kwalunkwe miżura ta' appoġġ addizzjonali, u biex jippermetti lill-organizzazzjonijiet tal-għajnuna umanitarja jissoktaw b'ħidmithom fil-pajjiż, speċjalment fid-dawl tl-avvenimenti fl-Istat ta' Rakhine u fil-flussi riżultanti ta' refuġjati fi bżonn urġenti ta' kura bażika;

14. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Burma/Mjanmar u tal-Bangladexx, ir-Rappreżentant Għoli tal-UE, lill-Kummissjoni, lill-Gvernijiet u lill-Parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tal-ASEAN, lill-Kumitat Intergovernattiv tal-ASEAN għad-Drittijiet tal-Bniedem, lir-Rappreżentant Speċjali tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Mjanmar, lill-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Refuġjati u lill-Kunsill tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

## Azerbajġan: il-każ ta' Ramil Safarov

P7_TA(2012)0356

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar l-Azerbajġan: il-każ ta' Ramil Safarov (2012/2785(RSP))**

(2013/C 353 E/21)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fl-Azerbajġan, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw id-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra l-prassi stabbilita tal-liġi internazzjonali rigward it-trasferiment, jiġifieri l-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Trasferiment ta' Persuni Sentenzjati, skont liema nqabel li għandha tiġi żviluppata kooperazzjoni bil-għan li jinġiebu 'l quddiem il-finijiet tal-ġustizzja u r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuni sentenzjati, billi jingħataw l-opportunità jiskontaw is-sentenzi tagħhom fis-soċjetà proprja tagħhom,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-President tiegħu, Martin Schulz, tal-5 ta' Settembru 2012 dwar il-maħfra mogħtija lil Ramil Safarov fl-Azerbajġan,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni konġunta maħruġa mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Catherine Ashton, u mill-Kummissarju Štefan Füle fit-3 ta' Settembru 2012 dwar ir-rilaxx tas-Sur Safarov,

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni maħruġa mis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Ewropa, Thorbjørn Jagland, fl-4 ta' Settembru 2012,

— wara li kkunsidra l-ittra uffiċjali mibgħuta lill-Ministeru tal-Amministrazzjoni Pubblika u tal-Ġustizzja tal-Ungerija mid-Deputat Ministru tal-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Azerbajġan, Vilayat Zahirov, li waslet fil-15 ta' Awwissu 2012,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2012 dwar in-negozjati tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Azerbajġan ([1]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni maħruġa mill-Prim Ministru tal-Ungerija, Viktor Orbán, fit-3 ta' Settembru 2012, li fiha assigura li l-Ungerija kienet aġixxiet skont l-obbligi internazzjonali tagħha,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-UE u l-Azerbajġan, li daħal fis-seħħ fl-1999, kif ukoll in-negozjati li jinsabu għaddejjin bejn iż-żewġ partijiet għal ftehim ta' assoċjazzjoni ġdid li għandu jieħu post dak preċedenti,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 122(5) u 110(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) Testi adottati, P7_TA(2012)0127.

A. billi Ramil Safarov kien inżamm f'ħabs Ungeriż sa mill-2004 wara li kien qatel brutalment kollega Armenjan waqt kors sponsorizzat minn Programm tal-Partnership for Peace tan-NATO f'Budapest; billi s-Sur Safarov kien iddikjara li huwa ħati u ma esprima l-ebda dispjaċir, filwaqt li ddefenda l-azzjoni tiegħu għar-raġuni li l-vittma kien Armen;

B. billi fil-31 ta' Awwissu 2012 s-Sur Safarov, logutenent tal-forzi armati tal-Azerbajġan li kien instab ħati ta' qtil u ngħata sentenza ta' għomru l-ħabs fl-Ungerija, ġie trasferit lejn l-Azerbajġan fuq talba li l-awtoritajiet tal-Azerbajġan kienu ilhom li għamlu;

C. billi, minnufih wara t-trasferiment tas-Sur Safarov lejn l-Azerbajġan, il-President tal-Azerbajġan, Ilham Aliyev, tah il-maħfra skont il-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Azerbajġan u l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni dwar it-Trasferiment ta' Persuni Sentenzjati;

D. billi l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni dwar it-Trasferiment ta' Persuni Sentenzjati, li l-Ungerija u l-Azerbajġan it-tnejn huma partijiet firmatarji tagħha, jistqarr li persuna sentenzjata fit-territorju ta' stat wieħed tista' tiġi ttrasferita fit-territorju ta' stat ieħor biex tiskonta s-sentenza li tkun imposta fuqha, dment li l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dik il-Konvenzjoi jkunu ssodisfati;

E. billi d-Deputat Ministru tal-Ġustizzja tar-Repubblika tal-Azerbajġan, Vilayat Zahirov, bagħat ittra uffiċjali lill-Ministeru tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-Ġustizzja tal-Ungerija fil-15 ta' Awwissu 2012, li fiha stqarr li l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet ta' qrati ta' stati barranin rigward it-trasferiment ta' persuni sentenzjati biex jiskontaw il-bqija tal-priġunerija tagħhom fir-Repubblika tal-Azerbajġan twettqet bi qbil mal-Artikolu 9(1)(a) tal-Konvenzjoni, mingħajr l-ebda konverżjoni tas-sentenzi tagħhom; billi ssokta jassigura li, skont il-Kodiċi Kriminali tar-Repubblika tal-Azerbajġan, il-piena ta' detenut li jkun qed jiskonta sentenza ta' priġunerija għal għomru tkun tista' tiġi ssostitwita minn qorti bi priġunerija għal perjodu speċifikat, u li d-detenut ikun jista' jinħareġ b'parole kundizzjonali biss wara li jkun skonta tal-anqas 25 sena tas-sentenza ta' priġunerija tiegħu; u billi l-awtoritajiet tal-Azerbajġan sussegwentement ċaħdu li kienu taw kwalunkwe assigurazzjoni diplomatika lill-awtoritajiet Ungeriżi;

F. billi l-Logutenent Safarov intlaqa' bil-glorja fl-Azerbajġan, u ftit sigħat wara r-ritorn tiegħu ingħata maħfra Presidenzjali, inħeles u ġie promoss għall-grad ta' maġġur f'ċerimonja pubblika;

G. billi d-deċiżjoni li s-Sur Safarov jinħeles tat lok għal bosta reazzjonijiet internazzjonali ta' diżapprobazzjoni u kundnna;

H. billi fil-31 ta' Awwissu 2012 il-President Armenjan, Serzh Sargsyan, ħabbar li l-Armenja kienet qed tissospendi r-relazzjonijiet diplomatiċi tagħha mal-Ungerija;

I. billi l-Azerbajġan qed jieħu sehem attiv fil-Politika tal-Viċinat Ewropew u fis-Sħubija tal-Lvant, huwa membru fundatur tal-Euronest u kommetta ruħu li jirrispetta d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, li huma l-valuri tal-qalba ta' dawn l-inizjattivi;

J. billi l-Azerbajġan qed jokkupa siġġu mhux permanenti fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) għall-perjodu 2012-2013, u huwa kommess li jirrispetta l-valuri minquxa fil-Karta tan-NU u fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem;

K. billi l-Azerbajġan huwa membru tal-Kunsill tal-Ewropa u parti kontraenti tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ECHR) kif ukoll ta' għadd ta' trattati internazzjonali oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi;

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

1. Jenfasizza l-importanza tal-istat tad-dritt u r-rispett tal-impenji meħuda;

2. Jiddeplora d-deċiżjoni tal-President tal-Azerbajġan li jagħti l-maħfra lil Ramil Safarov, qattiel kundannat u ssentenzjat mill-qrati ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea; iqis dik id-deċiżjoni bħala ġest li jista' jikkontribwixxi biex ikomplu jiħraxu t-tensjonijiet bejn iż-żewġ pajjiżi, u li qed iqawwi s-sentimenti ta' inġustizzja u jkabbar il-qasma bejn dawk il-pajjiżi, u huwa mħasseb ukoll li dan l-att jipperikola kull proċess ta' rikonċiljazzjoni paċifika fi ħdan is-soċjetajiet ikkonċernati u jista' jimmina l-possibbiltajiet ta' żvilupp futur ta' kuntatti paċifiċi bejn il-popli fir-reġjun;

3. Iqis li, waqt li l-maħfra Presidenzjali mogħtija lis-Sur Safarov hija konformi mal-ittra tal-Konvenzjni Ewropea dwar it-Trasferiment ta' Persuni Sentenzjati, tmur kontra l-ispirtu tal-ftehim internazzjonali, li ġie nnegozjat biex jippermetti t-trasferiment ta' persuna kkundannata fit-territorju ta' stat wieħed biex tiskonta l-bqija tas-sentenza tagħha fit-territorju ta' stat ieħor;

4. Iqis li l-maħfra Presidenzjali mogħtija lis-Sur Safarov kienet vjolazzjoni tal-assigurazzjonijiet diplomatiċi mogħtija lill-awtoritajiet Ungeriżi fit-talba tal-Azerbajġan għat-trasferiment abbażi tal-Konvenzjoni dwar it-Trasferiment ta' Persuni Sentenzjati;

5. Jiddeplora l-mod li bih is-Sur Safarov intlaqa' fl-Azerbajġan bħala eroj, kif ukoll id-deċiżjoni li jingħata promozzjoni għall-grad ta' maġġur u jitħallas tmien snin salarju b'lura mal-wasla tiegħu, u huwa mħasseb dwar l-eżempju li dan jistabbilixxi għal ġenerazzjonijiet futuri kif ukoll dwar il-promozzjoni u r-rikonoxximent li ngħata mill-Istat tal-Azerbajġan;

6. Huwa tal-fehma li l-frustrament fl-Azerbajġan u fl-Armenja dwar in-nuqqas ta' kwalunkwe progress sostanzjali rigward il-proċess tal-paċi f'Nagorno Karabakh la jiġġustifika atti ta' vendikazzjoni u lanqas provokazzjonijiet vojta li jkomplu jkabbru t-tensjoni f'sitwazzjoni diġa mwiegħra u fraġli;

7. Jesprimi s-sostenn tiegħu għall-isforzi li qed jagħmlu s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE għan-Nofsinhar tal-Kawkasu u l-Istati Membri biex itaffu t-tensjonijiet u jiżguraw li jsir progress lejn il-paċi fir-reġjun;

8. Jappoġġja lill-Kopresidenti tal-Grupp ta' Minsk tal-OSKE fl-isforzi tagħhom biex isir progress sostantiv fil-proċess ta' paċi f'Nagorno-Karabakh bil-għan li tinstab soluzzjoni dejjiema u komprensiva skont il-liġi internazzjonali;

9. Jinsisti li l-UE għandu jkollha rwol aktar qawwi fir-riżoluzzjoni tal-kunflitt f'Nagorno Karabakh billi tappoġġja l-implimentazzjoni ta' miżuri għall-bini tal-fiduċja li jgħaqqdu l-komunitajiet Armenjani u Azerbajġani u jxerrdu ideat ta' sliem, rikonċiljazzjoni u fiduċja fuq kull naħa.

10. Itenni l-pożizzjoni tiegħu li l-ftehim ta' assoċjazzjoni li qed jiġi nnegozjat bejn l-UE u l-Azerbajġan għandu jinkludi klawsoli u kriterji relatati mal-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt;

11. Jikkundanna kull forma ta' terroriżmu u l-użu ta' theddidiet ta' terroriżmu;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lis-SEAE, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti rispettivi tar-Repubblika tal-Azerbajġan u tar-Repubblika tal-Armenja, lill-Kunsill tal-Ewropa, lill-OSKE u lir-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda kontra t-terroriżmu.

## L-indirizzar tal-marda tal-isklerożi multipla fl-Ewropa

P7_TA(2012)0357

**Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar l-indirizzar tal-marda tal-isklerożi multipla fl-Ewropa**

(2013/C 353 E/22)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi madwar 600 000 Ewropew ibatu mill-isklerożi multipla (MS), li hija l-aktar marda newrdeġenerattiva komuni u hija kawża ewlenija tad-diżabbiltajiet mhux trawmatiċi fl-adulti żgħar;

B. billi ħafna min-nies li jinstab li għandhom l-MS ikunu fl-aqwa snin tal-karriera tagħhom, u kważi nofshom jitilqu mid-dinja tax-xogħol fi żmien tliet snin wara d-dijanjosi;

C. billi fl-Ewropa insibu diskrepanzi tremendi fl-aċċess għal trattamenti li jimmodifikaw il-mard u għal kwalitá tal-kura, li marru għall-agħar f'dawn l-aħħar xhur;

1. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex:

— jinkuraġġixxu, fi ħdan il-qafas tal-Orizzont 2020, kollaborazzjoni xjentikifa eqreb u riċerka komparattiva dwar l-MS;

— jippromwovu, fil-Proċess ta' Riflessjoni tagħhom dwar il-Mard Kroniku, l-aċċess ugwali għat-trattament u politki tal-impjieg flessibbli għal nies b'mard newroloġiku kroniku bħall-MS;

2. Jistieden lill-Istati Membri biex:

— pereżempju, isaħħu l-aċċess ugwali għall-kura ta' kwalità, billi jużaw għodod ċertifikati għat-taħriġ edukattiv bħall 'MS Nurse Professional' biex jiżviluppaw, jistandardizzaw u jevalwaw it-taħriġ speċjalizzat għall-infirmiera;

— jappoġġaw ir-Reġistru Ewropew għall-MS billi jinkoraġġixxu l-ġbir tad-data tal-pazjenti fil-livell nazzjonali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji ([1]), lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Parlamenti tal-Istati Membri.

---

([1]) Il-lista ta' firmatarji hija ppubblikata fl-Anness 1 għall-Minuti tat-13 ta' Settembru 2012 (P7_PV(2012)09-13(ANN1)).

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## It-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Jaroslaw Leszek Walesa

P7_TA(2012)0307

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Jarosław Leszek Wałęsa (2012/2112(IMM))**

(2013/C 353 E/23)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Jarosław Leszek Wałęsa, imressqa fl-20 ta' April 2012 mill-Prosekutur Pubbliku tar-Repubblika Pollakka b'rabta ma' proċedimenti għal reat allegat u mħabbra fis-seduta plenarja fit-23 ta' Mejju 2012,

— wara li Jarosław Leszek Wałęsa ngħata l-opportunità li jinstema' skont l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, tal-20 ta' Settembru 1976,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, tal-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, tad-19 ta' Marzu 2010 u tas-6 ta' Settembru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 105 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja, u l-Artikoli 7b(1) u 7c, flimkien mal-Artikolu 10b, tal-Att Pollakk dwar it-twettiq tal-mandat ta' deputat jew senatur, tad-9 ta' Mejju 1996,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(2) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0230/2012),

([1]) Kawża 101/63 Wagner vs Fohrmann u Krier [1964] Ġabra 195, Kawża 149/85 Wybot vs Faure et [1986] Ġabra 2391, Kawża T-345/05 Mote vs Il-Parlament [2008] Ġabra II-2849, Kawżi Magħquda C-200/07 u C-201/07 Marra vs De Gregorio u Clemente [2008] Ġabra I-7929, Kawża T-42/06 Gollnisch vs Il-Parlament (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra) u Kawża C-163/10 Patriciello (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra).

A. billi l-Prosekutur Pubbliku tar-Repubblika Pollakka talab it-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Membru tal-Parlament Ewropew, Jarosław Leszek Wałęsa, b'rabta ma' proċedimenti għal reat allegat;

B. billi t-talba tal-Prosekutur Pubbliku hija marbuta ma' proċedimenti għal reat allegat skont l-Att Pollakk tal-20 ta' Mejju 1971 li jistabbilixxi Kodiċi ta' Reati u l-Att dwar it-Traffiku fit-Toroq tal-20 ta' Ġunju 1997 b'rabta ma' inċident tat-traffiku fit-2 ta' Settembru 2011 fil-Polonja li Jarosław Leszek Wałęsa kien involut fih u li fih korra gravement;

C. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri, fit-territroju tal-Istat tagħhom stess, għandhom jibbenefikaw mill-immunitajiet mogħtija lill-membri tal-Parlament tagħhom;

D. billi Jarosław Leszek Wałęsa ma aċċettax li jinstema' mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, iżda wera li jippreferi konklużjoni rapida ta' din il-kwistjoni u huwa tal-fehma li l-immunità tiegħu għandha titneħħa;

E. billi huwa l-Parlament biss li jista' jiddeċiedi jekk l-immunità titneħħiex jew le f'każ partikolari; billi l-Parlament jista' raġonevolment iqis il-pożizzjoni tal-Membru biex jasal għad-deċiżjoni tiegħu dwar jekk ineħħix jew le l-immunità tiegħu ([1]);

F. billi l-fatti tal-każ, kif imniżżla fis-sottomissjonijiet lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, jindikaw li l-attivitajiet allegati m'għandhomx konnessjoni evidenti u diretta mat-twettiq tad-dmirijiet ta' Jarosław Leszek Wałęsa bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

G. billi għalhekk, Jarosław Leszek Wałęsa ma kienx qed jaġixxi fit-twettiq ta' dmirijietu bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Jarosław Leszek Wałęsa;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tal-Polonja u lil Jarosław Leszek Wałęsa.

([1]) Kawża T-345/05 Mote vs Il-Parlament [2008] ECR II-2849, punt 28.

## Talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Birgit Collin-Langen

P7_TA(2012)0308

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Birgit Collin-Langen (2012/2128(IMM))**

(2013/C 353 E/24)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra t-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Birgit Collin-Langen, mgħoddija fis-27 ta' April 2012 mill-Prosekutur Anzjan f'Koblenz (il-Ġermanja), b'konnessjoni ma' azzjoni legali rigward offiża allegata u li tħabbret fis-sessjoni plenarja fl-14 ta' Ġunju 2012,

— wara li sema' lil Birgit Collin-Langen skont l-Artikolu 7(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra l-Artikoli 8 u 9 tal-Protokoll Nru 7 dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, u l-Artikolu 6(2) tal-Att tal-20 ta' Settembru 1976 rigward l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew permezz ta' suffraġju universali dirett,

— wara li kkunsidra s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Mejju 1964, tal-10 ta' Lulju 1986, tal-15 u l-21 ta' Ottubru 2008, tad-19 ta' Marzu 2010 u tas-6 ta' Settembru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 46 tal-Liġi Bażika Ġermaniża (*Grundgesetz*),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 6(2) u 7 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0229/2012),

A. billi l-Prosekutur Prinċipali talab it-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Membru tal-Parlament Ewropew, Birgit Collin-Langen, b'konnessjoni ma' azzjoni legali rigward offiża allegata;

B. billi t-talba mill-Prosekutur Prinċipali tirreferi għal proċedimenti rigward offiża allegata taħt is-Sezzjoni 331 tal-Kodiċi Kriminali Ġermaniż li jiddikjara li "uffiċjal pubbliku jew persuna fdata b'funzjonijiet ta' servizz pubbliku speċjali li titlob, tħalli lilha nnifisha tiġi mwiegħda jew taċċetta benefiċċju għaliha jew għal terza persuna għall-għoti ta' kompitu uffiċjali tista' teħel ħabs għal tul ta' żmien li ma jaqbiżx tliet snin jew multa";

C. billi, skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, il-Membri għandhom igawdu, fit-territorju tal-Istat tagħhom stess, l-immunitajiet mogħtija lill-Membri tal-Parlament;

D. billi, taħt l-Artikolu 46(2) tal-Liġi Bażika Ġermaniża (*Grundgesetz*), Membru ma jistax jinżamm responsabbli għal offiża punibbli mingħajr il-permess tal-Parlament sakemm ma jinqabadx fil-fatt waqt li jkun qed jikkommetti offiża jew matul il-jum ta' wara;

E. billi, konsegwentement, il-Parlament għandu jneħħi l-immunità Parlamentari ta' Birgit Collin-Langen jekk il-proċedimenti kontriha għandhom ikomplu sejrin;

F. billi Birgit Collin-Langen instemgħet mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, fejn talbet għal konklużjoni malajr ta' din il-kwistjoni u ddikjarat li l-immunità tagħha għandha titneħħa;

G. billi, jekk f'każ partikolari immunità għandhiex titneħħa jew le għandu jiġi deċiż mill-Parlament biss; billi l-parlament jista' b'mod raġonevoli jikkunsidra l-pożizzjoni ta' Membru meta jasal għal deċiżjoni biex ineħħi jew ma jneħħix l-immunità tiegħu jew tagħha ([2]);

H. billi Birgit Collin-Langen ilha Membru tal-Parlament Ewropew mis-17 ta' Marzu 2012;

([1]) Il-Kawża 101/63 *Wagner v Fohrmann u Krier* [1964] Ġabra 195, il-Kawża 149/85 *Wybot v Faure u oħrajn* [1986] Ġabra 2391, il-Kawża T-345/05 *Mote v Parlament* [2008] Ġabra II-2849, Kawżi Magħquda C-200/07 u C-201/07 *Marra v De Gregorio u Clemente* [2008] Ġabra I-7929, Kawża T-42/06 *Gollnisch v Parlament* (għadha mhix ippubblikata fil-Ġabra) u l-Kawża C-163/10 *Patriciello* (għadha mhix ippubblikata fil-Ġabra).

([2]) Il-Kawża T-345/05 *Mote v Parlament* [2008] Ġabra II-2849, par. 28.

I. billi l-fatti tal-każ imorru lura għall-2006-2008 u, kif intwera fis-sottomissjonijiet lill-Kumitat għall-Affarijiet Legali, l-attivitajiet allegati ma' għandhomx konnessjoni diretta u ovvja mal-prestazzjoni ta' Birgit Collin-Langen fid-dmirijiet tagħha bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

J. billi Birgit Collin-Langen, għalhekk, ma kinitx qed taġixxi fil-qadi ta' dmirijietha bħala Membru tal-Parlament Ewropew;

K. billi l-fatti spjegati fin-nota spjegattiva ma jikkostitwixxux każ ta' *fumus persecutionis*;

1. Jiddeċiedi li jneħħi l-immunità ta' Birgit Collin-Langen;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi minnufih din id-deċiżjoni u r-rapport tal-kumitat responsabbli tiegħu lill-awtorità kompetenti tar-Repubblika Federali Ġermaniża u lil Birgit Collin-Langen.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

# Ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar it-trasmissjoni lil u t-trattament mill-Parlament Ewropew ta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill dwar kwistjonijiet apparti dawk fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni

P7_TA(2012)0339

**Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar il-konklużjoni ta' ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar it-trasmissjoni lil u t-trattament mill-Parlament Ewropew ta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill dwar kwistjonijiet apparti dawk fil-qasam tal-politika sstera u ta' sigurtà komuni (2012/2069(ACI))**

(2013/C 353 E/25)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-ittra mingħand il-President tiegħu tal-10 ta' April 2012,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar it-trasmissjoni lil u t-trattament mill-Parlament Ewropew ta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill dwar kwistjonijiet apparti dawk fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni,

— wara li kkunsidra t-tieni paragrafu tal-Artikoli 1, l-Artikoli 2, 6, 10 u 11 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 15 u 295 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni ([1]) u b'mod partikolari l-Artikoli 2(5) u 9 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Settembru 2011 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti (Artikolu 104(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu) għas-snin 2009-2010 ([2]) u b'mod partikolari l-paragrafu 12 tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 23(12) u 127(1) u l-Anness VIII tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A7-0245/2012),

A. billi t-trasparenza u l-aċċess għad-dokumenti u l-informazzjoni kollha relevanti jagħmlu l-bażi għad-demokrazija, u prekondizzjoni ta' bilfors għall-istess, u b'mod speċjali jippermettu lill-Parlament Ewropew jagħmel xogħlu għall-poplu skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattati,

B. billi t-Trattat ta' Lisbona jsaħħaħ ir-rekwiżiti għat-trasparenza u jeddijiet iċ-ċittadini għall-parteċipazzjoni fit-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni; billi l-limiti għall-jedd tal-Parlament u tal-Membri tiegħu li jikkondividu l-informazzjoni relevanti mal-pubblika għandhom jikkostitwixxu eċċezzjonijiet maħluqin u ġġustifikati b'mod ċar,

C. billi l-prinċipju tal-kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni hu minqux fit-Trattati, b'mod partikolari fl-Artikolu 13(2) TUE;

D. billi l-Artikolu 14(1) TUE jiddikjara li l-Parlament Ewropew, flimkien mal-Kunsill, jeżerċita funzjonijiet leġislattivi u baġitarji u li għandu jeżerċita funzjonijiet ta' kontroll u konsultazzjoni politika kif preskritt fit-Trattati, u billi, għall-fini tal-eżerċizzju effikaċi tal-funzjonijiet assenjati lilu mit-Trattat, jeħtieġ li l-Parlament ikollu aċċess għad-dokumenti relevanti tal-Kunsill,

([1]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.
([2]) P7_TA(2011)0378.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

E. billi t-Trattati u dispożizzjonijiet oħra jistabbilixxu li l-Kunsill għandu jikkonsulta lill-Parlament Ewropew jew jikseb il-kunsens tiegħu qabel tkun tista' ssir l-adozzjoni ta' atti ġuridiċi partikulari;

F. billi l-Artikolu 218(10) TFUE jirrikjedi li l-Parlament ikun mgħarraf minnufih u b'mod sħiħ fl-istadji kollha tal-proċedura dwar il-ftehimiet internazzjonali,

G. billi r-regoli dwar il-klassifikazzjoni u d-deklassifikazzjoni tad-dokumenti tal-Unjoni għandhom jiġi stabbiliti permezz ta' regolamenti adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu 15(3) TFUE ([1]),

H. billi l-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea ([2]) ġa jistabbilixxi r-regoli dwar preżentazzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Kummissjoni lill-Parlament,

I. billi d-deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Ġunju 2011 ([3]) tippreskrivi r-regoli li jirregolaw it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Parlament Ewropew;

J. billi l-Konferenza tal-Presidenti nnominat tim ta' negozjaturi biex imexxi n-negozjati mal-Kunsill tal-Ministri fuq tliet kwestjonijiet speċifiċi: l-inklużjoni ta' tabelli ta' korrelazzjoni fid-direttivi tal-Unjoni, regoli dwar il-parteċipazzjoni tal-Parlament fil-konferenzi internazzjonali u aċċess għal dokumenti klassifikati miżmumin mill-Kunsill; billi l-kwestjoni tat-tabelli ta' korrelazzjoni u tal-parteċipazzjoni tal-Parlament fil-konferenzi internazzjonali sadattant ġew riżolti ([4]),

1. Jikkunsidra li l-ftehim dwar it-trasmissjoni lill-Parlament u t-trattament minnu ta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill dwar kwestjonijiet apparti dawk fil-qasam tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni ("il-ftehim") huwa strument indispensabbli li jippermetti lill-Parlament jeżerċita fis-sħiħ il-poteri u l-funzjonijiet tiegħu; jindika li dak il-ftehim hu mingħajr ħsara għar-regolamenti dwar l-aċċess għad-dokumenti adottati skont it-termini tal-Artikolu 15(3) TFUE;

2. Jindika li, filwaqt li l-kamp ta' applikazzjoni tal-ftehim jikkonċerna l-informazzjoni klassifikata dwar kwistjonijiet apparti dwar fil-qasam tal-politika barranija u ta' sigurtà komuni, il-ftehimiet internazzjonali skont l-Artikolu 218(6) TFUE li ma għandhomx x'jaqsmu esklussivament mal-politika estera u ta' sigurtà komuni (ftehimiet 'imħalltin') huma koperti bil-ftehim, inkluża kwalunkwe parti minnha li taqa' taħt il-politika estera u ta' sigurtà komuni; jissottolinja, barra minn hekk, li l-aċċess min-naħa tal-Parlament għal kull informazzjoni klassifikata relatata b'mod esklussiv mal-politika estera u ta' sigurtà komuni se jibqa' jiġi rregolat mill-arranġamenti skont deċiżjoni ad hoc tal-Kunsill jew skont il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Novembru 2002 dwar l-aċċess mill-Parlament Ewropew għal informazzjoni sensittiva tal-Kunsill fil-qasam tal-politika tas-sigurtà u tad-difiża ([5]) ("il-Ftehim Interistituzzjonali 2002") sa ma jiġu konklużi ftehimiet oħrajn;

([1]) Ara wkoll f'dan l-ambitu l-pożizzjoni tal-Parlament tal-15 ta' Diċembru 2011 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni (tfassil mill-ġdid) (P7_TA(2011)0580) u r-riżoluzzjoni tiegħu ġa msemmija aktar 'il fuq tal-14 ta' Settembru 2011 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti (Artikolu 104(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu) għas-snin 2009-2010.

([2]) ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.

([3]) ĠU C 190, 30.6.2011, p. 2.

([4]) Għar-rigward tat-tabelli ta' korrelazzjoni, ara d-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti spjegattivi annessi mar-riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament tas-27 ta' Ottubru 2011 dwar il-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar standards minimi għall-kwalifika u l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (riformulazzjoni) (P7_TA(2011)0469); dwar il-parteċipazzjoni tal-Parlament, il-kwestjoni ġiet konkluża permezz ta' skambju ta' ittri.

([5]) ĠU C 298, 30.11.2002, p. 1.

3. Jiġbed l-attenzjoni f'dak il-kuntest għad-dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, liema dikjarazzjoni hija mehmuża mal-ftehim, li fiha hemm dikjarat li rieżami tal-Ftehim Interistituzzjonali 2002 għandu jibda matul l-2012 u li għandu jittieħed kont tal-esperjenza miksuba fl-implementazzjoni kemm tal-ftehim kif ukoll tal-Ftehim Interistituzzjonali 2002;

4. Jiddeplora l-fatt li l-Ftehim Interistituzzjonali 2002 ma stabbilixxiex arranġamenti definiti dwar l-aċċess għall-informazzjoni kklassifikata fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni pjuttost minn deċiżjonijiet meħuda ad hoc; jisħaq, għaldaqstant, li hu tal-akbar importanza li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jibdew in-negozjati għall-emendar tal-Ftehim Interistituzzjonali 2002 sabiex jiġu riflessi sew dawk ir-riformi li saru minn mindu dan ġie konkluż, kif ukoll is-sitwazzjoni attwali;

5. Jilqa' d-dikjarazzjoni annessa mal-ftehim dwar il-klassifikazzjoni tad-dokumenti; jiddispjaċih, b'danakollu, li kuntrarjament għall-Ftehim Qafas bejn il-Kummissjoni u l-Parlament, il-ftehim ma tippreskrivix proċedura dettaljata li għandha tkun segwita f'każijiet ta' dubju dwar in-natura kunfidenzjali ta' punt ta' informazzjoni jew il-livell xieraq tal-klassifikazzjoni tiegħu;

6. Jilqa', b'mod partikolari, l-aspetti li ġejjin li jinsabu fil-ftehim:

— differenzjazzjoni fit-trattament u l-ħżin tad-dokumenti li tkun tiddependi mil-livell ta' klassifikazzjoni;

— differenzjazzjoni fil-proċeduri f'dak li għandu x'jaqsam mal-clearance tas-sigurtà għall-Membri u l-persunal skont il-livell ta' klassifikazzjoni, li permezz tal-istess l-ebda clearance tas-sigurtà ma tibqa' neċessarja għall-Membri f'dak li għandu x'jaqsam mad-dokumenti taħt il-livell ta' "CONFIDENTIEL UE/CONFIDENTIAL UE" jew ekwivalenti, kif inhu l-każ fil-Ftehim Qafas imsemmija aktar 'il fuq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni,

— l-inklużjoni ta' dokumenti klassifikati fil-livell ta' "TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET" jew ekwivalenti fl-ambitu tal-ftehim, kif inhu l-każ fil-Ftehim Qafas imsemmi aktar 'il fuq bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni,

— il-fatt li l-aċċess għad-dokument, kif xieraq, jista' jingħata wkoll lir-rapporteurs, shadow rapporteurs, jew lill-Membri kollha jew uħud minnhom tal-kumitat(i) li jkun(u);

— dispożizzjonijiet dwar kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Parlament u l-Kunsill għall-iżgurar ta' livell ekwivalenti ta' protezzjoni għad-dokumenti kklassfikati;

7. Jistieden lill-Bureau, skont it-termini tal-Artikolu 23(12) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, jadatta d-deċiżjoni tiegħu msemmija aktar 'il fuq tas-6 ta' Ġunju 2011 ħalli jieħu kont ukoll tal-ftehim;

8. Japprova l-konklużjoni tal-ftehim anness u jiddeċidi li jehmżu mar-Regoli ta' Proċedura tiegħu;

9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-ftehim mal-President tal-Kunsill;

10. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-deċiżjoni, għal skopijiet ta' informazzjoni din iddeċiżjoni, inkluż l-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

**ANNESS**

**FTEHIM INTERISTITUZZJONALI**

**bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsilldwar it-trasmissjoni lil u t-trattament mill-Parlament Ewropewta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill dwar kwistjonijiet apparti dawkfil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL,

Billi:

(1) L-Artikolu 14(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jipprevedi li l-Parlament Ewropew, flimkien mal-Kunsill, għandu jeżerċita funzjonijiet leġislattivi u baġitarji u li għandu jeżerċita funzjonijiet ta' kontroll u konsultazzjoni politika kif stabbilit fit-Trattati.

(2) L-Artikolu 13(2) tat-TUE jipprevedi li kull istituzzjoni għandha taġixxi fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilha mit-Trattati, u f'konformità mal-proċeduri, il-kondizzjonijiet u l-finijiet stabbiliti fihom. Dik id-dispożizzjoni tipprevedi wkoll li l-istituzzjonijiet għandhom jipprattikaw kooperazzjoni sinċiera reċiproka. L-Artikolu 295 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill, inter alia, għandhom jagħmlu arranġamenti għall-kooperazzjoni tagħhom u li, għal dak il-għan, huma jistgħu, f'konformità mat-Trattati, jikkonkludu ftehimiet interistituzzjonali li jistgħu jkunu ta' natura vinkolanti.

(3) It-Trattati u, kif adatt, dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn jipprevedu li jew fil-kuntest ta' proċedura leġislattiva speċjali jew skont proċeduri oħrajn ta' teħid ta' deċiżjonijiet, il-Kunsill għandu jikkonsulta jew jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew qabel jadotta att legali. It-Trattati jipprevedu wkoll li, f'ċerti każijiet, il-Parlament Ewropew għandhu jiġi informat dwar il-progress jew ir-riżultati ta' proċedura partikolari jew ikun involut fl-evalwazzjoni jew l-iskrutinju ta' ċerti aġenziji tal-Unjoni.

(4) B'mod partikolari, l-Artikolu 218(6) tat-TFUE jistipula li, minbarra meta ftehim internazzjonali huwa relatat esklużivament mal-politika estera u ta' sigurtà komuni, il-Kunsill għandu jadotta d-deċiżjoni li tikkonkludi l-ftehimiet konċernati wara li jkun kiseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew jew ikun ikkonsultah; il-ftehimiet internazzjonali kollha ta' dan it-tip li mhumiex relatati esklużivament mal-politika estera u ta' sigurtà komuni huma għaldaqstant koperti minn dan il-Ftehim Interistituzzjonali.

(5) L-Artikolu 218(10) TFUE jistipula li l-Parlament Ewropew għandu jinżamm informat immedjatament u kompletament fl-istadji kollha tal-proċedura; dik id-dispożizzjoni tapplika wkoll għal ftehimiet relatati mal-politika estera u ta' sigurtà komuni.

(6) F'każijiet fejn l-implimentazzjoni tat-Trattati u, kif adatt, ta' dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn, tkun teħtieġ aċċess mill-Parlament Ewropew għal informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill, l-arranġamenti adatti li jirregolaw tali aċċess għandhom jiġu miftehma bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

(7) Fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jagħti aċċess lill-Parlament Ewropew għal informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, huwa jieħu deċiżjonijiet *ad hoc* għal dak il-għan, jew juża l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Novembru 2002 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-aċċess mill-Parlament Ewropew għal informazzjoni sensittiva tal-Kunsill fil-qasam tal-politika tas-sigurtà u d-difiża [1] (minn issa 'l quddiem il-"Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Novembru 2002"), kif adatt.

[1] ĠU C 298, 30.11.2002, p. 1.

(8) Id-Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli dwar ir-responsabbiltà politika ([1]), li saret meta ġiet adottata d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna ([2]), tiddikjara li r-Rappreżentant Għoli ser jirrieżamina u fejn meħtieġ jipproponi biex jiġu aġġustati d-dispożizzjonijiet eżistenti dwar l-aċċess għall-Membri tal-Parlament Ewropew għal dokumenti u informazzjoni klassifikati fil-qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (jiġifieri l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Novembru 2002).

(9) Huwa importanti li l-Parlament Ewropew ikun assoċjat mal-prinċipji, l-istandards u r-regoli għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata li huma meħtieġa sabiex jitħarsu l-interessi tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew ser ikun f'pożizzjoni li jipprovdi informazzjoni klassifikata lill-Kunsill.

(10) Fil-31 ta' Marzu 2011, il-Kunsill adotta Deċiżjoni 2011/292/UE dwar ir-regoli ta' sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE ([3]) (minn hawn 'il quddiem "ir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill").

(11) Fis-6 ta' Ġunju 2011, il-Bureau tal-Parlament Ewropew adotta Deċiżjoni dwar ir-regoli li jirregolaw it-trattament ta' informazzjoni kunfidenzjali mill-Parlament Ewropew ([4]) (minn hawn 'il quddiem "ir-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew").

(12) Ir-regoli ta' sigurtà tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni għandhom flimkien jikkostitwixxu qafas ġenerali komprensiv u koerenti fl-Unjoni Ewropea għall-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata, u għandhom jiżguraw l-ekwivalenza tal-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi. Il-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi stabbiliti fir-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew u fir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill għandhom għaldaqstant ikunu ekwivalenti.

(13) Il-livell ta' protezzjoni mogħtija lill-informazzjoni klassifikata skont ir-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew għandu jkun ekwivalenti għal-livell mogħti lill-informazzjoni klassifikata taħt ir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill.

(14) Is-servizzi rilevanti tas-Segretarjat tal-Parlament Ewropew u tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ser jikkooperaw mill-qrib biex jiżguraw li jiġu applikati livelli ekwivalenti ta' protezzjoni għall-informazzjoni klassifikata fiż-żewġ istituzzjonijiet,

(15) Dan il-Ftehim huwa mingħajr preġudizzju għal: ir-regoli eżistenti u futuri dwar l-aċċess għad-dokumenti adottati f'konformità mal-Artikolu 15(3) TFUE; ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-data personali adottati f'konformità mal-Artikolu 16(2) TFUE; ir-regoli dwar id-dritt ta' inkjesta tal-Parlament Ewropew adottati f'konformità mat-tielet paragrafu tal-Artikolu 226 TFUE; u d-dispożizzjonijiet rilevanti relatati mal-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF),

FTEHMU KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

*Għan u kamp ta' applikazzjoni*

Dan il-Ftehim jistabbilixxi l-arranġamenti li jirregolaw it-trasmissjoni lil u t-trattament mill-Parlament Ewropew ta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill, dwar kwistjonijiet apparti dawk fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, li hija rilevanti sabiex il-Parlament Ewropew ikun jista' jeżerċita s-setgħat u l-funzjonijiet tiegħu. Dan jikkonċerna, b' mod partikolari, l-kwistjonijiet kollha bħal dawn:

([1]) ĠU C 210, 3.8.2010, p. 1.
([2]) ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30.
([3]) ĠU L 141, 27.5.2011, p. 17.
([4]) ĠU C 190, 30.6.2011, p. 2.

(a) proposti soġġetti għal proċedura leġislattiva speċjali jew għal proċedura oħra ta' teħid ta' deċiżjonijiet skont liema l-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat jew huwa mitlub jagħti l-kunsens tiegħu;

(b) ftehimiet internazzjonali li dwaru l-Parlament Ewropew għandu jiġi kkonsultat jew mitlub jagħti l-kunsens tiegħu skont l-Artikolu 218(6) TFUE;

(c) direttivi ta' negozjar għal ftehimiet internazzjonali msemmijin fil-punt (b);

(d) attivitajiet, rapporti ta' evalwazzjoni jew dokumenti oħrajn li dwarhom il-Parlament Ewropew għandu jiġi informat; u

(e) dokumenti dwar l-attivitajiet ta' dawk l-aġenziji tal-Unjoni li l-Parlament Ewropew għandu jkun involut fl-evalwazzjoni jew l-iskrutinju tagħhom.

*Artikolu 2*

*Definizzjoni ta' "informazzjoni klassifikata"*

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, "informazzjoni klassifikata" għandha tfisser kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin, jew dawn kollha:

(a) "Informazzjoni klassifikata tal-UE" (IKUE) kif definita fir-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew u fir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill u li jkollha waħda mill-marki ta' klassifikazzjoni ta' sigurtà li ġejjin:

— RESTREINT UE/EU RESTRICTED;

— CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL;

— SECRET UE/EU SECRET;

— TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET;

(b) informazzjoni klassifikata mogħtija lill-Kunsill mill-Istati Membri u li jkollha marka nazzjonali ta' klassifikazzjoni ta' sigurtà ekwivalenti għal waħda mill-marki ta' klassifikazzjoni ta' sigurtà użati għall-IKUE elenkati fil-punt (a);

(c) informazzjoni klassifikata mogħtija lill-Unjoni Ewropea minn Stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali li jkollha marka ta' klassifikazzjoni ta' sigurtà ekwivalenti għal waħda mill-marki ta' klassifikazzjoni ta' sigurtà użati għall-IKUE elenkati fil-punt (a), kif hemm previst fil-ftehimiet dwar is-sigurtà tal-informazzjoni jew l-arranġamenti amministrattivi rilevanti.

*Artikolu 3*

*Protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata*

1. Il-Parlament Ewropew għandu jipproteġi, f'konformità mar-regoli ta' sigurtà tiegħu u ma' dan il-Ftehim, kwalunkwe informazzjoni klassifikata mogħtija lilu mill-Kunsill.

2. Minħabba li għandha tinżamm ekwivalenza bejn il-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi għall-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata stabbilita mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fir-regoli ta' sigurtà rispettivi tagħhom, il-Parlament Ewropew għandu jiżgura li l-miżuri ta' sigurtà fis-seħħ fil-bini tiegħu jistgħu jkollhom livell ta' protezzjoni għall-informazzjoni klassifikata ekwivalenti għal dak mogħti lil tali informazzjoni fil-bini tal-Kunsill. Is-servizzi rilevanti tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jikkooperaw mill-qrib għal dan il-għan.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

3. Il-Parlament Ewropew għandu jieħu l-miżuri adatti biex jiżgura li informazzjoni klassifikata mogħtija lilu mill-Kunsill ma għandhiex:

(a) tintuża għal finijiet minbarra dawk li għalihom ingħata aċċess;

(b) tingħata lil persuni li mhumiex dawk li ngħatalhom aċċess f'konformità mal-Artikoli 4 u 5, jew issir pubblika;

(c) tiġi rilaxxata lil istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji oħrajn tal-Unjoni, jew lil Stati Membri, Stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali mingħajr ma jkun ingħata kunsens bil-miktub minn qabel mill-Kunsill.

4. Il-Kunsill jista' jagħti lill-Parlament Ewropew aċċess għal informazzjoni klassifikata li toriġina f'istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji oħrajn tal-Unjoni, jew fi Stati Membri, Stati terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali biss jekk ikun ingħata kunsens bil-miktub minn qabel mill-oriġinatur.

*Artikolu 4*

*Sigurtà tal-persunal*

1. L-aċċess għal informazzjoni klassifikata għandha tingħata lill-Membri tal-Parlament Ewropew f'konformità mal-Artikolu 5(4).

2. Meta l-informazzjoni kkonċernata hija klassifikata fil-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL, SECRET UE/EU SECRET jew TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET jew l-ekwivalenti tiegħu, jista' jingħata aċċess biss lill-Membri tal-Parlament Ewropew awtorizzati mill-President tal-Parlament Ewropew:

(a) li jkunu ngħataw approvazzjoni tas-sigurtà f'konformità mar-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew; jew

(b) li dwarhom tkun saret notifika minn awtorità nazzjonali kompetenti li huma debitament awtorizzati permezz tal-funzjonijiet tagħhom f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, fejn l-informazzjoni kkonċernata hija klassifikata fil-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew l-ekwivalenti tiegħu, l-aċċess jista' jingħata ukoll lil dawk il-Membri tal-Parlament Ewropew determinati f'konformità mal-Artikolu 5(4) li ffirmaw dikjarazzjoni solenni ta' segretezza f'konformità mar-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew. Il-Kunsill għandu jkun infurmat bl-ismijiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew li ngħataw aċċess skont dan is-subparagrafu.

3. Qabel ma jingħataw aċċess għal informazzjoni klassifikata, il-Membri tal-Parlament Ewropew għandhom jiġu infurmati fil-qosor dwar u jirrikonoxxu r-responsabbiltajiet tagħhom li jipproteġu tali informazzjoni f'konformità mar-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew, u għandhom jiġu infurmati dwar il-mezzi biex tiġi żgurata tali protezzjoni.

4. L-aċċess għal informazzjoni klassifikata għandu jingħata biss lil dawk l-uffiċjali tal-Parlament Ewropew u impjegati oħra tal-Parlament li jaħdmu għall-gruppi politiċi li:

(a) nħatru minn qabel bħala li jeħtieġu li jkunu infurmati mill-korp jew uffiċjal parlamentari determinati f'konformità mal-Artikolu 5(4);

(b) ingħataw approvazzjoni tas-sigurtà għal-livell adatt f'konformità mar-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew meta l-informazzjoni hija klassifikata fil-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL, SECRET UE/EU SECRET jew TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET jew l-ekwivalenti tiegħu; u

(c) ingħataw informazzjoni fil-qosor u rċevew struzzjonijiet bil-miktub dwar ir-responsabbiltajiet tagħhom li jipproteġu tali informazzjoni kif ukoll dwar il-mezzi li jiżguraw tali protezzjoni, u li ffirmaw dikjarazzjoni fejn jirrikonoxxu li rċevew dawk l-istruzzjonijiet u li jimpenjaw rwieħhom li jaderixxu magħhom f'konformità mar-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew.

*Artikolu 5*

*Proċedura għall-aċċess għal informazzjoni klassifikata*

1. Il-Kunsill għandu jagħti l-informazzjoni klassifikata msemmija fl-Artikolu 1 lill-Parlament Ewropew meta jkun obbligat legalment li jagħmel dan, skont it-Trattati jew atti legali adottati abbażi tat-Trattati. Il-korpi jew uffiċjali parlamentari msemmija fil-paragrafu 3 jistgħu wkoll jippreżentaw talba bil-miktub għal tali informazzjoni.

2. F'każijiet oħrajn, il-Kunsill jista' jagħti l-informazzjoni klassifikata msemmija fl-Artikolu 1 lill-Parlament Ewropew, jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba bil-miktub mingħand wieħed mill-korpi jew uffiċjali parlamentari msemmija fil-paragrafu 3.

3. Il-korpi jew uffiċjali parlamentari li ġejjin jistgħu jippreżentaw talbiet bil-miktub lill-Kunsill:

(a) il-President;

(b) il-Konferenza tal-Presidenti;

(c) il-Bureau;

(d) il-President(i) tal-kumitat(i) konċernat(i);

(e) ir-relatur(i) konċernat(i).

It-talbiet minn Membri oħra tal-Parlament Ewropew għandhom isiru permezz ta' wieħed mill-korpi jew uffiċjali parlamentari msemmija fl-ewwel subparagrafu.

Il-Kunsill għandu jwieġeb għal tali talbiet mingħajr dewmien.

4. Fejn il-Kunsill ikun taħt obbligu legali li, jew ikun iddeċieda li jagħti lill-Parlament Ewropew aċċess għal informazzjoni klassifikata, huwa għandu jiddetermina bil-miktub, qabel ma din l-informazzjoni tintbagħat, flimkien mal-korp jew l-uffiċjal rilevanti kif elenkat fil-paragrafu 3:

(a) li tali aċċess jista' jingħata lil wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin:

(i) il-President;

(ii) il-Konferenza tal-Presidenti;

(iii) il-Bureau;

(iv) il-President(i) tal-Kumitat(i) konċernat(i);

(v) ir-relatur(i) konċernat(i);

(vi) il-membri tal-kumitat(i) konċernati kollha jew uħud minnhom; u

(b) kwalunkwe arranġament ta' trattament speċifiku għall-protezzjoni ta' tali informazzjoni.

*Artikolu 6*

*Reġistrazzjoni, ħżin, konsultazzjoni u diskussjoni ta' informazzjoni klassifikata fil-Parlament Ewropew*

1. Informazzjoni klassifikata pprovduta mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew, fejn din tkun klassifikata fil-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL, SECRET UE/EU SECRET jew TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET jew l-ekwivalenti tiegħu:

(a) għandha tiġi rreġistrata għal finijiet ta' sigurtà biex jiġi rrekordjat iċ-ċiklu ta' ħajja tagħha u tiġi żgurata t-traċċabbiltà tagħha f'kull ħin;

(b) għandha tinħażen f'żona sigura li tilħaq l-istandards minimi ta' sigurtà fiżika stabbiliti fir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill u fir-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew, li għandhom ikunu ekwivalenti; u

(c) tista' tiġi kkonsultata mill-Membri tal-Parlament Ewropew, uffiċjali tal-Parlament Ewropew u l-impjegati oħra tal-Parlament rilevanti li jaħdmu għall-gruppi politiċi msemmijin fl-Artikolu 4(4) u l-Artikolu 5(4) biss f'kamra sikura għall-qari ġewwa l-bini tal-Parlament Ewropew. F'dan il-każ, għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) l-informazzjoni m'għandha tiġi kkopjata bl-ebda mezz, bħall-fotokopji jew ritratti;

(ii) m'għandhomx jittieħdu noti; u

(iii) l-ebda apparat ta' komunikazzjoni elettronika ma jista' jittieħed fil-kamra.

2. Informazzjoni klassifikata pprovduta mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew, fejn din tkun klassifikata fil-livell RESTREINT UE/EU RESTRICTED jew l-ekwivalenti tiegħu, għandha tiġi ttratata u maħżuna f'konformità mar-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew li għandhom joffru livell ta' protezzjoni għal tali informazzjoni klassifikata ekwivalenti għal dak tal-Kunsill.

Minkejja l-ewwel subparagrafu, għal perijodu ta' 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, informazzjoni klassifikata fil-livell RESTREINT UE/EU RESTRICTED jew l-ekwivalenti tiegħu għandha tiġi ttratata u maħżuna f'konformità mal-paragrafu 1. L-aċċess għal tali informazzjoni klassifikata għandha tkun irregolata mill-punti (a) u (c) tal-Artikolu 4(4) u mill-Artikolu 5(4).

3. L-informazzjoni klassifikata tista' tiġi ttrattata biss fuq sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni li jkunu ġew debitament akkreditati jew approvati f'konformità ma' standards ekwivalenti għal dawk stabbiliti fir-regoli ta' sigurtà tal-Kunsill.

4. L-informazzjoni klassifikata mogħtija bil-fomm lil dawk li jirċevuha fil-Parlament Ewropew għandha tiġi soġġetta għal-livell ekwivalenti ta' protezzjoni bħal dak mogħti lil informazzjoni klassifikata f'forma miktuba.

5. Minkejja l-punt (c) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-informazzjoni klassifikata sal-livell CONFIDENTIEL UE/EU CONFIDENTIAL jew ekwivalenti tiegħu mogħtija mill-Kunsill lill-Parlament Ewropew tista' tiġi diskussa f'laqgħat li jsiru *in camera* u li għalihom jattendu biss il-Membri u dawk l-uffiċjali tal-Parlament Ewropew u impjegati oħrajn tal-Parlament li jaħdmu għall-gruppi politiċi u li ngħataw aċċess għall-informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 4(4) u l-Artikolu 5(4). Għandhom japplikaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

— id-dokumenti għandhom jitqassmu fil-bidu tal-laqgħa u jerġgħu jinġabru fl-aħħar;

— id-dokumenti m'għandhom jiġu kkopjati bl-ebda mezz, bħall-fotokopji jew ritratti;

— m'għandhomx jittieħdu noti;

— l-ebda apparat ta' komunikazzjoni elettronika ma jista' jittieħed fil-kamra; u

— il-minuti tal-laqgħa m'għandhomx isemmu d-diskussjoni dwar il-punt li jkun fih informazzjoni klassifikata.

6. Meta jkunu jinħtieġu laqgħat biex tiġi diskussa informazzjoni klassifikata fil-livell SECRET UE/EU SECRET jew TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET jew l-ekwivalenti tiegħu għandhom jiġu miftiehma arranġamenti speċifiċi bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill fuq bażi ta' każ b' każ.

*Artikolu 7*

*Ksur tas-sigurtà, telf jew kompromess ta' informazzjoni klassifikata*

1. Fil-każ ta' telf jew kompromess ipprovat jew issuspettat ta' informazzjoni klassifikata mogħtija mill-Kunsill, is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew għandu jinforma lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill b'dan immedjatament. Is-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew għandu jmexxi investigazzjoni u għandu jinforma lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill dwar ir-riżultati tal-investigazzjoni u tal-miżuri li ttieħdu biex dan ma jerġax iseħħ. Fejn huwa kkonċernat Membru tal-Parlament Ewropew, il-President tal-Parlament Ewropew għandu jaġixxi flimkien mas-Segretarju Ġenerali tal-Parlament Ewropew.

2. Kwalunkwe Membru tal-Parlament Ewropew li jkun responsabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew jew f'dan il-Ftehim jista' jkun soġġett għal miżuri u penali skont ir-Regoli 9(2) u 152 sa 154 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew

3. Kwalunkwe uffiċjal tal-Parlament Ewropew jew impjegat ieħor tal-Parlament li jaħdem għal grupp politiku li jkun responsabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew jew f'dan il-Ftehim jista' jkun soġġett għall-pieni stabbiliti fir-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjaliu l-Kondizzjonijiet ta' Impjieg ta' Impjegati Oħrajn tal-Unjoni Ewropea, stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill Regulation (KEE, Euratom, KEFA) No 259/68 ([1]).

4. Persuni li jkunu responsabbli għat-telf jew il-kompromess ta' informazzjoni klassifikata jistgħu jkunu soġġetti għal azzjoni dixxiplinarja u/jew legali f'konformità mal-liġijiet, ir-regoli u r-regolamenti applikabbli.

([1]) ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

*Artikolu 8*

*Dispożizzjonijiet finali*

1. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, min-naħa tagħhom, għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Huma għandhom jikkooperaw għal dan il-għan, b'mod partikolari billi jiġu organizzati żjarat biex tiġi sorveljata l-implimentazzjoni tal-aspetti tekniċi u ta' sigurtà ta' dan il-Ftehim.

2. Is-servizzi rilevanti tas-Segretarjat tal-Parlament Ewropew u tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandhom jikkonsultaw lil xulxin qabel ma waħda mill-istituzzjonijiet timmodifika r-regoli ta' sigurtà rispettivi tagħha, sabiex jiġi żgurat li tinżamm l-ekwivalenza tal-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi għall-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata.

3. L-informazzjoni klassifikata għandha tiġi pprovduta lill-Parlament Ewropew skont dan il-Ftehim ladarba l-Kunsill, flimkien mal-Parlament Ewropew, ikun iddetermina li tkun intlaħqet ekwivalenza bejn il-prinċipji bażiċi u l-istandards minimi għall-protezzjoni tal-informazzjoni klassifikata fir-regoli ta' sigurtà tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, minn naħa, u bejn il-livell ta' protezzjoni mogħti għall-informazzjoni klassifikata fil-bini tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, min-naħa l-oħra.

4. Dan il-Ftehim jista' jiġi rieżaminat fuq talba ta' istituzzjoni waħda jew l-oħra fid-dawl tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni tiegħu.

5. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi … fi …

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |

## DIKJARAZZJONIJIET

### (a) Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-Artikolu 8(3)

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ser jikkooperaw sabiex id-determinazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(3) tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' …. (*) dwar it-trasmissjoni lil u t-trattament mill-Parlament Ewropew ta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill dwar kwistjonijiet apparti dawk fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni tkun tista' ssir sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dak il-Ftehim.

### (b) Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni tad-dokumenti

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ifakkru li s-sottoklassifikazzjoni jew is-sovraklassifikazzjoni tad-dokumenti timmina r-regoli ta' sigurtà.

Il-Kunsill ser ikompli jiżgura li jkun applikat il-livell korrett ta' klassifikazzjoni għall-informazzjoni li toriġina fil-Kunsill f'konformità mar-regoli ta' sigurtà tiegħu. Il-Kunsill ser jirrieżamina l-livell ta' klassifikazzjoni ta' kwalunkwe dokument qabel ma jibagħtu lill-Parlament Ewropew, b'mod partikolari sabiex jivverifika jekk tali livell ta' klassifikazzjoni għadux adatt.

(*) Data tal-iffirmar tal-Ftehim Interistituzzjonali.

Il-Parlament Ewropew ser jipproteġi kwalunkwe informazzjoni klassifikata pprovduta lilu b'mod proporzjonat mal-livell ta' klassifikazzjoni tagħha. Fil-każ li dan jitlob jekk dokument klassifikat ipprovdut mill-Kunsill jistax jiġi deklassat jew deklassifikat, tali deklassament jew deklassifikazzjoni jistgħu jsiru biss bil-kunsens bil-miktub minn qabel tal-Kunsill.

**(c) Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-aċċess għal informazzjoni klassifikata fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni**

Filwaqt li jfakkru fid-Dikjarazzjoni mir-Rappreżentant Għoli dwar ir-responsabbiltà politika [1], il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jikkunsidraw li ir-reviżjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Novembru 2002 bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar l-aċċess mill-Parlament Ewropew għal informazzjoni sensittiva tal-Kunsill fil-qasam tal-politika tas-sigurtà u d-difiża [2] għandha tibda' matul l-2012.

Din ir-reviżjoni ser isir b' rispett għar-rwol speċifiku tal-Parlament Ewropew fil-qasam tal-**politika estera u ta' sigurtà komuni**, b'kont meħud tal-esperjenza miksuba fl-implimentazzjoni kemm tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' … (*) dwar it-trasmissjoni lil u t-trattament mill-Parlament Ewropew ta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill dwar kwistjonijiet apparti dawk fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni u tal-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Novembru 2002 imsemmi hawn fuq.

Sakemm jitlesta dan ir-rieżami, fejn il-Kunsill jiddeċiedi li jagħti lill-Parlament Ewropew aċċess għall-informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni, huwa jipproċedi kif deskritt fil-Premessa 7 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' … (*) dwar it-trasmissjoni lil u t-trattament mill-Parlament Ewropew ta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill dwar kwistjonijiet apparti dawk fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni u f'konformità mal-paragrafu 2 tad-Dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli msemmija hawn fuq.

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li l-implimentazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni ser tieħu kont dovut tan-natura speċifika u l-kontenut speċjalment sensittiv tal-informazzjoni fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni.

**(d) Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar dokumenti tal-Kunsill mhux klassifikati**

Il-Kunsill jikkonferma li l-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' … (*) dwar it-trasmissjoni lil u t-trattament mill-Parlament Ewropew ta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill dwar kwistjonijiet apparti dawk fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni ma japplikax għad-dokumenti mhux klassifikati interni tal-Kunsill (jiġifieri dawk immarkati "LIMITÉ").

**(e) Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew dwar informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kummissjoni**

Il-Parlament Ewropew jenfasizza li informazzjoni klassifikata li toriġina mill-Kummissjoni Ewropea u/jew li tintbagħat lill-Parlament Ewropew mill-Kummissjoni Ewropea għandha tintbagħat u tiġi ttrattata skont id-dispożizzjonijiet stipulati fil-Ftehim Qafas tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea [3].

[1] ĠU C 210, 3.8.2010, p. 1.
[2] ĠU C 298, 30.11.2002, p. 1.
(*) Data tal-iffirmar tal-Ftehim Interistituzzjonali.
[3] ĠU L 304, 20.11.2010, p. 47.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

III

*(Atti preparatorji)*

# IL-PARLAMENT EWROPEW

## Il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: EGF/2011/008 DK/Odense Steel Shipyard, Danimarka

P7_TA(2012)0304

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/008 DK/Odense Steel Shipyard mid-Danimarka) (COM(2012)0272 – C7-0131/2012 – 2012/2110(BUD))**

(2013/C 353 E/26)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0272 – C7-0131/2012),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba ([1]) (Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikolari l-punt 28 tiegħu,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]) (Ir-Regolament FEG),

— wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu stipulata fil-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0232/2012),

A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex jiġi pprovdut appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija u biex jiġu megħjuna jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol;

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

B. billi l-ambitu tal-FEG twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 'l quddiem biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali;

C. billi l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u disponibbli b'mod kemm jista' jkun malajr u effiċjenti, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa tal-Ftehim Interistituzzjonali (FII) tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-FEG;

D. billi d-Danimarka talbet assistenza għal 981 sensja, li minnhom 550 huma fil-mira tal-għajnuna, fl-intrapriża primarja Odense Steel Shipyard u f'erba' fornituri u produtturi fi stadji sussegwenti tal-produzzjoni fid-Danimarka, fi żmien perjodu ta' referenza ta' erba' xhur;

E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament FEG;

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(a) tar-Regolament FEG huma ssodisfati u li, għalhekk, id-Danimarka, hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament;

2. Jinnota li l-awtoritajiet Daniżi ressqu l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fit-28 ta' Ottubru 2011 u li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli min-naħa tal-Kummissjoni fis-6 ta' Ġunju 2012; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tħaffef il-proċess ta' valutazzjoni, b'mod partikolari fil-każ ta' applikazzjonijiet li jimmiraw lejn is-setturi fejn diġà sar użu mill-FEĠ f'diversi okkażjonijiet;

3. Jinnota li t-telf dirett fl-Odense Steel Shipyard kopert minn żewġ applikazzjonijiet FEG (din u FEG/2010/025 DK/Odense Steel Shipyard ([1])) jammonta għal madwar 2 % tal-forza tax-xogħol lokali, u, flimkien ma' telf ta' impjiegi indirett, l-għeluq tat-tarzna jitqies bħala kriżi ewlenija fl-ekonomija reġjonali;

4. Jinnota li l-awtoritajiet Daniżi indikaw li, fil-fehma tagħhom, kienu se jkunu 550 biss mid-981 ħaddiem mogħti s-sensja li jagħżlu li jieħdu sehem fil-miżuri, filwaqt li oħrajn kienu se jiddeċiedu li jew jirtiraw jew isibu impjieg ġdid huma stess; jitlob lill-awtoritajiet Daniżi jinqdew bl-appoġġ tal-FEG fil-potenzjal sħiħ tiegħu;

5. Jinnota li skont ir-rapport annwali tal-Komunità ta' Assoċjazzjonijiet tat-Tarzni Ewropej (CESA) għall-2010-2011 ([2]), il-forza tax-xogħol fil-bini tal-bastimenti fl-Ewropa naqset bi 23 % tul l-aħħar tliet snin, minn 148 792 ħaddiem fl-2007 għal 114 491 fl-2010; u li l-assistenza FEG tul l-aħħar tliet snin diġà ġiet mobilizzata fi tliet każijiet fis-settur tal-bini tal-bastimenti (EGF/2010/001 DK/Nordjylland ([3]), EGF/2010/006 PL/H.Cegielski-Poznan ([4]) u EGF/2010/025 DK/Odense Steel Shipyard);

6. Jilqa' l-fatt li l-muniċipalitajiet ta' Odense u Kerteminde, li huma milqutin bil-goff mis-sensji fl-Odense Steel Shipyard, kienu mdaħħlin mill-qrib fl-applikazzjoni, li hija parti minn strateġija għal opportunitajiet ġodda ta' tkabbir fir-reġjun ifformulati minn konsorzju ta' partijiet interessati lokali, reġjonali u nazzjonali wara li tħabbar l-għeluq tat-tarzna fl-2009;

([1]) ĠU L 195, 27.7.2011, p. 52.
([2]) http://www.cesa.eu/presentation/publication/CESA_AR_2010_2011/pdf/CESA%20AR%202010-2011.pdf
([3]) ĠU L 286, 04.11.2010, p. 18.
([4]) ĠU L 342, 28.12.2010, p. 19.

**It-Tlieta 11 ta’ Settembru 2012**

7. Jilqa’ l-fatt li, sabiex il-ħaddiema jkunu pprovduti b’assistenza rapida, l-awtoritajiet Daniżi ddeċidew li jibdew l-implimentazzjoni tal-miżuri qabel id-deċiżjoni finali dwar l-għoti tal-appoġġ tal-FEG għall-pakkett koordinat propost;

8. Jinnota li l-awtoritajiet Daniżi qed jipproponu pakkett ikkoordinat relattivament għali ta’ servizzi personalizzati (EUR 11 737 ta’ appoġġ mill-FEG għal kull ħaddiem); jilqa’, b’danakollu, il-fatt li l-pakkett jikkonsisti f’miżuri li huma addizzjonali u innovattivi meta mqabblin ma’ dawk offruti regolarment mill-aġenziji tal-impjiegi u li huma adattati biex jassistu ħaddiema kwalifikati ħafna f’suq diffiċli tax-xogħol;

9. Ifakkar fl-importanza tat-titjib fl-impjegabilità tal-ħaddiema kollha permezz ta’ taħriġ adattat u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba tul il-karriera professjonali; jistenna li t-taħriġ offrut fil-pakkett koordinat jiġi adattat mhux biss għall-bżonnijiet tal-ħaddiema ssensjati imma wkoll għall-ambjent tan-negozju kif inhu bħalissa;

10. Jinnota li l-grupp ta’ ħaddiema fil-mira diġà huwa kkwalifikat ħafna, iżda f’qasam fejn il-prospettivi futuri għax-xogħol huma inċerti; għalhekk, il-miżuri proposti għalihom mill-ambitu finanzjarju se jkunu jiswew aktar milli fil-każ ta’ għadd kbir ta’ ħaddiema ssensjati f’daqqa, sensji li spiss ikunu jolqtu persuni li relattivament għandhom ftit kwalifiki;

11. Jilqa’ l-fatt li l-pakkett ikkoordinat ta’ servizzi personalizzati joffri wkoll inċentivi u korsijiet biex wieħed jibda negozju ġdid, u dawn huma kkontemplati għal għaxar ħaddiema (inkluż self ta’ EUR 26 000 għall-bidu tan-negozju);

12. Jilqa’ l-fatt li konsorzju ta’ partijiet interessati lokali, reġjonali u nazzjonali ddiskuta u fformula strateġija għal opportunitajiet ġodda ta’ tkabbir fir-reġjun Odense, u li din l-istrateġija qed tiggwida l-għażla ta’ miżuri ta’ taħriġ mill-ġdid fl-applikazzjoni;

13. Jinnota, b’danakollu, l-allowance tas-sussistenza proposta ta’ EUR 103 għal kull ħaddiem għal kull ġurnata ta’ involviment attiv u li l-ammont previst għal dawk l-allowances jirrappreżenta aktar minn terz mill-kost totali tal-pakkett; ifakkar li l-appoġġ mill-FEG għandu l-ewwel nett jingħata għat-tiftix ta’ impjieg u għal programmi ta’ taħriġ u mbagħad bħala kontribuzzjoni diretta għal allowances finanzjarji li jkunu r-responsabilità tal-Istati Membri bis-saħħa tal-liġi nazzjonali;

14. Jilqa’ l-enfasi fuq oqsma ġodda ta’ tkabbir u żvilupp potenzjali fl-ekonomija reġjonali, bħat-teknoloġija tal-enerġija, ir-robotika u t-teknoloġija tal-benessri, li huma konformi kemm mal-miri ta’ Lisbona fir-rigward ta’ kompetittività Ewropea f’saħħitha, u mal-miri tal-Ewropa 2020 dwar tkabbir intelliġenti, inklussiv u sostenibbli;

15. Jilqa’ l-fatt li s-support mill-FEG f’dan il-każ huwa kkoordinat minn Segretarjat FEG li twaqqaf dan l-aħħar fi ħdan il-Muniċipalità ta’ Odense u li tneda sit web iddedikat u li huwa ppjanat li jsiru żewġ konferenzi għall-promozzjoni tal-eżitu taż-żewġ applikazzjonijiet FEG;

16. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex itejbu l-arranġamenti proċedurali u baġitarji sabiex jaċċeleraw il-mobilizzazzjoni tal-FEG; japprezza l-proċedura mtejba li ddaħħlet fis-seħħ mill-Kummissjoni, wara t-talba tal-Parlament biex jitħaffef ir-rilaxx tal-għotjiet, bl-għan li tiġi ppreżentata lill-awtorità baġitarja l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità ta’ applikazzjoni għall-FEG flimkien mal-proposta biex jiġi mmobilizzat il-Fond; jittama li jiġi integrat aktar titjib proċedurali fir-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) il-ġdid u li jinkisbu effiċjenza, trasparenza u viżibbiltà akbar tal-FEG;

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

17. Ifakkar fl-impenn li għandhom l-istituzzjonijiet li jiżguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG, biex jiġi pprovdut appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien, immirat biex jgħin lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li jista' jkollu l-FEG fir-reintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja;

18. Jiddeplora l-fatt li, minkejja bosta mobilizzazzjonijiet Daniżi li kellhom suċċess tal-FEG skont il-kriterji marbutin mal-kummerċ u mal-kriżi, id-Danimarka hija wieħed mill-pajjiżi li qed jimminaw il-futur tal-FEG wara l-2013, bl-imblokkar tat-twessigħ tad-deroga tal-kriżi u t-tnaqqis fl-allokazzjoni finanzjarja għall-Kummissjoni għal assistenza teknika għall-FEG għall-2012;

19. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEG, għandu jkun żgurat li l-FEG jappoġġa r-reintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema individwali li jkunu ngħataw is-sensja; barra dan jenfasizza li l-assistenza mill-FEG tista' tikkofinanzja biss miżuri għas-suq tax-xogħol attivi li jwasslu għal impjiegi fit-tul; itenni li l-għajnuna mill-FEG m'għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas ma għandha tissostitwixxi miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi; jiddeplora l-fatt li l-FEG jista' jipprovdi inċentiv għall-kumpaniji sabiex jissostitwixxu l-forza tax-xogħol kuntrattwali tagħhom b'ħaddiema oħra aktar flessibbli u għal terminu ta' żmien qasir;

20. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-FEG tinkludi informazzjoni dwar il-komplementarjetà tagħhom ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjoni komparattiva ta' dik id-data fir-rapporti annwali tagħha sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma jkunx jista' jkun hemm duplikazzjoni tas-servizzi ffinanzjati mill-Unjoni;

21. Jilqa' l-fatt li wara talbiet imtennija mill-Parlament, il-baġit tal-2012 juri approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 50 000 000 fil-linja baġitarja 04 05 01 tal-FEG; ifakkar li l-FEG inħoloq bħala strument speċifiku separat bl-objettivi u bl-iskadenzi tiegħu stess u li għalhekk jistħoqqlu allokazzjoni speċifika għalih, li tevita li jkun hemm trasferimenti minn linji baġitarji oħra, kif ġara fil-passat, fatt li jista' jkun ta' ħsara għall-ilħuq tal-objettivi tal-politika tal-FEG;

22. Jiddispjaċih bid-deċiżjoni tal-Kunsill li jibblokka l-estensjoni tad-"deroga marbuta mal-kriżi" li tippermetti l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali u mhux biss lil dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet fix-xejriet kummerċjali fid-dinja, u li tippermetti żieda fir-rata tal-kofinanzjament tal-Unjoni għal 65 % tal-ispejjeż tal-programm, għall-applikazzjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2011, u jitlob lill-Kunsill jerġa jintroduċi mill-ġdid din il-miżura mingħajr dewmien;

23. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

24. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

25. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

**ANNESS:**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**tal-XXXX**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/008 DK/Odense Steel Shipyard mid-Danimarka)**

*(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni 2012/537/UE.)*

---

# Il-Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: EGF/2011/017 ES/Aragon

P7_TA(2012)0305

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/017 ES/Kostruzzjoni ta' Aragón minn Spanja) (COM(2012)0290 – C7-0150/2012 – 2012/2121(BUD))**

(2013/C 353 E/27)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0290 – C7-0150/2012),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja fis-sod [1] (IIA tas-17 ta' Mejju 2006), u b'mod partikulari l-punt 28,

— wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni [2],

— wara li kkunsidra l-proċedura ta' trilogu stipulata fil-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006,

— wara li kkunsidra l-ittra tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0233/2012),

A. billi l-Unjoni Ewropea stabbiliet l-istrumenti leġiżlattivi u baġitarji xierqa biex jiġi pprovdut appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-andament kummerċjali dinji u biex jiġu megħjuna jerġgħu jintegraw fis-suq tax-xogħol;

B. billi l-ambitu tal-FEG twessa' għall-applikazzjonijiet imressqa mill-1 ta' Mejju 2009 'l quddiem biex jinkludi appoġġ għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja b'riżultat dirett tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali;

---

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[2] ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

C. billi l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja għandha tkun dinamika u disponibbli malajr u b'mod effiċjenti kemm jista' jkun, skont id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni adottata waqt il-laqgħa ta' konċiljazzjoni fis-17 ta' Lulju 2008, u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-FII tas-17 ta' Mejju 2006 dwar l-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-FEG;

D. billi Spanja talbet għajnuna rigward 836 sensja, li 320 minnhom huma speċifikati għall-għajnuna, f'377 intrapriża li joperaw fid-Diviżjoni 41 (Kostruzzjoni ta' binjiet) ([1]) tan-NACE Reviżjoni 2 fir-reġjun NUTS II ta' Aragona (ES24) fi Spanja;

E. billi l-applikazzjoni tissodisfa l-kriterji ta' eliġibilità stabbiliti mir-Regolament dwar il-FEG;

1. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(b) tar-Regolament FEG huma ssodisfati u li, għalhekk, Spanja hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja skont dan ir-Regolament;

2. Jinnota li l-awtoritajiet Spanjoli ppreżentaw l-applikazzjoni għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG fit-28 ta' Diċembru 2011 u li l-valutazzjoni tagħha saret disponibbli mill-Kummissjoni fl-18 ta' Ġunju 2012; jilqa' l-fatt li l-proċess ta' evalwazzjoni u t-tressiq ta' tagħrif addizzjonali min-naħa ta' Spanja kienu mgħaġġlin u preċiżi;

3. Jinnota li l-qgħad żdied sew f'Aragona, u li, sal-aħħar tal-2011 in-numru ta' ħaddiema reġistrati fl-uffiċċji tax-xogħol pubbliċi kien qrib 100 000, li 15 % minnhom kienu ħaddiema li ingħataw is-sensja fil-qasam tal-kostruzzjoni;

4. Jieħu nota li r-reġjun ta' Aragona ntlaqgħat sew fil-passat minn sensji tal-massa u jilqa' l-fatt li r-reġjun iddeċieda li juża l-appoġġ tal-FEG biex jindirizza dawk is-sensji; Spanja ressqet żewġ applikazzjonijiet għall-FEG għar-reġjun ta' Aragona qabel: EGF/2008/004 ES Castilla y León & Aragón (1 082 sensja fl-industrija tal-karozzi li 594 minnhom seħħew f'Aragona) ([2]) u EGF/2010/016 ES Aragón retail (1 154 sensja fil-qasam tal-bejgħ) ([3]); jilqa' l-fatt li r-reġjun qed jibni fuq l-esperjenza mal-FEG u jassisti malajr lill-ħaddiema f'diversi setturi; jemmen bis-sħiħ li l-għajnuna antiċipata tal-FEG tista' tikkontribwixxi aktar għall-prevenzjoni tar-riskju ta' depopolazzjoni fir-reġjun ta' Aragona (attwalment fih bejn 3 u 54 abitant għal kull km$^2$) billi tinkoraġġixxi b'mod effettiv lill-popolazzjoni biex tibqa' f'dan it-territorju;

5. Jinnota li l-awtoritajiet Spanjoli jinfurmaw li fil-valutazzjoni tagħhom imsejsa fuq l-esperjenza b'applikazzjonijiet preċedenti tal-FEG, se jkunu biss 320 ħaddiem fil-mira tal-appoġġ tal-FEG li se jagħżlu li jipparteċipaw fil-miżuri; jistieden lill-awtoritajiet Spanjoli jużaw il-potenzjal kollu tal-għajnuna mill-FEG;

6. Jilqa' l-fatt li, biex il-ħaddiema jkunu pprovduti b'assistenza rapida, l-awtoritajiet Spanjoli ddeċidew li jibdew l-implimentazzjoni tal-miżuri qabel id-deċiżjoni finali dwar l-għoti tal-appoġġ tal-FEG għall-pakkett koordinat propost;

([1]) Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).
([2]) ĠU C 212 E, 5.8.2010, p. 165.
([3]) ĠU C 169 E, 15.6.2012, p. 157.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

7. Ifakkar fl-importanza tat-titjib fl-impjegabilità tal-ħaddiema kollha permezz ta' taħriġ mfassal u r-rikonoxximent tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba tul il-karriera professjonali; jistenna li t-taħriġ offrut fil-pakkett koordinat jiġi adattat mhux biss għall-bżonnijiet tal-ħaddiema ssensjati, iżda wkoll ta' dawk tal-ambjent kummerċjali effettiv;

8. Jilqa' l-fatt li l-imsieħba soċjali relevanti ġew ikkonsultati dwar l-applikazzjoni għall-għajnuna tal-FEG u dwar il-kontenuti tal-pakkett ta' servizzi personalizzati li se jiġu provduti lill-ħaddiema biex jittejjeb it-tqabbil bejn id-domanda u l-provvista fis-suq tax-xogħol;

9. Jilqa' b'mod partikolari l-kors ta' taħriġ li kien tfassal biex iqabbel il-ħtiġijiet identifikati tal-impriżi lokali, li min-naħa tagħhom se jimpenjaw ruħhom li jimpjegaw uħud mill-ħaddiema li jipparteċipaw f'din l-azzjoni;

10. Jenfasizza l-fatt li għandhom jiġu misluta lezzjonijiet mit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' din l-applikazzjoni u oħrajn li jindirizzaw sensji tal-massa f'għadd kbir ta' impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) f'settur wieħed, b'mod partikolari f'termini ta' eliġibilità ta' dawk li jaħdmu għal rashom u s-sidien tal-SMEs għall-appoġġ tal-FEG fir-regolament futur u l-arranġamenti użati mir-reġjuni u l-Istati Membri sabiex jippreżentaw malajr applikazzjonijiet settorjali li jkopru għadd kbir ta' impriżi;

11. Jinnota li l-miżuri li jappoġġjaw l-intraprenditorjat huma previsti għal 20 ħaddiem biss; jittama li l-awtoritajiet Spanjoli se jippromwovu l-intraprenditorjat u li jkunu kapaċi jadattaw il-pakkett koordinat ta' servizzi fil-każ li jkun hemm żieda fl-interess f'dan it-tip ta' miżuri;

12. Jitlob lill-istituzzjonijiet involuti jagħmlu l-isforzi meħtieġa biex itejbu l-arranġamenti proċedurali u baġitarji biex jgħaġġlu l-mobilizzazzjoni tal-FEG; japprezza l-proċedura mtejba li ddaħħlet fis-seħħ mill-Kummissjoni, wara t-talba tal-Parlament biex jitħaffef ir-rilaxx tal-għotjiet, bl-għan li tiġi ppreżentata lill-awtorità baġitarja l-valutazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-eliġibilità ta' applikazzjoni għall-FEG flimkien mal-proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG; jittama li jiġi integrat aktar titjib proċedurali fir-Regolament dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) il-ġdid u li jinkisbu effiċjenza, trasparenza u viżibbiltà akbar tal-FEG;

13. Jinnota li l-pakkett koordinat jipprevedi bosta inċentivi għall-parteċipazzjoni biex jinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni fil-miżuri: allowance għat-tiftix ta' impjieg ta' EUR 300 (somma globali), allowance għar-rikollokament ta' EUR 200 u EUR 400 għal min jaħdem għal rasu fix-xahar għal massimu ta' tliet xhur; ifakkar li l-appoġġ mill-FEG għandu jkun allokat primarjament għal taħriġ u għat-tfittxija ta' impjieg kif ukoll għal programmi ta' taħriġ, minflok ma jikkontribwixxi direttament għal benefiċċji tal-qgħad li huma r-responsabilità tal-istituzzjonijiet nazzjonali;

14. Ifakkar fl-impenn li għandhom l-istituzzjonijiet li jiżguraw proċedura rapida u bla xkiel għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG, biex jiġi pprovdut appoġġ individwali ta' darba u limitat fiż-żmien, immirat biex jgħin lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-globalizzazzjoni u l-kriżi finanzjarja u ekonomika; jenfasizza r-rwol li jista' jkollu l-FEG fir-reintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema li jkunu ngħataw is-sensja;

15. Jinnota li dan il-każ speċifiku jirrifletti l-pajsaġġ soċjali u ekonomiku tar-reġjun speċifiku li jista' fil-ġejjieni jiġi indirizzat bl-estensjoni tal-ambitu tal-FEG għal ħaddiema li jaħdmu għal rashom (kif proponiet il-Kummissjoni fil-proposta tal-FEG 2014-2020);

16. Jenfasizza li, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament dwar il-FEG, għandu jkun żgurat li l-FEG jappoġġa r-reintegrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' ħaddiema individwali li jkunu ngħataw is-sensja; barra dan jenfasizza li l-assistenza mill-FEG tista' tikkofinanzja biss miżuri għas-suq tax-xogħol attivi li jwasslu għal impjiegi fit-tul; itenni li l-għajnuna mill-FEG m'għandhiex tieħu post azzjonijiet li huma r-responsabilità tal-kumpaniji skont il-liġi nazzjonali jew ftehimiet kollettivi, u lanqas ma għandha tissostitwixxi miżuri għar-ristrutturar ta' kumpaniji jew setturi; jiddeplora l-fatt li l-FEG jista' jipprovdi inċentiv għall-kumpaniji sabiex jissostitwixxu l-forza tax-xogħol kuntrattwali tagħhom b'ħaddiema oħra aktar flessibbli u għal terminu ta' żmien qasir;

17. Jinnota li l-informazzjoni pprovduta dwar il-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati li għandu jiġi ffinanzjat mill-FEG tinkludi informazzjoni dwar il-komplementarjetà ma' azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali; itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex tippreżenta evalwazzjoni komparattiva ta' dik id-dejta fir-rapporti annwali tagħha sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tar-regolamenti eżistenti u li ma jkunx jista' jkun hemm duplikazzjoni tas-servizzi ffinanzjati mill-Unjoni;

18. Jilqa' l-fatt li wara talbiet ripetuti mill-Parlament, il-baġit tal-2012 juri approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 50 000 000 fil-linja baġitarja 04 05 01 tal-FEG; ifakkar li l-FEG nħoloq bħala strument speċifiku separat bl-objettivi u bl-iskadenzi tiegħu stess u, għalhekk, jistħoqqlu allokazzjoni speċifika, li se tevita trasferimenti minn linji baġitarji oħra, kif ġara fil-passat, li hija xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara għall-ilħuq tal-objettivi tal-politika tal-FEG;

19. Jiddispjaċih bid-deċiżjoni tal-Kunsill li jibblokka l-estensjoni tad-"deroga marbuta mal-kriżi" li tippermetti l-għoti ta' assistenza finanzjarja lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba l-kriżi finanzjarja u ekonomika attwali flimkien ma' dawk li tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet fl-istruttura tal-kummerċ fid-dinja, u li tippermetti żieda tar-rata ta' kofinanzjament tal-Unjoni għal 65 % tal-ispejjeż tal-programm, għall-applikazzjonijiet ippreżentati wara l-iskadenza tal-31 ta' Diċembru 2011, u jitlob lill-Kunsill jerġa' jintroduċi din il-miżura mingħajr dewmien;

20. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;

21. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex jagħmel l-arranġamenti biex tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

22. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

**ANNESS**

**DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/017 ES/Kostruzzjoni ta' Aragón minn Spanja)**

*(It-test ta' dan l-anness mhux riprodott hawnhekk billi jikkorrispondi mal-att finali, Deċiżjoni 2012/536/UE.)*

---

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

## Effiċjenza enerġetika ***I

P7_TA(2012)0306

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza fl-enerġija u li tirrevoka d-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (COM(2011)0370 – C7-0168/2011 – 2011/0172(COD))**

(2013/C 353 E/28)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0370),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 194(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0168/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni motivata mressqa, fi ħdan il-qafas tal-Protokoll (Nru 2) dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, mill-Parlament Svediż, li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-26 ta' Ottubru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-14 ta' Diċembru 2011 ([2]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-27 ta' Ġunju 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi (A7-0265/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Japprova l-istqarrija konġunta mill-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni mehmuż ma' din ir-riżoluzzjoni

3. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni mehmuża ma' din ir-riżoluzzjoni;

([1]) ĠU C 24, 28.1.2012, p. 134.
([2]) ĠU C 54, 23.2.2012, p. 49.

4. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0172

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2012/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2012/27/EU.)*

---

### Anness

**Abbozz ta' Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar ir-rwol eżemplari tal-binjiet tagħhom fil-kuntest tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija**

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni jiddikjaraw li, minħabba l-viżibilità għolja tal-binjiet tagħhom u r-rwol ta' tmexxija li għandu jkollhom fir-rigward tal-prestazzjoni enerġetika tal-binjiet tagħhom, huma ser jintrabtu, mingħajr preġudizzju għar-regoli applikabbli tal-baġit u l-akkwist, li japplikaw l-istess rekwiżiti għall-binjiet li huma l-proprjetà tagħhom u li huma jokkupaw bħal dawk applikabbli għall-binjiet tal-gvern ċentrali tal-Istati Membri skont l-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva 2012/XX/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza fl-enerġija u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE.

**Abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-verifiki tal-enerġija**

Kif spjegat fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-Modernizzazzjoni tal-Għajnuna mill-Istat tal-UE (COM(2012)0209 tat-8.5.2012), il-Kummissjoni identifikat il-Linji Gwida tal-UE dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Protezzjoni Ambjentali bħala wieħed mill-istrumenti li jistgħu jikkontribwixxu għall-Istrateġija tat-Tkabbir u l-objettivi ta' Ewropa 2020 u li jistgħu jiġu riveduti sa tmiem l-2013. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni tista' tivverifika li r-regoli futuri dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Protezzjoni Ambjentali jkomplu jippromwovu bl-aħjar mod it-tkabbir sostenibbli, fost oħrajn permezz tal-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija f'konformità mal-objettivi ta' din id-Direttiva.

**Abbozz ta' dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-EU ETS**

Fid-dawl tal-ħtieġa li jinżammu l-inċentivi fis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet, il-Kummissjoni tintrabat sabiex:

— tippreżenta b'mod urġenti l-ewwel rapport skont l-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 2003/87/KE dwar is-suq tal-karbonju akkumpanjat minn reviżjoni tal-profil taż-żmien tal-irkant tal-fażi numru 3

— f'dan ir-rapport teżamina l-għażliet għall-azzjoni, inkluż fost oħrajn iż-żamma permanenti tal-ammont neċessarju ta' allokazzjonijiet, bl-għan li jiġu adottati malajr kemm jista' jkun aktar miżuri strutturali xierqa biex isaħħu l-ETS matul il-fażi numru 3, u biex jagħmluha aktar effettiva.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

## L-istandardizzazzjoni Ewropea ***I

P7_TA(2012)0311

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/105/KE u 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2011)0315 – C7-0150/2011 – 2011/0150(COD))**

(2013/C 353 E/29)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0315),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0150/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta' Settembru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-6 ta' Ġunju 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat dwar is-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0069/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 376, 22.12.2011, p. 69.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

**P7_TC1-COD(2011)0150**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (EU) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE ▌tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id- Deċiżjoni tal-Kunsil 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1025/2012.)*

---

## Identifikazzjoni elettronika tal-annimali bovini ***I

P7_TA(2012)0312

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1760/2000 dwar l-identifikazzjoni elettronika tal-annimali bovini u t-tneħħija tad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettjar volontarju taċ-ċanga (COM(2012)0162 – C7-0114/2012 – 2011/0229(COD))** (1)

(2013/C 353 E/30)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| **Emenda 43**<br>**Proposta għal regolament**<br>**Titolu** | |
| REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1760/2000 dwar l-identifikazzjoni elettronika tal-annimali bovini u ***t-tneħħija tad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettjar volontarju taċ-ċanga*** | REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1760/2000 dwar l-identifikazzjoni elettronika tal-annimali bovini u ***t-tikkettjar taċ-ċanga*** |
| **Emenda 2**<br>**Proposta għal regolament**<br>**Premessa 4** | |
| (4) It-traċċar tal-laħam taċ-ċanga sas-sors permezz ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni huwa prerekwiżit għat-tikkettjar tal-oriġini tul il-katina alimentari kollha ***u jiżgura l-protezzjoni*** tal-konsumatur u s-saħħa pubblika. | (4) It-traċċar tal-laħam taċ-ċanga sas-sors permezz ta' identifikazzjoni u reġistrazzjoni huwa prerekwiżit għat-tikkettjar tal-oriġini tul il-katina alimentari kollha. ***Dawk il-miżuri jiżguraw il-protezzjoni*** tal-konsumatur u s-saħħa pubblika ***u jippromwovu l-fiduċja tal-konsumatur.*** |
| **Emenda 4**<br>**Proposta għal regolament**<br>**Premessa 6** | |
| (6) L-użu ta' sistemi elettroniċi ta' identifikazzjoni għandu l-potenzjal li jissemplifika l-proċessi tat-traċċabbiltà permezz ta' qari u reġistrazzjoni awtomatizzati u aktar preċiżi fir-reġistru | (6) L-użu ta' sistemi elettroniċi ta' identifikazzjoni għandu l-potenzjal li jissemplifika l-proċessi tat-traċċabbiltà permezz ta' qari u reġistrazzjoni awtomatizzati u aktar preċiżi fir-reġistru |

(1) Il-każ kien riferut lura lill-kumitat responsabbli biex jerġà jiġi kkunsidrat skont it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 57(2) (A7-0199/2012).

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| tal-istabbiliment. Dan jippermetti wkoll rappurtar awtomatizzat tal-movimenti tal-annimali fil-bażi ta' dejta kompjuterizzata, u b'hekk ikun hemm titjib fil-veloċità, l-affidabilità u l-preċiżjoni tas-sistema. | tal-istabbiliment. Dan jippermetti wkoll rappurtar awtomatizzat tal-movimenti tal-annimali fil-bażi ta' dejta kompjuterizzata, u b'hekk ikun hemm titjib fil-veloċità, l-affidabilità u l-preċiżjoni tas-sistema. ***Dan itejjeb il-ġestjoni tal-pagamenti diretti magħmulin lill-bdiewa għal kull bhima permezz ta' kontrolli aħjar u tnaqqis fir-riskju ta' żbalji fil-pagamenti.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| | |
|---|---|
| (7) Is-sistemi ta' identifikazzjoni elettronika bbażati fuq l-identifikazzjoni bil-frekwenzi tar-radju għamlu avvanzi konsiderevoli matul l-aħħar għaxar snin. Dik it-teknoloġija tippermetti qari aktar veloċi u aktar preċiż ta' kodiċijiet tal-identità tal-annimali individwali direttament għal ġo sistemi għall-ipproċessar tad-dejta li jirriżulta fi tnaqqis fil-ħin meħtieġ biex jiġu rintraċċati annimali potenzjalment infettati jew ikel infettat, fi frankar ta' spejjeż tax-xogħol iżda fl-istess ħin ukoll iżżid l-ispejjeż tat-tagħmir. | (7) Is-sistemi ta' identifikazzjoni elettronika bbażati fuq l-identifikazzjoni bil-frekwenzi tar-radju għamlu avvanzi konsiderevoli matul l-aħħar għaxar snin***, ukoll jekk l-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardazzjoni (ISO) għad iridu jiġu applikati, u jeħtieġ li jkunu ttestjati għall-bovini***. Dik it-teknoloġija tippermetti qari aktar veloċi u aktar preċiż ta' kodiċijiet tal-identità tal-annimali individwali direttament għal ġo sistemi għall-ipproċessar tad-dejta li jirriżulta fi tnaqqis fil-ħin meħtieġ biex jiġu rintraċċati annimali potenzjalment infettati jew ikel infettat, ***li jwassal għal titjib fil-bażijiet ta' dejta u għal kapaċità akbar għal reazzjoni mingħajr dewmien f'każ li jfaqqa' l-mard,*** fi frankar ta' spejjeż tax-xogħol iżda fl-istess ħin ukoll iżżid l-ispejjeż tat-tagħmir. ***Jekk l-identifikazzjoni elettronika tkun difettuża, il-ħsara tat-teknoloġija ma għandhiex twassal għall-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penali fuq il-bdiewa.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| | |
|---|---|
| (9) Minħabba l-avvanzi teknoloġiċi fl-EID, bosta Stati Membri ddeċidew li jibdew jimplimentaw l-EID bovina fuq bażi volontarja. Dawk l-inizjattivi x'aktarx li jwasslu biex jiġu żviluppati sistemi differenti fl-Istati Membri individwali jew mill-partijiet interessati. Żvilupp bħal dan jimpedixxi l-armonizzazzjoni *aktar 'il quddiem* tal-istandards tekniċi fi ħdan l-Unjoni. | (9) Minħabba l-avvanzi teknoloġiċi fl-EID, bosta Stati Membri ddeċidew li jibdew jimplimentaw l-EID bovina fuq bażi volontarja. Dawk l-inizjattivi x'aktarx li jwasslu biex jiġu żviluppati sistemi differenti fl-Istati Membri individwali jew mill-partijiet interessati. Żvilupp bħal dan jimpedixxi l-armonizzazzjoni *sussegwenti* tal-istandards tekniċi fi ħdan l-Unjoni. ***Għandu jkun żgurat li s-sistemi introdotti fl-Istati Membri jkunu interoperabbli u konsistenti mal-istandards tal-ISO.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16**

| | |
|---|---|
| (16) Li l-EID issir obbligatorja madwar l-Unjoni kollha jista' jħalli effetti ekonomikament ħżiena fuq ċerti operaturi. Huwa għalhekk xieraq li tiġi stabbilita sistema volontarja għall-introduzzjoni tal-EID. ***B'din*** is-sistema***,*** l-EID tintgħażel minn dawk li x'aktarx ikollhom benefiċċji ekonomiċi ***immedjati***. | (16) Li l-EID issir obbligatorja madwar l-Unjoni kollha jista' jħalli effetti ekonomikament ħżiena fuq ċerti operaturi. ***Barra minn hekk, hemm problemi prattiċi li għadhom ixekklu l-operazzjoni effikaċi tal-EID, l-aktar f'dak li għandu x'jaqsam mal-eżattezza tat-teknoloġija. L-esperjenza tal-implimentazzjoni ta' identifikazzjoni elettronika obbligatorja għall-annimali ruminanti żgħar turi li minħabba t-teknoloġija difettuża u diffikultajiet prattiċi spiss ikun impossibbli li tinkiseb eżattezza ta' 100 %***. Huwa għalhekk xieraq li tiġi stabbilita sistema volontarja. ***Tali*** sistema ***tippermetti li*** l-EID tintgħażel ***biss*** minn dawk li x'aktarx ikollhom benefiċċji ekonomiċi ***rapidi***. |

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 17**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (17) L-Istati Membri għandhom sistemi tat-trobbija, tal-prattiki tal-biedja u tal-organizzazzjonijiet tas-settur differenti ħafna. L-Istati Membri għandhom għalhekk jitħallew jagħmlu l-EID obbligatorja fit-territorju tagħhom biss meta jidhrilhom li jkun xieraq, wara li jikkunsidraw dawk il-fatturi kollha. | (17) L-Istati Membri għandhom sistemi tat-trobbija, tal-prattiki tal-biedja u tal-organizzazzjonijiet tas-settur differenti ħafna. L-Istati Membri għandhom għalhekk jitħallew jagħmlu l-EID obbligatorja fit-territorju tagħhom biss meta jidhrilhom li jkun xieraq, wara li jikkunsidraw dawk il-fatturi kollha***, inkluż kwalunkwe impatt negattiv fuq il-bdiewa ż-żgħar u wara l-konsultazzjoni mal-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw l-industrija taċ-ċanga***. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (18) Annimali li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi għandhom ikunu suġġetti għall-istess rekwiżiti ta'identifikazzjoni li japplikaw għal annimali mwielda fl-Unjoni. | (18) Annimali ***u laħam*** li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi għandhom ikunu suġġetti għall-istess rekwiżiti ta'identifikazzjoni ***u traċċabilità*** li japplikaw għal annimali mwielda fl-Unjoni. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (19) Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 jipprevedi li l-awtorità kompetenti għandha toħroġ passaport għal kull annimal li jrid jiġi identifikat skont dak ir-Regolament. Dan jikkawża piż amministrattiv konsiderevoli għall-Istati Membri. Il-bażijiet ta' dejta kompjuterizzati stabbiliti mill-Istati Membri jiżguraw suffiċjentement it-traċċabilità tal-movimenti domestiċi tal-annimali bovini. Il-passaporti għandhom għalhekk jinħarġu biss għal annimali maħsuba għall-kummerċ intra-Unjoni. Ladarba l-iskambju tad-dejta bejn il-bażijiet ta' dejta kompjuterizzati nazzjonali huwa operattiv, ir-rekwiżit tal-ħruġ ta' dawn il-passaporti ma għandux jibqa' japplika għal annimali maħsuba għall-kummerċ intra-Unjoni. | (19) Ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 jipprevedi li l-awtorità kompetenti għandha toħroġ passaport għal kull annimal li jrid jiġi identifikat skont dak ir-Regolament. Dan jikkawża piż amministrattiv konsiderevoli għall-Istati Membri. Il-bażijiet ta' dejta kompjuterizzati stabbiliti mill-Istati Membri ***għandhom*** jiżguraw suffiċjentement it-traċċabilità tal-movimenti domestiċi tal-annimali bovini. Il-passaporti għandhom għalhekk jinħarġu biss għal annimali maħsuba għall-kummerċ intra-Unjoni. Ladarba l-iskambju tad-dejta bejn il-bażijiet ta' dejta kompjuterizzati nazzjonali huwa operattiv, ir-rekwiżit tal-ħruġ ta' dawn il-passaporti ma għandux jibqa' japplika għal annimali maħsuba għall-kummerċ intra-Unjoni. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(19a) Sa issa, ma hemm l-ebda leġiżlazzjoni speċifika dwar l-ikklonar. B'dana kollu, l-istħarriġiet tal-opinjoni jindikaw li din il-kwistjoni hija ta' interess kbir għall-pubbliku Ewropew. Għalhekk huwa xieraq li jkun żgurat li ċ-ċanga li tkun ġejja minn bhejjem ikklonati jew mid-dixxendenti tagħhom tiġi ttikkettata bħala tali.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 20**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (20) It-Taqsima II tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tistabbilixxi r-regoli għal sistema volontarja ta' tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga li jistipulaw l-approvazzjoni ta' | (20) It-Taqsima II tat-Titolu II tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tistabbilixxi r-regoli għal sistema volontarja ta' tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga li jistipulaw l-approvazzjoni ta' |

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| ċerti speċifikazzjonijiet tat-tikkettjar mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru. ***Il-piż amministrattiv u l-ispejjeż imġarrba mill-Istati Membri u l-operaturi ekonomiċi biex japplikaw din is-sistema mhumiex proporzjonati għall-benefiċċji tas-sistema. Dik it-Taqsima*** għandha ***għalhekk*** tithassar. | ċerti speċifikazzjonijiet tat-tikkettjar mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru. ***Fid-dawl tal-iżviluppi fis-settur taċ-ċanga minn mindu ġie adottat ir-Regolament imsemmi, is-sistema ta' tikkettar taċ-ċanga jeħtieġa li tiġi riveduta. Peress li s-sistema tat-tikkettjar volontarju taċ-ċanga la hija effikaċi u lanqas utli, din*** għandha tithassar, ***bla ħsara għad-dritt tal-operaturi li jinfurmaw lill-konsumaturi permezz ta' tikkettjar volontarju. Konsegwentement, bħal fir-rigward ta' kwalunkwe tip ieħor ta' laħam, l-informazzjoni li tmur lil hinn mit-tikkettar obbligatorju, jiġifieri f'dan il-każ partikolari dak li huwa meħtieġ mill-Artikoli 13 u 15 tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, u li hija estremament importanti għall-konsumaturi u l-bdiewa, ngħidu aħna r-razza, l-għalf u t-trobbija tal-bhejjem, trid tirrispetta l-leġiżlazzjoni orizzontali attwali, inkluż ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi (1). Barra minn hekk, it-tħassir huwa ekwilibrat ukoll bil-formulazzjoni, f'dan ir-Regolament, ta' regoli ġenerali li jiżguraw il-ħarsien tal-konsumatur.***<br><br>(1) ***ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18.*** |

**Emendai 14 +45**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 22**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (22) Sabiex jiġi żgurat li r-regoli meħtieġa għat-tħaddim sew tal-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni u t-traċċabilità tal-annimali bovini u ċ-ċanga jkunu applikati, is-setgħa għall-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rekwiżiti għal mezzi alternattivi ta' identifikazzjoni tal-annimali bovini, taċ-ċirkostanzi speċjali li fihom l-Istati Membri jistgħu jestendu l-perjodi massimi għall-applikazzjoni tal-mezzi ta' identifikazzjoni, tad-dejta li trid tiġi skambjata bejn il-bażijiet ta' dejta kompjuterizzati tal-Istati Membri, tal-perjodu massimu għal ċerti obbligi ta' rappurtar, tar-rekwiżiti għal mezzi ta' identifikazzjoni, tal-informazzjoni li għandha tkun inkluża fil-passaporti u fir-reġistri individwali li jridu jinżammu fuq kull stabbiliment, tal-livell minimu ta' kontrolli uffiċjali, tal-identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' movimenti ta' annimali bovini ***meta mħollija jirgħu fis-sajf f'pos-tijiet differenti fil-muntanji***, tar-regoli għat-tikkettjar ta' ċerti prodotti li għandhom ikunu ekwivalenti għar-regoli stabbliti fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000, tad-definizzjonijiet ta' kapuljat taċ-ċanga, fdal taċ-ċanga jew qatgħat taċ-ċanga, tal-indikazzjonijiet speċifiċi li jistgħu jitqiegħdu fuq it-tikketti, tad-dispożizzjonijiet tat-tikkettjar li għandhom x'jaqsmu mas-semplifikazzjoni tal-indikazzjoni tal-oriġini, id-daqs massimu u l-kompożizzjoni ta' ċerti gruppi ta' annimali, tal-proċeduri ta' approvazzjoni relatati mal-kundizzjonijiet tat-tikkettjar fuq l-ippakkjar tal-qatgħat tal-laħam u tas-sanzjonijiet amministrattivi li jridu jiġu applikati mill-Istati Membri f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 1760/2000. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal dawn l-atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | (22) Sabiex jiġi żgurat li r-regoli meħtieġa għat-tħaddim sew tal-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni u t-traċċabilità tal-annimali bovini u ċ-ċanga jkunu applikati, is-setgħa għall-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tar-rekwiżiti għal mezzi alternattivi ta' identifikazzjoni tal-annimali bovini, taċ-ċirkostanzi speċjali li fihom l-Istati Membri jistgħu jestendu l-perjodi massimi għall-applikazzjoni tal-mezzi ta' identifikazzjoni, tad-dejta li trid tiġi skambjata bejn il-bażijiet ta' dejta kompjuterizzati tal-Istati Membri, tal-perjodu massimu għal ċerti obbligi ta' rappurtar, tar-rekwiżiti għal mezzi ta' identifikazzjoni, tal-informazzjoni li għandha tkun inkluża fil-passaporti u fir-reġistri individwali li jridu jinżammu fuq kull stabbiliment, tal-livell minimu ta' kontrolli uffiċjali, tal-identifikazzjoni u reġistrazzjoni ta' movimenti ta' annimali bovini ***fit-tipi differenti ta' ċaqliq staġjonali***, tar-regoli għat-tikkettjar ta' ċerti prodotti li għandhom ikunu ekwivalenti għar-regoli stabbliti fir-Regolament (KE) Nru 1760/2000, tad-definizzjonijiet ta' kapuljat taċ-ċanga, fdal taċ-ċanga jew qatgħat taċ-ċanga, tal-indikazzjonijiet speċifiċi li jistgħu jitqiegħdu fuq it-tikketti, tad-dispożizzjonijiet tat-tikkettjar li għandhom x'jaqsmu mas-semplifikazzjoni tal-indikazzjoni tal-oriġini, id-daqs massimu u l-kompożizzjoni ta' ċerti gruppi ta' annimali, tal-proċeduri ta' approvazzjoni relatati mal-kundizzjonijiet tat-tikkettjar fuq l-ippakkjar tal-qatgħat tal-laħam u tas-sanzjonijiet amministrattivi li jridu jiġu applikati mill-Istati Membri f'każijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 1760/2000. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal dawn l-atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

## Emenda 15

### Proposta għal regolament
### Premessa 23

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (23) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-istabbilimenti li jagħmlu użu minn mezzi alternattivi ta' identifikazzjoni, karatteristiċi tekniċi u modalitajiet għall-iskambju tad-dejta bejn il-bażijiet ta' dejta kompjuterizzati tal-Istati Membri, il-format u d-disinn tal-mezzi ta' identifikazzjoni, il-proċeduri u l-istandards tekniċi għall-implimentazzjoni tal-EID, il-format tal-passaporti u tar-reġistru li jrid jinżamm fuq kull stabbiliment, ir-regoli dwar il-modalitajiet għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Istati Membri fuq id-detenturi skont ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000, azzjonijiet korrettivi li jridu jittieħdu mill-Istati Membri biex tiġi żgurata konformità xierqa mar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, f'każijiet fejn il-kontrolli fuq il-post jiġġustifikaw dan, għandhom jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni s-setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. | (23) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1760/2000 fir-rigward tar-reġistrazzjoni tal-istabbilimenti li jagħmlu użu minn mezzi alternattivi ta' identifikazzjoni, karatteristiċi tekniċi u modalitajiet għall-iskambju tad-dejta bejn il-bażijiet ta' dejta kompjuterizzati tal-Istati Membri, ***id-dikjarazzjoni li s-sistema ta' skambju ta' dejta bejn l-Istati Membri hija kompletament operattiva,*** il-format u d-disinn tal-mezzi ta' identifikazzjoni, il-proċeduri u l-istandards tekniċi għall-implimentazzjoni tal-EID, il-format tal-passaporti u tar-reġistru li jrid jinżamm fuq kull stabbiliment, ir-regoli dwar il-modalitajiet għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet imposti mill-Istati Membri fuq id-detenturi skont ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000, azzjonijiet korrettivi li jridu jittieħdu mill-Istati Membri biex tiġi żgurata konformità xierqa mar-Regolament (KE) Nru 1760/2000, f'każijiet fejn il-kontrolli fuq il-post jiġġustifikaw dan, ***u r-regoli neċessarji biex tiġi żgurata konformità xierqa b'mod partikolari fir-rigward tal-kontrolli, s-sanzjonijiet amministrattivi, u l-perjodi massimi varji stipulati f'dan ir-Regolament,*** għandhom jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni s-setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. |

## Emenda 16

### Proposta għal regolament
### Premessa 23a (ġdida)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(23a) L-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tiġi mmonitorjata. Konsegwentement, sa mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li jittratta kemm l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament kif ukoll il-fattibilità teknika u ekonomika tal-introduzzjoni ta' identifikazzjoni elettronika obligatorja madwar l-Unjoni kollha. Jekk dan ir-rapport jikkonkludi li l-identifikazzjoni elettronika għandha ssir obbligatorja, hu għandu, jekk ikun xieraq, ikun akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva xierqa. Dik il-leġiżlazzjoni tneħħi r-riskji ta' distorzjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern.*** |

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 2

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(1a) Fl-Artikolu 2, għandha tiżdied id-definizzjoni li ġejja:*** |
| | " "***annimali kklownjati" tfisser annimali prodotti permezz ta' metodu ta' riproduzzjoni asesswali u artifiċjali bil-għan li tkun prodotta kopja ta' annimal individwali ġenetikament identika jew kważi identika;***" |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 1b (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 2

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(1b) Fl-Artikolu 2, għandha tiżdied id-definizzjoni li ġejja:*** |
| | " "***dixxendenti ta' annimali kklownjati" tfisser annimali prodotti permezz ta' riproduzzjoni sesswali, f'każijiet fejn mill-inqas proġenitur wieħed huwa annimal ikklonat;***" |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. L-annimali kollha fi stabbiliment għandhom jiġu identifikati b'tal-inqas żewġ mezzi individwali ta' identifikazzjoni awtorizzati b'konformità mal-Artikoli 10 u 10a u approvati mill-awtorità kompetenti. | 1. L-annimali kollha fi stabbiliment għandhom jiġu identifikati b'tal-inqas żewġ mezzi individwali ta' identifikazzjoni awtorizzati b'konformità mal-Artikoli 10 u 10a u approvati mill-awtorità kompetenti. ***Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-identifikaturi użati jkunu interoperabbli u konsistenti mal-istandards tal-ISO.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Il-mezzi ta' identifikazzjoni għandhom ikunu allokati lill-istabbiliment, distribwiti u applikati fuq l-annimali b'mod determinat mill-awtorità kompetenti. | Il-mezzi ta' identifikazzjoni għandhom ikunu allokati lill-istabbiliment, distribwiti u applikati fuq l-annimali b'mod determinat mill-awtorità kompetenti. ***Dan m'għandux japplika għall-annimali li twieldu qabel l-1 ta' Jannar 1998 u mhux intenzjonati għall-kummerċ intra-Unjoni.*** |

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Il-mezzi kollha ta' identifikazzjoni applikati għal annimal għandu jkollhom l-istess kodiċi ta' identifikazzjoni uniku, li jagħmilha possibbli illi kull annimal ikun identifikat individwalment flimkien mal-istabbiliment fejn twieled. | Il-mezzi kollha ta' identifikazzjoni applikati għal annimal għandu jkollhom l-istess kodiċi ta' identifikazzjoni uniku, li jagħmilha possibbli illi kull annimal ikun identifikat individwalment flimkien mal-istabbiliment fejn twieled. ***Bħala deroga, fil-każijiet fejn ma jkunx possibbli li ż-żewġ mezzi individwali ta' identifikazzjoni jkollhom l-istess kodiċi ta' identifikazzjoni uniku, l-awtorità kompetenti tista', taħt is-superviżjoni tagħha, tippermetti li t-tieni mezzi ta' identifikazzjoni jkollu kodiċi differenti sakemm tkun żgurata t-traċċabilità sħiħa u l-identifikazzjoni individwali tal-annimal, inkluż l-istabbiliment fejn twieled, tkun possibbli.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 3**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-Istati Membri li jużaw din il-possibilità għandhom jipprovdu t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali lill-Kummissjoni. | L-Istati Membri li jużaw din il-possibilità għandhom jipprovdu t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali lill-Kummissjoni. ***Il-Kummissjoni, imbagħad, għandha tipprovdi lill-Istati Membri l-oħra, f'lingwa li faċli tinftiehem minn dawk l-Istati Membri, sommarju tar-regoli nazzjonali li jirregolaw il-moviment ta' annimali lejn Stati Membri li jkunu għażlu EID obbligatorja u għandha tagħmilhom disponibbli għall-pubbliku.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 4a – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (b) 60 jum għat-tieni mezz ta' identifikazzjoni. | (b) 60 jum għat-tieni mezz ta' identifikazzjoni***, għal raġunijiet relatati mal-iżvilupp fiżjoloġiku tal-annimali***. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 4a – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-ebda annimal ma jista' jħalli l-istabbiliment fejn ikun twieled qabel ma ż-żewġ mezzi ta' identifikazzjoni jkunu ġew applikati. | L-ebda annimal ma jista' jħalli l-istabbiliment fejn ikun twieled qabel ma ż-żewġ mezzi ta' identifikazzjoni jkunu ġew applikati ***ħlief fil-każ ta' forza maġġuri***. |

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 4a – paragrafu 2 – subparagrafu 1 a (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għall-annimali li twieldu qabel l-1 ta' Jannar 1998 u mhux intenzjonati għall-kummerċ intra-Unjoni.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 4b - paragrafu 2 - subparagrafu 2

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Dak il-perjodu ma għandux jaqbeż l-20 jum minn wara l-kontrolli veterinarji msemmija fil-paragrafu 1. Fi kwalunkwe każ, il-mezzi ta' identifikazzjoni għandhom jiġu applikati lill-annimali qabel ma jitilqu mill-istabbiliment ta' destinazzjoni. | Dak il-perjodu ma għandux jaqbeż l-20 jum minn wara l-kontrolli veterinarji msemmija fil-paragrafu 1. ***Bħala deroga, għal raġunijiet relatati mal-iżvilupp fiżjoloġiku tal-annimali, dak il-perjodu jista' jiġi estiż sa 60 jum għat-tieni mezz ta' identifikazzjoni.*** Fi kwalunkwe każ, il-mezzi ta' identifikazzjoni għandhom jiġu applikati lill-annimali qabel ma jitilqu mill-istabbiliment ta' destinazzjoni. |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 4c – paragrafu 2 – subparagrafu 2

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Il-perjodu massimu msemmi fil-punt (b) ma għandux jaqbeż l-20 jum mid-data tal-wasla tal-annimali fl-istabbiliment tad-destinazzjoni. Fi kwalunkwe każ, il-mezzi ta' identifikazzjoni għandhom jiġu applikati lill-annimali qabel ma jitilqu mill-istabbiliment ta' destinazzjoni. | Il-perjodu massimu msemmi fil-punt (b) ma għandux jaqbeż l-20 jum mid-data tal-wasla tal-annimali fl-istabbiliment tad-destinazzjoni. ***Bħala deroga, għal raġunijiet relatati mal-iżvilupp fiżjoloġiku tal-annimali, dak il-perjodu jista' jiġi estiż sa 60 jum għat-tieni mezz ta' identifikazzjoni.*** Fi kwalunkwe każ, il-mezzi ta' identifikazzjoni għandhom jiġu applikati lill-annimali qabel ma jitilqu mill-istabbiliment ta' destinazzjoni. |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 4c – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Minkejja t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 4(1), f'każijiet fejn ma jkunx possibbli li jiġi applikat identifikatur elettroniku bl-istess kodiċi ta' identifikazzjoni uniku lill-annimal, l-awtorità kompetenti tista', taħt is-superviżjoni tagħha, tippermetti li t-tieni mezzi ta' identifikazzjoni jkollu kodiċi differenti sakemm tkun żgurata t-traċċabilità sħiħa u li l-identifikazzjoni individwali tal-annimal, inkluż l-istabbiliment fejn twieled, tkun possibbli.*** |

It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 4**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 4d

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-ebda mezz ta' identifikazzjoni ma ***jista'*** jitneħħa jew jiġi sostitwit mingħajr il-permess u l-kontroll tal-awtorità kompetenti. Dan il-permess jista' jingħata biss meta ***t-tneħħija*** jew is-sostituzzjoni ma jkunux jikkompromettu t-traċċabilità tal-annimal. | L-ebda mezz ta' identifikazzjoni ma ***għandu jiġi mmodifikat,*** jitneħħa jew jiġi sostitwit mingħajr il-permess u l-kontroll tal-awtorità kompetenti. Dan il-permess jista' jingħata biss meta ***l-modifika, it-tneħħija*** jew is-sostituzzjoni ma jkunux jikkompromettu t-traċċabilità tal-annimal. |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 5**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jiskambjaw dejta elettronika bejn il-bażijiet ta' dejta kompjuterizzati tagħhom minn dakinhar li l-Kummissjoni tagħraf l-operabilità sħiħa tas-sistema tal-iskambju tad-dejta. | L-Istati Membri jistgħu jiskambjaw dejta elettronika bejn il-bażijiet ta' dejta kompjuterizzati tagħhom minn dakinhar li l-Kummissjoni tagħraf l-operabilità sħiħa tas-sistema tal-iskambju tad-dejta. ***Dan għandu jsir b'tali mod li l-protezzjoni tad-data tkun iggarantita u għandu jiġi evitat kull abbuż sabiex jiġu protetti l-interessi tal-impriża.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 6**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 6 – punt ca (ġdid)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(ca) fil-każ ta' bhejjem esportati lejn pajjiżi terzi, il-passaport għandu jiġi rrilaxxjat mill-aħħar gwardjan lill-awtorità kompetenti tal-post li lejh il-bhima tiġi esportata.*** |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 7 – punt b**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 7 – paragrafu 5 – punt b

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (b) idaħħal informazzjoni aġġornata direttament fil-bażi ta' dejta kompjuterizzata fi żmien ***erbgħa u għoxrin*** siegħa minn meta jiġri l-avveniment. | (b) idaħħal informazzjoni aġġornata direttament fil-bażi ta' data kompjuterizzata fi żmien ***72*** siegħa minn meta jiġri l-avveniment. |

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 8**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 9a

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull persuna responsabbli għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali *jirċievi* istruzzjonijiet u gwida dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament u ta' kwalunkwe atti ddelegati u ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-Artikoli 10 u 10a, u li l-korsijiet ta' taħriġ xierqa jkunu *disponibbli."* | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull persuna responsabbli għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-annimali *tirċievi* istruzzjonijiet u gwida dwar id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament u ta' kwalunkwe atti ddelegati u ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni fuq il-bażi tal-Artikoli 10 u 10a, u li l-korsijiet ta' taħriġ xierqa jkunu *disponibbli.* ***Din l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata mingħajr spejjeż għad-destinatarju, kull darba li ssir xi modifika tad-dispożizzjonijiet relevanti u kemm-il darba jkun hemm bżonn. L-Istati Membri għandhom jaqsmu l-aħjar prattiki sabiex jiżguraw taħriġ u l-qsim ta' informazzjoni ta' kwalità tajba madwar l-Unjoni.*** |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 9**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt e

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| e) l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-movimenti ta' annimali bovini ***meta jitħallew jirgħu fis-sajf f'postijiet differenti fil-muntanji***. | e) l-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-movimenti ta' annimali bovini ***matul tipi differenti ta' moviment staġjonali***. |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 11 – sottopunt ba (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 13 – paragrafu 5a (ġdid)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(ba) Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied:***<br>***"5a. Sa minn (*) l-operaturi u l-organizzazzjonijiet għandhom ukoll jindikaw fuq it-tikketti tagħhom jekk iċ-ċanga kinitx ġejja minn annimali kklownjati jew minn dixxendenti ta' annimali kklownjati."***<br>***(*) Sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 46**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 1 – punt 14**
Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1760/2000
Titolu II – sezzjoni II

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 14) L-Artikoli 16, 17 u 18 jitħassru. | 14) ***Mill-1 ta' Jannar 2014 l-intestatura tat-Titolu II, Sezzjoni II hija sostitwita bil-kliem "Tikkettjar volontarju",*** l-Artikoli 16, 17 u 18 jitħassru ***u l-Artikolu 15a li ġej jiddaħħal fit-Titolu II, Sezzjoni II:*** |

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *"Artikolu 15a*<br><br>***Regoli ġenerali***<br><br>Informazzjoni apparti dik speċifikata fil-parti I ta' dan it-Titolu u li hi miżjuda fit-tikketti mill-operaturi jew mill-organizzazzjonijiet li jikkumerċjalizzaw iċ-ċanga għandha tkun oġġettiva, verifikabbli mill-awtoritajiet kompetenti u komprensibbli għall-konsumaturi.<br><br>***Barra minn hekk, it-tikkettjar volontarju taċ-ċanga għandu jirrispetta l-leġiżlazzjoni orizzontali fis-seħħ dwar it-tikkettjar u r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi.***<br><br>***L-awtorità kompetenti għandha tivverifika l-informazzjoni volontarja. Fil-każ ta' nuqqas ta' rispett ta' dawn l-obbligi mill-operaturi jew l-organizzazzjonijiet li jikkumerċjalizzaw iċ-ċanga, is-sanzjonijiet stabbiliti skont l-Artikolu 22(4)(a) għandhom japplikaw.»*** |

**Emenda 51**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 15**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
**Artikolu 19 – punt b**

| | |
|---|---|
| (b) ***l-indikazzjonijiet*** speċifiċi li jistgħu jitqiegħdu fuq it-tikketti; | (b) ***id-definizzjoni tal-indikazzjonijiet*** speċifiċi li jistgħu jitqiegħdu fuq it-tikketti ***u r-rekwiżiti għal tali indikazzjonijiet***; |

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 17 – sottopunt a**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

| | |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha***, permezz ta'*** atti ***ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi*** r-regoli neċessarji, inklużi l-miżuri tranżitorji meħtieġa għall-introduzzjoni tagħhom, dwar il-proċeduri għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija fl-Artikolu 23(2).*** | Il-Kummissjoni għandha ***tingħata s-setgħa li tadotta*** atti ***delegati, skont l-Artikolu 22b, li jistabbilixxu*** r-regoli neċessarji, inklużi l-miżuri tranżitorji meħtieġa għall-introduzzjoni tagħhom, dwar il-proċeduri ***u l-kundizzjonijiet*** għall-applikazzjoni tas-sanzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu. |

**Emenda 47**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 1 – punt 18**
Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 22b

| | |
|---|---|
| 1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati hija kkonferita fuq il-Kummissjoni, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu. | 1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti ddelegati hija kkonferita fuq il-Kummissjoni, soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu. |

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. ***Id-delega tas-setgħa*** msemmija fl-Artikoli 4(5), u 4a(2), l-Artikoli 5, 7, 10, 14 u 19 ***u*** fl-Artikolu 22(4a) għandha tiġi konferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu ta' ***żmien indeterminat*** minn (*) | 2. ***Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti ddelegati*** msemmija fl-Artikoli 4(5), u 4a(2), fl-Artikoli 5, 7, 10, 14 u 19***, fl-Artikolu 22(1), it-tielet subparagrafu,*** u fl-Artikolu 22(4a) għandha tiġi konferita fuq il-Kummissjoni għal perjodu ta' ***ħames snin*** minn (*). |
| 3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 4(5) u 4a(2) l-Artikoli 5, 7, 10, 14 u 19 ***u*** fl-Artikolu 22(4a) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva mill-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ. | 3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 4(5) u 4a(2), l-Artikoli 5, 7, 10, 14 u 19***, l-Artikolu 22(1), it-tielet subparagrafu,*** u l-Artikolu 22(4a) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva mill-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandha taffettwa l-validità tal-ebda att delegat diġà fis-seħħ. |
| 4. Hekk kif tadotta att ddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. | **4.** Hekk kif tadotta att ddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill. |
| 5. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 4(5), u 4a(2) l-Artikoli 5, 7, 10, 14 u 19 ***u*** fl-Artikolu 22(4a) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u la mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jagħlaq dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill." | **5.** Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 4(5), u 4a(2), fl-Artikoli 5, 7, 10, 14 u 19***, l-Artikolu 22(1), it-tielet subparagrafu jew*** fl-Artikolu 22(4a) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u la mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jagħlaq dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |
| ***(*) [id-data tad-dħul fis-seħħ ta 'dan ir-Regolament jew minn kwalunkwe data oħra stabbiliti mil-leġiżlatur].*** | ***(*) GU: Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** |

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 1760/2000
Artikolu 23a (ġdid)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(19a) Qed jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*** <br> "***Artikolu 23a*** <br> ***Rapport u żviluppi leġiżlattivi*** <br> ***Sa mhux aktar tard minn ħames snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament u lill-Kunsill rapport li jittratta kemm l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament kif ukoll il-fattibilità teknika u ekonomika tal-introduzzjoni ta' identifikazzjoni elettronika obligatorja madwar l-Unjoni kollha. Jekk dan ir-rapport jikkonkludi li l-identifikazzjoni elettronika għandha ssir obbligatorja, hu għandu jkun akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva xierqa.***". |

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

## Farmakoviġilanza (emenda tad-Direttiva 2001/83/KE) ***I

P7_TA(2012)0313

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/83/KE fir-rigward tal-farmakoviġilanza (COM(2012)0052 – C7-0033/2012 – 2012/0025(COD))**

(2013/C 353 E/31)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2012)0052),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikoli 114 u 168(4)(c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0033/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-28 ta' Marzu 2012 ([1]),

— wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-27 ta' Ġunju 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel A7-0165/2012,

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 201.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

**P7_TC1-COD(2012)0025**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2012/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/83/KE fir-rigward tal-farmakoviġilanza**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2012/26/UE.)*

## Farmakoviġilanza (emenda tar-Regolament (KE) Nru 726/2004) ***I

P7_TA(2012)0314

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 fir-rigward tal-farmakoviġilanza (COM(2012)0051 – C7-0034/2012 – 2012/0023(COD))**

(2013/C 353 E/32)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2012)0051),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikoli 114 u 168(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7–0034/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-28 ta' Marzu 2012 ([1]),

— wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-27 ta' Ġunju 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0164/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

([1]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 202.

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2012)0023

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004, fir-rigward tal-farmakoviġilanza**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1027/2012.)*

---

# Kontenut ta' kubrit fil-karburanti marittimi ***I

P7TA(2012)0315

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/32/KE fir-rigward tal-kontenut ta' kubrit fil-fjuwils tal-baħar (COM(2011)0439 – C7-0199/2011 – 2011/0190(COD))**

(2013/C 353 E/33)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0439),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0199/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Jannar 2012 ([1]),

— wara konsultazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-31 ta' Mejju 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

---

([1]) ĠU C 68, 6.3.2012, p. 70.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0038/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0190

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2012/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE fir-rigward tal-kontenut ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2012/33/UE.)*

---

# Skema ta' pagament uniku u ta' appoġġ għal min ikabbar id-dwieli ***I

P7_TA(2012)0316

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tar-reġim tal-iskema ta' pagament uniku u ta' appoġġ għal min ikabbar id-dwieli (COM(2011)0631 – C7-0338/2011 – 2011/0285(COD))**

(2013/C 353 E/34)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0631),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0338/2011),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali dwar il-bażi legali proposta,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 42 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-25 ta' April 2012 [1],

---

[1] ĠU C 191, 29.6.2012, p. 116.

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-4 ta' Mejju 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tad-9 ta' Lulju 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 55 u 37 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0203/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 225, 27.7.2012, p. 174.

### P7_TC1-COD(2011)0285

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-11 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tar-reġim tal-iskema ta' pagament uniku u l-appoġġ għal min ikabbar id-dwieli**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1028/2012.)*

## Il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ('ir-Regolament tal-IMI') ***I

P7_TA(2012)0317

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ('ir-Regolament tal-IMI') (COM(2011)0522 – C7-0225/2011 – 2011/0226(COD))**

(2013/C 353 E/35)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0522),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2), u l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0225/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-7 ta' Diċembru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-23 ta' Mejju 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A7-0068/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 43, 15.2.2012, p. 14.

## P7_TC1-COD(2011)0226

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern *u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE* ('ir-Regolament tal-IMI')**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1024/2012.)*

# Sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti *

P7_TA(2012)0318

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti (riformulazzjoni) (COM(2011)0714 – C7-0516/2011 – 2011/0314(CNS))**

(2013/C 353 E/36)

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni – riformulazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2011)0714),

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra l-Artikolu 115 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0516/2011),

— wara li kkunsidra l-Ftehima Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali ([1]),

— wara li kkunsidra l-ittra tas-6 ta' Marzu 2012 tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali indirizzata lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji b'konformità mal-Artikolu 87(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 87 u 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0227/2012),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi ta' l-atti eżistenti mingħajr tibdil sustanzjali;

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u kif emendata hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali;

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/49/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti kienet emendata bosta drabi. Peress li għandhom isiru iktar emendi, din għandha tiġi rriformulata fl-interessi taċ-ċarezza. | (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/49/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti kienet emendata bosta drabi. Peress li għandhom isiru iktar emendi, din għandha tiġi rriformulata fl-interessi taċ-ċarezza. ***Fid-19 ta' April 2012, il-Parlament Ewropew talab li jkun hemm mezzi konkreti biex jingħelbu l-frodi fiskali u l-evażjoni fiskali, filwaqt li ġibed l-attenzjoni għall-evażjoni fiskali permezz ta' strumenti finanzjarji ibridi, u talab lill-Istati Membri jiżguraw kooperazzjoni u koordinazzjoni mingħajr problemi bejn is-sistemi fiskali tagħhom sabiex jiġu evitati non-tassazzjoni u evażjoni fiskali mhux mixtieqa.*** |

([1]) ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(1a)* ***Defiċits pubbliċi persistenti u konsiderevoli huma marbuta mill-qrib mal-kriżi soċjali, ekonomika u finanzjarja attwali.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (4) It-tneħħija ta' tassazzjoni fuq il-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties fl-Istat Membru fejn iqumu, sew jekk miġburin permezz ta' tnaqqis minn ras il-għajn sew jekk permezz ta' stima, hija l-mezz l-aktar approprjat sabiex ikunu eliminati l-formalitajiet u l-problemi imsemmija qabel u sabiex ikun assigurat it-trattament tat-taxxa ndaqs bejn operazzjonijiet nazzjonali u dawk bejn il-fruntieri; huwa meħtieġ partikolarment li jitneħħew dawn it-taxxi fuq dawn il-pagamenti li jsiru bejn kumpaniji assoċjati fi Stati Membri differenti kif ukoll bejn stabbilimenti permanenti ta' dawn il-kumpaniji. | (4) It-tneħħija ta' tassazzjoni fuq il-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties fl-Istat Membru fejn iqumu, sew jekk miġburin permezz ta' tnaqqis minn ras il-għajn sew jekk permezz ta' stima, hija l-mezz l-aktar approprjat sabiex ikunu eliminati l-formalitajiet u l-problemi imsemmija qabel u sabiex ikun assigurat it-trattament tat-taxxa ndaqs bejn operazzjonijiet nazzjonali u dawk bejn il-fruntieri; huwa meħtieġ partikolarment li jitneħħew dawn it-taxxi fuq dawn il-pagamenti li jsiru bejn kumpaniji assoċjati fi Stati Membri differenti kif ukoll bejn stabbilimenti permanenti ta' dawn il-kumpaniji ***sabiex tiġi żgurata sistema semplifikata u iktar trasparenti ta' tassazzjoni***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (5) Jeħtieġ li jkun assigurat li l-pagamenti ta' imgħax u royalties ikunu soġġetti għat-taxxa darba fi Stat Membru u li l-benefiċċji tad-Direttiva għandhom ikunu applikabbli biss meta l-introjtu li ġej mill-ħlas huwa effettivament soġġett għat-taxxa fl-Istat Membru tal-Kumpanija riċeventi jew fl-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment permanenti tar-riċevitur. | (5) Jeħtieġ li jkun assigurat li l-pagamenti ta' imgħax u royalties ikunu soġġetti għat-taxxa darba fi Stat Membru u li l-benefiċċji tad-Direttiva għandhom ikunu applikabbli biss meta l-introjtu li ġej mill-ħlas huwa effettivament soġġett għat-taxxa fl-Istat Membru tal-Kumpanija riċeventi jew fl-Istat Membru fejn jinsab l-istabbiliment permanenti tar-riċevitur***, mingħajr ma jkun hemm il-possibilità ta' eżenzjoni jew ta' sostituzzjoni permezz tal-ħlas ta' taxxa oħra***. |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (12) Barra minn dan, huwa meħtieġ li l-Istati Membri ma jinżammewx milli ***jieħdu miżuri xierqa biex*** jiġġieldu l-frodi ***jew*** l-abbuż. | (12) Barra minn dan, huwa meħtieġ li ***jittieħdu l-miżuri xierqa biex*** l-Istati Membri ma jinżammewx milli jiġġieldu l-frodi ***fiskali, l-evażjoni fiskali u*** l-abbuż. |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 20a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(20a)* ***Sabiex tiġi żgurata implementazzjoni bla xkiel u kosteffiċjenti tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, il-kumpaniji għandhom iħejju l-kontijiet annwali tagħhom flimkien mad-data fiskali relevanti kollha f'Extensible Business Reporting Language (XBRL).*** |

It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. Pagamenti ta' imgħax u royalties li jqumu fi Stat Membru għandhom ikunu eżenti minn kull taxxa imposta fuq dawk il-pagamenti f'dak l-Istat Membru, sew jekk permezz ta' tnaqqis minn ras il-għajn sew jekk permezz ta' stima, iżda s-sid benefiċjarju tal-imgħax jew royalties irid ikun kumpanija ta' Stat Membru ieħor jew stabbiliment permanenti fi Stat Membru ieħor ta' kumpanija ta' Stat Membru u huwa effettivament soġġett għat-taxxa fuq dak l-introjtu li ġej minn dawk il-pagamenti f'dak l-Istat Membru l-ieħor. | 1. Pagamenti ta' imgħax u royalties li jqumu fi Stat Membru għandhom ikunu eżenti minn kull taxxa imposta fuq dawk il-pagamenti f'dak l-Istat Membru, sew jekk permezz ta' tnaqqis minn ras il-għajn sew jekk permezz ta' stima, iżda s-sid benefiċjarju tal-imgħax jew royalties irid ikun kumpanija ta' Stat Membru ieħor jew stabbiliment permanenti fi Stat Membru ieħor ta' kumpanija ta' Stat Membru u huwa effettivament soġġett għat-taxxa fuq dak l-introjtu li ġej minn dawk il-pagamenti f'dak l-Istat Membru l-ieħor***, mingħajr ma jkun hemm il-possibilità ta' eżenzjoni jew ta' sostituzzjoni permezz tal-ħlas ta' taxxa oħra b'rata ta' mhux inqas minn 70 % tar-rata fiskali korporattiva statutorja medja applikabbli fl-Istati Membri, mingħajr ma jkun hemm il-possibilità ta' eżenzjoni jew ta' sostituzzjoni b'pagament ta' taxxa oħra***. ***Il-ħlas ta' imgħax u royalties m'għandux ikun eżentat fl-Istati Membri fejn jirriżulta jekk il-pagament ma jkunx taxxabbli skont il-liġi fiskali nazzjonali li għaliha jkun suġġett is-sid benefiċjarju minħabba kwalifikazzjoni differenti tal-pagament (strumenti ibridi) jew kwalifikazzjoni differenti ta' min jagħmel u min jirċievi l-ħlas (entitajiet ibridi).*** |

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Stabbiliment permanenti għandu jkun trattat bħala dak li jħallas l-imgħax u r-royalties biss sakemm dawk il-pagamenti jirrappreżentaw spiża l mġarrba għal l-għanijiet tal-attivitajiet tal-istabbiliment permanenti. | 3. Stabbiliment permanenti għandu jkun trattat bħala dak li jħallas l-imgħax u r-royalties biss sakemm dawk il-pagamenti jirrappreżentaw spiża l mġarrba għal l-għanijiet tal-attivitajiet tal-istabbiliment permanenti. ***Huwa biss stabbiliment permanenti li ħallas it-taxxi kollha dovuti li jiġi trattat bħala benefiċjarju ta' eżenzjoni jew benefiċċju fiskali.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d – punt ii**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (ii) it-tieni kumpanija għandha holding minimu ta' ***10 %*** fil-kapital tal-ewwel kumpanija, jew | (ii) it-tieni kumpanija għandha holding minimu ta' ***25 %*** fil-kapital tal-ewwel kumpanija, jew |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt d – punt iii**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (iii) kumpanija terza għandha holding minimu ta' ***10 %*** kemm fil-kapital tal-ewwel kumpanija kif ukoll fil-kapital tat-tieni kumpanija. | (iii) kumpanija terza għandha holding minimu ta' ***25 %*** kemm fil-kapital tal-ewwel kumpanija kif ukoll fil-kapital tat-tieni kumpanija. |

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – titolu**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Frodi u abbuż | Frodi ***fiskali, evażjoni fiskali*** u abbuż |

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu, fil-każ ta' operazzjonijiet li l-għan prinċipali jew wieħed mill-għanijiet prinċipali tagħhom huwa ***l-evażjoni*** tat-taxxa, l-għan li tiġi evitata t-taxxa ***jew l-abbuż***, jirtiraw il-benefiċċji ta' din id-Direttiva jew jiċħdu l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. | 2. L-Istati Membri jistgħu, fil-każ ta' operazzjonijiet li l-għan prinċipali jew wieħed mill-għanijiet prinċipali tagħhom huwa ***l-frodi*** tat-taxxa, ***l-evażjoni fiskali, l-abbuż fiskali jew*** l-għan li tiġi evitata t-taxxa, jirtiraw il-benefiċċji ta' din id-Direttiva jew jiċħdu l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex iħarsu l-Artikolu 1(1) u (3), l-Artikolu 2(c) u (d) u l-Anness I, Parti A sa mhux aktar tard ***mill-1 ta' Jannar 2012***. Huma għandhom mill-ewwel jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva. | 1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex iħarsu l-Artikolu 1(1) u (3), l-Artikolu 2(c) u (d) u l-Anness I, Parti A sa mhux aktar tard ***mill-31 ta' Diċembru 2013***. Huma għandhom mill-ewwel jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva. |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***2a. Il-kumpaniji għandhom iħejju l-kontijiet annwali tagħhom flimkien mad-data fiskali relevanti kollha f'Extensible Business Reporting Language (XBRL).*** |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Sal-31 ta' Diċembru, 31 ta' Diċembru ***2016***, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill dwar *l- impatt* ekonomiku ta' din id-Direttiva. | Sal-31 ta' Diċembru ***2015***, il-Kummissjoni għandha tirrapporta ***lill-Parlament Ewropew u*** lill-Kunsill dwar *l-impatt* ekonomiku ta' din id-Direttiva. |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Din id-Direttiva m'għandhiex tolqot l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet domestiċi jew ibbażati fuq ftehim li jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u li għandhom l-għan li jeliminaw jew inaqqsu t-tassazzjoni doppja ta' imgħax u ta' royalties. | Din id-Direttiva m'għandhiex tolqot l-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet domestiċi jew ibbażati fuq ftehim li jmorru lil hinn mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u li għandhom l-għan li jeliminaw jew inaqqsu t-tassazzjoni doppja ***u n-non-tassazzjoni doppja*** ta' imgħax u ta' royalties. |

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

## Standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità ***I

P7_TA(2012)0327

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità (COM(2011)0275 – C7-0127/2011 – 2011/0129(COD))**

(2013/C 353 E/37)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0275),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 82(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0127/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-7 ta' Diċembru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-16 ta' Frar 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-21 ta Ġunju 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi taħt l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern u l-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A7-0244/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 43, 15.2.2012, p. 39.
([2]) ĠU C 113, 18.4.2012, p. 56.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

**P7_TC1-COD(2011)0129**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2012/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2012/29/UE.)*

---

## L-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa Komunitarja għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja u għal-laħam tal-majjal, il-laħam tat-tjur, il-qamħ u l-maħlut, u tipi ta' nuħħala, il-frak iebes u fdalijiet oħra ***I

P7_TA(2012)0328

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-12 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 li jiftaħ u jipprovdi l-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa Komunitarja għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja, u għal-laħam tal-majjal, il-laħam tat-tjur, il-qamħ u l-maħlut, u tipi ta' nuħħala, il-frak iebes u fdalijiet oħra (COM(2011)0906 – C7-0524/2011 – 2011/0445(COD))** [1]

(2013/C 353 E/38)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari):

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**
**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (3) Sabiex ikunu ssupplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 774/94, is-setgħa ***li jiġu adottati*** atti ***skont*** l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha ***tiġi ddelegata*** lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-aġġustamenti għal dak ir-Regolament, fil-każ li jiġu aġġustati l-volumi u l-kundizzjonijiet tal-arranġamenti tal-kwota, b'mod partikolari b'deċiżjoni li ***tapprova*** ftehim ma' pajjiż terz individwali jew aktar. Huwa ***ta' importanza partikolari*** li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ***il-ħidma preparatorja*** tagħha, inkluż fil-livell ***tal***-esperti. Meta tħejji u tfassal ***l***-atti ddelegati, ***il-Kummissjoni*** għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | (3) Sabiex ikunu ssupplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 774/94, is-setgħa ***ta' adozzjoni ta'*** atti ***taħt*** l-Artikolu 290 tat-Trattat għandha ***tingħata l***ill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-aġġustamenti għal dak ir-Regolament, fil-każ li jiġu aġġustati l-volumi u l-kundizzjonijiet tal-arranġamenti tal-kwota, b'mod partikolari b'deċiżjoni ***tal-Kunsill*** li ***jiġi konkluż*** ftehim ma' pajjiż terz individwali jew aktar. Huwa ***partikolarment importanti*** li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ***ix-xogħol*** tagħha ***ta' tħejjija, anke*** fil-livell ***ta'*** esperti. ***Il-Kummissjoni,*** meta tħejji u tfassal atti ddelegati għandha tiżgura, trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ***Il-Kummissjoni għandha tipprovdi kull tagħrif u dokumentazzjoni dwar il-laqgħat tagħha mal-esperti nazzjonali fil-qafas tal-ħidma tagħha għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' atti ddelegati. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Parlament Ewropew jiġi involut kif xieraq, billi tibni fuq l-aħjar prattika miksuba minn esperjenza preċedenti f'oqsma ta' politiki oħra sabiex toħloq l-aħjar kundizzjonijiet possibbli għall-iskrutinju futur tal-atti ddelegati mill-Parlament Ewropew.*** |

[1] Il-każ kien riferut lura lill-kumitat responsabbli biex jerġà jiġi kkunsidrat skont it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 57(2) (A7-0212/2012).

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 1**
Regolament (KE) Nru 774/94
Artikolu 7 - paragrafu 2

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati ***skont il-***proċedura ta' eżami msemmija ***fl-Artikolu [323(2)] tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/ssss] tal-Parlament u tal-Kunsill [Ir-Regolament dwar l-OKS Unika allinjat]*.*** | Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati ***f'konformità mal-***proċedura ta' eżami msemmija ***fl-Artikolu 7a(2).*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 1**
Regolament (KE) Nru 774/94
Artikolu 7a (ġdid)

***Artikolu 7a***

***Proċedura ta' kumitat***

***1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli, stabbilit permezz tal-Artikolu [xx] tar-Regolament (UE) Nru [xxx/ssss] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [ta' … 2012] [dwar ir-Regolament dwar l-OKS Unika allinjat] (*). Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (**).***

***2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***

***3. Fejn l-opinjoni tal-kumitat tkun se tingħata permezz tal-proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tiġi terminata mingħajr riżultat fejn, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu li jsir.dan.***

***(*) ĠU L …, …, p.***
***(**) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.***

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 774/94
Artikolu 8a - paragrafu 2

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ***indeterminat ta' żmien minn [daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament li jemenda]***. | 2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2a għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ***ta' ħames snin minn … (*). Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*** |

***(*) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 774/94
Artikolu 8a - paragrafu 5

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 8 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ***jkunx hemm*** oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ***l-iskadenza ta'*** dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ***mhux se*** joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż ***b'xahrejn b'***inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill." | 5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 8 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ***tiġix espressa*** oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***perijodu ta'*** xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ***ma jiskadi*** dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ***mhumiex sejrin*** joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż ***b'erba' xhur fuq*** inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

## Importazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa u prodotti agrikoli oħra mit-Turkija fir-rigward tas-setgħat ta' delegazzjoni u implimentazzjoni li se jingħataw lill-Kummissjoni ***I

P7_TA(2012)0329

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-12 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2008/97, (KE) Nru 779/98 u (KE) Nru 1506/98 fil-qasam ta' importazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa u prodotti agrikoli oħra mit-Turkija fir-rigward tas-setgħat ta' delegazzjoni u implimentazzjoni li ser jingħataw lill-Kummissjoni (COM(2011)0918 – C7-0005/2012 – 2011/0453(COD))** [1]

(2013/C 353 E/39)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari):

**Emenda 1**

**Proposta għal Regolament**
**Premessa 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 5. ***Għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat fir-rigward tal-adozzjoni tal-emendi meħtieġa li jirriżultaw għal dak ir-Regolament, sabiex tissuplimenta jew temenda ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 2008/97***, meta l-kundizzjonijiet attwali tal-arranġamenti speċjali previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jiġu emendati, b'mod partikolari fir-rigward tal-ammonti, jew meta jiġi konkluż ftehim ġdid. ***Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li temenda l-Anness V sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' adattament fil-ġejjieni***. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, ***waqt li tkun qed tipprepara*** u tfassal atti delegati, għandha tiżgura, trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | 5. ***Sabiex jiġu ssupplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 2008/97, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-emendi meħtieġa li jirriżultaw għal dak ir-Regolament,*** meta l-kundizzjonijiet attwali tal-arranġamenti speċjali previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jiġu emendati, b'mod partikolari fir-rigward tal-ammonti, jew meta jiġi konkluż ftehim ġdid. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, ***meta tħejji*** u tfassal atti delegati, għandha tiżgura, trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ***Il-Kummissjoni għandha tipprovdi kull tagħrif u dokumentazzjoni dwar il-laqgħat tagħha mal-esperti nazzjonali fil-qafas tal-ħidma tagħha għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' atti delegati. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Parlament ikun involut kif xieraq, billi tibni fuq l-aħjar prattika miksuba*** |

[1] Il-każ kien riferut lura lill-kumitat responsabbli biex jerġà jiġi kkunsidrat skont it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 57(2) (A7-0209/2012).

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***minn esperjenza preċedenti f'oqsma ta' politiki oħra sabiex toħloq l-aħjar kundizzjonijiet possibbli għall-iskrutinju futur tal-atti delegati mill-Parlament Ewropew.*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 1, punt -1 (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 2008/97
Premessa 5a (ġdida)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *-1. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:* |
| | ***"Billi, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġi kkonferiti setgħat implimentattivi lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*).*** |
| | *(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.".* |

**Emenda 3**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 1 – punt 1a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 2008/97
Premessa 6

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *-1a. Il-Premessa 6 tinbidel b'dan li ġej:* |
| | ***"Billi, sabiex jiġu ssupplimentati jew emendati ċerti elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti taħt l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adozzjoni tal-emendi meħtieġa li jirriżultaw għal dan ir-Regolament, meta l-kundizzjonijiet attwali tal-arranġamenti speċjali previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jiġu emendati, b'mod partikolari fir-rigward tal-ammonti, jew meta jiġi konkluż ftehim ġdid. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi kull tagħrif u dokumentazzjoni dwar il-laqgħat tagħha mal-esperti nazzjonali fil-qafas tal-ħidma tagħha għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' atti delegati. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-Parlament Ewropew ikun involut kif xieraq, billi tibni fuq l-aħjar prattika miksuba minn esperjenza preċedenti f'oqsma ta' politiki oħra sabiex toħloq l-aħjar kundizzjonijiet possibbli għall-iskrutinju futur tal-atti delegati mill-Parlament Ewropew.".*** |

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 4**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 1 – punt 1**
Regolament (KE) Nru 2008/97
Artikolu 7

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta miżuri meħtieġa biex timplimenta r-regoli ta' applikazzjoni tal-arranġamenti speċjali għall-importazzjoni stipulati f'dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija ***fl-Artikolu [323(2)] tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/ssss] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament allinjat dwar l-OKS Unika]****. | Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta miżuri meħtieġa biex timplimenta r-regoli ta' applikazzjoni tal-arranġamenti speċjali għall-importazzjoni stipulati f'dan ir-Regolament. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati ***f'konformità mal-proċedura ta' eżami*** msemmija ***fl-Artikolu 7a(2)***. |

**Emenda 5**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 1 – punt 1**
Regolament (KE) Nru 2008/97
Artikolu 7a (ġdid)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | *Artikolu 7a*<br><br>*Proċedura ta' kumitat*<br><br>***1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn … Kumitat imwaqqaf mill-Artikolu [xx] tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/yyyy] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill … [Regolament allinjat dwar l-OKS Unika] (*). Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (**).***<br><br>***2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***<br><br>***3. Fejn l-opinjoni tal-kumitat tkun se tingħata permezz tal-proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tiġi terminata mingħajr riżultat fejn, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu li jsir dan.***<br><br>***(*) ĠU L …, …, p. ….***<br>***(**) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 2008/97
Artikolu 8a – paragrafu 2

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| 2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***żmien indeterminat minn [daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ta' emenda]***. | 2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 8 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ***ħames snin minn … (*). Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***<br><br>***(*) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.*** |

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 7**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 1 – punt 2**
Regolament (KE) Nru 2008/97
Artikolu 8a – paragrafu 5

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ***tkunx ġiet*** espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel ***it-tmiem*** ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li ***mhux se*** joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***b'xahrejn b'***inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | 5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 8 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma ***tiġix*** espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien ***perijodu ta'*** xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel ***ma jiskadi*** dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ***mhumiex sejrin*** joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż ***b'erba' xhur fuq*** inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

**Emenda 8**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 2, punt -1 (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 779/98
Premessa 4a (ġdida)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***-1. Tiddaħħal il-premessa li ġejja:***<br><br>"***Billi, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjonii lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (*).***<br><br>***(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13."***. |

**Emenda 9**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 2 – punt 1**
Regolament (KE) Nru 779/98
Artikolu 1

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli meħtieġa għall-applikazzjoni tal-iskema ta' importazzjoni għal prodotti elenkati fl-Anness I għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li joriġinaw mit-Turkija u li jiġu importati fl-Unjoni skont il-kundizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill tal-Assoċjazzjoni KE-Turkija. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija ***fl-Artikolu [323(2)] tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/ssss] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament allinjat dwar l-OKS Unika]****. | Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta regoli meħtieġa għall-applikazzjoni tal-iskema ta' importazzjoni għal prodotti elenkati fl-Anness I għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li joriġinaw mit-Turkija u li jiġu importati fl-Unjoni skont il-kundizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni Nru 1/98 tal-Kunsill tal-Assoċjazzjoni KE-Turkija. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati ***f'konformità mal-***proċedura ta' eżami msemmija ***fl-Artikolu 2a(2)***. |

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 10**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 2 – punt 1a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 779/98
Artikolu 2a (ġdid)

*-1a. Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:*

*"Artikolu 2a*

*Proċedura ta' kumitat*

*1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn … Kumitat imwaqqaf mill-Artikolu [xx] tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/yyyy] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill … [Regolament allinjat dwar l-OKS Unika] (*). Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (**).*

*2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*

*3. Fejn l-opinjoni tal-kumitat tkun se tingħata permezz tal-proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tiġi terminata mingħajr riżultat fejn, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu li jsir dan.*

*(*) ĠU L …, …, p. ….*
*(**) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.".*

**Emenda 11**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 3, punt -1 (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 1506/98
Premessa 6a (ġdida)

*-1. Qed tiddaħħal il-premessa li ġejja:*

*"Billi, sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, għandhom jipu kkonferiti setgħat ta' impliementazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni.* (*)

*(*) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.".*

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 12**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 3 – punt 1**
Regolament (KE) Nru 1506/98
Artikolu 3

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tikkonferma t-tmiem tas-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 2 meta jitneħħew l-ostakli għall-esportazzjonijiet preferenzjali mill-Unjoni għat-Turkija. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottati skont il-proċedura ta' analiżi msemmija ***fl-Artikolu [323(2)] tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/ssss] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [Regolament allinjat dwar l-OKS Unika]****. | Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tikkonferma t-tmiem tas-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 2 meta jitneħħew l-ostakli għall-esportazzjonijiet preferenzjali mill-Unjoni għat-Turkija. ***Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 3a(2)***. |

**Emenda 13**

**Proposta għal Regolament**
**Artikolu 3 – punt 1a (ġdid)**
Regolament (KE) Nru 1506/98
Artikolu 3a (ġdid)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***-1a. Jiddaħħal l-artikolu li ġej:***<br><br>*"Artikolu 3a*<br>***Proċedura ta' kumitat***<br><br>***1. Il-Kummissjoni tkun megħjuna minn … Kumitat imwaqqaf mill-Artikolu [xx] tar-Regolament (UE) Nru [xxxx/yyyy] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill … [Regolament allinjat dwar l-OKS Unika] (*). Dak il-Kumitat għandu jkun Kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 (**).***<br><br>***2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.***<br><br>***3. Fejn l-opinjoni tal-kumitat tkun se tingħata permezz tal-proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tiġi terminata mingħajr riżultat fejn, fil-limitu ta' żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu li jsir dan.***<br><br>*(*) ĠU L …, …, p.*<br>*(**) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.".* |

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

## Emenda tal-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku fir-rigward tal-istima tal-konformità, iċ-ċertifikati u l-immarkar bejn il-KE u l-Awstralja

P7_TA(2012)0330

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja li jemenda l-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku fir-rigward tal-istima tal-konformità, tal-istima tal-konformità, iċ-ċertifikati u l-immarkar bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja (12124/2010 – C7-0057/2012 – 2010/0146(NLE))**

(2013/C 353 E/40)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12124/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja li jemenda l-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku fir-rigward tal-istima tal-konformità, tal-istima tal-konformità, iċ-ċertifikati u l-immarkar bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja (12150/2010),

— wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 207(4), l-ewwel subparagrafu, u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt a), punt v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0057/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0211/2012),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Awstralja.

---

## Ftehim UE/New Zealand dwar l-għarfien reċiproku fir-rigward tal-istima tal-konformità ***

P7_TA(2012)0331

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehim UE/New Zealand li jemenda l-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku fir-rigward tal-istima tal-konformità bejn il-Komunità Ewropea u n-New Zealand (12126/2010 – C7-0058/2012 – 2010/0139(NLE))**

(2013/C 353 E/41)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (12126/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u n-New Zealand li jemenda l-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku fir-rigward tal-istima tal-konformità bejn il-Komunità Ewropea u n-New Zealand (12151/2010),

— wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikoli 207(4), l-ewwel subparagrafu u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt a), punt v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0058/2012),

— wara li kkunsidra r-Regoli 81 u 90(7) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0210/2012),

1. Japprova l-konklużjoni tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u l-parlamenti tal-Istati Membri u tan-New Zealand.

---

## Ċerti miżuri fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut ***I

P7_TA(2012)0332

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti miżuri fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut (COM(2011)0888 – C7-0508/2011 – 2011/0434(COD))**

(2013/C 353 E/42)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0888),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 207(2) u 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0508/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-23 ta' Mejju 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-27 ta' Ġunju 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

([1]) ĠU C 229, 31.7.2012, p. 112.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0146/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

## P7_TC1-COD(2011)0434

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti miżuri għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1026/2012.)*

---

## L-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura ***I

P7_TA(2012)0333

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura (COM(2011)0416 – C7-0197/2011 – 2011/0194(COD))**

(2013/C 353 E/43)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0416),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 42 u 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0197/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-28 ta' Marzu 2012 ([1]),

— wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-4 ta' Mejju 2012 ([2]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A7-0217/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari kif tinsab hawnhekk;

2. Jisteden lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda din il-proposta b'mod sostanzjali jew li tibdilha b'test ieħor;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 183.
([2]) ĠU C 225, 27.7.2012, p. 20.

## P7_TC1-COD(2011)0194

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u li tħassar r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

— Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 42 u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

— Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Europea,

— Wara li għaddew l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

— Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

— Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

— Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([3]),

([1]) ĠU C 181, 21.6.2012, p. 183.
([2]) ĠU C 225, 27.7.2012, p. 20.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

Billi:

(1) L-ambitu tal-Politika Komuni tas-Sajd ("PKS") jestendi għal miżuri dwar is-swieq tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura fl-Unjoni. L-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, jew "Organizzazzjoni Komuni tas-Suq" ("OKS"), hija parti integrali tal-PKS u għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tagħha. Billi l-PKS qed tiġi riveduta, l-OKS għandha tiġi adattata skont dan.

(2) Jeħtieġ li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura ([1]) jiġi rivedut biex jitqiesu n-nuqqasijiet misjuba fl-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet fis-seħħ attwalment, l-iżviluppi riċenti fl-Unjoni u s-swieq dinjija, u l-evoluzzjoni tal-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura.

*(2a)* ***Is-sajd iwettaq rwol partikolarment importanti fl-ekonomiji tar-reġjuni kostali tal-Unjoni, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi. Minħabba li lis-sajjieda ta' dawk ir-reġjuni jipprovdilhom l-għajxien tagħhom, għandhom jittieħdu passi biex jitrawmu l-istabilità tas-suq u korrispondenza mtejba bejn il-provvista u d-domanda.*** **[Em. 1]**

(3) Għandhom jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-OKS skont l-impenji internazzjoni tal-Unjoni, partikularment fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO"). ***Il-ħut u l-molluski huma ġid komuni. Billi s-sajd, għalhekk, mhuwiex bħal industriji oħrajn, għandu jiġi regolat partikolarment minn miżuri li jissodisfaw kriterji ambjentali u ekosistemiċi, irrispettivament mir-rekwiżiti tas-suq.*** **[Em. 2]**

*(3a)* ***Billi d-dispożizzjonijiet kummerċjali tad-WTO li japplikaw attwalment qed jaħdmu b'mod sodisfaċenti, kwalunkwe proposta ġdida għandha tfittex li żżomm status quo meta dan ikun possibbli. Madankollu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura importati minn pajjiżi terzi jirrispettaw għal kollox prattiki u dispożizzjonijiet sostenibbli tal-liġi tal-Unjoni, sabiex tiżgura li prodotti tal-Unjoni u dawk importati jikkompetu f'kundizzjonijiet ekwi.*** **[Em. 3]**

(4) L-OKS għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Politika Komuni tas-Sajd.

*(5a)* ***Minħabba l-volumi kbar ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura li jiġu importati għal ġol-Unjoni minn pajjiżi terzi u l-proporzjon sostanzjali tal-prodotti importati fil-konsum totali tal-Unjoni, huwa indispensabbli li l-OKS tifforma parti minn politika kummerċjali u doganali li jkollha l-għan li tirregola l-importazzjonijiet u ttaffi l-effetti tagħhom minn fuq il-prezzijiet ottenuti mill-produtturi tal-Unjoni fl-ewwel bejgħ u minn fuq il-profitabilità tal-attivitajiet tagħhom.*** **[Em. 4]**

*(5b)* ***Jeħtieġ li jintlaħaq l-ogħla grad possibbli ta' konsistenza bejn il-PKS u l-politika kummerċjali komuni, fejn din il-politika tal-aħħar tintuża b'mod sistematiku biex tkompli tmexxi 'l quddiem l-objettivi ta' dik tal-ewwel, kemm fin-negozjati multilaterali tad-WTO u kemm fir-rigward tal-ftehimiet kummerċjali bilaterali u reġjonali.*** **[Em. 5]**

*(5c)* ***L-aġenziji nazzjonali kollha li għandhom ir-responsabilità li jwettqu l-iċċekkjar doganali u tas-saħħa fuq il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura importati għal ġol-Unjoni għandhom jingħataw ir-riżorsi umani u finanzjarji u l-għodod li huma jeħtieġu biex jagħmlu xogħolhom kif suppost.*** **[Em. 6]**

(6) Huwa importanti li l-immaniġġar tal-OKS jitmexxa fuq il-prinċipji ta' governanza tajba tal-PKS.

([1]) ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22.

L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012

(6a) ***Biex l-OKS tkun suċċess, huwa essenzjali li l-konsumaturi jiġu mgħarrfa, permezz ta' kampanji ta' kummerċjalizzazzjoni u edukattivi, dwar il-valur li wieħed jiekol il-ħut u dwar il-varjetà wiesgħa ta' speċijiet disponibbli, kif ukoll għandhom isiru jafu dwar kemm hu importanti li wieħed ikun jista' jifhem it-tagħrif li jidher fuq it-tikketti.*** **[Em. 7]**

(7) L-organizzazzjonijiet tal-produtturi huma l-atturi ewlenin għall-applikazzjoni xierqa tal-PKS u tal-OKS. Huwa għalhekk meħtieġ li jsaħħu l-għanijiet tagħhom ~~biex~~ ***u li jipprovdu l-appoġġ finanzjarju meħtieġ biex ikun jista' jkollhom rwol iktar sinifikanti fil-ġestjoni ta' kuljum tas-sajd, billi jaġixxu f'qafas definit mill-objettivi tal-PKS. Huwa wkoll meħtieġ li*** jiżguraw li l-membri tagħhom iwettqu attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura b'mod sostenibbli, itejbu t-tqegħid fis-suq ta' prodotti, ***jesperjenzaw titjib fid-dħul tagħhom,*** u jiġbru informazzjoni ekonomika dwar l-akkwakultura. Filwaqt li jilħqu dawn l-għanijiet, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jikkunsidraw il-kundizzjonijiet differenti tas-setturi tas-sajd u l-akkwakultura li jeżistu fl-Unjoni, ***speċjalment dawk fir-reġjuni ultraperifeċriċi,*** b'mod partikulari l-ispeċifiċitajiet tas-sajd fuq skala żgħira ***u tal-akkwakultura estensiva.Għandu jkun possibbli għall-Istati Membri u l-gvernijiet reġjonali li jieħdu responsabbiltà għall-implimentazzjoni ta' dawk l-għanijiet, u jaħdmu mill-qrib mal-organizzazzjonijiet tal-produtturi fuq kwistjonijiet ta' ġestjoni, inkluża, fejn hi xierqa, dwar l-allokazzjoni ta' kwoti u l-ġestjoni tal-isforz tas-sajd, skont il-ħtiġijiet ta' kull qasam tas-sajd partikolari.*** **[Em. 8]**

(7a) ***Sabiex tissaħħaħ il-kompetittività u l-vijabbiltà tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi, hemm il-bżonn li l-kriterji adegwati għall-istabbiliment tagħhom ikunu definiti b'mod ċar, partikolarment dawk li jirrigwardaw in-numru minimu ta' membri u r-rikonoxximent formali tagħhom.*** **[Em. 9]**

(8) L-organizzazzjonijiet interprofessjonali billi jiġbru flimkien kategoriji differenti ta' operaturi jistgħu jgħinu biex itejbu l-koordinazzjoni ta' attivitajiet tal-kummerċjalizzajoni matul il-katina tal-attivitajiet u biex jiżviluppaw miżuri ta' interess għas-settur kollu.

(9) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet komuni għar-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi u organizzazzjonijiet interprofessjonali mill-Istati Membri, biex ir-regoli adottati mill-organizzazzjonijiet interprofessjonali u tal-produtturi jiġu estiżi, u biex il-kosti li jirriżultaw minn din l-estensjoni jiġu kondiviżi. Il-proċedura għall-estensjoni ta' regoli għandha tkun soġġetta għall-awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni.

(10) Sabiex l-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jidderiġu lill-membri lejn attivitajiet ta' sajd u akkwakultura sostenibbli, huma għandhom jiddefinixxu u jissottomettu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni bil-miżuri meħtieġa biex jilħqu l-għanijiet tagħhom.

(10a) ***Il-ħatt l-art tal-qabdiet inċidentali u sekondarji kollha u t-tnaqqis tar-rimi huma tnejn mill-objettivi tar-riforma tal-PKS li għaddejja bħalissa. Sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi, għandu jsir użu aktar wiesa' ta' rkaptu tas-sajd selettiv li jipprevjeni li jinqabad ħut ta' daqs iżgħar milli suppost.*** **[Em. 165]**

(11) Id-diffikulta biex jitbassru l-attivitajiet tas-sajd teżiġi li jitwaqqaf mekkaniżmu għal ħżin ta' prodotti tas-sajd għall-konsum mill-bniedem bil-għan li titrawwem stabbilità akbar tas-suq u jiżdied ir-redditu fuq il-prodotti, partikularment billi jinħoloq valur miżjud. Dan il-mekkaniżmu għandu jikkontribwixxi għall-istabbilizzazzjoni u l-konverġenza tas-swieq lokali tal-Unjoni bil-għan li jinħoloq is-suq uniku.

(11a) ***Minħabba l-bogħod u l-iżolament ġeografiku tar-reġjuni ultraperiferiċi, huwa possibbli skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ("TFUE") li jsir programm ta' azzjoni speċjali li jqis il-karatteristiċi speċifiċi ta' tali reġjuni.*** **[Em. 11]**

(11b) ***Il-Kummissjoni jmissha tistabbilixxi miżuri ta' appoġġ biex tinkoraġġixxi l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-organizzazzjonijiet tal-produtturi tal-akkwakultura.*** **[Em. 12]**

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

(12) L-organizzazzjonijiet tal-produtturi ~~jistgħu joħolqu fond kollettiv~~ ***għandhom jiġu allokati għajnuna finanzjarja tal-Unjoni taħt il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd*** biex jiffinanzja l-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni u l-mekkaniżmu ta' ħżin. **[Em. 13]**

(13) Biex tiġi kkunsidrata d-diversità fil-prezzijiet madwar l-Unjoni, kull organizzazzjoni tal-produtturi għandha tkun intitolata tipproponi prezz li jiskatta l-mekkaniżmu ta' ħżin. Dan il-prezz ma għandux iwassal biex jiġu ffissati prezzijiet minimi li jistgħu jfixklu l-kompetizzjoni.

(14) Billi l-istokkijiet tal-ħut huma riżorsi kondiviżi, l-isfruttar sostenibbli u effiċjenti tagħhom jista', f'xi ċirkustanzi, jintlaħaq aħjar permezz ta' organizzazzjoniiet magħmula minn membri minn Stati Membri differenti ***u minn reġjuni differenti.***Għalhekk jeħtieġ li tiġi ~~prevista wkoll il-possibbiltà~~ ***mħeġġa l-possibbiltà*** li jitwaqqfu organizzazzjonijiet ta' produtturi u assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi fuq livell ***transreġjonali, ibbażati fejn xieraq fuq ir-reġjuni bijoġeografiċi, u fil-livell*** transnazzjonali. li jibqgħu soġġetti ~~għal regoli~~ tal-kompetizzjoni kif previst fir-regolament preżenti ***Dawn l-organizzazzjonijiet għandhom ikunu sħubiji bl-għan li jipproduċu regoli komuni u vinkolanti,u*** li***jipprovdu kundizzjonijiet ekwi għall-partijiet interessati kollha li jaħdmu fis-sajd. Fit-twaqqif ta' organizzazzjonijiet bħal dawn, jeħtieġ li jiġi żgurat li huma*** li jibqgħu soġġetti ~~għal regoli~~ tal-kompetizzjoni kif previst fir-regolament preżenti ***u li tiġi rispettata l-ħtieġa li tinżamm ir-rabta bejn il-komunitajiet kostali individwali u l-ħut u l-ilmijiet li storikament ikunu esplojtaw***.**[Em. 14]**

(15) L-applikazzjoni ta' standards komuni tal-kummerċjalizzazzjoni għandha tippermetti li s-suq ikun fornut bi prodotti sostenibbli, li jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tas-suq intern tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, u li jiġi ffaċilitat il-kummerċ fuq bażi ta' kompetizzjoni ġusta, u b'hekk tgħin biex tintlaħaq il-profitabbiltà tal-produzzjoni.

(16) ~~Minħabba l-varjetà wiesgħa tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, jeħtieġ~~ ***Huwa meħtieġ*** li l-konsumaturi jingħataw ~~ammont minimu~~ ***informazzjoni ċara u komprensiva dwar, inter alia, l-oriġini, il-metodu u d-data*** ta' ~~informazzjoni obbligatorja dwar il-karatteristiċi ewlenin~~ ***produzzjoni*** tal-prodotti ***sabiex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet infurmati***. **[Em. 15]**

***(16a) L-użu ta' ekotikketta għall-prodotti tas-sajd, li joriġinaw kemm fi ħdan l-Unjoni kif ukoll barra joffri l-possibbiltà li tiġi pprovduta informazzjoni ċara dwar is-sostenibbiltà ekoloġika ta' prodotti tas-sajd. Huwa meħtieġ għalhekk li l-Kummissjoni teżamina l-possibbiltà li jiġu żviluppati u stabbiliti kriterji minimi għall-iżvilupp ta' ekotikketta għall-prodotti tas-sajd waħda għall-Unjoni kollha.*** **[Em. 16]**

***(16b) Sabiex jiġu salvagwardjati l-konsumaturi Ewropej, l-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għas-sorveljanza u l-infurzar tal-obligazzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament għandhom jagħmlu użu sħiħ mit-teknoloġija disponibbli, inkluża l-analiżi tad-DNA, sabiex l-operaturi ma jitħallewx jagħmlu tikkettjar falz tal-qabdiet.*** **[Em. 17]**

***(16c) Minħabba l-importanza li l-konsumaturi jattribwixxu lill-oriġini u l-provenjenza, fis-sens wiesgħa ta' dawn it-termini, meta jkunu qed jagħżlu bejn il-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura disponibbli fis-suq, għandha tingħata attenzjoni speċjali biex jiġi żgurat li t-tagħrif li jingħataw dwar il-prodotti jkun eżatt, ċar u komprensiv kemm jista' jkun.*** **[Em. 18]**

***(16d) Bil-ħsieb li tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-PKS – b'referenza partikolari għall-OKS u d-dispożizzjonijiet għall-għoti ta' tagħrif lill-konsumatur – u l-politika kummerċjali komuni, wieħed irid jieħu ħsieb li jiġu evitati d-definizzjonijiet li huma eċċessivament wesgħin tal-oriġini doganali preferenzjali tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, kif ukoll kwalunkwe eċċezzjonijiet għad-definizzjonijiet standard li jdgħajfu t-traċċabilità tal-prodotti u jikkawżaw konfużjoni dwar minn fejn u kif prodott partikolari jkun inġab.*** **[Em. 19]**

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

(17) Ir-regoli dwar il-kompetizzjoni relatata ma' ftehimiet, deċiżjonijiet u prassi msemmija fl-Artikolu 101 TFUE għandhom japplikaw għall-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, sakemm l-applikazzjoni tagħhom ma tfixkilx it-tħaddim tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq jew thedded li jintlaħqu l-għanijiet tal-Artikolu 39 TFUE.

***(17a) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-prodotti importati li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jikkonformaw mal-istess rekwiżiti u standards ta' kummerċjalizzar bħal dawk li jridu jissodisfaw il-produtturi tal-Unjoni.*** **[Em. 20]**

(18) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, waqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tas-settur tas-sajd u l-akkwakultura, inklużi l-frammentazzjoni tas-settur, il-fatt li l-ħut huwa riżorsa kondiviża u jekk l-ammont tal-importazzjoni huwa kbir***, li għandhom jiġu regolati mill-istess regoli bħall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura tal-Unjoni***.Minħabba raġunijiet ta' simplifikazzjoni, id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 tal-24 ta' Lulju 2006 li japplika ċerti regoli ta' kompetizzjoni għall-produzzjoni ta', u l-kummerċ f'ċerti prodotti agrikoli ([1]) għandhom jiġu inkorporati fir-regolament preżenti. Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 1184/2006 ma għandux jibqa' japplika għal prodotti tas-sajd u l-akkwakultura.**[Em. 21]**

(19) Jeħtieġ li tittejjeb l-informazzjoni ekonomika dwar is-swieq tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura fl-Unjoni.

(20) Sabiex ***jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi u organizzazzjonijiet inter-professjonali***, kif ukoll biex jiġu stabbiliti standards tas-suq komuni, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti taħt l-Artikolu 290 tat-TFUE għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' ***l-appoġġ finanzjarju tagħhom, ir-regoli interni tagħhom, il-kontenut tal-pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni, kif ukoll id-definizzzjoni u l-emendar tal-istandards komuni tas-suq***.**[Em. 22]** Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura t-trasmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(22) Sabiex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, dwar l-iskadenzi taż-żmien u l-proċeduri għar-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi u ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri; il-format, l-iskadenzi taż-żmien u l-proċeduri għall-komunikazzjoni tagħhom lill-Kummissjoni tad-deċiżjonijiet tagħhom biex jingħata jew jiġi rtirat rikonoxximent; ir-regoli dwar il-frekwenza u l-kontenut u l-metodi prattiċi tal-verifiki mill-Istati Membri; il-format u l-proċedura ta' notifika mill-Istati Membri fil-każ ta' estensjoni tar-regoli; il-proċedura u l-iskadenzi taż-żmien biex jintbagħtu mill-organizzazzjoni tal-produtturi u approvazzjoni mill-Istati Membri tal-pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni; u l-format tan-notifika mill-Istati Membri tal-prezzijiet skattaturi, għandhom jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni ([2]).

([1]) ĠU L 214, 4.8.2006, p. 7.
([2]) ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

(22a) Peress li dawn l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li tiġi stabbilita l-organizzazzjoni komuni fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, ma jistgħax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u jista' għalhekk minħabba l-skali u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx 'l hinn minn dak li huma meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-għan.

(23) Ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 għandu jiġi rrevokat iżda għandhom jibqgħu japplikaw sakemm jidħol fis-seħħ ir-Regolament dwar il-Fond Ewropew Marittimu u għas-Sajd.

(23a) Ir-Regolament (KE) Nru 1184/2006 għandu jiġi emendat kif ġej,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## Kapitolu I

## Dispożizzjonijiet ġenerali

### Artikolu 1

### Suġġett

1. B'dan qed tiġi stabbilita organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, minn hawn 'il quddiem "Organizzazzjoni Komuni tas-Suq".

2. L-Organizzazzjoni Komuni tas-Suq ("OKS") għandha tħaddan l-istrumenti li ġejjin:

(a) organizzazzjonijiet professjonali;

(b) standards ta' kummerċjalizzazzjoni;

(c) informazzjoni għall-konsumatur;

(d) regoli dwar il-kompetizzjoni;

(e) għarfien intelliġenti dwar is-suq;

***(ea) id-dimensjoni esterna.*** **[Em. 23]**

### Artikolu 2

### Ambitu

L-OKS għandha tapplika għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura elenkati fl-Anness I għal dan ir-Regolament, li jiġu ***prodotti jew*** kkummerċjalizzati fl-Unjoni. **[Em. 24]**

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

Artikolu 3

Għanijiet

L-OKS għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet stipulati ~~fl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament~~ fir-Regolament (UE) Nru …/20XX ta' … tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (*) ***u, b'mod partikolari, biex jiġu pprovduti inċentivi tas-suq ħalli jiġu appoġġjati prattiki ta' produzzjoni li jkunu aktar sostenibbli, biex tittejjeb il-pożizzjoni tas-suq tal-prodotti tal-Unjoni, biex jitfasslu strateġiji tal-produzzjoni bil-ħsieb li l-Politika Komuni tas-Sajd ("PKS") tiġi adattata għall-bidliet strutturali tas-swieq u għall-fluttwazzjonijiet ta' żmien qasir, u biex jissaħħaħ il-potenzjal tas-suq tal-prodotti tal-Unjoni***. **[Em. 25]**

Artikolu 4

Prinċipji

L-OKS għandha tipproċedi fuq il-prinċipji ta' governanza tajba, ~~stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.~~ ***li hi għandha tikseb permezz ta' definizzjoni ċara tar-responsabilitajiet fil-livell tal-Unjoni, dak nazzjonali, dak reġjonali u dak lokali, perspettiva fit-tul, l-involviment wiesgħa tal-operaturi, ir-responsabilità tal-Istat tal-bandiera, u l-konsistenza mal-politiki integrati marittimi, kummerċjali u politiki oħra tal-Unjoni***. **[Em. 26]**

Artikolu 5

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet imsemmija fir-Regolament (UE) Nru …/20XX (**) ***u dawk imsemmija fir-Regolamet tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011 tat-8 ta' April 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 ([2])*** għandha tapplika.**[Em. 27]**

Għandhom japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'prodotti tas-sajd' tfisser organiżmi akwatiċi li jirriżultaw minn kwalunkwe attività tas-sajd jew prodotti li ġejjin minnhom, kif elenkat fl-Anness I;

(b) 'prodotti tal-akkwakultura' tfisser organiżmi akwatiċi, fi kwalunkwe stadju taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, li jirriżultaw minn kwalunkwe attività tal-akkwakultura jew prodotti li ġejjin minnhom, kif elenkat fl-Anness I;

(c) 'produttur' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tuża mezzi ta' produzzjoni biex tikseb prodotti ta' sajd jew akkwakultura bl-intenzjoni li tqiegħdhom fis-suq;

(d) 'settur tas-sajd jew l-akkwakultura' tfisser is-settur tal-ekonomija li jinkludi l-attivitajiet kollha tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tal-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura;

(*) In-numru, d-data u r-referenza tal-ĠU tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (2011/0195(COD)).
(**) In-numru, d-data u r-referenza tal-ĠU tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (2011/0195(COD)).
([1]) ***ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.***
([2]) ***ĠU L 112, 30.4.2011, p. 1.***

***(da) 'qabdiet mhux mixtieqa' tfisser qabdiet kif iddefinit fir-Regolament (UE) Nru …/20XX*** (*). **[Em. 28]**

(e) 'tagħmel disponibbli fis-suq' tfisser kwalunkwe provvista ta' prodott tas-sajd jew l-akkwakultura għad-distribuzzjoni, il-konsum jew l-użu fis-suq tal-Unjoni tul attività kummerċjali, kemm jekk issir bi ħlas kif ukoll mingħajr;

(f) 'tqegħid fis-suq' tfisser l-ewwel darba li prodott tas-sajd jew l-akkwakultura jsir disponibbli fis-suq tal-Unjoni.

Kapitolu II

Organizzazzjonijiet professjonali

Taqsima I

Stabbiliment, għanijiet u Miżuri

Artikolu 6

Stabbiliment ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi tas-sajd

Organizzazzjonijiet ta' produtturi tas-sajd jistgħu jiġu stabbiliti bħala grupp imwaqqaf fuq l-inizjattiva proprja ta' produtturi ta' prodotti tas-sajd fi Stat Membru wieħed jew aktar u li huma rikonoxxuti skont it-Taqsima II.

***Fl-istabbiliment ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi tas-sajd, għandha titqies is-sitwazzjoni speċifika tal-produtturi tas-sajd qrib il-kosta fuq skala żgħira u tas-sajd mhux industrijali, sabiex, b'mod partikolari, dawn il-produtturi igawdu minn diskriminazzjoni pożittiva fl-aċċess għall-għajnuna għat-twaqqif ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi.*** **[Em. 29]**

Artikolu 7

Għanijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi tas-sajd

L-organizzazzjonijiet ta' produtturi tas-sajd għandu jkollhom l-għanijiet li ġejjin:

(a) jippromwovu attivitajiet vijabbli ***u sostenibbli*** tas-sajd mill-membri tagħhom, b'konformità sħiħa mal-politika ta' konservazzjoni***, immaniġġjar u sfruttar*** stipulata fir-Regolament (UE) Nru …/20XX (*) u fl-atti legali ambjentali tal-Unjoni; **[Em. 30]**

***(aa) jippjanaw il-produzzjoni tal-membri tagħhom u jagħtu konsulenza lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali dwar kwistjonijiet relatati mal-ġestjoni tas-sajd kif ukoll jaqsmu l-aħjar prattiki żviluppati mill-bastimenti tal-Unjoni***;**[Em. 31]**

***(ab) jikkontribwixxu fil-provvista tal-ikel u jżommu u joħolqu impjiegi fiż-żoni kostali u rurali, inkluż taħriġ vokazzjonali u programmi ta' kooperazzjoni biex iż-żgħażagħ jitħeġġu jidħlu fis-settur u biex jiġi żgurat standard ġust ta' għajxien għal dawk impenjati fis-sajd***;**[Em. 32]**

(b) ~~jieħdu ħsieb~~ ***jevitaw, jimminimizzaw u jagħmlu l-aħjar użu minn*** qabdiet ta' stokkijiet kummerċjali li ma hemmx domanda għalihom ***mingħajr ma joħolqu suq sostanzjali għal qabdiet bħal dawn;*** **[Em. 33]**

(*) In-numru, d-data u r-referenza tal-ĠU tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (2011/0195(COD)).

L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012

*(ba) jikkontribwixxu għall-eliminazzjoni tal-prattiki ta' sajd illegali, mhux rapportat u mhux regolat billi japplikaw fuq il-membri tali kontrolli interni li jkun hemm bżonn;* **[Em. 34]**

*(bb) inaqqsu l-impatt ambjentali tas-sajd, inkluż billi jimplimentaw miżuri li jtejbu s-selettività tal-irkaptu tas-sajd, jikkontrollaw l-isforz u jevitaw qabdiet mhux mixtieqa u mhux awtorizzati;* **[Em. 35]**

*(bc) jimmaniġġjaw id-drittijiet tal-aċċess għar-riżorsi assenjati lill-membri tagħhom skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru …/20XX* (*)*;* **[Em. 36]**

(c) itejbu l-kundizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti tas-sajd tal-membri tagħhom;

(d) jistabbilixxu s-swieq;

(e) itejbu l-profittabbiltà tal-produtturi ***u jtejbu d-dħul tal-operaturi tas-sajd***; **[Em. 37]**

*(ea) jiżguraw it-traċċabilità u jtejbu l-aċċess għal informazzjoni ċara u komprensiva sabiex il-konsumaturi jifhmu aħjar l-istejtus ta' konservazzjoni tal-ekosistemi marittimi u tar-riżorsi tas-sajd, kif ukoll jiġu mgħallma dwar il-varjetà wiesgħa ta' speċijiet disponibbli għall-konsum*;**[Em. 38]**

*(eb) jippromwovu l-użu tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjonijiet tal-Informazzjoni ("TKI") biex jiżguraw ikkummerċjar u prezzijiet ogħla għall-prodotti tas-sajd.* **[Em. 39]**

Artikolu 8

Miżuri li jittieħdu minn organizzazzjonijiet ta' produtturi tas-sajd

Organizzazzjonijiet ta' produtturi tas-sajd ~~jistgħu~~ jużaw***, inter alia,***l-miżuri li ġejjin biex jilħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 7: **[Em. 41]**

(a) ~~jippjanaw l-attivitajiet tas-sajd tal-membri tagħhom;~~***jippjanaw il-ġestjoni tal-attivitajiet ta' sajd tal-membri tagħhom, inkluż l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri li jtejbu s-selettività tal-attivitajiet ta' sajd u joffru konsulenza lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet reġjonali tal-pjanijiet ta' ġestjoni msemmija hawn fuq, għal kull Stat Membru;*** **[Em. 42]**

(b) jagħmlu l-aħjar użu ta' ~~qabdiet~~ ***u jassistu lill-membri tagħhom biex jevitaw u jimminimizzaw il-qabdiet*** ta' stokkijiet kummerċjali li ma hemmx domanda għalihom. ~~billi~~

— ~~jiddisponu minn prodotti li jkunu nħattu l-art li mhumiex konformi mad-daqsijiet minimi ta' kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 39(2)(a) għal użi oħrajn għajr konsum mill-bniedem;~~

— ~~jqiegħdu fis-suq prodotti li jkunu nħattu l-art li huma konformi mad-daqsijiet minimi ta' kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 39(2)(a);~~

— ~~jiddistribwixxu mingħajr ħlas prodotti li jkunu nħattu l-art għal finijiet filantropiċi jew karitatevoli.;~~**[Em. 43 u 44]**

(*) In-numru, d-data u r-referenza tal-ĠU tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (2011/0195(COD)).

(c) jaġġustaw il-produzzjoni għall-bżonnijiet tas-suq;

(d) jidderiġu l-provvista u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-membri tagħhom;

(e) jimmaniġġaw ħżin temporanju ta' prodotti tas-sajd b'konfomità mal-Artikoli 35 u 36;

(f) jikkontrollaw u jieħdu miżuri biex l-attivitajiet tal-membri tagħhom ikun konformi mar-regoli stabbiliti mill-organizzazzjoni tal-produtturi;

***(fa) ittejbu l-kwalità, l-għarfien u t-trasparenza tal-produzzjoni u tas-suq; iwettqu studji biex jittejbu l-ippjanar u l-ġestjoni ta' attivitajiet u jingħata appoġġ lil programmi professjonali biex jiġu promossi prodotti ta' sajd sostenibbli;*** [Em. 46]

***(fb) jibagħtu, fuq bażi volontarja, informazzjoni rigward l-istat ta' konservazzjoni tal-ekosistemi marini u tar-riżorsi tal-ħut lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, bil-frekwenza, u b-għajnuna ta' mezzi, li jkunu meqjusa adegwati;*** [Em. 47]

***(fc) jimmaniġġjaw l-opportunitajiet tas-sajd tal-membri tagħhom fuq bażi kollettiva;*** [Em. 48]

***(fd) jippromwovu l-aċċess tal-konsumatur għall-informazzjoni ċara u komprensiva dwar il-prodotti tas-sajd;*** [Em. 49]

Artikolu 9

Stabbiliment ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi tal-akkwakultura

Organizzazzjonijiet ta' produtturi tal-akkwakultura jistgħu jiġu stabbiliti bħala grupp imwaqqaf fuq l-inizjattiva proprja ta' produtturi ta' prodotti tal-akkwakultura fi Stat Membru wieħed jew aktar u li huma rikonoxxuti skont it-Taqsima II.

Artikolu 10

Għanijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi tal-akkwakultura

L-organizzazzjonijiet ta' produtturi tal-akkwakultura għandu jkollhom l-għanijiet li ġejjin:

(a) jippromwovu l-attivitajiet ***vijabbli u ekonomikament, soċjalment u ambjentalment*** sostenibbli tal-akkwakultura tal-membri tagħhom***, u l-benefiċċji tal-akkwakultura organika*** billi jipprovdu opportunitajiet għall-iżvilupp tagħhom; ***b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u skont id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika ta' l-Ambjent Marin*** [1] ***u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa*** [2]***, fi ħdan il-qafas legali stabbilit f'kull Stat Membru, jew parti minnu;*** [Em. 151]

***(aa) jiżguraw li prodotti tal-ikel mill-akkwakultura li joriġinaw mis-sajd, jiġu mis-sajd li jkun immaniġjat b'mod sostenibbli;*** [Em. 52]

(1) ***ĠU L 164, 25.6.2008, p. 19.***
(2) ***ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7.***

(b) jikkontribwixxu għall-provvista tal-ikel ~~u~~ ***, billi jiġu rrispettati l-istandards għoljin tal-kwalità u tas-sikurezza tal-ikel, filwaqt li jikkontribwixxu*** għall-impjieg f'żoni kostali u rurali; **[Em. 53]**

(c) jaċċertaw li l-attivitajiet tal-membri tagħhom huma konsistenti mal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali msemmija fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru …/20XX (*);

(d) itejbu l-kundizzjonijiet għat-tqegħid fis-suq tal-prodotti tal-akkwakultura tal-membri tagħhom;

***(da) jistabbilixxu s-swieq;*** **[Em. 54]**

(e) itejbu l-profittabbiltà tal-produtturi ***u d-dħul tal-ħaddiema fis-settur filwaqt li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom***; **[Em. 55]**

***(ea) iniedu programmi biex jippromwovu t-tijib kontinwu tal-prodotti u attivitajiet tal-akkwakultura li jkunu favur l-ambjent u sostenibbli, kif ukoll taħriġ vokazzjonali u azzjonijiet biex jiġi żgurat livell ta' għajxien ġust għal dawk impenjati fl-attivitajiet tal-akkwakultura u jitnaqqas l-impatt negattiv fuq il-katina ta' produzzjoni kollha kemm hi***; **[Em. 56]**

***(eb) jippromwovu kwalunkwe attivitajiet oħra li huma fl-interess tal-membri tal-organizzazzjoni tal-produtturi u jiżviluppaw jew itejbu l-operat tas-settur sabiex jippermettu li organizzazzjonijiet tal-produtturi jilħqu għanijiet li mhumiex speċifikati f'dan l-Artikolu***;**[Em. 57]**

***(ec) jiffaċilitaw l-aċċess tal-konsumatur għall-informazzjoni dwar il-prodotti tal-akkwakultura;*** **[Em. 58]**

***(ed) jużaw, kemm jista' jkun, t-TIK biex jiżguraw li jinkiseb l-aqwa prezz possibbli għall-prodotti;*** **[Em. 59]**

Artikolu 11

Miżuri li jittieħdu minn organizzazzjonijiet ta' produtturi tal-akkwakultura

Organizzazzjonijiet ta' produtturi tal-akkwakultura jistgħu jużaw***, fost affarijiet oħra,*** il-miżuri li ġejjin biex jilħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 10: **[Em. 60]**

(a) jippromwovu akkwakultura responsabbli***, estensiva*** u sostenibbli, notevolment f'termini ta' ħarsien tal-ambjent, saħħa u benessri tal-annimali; **[Em. 61]**

***(aa) jippjanaw il-ġestjoni tal-attivitajiet tal-akkwakultura tal-membri tagħhom;*** **[Em. 62]**

(b) jaġġustaw il-produzzjoni għall-bżonnijiet tas-suq;

(c) jidderiġu l-provvista***, l-istabilizzazzjoni tal-prezzijiet*** u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-membri tagħhom; **[Em. 63]**

***(ca) jimmaniġġjaw ħżin temporanju ta' prodotti tal-akkwakultura b'konfomità mal-Artikoli 35 u 36***;**[Em. 64]**

(*) In-numru, d-data u r-referenza tal-ĠU tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (2011/0195(COD)).

(d) jikkontrollaw u jieħdu miżuri biex l-attivitajiet tal-membri tagħhom ikunu konformi mar-regoli stabbiliti mill-organizzazzjoni tal-produtturi;

(e) jiġbru informazzjoni ***ambjentali u*** dwar il-prodotti kkumerċjalizzati inkluża informazzjoni ekonomika dwar l-ewwel bejgħ u t-tbassir ta' produzzjoni; **[Em. 65]**

***(ea) ittejbu l-kwalità, l-għarfien u t-trasparenza tal-produzzjoni u tas-suq; iwettqu studji biex jittejbu l-ippjanar u l-ġestjoni ta' attivitajiet u jingħata appoġġ lil programmi professjonali biex jiġu promossi prodotti ta' akkwakultura sostenibbli***;[Em. 66]

***(eb) jippromwovu l-aċċess tal-konsumatur għall-informazzjoni ċara u komprensiva dwar il-prodotti tal-akkwakultura;*** [Em. 67]

***(ec) jippromwovu l-prodotti tal-akkwakultura billi jintuża l-potenzjal taċ-ċertifikazzjoni, partikolarment dak tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u l-merti ta' sostenibbiltà.*** [Em. 68]

Artikolu 12

Stabbiliment ta' assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi

1. Assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi tas-sajd jew akkwakultura tista' tiġi stabbilita bħala grupp imwaqqaf fuq l-inizjattiva proprja ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuti fi Stat Membru wieħed jew aktar.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament applikabbi għal organizzazzjonijiet ta' produtturi għandhom japplikaw għal assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi ħlief jekk indikat mod ieħor.

Artikolu 13

Għanijiet ta' assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi

Assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi tas-sajd jew l-akkwakultura għandu jkollhom l-għanijiet li ġejjin:

(a) iwettqu b'mod iktar ***sostenibbli u*** effiċjenti kwalunkwe għan tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi membri stipulati fl-Artikoli 7 u 10; **[Em. 69]**

(b) jikkoordinaw u jiżviluppaw attivitajiet ta' interess komuni għall-organizzazzjonijiet ta' produtturi membri***, inkluża l-kummerċjalizzazzjoni mtejba tal-prodotti għall-konsumatur***; **[Em. 70]**

***(ba) jikkonformaw mal-miżuri kollha mmirati lejn l-iżgurar ta' stabbiltà relattiva tal-attivitajiet f'kull Stat Membru għal kull stokk tal-ħut jew żona tas-sajd.*** [Em. 71]

***Artikolu 13a***

***Il-finanzjament ta' assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi***

***1. Il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd jista' jikkontribwixxi finanzjarjament lejn l-istabbiliment u/jew l-iżvilupp ta' assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi.***

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

***2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati, skont l-Artikolu 50, waqt li tistabbilixxi regoli ddettaljati li jirrigwardaw appoġġ finanzjarju ta' dan it-tip.*** **[Em. 72]**

Artikolu 14

Stabbiliment ta' organizzazzjonijiet minn diversi oqsma

Tista' tiġi stabbilita organizzazzjoni interprofessjonali bħala grupp imwaqqaf fuq l-inizjattiva proprja ta' operaturi ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura fi Stat Membru wieħed jew aktar u li hija rikonoxxuta skont it-Taqsima II.

Artikolu 15

Għanijiet ta' organizzazzjonijiet minn diversi oqsma

L-organizzazzjonijiet interprofessjonali għandu jkollhom l-għanijiet li ġejjin:

(a) itejbu l-kundizzjonijiet biex prodotti tas-sajd u l-akkwakultura jkunu disponibbli fis-suq tal-Unjoni;

(b) jgħinu biex jikkoordinaw aħjar it-tqegħid fis-suq u d-disponibbiltà fis-suq ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura tal-Unjoni.

Artikolu 16

Miżuri li jittieħdu minn organizzazzjonijiet minn diversi oqsma

Organizzazzjonijiet interprofessjonali jistgħu jużaw il-miżuri li ġejjin biex jilħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 15:

(a) it-tfassil ta' kuntratti standard li huma kompatibbli mar-regoli tal-Unjoni;

(b) il-promozzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura tal-Unjoni b'mod mhux diskriminatorju permezz tal-użu tal-potenzjal ta' ċertifikazzjoni, partikularment dak tad-denominazzjonijiet tal-oriġini, siġilli ta' kwalità, indikazzjonijiet ġeografiċi u merti ta' sostenibbiltà***, u filwaqt li jsir provvediment għall-identifikazzjoni ċara tal-prodotti tal-Unjoni f'paragun ma' prodotti importati;*****[Em. 73]**

(c) l-istipular ta' regoli dwar il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura li huma iktar stretti minn dawk stabbiliti fl-atti legali tal-Unjoni jew leġiżlazzjoni nazzjonali;

(d) it-titjib fil-kwalità, tal-għarfien dwar u t-trasparenza tal-produzzjoni u tas-suq, ***kif ukoll il-provvista ta' programmi ta' taħriġ vokazzjonali u professjonali biex jiġu mħeġġa u promossi l-kwalità tal-prodott, it-traċċabilità u s-sikurezza tal-ikel u inizjattivi ta' riċerka u żvilupp,*** **[Em. 74]**

(e) it-twettiq ta' riċerka u studji tas-suq, u l-iżvilupp ta' tekniki li jwasslu għall-aqwa livell tal-operat tas-suq, inklużi l-ITK;

(f) il-forniment ta' informazzjoni u t-twettiq ta' riċerka meħtieġa biex twassal għal provvisti sostenibbli b'ammont, kwalità u prezz skont il-ħtiġijiet tas-suq u l-aspettattivi tal-konsumatur;

***(fa) il-promozzjoni, lill-konsumaturi, tal-ispeċijiet b'valur nutrittiv apprezzabbli li bħalissa mhumiex kummerċjabbli u li jinkisbu minn stokkijiet ta' ħut sani;*** **[Em. 75]**

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

(g) il-kontroll u, fejn meħtieġ, it-teħid ta' miżuri xierqa biex jiġi żgurat li l-attivitajiet tal-membri tagħhom ikunu konformi mar-regoli stabbiliti mill-organizzazzjoni minn diversi oqsma;

Taqsima II

Rikonoxximent

Artikolu 17

Rikonoxximent tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi

**1.** L-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu bħala organizzazzjonijiet ta' produtturi tas-sajd u l-akkwakultura kull grupp tas-sajd jew l-akkwakultura li japplikaw għal dan ir-rikonoxximent, bil-kundizzjoni li:

(a) ikun attiv b'mod suffiċjenti ekonomikament fit-territorju tiegħu jew parti minnu, partikularment fir-rigward ta' l-għadd ta' membri u volum ta' produzzjoni kummerċjabbli li jkollhom;

(b) għandu personalità ġuridika skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru u għandu l-kwartieri ġenerali uffiċjali tiegħu u huwa stabbilit fit-territorju tiegħu;

(c) huwa kapaċi li jsegwi l-għanijiet stipulati fl-Artikoli 7 u 10;

(d) huwa konformi mar-regoli tal-kompetizzjoni stipulati fil-~~Kapitolu VI~~ ***KapitoluV;*** **[Em. 76]** u

~~(e) jista' ma jkollux pożizzjoni dominanti f'suq partikolari ħlief jekk dan ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-miri tal-Artikolu 39 tat-Trattat.~~**[Em. 77]**

***(ea) jagħtu evidenza tat-trasparenza fir-rigward tad-dettalji tas-sħubija, il-governanza u s-sors tal-finanzjament tagħhom.*** **[Em. 78]**

***1a. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kundizzjonijiet addizzjonali għar-rikonoxximent ta' organizzazzjoni tal-produtturi.*** **[Em. 79]**

***1b. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti skont ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 għandhom jitqiesu bħala rikonoxxuti skont dan ir-Regolament.*** **[Em. 80]**

***1c. Għandhom jittieħdu miżuri sabiex tkun żgurata parteċipazzjoni rappreżentattiva tas-sajd fuq skala żgħira fl-organizzazzjonijiet tal-produtturi.*** **[Em. 81]**

Artikolu 18

Rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet minn diversi oqsma

**1.** L-Istati Membri jistgħu, wara li jqisu r-regoli tal-Unjoni, b'mod partikolari dawk dwar il-kompetizzjoni, jirrikonoxxu bħala organizzazzjoni interprofessjonali, kwalunkwe grupp stabbilit fit-territorju tagħhom li jagħmel applikazzjoni xierqa, bil-kundizzjoni li:

(a) jirrappreżenta ~~sehem sinifikanti talanqas ta' tnejn mill-attivitajiet li ġejjin~~ f'żona/i partikulari, ***sehem mill-produzzjoni,***; produzzjoni, kummerċjalizzazzjoni ~~u~~ pproċessar ***jew*** ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura jew prodotti pproċesstati minn prodotti tas-sajd u l-akkwakultra ***li qed jinqabdu minn bastimenti tal-Unjoni jew qed jiġu akkwakultivati fl-Istati Membri***; **[Em. 82]**

(b) mhuwiex huwa nnifsu impenjat f'attivitajiet li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni, l-ipproċessar jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura jew ta' prodotti pproċessati minn prodotti tas-sajd u l-akkwakultura;

(c) ikollu personalità ġuridika skont il-liġi nazzjonali ta' Stat Membri u jkollu l-kwartieri ġenerali uffiċjali tiegħu u huwa stabbilit fit-territorju tiegħu;

(d) jista' jwettaq l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 15;

(e) jikkunsidra l-interess tal-konsumaturi; u

(f) ma jfixkilx t-tħaddim tajjeb tal-OKS.

***1a. Organizzazzjonijiet interprofessjonali eżistenti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti f'dan l-Artikolu jistgħu wkoll jitqiesu bħala rikonoxxuti, anke jekk stabbiliti b'att eżekuttiv jew bl-użu tal-liġi.*** **[Em. 83]**

Artikolu 19

Verifiki u rtirar tar-rikonoxximenti mill-Istati Membri

L-Istati Membri għandhom iwettqu verifiki f'intervalli regoli biex jiżguraw jekk l-organizzazzjonijiet tal-produtturi, ***assoċjazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi*** u l-organizzazzjonijiet interprofessjonali jikkonformawx mal-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent stipulati fl-Artikoli 17 u 18, u għandhom fejn xieraq, jirtiraw ir-rikonoxximent tal-tagħhom. **[Em. 84]**

Artikolu 20

Organizzazzjonijiet tal-produtturi, assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali u tal-produtturi fil-livell transnazzjonali

L-Istati Membri li għandhom ċittadini li huma membri ta' organizzazzjoni ta' produtturi***, assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi*** jew organizzazzjoni interprofessjonali fit-territorju ta' Stat Membru ieħor u dawk l-Istati Membri li jospitaw il-kwartieri ġenerali uffiċjali ta' assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuta fi Stati Membri differenti, għandhom jistabbilixxu, b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri rilevanti, il-kooperazzjoni ammistrattiva meħtieġa biex ikunu jistgħu jitwettqu l-verifiki fuq l-attivitajiet tal-organizzazzjoni jew tal-assoċjazzjoni konċernata. **[Em. 85]**

Artikolu 21

Allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd

Organizzazzjoni tal-produtturi li l-membri tagħha huma ċittadini ta' Stati Membri differenti jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi rikonoxxuta fi Stati Membri differenti għandhom iwettqu l-kompiti tagħhom mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet li jirregolaw l-allokazzjoni ta' opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru …/20XX (*).

Artikolu 22

Komunikazzjoni lill-Kummissjoni ***u pubblikazzjoni tal-lista tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi*** **[Em. 87]**

~~L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, b'mezzi elettroniċi, kwalunkwe deċiżjoni biex jingħata jew jiġi rtirat~~ ***Il-Kummissjoni fil-bidu ta' kull sena għandha tippubblika l-lista tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti fis-sena preċedenti u tal-organizzazzjonijiet li tneħħielhom*** ir-rikonoxximent ***matul dik is-sena***. **[Em. 88]**

(*) In-numru, d-data u r-referenza tal-ĠU tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (2011/0195(COD)).

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

Artikolu 23

Verifiki mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tista' twettaq verifiki u ~~tista'~~ ***għandha*** meta jkun xieraq, titlob li l-Istati Membri jirtiraw ir-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jew organizzazzjonijiet interprofessjonali, sabiex tiżgura konformità mal-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi jew organizzazzjonijiet interprofessjonali stipulati fl-Artikoli 17 u 18. **[Em. 89]**

Artikolu 24

Atti delegati

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 sabiex ***tistabbilixxi regoli dwar it-tħaddim intern ta' organizzazzjoni tal-produtturi jew organizzazzjonijiet interprofessjonali, ir-regoli ta' assoċjazzjoni tagħhom, id-dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji li japplikaw għalihom, l-obbligi għall-membri tagħhom u l-infurzar ta' tali regoli, inkluż il-pieni li għandhom jiġu imposti***. **[Em. 90]**

~~(a) temenda jew tissupplimenta l-kundizzjonijiet għar-rikonoxximent imsemmija fl-Artikoli 17 u 18. Dawk ir-regoli jistgħu jikkonċernaw it-tħaddim intern ta' organizzazzjoni ta' produtturi jew organizzazzjonijiet minn diversi oqsma, ir-regoli ta' assoċjazzjoni, dispożizzjonijiet finanzjarji u baġitarji, obbligi għall-membri tagħhom u l-infurzar tal-applikazzjoni tar-regoli tagħhom inkluż penali;.~~**[Em. 91]**

~~(b) jistabbilixxu regoli dwar il-frekwenza, il-kontenut u l-metodi prattiċi tal-verifiki li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri skont l-Artikoli 20 u 21.~~**[Em. 92]**

Artikolu 25

Atti ta' implimentazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar:

(a) l-iskadenzi taż-żmien u l-proċeduri li l-Istati Membri għandhom japplikaw għar-rikonoxximent ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi u ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali skont l-Artikoli 17 u 18 jew għall-irtirar ta' tali rikonoxximent skont l-Artikolu 19;

(b) il-format, l-iskadenzi taż-żmien u l-proċeduri li għandhom jiġu applikati mill-Istati Membri għall-komunikazzjoni lill-Kummissjoni ta' kwalunkwe deċiżjoni biex jingħata jew jiġi rtirat ir-rikonoxximent skont l-Artikolu 22.

***(ba) ir-regoli dwar il-frekwenza, il-kontenut u l-metodi prattiċi tal-verifiki li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri skont l-Artikolu 20.*** **[Em. 93]**

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51.

Taqsima III

Estensjoni tar-Regoli

Artikolu 26

Estensjoni tar-regoli ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi ***u ta' assoċjazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi*** **[Em. 94]**

1. Stat Membru jista' jeżiġi li r-regoli miftiehma f'organizzazzjoni tal-produtturi ***jew f'assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi*** jsiru vinkolanti għal produtturi li mhumiex membri tal-organizzazzjoni ***jew assoċjazzjoni*** u li jbiegħu kwalunkwe prodott [kopert minn tali organizzazzjoni ta' produtturi jew assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi] fiż-żona li fiha l-organizzazzjoni tal-produtturi ***jew l-assoċjazzjoni ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi*** hija rrappreżentata bil-kundizzjoni li: **[Em. 95]**

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

(a) l-organizzazzjoni tal-produtturi ***jew l-assoċjazzjoni tal-organizzazzjonijiet ta' produtturi*** hija kkunsidrata li tirrappreżenta l-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni***, inkluż, fejn ikun rilevanti, is-setturi fuq skala żgħira u artiġjanali,*** fi Stat Membru wieħed u tressaq applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali; **[Em. 96]**

(b) ir-regoli li se jiġu estiżi jikkonċernaw waħda jew iktar mill-miżuri għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi stipulati fl-Artikolu 8(a) sa (e).

***(ba) jiġu mħarsa r-regoli li jmexxu l-kompetizzjoni ħielsa bejn l-impriżi.*** **[Em. 97]**

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1(a) organizzazzjoni tal-produtturi tas-sajd titqies bħala rappreżentattiva meta tkun responsabbli għal talanqas ~~65 %~~ ***30 %*** tal-kwantitajiet ikkummerċjalizzati tal-prodott rilevanti matul is-sena ta' qabel fiż-żona fejn huwa propost li jiġu estiżi r-regoli**. [Em. 98]**

3. ~~Għall-finijiet tal-paragrafu 1(a) organizzazzjoni tal-produtturi tas-sajd titqies bħala rappreżentattiva meta tkun responsabbli għal talanqas 40 % tal-kwantitajiet ikkummerċjalizzati tal-prodott rilevanti matul is-sena ta' qabel fiż-żona fejn huwa propost li jiġu estiżi r-regoli~~ **[Em. 99]**

4. Ir-regoli li se jiġu estiżi għal dawk li mhumiex membri għandhom japplikaw għal perjodu ta' bejn ~~90~~ ***30*** jum u 12-il xahar. **[Em. 100]**

Artikolu 27

Estensjoni tar-regoli ta' organizzazzjonijiet minn diversi oqsma

1. Stat Membru jista' jeżiġi li xi wħud mill-ftehimiet, deċiżjonijiet jew prassi ġenerali miftiehma fi ħdan organizzazzjoni interprofessjonali tkun vinkolanti f'żona speċifika jew f'żoni speċifiċi għal operaturi oħra li mhumiex affiljati mal-organizzazzjoni bil-kundizzjoni li:

(a) l-organizzazzjoni interprofessjonali hija responsabbli għal talanqas 65 % ta' talanqas tnejn minn dawn l-attivitajiet: produzzjoni, kummerċjalizzazzjoni jew ipproċessar tal-prodott rilevanti matul is-sena ta' qabel fiż-żona jew iż-żoni kkonċernati ta' Stat Membru, u tressaq applikazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali; u

(b) ir-regoli li ser jiġu estiżi għal operaturi oħra jikkonċernaw kwalunkwe miżura għall-organizzazzjonijiet interprofessjonali stipulata fl-Artikolu 16(a) sa (f) u ma jikkawżaw l-ebda dannu lil operaturi oħra fl-Istat Membru kkonċernat jew fl-Unjoni.

2. L-estensjoni tar-regoli għandha tapplika għal mhux iktar minn tliet snin.

Artikolu 28

Responsabbiltà

Meta r-regoli jiġu estiżi għal dawk li mhumiex membri skont l-Artikoli 26 u 27, l-Istat Membru kkonċernat jista' jiddeċiedi li dawk li mhumiex membri għandhom iħallsu lill-organizzazzjoni tal-produtturi jew l-organizzazzjoni interprofessjonali l-ekwivalenti tal-kosti kollha, jew parti minnhom, li tħallsu minn membri li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-estensjoni tar-regoli.

Artikolu 29

Awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni dwar ir-regoli li huma ~~beħsiebhom~~ ***jiddeċiedu li*** jagħmlu vinkolanti għall-produtturi jew l-operaturi kollha f'żona speċifika jew f'żoni speċifiċi skont l-Artikoli 26 u 27. **[Em. 101]**

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza l-estensjoni tar-regoli nnotifikati minn Stat Membru, sakemm:

(a) id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 26 u 27 huma mħarsa;

(b) hemm konformità mal-Kapitolu VI dwar regoli ta' kompetizzjoni;

(c) l-estensjoni ma tipperikolax il-kummerċ ħieles; u

(d) l-għanijiet stabbiliti fl-Artikolu 39 tat-TFUE ma jiġux kompromessia.

3. Fi żmien ~~xahrejn~~ ***15-il ġurnata*** minn meta l-Kummissjoni tirċievi n-notifika, għandha tieħu deċiżjoni tawtorizzax jew tirrifjutax l-awtorizzazzjoni għall-estensjoni tar-regoli u għandha tinforma lill-Istati Membri b'dan. Meta l-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni fil-perjodu ta' ~~xahrejn,~~***15-il ġurnata***, l-estensjoni tar-regoli titqies li ġiet awtorizzata mill-Kummissjoni. **[Em. 102]**

Artikolu 30

Irtirar ta' awtorizzazzjoni

Il-Kummissjoni tista' twettaq verifiki u tista' tirtira l-awtorizzazzjoni ta' estensjoni ta' regoli fil-każ li tistabbilixxi li kwalunkwe rekwiżit għall-awtorizzazzjoni ma jitħarisx. Il-Kummissjoni għandhom tinforma lill-Istati Membri b'dan.

Artikolu 31

Atti ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli li jikkonċernaw il-format u l-proċedura ta' notifika msemmija fl-Artikolu 29(1). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformita' mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51.

Taqsima IV

Ippjanar tal-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni

Artikolu 32

Pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni

1. ***Skont il-linji gwida irċevuti mill-Kummissjoni,*** kull organizzazzjoni tal-produtturi għandha tissottometti pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali li jiddiskrivi kif bi ħsiebhom jilħqu l-għanijiet stipulati ~~fl-Artikolu 3~~ ***fl-Artikoli 3, 7 u 10***. **[Em. 103]**

2. L-Istat Membru għandu japprova l-pjan. Ladarba jiġi approvat, l-organizzazzjoni tal-produtturi għandha immedjatament timplimenta l-pjan.

3. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi jistgħu jirrevedu l-pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni u għandhom jibagħtu r-reviżjoni għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru.

4. L-organizzazzjoni tal-produtturi għandha tistabbilixxi rapport annwali tal-attivitajiet tagħha skont il-pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni msemmi fil-paragrafu 1, u għandha tibagħtu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru.

5. L-Istati Membri għandhom iwettqu verifiki biex jiżguraw li kull organizzazzjoni ta' produtturi twettaq l-obbligi previsti f'dan l-Artikolu. Meta Stat Membru jagħmel ***sejba ta' nonkonformità, dan jista' jiddeċiedi li jirtira r-rikonoxximent.*** **[Em. 104]**

Artikolu 33

Atti delegati

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 biex tistabbilixxi regoli li jikkonċernaw il-kontenut tal-pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 32(1).

Artikolu 34

Atti ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu r-regoli tal-proċedura u l-iskadenzi taż-żmien biex jintbagħtu mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi u r-regoli tal-approvazzjoni mill-Istati Membri tal-pjan ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 32. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformita' mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51.

Taqsima V

Stabbilizzazzjoni tas-swieq

Artikolu 35

Mekkaniżmu ta' ħżin

L-organizzazzjonijiet ta' produtturi jistgħu ~~jiffinanzjaw~~ ***jikkofinanzjaw*** il-ħżin ta' prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II, sakemm: **[Em. 105]**

(a) il-prodotti jkunu tqiegħdu għall-bejgħ mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, iżda għadu ma nstabx bejgħ tagħhom bil-prezz skattatur imsemmi fl-Artikolu 36;

(b) il-prodotti jilħqu l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni adottati skont l-Artikolu 39 u huma ta' kwalità adegwata għal konsum mill-bniedem;

(c) il-prodotti huma stabbilizzati jew proċessati u maħżuna billi jiġu ffriżati, jew abbord bastimenti jew f'faċilitajiet fuq l-art, immellħa, imnixxfa, immarinati, u, fejn rilevanti, mgħollija u pasturizzati. Jistgħu jiġu mqatta' fi fletti jew maqtugħin f'biċċiet, u fejn xieraq, tinqata' rashom, flimkien mal-proċessi msemmija qabel;

(d) il-prodotti maħżuna jerġgħu jitqiegħdu mill-ġdid fis-suq għal konsum tal-bniedem fi stadju aktar tard; u

***(da) il-perjodu minimu u dak massimu għall-iffinanzjar tal-ħżin ta' prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II għandhom jiġu stipulati b'mod ċar.*** **[Em. 106]**

Artikolu 36

Prezzijiet li jiskattaw il-mekkaniżmu tal-ħżin

1. Qabel il-bidu ta' kull sena, kull organizzazzjoni tal-produtturi tista' tagħmel individwalment proposta għal prezz li jiskatta l-mekkaniżmu tal-ħżin imsemmi fl-Artikolu 35 għall-prodotti tas-sajd elenkati fl-Anness II***, u għall-prodotti tal-akkwakultura***. **[Em. 107]**

2. Il-prezz skattatur ma jistax jaqbeż it-80 % tal-prezz medju peżat irreġistrat għall-prodott ikkonċernat fiż-żona tal-attività tal-organizzazzjoni tal-produtturi rilevanti matul it-tliet snin li jiġu immedjatament qabel is-sena li għaliha qed jiġi ffissat il-prezz skattatur.

3. Meta jiġi ffissat il-prezz skattatur, għandhom jitqiesu:

(a) ix-xejriet fil-produzzjoni u d-domanda;

(b) l-istabbilizzazzjoni tal-prezzijiet tas-suq;

(c) il-konverġenza tas-swieq;

(d) l-introjtu tal-produtturi; u

(e) l-interessi tal-konsumaturi.

4. L-Istati Membri, meta jeżaminaw il-proposti tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi rikonoxxuti fit-territorju tagħhom, għandhom jiddeterminaw il-prezzijiet skattaturi li għandhom jiġu applikati mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi. Dawn il-prezzijiet għandhom jiġu ffissati abbażi tal-kriterji msemmija fil-paragrafi 2 u 3. Il-prezzijiet għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

Artikolu 37

Atti ta' implimentazzjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu regoli li jikkonċernaw il-format tan-notifika mill-Istati Membri tal-prezzijiet skattaturi msemmija fl-Artikolu 36(4). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformita' mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 51.

Taqsima VI

Fond Kollettiv

Artikolu 38

Fond Kollettiv

***-1. Il-ħolqien, ir-ristrutturar u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet biex jittejbu l-istandards tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-assoċjazzjonijiet tagħhom għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd.* [Em. 108]**

**1.** ~~Kull organizzazzjoni tal-produtturi tista' toħloq fond kollettiv, li għandu~~ ***1. Il-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd jista'*** jintuża biss biex jiffinanza l-miżuri li ġejjin: **[Em. 109]**

(a) il-pjanijiet ta' produzzjoni u kummerċjalizzazzjoni approvati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 32;

(b) il-mekkaniżmu ta' ħżin stipulat fl-Artikoli 35 u 36.

***1a. Il-finanzjament tal-istrumenti inklużi fl-OKS, inkluż il-Fond Kollettiv, għandu jiġi mwettaq permezz tal-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd, mingħajr preġudizzju għar-rati ta' kofinanzjament stipulati.* [Em. 110]**

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

Kapitolu III

L-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni

Artikolu 39

Stabbiliment tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni

1. Jistgħu jiġu stabbiliti standards komuni tal-kummerċjalizzazzjoni għall-prodotti elenkati fl-Anness I*, irrispettivament mill-oriġini tagħhom (mill-Unjoni jew importati)* intenzjonati għal konsum mill-bniedem. **[Em. 111]**

2. Id-drittijiet msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu relatati partikularment ma':

(a) daqsijiet minimi ta' kummerċjalizzazzjoni li jqisu l-aħjar parir xjentifiku disponibbli u b'konformità mad-daqsijiet ta' referenza tal-konservazzjoni għall-prodotti tas-sajd kif imsemmi ~~fl-Artikolu 15(3)~~ ***fl-Artikolu 15(2)*** tar-Regolament (UE) Nru …/20XX (*); **[Em. 112]**

***(aa) klassifikazzjoni skont il-kwalità, id-daqs jew il-piż, kif ukoll skont il-preżentazzjoni;*** **[Em. 113]**

(b) speċifikazzjonijiet ta' prodotti fil-landi skont ir-rekwiżiti ta' konservazzjoni u l-obbligi internazzjonali.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal:

(a) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([1]);

(b) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat ([2]), u

(c) Ir-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 40

Konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni

1. Il-prodotti li għalihom ikunu ġew stabbiliti standards tal-kummerċjalizzazzjoni jistgħu jiġu kkummerċjalizzati biss fl-Unjoni ~~għal konsum mill-bniedem~~ skont dawk l-istandards. ***Din ir-regola għandha tapplika wkoll għall-prodotti kollha importati tas-sajd u tal-akkwakultura.*** **[Em. 114]**

2. L-Istati Membri għandhom jivverifikaw jekk il-prodotti soġġetti għal standards komuni tal-kummerċjalizzazzjoni jikkonformawx ma' dawk l-istandards. Il-verifiki jistgħu jitwettqu fl-istadji kollha tal-kummerċjalizzazzjoni u waqt it-trasport.

3. Il-prodotti tas-sajd kollha li jinħattu l-art, inkluż dawk li mhumiex konformi mal-istandards ta' kummerċjalizzazzjoni, jistgħu, taħt ir-responsabbiltà tal-Istati Membri, jitqassmu bla ħlas lill-istituzzjonijiet filantropiċi jew karitatevoli stabbiliti fl-Unjoni jew lill-persuni li huma rikonoxxuti bil-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat bħala li huma intitolati għall-assistenza pubblika.

(*) In-numru, d-data u r-referenza tal-ĠU tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd (2011/0195(COD)).
([1]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.
([2]) ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

***Artikolu 40a***

***Standards tas-saħħa u tal-iġjene***

***Sabiex tiġi evitata l-kompetizzjoni inġusta fis-suq tal-Unjoni, il-prodotti importati għandhom jissodisfaw eżattament l-istess standards tas-saħħa u tal-iġjene bħal dawk mitluba għall-prodotti tal-Unjoni u għandhom ikunu suġġetti għall-istess kontrolli, inkluża t-traċċabilità totali. Ir-rigorożità tal-verifiki mwettqa kemm fil-fruntieri kif ukoll fil-punti ta' oriġini għandha tkun tali li tiggarantixxi l-osservanza xierqa ta' dawn ir-rekwiżiti.*** **[Em. 116]**

Artikolu 41

Atti delegati

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 50 sabiex tiddefinixxi l-istandards komuni ta' kummerċjalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 39(1) fir-rigward ta' kwalità, daqs jew piż, imballaġġ, preżentazzjoni u tikkettar, u, jekk l-esperjenza miksuba fl-użu ta' dawk l-istandards hekk tirrekjedi, li temendahom, filwaqt li tiżgura li l-istandards jiġu definiti b'mod ġust u trasparenti.

Kapitolu IV

Informazzjoni għall-konsumatur

Artikolu 42

Informazzjoni obbligatorja

1. Irrispettivament mill-oriġini ***ġeografika*** tagħhom, prodotti tas-sajd u l-akkwakultura msemmija fil-punti (a), (b), (c) u (e) tal-Anness I li jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni, jistgħu jiġu offruti għall-bejgħ lill-konsumatur finali meta l-immarkar jew l-ittikkettar xieraq ~~b'indikazzjoni ta'~~ ***jinkludi t-tagħrif dwar l-ikel mandatorju speċifikat fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011, dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi*** (1).

***1a. Il-marka jew it-tikketta għandha tindika wkoll dan li ġej:*** **[Em. 117]**

(a) l-indikazzjoni kummerċjali tal-ispeċi;

(b) il-metodu ta' produzzjoni, b'mod partikolari bil-kliem li ġej "… maqbud …" jew "… maqbud f'ilma frisk …" jew "… imrobbi …", ***inkluż, fil-każ ta' sajd tal-qbid, it-tip ta' rkaptu li jintuża, kif definit fl-Anness XI għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 404/2011***;**[Em. 167]**

(c) ***stokkijiet speċifiċi ta' ħut u*** iż-żona fejn il-prodott inqabad jew trabba; **[Em. 118]**

(d) ***Għal prodotti li għandhom jinbiegħu friski*** id-data ~~tal-qabda~~ ***tat-tniżżil l-art*** tal-prodotti tas-sajd jew id-data tal-ħsad tal-prodotti tal-akkwakultura; **[Em. 119]**

(e) ~~jekk il-prodott hux frisk jew kienx iddifrostjat.~~***il-kliem "prodott iddifrostjat" għall-prodotti ffriżati li jitqiegħdu direttament għall-bejgħ bħala prodotti friski, kif muri minn gradazzjoni ta' kontroll tal-kwalità, mingħajr preġudizzju għall-Annessi V u VI tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 u l-Artikolu 68 (3) u (4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 404/2011;*** **[Em. 120]**

(1) ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

~~2. Prodotti tas-sajd u l-akkwakultura msemmija fil-partijiet (h) u (i) tal-Anness I li jiġu kkummerċjalizzati fl-Unjoni, irrispettivament mill-oriġini tagħhom, jistgħu jiġu offruti biss għall-bejgħ lill-konsumatur finali meta jiġu mmarkati jew ittikkettati b'mod xieraq b'indikazzjoni ta':~~

~~(a) l-indikazzjoni kummerċjali tal-ispeċi;~~

~~(b) il-metodu ta' produzzjoni, partikularment bil-kliem li ġej "… maqbud …" jew "… maqbud f'ilma frisk …" jew "… imrobbi …";~~

~~(c) iż-żona fejn il-prodott inqabad jew trabba.~~ **[Em. 121]**

3. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1a u 2 għandha tintwera b'mod ċar u distint.

4. Il-paragrafi 1a u 3 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għal:

(a) Id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Marzu 2000 fuq l-approssimazzjoni ta' liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' tikkettar, preżentazzjoni u riklamar ta' oġġetti tal-ikel [1];

(b) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2136/89 tal-21 ta' Ġunju 1989 li jistabbilixxi ċerti standards komuni dwar il-marketing [kummerċjalizzazzjoni] tas-sardin ippriservat [2];

(c) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1536/92 tad-9 ta' Ġunju 1992 li jippreskrivi l-istandards ta' marketing [kummerċjalizzazzjoni] komuni għat-tonn u għall-plamtu/tumbrell priservat [3];

***(ca) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel [4].*** **[Em. 122]**

***Artikolu 42a***

***Rappurtar tal-ekotikkettjar***

***Wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati, il-Kummissjoni, mill-1 ta' Jannar 2015, għandha tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, flimkien ma' proposta, għall-istabbiliment ta' skema ta' ekotikketti għall-prodotti tas-sajd għall-Unjoni kollha. Ir-rapport se jeżamina r-rekwiżiti minimi potenzjali għall-kisba ta' approvazzjoni għall-użu ta' dawn l-ekotikketti.*** **[Em. 123]**

Artikolu 43

Indikazzjoni kummerċjali

Għall-finijiet tal-Artikolu 42(1a)(a), l-Istati Membri għandhom ifasslu u jippubblikaw lista tal-indikazzjonijiet kummerċjali aċċettati fit-territorju tagħhom. Il-lista għandha tindika:

(a) l-isem xjentifiku għal kull speċi ~~skont is-Sistema ta' Informazzjoni FishBase~~; **[Em. 124]**

---

(1) ĠU L 109, 6.5.2000, p. 29.
(2) ĠU L 212, 22.07.1989, p. 79.
(3) ĠU L 163, 17.06.1992, p. 1.
(4) ***ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.***

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

(b) l-isem tagħha bil-lingwa jew bil-lingwi uffiċjali tal-Istat Membru;

(c) fejn applikabbli,***minbarra dawk imsemmija fil-punti (a) u (b)***, kwalunkwe isem jew ismijiet oħra aċċettati jew permessi lokalment jew reġjonalment. **[Em. 125]**

Artikolu 44

Indikazzjoni taż-żona tal-qabda, ***tat-trobbija*** jew ~~tal-produzzjoni~~ ***tal-kultivazzjoni.*** **[Em. 126]**

1. L-indikazzjoni ~~taż-żona tal-qabda jew tal-produzzjoni~~ ***tal-provenjenza tal-prodott, jiġifieri fejn inqabad jew trabba,*** skont l-Artikolu 42(1a)(c) għandha tkun tikkonsisti f'dan li ġej: **[Em. 127]**

(a) fil-każ ta' prodotti tas-sajd maqbuda fil-baħar,

***(i)*** l-isem ta' waħda miż-żoni, is-subżoni jew id-diviżjonijiet elenkati fiż-Żoni tas-Sajd tal-FAO***, inklużi l-indikazzjoni ġeografika u kostali tagħhom, espressi f'termini li jifhmu l-konsumaturi***; **[Em. 128]**

***(ii) dettalji dwar jekk il-prodotti nqabdu fl-ibħra tal-Unjoni jew f'ibħra oħrajn;*** **[Em. 129]**

***(iii) dettalji tal-Istat tal-bandiera tal-bastiment li qabad il-prodotti;*** **[Em. 130]**

(b) fil-każ ta' prodotti tas-sajd maqbuda fl-ilma ħelu, referenza ~~għall-Istat Membru~~ ***għall-korp tal-ilma tal-oriġini fl-Istat Membru*** jew il-pajjiż terz tal-oriġini tal-prodott; **[Em. 131]**

(c) fil-każ ta' prodotti tal-akkwakultura, referenza għall-Istat Membru jew il-pajjiż terz li fih il-prodott jgħaddi mill-aħħar stadju fil-proċess ta' biedja jew jew stadju ta' kultivazzjoni ta' mill-inqas 3 xhur.

2. ***Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (KE) Nru 510/2006,*** l-operaturi jistgħu, minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, jindikaw żona ta' qbid jew produzzjoni aktar preċiża. **[Em. 132]**

Artikolu 45

Informazzjoni addizzjonali volontarja

1. Barra mill-informazzjoni obbligatorja meħtieġa skont l-Artikolu 42, tista' tingħata l-informazzjoni li ġejja fuq bażi volontarja, ***bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata b'mod ċar u mhux ambigwu***: **[Em. 133]**

***(-a) id-data tal-qabda tal-prodotti tas-sajd jew id-data tal-ħsad tal-prodotti tal-akkwakultura;*** **[Em. 134]**

(a) informazzjoni dwar l-ambjent;

(b) informazzjoni dwar kwistjonijiet etiċi jew soċjali;

(c) informazzjoni dwar tekniki ta' produzzjoni;

(d) informazzjoni dwar tekniki ta' produzzjoni;

(e) informazzjoni dwar il-kontenut nutrittiv tal-prodotti;

***(ea) informazzjoni rigward il-port fejn jitniżżel il-prodott***;**[Em. 135]**

L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012

*(eb) id-data tal-qabda tal-prodotti tas-sajd jew il-ħsad tal-prodotti tal-akkwakultura li għalihom m'hemmx ħtieġa li tintwera din l-informazzjoni skont l-Artikolu 42.* **[Em. 136]**

2. L-informazzjoni volontarja m'għandhiex tintwera għad-detriment tal-ispazju li hemm provdut għall-informazzjoni obbligatorja fuq il-marka jew it-tikketta.

***2a. L-informazzjoni volontarja li ma tistax tiġi verifikata ma għandhiex tkun inkluża.*** **[Em. 137]**

3. Il-paragrafu 1 għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-atti legali tal-Unjoni li ġejjin:

(a) Id-Direttiva 2000/13/KE;

(b) Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011;

(c) Ir-Regolament (KE) 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ([1]);

(d) Ir-Regolament (KE) Nru 510/2006;

(e) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 509/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel bħala speċjalitajiet tradizzjonali garantiti ([2]), u

(f) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi ([3]).

~~Artikolu 46~~

~~Atti delegati~~

~~Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 50 sabiex~~

~~(a) tissupplimenta jew temenda r-rekwiżiti obbligatorji tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 42(1), 42(2), 43 u 44, filwaqt li tiżgura li l-informazzjoni obbligatorjia tingħata b'mod preċiż u trasparenti;~~

~~(b) tistabbilixxi kriterji minimi għall-informazzjoni volontarja mogħtija mill-operaturi msemmija fl-Artikolu 45(1), waqt li tiżgura li l-kundizzjonijiet għall-wiri tal-informazzjoni volontarja huma preċiżi, trasparenti u mhux diskriminatorji.~~ **[Em. 138]**

## Kapitolu V

## Regoli dwar il-kompetizzjoni

### Artikolu 47

### Applikazzjoni ta' regoli ta' kompetizzjoni

L-Artikoli 101 sa 106 TFUE u r-regolamenti jew direttivi xierqa li jagħtuhom effett għandhom japplikaw għal ftehimiet, deċiżjonijiet u prassi msemmija fl-Artikoli 101(1) u 102 TFUE jikkonċernaw il-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura.

([1]) ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9.
([2]) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 1.
([3]) ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

Artikolu 48

Eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni

1. Minkejja l-Artikolu 47 ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 101(1) TFUE ma għandux japplika għal ftehimiet, deċiżjonijiet u prassi ta' organizzazzjonijiet ta' produtturi li jikkonċernaw il-produzzjoni jew il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, jew l-użu ta' faċilitajiet konġunti għall-ħżin, it-trattament jew l-ipproċessar ta' prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, u li:

(a) huma meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 39 TFUE,

(b) ma jimplikaw l-ebda obbligu li jintalbu prezzijiet identiċi;

(c) ma jwasslux għal separazzjoni ta' kwalunkwe għamla ta' swieq fl-Unjoni,

(d) ma jeskludux il-kompetizzjoni, u

(e) ma jheddux il-kisba tal-għanijiet tal-Artikolu 39 TFUE.

2. Minkejja l-Artikolu 47 ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 101(1) TFUE ma għandux japplika għal ftehimiet, deċiżjonijiet u prassi ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali li

(a) huma meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet stipulati fl-Artikolu 39 TFUE,

(b) ma jeżiġu l-ebda obbligu li jiġi applikat prezz fiss;

(c) ma jwasslux għal separazzjoni ta' kwalunkwe għamla ta' swieq tal-Unjoni;

(d) ma japplikawx kundizzjonijiet mhux simili għal xulxin għal tranżazzjonijiet ekwivalenti ma' sħab oħra tal-kummerċ, u b'hekk ipoġġuhom fi żvantaġġ kompetittiv;

(e) ma jeliminawx il-kompetizzjoni fir-rigward ta' proporzjon sostanzjali tal-prodotti kkonċernati; u

(f) ma jxekklux il-kompetizzjoni b'mod li huma kruċjali biex jintlaħqu l-miri tal-PKS.

Kapitolu VI

Intelliġenza dwar is-Suq

Artikolu 49

Intelliġenza dwar is-Suq

1. Il-Kummissjoni għandha:

(a) ~~tiġbor, tanalizza u tqassam għarfien u fehim ekonomiku tas-suq tal-Unjoni għal prodotti tas-sajd u l-akkwakultura matul il-katina tal-provvista, waqt li tqis il-kuntest internazzjonali;~~***tipprovdi appoġġ finanzjarju u prattiku lil organizzazzjonijiet tal-produtturi biex tgħinhom joħolqu bażijiet tad-data u swieq elettroniċi fuq skala nazzjonali għal koordinament tal-informazzjoni aħjar bejn l-operaturi u dawk li jipproċessaw fis-swieq;*** **[Em. 139]**

(b) tistħarreġ il-prezzijiet regolarment għall-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura matul il-katina tal-provvista tal-Unjoni u tmexxi l-analiżi tax-xejriet tas-suq, ***u tippubblika r-riżultati ta' dawn l-inkjesti u l-analiżi***; **[Em. 140]**

(c) tipprovdi studji ad hoc u metodoloġija għal stħarriġ dwar il-formazzjoni tal-prezzijiet.

***(ca) timpenja ruħha biex tippjana kampanja madwar l-Unjoni sabiex tiżgura li l-konsumaturi jkunu konxji tal-varjetà kbira ta' speċijiet tal-ħut li jitniżżel fil-portijiet madwar l-Unjonij, biex tinforma liċ-ċittadini tal-Unjoni bil-perjodi differenti meta ċerti speċijiet ikunu fl-istaġun tagħhom, flimkien ma' kampanji promozzjonali li jirrigwardaw l-intruduzzjoni tal-miżuri tal-ittikkettar il-ġodda;*** **[Em. 141]**

***(cb) timpenja ruħha wkoll biex fl-iskejjel primarji u sekondarji madwar l-Unjoni, il-kampanji tal-informazzjoni jitwettqu sabiex ċittadini iżgħar u l-għalliema tagħhom ikunu konxji dwar il-benefiċċji tal-konsum tal-ħut, u dwar il-varjetà enormi ta' speċijiet ta' ħut li hi disponibbli għall-konsum;*** **[Em. 142]**

2. Sabiex jinkisbu l-objettivi msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tagħmel użu minn dawn il-miżuri:

(a) il-faċilitazzjoni ta' aċċess għal dejta disponibbli dwar prodotti tas-sajd u l-akkwakultura miġbura skont l-atti legali tal-Unjoni;

(b) li tagħmel l-informazzjoni ***adegwata*** dwar is-suq disponibbli ~~fil-livell adegwat għal partijiet~~ ***għall-partijiet*** interessati ***kollha, inkluż it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' din l-informazzjoni għall-konsumaturi b'mod aċċessibbli u li jinftiehem.*** **[Em. 143]**

3. L-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija fil-paragrafu 1.

## Kapitolu VII

## Dispożizzjonijiet proċedurali

### Artikolu 50

### Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 13a, 24, 33 u 41 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn […] (*).

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikoli 13a, 24, 33 u 41 tista' tiġi rrevokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta; kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.

(*) Id-data tad-dħul fis-seħħ tar-regolament presenti.

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 13a, 24, 33 u 41 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 51

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Kapitolu VIII

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 52

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 1184/2006

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1184/2006, għandhom jiżdiedu l-kliem li ġejjin:

"u r-Regolament (UE) Nru … tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ta' … dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura (*) (+).

---

(*) ĠU …".

***Artikolu 52a***

***Miżuri transizzjonali***

***Mingħajr preġudizzju għall-Kapitolu IV, il-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, u l-ippakkjar tagħhom, immarkat jew ittikkettat qabel … (*) jistgħu jiġu kkumerċjalizzati u jinbiegħu sakemm jispiċċaw l-istokkijiet li jkun fadal.*** **[Em. 144]**

Artikolu 53

Revoka

Ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 huwa b'dan irrevokat. Madankollu l-Artikoli 9, 10, 11, 17, 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 25, 26, 27, 34, 35, 36, 37, 38 u 39 għandhom japplikaw sal-31 ta' Diċembru 2013.

Ir-referenzi għar-Regolament irrevokat għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u jinqraw b'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni mogħtija fl-Anness III.

Artikolu 54

Reviżjoni

Il-Kummmissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-riżultati tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolalment qabel tmiem ~~l-2022~~ ***l-2019***.**[Em. 145]**

---

(+) In-numru u d-data ta' dan ir-Regolament.

(*) ***Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

Artikolu 55

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak ta' meta ssir il-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar ~~2013, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 32, 35 u 36, li għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2014~~ ***2014.L-informazzjoni tal-konsumatur stipulata fl-Artikolu 42 għandha tapplika skont id-data tad-dħul fis-seħħ stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1169/2011.*** **[Em. 146]**

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi …,

*Għall-Parlament Ewropew* *Il-President*

*Għall-Kunsill* *Il-President*

ANNESS I

| Il-kodiċi tan-NM | | Deskrizzjoni tal-prodotti |
|---|---|---|
| (a) | 0301 | Ħut ħaj |
| | 0302 | Ħut, frisk jew imkessaħ, ħlief qatgħat ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut ta' titlu 0304 |
| | 0303 | Ħut, friżat, ħlief qatgħat ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut ta' titlu 0304 |
| | 0304 | Qatgħat ta' ħut u laħam ieħor tal-ħut (kapuljat jew mhuwiex), frisk, imkessaħ jew friżat |
| (b) | 0305 | Ħut, imnixxef, immellaħ jew fis-salmura; ħut affumikat, kemm jekk imsajjar jew le qabel jew waqt il-proċess ta' affumikar; dqiq, pasti u gerbub ta' ħut, tajbin għal konsum uman |
| (c) | 0306 | Krustaċji, kemm jekk fil-qoxra jew le, ħajjin, friski, imkessħin, iffriżati, immellħin, jew fis-salmura; krustaċji, fil-qoxra, imsajrin bl-istim jew mgħollijin fl-ilma, kemm jekk imkessħin jew le, friżati, imnixxfa, immellħin jew fis-salmura; dqiq, pasti u gerbub tal-krustaċji, tajbin għal konsum uman |
| | 0307 | Molluski, kemm jekk fil-qoxra jew le, ħajjin, friski, imkessħin, friżati, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; invertebrati akkwatiċi għajr krustaċji u molluski, ħajjin, friski, imkessħin, friżati, imnixxfin, immellħin jew fis-salmura; dqiq, pasti u gerbub ta' invertebrati akkwatiċi għajr krustaċji, tajbin għal konsum uman |
| (d) | | Prodotti ġejjin mill-annimali li mhumiex speċifikati jew inklużi band'oħra; annimali mejtin tal-Kapitolu 1 jew 3, mhux tajbin għall-konsum uman: |
| | | – Oħrajn |
| | | – – Prodotti ta' ħut jew krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn; annimali mejta tal-Kapitolu 3: |
| | 0511 91 10 | – – – Skart tal-ħut |
| | 0511 91 90 | – – – Oħrajn |
| (e) | 1212 20 00 | – Alka tal-baħar u alki oħrajn |
| (f) | | Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, ta' ħut jew mammiferi tal-baħar, raffinati jew le, iżda mhux modifikati kimikament: |
| | 1504 10 | – Żjut tal-fwied tal-ħut u l-frazzjonijiet tagħhom |

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

| | Il-kodiċi tan-NM | Deskrizzjoni tal-prodotti |
|---|---|---|
| | 1504 20 | – Xaħmijiet u żjut u l-frazzjonijiet tagħhom, tal-ħut, ħlief żjut tal-fwied |
| (g) | 1603 00 | Estratti u sugu ta' laħam, ħut jew krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn |
| (h) | 1604 | Ħut preparat jew preservat; kavjar jew sostituti tal-kavjar imħejjija minn bajd tal-ħut |
| (i) | 1605 | Krustaċji, molluski u invertebrati akkwatiċi oħrajn, preparati jew preservati |
| (j) | | Għaġin, imsajjar jew le jew mimli (bil-laħam jew sustanzi oħrajn) jew preparat mod ieħor, bħal spagetti, imqarrun, taljarini (noodles), lasanji, njokki, ravjul, kannelloni; kuskus, ippreparat jew le |
| | 1902 20 | – Għaġin mimli, imsajjar jew ippreparat mod ieħor jew le: |
| | 1902 20 10 | – – Li fih iktar minn 20 % tal-piż ħut, krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn |
| (k) | | Dqiq, pasta u gerbub, ta' laħam jew fdal ta' laħam, tal-ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħra, mhux tajbin għal konsum uman; skart tax-xaħam ta' dam (greaves): |
| | 2301 20 00 | – Dqiq, pasta u gerbub, ta' ħut jew ta' krustaċji, molluski jew invertebrati akkwatiċi oħrajn |
| (l) | | Preparazzjonijiet ta' tip użati għall-għalf tal-annimali |
| | 2309 90 | – Oħrajn: |
| | ex 2309 90 10 | – – Materjali li jinħallu ta' ħut |
| | | ***smida tal-ħut,*** |
| | | ***tonn maħsub għall-ipproċessar,*** |
| | | ***speċijiet tal-akkwakultura mniżżla fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 104/2000*** |
| | | ***l-ispeċijiet Sprattus sprattus u Coryphaena hippurus*** **[Em. 147]** |

ANNESS II

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-prodotti |
|---|---|
| 0302 22 00 | Barbun tat-tbajja' (Pleonectes platessa) |
| ex 0302 29 90 | Dab (Limanda limanda) |
| 0302 29 10 | Megrim (Lepidorhombus spp.) |
| ex 0302 29 90 | Barbun (Platichthys flesus) |
| 0302 31 10<br>kif ukoll<br>0302 31 90 | Alonga jew tonn tal-ġwienaħ twal (Thunnus alalunga) |
| ex 0302 40 | Arringa tal-ispeċi Clupea harengus |
| 0302 50 10 | Merluzz tal-ispeċi Gadus morhua |
| 0302 61 10 | Sardin tal-ispeċi Sardina pilchardus |
| 0302 62 00 | Haddock (Melanogrammus aeglefinus) |
| 0302 63 00 | Pollakju (saithe) (Pollachius virens) |
| ex 0302 64 | Kavalli tal-ispeċijiet Scomber scombrus u Scomber japonicus |

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-prodotti |
|---|---|
| 0302 65 20<br>kif ukoll<br>0302 65 50 | Mazzola (Squalus acanthias u Scyliorhinus spp) |
| 0302 69 31<br>kif ukoll<br>0302 69 33 | Redfish (Sebastes spp.) |
| 0302 69 41 | Merlangu (Merlangius merlangus) |
| 0302 69 45 | Lipp (Molva spp.) |
| 0302 69 55 | Inċova (Engraulis spp.) |
| ex 0302 69 68 | Marlozz tal-ispeċi Merluccius merluccius |
| 0302 69 81 | Xkatlu komuni (Lophius spp.) |
| ***0302 69 99*** | ***Rebekkin skur (Raja spp, Amblyraja spp u Leucoraja spp)*** |
| ***0302 84 10*** | ***Spnott Ewropew (Dicentrarchus labrax)*** **[Em. 148]** |
| ex 0307 41 10 | Siċċ (Sepia officinalis u Rossia macrosoma) |
| ex 0306 23 10<br>ex 0306 23 31<br>ex 0306 23 39 | Gambli tal-ispeċi Crangon crangon u gambli tal-fond (Pandalus borealis) |
| 0302 23 00 | Lingwata (Solea spp.) |
| 0306 24 30 | Granċijiet li jittieklu (Cancer pagurus) |
| 0306 29 30 | Ksampu (Nephrops norvegicus) |
| 0303 31 10 | Ħalibatt miż-żgħir jew tal-Groenlandja (Reinhardtius hipoglossoides) |
| 0303 78 11<br>0303 78 12<br>0303 78 13<br>0303 78 19<br>kif ukoll<br>0303 29 55<br>0304 29 56<br>0304 29 58 | Marlozz tal-ġeneru Merluccius |
| 0303 79 71 | Denċi (Dentex dentex u Pagellus spp.) |
| 0303 61 00<br>0304 21 00<br>0304 91 00 | Pixxispad (Xiphias Gladius) |
| 0306 13 40<br>0306 13 50<br>ex 0306 13 80 | Gambli tal-familja Penaeidae |
| 0307 49 18<br>0307 49 01 | Siċċ tal-ispeċijiet Sepia officinalis, Rossia macrosoma u Sepiola rondeletti |

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-prodotti |
|---|---|
| 0307 49 31<br>0307 49 33<br>0307 49 35<br>kif ukoll<br>0307 49 38 | Klamari (Loligo spp.) |
| 0307 49 51 | Klamari (Ommastrephes sagittatus) |
| 0307 59 10 | Qarnit (Octopus spp.) |
| 0307 99 11 | Illex spp. |
| 0303 41 10 | Alonga jew tonn tal-ġwienaħ twal (Thunnus alalunga) |
| 0302 32 10<br>0303 42 12<br>0303 42 18<br>0303 42 42<br>0303 42 48 | Tonna safra(Thunnus albacares) |
| 0302 33 10<br>0303 43 10 | Palamit jew plamtu bl-istrixxi fuq iż-żaqq (Katsuwomus pelamis) |
| 0303 45 10 | Tonn (Thunnus thynnus) |
| 0302 39 10<br>0302 69 21<br>0303 49 30<br>0303 79 20 | Speċijiet oħra tal-ġeneri Thunnus u Euthynnus |
| ex 0302 29 90 | Lemon sole (Microstomus kitt) |
| 0302 35 10<br>kif ukoll<br>0302 35 90 | Tonn tax-xewka kaħla (Thunnus thynnus) |
| ex 0302 69 51 | Pollakkju (Pollachius pollachius) |
| 0302 69 75 | Pixxiluna (Brama spp.) |
| ex 0302 69 82 | Stokkafixx (Micromesistius poutassou jew Gadus poutassou) |
| ex 0302 69 99 | Pout (Trisopterus luscus) u mankana (Trisopterus minutus) |
| ex 0302 69 99 | Vopi (Boops boops) |
| ex 0302 69 99 | Arżnell (Spicara smaris) |
| ex 0302 69 99 | Gringu (Conger conger) |
| ex 0302 69 99 | Gallina (Trigla spp.) |
| ex 0302 69 91<br>ex 0302 69 99 | Sawrell (Trachurus spp.) |
| ex 0302 69 99 | Mulett (Mugil spp.) |

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni tal-prodotti |
|---|---|
| ex 0302 69 99<br>kif ukoll<br>ex 0304 19 99 | Rebekkin skur (Raja spp.) |
| ex 0302 69 99 | Xabla (Lepidopus caudatus u Aphanopus carbo) |
| ex 0307 21 00 | Moxt il-baħar komuni (Pecten maximus) |
| ***0307 31 10*** | ***Mollusk Ewropew (Mytilus spp.)*** **[Em. 150]** |
| ex 0307 91 00 | Bronja komuni (Buccinum undatum) |
| ex 0302 69 99 | Trilja tal-faxxi jew bla faxxi (Mullus surmuletus, Mullus barbatus) |
| ex 0302 69 99 | Tannuta (Spondyliosoma cantharus) |
| | ***Pixxitrombetta (Caproidae)*** |
| | ***Laċċa kaħla (Sprattus Sprattus)*** |
| | ***Barbun imperjali (Psetta Maxima)*** |
| | ***Spnott (Dicentrarchus Labrax)*** |
| | ***Arġentina (Argentina Silus)*** |
| | ***Għaġuża (Maja Brachydactela)*** |
| | ***Awwista (Homarus Gammarus)*** **[Em. 149]** |

ANNESS III

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

| Ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikoli 1, 2, 3, 4, 5 |
| Artikoli 2, 3 | Artikoli 39, 40, 41 |
| Artikolu 4 | Artikoli 42, 43, 44, 45, 46 |
| Artikolu 5(1) | Artikoli 6, 7, 8, 9, 10, 11, 12, 13 |
| Artikoli 5(2), 5(3), 5(4), 6 | Artikoli 17, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 25 |
| Artikolu 7 | Artikoli 26, 28, 29, 30, 31 |
| Artikolu 8 | — |
| Artikoli 9, 10, 11, 12 | Artikoli 32, 33, 34, 38 |
| Artikolu 13 | Artikoli 14, 15, 16, 18, 19, 20, 22, 23, 24, 25 |
| Artikolu 14 | Artikolu 48(2) |
| Artikolu 15 | Artikolu 27 |
| Artikolu 16 | Artikoli 28, 29, 30, 31 |
| Artikoli 17, 18, 19, 20, 21, 22, 23, 24, 25, 26, 27 | Artikoli 35, 36, 37, 38 |

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

| Ir-Regolament (KE) Nru 104/2000 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikoli 28, 29, 30, 31, 32, 33 | — |
| Artikolu 34 | Artikoli 22, 25, 37 |
| Artikolu 35 | — |
| Artikolu 36 | — |
| Artikolu 37 | Artikoli 50, 51 |
| Artikoli 38, 39 | Artikolu 51 |
| Artikolu 40 | — |
| Artikolu 41 | Artikolu 54 |
| Artikolu 42 | Artikoli 52, 53 |
| Artikolu 43 | Artikolu 55 |
| — | Artikolu 47 |
| — | Artikolu 48(1) |
| — | Artikolu 49 |

## It-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil ***

P7_TA(2012)0337

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-13 ta' Settembru 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil (10475/2012 – C7-0181/2012 – 2012/0059(NLE))**

(2013/C 353 E/44)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill (10475/2012),

— wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/781/KE tas-6 ta' Ġunju 2005 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil ([1]),

— wara li kkunsidra t-talba għall-approvazzjoni magħmula mill-Kunsill skont l-Artikolu 186 u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), punt (v) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0181/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(7) u 46(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0268/2012),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għat-tiġdid tal-Ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika Federattiva tal-Brażil.

([1]) ĠU L 295, 11.11.2005, p. 37.

## Ftehim UE-Alġerija dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika ***

P7_TA(2012)0338

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika (08283/2012 – C7-0122/2012 – 2011/0175(NLE))**

(2013/C 353 E/45)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (08283/2012),

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' ftehim iffirmat fid-19 ta' Marzu 2012 (17318/2011),

— wara li kkunsidra t-talba min-naħa tal-Kunsill għal approvazzjoni b'konformità mal-Artikolu 186, l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a) u l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0122/2012),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81, 90(7) u 46(1), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A7-0267/2012),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tal-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija.

# Esklużjoni ta' għadd ta' pajjiżi mil-lista ta' reġjuni jew stati li kkonkludew in-negozjati ***I

P7_TA(2012)0342

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 fir-rigward tal-esklużjoni ta' għadd ta' pajjiżi mil-lista ta' reġjuni jew stati li kkonkludew in-negozjati (COM(2011)0598 – C7-0305/2011 – 2011/0260(COD))**

(2013/C 353 E/46)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2011)0598),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0305/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A7-0207/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

## P7_TC1-COD(2011)0260

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 fir-rigward tal-esklużjoni ta' għadd ta' pajjiżi mil-lista ta' reġjuni jew stati li kkonkludew in-negozjati**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja ([1]),

Billi:

(1) In-negozjati dwar il-Ftehimiet tas-Sħubija Ekonomika ("il-Ftehimiet") bejn:

L-Istati tal-CARIFORUM, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ġew konklużi fis-16 ta' Diċembru 2007;

Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Parti tal-Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, ġew konklużi fis-17 ta' Diċembru 2007• (ir-Repubblika tal-Kamerun);

Il-Gana, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ġew konklużi fit-13 ta' Diċembru 2007;

Il-Kosta tal-Avorju, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ġew konklużi fis-7 ta' Diċembru 2007;

L-Istati Afrikani tal-Lvant u tan-Nofsinhar, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ġew konklużi fit-28 ta' Novembru 2007 (ir-Repubblika tas-Seychelles u r-Repubblika taż-Żimbabwe), fl-4 ta' Diċembru 2007 (ir-Repubblika tal-Mawrizju), fil-11 ta' Diċembru 2007 (l-Unjoni tal-Komoros u r-Repubblika tal-Madagaskar) u fit-30 ta' Settembru 2008 (ir-Repubblika taż-Żambja);

L-Istati tal-FSE SADC, minn naħa waħda, u, l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ġew konklużi fit-23 ta' Novembru 2007 (ir-Repubblika tal-Botswana, ir-Renju ta' Lesoto, ir-Renju tas-Sważiland, ir-Repubblika tal-Możambik) u fit-3 ta' Diċembru 2007 (ir-Repubblika tan-Namibja);

L-Istati Msieħba tal-Komunità tal-Afrika tal-Lvant, minn naħa, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, ġew konklużi fis-27 ta' Novembru 2007;

L-Istati Paċifiċi, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea, min-naħa l-oħra, ġew konklużi fit-23 ta' Novembru 2007.

([1]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

(2) Il-konklużjoni tan-negozjati dwar il-Ftehimiet minn Antigwa u Barbuda, il-Commonwealth tal-Bahamas, il-Barbados, il-Beliże, ir-Repubblika tal-Botswana, ir-Repubblika tal-Burundi, ir-Repubblika tal-Kamerun, l-Unjoni tal-Komoros, ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju, il-Commonwealth ta' Dominika, ir-Repubblika Dominikana, ir-Repubblika tal-Gżejjer tal-Fiġi, ir-Repubblika tal-Gana, il-Grenada, ir-Repubblika Koperattiva tal-Guyana, ir-Repubblika ta' Ħaiti, il-Ġamajka, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Renju ta' Lesoto, ir-Repubblika tal-Madagaskar, ir-Repubblika tal-Mawrizju, ir-Repubblika tal-Możambik, ir-Repubblika tan-Namibja, l-Istat Indipendenti tal-Papwa Ginea Ġdida, ir-Repubblika tar-Rwanda, il-Federazzjoni ta' Saint Kitts u Nevis, Santa Luċija, Saint Vincent u l-Grenadini, ir-Repubblika tas-Seychelles, ir-Repubblika ta' Surinam, ir-Renju tas-Sważiland, ir-Repubblika Unita tat-Tanzanija, ir-Repubblika ta' Trinidad u Tobago, ir-Repubblika tal-Uganda, ir-Repubblika taż-Żambja [1] u r-Repubblika taż-Żimbabwe ppermettiet l-inklużjoni tagħhom fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 tal-20 ta' Diċembru 2007 li japplika l-arranġamenti għall-prodotti li joriġinaw f'ċerti stati li huma parti mill-Grupp ta' Stati Afrikani, Karibej u Paċifiċi (AKP) previsti fi ftehim[iet] li jistabbilixxu, jew li jwasslu biex jiġu stabbiliti, Ftehim[iet] ta' Sħubija Ekonomika [2].

(3) Ir-Repubblika tal-Botswana, ir-Repubblika tal-Burundi, ir-Repubblika tal-Kamerun, l-Unjoni tal-Komoros, ir-Repubblika tal-Kosta tal-Avorju, ir-Repubblika tal-Gżejjer tal-Fiġi, ir-Repubblika tal-Gana, ir-Repubblika ta' Ħaiti, ir-Repubblika tal-Kenja, ir-Renju ta' Lesoto, ir-Repubblika tal-Możambik, ir-Repubblika tan-Namibja, ir-Repubblika tar-Rwanda, ir-Renju tas-Sważiland, ir-Repubblika Unita tat-Tanzanija, ir-Repubblika tal-Uganda, ir-Repubblika taż-Żambja, u r-Repubblika taż-Żimbabwe ma ħadux il-passi neċessarji għar-ratifikazzjoni tal-ftehimiet rispettivi tagħhom,

(4) Konsegwentement, fid-dawl tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007, u partikolarment fil-punt (b) tiegħu, l-Anness I ta' dak ir-Regolament għandu jiġi emendat biex jitneħħew dawk il-pajjiżi,

(5) Sabiex ikun żgurat li l-imsieħba jerġgħu jiddaħħlu immedjatament fl-Anness I ta' dak ir-Regolament appena jkunu ħadu l-passi neċessarji għar-ratifikazzjoni tal-Ftehimiet rispettivi tagħhom, u sakemm dawn jiddaħħlu fis-seħħ, is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni Ewropea hekk li jkunu jistgħu jerġgħu jiddaħħlu l-pajjiżi mneħħija mill-Anness I permezz ta' dan ir-Regolament. Huwa ferm importanti li l-Kummissjoni Ewropea, matul ix-xogħol ta' preparazzjoni tagħha, tikkonsulta b'mod xieraq, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni Ewropea, meta tkun qiegħda tħejji u tfassal atti ddelegati, għandha tiżgura li jkun hemm trażmissjoni simultanja u fil-pront, kif ukoll xierqa, tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. ***Il-Kummissjoni għandha tipprovdi kull tagħrif u dokumentazzjoni dwar il-laqgħat tagħha mal-esperti nazzjonali fil-qafas tal-ħidma tagħha għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' atti ddelegati. Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-esperti tal-Parlament biex jattendu dawk il-laqgħat,*** **[Em. 1]**

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1528/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) Jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"Artikolu 2a

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 2b biex temenda l-Anness I billi jerġgħu jiddaħħlu dawk ir-reġjuni jew stati mill-Grupp tal-Istati tal-AKP li kienu tneħħew minn dak l-Anness permezz tar-Regolament (UE) Nru …/… [+] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), u li minn dak iż-żmien ħadu l-passi neċessarji għar-ratifikazzjoni tal-Ftehimiet rispettivi tagħhom wara li jkunu tneħħew mill-Anness I.

[1] ĠU L 330, 9.12.2008, p. 1
[2] ĠU L 348, 31.12.2007, p. 1.
[+] Numru ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2b

L-eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 2a għandha tingħata lill-Kummissjoni għal pejodu ta' ~~żmien mhux definit mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.~~ ***ħames snin minn …*** (+). ***Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar id-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perjodi ta' tul identiku, dment li l-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.*** **[Em. 2]**

3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 2a tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka ittemm id-delega tas-setgħat speċifikati f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ l-għada li tiġi ppubblikata d-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Id-deċiżjoni ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti ddelegati li huma diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tavża b'dan simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 2a għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill it-tnejn li huma jinfurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jkun estiż ~~b'xahrejn~~ ***b'erba' xhur*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. **[Em. 3]**

(*) ĠU L …,…, p. … ."

(2) L-Anness I jinbidel bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada li jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika ~~fl-1 ta' Jannar 2014~~ ***mill-1 ta' Jannar 2016***. **[Em. 4]**

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ~~Brussell~~,

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

(+) ***Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.***

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

ANNESS

"ANNESS I

Lista ta' reġjuni jew stati li kkonkludew in-negozjati fit-tifsira tal-Artikolu 2(2):

ANTIGWA U BARBUDA

IL-COMMONWEALTH TAL-BAĦAMAS

IL-BARBADOS

IL-BELIŻE

IL-COMMONWEALTH TA' DOMINIKA

IR-REPUBBLIKA DOMINIKANA

IL-GRENADA

IR-REPUBBLIKA KOOPERATTIVA TAL-GUJANA

IL-ĠAMAJKA

IR-REPUBBLIKA TAL-MADAGASKAR

IR-REPUBBLIKA TAL-MAWRIZJU

L-ISTAT INDIPENDENTI TAL-PAPWA GINEA ĠDIDA

IL-FEDERAZZJONI TA' SAN KITTS U NEVIS

SANTA LUĊIJA

SAINT VINCENT U L-GRENADINI

IR-REPUBBLIKA TAS-SEYCHELLES

IR-REPUBBLIKA TAS-SURINAM

IR-REPUBBLIKA TA' TRINIDAD U TOBAGO."

## Mekkaniżmu ta' skambju fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija ***I

P7_TA(2012)0343

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija (COM(2011)0540 – C7-0235/2011 – 2011/0238(COD))**

(2013/C 353 E/47)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0540),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 194 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0235/2011),

— wara li kkunsidra l-Artkolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni motivata preżentata mil-Kamra tad-Deputati Lussemburgiża, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità, li tiddikjara li l-abbozz ta' att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Jannar 2012 ([1]),

— wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

— wara li kkunsidra l-impenn mogħti mir-rappreżentant tal-Kunsill permezz ta' ittra tal-5 ta' Ġunju 2012 sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (A7-0264/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 68, 6.3.2012, p. 65.

## P7_TC1-COD(2011)0238

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru .../2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva Nru 994/2012/UE.)*

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

# L-iskemi tal-kwalità tal-prodotti agrikoli ***I

P7_TA(2012)0344

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskemi tal-kwalità tal-prodotti agrikoli (COM(2010)0733 – C7-0423/2010 – 2010/0353(COD))**

(2013/C 353 E/48)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0733),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 43(2) u 118(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0423/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-5 ta' Mejju 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tat-12 ta' Mejju 2011 ([2]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-25 ta' Ġunju 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (A7-0266/2011),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jieħu nota tad-Dikjarazzjoni tal-Kunsill annessa ma din ir-riżoluzzjoni;

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 218, 23.7.2011, p. 114.
([2]) ĠU C 192, 1.7.2011, p. 28.

**P7_TC1-COD(2010)0353**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskemi tal-kwalità għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1151/2012.)*

---

**Anness għal riżoluzzjoni leġiżlativa**

**Dikjarazzjoni tal-kunsill**

Il-Kunsill innota l-importanza li l-Parlament Ewropew jorbot mal-estensjoni tas-sistema għall-ġestjoni tal-produzzjoni ta' ġobon DPO u IĠP għal prodotti DPO u IĠP oħrajn.

Il-Kunsill jimpenja ruħu biex jiddiskuti l-kwistjoni tal-ġestjoni tal-provvista tal-prodotti DPO u IĠP fil-kuntest tan-negozjati tiegħu mal-Parlament Ewropew dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal riforma tal-PAK dwar ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS li tinkludi d-dispożizzjoni għal strumenti li jirregolaw il-provvista fis-swieq agrikoli.

---

## Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej ***I

P7_TA(2012)0345

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej (COM(2011)0862 – C7-0489/2011 – 2011/0418(COD))** [1]

(2013/C 353 E/49)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

**[Emenda Nru 2]**

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW (*)

għall-proposta tal-Kummissjoni

---

([1]) Il-każ kien riferut lura lill-kumitat responsabbli biex jerġà jiġi kkunsidrat skont it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 57(2) (A7-0194/2012).

(*) Emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

---

**REGOLAMENT (UE) Nru …/2012 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

dwar il-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

— Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

— Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

— Wara li ttrażmettew l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

— Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew ([1]),

— Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

— Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Waqt li l-investituru wkoll qed ifittxu għanijiet soċjali u mhux biss redditi finanzjarji, aktar ma jmur aktar qed jemerġi suq ta' investiment soċjali fl-Unjoni, magħmul parzjalment minn fondi tal-investiment li jimmiraw lejn impriżi soċjali. Tali fondi ta' investiment jipprovdu finanzjament għall-impriżi soċjali li jaġixxu bħala muturi tal-bidla soċjali billi joffru soluzzjonijiet innovattivi għall-problemi soċjali***, pereżempju jgħinu biex jindirizzaw il-konsegwenzi soċjali tal-kriżi finanzjarja*** u jagħtu kontribut ferm importanti għall-ilħuq tal-objettivi tal-Istrateġija Ewropa 2020.

***(1a) Dan ir-Regolament huwa parti mill-Inizjattiva ta' Negozju Soċjali stipulata mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha tal-25 ta' Ottubru 2011 intitolata 'Inizjattiva ta' Negozju Soċjali - Il-ħolqien ta' klima favorevoli għall-intrapriżi soċjali, il-partijiet interessati ewlenin fl-ekonomija soċjali u l-innovazzjoni'.***

(2) Huwa neċessarju li jiġi stipulat qafas komuni ta' regoli dwar l-użu tad-denominazzjoni "Fond ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropew", '***(EuSEF)'***, partikolarment dwar il-kompożizzjoni tal-portafoll ta' fondi li joperaw b'din id-denominazzjoni, il-miri ta' investiment eliġibbli tagħhom, l-għodod tal-investiment li jużaw u l-kategoriji ta' investituri li jkunu eliġibbli għall-investiment f'tali fondi minn regoli uniformi tal-Unjoni. Fin-nuqqas ta' qafas komuni bħal dan, hemm ir-riskju li l-Istati Membri jadottaw provvedimenti diverġenti fil-livell nazzjonali li jkollhom impatt negattiv dirett fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq intern u joħolqu ostakli għalih, billi l-fondi li jkunu jixtieqi joperaw lil hinn mill-fruntieri jkunu soġġetti għal regoli differenti fl-Istati Membri differenti. Barra minn hekk, rekwiżiti diverġenti ta' kwalità dwar il-kompożizzjoni tal-portafolji, il-miri ta' investiment u l-investituri eliġibbli jistgħu jwasslu għal livelli differenti ta' protezzjoni għall-investitur u jiġġeneraw konfużjoni fir-rigward tal-offerta ta' investiment assoċjata mal-Fond ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropew (EuSEF). L-investituri għandhom, barra minn hekk, ikunu kapaċi jikkomparaw l-offerti ta' investiment ta' EuSEFs differenti. Jeħtieġ li jitneħħew l-ostakli sinifikanti għall-ġbir transfruntier ta' fondi mill-EuSEFs u li jiġu evitati distorsjonijiet għall-kompetizzjoni bejn dawk il-fondi, u li jiġi pprevenut li fil-futur jokkorru kwalunkwe ostaklu ieħor għall-kummerċ u distorsjonijiet sinifikanti għall-kompetizzjoni. Konsegwentement, il-bażi legali xierqa hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif interpretat skont il-każistika konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(3) Jeħtieġ li jiġi adottat Regolament li jistabilixxi regoli uniformi applikabbli għall-EuSEFs u li jimponi obbligi korrispondenti fuq il-maniġers tagħhom fl-Istati Membri kollha li jkunu jixtieqi jiġbru l-kapital mill-Unjoni kollha bl-użu tad-denominazzjoni '***EuSEF***'. Dawn ir-rekwiżiti għandhom jiżguraw il-kunfidenza tal-investituri li jkunu jixtieqi jinvestu f'tali fondi.

***(3a) Dan ir-Regolament ma japplikax għal skemi nazzjonali eżistenti li jippermettu investiment fin-negozji soċjali u li ma jużawx id-denominazzjoni 'EuSEF'.***

([1]) ĠU C 175, 19.6.2012, p. 11,
([2]) ĠU C 229, 31.7.2012, p. 55,
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' …

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

(4) Id-definizzjoni tar-rekwiżiti ta' kwalità għall-użu tad-denominazzjoni '***EuSEF***' fil-forma ta' Regolament għandha tiżgura li dawk ir-rekwiżiti jkunu direttament applikabbli għall-maniġers tal-impriżi ta' investiment kollettiv li jiġbru fondi bl-użu ta' din id-denominazzjoni. Dan jiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-użu ta' din id-denominazzjoni bil-prevenzjoni ta' rekwiżiti nazzjonali diverġenti li jirriżultaw mit-traspożizzjoni ta' Direttiva. Dan ir-Regolament ifisser li l-maniġers ta' impriżi ta' investiment kollettiv li jużaw din id-denominazzjoni jkunu jeħtieġu jsegwu l-istess regoli fl-Unjoni kollha, li jqawwi wkoll il-kunfidenza tal-investituri li jkunu jixtiequ jinvestu f'fondi li jiffokaw fuq impriżi soċjali. Regolament inaqqas ukoll il-kumplessità regolatorja u, għall-maniġer, il-kost tal-konformità ma' regoli nazzjonali spiss diverġenti li jirregolaw tali fondi, speċjalment għal dawk il-maniġers li jkunu jixtiequ jiġbru kapital fuq bażi transfruntiera. Regolament għandu jikkontribwixxi wkoll għall-eliminazzjoni ta' distorsjonijiet kompetittivi.

***(4a) Għandu jkun possibbli għal EuSEF li jkun ġestit b'mod estern jew intern. Fejn il-EuSEF ikun ġestit internament, il-EuSEF ikun ukoll il-maniġer u għalhekk għandu jikkonforma mar-rekwiżiti kollha tal-maniġers tal-EuSEFs skont dan ir-Regolament u jkun reġistrat bħala tali. EuSEF ġestit internament madankollu ma jistax ikollu maniġer estern ta' impriżi ta' investiment kollettiv oħra jew UCITS.***

(5) Sabiex tiġi ċċarata r-relazzjoni bejn dan ir-Regolament u r-regoli ġenerali applikabbli tal-Unjoni dwar l-impriżi ta' investiment kollettiv u l-maniġers tagħhom, huwa neċessarju li jiġi stabilit li dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-maniġers tal-impriżi ta' investiment kollettiv għajr l-UCITS skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) ([1]) u li jkunu stabiliti fl-Unjoni u jkunu rreġistrati mal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru domiċiljari tagħhom skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi ([2]) ***sakemm dawk il-maniġers jiġġestixxu portafolji tal- Madankollu, managers tal-EuSEF li jkunu reġistrati skont dan ir-Regolament u li huma maniġers esterni għandhom ikunu jistgħu jiġġestixxu wkoll UCITS suġġetti għal awtorizzazzjoni skont id-Direttiva 2009/65/KE.***

***(5a)*** Barra minn hekk, dan ir-Regolament ***japplika*** biss għal maniġers ▌***ta' dawk l-impriżi ta' investiment kollettiv*** li l-assi maniġjati tagħhom f'daqqa ma jaqbżux ***il-limitu msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva 2011/61/UE. Dan ifisser li l-kalkolu tal-limitu għall-finijiet ta' dan ir-Regolament isegwi l-kalkolu tal-limitu tal-punt (b) tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2011/61/UE. Madankollu, il-maniġers tal-EuSEF li huma reġistrati skont dan ir-Regolament u li l-assi tagħhom f'daqqa sussegwentement kibru biex jeċċedu l-limitu msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2011/61/UE, u li għalhekk saru suġġetti għal awtorizzazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju bi qbil mal-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva, jistgħu jkomplu jużaw id-denominazzjoni 'EuSEF' f'rabta mal-kummerċjalizzazzjoni tal-EuSEFs fl-Unjoni, sakemm huma jikkonformaw mar-rekwiżiti mniżżla f'dik id-Direttiva u jkomplu jikkonformaw ma' ċerti rekwiżiti għall-użu tad-denominazzjoni 'EuSEF' speċifikata f'dan ir-Regolament f'kull żmien fir-rigward tal-EuSEF. Dan japplika kemm għall-EuSEFs eżistenti u kemm għall-EuSEFs stabbiliti wara li jiġi maqbuż il-limitu.***

(6) Dan ir-Regolament ma japplikax f'każijiet fejn il-maniġers ta' impriżi ta' investiment kollettiv ma jkunux jixtiequ jużaw l-isem. F'dawk il-każijiet, regoli nazzjonali u regoli ġenerali tal-Unjoni eżistenti għandhom jibqgħu japplikaw.

(7) Dan ir-Regolament għandu jistabilixxi regoli uniformi dwar in-natura tal-EuSEFs, notevolment dwar l-impriżi ta' portafoll li fihom l-EuSEFs ikunu permess jinvestu, u l-istrumenti ta' investiment li jintużaw. ***Dan huwa meħtieġ sabiex tkun tista' tinġibed linja ta' demarkazzjoni ċara bejn EuSEF u fondi ta' investiment alternattivi oħra li jadottaw strateġiji ta' investiment oħra anqas speċjalizzati, pereżempju akkwisti, li dan ir-Regolament mhux qed ifittex li jippromovi.***

([1]) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32.
([2]) ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

***(7a)*** ***B'konformità mal-għan ta' ċirkoskrizzjoni bi preċiżjoni tal-impriżi ta' investiment kollettiv li se jkunu koperti b'dan ir-Regolament, u sabiex jiġi żgurat enfasi li jipprovdi kapital għal impriżi soċjali, il-EuSEFs għandhom jitqiesu bħala dawk il-fondi li għandu l-ħsieb li jinvesti minimu ta' 70 fil-mija mill-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati u kapital impenjat u mhux eżerċitat f'dawn l-impriżi. Ma għandux ikun permess li l-EuSEF jinvesti aktar minn 30 % tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati u ta' kapital impenjat u mhux eżerċitat f'assi oħra ħlief investimenti li jikk-walifikaw. Dan ifisser li fejn 30 % għandu jkun il-limitu massimu f'kull żmien għal investimenti li ma jikkwalifikawx, is-70 % għandhom ikunu riservati għal investimenti li jikkwalifikaw matul il-ħajja tal-EuSEF. Il-limiti msemmija hawn fuq għandhom ikunu kkalkulati fuq il-bażi tal-ammonti investibbli wara tnaqqis tal-ispejjeż relevanti kollha u parteċipazzjonijiet fi flus u ekwivalenti ta' flus. Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi d-dettalji meħtieġa għall-kalkolu tal-limiti ta' inves-timent imsemmija.***

***(7b)*** Sabiex jiġu żgurati ċ-ċarezza u ċ-ċertezza neċessarji, dan ir-Regolament għandu wkoll jistabilixxi kriterji uniformi sabiex jidentifika l-impriżi soċjali bħala impriżi ta' portafoll kwalifikanti eliġibbli. ***Impriża soċjali hija operatur fl-ekonomija soċjali li l-għan prinċipali tagħha huwa li jkollha impatt soċjali aktar milli biex tagħmel profitt għas-sidien jew l-azzjonisti tagħha. Hi topera billi tipprovdi prodotti u servizzi għas-suq u tuża l-profitti tagħha primarjament biex tilħaq objettivi soċjali. Hija mmaniġġjata b'manjiera responabbli u trasparenti u, b'mod partikolari, tinvolvi l-impjegati, il-konsumaturi u partijiet interessati affettwati mill-attivitajiet kummerċjali tagħha.***

***(7c)*** ***Minħabba impriżi*** soċjali għandhom il-ksib tal-impatt soċjali pożittiv u mhux li jimmassimizzaw il-profitti tagħhom ▌, dan ir-Regolament għandu ***jippromovi biss appoġġ għal impriżi*** ta' portafoll kwalifikanti ***li jkollhom il-ksib*** ta' impatt soċjali pożittiv u li jista' jitkejjel bħala l-enfasi ***tagħhom. Impatt soċjali li jista' jitkejjel u pożittiv jista' jinkludi l-forniment ta' servizzi lil immigranti li normalment huma esklużi, jew billi jintegra mill-ġdid gruppi marġinalizzati fis-suq tax-xogħol billi jipprovdilhom impjieg, appoġġ u taħriġ. Dawn l-impriżi jużaw il-profitti tagħhom*** sabiex ***jiksbu*** l-objettiv primarju ***tagħhom*** u ***jkunu mmaniġjati*** b'mod responsabbli u trasparenti. Għall-każijiet ġeneralment eċċezzjonali, li fihom impriża ta' portafoll kwalifikanti tkun tixtieq tqassam profitti lill-azzjonisti u s-sidien, l-impriża ta' portafoll kwalifikanti għandu jkollha proċeduri u regoli prede-finiti dwar kif jitqassmu l-profitti lill-azzjonisti u lis-sidien. Dawk ir-regoli għandhom jispeċifikaw li t-tqassim tal-profitti ma jippreġudikax l-objettiv soċjali primarju.

(8) L-impriżi soċjali jinkludu firxa wiesgħa ta' impiżi, ta' forom ġuridiċi varji, li jipprovdu servizzi soċjali jew oġġetti lil persuni vulnerabbli***,*** marġinati***, żvantaġġati jew esklużi***. Dawn is-servizzi jinkludu aċċess għal abitazzjoni, servizzi ta' kura tas-saħħa, assistenza għal persuni anzjani jew diżabbli, indukrar tat-tfal, aċċess għall-impjieg u taħriġ kif ukoll maniġjar tad-dipendenzi. L-impriżi soċjali jinkludu wkoll impriżi li jużaw metodu ta' produzzjoni ta' prodotti jew servizzi ***li jinkludi l-objettiv*** soċjali ***tagħhom***, iżda li l-attivitajiet tagħhom jistgħu jaqgħu barra l-kamp tal-forniment tal-prodotti jew servizzi soċjali. Dawk l-attivitajiet jinkludu l-integrazzjoni soċjali jew professjonali permezz ta' aċċess għal impjieg għal persuni żvantaġġati b'mod partikolari minħabba kwalifiki nieqsa jew prob-lemi soċjali jew professjonali li jwasslu għall-esklużjoni u l-marġinazzjoni. ***Dawk l-attivitajiet jistgħu jirrigwardaw ukoll il-protezzjoni ambjentali b'impatt fuq is-soċjetà, bħal miżuri kontra t-tniġġis, ir-riċiklaġġ u l-enerġija rinnovabbli.***

***(8a)*** ***L-għan ta' dan ir-Regolament hu li jappoġġa t-tkabbir tal-impriżi soċjali fl-Unjoni. L-investimenti f'impriżi ta' portafoll kwalifikanti stabbiliti f'pajjiżi terzi jistgħu iġibu aktar kapital lill-EuSEFs u b'hekk jibbenefikaw impriżi soċjali fl-Unjoni. Madankollu, taħt l-ebda ċirkustanza l-investimenti m'għandhom isiru f'impriżi ta' portafoll ta' pajjiż terz li jinsabu f'rifuġji fiskali jew f'ġurisdizz-jonijiet li ma jikkooperawx.***

***(8b)*** ***EuSEF m'għandux ikun stabbilit f'rifuġji fiskali jew f'ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx, bħal pajjiżi terzi li b'mod partikolari m'għandhomx taxxi jew għandhom taxxi nominali, b'nuqqas ta' arranġamenti xierqa ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membri ta' domiċilju tal-manager ta' EuSEF u l-awtoritajiet ta' kontroll tal-pajjiż terz fejn l-intraprenditorija soċjali hi stabbilita, jew hemm nuqqas ta' skambju effettiv ta' informazzjoni fi kwistjonijiet ta' taxxa. EuSEF ukoll m'għandux jinvesti f'ġurisdizzjonijiet li għandhom waħda mill-kriterji ta' hawn fuq.***

***(8c) Maniġers ta' EuSEFgħandhom ikunu kapaċi jattiraw impenji ta' kapital addizzjonali matul il-ħajja ta' fond. Dawn l-impenji ta' kapital addizzjonali fil-ħajja ta' EuSEF għandhom jiġu kkunsidrati meta jiġi previst l-investiment li jmiss fl-assi minbarra f'assi kwalifikanti. Impenji ta' kapital addizzjonali għandhom ikunu permessi skont il-kriterji u suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fir-regoli ta' EuSEF jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni.***

(9) Meta wieħed iqis il-ħtiġijiet ta' finanzjament speċifiċi tal-impriżi soċjali, huwa neċessarju li tinkiseb ċarezza rigward it-tipi ta' strumenti li EuSEF għandu juża għal dawn il-finanzjamenti. Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu jistabilixxi regoli uniformi dwar strumenti eliġibbli li għandhom jintużaw minn EuSEF meta jagħmel investimenti, li jinkludu strumenti ta' ekwità ***jew kważi ekwità***, strumenti ta' dejn***, bħal ċedoli u ċertifikati ta' depożitu***, investimenti f'EuSEFs oħrajn***,*** selfiet ***garantiti jew mhux garantiti, u għotjiet. Madankollu, biex l-investimenti ma jispiċċawx f'impriżi ta' portafoll kwalifikanti, il-EuSEFs għandhom ikunu jistgħu jinvesti f'EuSEFs oħra meta dawk il-EuSEFs l-oħra nfushom ma jkunux investew aktar minn 10 % tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati u ta' kapital impenjat mhux eżerċitat tagħhom f'EuSEFs oħra.***

***(9a) L-attivitajiet ewlenin tal-EuSEFs qed jiggarantixxu finanzjament għal impriżi soċjali permezz ta' investimenti primarji. Il-EuSEFs ma għandhomx jipparteċipaw f'attivitajiet bankarji ta' importanza sistemika barra mill-qafas regolatorju prudenzjali normattiv (l-hekk imsejħa 'operazzjonijiet bankarji paralleli'). Lanqas ma' għandhom isegwu strateġiji tipiċi ta' ekwità privata, bħalma huma x-xiri ta' kapital bid-dejn.***

(10) Sabiex tinżamm il-flessibilità meħtieġa fil-portafoll ta' investiment tagħhom, il-EuSEFs jistgħu jinvestu ▌ f'assi oħrajn għajr investimenti kwalifikanti sakemm dawn l-investimenti ma jaqbżux il-limiti stabiliti minn dan ir-Regolament għal investimenti nonkwalifikanti. ***Parteċipazzjonijiet ta'*** flus u ekwivalenti għal flus ma għandhomx jittieħdu f'kunsiderazzjoni għall-kalkolu ***ta' dan il-limitu minħabba li flus u ekwivalenti għal flus ma għandhomx ikunu kkunsidrati bħala investimenti. Il-EuSEFs għandhom jieħdu sehem f'investimenti matul il-portafoll tagħhom li jkunu konsistenti mal-istrateġija etika ta' investiment tagħhom, pereżempju huma ma għandhomx jagħmlu investimenti f'industrija tal-armamenti, li fiha riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem jew li tista' tinvolvi rimi ta' skart elettroniku.***

(11) Sabiex jiġi żgurat li l-isem '***EuSEF***' ikun affidabbli u faċilment rikonoxxibbli għall-investituri madwar l-Unjoni, dan ir-Regolament għandu jistabilixxi li huma biss dawk il-maniġers ta' EuSEF li jikkonformaw mal-kriterji uniformi ta' kwalità kif stabiliti f'dan ir-Regolament għandhom ikunu eliġibbli sabiex jużaw dan l-isem meta jikkummerċjalizzaw l-EuSEFs madwar l-Unjoni.

(12) Sabiex jiġi żgurat li l-EuSEFs ikollhom profil distint u identifikabbli li jkun xieraq għall-iskop tagħhom, għandu jkun hemm regoli uniformi dwar il-kompożizzjoni tal-portafoll u dwar it-tekniki ta' investiment li huma permessi għal fondi bħal dawn.

(13) Sabiex jiġi żgurat li l-EuSEFs ma jikkontribwixxux għall-iżvilupp ta' riskji sistemiċi, u ▌ li dawn il-fondi jikkonċentraw, fl-attivitajiet ta' investiment tagħhom, fuq l-appoġġ għal ***impriżi*** ta' portafoll kwalifikanti, ma ***għandux jitħalla l-użu ta'*** ingranaġġ fil-livell tal-fond. ***Il-maniġer tal-EuSEF għandu jkun jista' biss jissellef, joħroġ obbligi ta' dejn jew jipprovdi garanziji, fil-livell tal-EuSEF, sakemm dan is-self, obbligi ta' dejn jew garanziji jkunu koperti minn impenji mhux eżerċitati u b'hekk ma jżidx l-iskopertura tal-fond lil hinn mil-livel tal-impenji kapitali tiegħu. Skont dan l-approċċ pagamenti bil-quddiem minn investituri tal-EuSEF li huma kompletament koperti minn impenji kapitali minn dawk l-investituri ma jżidux l-iskopertura tal-EuSEF u għalhekk għandhom ikunu permessi. Barra minn hekk, sabiex il-fond ikun jista' jkopri ħtiġijiet straordinarji ta' likwidità li jistgħu jinqalgħu bejn l-eżerċizju tal-kapital impenjat mill-investituri u meta attwalment jirċievi l-kapital fil-kontijiet tiegħu, għandu jitħalla jissellef fuq terminu qasir sakemm ma jeċċedix il-kapital impenjat mhux eżerċitat.***

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

(14) Sabiex jiġi żgurat li l-EuSEFs ikunu kummerċjalizzati ***biss*** lil investituri li jkollhom ▌ l-esperjenza***, il-konoxxenza u l-għarfien espert biex jieħdu d-deċiżjonijiet ta' investiment tagħhom u jivvalutaw sew ir-riskji*** li dawn il-fondi jġibu magħhom, u sabiex tinżamm il-kunfidenza u l-fiduċja tal-investituri fil-EuSEF, għandhom jiġu stabiliti ċerti salvagwardji speċifiċi. Għaldaqstant, l-EuSEFs għandhom ▌ ***ikunu*** kkummerċjalizzati biss lil investituri li huma klijenti professjonali jew li jistgħu jkunu ttrattati bħala klijenti professjonali skont id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 **dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji** [1]. Madanakollu, sabiex ikun hemm bażi ta' investituri wiesgħa biżżejjed għal investimenti fil-EuSEFs ikun tajjeb ukoll li ċerti investituri oħrajn ikollhom aċċess għal dawn il-fondi, inklużi individwi ta' valur għoli. Għal dawk l-investituri l-oħrajn għandhom jiġu stabiliti salvagwardji speċifiċi sabiex jiġi żgurat li l-EuSEFs ikunu kummerċjalizzati biss lil investituri li għandhom profil xieraq sabiex jagħmlu investimenti bħal dawn. Dawn is-salvagwardji jeskludu l-kummerċjalizzazzjoni permezz tal-użu ta' pjanijiet ta' tfaddil perjodiku. ***Barra minn hekk, l-investimenti li jsiru minn membri eżekuttivi, diretturi jew impjegati involuti fil-ġestjoni ta' maniġer ta' EuSEF għandhom ikunu possibbli meta jinvestu fil-EuSEF li huma jiġġestixxu, minħabba li dawn l-individwi huma kapaċi biżżejjed biex jipparteċipaw f'investimenti bħal dawn.***

(15) Sabiex jiġi żgurat li jkunu biss dawk il-maniġers ta' EuSEF li jissodisfaw kriterji tal-kwalità uniformi fir-rigward tal-imġiba tagħhom fis-suq li jużaw id-denominazzjoni ***'EuSEF'***, dan ir-Regolament għandu jistabilixxi regoli dwar il-kondotta tal-operazzjonijiet u r-relazzjoni tal-maniġer ta' EuSEF mal-investituri tiegħu. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament għandu jistabilixxi wkoll kundizzjonijiet uniformi rigward il-maniġġ tal-kunflitti ta' interess minn maniġers bħal dawn. Dawn ir-regoli għandhom ukoll jeħtieġu li l-maniġer ikollu l-arranġamenti organizzazzjonali u amministrattivi fis-seħħ sabiex jiżgura maniġġ xieraq tal-kunflitti ta' interess.

***(15a) Fejn maniġer ta' EuSEF ikollu l-ħsieb li jiddelega funzjonijiet lil partijiet terzi, ir-responsabilità tal-maniġer lejn il-EuSEF u l-investituri tiegħu m'għandhiex tiġi affettwata mid-delega ta' funzjonijiet mill-maniġer tal-EuSEF lil parti terza. Barra minn hekk, il-maniġer tal-EuSEF m'għandux jiddelega funzjonijiet sal-punt fejn, essenzjalment, ma jkunx jista' jitqies aktar bħala l-maniġer tal-EuSEF u jkun sar entità tal-kaxxa tal-ittri. Il-maniġer tal-EuSEF għandu jibqa' responsabbli għall-eżekuzzjoni xierqa tal-funzjonijiet delegati u għall-konformità ma' dan ir-Regolament f'kull mument. id-delega ta' funzjonijiet ma għandhiex iddgħajjef l-effikaċja tas-superviżjoni tal-maniġer tal-EuSEF, u, b'mod partikolari ma għandhiex tipprevjeni lill-maniġer tal-EuSEF milli jaġixxi, jew lill-EuSEF milli jiġi mmaniġġjat, fl-aħjar interessi tal-investituri tiegħu;***

(16) Il-ħolqien ta' impatti soċjali pożittivi flimkien mal-ġenerazzjoni tar-redditi finanzjarji għall-investituri huwa karatteristika prinċipali tal-fondi ta' investiment li fil-mira tagħhom għandhom l-impriżi soċjali, tali li jiddistingwihom minn tipi oħrajn ta' fondi ta' investiment. Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu jeħtieġ li l-maniġer ta' EuSEF idaħħal fis-seħħ proċeduri ▌ ***għat-tkejjil*** tal-impatti soċjali pożittivi biex jinlaħqu permezz ta' investiment fl-impriżi ta' portafoll kwalifikanti.

***(16a) Attwalment, il-fondi li qed jittrattaw l-effetti jew l-impatti soċjali tipikament jivvalutaw u jiġbru informazzjoni dwar kemm l-impriżi soċjali qed jilħqu r-riżultati li huma qed jimmiraw għalihom. Hemm firxa wiesgħa ta' tipi differenti ta' effetti u impatti soċjali li impriża soċjali tista' tipprova tilħaq. Għalhekk ġew żviluppati modi differenti li jidentifikaw l-impatti soċjali u li jkejluhom. Pereżempju, kumpanija li qed tfittex li tgħin persuni żvantaġġati tista' tagħmel rapport dwar in-numru ta' persuni megħjuna, pereżempju impjegati li kieku ma kienux isibu impjieg. Jew, kumpanija li qed tfittex li ttejjeb ir-riħabilitazzjoni fis-soċjetà ta' priġunieri wara li tispiċċa s-sentenza tagħhom tista' tivvaluta l-prestazzjoni tagħha f'termini ta' reċidività. Il-fondi jgħinu lill-impriżi fit-tħejjija u l-provvediment ta' informazzjoni dwar l-għanijiet u l-kisbiet tagħhom, u fil-ġbir ta' dan għall-investituri. Filwaqt li informazzjoni dwar l-impatti soċjali hi ferm importanti għall-investituri, hu diffiċli li tqabbel bejn impriżi soċjali differenti u fondi differenti kemm minħabba d-differenzi fl-effetti soċjali li jkunu fil-mira u kemm minħabba l-varjetà ta' approċċi attwali. Sabiex tkun imħeġġa l-konsistenza u l-kumparabilità fuq terminu twil ta' żmien f'din l-informazzjoni u l-akbar effiċjenza fil-proċeduri biex tinkiseb l-informazzjoni, hu mixtieq li jiġu żviluppati atti delegati f'dan il-qasam. Dawn l-atti delegati għandhom ukoll jiżguraw ċarezza akbar għall-kontrolluri, il-EuSEFs u l-impriżi soċjali.***

[1] ĠU L 145, 30.4.2004, p. 1.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

(17) Sabiex tiġi żgurata l-integrità tal-isem '***EuSEF***', dan ir-Regolament għandu jkun fih ukoll kriterji dwar il-kwalità fir-rigward tal-organizzazzjoni ta' maniġer ta' EuSEF. Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu jistabilixxi rekwiżiti uniformi u proporzjonati għall-ħtieġa li jibqa' jkun hemm riżorsi tekniċi u umani ▌.

***(17a) Sabiex tkun żgurata ġestjoni xierqa tal-EuSEF u l-kapaċità tal-maniġer li jkopri riskji potenzjali li jiġu mill-attivitajiet tiegħu dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi rekwiżiti uniformi u proporzjonati għall-maniġer ta' EuSEF biex iżomm fondi proprji suffiċjenti. L-ammont ta' dawn il-fondi proprji għandu jkun biżżejjed biex jiżgura l-kontinwità u l-ġestjoni xierqa tal-EuSEF.***

(18) Huwa neċessarju għall-finijiet tal-protezzjoni għall-investitur li jiġi żgurat li l-assi tal-EuSEFs ikunu valwati kif xieraq. Għalhekk ***ir-regoli u l-istrumenti ta' inkorporazzjoni*** tal-EuSEF għandu jkun fihom regoli dwar il-valwazzjoni tal-assi. Dan għandu jiżgura l-integrità u t-trasparenza tal-valwazzjoni.

(19) Sabiex jiġi żgurat li l-maniġers ta' EuSEF li jużaw l-isem '***EuSEF***' jagħtu biżżejjed rendikont tal-attivitajiet tagħhom, għandhom jiġu stabiliti regoli uniformi dwar ir-rapporti annwali.

(20) Biex tiġi żgurata l-integrità tad-denominazzjoni '***EuSEF***' f'għajnejn l-investituri huwa neċessarju li d-denominazzjoni tintuża biss minn maniġers ta' fondi li jkunu kompletament trasparenti fir-rigward tal-politika u l-miri tagħhom tal-investiment. Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu jistabilixxi regoli uniformi dwar rekwiżiti ta' divulgazzjoni fid-dmir tal-maniġer ta' EuSEF fir-rigward tal-investituri tiegħu. Dawn ir-rekwiżiti jinkludu dawk l-elementi li huma speċifiċi għall-investimenti fl-impriżi soċjali, sabiex ikunu jistgħu jinkisbu konsistenza u komparabilità akbar ta' dan it-tagħrif. Dawn jinkludu tagħrif dwar il-kriterji u l-proċeduri li jintużaw sabiex jintgħażlu impriżi ta' portafoll kwalifikanti partikolari bħala miri tal-investiment. Din tinkludi wkoll tagħrif dwar l-impatt soċjali pożittiv miksub mill-politika tal-investiment u dwar kif dan l-eżitu għandu jiġi mmonitorjat u vvalutat. Sabiex jiġu żgurati l-kunfidenza u l-fiduċja neċessarji tal-investituri f'dawn it-tipi ta' investimenti, tkun inkluża anki l-informazzjoni dwar l-assi tal-EuSEF għajr dawk investiti f'impriżi ta' portafoll kwalifikanti u dwar kif dawn jintgħażlu.

(21) Sabiex tiġi żgurata s-superviżjoni effikaċi tar-rekwiżiti uniformi li jinstabu f'dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għandha tissupervizza l-konformità tal-maniġer ta' EuSEF mar-rekwiżiti uniformi stabiliti f'dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, il-maniġer ta' EuSEF li jixtieq jikkumerċjalizza l-fondi tiegħu bl-isem '***EuSEF***' għandu jgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tiegħu b'din l-intenzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra l-maniġer ta' fond jekk ikun ġie pprovdut it-tagħrif meħtieġ kollu u jekk ikun hemm fis-seħħ biżżejjed arranġamenti sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Din ir-reġistrazzjoni għandha tkun valida madwar l-Unjoni sħiħa.

***(21a) Sabiex tkun faċilitata kummerċjalizzazzjoni transkonfinali effiċjenti tal-EuSEF, ir-reġistrazzjoni tal-maniġer għandha ssir malajr kemm jista' jkun.***

***(21b) Filwaqt li f'dan ir-Regolament hemm inklużi salvagwardji li jaċċertaw li l-fondi jintużaw b'mod xieraq, l-awtoritajiet superviżorji għandhom ikunu viġilanti biex jiżguraw li jkun hemm konformità ma' dawk is-salvagwardji.***

(22) Sabiex tiġi żgurata s-superviżjoni effikaċi tal-konformità mal-kriterji uniformi stabiliti, dan ir-Regolament għandu jkun fih regoli dwar iċ-ċirkustanzi li fihom it-tagħrif ipprovdut lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru domiċiljari tkun teħtieġ aġġornament.

(23) Għas-superviżjoni effikaċi tar-rekwiżiti stipulati, dan ir-Regolament għandu jistabilixxi wkoll proċess għan-notifiki transfruntieri bejn l-awtoritajiet kompetenti superviżorji, li għandhom jinbdew mar-reġistrazzjoni tal-maniġer ta' EuSEF fl-Istat Membru domiċiljari tiegħu.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

(24) Sabiex jinżammu kundizzjonijiet trasparenti għall-kummerċjalizzazzjoni ta' maniġers ta' EuSEF fl-Unjoni, ***l-Awtorità Superviżorja Ewropea*** (l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) (AETS) ***stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** [1] għandha tiġi fdata bir-responsabilità ta' bażi ta' dejta ċentrali li telenka ***l-maniġers ta' EuSEF u*** l-EuSEFs ***li jiġġestixxu*** li jkunu rreġistrati skont dan ir-Regolament.

***(24a) Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollha raġunijiet ċari u li jistgħu jiġu ppruvati biex temmen li maniġer ta' EuSEF jaġixxi b'mod li jikser dan ir-Regolament fi ħdan it-territorju tagħha, din għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, li għandha tieħu miżuri xierqa.***

***(24b) Jekk, minkejja l-miżurui meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju jew jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tonqos milli tieħu azzjoni fi żmien raġonevoli, jew il-maniġer ta' EuSEF ikompli jaġixxi b'mod li jkun ċar li jinsab f'konflitt ma' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista', wara li tinforma l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, tieħu l-miżuri xierqa kollha meħtieġa sabiex tipproteġi l-investituri, inkluż il-possibilità li żżomm il-maniġer ikkonċernat milli jkompli jwettaq kwalunkwe kummerċjalizzazzjoni ulterjuri tal-EuSEFs fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti.***

(25) Sabiex tiġi żgurata s-superviżjoni effettiva tal-kriterji uniformi stabiliti, dan ir-Regolament għandu jkun fih lista ta' setgħat superviżorji li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom.

(26) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq, dan ir-Regolament għandu jkun fih sanzjonijiet ***amministrattivi u miżuri*** għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ewlenin tiegħu, jiġifieri, ir-regoli dwar il-kompożizzjoni tal-portafoll, dwar salvagwardji relatati mal-identità tal-investituri eliġibbli, u dwar l-użu tal-isem '***EuSEF***' minn maniġers ta' EuSEF reġistrati biss. Għandu jiġi stabilit li ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet ewlenin jirriżulta fi projbizzjoni tal-użu tal-isem u t-tneħħija tal-maniġer tal-fond mir-reġistru.

(27) L-informazzjoni superviżorja għandha tiġi skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri domiċiljari u ospitanti u l-AETS.

(28) Kooperazzjoni regolatorja effettiva fost l-entitajiet inkarigati mis-supeviżjoni tal-konformità mal-kriterji uniformi stabiliti f'dan ir-Regolament teħtieġ li livell għoli ta' segretezza professjonali għandu japplika għall-awtoritajiet nazzjonali relevanti kollha u għall-AETS.

***(28a) Il-kontribut tal-EuSEFs għat-tkabbir ta' suq Ewropew għal investimenti soċjali se jiddependi fuq il-ħatra ta' maniġers tal-fond, ir-rikonoxximent tal-ħatra mill-investituri u l-iżvilupp ta' sistema ekoloġika b'saħħitha għal impriżi soċjali fl-Unjoni kollha li tgħin lil dawk impriżi li jużaw l-għażliet ta' finanzjament provduti. Għal dan l-għan, il-partijiet interessati kollha, inklużi l-operaturi tas-suq, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, il-Kummissjoni u entitajiet relevanti oħra fl-Unjoni, għandhom jiżguraw livell għoli ta' għarfien tal-possibilitajiet ippreżentati minn dan ir-Regolament.***

(29) L-istandards tekniċi fis-servizzi finanzjarji għandhom jiżguraw armonizzazzjoni konsistenti u livell għoli ta' superviżjoni madwar l-Unjoni. Bħala korp b'kompetenzi ferm speċjalizzati, ikun effiċjenti u xieraq li l-AETS tiġi inkarigata mill-elaborazzjoni tal-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni fejn dawn ma jinvolvux għażliet ta' politika, għas-sottomissjoni lill-Kummissjoni.

[1] ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84.

(30) Il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 ▌. L-AETS għandha tiġi inkarigata mill-abbozzar tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-format ▌ ta' notifika ***msemmija f'dan ir-Regolament***.

(31) Sabiex jiġu speċifikati r-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, is-setgħa li jiġu adottati l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-ispeċifikar ***tat-tipi ta' oġġetti u servizzi jew metodi ta' produzzjoni tal-oġġetti u s-servizzi li jinkorporaw objettiv soċjali u s-sitwazzjonijiet li fihom il-profitti jistgħu jitqassmu lill-proprjetarji u lill-investituri,*** it-tipi ta' kunflitti ta' interess li l-maniġers ta' EuSEF jeħtieġu jevitaw u l-passi li għandhom jittieħdu f'dan ir-rigward, id-dettalji tal-proċeduri sabiex jitkejlu l-impatti soċjali li għandhom jinkisbu mill-impriżi ta' portafoll kwalifikanti, u ***l-kontenut u l-proċedura għall-għoti ta' informazzjoni lill-investituri***. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa, matul il-ħidma preparatorja tagħha, anki flimkien ma' esperti, ***billi jitqiesu l-inizjattivi awtoregolatorji u l-kodiċi ta' kondotta. Il-konsultazzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni matul ix-xogħol preparatorju fir-rigward tal-atti delegati dwar id-dettalji tal-proċeduri li jkejlu l-impatti soċjali li jridu jinkisbu mill-impriżi ta' portafoll kwalifikanti għandu jinvolvi partijiet interessati relevanti u l-AETS. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal l-atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, fil-ħin u xierqa tad-dokumenti relevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.***

▌

(33) Mhux aktar tard minn erba' snin wara d-data li fiha dan ir-Regolament jsir applikabbli, għandu jsir rieżami ta' dan ir-Regolament sabiex jittieħed f'kunsiderazzjoni l-iżvilupp tas-suq tal-EuSEFs. ***Ir-rieżami għandu jinkludi stħarriġ ġenerali tal-funzjonament tar-regoli f'dan ir-Regolament u l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tagħhom.*** Fuq il-bażi tar-rieżami, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' ***proposti*** leġiżlattivi, jekk ikun hemm.

***(33a) Barra minn hekk, sat-22 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni għandha tibda reviżjoni tal-interazzjoni bejn dan ir-Regolament u regoli oħra dwar impriżi ta' investiment kollettiv u tal-maniġers tagħhom, speċjalment dawk tad-Direttiva 2011/61/UE. B'mod partikolari, din ir-reviżjoni għandha tindirizza l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament filwaqt li tevalwa jekk hux meħtieġ li testendi l-kamp ta' applikazzjoni għal maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv akbar biex jużaw id-denominazzjoni EuSEF. Fuq il-bażi tar-rieżami, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien ma' proposti leġiżlattivi, jekk ikun hemm.***

***(33b) Fil-kuntest ta' din ir-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha tevalwa kull ostaklu li seta' impedixxa investituri milli jutilizzaw il-fondi, inkluż l-impatt fuq investituri istituzzjonali ta' regolamentazzjoni oħra ta' natura prudenzjali, kif dan jista' japplika għalihom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiġbor data biex tevalwa l-kontribut tal-EuSEFs għal programmi oħra tal-Unjoni bħal Orizzont 2020 li wkoll ifittxu li jappoġġaw l-innovazzjoni fl-Unjoni.***

***(33c) Fir-rigward tal-eżami tal-Kummissjoni dwar ostakli għat-taxxi f'investimenti f'fondi ta' kapital ta' riskju transkonfinali kif previst mill-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2011 intitolata 'Pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs' u fil-kuntest tar-reviżjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tqis li twettaq eżami ekwivalenti ta' ostakli tat-taxxa possibbli għal fondi ta' intraprenditorija soċjali u tevalwa inċentivi ta' taxxa possibbli bl-għan li tinkoraġġixxi intraprenditorija soċjali fl-Unjoni.***

***(33d) L-AETS għandha tivvaluta l-ħtiġijiet tal-persunal u r-riżorsi tagħha li jirriżultaw mill-mument meta tassumi s-setgħat u d-dmirijiet tagħha b'konformità ma' dan ir-Regolament u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.***

(34) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż id-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u tal-familja u l-libertà ta' intrapriża.

(35) Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data [1] tirregola l-ipproċessar ta' dejta personali mwettqa fl-Istati Membri fil-kuntest ta' dan ir-Regolament u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari l-awtoritajiet pubbliċi indipendenti magħżula mill-Istati Membri. Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali [2] mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data, jirregola l-ipproċessar tad-dejta personali mwettaq mill-AETS fi ħdan il-qafas ta' dan ir-Regolament u taħt is-superviżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

(36) ***Billi*** l-objettiv ta' dan ir-Regolament, l-aktar l-iżvilupp ta' Suq Intern għall-EuSEFs billi jistabilixxi qafas għar-reġistrazzjoni ta' maniġers ta' EuSEF sabiex tiġi faċilitata l-kummerċjalizzazzjoni tal-EuSEFs madwar l-Unjoni, ***ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, u għalhekk*** jista'***, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu,*** jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabilit f'dan l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li neċessarju sabiex jikseb dak l-objettiv,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

### Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabilixxi rekwiżiti uniformi ***u kundizzjonijiet*** għal dawk il-maniġers ta' impriżi ta' investiment kollettivi li jkunu jixtiequ jużaw id-denominazzjoni 'EuSEF' ***fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-EuSEF fl-Unjoni,*** u għaldaqstant, jikkontribwixxi għall-funzjonament mingħajr intoppi tas-suq intern.

Dan ir-Regolament jistabilixxi wkoll regoli uniformi għall-kummerċjalizzazzjoni ▌ ta' EuSEF lil investituri eliġibbli madwar l-Unjoni, għall-kompożizzjoni tal-portafoll ta' EuSEFs, għal strumenti u tekniki ta' investiment eliġibbli, kif ukoll l-organizzazzjoni, it-trasparenza u l-kondotta ta' maniġers ta' EuSEF li jikkummerċjalizzaw EuSEFs madwar l-Unjoni.

### Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament japplika għall-maniġers ta' impriżi ta' investiment kollettiv kif iddefiniti fl-Artikolu 3 (1) (b)***, li l-assi ġestiti b'mod totali ma jeċċedux il-limitu minimu imsemmi fl-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva 2011/61/UE,*** li jkunu stabiliti fl-Unjoni u jkunu soġġetti għal reġistrazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tagħhom skont il-punt (a) tal-Artikolu 3 (3) tad-Direttiva 2011/61/UE, sakemm dawn il-maniġers jimmaniġjaw portafolji tal-EuSEFs ▌.

[1] ĠU L 281, 23.11.1995 p. 31.
[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

***1a. Il-maniġers tal-EuSEF li huma reġistrati skont dan ir-Regolament bi qbil mal-Artikolu 14,u li l-assi tagħhom f'daqqa sussegwentement kibru biex jeċċedu l-limitu msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2011/61/UE, u li għalhekk saru suġġetti għal awtorizzazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju bi qbil mal-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva, jistgħu jkomplu jużaw id-denominazzjoni 'EuSEF' f'rabta mal-kummerċjalizzazzjoni tal-EuSEFs fl-Unjoni, sakemm huma jikkonformaw mar-rekwiżiti mniżżla fid-Direttiva 2011/61/UE u jkomplu jikkonformaw mal-Artikoli 3, 5, 9, 12(2), 13(1) (c), (d) u (e) ta' dan ir-Regolament f'kull żmien fir-rigward tal-EuSEFs.***

▌

***3a. Maniġers ta' EuSEF li huma reġistrati bi qbil ma' dan ir-Regolament jistgħu wkoll jiġġestixxu UCITS bil-kundizzjoni li jiksbu awtorizzazzjoni skont id-Direttiva 2009/65/KE sakemm ikunu maniġers esterni.***

Artikolu 3

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'Fond ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropew' (EuSEF) tfisser impriża ta' investiment kollettiv li***:***

***(i) għandha l-ħsieb li tinvesti*** minimu ta' 70 fil-mija tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati u kapital impenjat mhux eżerċitat tagħha f'assi li huma investimenti kwalifikanti ***fi żmien stipulat fir-regoli jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-EuSEF;***

***(ii) qatt ma tuża aktar minn 30 % tal-fond tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati u kapital impenjat mhux eżerċitat għall-akkwist ta' assi għajr investimenti kwalifikanti;***

***(iii) hi stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru, jew f'pajjiż terz sakemm dak il-pajjiż terz:***

***— ma jkollux miżuri tat-taxxa li fihom ma jkunx hemm taxxi jew ikun hemm taxxi nomimali jew fejn ikunu mogħtija vantaġġi mingħajr ebda attività ekonomika reali u preżenza ekonomika sostanzjali fil-pajjiż terz li joffri dawn il-vantaġġi tax-taxxa;***

***— għandu arranġamenti ta' kooperazzjoni xierqa mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-maniġer tal-EuSEF li fihom hemm assigurat skambju effettiv ta' informazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament li jippermetti l-awtoritajiet kompetenti jwettqu d-dmirijiet tagħhom bi qbil ma' dan ir-Regolament;***

***— mhux imniżżel fil-lista ta' Pajjiż u Territorju Non-Kooperattiv mill-FATF;***

***— ikun iffirma ftehim mal-Istat Membru tad-domiċilju tal-maniġer tal-EuSEF u ma' kull Stat Membru ieħor fejn ikun intiż li jiġu kkummerċjalizzati l-unitajiet jew l-ishma tal-EuSEF, sabiex ikun assigurat li l-pajjiż terz jikkonforma kompletament mal-istandards stipulati fl-Artikolu 26 tal-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali tal-OKŻE u li jiżgura skambju ta' informazzjoni effikaċi fil-kwestjonijiet fiskali, inklużi kwalunkwe ftehimiet fiskali multilaterali.***

***Il-limiti msemmija fil-punti (i) u (ii) għandhom ikunu kkalkulati fuq il-bażi tal-ammonti investibbli wara tnaqqis tal-ispejjeż relevanti kollha u parteċipazzjonijiet fi flus u ekwivalenti ta' flus;***

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

***(aa) "spejjeż relevanti" tfisser id-drittijiet, il-kosti u l-ispejjeż li jiġu mġarrba direttament jew indirettament mill-investituri u li jkun sar qbil dwarhom bejn il-maniġer tal-EuSEFs u dawk li jinvestu fihom;***

(b) 'impriża ta' investiment kollettiv' tfisser ***AIF kif definita fil-punt (a) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE***;

(c) 'investimenti kwalifikanti' tfisser kwalunkwe wieħed mill-istrumenti li ġejjin:

(i) ▌***strumenti ta'*** ekwità ***jew kważi ekwità*** li ***huma***:

— maħruġ minn impriża ta' portafoll kwalifikanti u mixtri direttament mill-EuSEF mill-impriża ta' portafoll kwalifikanti jew***,***

***— maħruġ minn impriża ta' portafoll kwalifikanti bi tpartit ma' titolu ta' ekwità maħruġ mill-impriża ta' portafoll kwalifikanti jew***

— maħruġ minn impriża li l-impriża ta' portafoll kwalifikanti tagħha tkun sussidjarja ta' sjieda maġġoritarja u li tkun akkwiżita mill-EuSEF bi tpartit ma' strument ta' ekwità maħruġ mill-impriża ta' portafoll kwalifikanti;

(ii) strumenti ta' dejn garantiti u mhux garantiti, maħruġa minn impriża ta' portafoll kwalifikanti;

(iii) unitajiet jew ishma ta' EuSEF wieħed jew bosta EuSEFs oħrajn***, sakemm dawk il-EuSEFs ma jkunux huma stess li investew aktar minn 10 % tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati jew ta' kapital impenjat mhux eżerċitat fil-EuSEFs***;

(iv) selfiet ***garantiti u mhux garantiti*** mogħtija ***mill-EuSEF*** lil ***impriża*** ta' portafoll kwalifikanti;

(v) kwalunkwe tip ieħor ta' parteċipazzjoni f'impriża ta' portafoll kwalifikanti.

(d) "impriża ta' portafoll kwalifikanti" tfisser impriża li, fil-mument tal-investiment mill-EuSEF, ma tkunx ***aċċettata li tinnegozja*** f'suq regolat ***jew f'faċilità ta' kummerċ multilaterali (MTF)*** kif iddefinit fil-punt (14) tal-Artikolu 4 (1) tad-Direttiva 2004/39/KE ***u li***:

***(-i) hi stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru, jew f'pajjiż terz sakemm dak il-pajjiż terz:***

***— ma jkollux miżuri tat-taxxa li fihom ma jkunx hemm taxxi jew ikun hemm taxxi nomimali jew fejn ikunu mogħtija vantaġġi mingħajr ebda attività ekonomika reali u preżenza ekonomika sostanzjali fil-pajjiż terz li joffri dawn il-vantaġġi tax-taxxa;***

***— mhux imniżżel fil-lista ta' Pajjiż u Territorju Non-Kooperattiv mill-FATF;***

***— ikun iffirma ftehim mal-Istat Membru tad-domiċilju tal-maniġer tal-EuSEF u ma' kull Stat Membru ieħor fejn ikun intiż li jiġu kkummerċjalizzati l-unitajiet jew l-ishma tal-EuSEF, sabiex ikun assigurat li l-pajjiż terz jikkonforma kompletament mal-istandards stipulati fl-Artikolu 26 tal-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali tal-OKŻE u li jiżgura skambju ta' informazzjoni effikaċi fil-kwestjonijiet fiskali, inklużi kwalunkwe ftehimiet fiskali multilaterali;***

(i) tkun kisbet impatti soċjali pożittivi kalkolabbli bħala l-objettiv primarju ***tagħha*** skont l-artikoli ta’ stabiliment u l-istatuti tagħha jew kwalunkwe ***regoli jew strumenti ta’ inkorporazzjoni oħra*** li ***jistabilixxu*** n-negozju; fejn l-impriża:

— ▌tipprovdi servizzi jew oġġetti lil persuni vulnerabbli, emarġinati***, żvantaġġjati jew esklużi***; ▌

— ▌timpjega metodu ta’ produzzjoni ta’ oġġetti jew servizzi li jinkludu l-objettivi soċjali tagħha; ***jew***

— ***tipprovdi appoġġ finanzjarju esklużivament għal impriżi soċjali kif definit fl-ewwel żewġ inċiżi;***

(ii) tuża l-profitti tagħha ***l-ewwel u qabel kollox*** sabiex tikseb l-objettiv primarju ***soċjali tagħha skont l-artikoli ta’ assoċjazzjoni, l-istatuti tagħha jew kwalunkwe regoli jew strumenti ta’ inkorporazzjoni oħra li jistabilixxu n-negozju. Dawk ir-regoli jew strumenti ta’ inkorporazzjoni għandu*** jkollha fis-seħħ proċeduri u regoli predefiniti għal kwalunkwe ċirkostanza li fihom jitqassmu l-profitti lill-azzjonisti jew lis-sidien ***biex jiżguraw li kull distribuzzjoni ta’ profitti bħal din ma ddgħajjifx l-objettiv primarju tagħha***; ***kif ukoll***

(iii) tkun immaniġjata b’mod responsabbli u trasparenti, b’mod partikolari billi tinvolvi lill-ħaddiema, klijenti u partijiet interessati affettwati mill-attivitajiet ta’ negozju tagħha.

(e) ‘ekwità’ tfisser interess ta’ sjieda f’impriża, rappreżentat mill-ishma jew minn ***forom*** oħra ta’ parteċipazzjoni fil-kapital ta’ impriża ta’ portafoll kwalifikanti maħruġ lill-investituri;

***(ea) 'kważi ekwità' tinkludi kwalunkwe tip ta’ strument ta’ finanzjament, li hu kumbinazzjoni ta’ ekwità u dejn, fejn il-qligħ fuq l-istrument huwa konness mal-qligħ jew mat-telf tal-impriżi tal-portafoll li jikkwalifika, u fejn il-ħlas lura tal-istrument f’każ ta’ default ma jkunx assigurat b’mod sħiħ.***

(f) ‘kummerċjalizzazzjoni’ tfisser offerta jew pjazzament diretti jew indiretti fuq l-inizjattiva tal-maniġer ta’ EuSEF jew f’isem dak il-maniġer ta’ unitajiet jew ishma ta’ EuSEF li jimmaniġja għal jew flimkien mal-investituri domiċiljati jew ma’ uffiċċju reġistrat fl-Unjoni;

(g) ‘kapital impenjat’ tfisser kwalunkwe impenn li skontu ***investitur hu obbligat, fil-limitu ta’ żmien imniżżel fir-regoli jew fl-istrumenti ta’ inkorporazzjoni tal-EuSEF, li jikseb*** interess fil-EuSEF jew ***jagħmel*** kontribuzzjonijiet kapitali lill-EuSEF;

(h) ‘maniġer ta’ EuSEF’ tfisser persuna ġuridika li n-negozju regolari tagħha huwa l-immaniġjar tal-inqas ta’ EuSEF wieħed;

(i) ‘Stat Membru domiċiljari’ tfisser l-Istat Membru fejn il-maniġer ta’ EuSEF huwa stabilit ***u hu suġġett għal reġistrazzjuoni mal-awtoritajiet kompetenti bi qbil mal-punt (a) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2011/61/UE***;

(j) ‘Stat Membru ospitanti’ tfisser l-Istat Membru, li mhuwiex l-Istat Membru domiċiljari, fejn il-maniġer ta’ EuSEF jikkumerċjalizza EuSEFs skont dan ir-Regolament.

(k) ‘awtorità kompetenti’ tfisser l-awtorità nazzjonali li l-Istati Membri domiċiljari jaħtar, b’liġi jew regolament, biex tkun inkarigata mir-reġistrazzjoni tal-maniġers tal-impriżi ta’ investiment kollettivi kif imsemmi fl-Artikolu 2 (1).

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

***(ka) 'UCITS' tfisser impriża għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/65/KE.***

***Fir-rigward tal-punt (h) tal-ewwel subparagrafu, meta l-forma ġuridika tal-EuSEF tippermetti mmaniġġjar intern u l-korp ta' tmexxija tal-fond jagħżel li ma jaħtarx maniġer estern, il-EuSEF innifsu għandu jiġi reġistrat bħala maniġer ta' EuSEF. EuSEF li hu reġistrat bħala maniġer intern ta' EuSEF ma jistax ikun reġistrat bħala maniġer ta' EuSEF estern ta' impriżi ta' investiment kollettiv oħra.***

2. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 24 biex tispeċifika t-tipi ta' servizzi jew oġġetti u l-metodi ta' produzzjoni tas-servizzi jew oġġetti li jinkorporaw objettiv soċjali msemmi fil-punt (i) tal-paragrafu 1 (d) ta' dan l-Artikolu u jitqiesu t-tipi differenti ta' impriżi ta' portafoll kwalifikanti u dawk iċ-ċirkostanzi fejn il-profitti jkunu jistgħu jitqassmu lis-sidien u lill-investituri.

KAPITOLU II

KUNDIZZJONIJIET GĦALL-UŻU TAL-ISEM 'EuSEF'

Artikolu 4

Il-maniġers ta' EuSEFs li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabiliti f'dan il-Kapitolu jkunu intitolati jużaw l-isem '***EuSEF***' fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni ta' EuSEFs madwar l-Unjoni.

Artikolu 5

1. Il-maniġers ta' EuSEFs jiżguraw li, meta jakkwiżixxu assi għajr investimenti kwalifikanti, mhux aktar minn 30 fil-mija tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati tal-EuSEF u l-kapital impenjat mhux eżerċitat tiegħu jkun intuża għall-akkwiżizzjoni ta' assi għajr investimenti kwalifikanti; ***it-30 % għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi ta' ammont investibbli wara t-tnaqqis tal-ispejjeż relevanti kollha;*** parteċipazzjonijiet ta' terminu qasir fi flus u ekwivalenti ta' flus ma jittieħdux f'kunsiderazzjoni għall-kalkolu ta' dan il-limitu ***minħabba li flus u ekwivalenti għal flus ma għandhomx ikunu kkunsidrati bħala investimenti.***

2. ***Il-maniġer*** ta' EuSEFs ma ***jistax juża*** ▌fil-livell tal-EuSEF, ▌xi metodu ▌li minħabba fih l-iskopertura tal-fond tikber ***lil hinn mill-livell ta' kapital impenjat***, kemm jekk permezz ta' self ta' flus jew titoli, l-attività f'pożizzjonijiet ta' derivat jew permezz ta' kwalunkwe mezz ieħor.

***2a. Il-maniġer ta' EuSEF jista' biss jissellef, joħroġ obbligi ta' dejn jew jipprovdi garanziji, fil-livell tal-EuSEF, meta dan is-self, obbligi ta' dejn jew garanziji jkunu koperti minn impenji mhux eżerċitati.***

▌

Artikolu 6

***1.*** Il-maniġers ta' EuSEFs jikkummerċjalizzaw l-unitajiet u l-ishma tal-EuSEFs maniġġjati esklużivament lil investituri li jkunu meqjusa bħala klijenti professjonali skont it-Taqsima I tal-Anness II tad-Direttiva 2004/39/KE, jew, fuq talba, jistgħu jiġu ttrattati bħala klijenti professjonali skont it-Taqsima II tal-Anness II tad-Direttiva 2004/39/KE, jew lil investituri oħrajn fejn:

(a) dawn l-investituri l-oħrajn jieħdu l-impenn li jinvestu minimu ta' EUR 100 000; kif ukoll

(b) dawn l-investituri l-oħrajn jiddikkjaraw bil-miktub, f'dokument separat mill-kuntratt li jkun konkluż għall-impenn ta' investiment, li jkunu konxji bir-riskji assoċjati mal-impenn previst;

▌

***1a. Il-paragrafu 1 ma japplikax għal investimenti li jsiru minn persunal eżekuttiv, diretturi jew impjegati involuti fil-ġestjoni tal-maniġer ta' EuSEF meta jinvestu fil-EuSEFs li huma jimmaniġġjaw.***

Artikolu 7

Fir-rigward tal-EuSEF li jimmaniġjaw, il-maniġers ta' EuSEFs:

(a) jaġixxu ***onestament,*** bil-ħila, ir-reqqa u d-diliġenza dovuti u ***b'mod ġust*** fit-twettiq ta' attivitajiethom;

(b) japplikaw politiki u proċeduri xierqa għall-prevenzjoni ta' prattiki ħżiena li jistgħu raġonevolment ikunu mistennija jaffettwaw l-interessi tal-investituri u l-impriżi ta' portafoll kwalifikanti;

(c) iwettqu l-attivitajiet ta' negozju tagħhom sabiex jippromwovu ***l-impatt soċjali pożittiv tal-impriżi ta' portafoll kwalifikanti li jkunu investew fihom,*** l-aqwa interessi tal-EuSEFs li jimmaniġjaw, l-investituri f'dawk il-EuSEFs u l-integrità tas-suq;

(d) japplikaw livell għoli ta' diliġenza fis-selezzjoni u l-monitoraġġ kontinwu tal-investimenti fl-impriżi ta' portafoll kwalifikanti ***u l-impatt soċjali pożittiv ta' dawk l-impriżi***;

(e) jipposjedu għarfien u fehim adegwat tal-impriżi ta' portafoll kwalifikanti li fihom jinvestu***;***

***(ea) jittrattaw lill-investituri tagħhom b'mod ġust;***

***(eb) jiżguraw li l-ebda investitur ma jikseb trattament preferenzjali, sakemm tali trattament preferenzjali ma jiġix żvelat fir-regoli jew l-istrumenti tal-inkorporazzjoni tal-EuSEF.***

***Artikolu 7a***

***1. Fejn il-maniġer tal-EuSEF għandu l-ħsieb jiddelega funzjonijiet lil partijiet terzi, ir-responsabilità tal-maniġer lejn il-EuSEF u l-investituri tiegħu m'għandhiex tkun affettwata mill-fatt li l-maniġer ikun iddelega funzjonijiet lil parti terza, lanqas m'għandu l-maniġer jiddelega sal-punt fejn, essenzjalment, ma jkunx jista' jitqies aktar bħala l-maniġer tal-EuSEF u sal-punt li jkun sar entità tal-kaxxa tal-ittri.***

***2. Id-delega ta' funzjonijiet ma għandhiex iddgħajjef l-effikaċja tas-superviżjoni tal-maniġer tal-EuSEF, u, b'mod partikolari, ma għandhiex tipprevjeni lill-maniġer tal-EuSEF milli jaġixxi, jew lill-EuSEF milli jiġi mmaniġġjat, fl-aħjar interessi tal-investituri tiegħu.***

Artikolu 8

1. Il-maniġers ta' EuSEFs jidentifikaw u jevitaw kunflitti ta' interess u, fejn dawn ma jkunux jistgħu jiġu evitati, jimmaniġjaw u jimmonitorjaw u, skont il-paragrafu 4, jiddivulgaw ***immedjatament***, dawn il-kunflitti ta' interess sabiex jipprevjenuhom milli jaffettwaw l-interess tal-EuSEFs u tal-investituri tagħhom u sabiex jiżguraw li l-EuSEFs li jimmaniġjaw jiġu ttrattati ġustament.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

2. Il-maniġers ta' EuSEFs jidentifikaw speċjalment dawk il-kunflitti ta' interess li jistgħu jinħolqu bejn

(a) il-maniġers ta' EuSEFs, dawn il-persuni li effettivament imexxu l-operat tal-maniġer ta' EuSEF, l-impjegati jew kwalunkwe persuna li direttament jew indirettament jikkontrollaw jew huma kontrollati mill-maniġer ta' EuSEF, u l-EuSEF maniġjat mill-maniġer ta' EuSEF jew l-investituri f'dawk il-EuSEFs;

(b) EuSEF jew l-investitur f'dak il-EuSEF, u kwalunkwe EuSEF maniġjat minn dak il-maniġer ta' EuSEF, jew l-investituri f'dak il-EuSEF l-ieħor.

***(ba) il-EuSEF jew l-investituri f'dak il-EuSEF, u impriża ta' investiment kollettiv jew UCITS ġestiti mill-istess maniġer ta' EuSEF jew l-investituri f'dik l-impriża ta' investiment kollettiv jew UCITS.***

3. Il-maniġers ta' EuSEFs iżommu u jħaddmu arranġamenti organizzazzjonali u amministrattivi effikaċi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti stabiliti fil-paragrafu 1 u 2.

4. Jiġu pprovduti divulgazzjonijiet ta' kunflitti ta' interess kif imsemmi fil-paragrafu 1, fejn arranġamenti organizzazzjonali li jsiru mill-maniġer ta' EuSEF sabiex jiġu identifikati, prevenuti, immaniġjati u mmonitorjati kunflitti ta' interess mhumiex biżżejjed sabiex jiżguraw, b'ċertezza raġonevoli, li se jiġu pprevenuti r-riskji ta' dannu għall-interessi tal-investituri. Il-maniġers ta' EuSEFs jiddivulgaw b'mod ċar in-natura ġenerali jew is-sorsi ta' kunflitti ta' interess lill-investituri qabel ma jidħlu f'operazzjonijiet f'isimhom.

5. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tadotta atti delegati skont l-Artikolu 24 biex tispeċifika:

(a) it-tipi ta' kunflitti ta' interess kif imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(b) f'termini ta' strutturi u proċeduri organizzazzjonali u amministrattivi, il-passi li l-maniġers ta' EuSEFs ***għandhom*** jieħdu, sabiex jidentifikaw, jipprevjenu, jimmaniġjaw, jimmonitorjaw u jiddivulgaw kunflitti ta' interess.

Artikolu 9

1. Għal kull EuSEF li jimmaniġjaw, il-maniġers ta' EuSEFs jużaw proċeduri sabiex ikejlu ▌sa fejn l-impriżi ta' portafoll kwalifikanti, li fihom il-EuSEF jinvesti, jiksbu l-impatt soċjali pożittiv li huma impenjati għalihom. ***Il-maniġers għandhom jiżguraw li dawn il-proċeduri jkunu ċari u trasparenti u jinkludu indikaturi li jistgħu, jiddependi mill-objettiv soċjali u n-natura tal-impriża ta' portafoll kwalifikanti, jinkludu wieħed jew aktar mis-suġġetti li ġejjin:***

***(a) is-swieq tal-impjiegi u tax-xogħol;***

***(b) l-istandards u d-drittijiet relatati mal-kwalità tal-impjiegi;***

***(c) l-inklużjoni soċjali u l-ħarsien ta' gruppi partikolari; l-ugwaljanza tat-trattament u tal-opportunitajiet u n-nondiskriminazzjoni;***

***(d) is-saħħa u s-sikurezza pubbliċi;***

***(e) l-aċċess għas-sistemi tal-ħarsien soċjali, tas-saħħa u tal-edukazzjoni u l-effetti fuqhom.***

2. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 24 biex tispeċifika d-dettalji tal-proċeduri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, b'rabta ma' impriżi ta' portafoll kwalifikanti differenti.

Artikolu 10

F'kull waqt, il-maniġers ta' EuSEFs ikollhom biżżejjed fondi proprji u jużaw riżorsi umani u tekniċi adegwati u xierqa kif inhu meħtieġ għall-immaniġjar xieraq ta' EuSEFs.

***Għandha tkun ir-responsabilità tal-maniġers tal-EuSEF, f'kull żmien, li jiżguraw li jkunu jistgħu jiġġustifikaw li l-fondi tagħhom huma suffiċjenti biex iżommu kontinwità operattiva u jiddivulgaw ir-raġunament tagħhom li juri dwar kif dawn il-fondi huma biżżejjed kif speċifikat fl-Artikolu 13.***

Artikolu 11

***1.*** Ir-regoli għall-valwazzjoni tal-assi jiġu stabiliti ***fir-regoli u l-istrumenti ta' inkorporazzjoni*** tal-EuSEF ***u għandhom jiżguraw proċess ta' valutazzjoni tajjeb u trasparenti***.

***1a. Il-proċeduri ta' valutazzjoni użati għandhom jiżguraw li l-assi jingħataw valur xieraq, u li l-valur tal-assi jkun ikkalkulat għall-inqas darba kull sena.***

***1b. Sabiex tkun assigurata l-konsistenza fil-valutazzjoni ta' impriżi ta' portafoll kwalifikanti, l-AETS għandha tiżviluppa linji gwida li jistabbilixxu prinċipji komuni dwar it-trattament tal-investimenti f'dawn l-impriżi filwaqt li jqisu l-objettiv primarju li jintlaħqu impatti soċjali pożittivi u li jistgħu jitkejlu u li l-profitti tagħhom, l-ewwel u qabel kollox, jintużaw biex jintlaħaq dan l-impatt.***

Artikolu 12

1. Il-maniġers ta' EuSEFs iqiegħdu rapport annwali għad-dispożizzjoni tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari għal kull EuSEF maniġjat mhux aktar tard minn 6 xhur wara tmiem is-sena finanzjarja. Ir-rapport jiddeskrivi l-kompożizzjoni tal-portafoll tal-EuSEF u l-attivitajiet tas-sena ta' qabel. ***Għandu jinkludi wkoll divulgazzjoni tal-profitti tal-EuSEF sa tmiem il-ħajja tiegħu u, fejn applikabbli, divulgazzjoni tal-profitti mqassma matul il-ħajja tiegħu.*** Ikun fih il-kontijiet finanzjarji awditjati għall-EuSEF. ***L-awditjar għandu jikkonferma li l-flus u l-assi huma miżmuma f'isem il-fond u li l-maniġer tal-EuSEF ikun stabbilixxa u żamm aġġornati reġistri u kontrolli adegwati fir-rigward tal-użu ta' kwalunkwe mandat jew kontroll fuq il-flus u l-assi tal-EuSEF u tal-investituri tiegħu u għandu jsir għall-inqas darba fis-sena. Ir-rapport annwali għandu*** jiġi pprovdut skont l-istandards ta' rapportar eżistenti u t-termini miftiehma bejn il-maniġer ta' EuSEF u l-investituri. Il-maniġers ta' EuSEFs fuq talba jipprovdu r-rapport lill-investituri. Il-maniġers ta' EuSEFs u l-investituri jistgħu jaqblu dwar divulgazzjonijiet addizzjonali bejniethom.

2. Bħala minimu, ir-rapport annwali jinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) dettalji, kif ikun xieraq, dwar l-eżiti soċjali globali miksuba mill-politika ta' investiment u l-metodu użat għat-tkejjil ta' dawn l-eżiti;

(b) dikjarazzjoni dwar kwalunkwe ċessjoni li tkun seħħet fir-rigward tal-impriża ta' portafoll kwalifikanti;

(c) deskrizzjoni dwar jekk iċ-ċessjonijiet fir-rigward tal-assi l-oħra tal-EuSEF li ma jkunux investiti f'impriżi ta' portafoll kwalifikanti seħħewx fuq il-bażi tal-kriterji kif imsemmija fil-punt (e) tal-Artikolu 13 (1);

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

(d) sommarju tal-attivitajiet li l-maniġer ta' EuSEF impenja ruħu fihom fir-rigward tal-impriżi ta' portafoll kwalifikanti kif imsemmi fil-punt (k) tal-Artikolu 13(1).

***(da) tagħrif dwar in-natura u l-għan tal-investimenti għajr investimenti ta' portafoll kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 4(1).***

3. Fejn il-maniġer ta' EuSEF ikun meħtieġ irendi pubbliku rapport finanzjarju pubbliku skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2004/109/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tal-15 ta' Diċembru 2004 dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat*** ([1]) fir-rigward tal-EuSEF, it-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jista' jiġi pprovdut jew b'mod separat jew inkella bħala parti addizzjonali tar-rapport finanzjarju annwali.

Artikolu 13

1. Il-maniġers ta' EuSEFs***, fir-rigward tal-EuSEFs li jimmaniġġjaw,*** jgħarrfu lill-investituri tagħhom***, b'mod ċar u li jinftiehem,*** tal-inqas dwar l-elementi li ġejjin ***qabel ma jieħdu deċiżjoni ta' investiment***:

(a) l-identità tal-maniġer ta' EuSEF u ta' kwalunkwe fornituri ta' servizzi oħrajn li ngħataw kuntratt mill-maniġer ta' EuSEF fir-rigward tal-immaniġġjar tagħhom u deskrizzjoni ta' dmirijiethom;

***(aa) l-ammont ta' fondi proprji disponibbli għall-maniġer tal-EuSEF, kif ukoll dikjarazzjoni dettaljata dwar kif il-maniġer tal-EuSEF iqis dawn il-fondi proprji bħala suffiċjenti biex iżomm ir-riżorsi umani u tekniċi meħtieġa għall-immaniġġjar xieraq tal-EuSEF tiegħu;***

(b) deskrizzjoni tal-istrateġija u l-objettivi ta' investiment tal-EuSEF, inkluża***:***

***(i) it-tipi*** tal-impriżi ta' portafoll kwalifikanti ***li fihom għandu l-ħsieb li jinvesti;***

***(ii) kwalunkwe EuSEF li fih għandu l-ħsieb li jinvesti;***

***(iii) it-tipi ta' impriżi ta' portafoll kwalifikanti li fih kwalunkwe EuSEF ieħor, kif imsemmi fil-punt (ii), għandu l-ħsieb li jinvesti;***

***(iv) investimenti mhux kwalifikanti li għandu l-ħsieb li jagħmel;***

***(v)*** ▌ it-tekniki ***li għandu l-ħsieb li*** jħaddem u

***(vi)*** kwalunkwe restrizzjoni ta' investiment applikabbli;

(c) l-impatt soċjali pożittiv fil-mira tal-politika ta' investiment tal-EuSEF, inklużi, fejn dawn ikunu relevanti, projjezzjonijiet ta' dawn l-eżiti skont kif ikun xieraq, u tagħrif dwar prestazzjoni fl-imgħoddi f'dan il-qasam;

(d) il-metodoloġiji li se jintużaw sabiex jitkejlu l-impatti soċjali;

(e) deskrizzjoni tal-assi li ma jkunux impriżi ta' portafoll kwalifikanti u l-proċess u l-kriterji li jintużaw għas-selezzjoni ta' dawn l-assi, sakemm ma jkunux flus jew inkella ekwivalenti ta' flus;

([1]) ĠU L 390, 31.12.2004, p. 38.

(f) deskrizzjoni tal-profil ta' riskju tal-EuSEF u kwalunkwe riskji assoċjati mal-assi li fihom il-fond jista' jinvesti jew it-tekniki ta' investiment li jistgħu jitħaddmu;

(g) deskrizzjoni tal-proċedura ta' valwazzjoni tal-EuSEF u tal-metodoloġija ta' pprezzar għall-valwazzjoni tal-assi, inklużi l-metodi mħaddma għall-valwazzjoni tal-impriżi ta' portafoll kwalifikanti;

(h) deskrizzjoni ***tal-ispejjeż*** kollha ***relevanti*** u tal-ammonti massimi tagħhom ▌;

(i) deskrizzjoni ta' kif tkun ikkalkolata r-remunerazzjoni tal-maniġer ta' EuSEF;

(j) fejn din tkun disponibbli, il-prestazzjoni finanzjarja storika tal-EuSEF;

(k) is-servizzi ta' appoġġ tan-negozji u l-attivitajiet ta' appoġġ l-oħrajn li l-maniġer ta' EuSEF qed jipprovdi jew iforni permezz ta' partijiet terzi sabiex jiffaċilita l-iżvilupp, it-tkabbir jew b'xi mod ieħor l-operazzjonijiet kurrenti tal-impriżi ta' portafoll kwalifikanti li fihom il-EuSEF jinvesti jew inkella, fejn dawn is-servizzi jew l-attivitajiet ma jkunux ipprovduti, spjegazzjoni dwar dak il-fatt;

(l) deskrizzjoni tal-proċeduri li bihom il-EuSEF jista' jibdel l-istrateġija ta' investiment jew il-politika ta' investiment tiegħu, jew it-tnejn li huma.

2. It-tagħrif kollu kif imsemmi fil-paragrafu 1 ikun ġust, ċar u ma jiżgwidax. Jinżamm aġġornat u jiġi revedut b'mod regolari ***fejn relevanti***.

3. Fejn il-maniġer ta' EuSEF ikun meħtieġ jippubblika prospectus skont id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ*** [1] jew skont il-liġi nazzjonali fir-rigward tal-EuSEF, it-tagħrif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jista' jiġi pprovdut jew b'mod separat jew inkella bħala parti mill-prospectus.

4. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tadotta atti delegati skont l-Artikolu 24 biex tispeċifika:

(a) il-kontenut tat-tagħrif imsemmi fil-punti (b) sa (e) u (k) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu;

(b) kif it-tagħrif kif imsemmi fil-punti (b) sa (e) u (k) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jista' jiġi ppreżentat b'mod uniformi sabiex jiżgura l-ogħla livell possibbli ta' komparabilità.

KAPITOLU III

SUPERVIŻJONI U KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

Artikolu 14

1. Il-maniġers ta' EuSEFs li beħsiebhom jużaw l-isem '***EuSEF***' għall-kummerċjalizzazzjoni tal-EuSEF tagħhom jgħarrfu lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tagħhom b'din l-intenzjoni u jipprovdu t-tagħrif li ġej:

(a) l-identità tal-persuni li effettivament iwettqu n-negozju ta-EuSEFs li jimmaniġjaw;

(b) l-identità tal-EuSEFs li l-unitajiet jew l-ishma tagħhom jiġu kummerċjalizzati u l-istrateġiji ta' investiment tagħhom;

[1] ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

(c) tagħrif dwar l-arranġamenti li saru għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Kapitolu II;

(d) lista tal-Istati Membri fejn il-maniġer ta' EuSEF ikun beħsiebu jikkummerċjalizza kull EuSEF***;***

***(da) lista ta' Stati Membri u pajjiżi terzi fejn il-maniġer tal-EuSEF waqqaf, jew għandu l-ħsieb li jwaqqaf, EuSEFs.***

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tirreġistra lill-maniġer ta' EuSEF biss jekk tkun sodisfatta li jintlaħqu l-kondizzjonijiet segwenti:

***(-a) il-persuni li jmexxu effettivament in-negozju ta' maniġment ta' EuSEF ikunu ta' reputazzjoni tajba biżżejjed u esperjenzati biżżejjed ukoll fir-rigward tat-tip ta' strateġiji ta' investiment li qed juża l-maniġer tal-EuSEF.***

(a) it-tagħrif meħtieġ fil-paragrafu 1 ikun sħiħ;

(b) l-arranġamenti notifikati skont il-punt (c) tal-paragrafu 1 ikunu xierqa sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-Kapitolu II.

***(ba) il-lista notifikata skont il-punt (da) tal-paragrafu 1 turi li l-EuSEFs kollha huma stabbiliti bi qbil mal-Artikolu 3(1)(a)(iii) ta' dan ir-Regolament.***

3. Ir-reġistrazzjoni tkun valida fit-territorju sħiħ tal-Unjoni u tippermetti lill-maniġers ta' EuSEFs sabiex jikkummerċjalizzaw EuSEFs bl-isem '***EuSEF***' madwar l-Unjoni.

Artikolu 15

Il-maniġer ta' EuSEF jaġġorna t-tagħrif ipprovdut lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari fejn il-maniġer ta' EuSEF ikun beħsiebu:

(a) jikkummerċjalizza EuSEF ġdid;

(b) jikkummerċjalizza EuSEF eżistenti fi Stat Membru mhux imsemmi fil-lista msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 14(1).

Artikolu 16

1. Minnufih wara r-reġistrazzjoni ta' maniġer ta' EuSEF, ***iż-żieda ta' EuSEF ġdid, iż-żieda ta' domiċilju ġdid għat-twaqqif ta' EuSEF jew iż-żieda ta' Stat Membru ġdid fejn il-maniġer ta' EuSEF għandu l-ħsieb li jikkummerċjalizza EuSEFs,*** l-awtorità ***kompetenti*** tal-Istat Membru domiċiljari tinnotifika ***dan lill-Istati*** Membri indikati skont il-punt (d) tal-Artikolu 14 (1) ▌u mal-AETS.

2. L-Istati Membri ospitanti indikati skont il-punt (d) tal-Artikolu 14 (1) ta' dan ir-Regolament ma jimponux, fuq il-maniġer ta' EuSEF irreġistrat skont l-Artikolu 14, xi rekwiżiti jew proċeduri amministrattivi fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-EuSEFs tiegħu, u lanqas ma jeħtieġu xi approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni qabel il-bidu tagħha.

3. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu, l-AETS tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni sabiex tiddetermina l-format tan-notifika.

4. L-AETS tissottometti dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa … (*).

5. Tiġi kkonferita s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tadotta l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 17

L-AETS żżomm aġġornata bażi ta' dejta ċentrali, aċċessibbli b'mod pubbliku fuq l-internet, li telenka kull maniġer tal-EuSEF irreġistrat fl-Unjoni skont dan ir-Regolament ***kif ukoll il-EuSEFs li jikkummerċjalizzaw kif ukoll il-pajjiżi li fihom ikunu kkummerċjalizzati***.

Artikolu 18

***1.*** L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tissupervizza l-konformità mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament.

***1a. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollha raġunijiet ċari u li jistgħu jiġu ppruvati biex temmen li maniġer ta' EuSEF jaġixxi b'mod li jikser dan ir-Regolament fi ħdan it-territorju tagħha, din għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju b'dan, li għandha tieħu miżuri xierqa.***

***1b. Jekk, minkejja l-miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju jew jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tonqos milli tieħu azzjoni fi żmien raġonevoli, jew il-maniġer ta' EuSEF ikompli jaġixxi b'mod li jkun ċar li jinsab f'konflitt ma' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista', bħala konsegwenza u wara li tinforma l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, tieħu l-miżuri xierqa kollha meħtieġa sabiex tipproteġi l-investituri, inkluż il-possibilità li żżomm il-maniġer ikkonċernat milli jkompli jwettaq kwalunkwe kummerċjalizzazzjoni ulterjuri tal-EuSEFs fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti.***

Artikolu 19

B'konformità mad-dritt nazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat superviżorji u investigattivi kollha li jkunu meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom. B'mod partikolari, jkollhom is-setgħa li:

(a) jitolbu aċċess għal kwalunkwe dokument fi kwalunkwe forma, u sabiex jirċievu jew jieħdu kopja tiegħu;

(b) jeħtieġu li l-maniġers ta' EuSEF jipprovdu tagħrif minnufih;

(c) jeħtieġu tagħrif minn kwalunkwe persuna relatat mal-attivitajiet tal-maniġer ta' EuSEF jew tal-EuSEF;

(d) iwettqu spezzjonijiet fuq il-post b'avviż minn qabel jew mingħajr;

(e) jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li maniġer ta' EuSEF ikompli jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;

(f) joħorġu ordni sabiex jiżguraw li maniġer ta' EuSEF jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u joqgħod lura milli jerġa' jieħu azzjoni li tista' twassal għal ksur ta' dan ir-Regolament.

(*) Disa' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

Artikolu 20

1. L-Istati Membri jistabilixxu r-regoli dwar ***s-sanzjonijiet u l-miżuri*** ▌amministrattivi applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u jieħdu kull miżura meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn huma implimentati. ***Is-sanzjonijiet u l-miżuri*** ▌speċifikati jkunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

2. Sa … (*) l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni u lill-AETS. Jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-AETS minnufih dwar kwalunkwe emenda sussegwenti fihom.

Artikolu 21

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari***, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità,*** tieħu l-provvedimenti xierqa msemmija fil-paragrafu 2 fejn ***maniger*** ta' EuSEF:

(a) ***jonqos*** milli ***jikkonforma*** mar-rekwiżiti li japplikaw għall-kompożizzjoni tal-portafoll bi ksur tal-Artikolu 5;

(b) ***jikkummerċjalizza, bi ksur tal-Artikolu 6, l-unitajiet u l-ishma ta'*** EuSEF lil investituri ***mhux*** eliġibbli ▌;

(c) ***juża d-denominazzjoni 'EuSEF'*** mingħajr ma ***jkun irreġistrat*** mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari ***tiegħu*** skont l-Artikolu 14.

***(ca) juża d-denominazzjoni 'EuSEF' biex jikkummerċjalizza fondi li mhumiex stabbiliti bi qbil mal-Artikolu 3(1)(a)(iii) ta' dan ir-Regolament;***

***(cb) jakkwista reġistrazzjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew b'xi mod irregolari ieħor bi ksur tal-Artikolu 14;***

***(cc) jonqos milli jaġixxi onestament, bil-ħila, ir-reqqa u d-diliġenza dovuti u b'mod ġust fit-twettiq tal-attivitajiet tiegħu bi ksur tal-Artikolu 7(a);***

***(cd) jonqos milli japplika politiki u proċeduri xierqa biex jevita prattiki ħżiena bi ksur tal-Artikolu 7(b);***

***(ce) repetutament jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti skont l-Artikolu 12 dwar ir-rapport annwali;***

***(cf) repetutament jonqos milli jikkonforma mal-obbligu li jinforma lill-investituri bi qbil mal-Artikolu 13;***

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tieħu l-provvedimenti li ġejjin, skont kif xieraq:

***(-a) tieħu l-miżuri li jiżguraw li l-maniġer ta' EuSEF jikkonforma mal-Artikoli 3(1)(a)(iii), 5, 6, 7(a), 7(b), 12, 13 u 14 ta' dan ir-Regolament;***

(a) tipprojbixxi l-użu tal-isem ***'EuSEF' u*** tneħħi lill-maniġer tal-EuSEF mir-reġistru.

(*) 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istati Membri domiċiljari tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti indikati skont il-punt (d) tal-Artikolu 14 (1) ***u l-AETS mingħajr dewmien*** bit-tneħħija tal-maniġer ta' EuSEF mir-reġistru msemmi ***fil-punt (a) tal-paragrafu 2 ta'*** dan l-Artikolu.

4. Il-jedd li jiġi kkummerċjalizzat EuSEF wieħed jew aktar bid-denominazzjoni '***EuSEF***' fl-Unjoni jiskadi b'effett immedjat mid-data ta' deċiżjoni tal-awtorità kompetenti msemmija ***fil-punt (a)*** tal-paragrafu 2.

Artikolu 22

1. L-awtoritajiet kompetenti u l-AETS jikkooperaw flimkien kull meta dan ikun meħtieġ għal finijiet ta' twettiq tad-dmirijiet rispettivi tagħhom f'dan ir-Regolament ***bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010***.

2. ***L-awtoritajiet kompetenti u l-AETS għandhom*** jiskambjaw it-tagħrif u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa ***biex iwettqu d-dmirijiet rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, b'mod partikolari*** sabiex jiġi identifikat u rimedjat il-ksur ta' dan ir-Regolament.

***Artikolu 22a***

***Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri dwar xi valutazzjoni, azzjoni jew omissjoni ta' xi waħda mill-awtorità kompetenti f'oqsma fejn dan ir-Regolament jitlob kooperazzjoni jew koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti minn aktar minn Stat Membru wieħed, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirreferu l-kwistjoni lill-AETS, li tista' taġixxi bi qbil mas-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, sakemm dan in-nuqqas ta' qbil ma jkunx relatat mal-Artikolu 3(1)(a)(iii) jew l-Artikolu 3(1)(d)(-i) ta' dan ir-Regolament.***

Artikolu 23

1. Kull persuna li taħdem jew li ħadmet għall-awtoritajiet kompetenti jew għall-AETS, kif ukoll awdituri u esperti magħżula mill-awtoritajiet kompetenti u l-AETS, huma marbuta bl-obbligu ta' segretezza professjonali. L-ebda tagħrif kunfidenzjali li dawn il-persuni jirċievu matul dmirijiethom ma jiġi ddivulgat lil xi persuna jew awtorità, ħlief f'forma sintetika jew aggregata b'tali mod li l-maniġers ta' EuSEFs u l-EuSEFs ma jkunux jistgħu jiġu identifikati b'mod individwali, mingħajr ħsara għall-każijiet koperti mid-dritt kriminali u proċeduri skont dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew l-AETS ma jiġux pprevenuti milli jiskambjaw tagħrif skont dan ir-Regolament jew liġi oħra tal-Unjoni applikabbli għal maniġers ta' EuSEFs u EuSEFs.

3. Fejn l-awtoritajiet kompetenti u l-AETS jirċievu tagħrif kunfidenzjali skont il-paragrafu 1, dawn jistgħu jużaw dak it-tagħrif biss matul il-kors tad-dmirijiet tagħhom u għall-finijiet ta' proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji.

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET TRANSIZZJONALI U FINALI

Artikolu 24

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni bla ħsara għall-kundizzjonijiet stabiliti f'dan l-Artikolu.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

2. Is-setgħa msemmija fl-Artikoli ▌3 (2), 8 (5), 9 (2) u 13 (4) tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' erba' snin mid-data … (*) Il-Kummissjoni tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' erba' snin. Id-delega tas-setgħa tiġi estiża taċitament għal perjodi ta' durata identika, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli ▌3 (2), 8 (5), 9 (2) u 13 (4) tista' tiġi revokata fi kwalunkew mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Tidħol fis-seħħ fid-data wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma taffettwax il-validità ta' kwalunkwe atti delegati diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni tinnotifika b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat jidħol fis-seħħ biss jekk la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma jesprimu oġġezzjoni fi żmien perjodu ta' xahrejn (2) min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament u l-Kunsill it-tnejn li huma jkunu informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu jiġi estiż ***bi tliet xhur*** fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 25

1. Mhux aktar tard minn erba' snin wara d-data li fiha dan ir-Regolament isir applikabbli, il-Kummissjoni tirrieżamina dan ir-Regolament. Ir-rieżami jinkludi stħarriġ ġenerali tal-funzjonament tar-regoli f'dan ir-Regolament u l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tagħhom, inklużi:

(a) il-punt sa fejn intuża l-isem '***EuSEF***' mill-maniġers ta' EuSEFs fi Stati Membri differenti, kemm fuq bażi domestika jew inkella transfruntiera;

***(aa) il-pożizzjoni ġeografika tal-EuSEFs u jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali li jiżguraw li l-EuSEFs huma stabbiliti bi qbil mal-Artikolu 3(1)(a)(iii);***

***(ab) id-distribuzzjoni ġeografika u settorjali tal-investimenti li saru mill-EuSEFs;***

(b) ***l-użu tal-investimenti kwalifikanti differenti mill-EuSEFs u x'impatt dan ħalla fuq l-iżvilupp tal-impriżi soċjali madwar l-Unjoni;***

***(ba) kemm hu xieraq li tiġi stabbilita tikketta Ewropea għal 'impriżi soċjali';***

***(bb) il-possibilità li l-kummerċjalizzazzjoni tal-EuSEFs tkun estiża għal investituri bl-imnut;***

(c) l-applikazzjoni prattika tal-kriterji għall-identifikazzjoni tal-impriżi ta' portafoll kwalifikanti u l-impatt ta' din fuq l-iżvilupp tal-impriżi soċjali madwar l-Unjoni ***u l-impatt soċjali pożittiv tagħhom***;

***(ca) analiżi tal-proċeduri implimentati mill-maniġers tal-EuSEF sabiex jitkejjel l-impatt soċjali pożittiv iġġenerat mill-impriżi ta' portafoll kwalifikanti msemmija fl-Artikolu 9 u valutazzjoni dwar il-fattibilità li jiġu introdotti standards armonizzati biex jitqabbel l-impatt soċjali fil-livell tal-Unjoni b'mod konsistenti mal-politika soċjali tal-Unjoni;***

(*) Tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

***(cb) kemm hu xieraq li dan ir-Regolament ikun kumplimentat b'reġim depożitarju;***

***(cd) kemm hu xieraq li l-EuSEFs ikunu inklużi bħala assi eliġibbli skont id-Direttiva 2009/65/KE;***

***(ce) kemm hu xieraq li r-rekwiżiti tal-informazzjoni skont l-Artikolu 13, b'mod partikolari jekk dawn humiex suffiċjenti biex jippermettu li l-investituri jieħdu deċizjoni infurmata dwar investiment;***

***(cf) eżami tal-ostakli tat-taxxa possibbli għal fondi ta' intraprenditorija soċjali u valutazzjoni tal-inċentivi ta' taxxa possibbli bl-għan li tiġi nkoraġġita intraprenditorija soċjali fl-Unjoni;***

***(cg) valutazzjoni ta' kwalunikwe ostaklu li jista' jimpedixxi li investituri jutilizzaw il-fondi, inkluż l-impatt fuq investituri istituzzjonali ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni ta' natura prudenzjali.***

▌

2. ***Wara r-rieżami msemmi fil-paragrafu 1 u*** wara konsultazzjoni mal-AETS, il-Kummissjoni tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill akkumpanjat, jekk dan ikun xieraq, minn proposta leġiżlattiva.

***Artikolu 25a***

***1. Sat-22 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni għandha tibda reviżjoni tal-interazzjoni bejn dan ir-Regolament u regoli oħra dwar impriżi ta' investiment kollettiv u tal-maniġers tagħhom, speċjalment dawk tad-Direttiva 2011/61/UE. Din ir-reviżjoni għandha tindirizza l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Għandha tiġbor data biex tivvaluta jekk hux meħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni jiġi estiż biex jippermetti li l-maniġers li jimmaniġjaw EuSEFs li l-assi totali tagħhom jeċċedu l-limitu minimu provdut fl-Artikolu 2(1) isiru maniġers ta' EuSEF.***

***2. Wara r-rieżami msemmi fil-paragrafu 1 u wara konsultazzjoni mal-AETS, il-Kummissjoni tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill akkumpanjat, jekk dan ikun xieraq, minn proposta leġiżlattiva.***

Artikolu 26

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mit-22 ta' Lulju 2013, għajr l-Artikoli ▌ 3 (2), 8 (5), 9 (2) u 13 (4), li japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi …

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju ***I

P7_TA(2012)0346

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju (COM(2011)0860 – C7-0490/2011 – 2011/0417(COD))** (1)

(2013/C 353 E/50)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja l-ewwel qari):

**[Emenda Nru 2]**

EMENDI TAL-PARLAMENT EWROPEW (*)

għall-proposta tal-Kummissjoni

(1) Il-każ kien riferut lura lill-kumitat responsabbli biex jerġà jiġi kkunsidrat skont it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 57(2) (A7-0193/2012).
(*) L-emendi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u grassa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

---

**REGOLAMENT (UE) Nru …/2012 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

dwar Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

— Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114 tiegħu,

— Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

— Wara li ntbagħat l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

— Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (1),

— Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (2),

— Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja (3),

Billi:

(1) Il-kapital ta' riskju jipprovdi finanzjament lill-impriżi li ġeneralment huma żgħar ħafna, fl-istadji inizjali tal-eżistenza korporattiva tagħhom u li juru potenzjal qawwi għal tkabbir u espansjoni. Barra minn hekk, il-fondi ta' kapital ta' riskju jipprovdu ***lill-impriżi*** b'kompetenzi u għarfien prezzjużi, kuntatti tan-negozju, l-ekwità tad-ditti u pariri strateġiċi. Meta jipprovdu finanzjament u pariri lil dawn l-impriżi, il-fondi ta' kapital ta' riskju jistimulaw it-tkabbir ekonomiku, jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-impjiegi ***u l-mobilizzazzjoni tal-kapital, jinkoraġġixxu l-istabbiliment u l-espansjoni ta' impriżi*** innovattivi, iżidu l-investiment tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp u jkattru l-intraprenditorija,

(1) ĠU C 175, 19.6.2012, p. 11.
(2) ĠU C 191, 29.6.2012, p. 72,
(3) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' …

l-innovazzjoni u l-kompetittività ***bi qbil mal-objettivi tal-Istrateġija UE 2020 u fil-kuntest tal-isfidi fuq medda twila ta' żmien tal-Istati Membri, bħal dawk identifikati fir-rapport Global Trends 2030 (Tendenzi Globali 2030) tas-Sistema ta' Analiżi tal-Istrateġija u l-Politika Ewropea***.

(2) Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas komuni ta' regoli rigward l-użu tad-denominazzjoni ***għal*** Fond Ewropew ta' Kapital ta' Riskju, '***EuVECA***', b'mod partikolari l-kompożizzjoni tal-portafoll tal-fondi li joperaw taħt din id-denominazzjoni, il-miri tal-investiment eliġibbli tagħhom, l-istrumenti ta' investiment li jistgħu jutilizzaw u l-kategoriji tal-investituri li huma eliġibbli li jinvestu f'fondi bħal dawn b'regoli uniformi fl-Unjoni. Fl-assenza ta' qafas komuni bħal dan, hemm ir-riskju li l-Istati Membri jwettqu miżuri diverġenti fil-livell nazzjonali li jkollhom impatt negattiv b'mod dirett fuq, u l-ħolqien ta' ostakli għal, il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, minħabba li l-fondi ta' kapital ta' riskju li jixtiequ joperaw fl-Unjoni jkunu suġġetti għal regoli differenti fi Stati Membri differenti. Barra minn hekk, rekwiżiti tal-kwalità diverġenti dwar il-kompożizzjoni tal-portafoll, il-miri tal-investiment u l-investituri eliġibbli jistgħu jwasslu għal livelli differenti ta' protezzjoni tal-investitur u joħolqu konfużjoni rigward il-proposta tal-investiment assoċjata ma' ***'EUVECA'***. Barra minn hekk, l-investituri għandhom ikunu jistgħu jqabblu l-proposti tal-investiment ta' fondi ta' kapital ta' riskju differenti. Huwa meħtieġ li jitneħħew ostakli sinifikanti għal żieda fil-fondi transkonfinali mill-fondi ta' kapital ta' riskju u li jkunu evitati distorsjonijiet fil-kompetizzjoni bejn dawn il-fondi, u li kwalunkwe ostakli potenzjali oħra għall-kummerċ u distorsjonijiet sinifikanti tal-kompetizzjoni ma jitħallewx jitnisslu fil-ġejjieni. Konsegwentement, il-bażi legali xierqa għal dan ir-Regolament għandha tkun l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif interpretat skont il-ġurisprudenza konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

(3) Huwa meħtieġ li jkun adottat Regolament li jistabbilixxi regoli uniformi applikabbli għall-Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju u jimponi obbligi korrispondenti fuq il-maniġers tagħhom fl-Istati Membri kollha li jixtiequ jżidu l-kapital fl-Unjoni permezz tad-denominazzjoni '***EuVECA***'. Dawn ir-rekwiżiti għandhom jiżguraw il-fiduċja tal-investituri li jixtiequ jinvestu f'fondi ta' kapital ta' riskju.

(4) Id-definizzjoni tar-rekwiżiti tal-kwalità għall-użu tad-denominazzjoni '***EuVECA***' f'forma ta' Regolament għandha tiżgura li dawk ir-rekwiżiti jkunu applikabbli b'mod dirett għall-maniġers ta' impriżi ta' investiment kollettiv li jżidu l-fondi permezz ta' din id-denominazzjoni. Dan għandu jiżgura kundizzjonijiet uniformi għall-użu ta' din id-denominazzjoni billi jkunu evitati rekwiżiti nazzjonali diverġenti bħala riżultat tat-traspożizzjoni ta' Direttiva. Dan ir-Regolament għandu jwassal biex il-maniġers tal-impriżi ta' investiment kollettiv li jużaw din id-denominazzjoni jkollhom isegwu l-istess regoli fl-Unjoni kollha, u dan għandu jkabbar il-fiduċja tal-investituri li jixtiequ jinvestu fil-fondi ta' kapital ta' riskju. Ir-Regolament għandu jnaqqas ukoll il-kumplessità regolatorja u l-ispiża tal-konformità tal-maniġers ma' regoli nazzjonali ta' spiss diverġenti li jirregolaw il-fondi ta' kapital ta' riskju, speċjalment għal dawk il-maniġers li jixtiequ jżidu l-kapital fuq bażi transkonfinali. Regolament għandu jikkontribwixxi wkoll għall-eliminazzjoni ta' distorsjonijiet kompetittivi.

***(4a) Kif iddikjarat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Diċembru 2011 bit-titolu 'Pjan ta' azzjoni għat-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs', fl-2012, il-Kummissjoni se tlesti l-eżami tagħha ta' ostakli tat-taxxi għall-investiment transkonfinali ta' kapital ta' riskju bil-għan li tippreżenta s-soluzzjonijiet fl-2013 immirati lejn l-eliminazzjoni tal-ostakli waqt li fl-istess ħin tipprekludi l-evitar u l-evażjoni tat-taxxa.***

***(4b) Għandu jkun possibbli għall-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika li jkun ġestit esternament jew internament. Meta l-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika jkun ġestit internament, il-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika jkun ukoll il-maniġer u għalhekk għandu jikkonforma mar-rekwiżiti kollha għall-maniġers ta' fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw taħt dan ir-Regolament u jkun irreġistrat bħala tali. Fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika li huwa ġestit internament ma għandux mandankollu jiġi permess ikun il-maniġer estern ta' impriżi ta' investiment kollettiv oħrajn jew ta' UCITS.***

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

(5) Sabiex tkun iċċarata r-relazzjoni bejn dan ir-Regolament u r-regoli ***oħra*** dwar l-impriżi ta' investiment kollettiv u l-maniġers tagħhom, huwa meħtieġ li jkun stabbilit li dan ir-Regolament għandu japplika biss għall-maniġers ta' impriżi ta' investiment kollettiv, apparti l-UCITS skont l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) ([1]), li huma stabbiliti fl-Unjoni u huma rreġistrati mal-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom skont id-Direttiva 2011/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar Maniġers ta' Fondi ta' Investiment Alternattivi ([2])***, sakemm dawk il-maniġers jiġġestixxu portafolli ta' fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw. Madankollu, managers ta' fondi ta' kapital ta' riskju li jkunu reġistrati skont dan ir-Regolament u li huma maniġers esterni għandhom ikunu jistgħu jiġġestixxu wkoll UCITS suġġetti għal awtorizzazzjoni skont id-Direttiva 2009/65/KE.***

***(5a)*** Barra minn hekk, dan ***ir-Regolament*** japplika biss għall-maniġers ta' ***dawk l-impriżi ta' investiment kollettiv*** li l-assi amministrati tagħhom ma jaqbżux bħala total il-limitu ***msemmi fl-Artikolu 3(2)(b)*** tad-Direttiva 2011/61/UE. ***Dan ifisser li l-kalkolu tal-limitu għall-finijiet ta' dan ir-Regolament isegwi l-kalkolu tal-limitu tal-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva 2011/61/UE.***

***(5b) Maniġers ta' impriżi ta' kapital ta' riskju li huma reġistrati taħt dan ir-Regolament u li l-assi totali tagħhom sussegwentement jaqbżu l-limitu msemmi fl-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva 2011/61/UE, u li għalhekk isiru soġġetti għal awtorizzazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom bi qbil mal-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva, jistgħu jkomplu jużaw il-kliem 'EuVECA' għall- kummerċjalizzazzjoni ta' fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw fl-Unjoni, sakemm dawn jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għall-użu tad-denominazzjoni 'EuVECA' speċifikati f'dan ir-Regolament f'kull waqt fir-rigward tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw. Dan japplika kemm għall-fondi ta' kapital ta' riskju eżistenti li jikkwalifikaw u fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw stabbiliti wara li jinqabeż il-limitu.***

(6) Meta l-maniġers tal-impriżi ta' investiment kollettiv ma jkunux jixtiequ jużaw id-denominazzjoni '***EuVECA***', dan ir-Regolament m'għandux japplika. F'dawn il-każijiet, għandhom ikomplu japplikaw ir-regoli nazzjonali u r-regoli ġenerali fis-seħħ tal-Unjoni.

(7) Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi regoli uniformi dwar in-natura tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw, notevolment dwar l-impriżi tal-portafoll li fihom il-fondi tal-kapital ta' riskju li jikkwalifikaw għandhom ikunu permessi jinvestu kif ukolll-istrumenti tal-investiment li għandhom jintużaw. Dan huwa meħtieġ sabiex tkun tista' tinġibed linja ta' demarkazzjoni ċara bejn il-fondi tal-kapital ta' riskju li jikkwalifikaw u fondi ta' investiment alternattivi oħra li jadottaw strateġiji ta' investiment oħra anqas speċjalizzati, pereżempju ***l-akkwist jew l-investimenti spekulattivi fi proprjetà immobbli, li dan ir-Regolament mhuwiex qed jipprova jippromwovi***.

(8) F'konformità mal-għan li jkunu llimitati b'mod preċiż l-impriżi ta' investiment kollettiv li se jkunu koperti minn dan ir-Regolament u sabiex ikun żgurat fokus fuq il-provvediment ta' kapital lill-impriżi żgħar fl-istadji inizjali tal-eżistenza korporattiva tagħhom, ***fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw għandhom jitqiesu bħala fondi li għandhom il-ħsieb li jinvestu*** mill-inqas 70 fil-mija tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati u tal-kapital impenjat mhux mitlub tagħhom ▌ f'impriżi bħal dawn ▌. ***Il-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika m'għandux jiġi permess jinvesti aktar minn 30 % tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati tagħha u l-kapital impenjat mhux mitlub tagħha f'assi li huma differenti mill-investimenti li jikkwalifikaw. Dan ifisser li filwaqt li t-30 % għandu jkun il-limitu massimu f'kull żmien għal investimenti li ma jikkwalifikawx, is-70 % għandu jkunu riservat għal investimenti li jikkwalifikaw matul il-ħajja tal-fond tal-kapital ta' riskju li jikkwalifika. Il-limiti msemmija hawn fuq għandhom ikunu kkalkulati fuq il-bażi tal-ammonti investibbli wara tnaqqis tal-ispejjeż relevanti kollha u l-parteċipazzjoni ta' flus u ekwivalenti ta' flus. Dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi d-dettalji meħtieġa għall-kalkolu tal-limiti ta' investiment imsemmija.***

([1]) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32.
([2]) ĠU L 174, 1.7.2011, p. 1.

*(8a) L-għan ta' dan ir-Regolament hu li jappoġġa t-tkabbir u l-innovazzjoni tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fl-Unjoni. L-investimenti f'impriżi li jikkwalifikaw fil-portafoll stabbiliti f'pajjiżi terzi jistgħu iġibu aktar kapital lill-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw u b'hekk jibbenefikaw l-SMEs fl-Unjoni. Madankollu, taħt l-ebda ċirkustanza l-investimenti m'għandhom isiru f'impriżi ta' portafoll ta' pajjiż terz li jinsabu f'rifuġju fiskali jew f'ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx.*

*(8b) Fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika m'għandux ikun stabbilit f'rifuġji fiskali jew f'ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx, bħal pajjiżi terzi li b'mod partikolari m'għandhomx taxxi jew għandhom taxxi nominali, b'nuqqas ta' arranġamenti xierqa ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membri ta' domiċilju tal-manager ta' fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika u l-awtoritajiet ta' kontroll tal-pajjiż terz fejn l-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika huwa stabbilita, jew hemm nuqqas ta' skambju effettiv ta' informazzjoni fi kwistjonijiet ta' taxxa. Fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika ukoll m'għandux jinvesti f'ġurisdizzjonijiet li għandhom waħda mill-kriterji ta' hawn fuq.*

*(8c) Il-maniġers ta' fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika għandhom ikunu kapaċi jattiraw impenji ta' kapital addizzjonali matul iċ-ċiklu ta' ħajja ta' dak il-fond. Dawn l-impenji ta' kapital addizzjonali fiċ-ċiklu ta' ħajja ta' fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika għandhom jiġu kkunsidrati meta jkun qed jiġi previst l-investiment li jmiss fl-assi minbarra f'assi li jikkwalifikaw. Impenji ta' kapital addizzjonali għandhom ikunu permessi skont il-kriterji u suġġetti għall-kundizzjonijiet stabbilit fir-regoli ta' fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni.*

*(8d) L-istrumenti li jikkwalifikaw għandhom ikunu fil-forma ta' strumenti ta' ekwità jew kważi ekwità. Strumenti ta' kważi ekwità jinkludu tip ta' strument ta' finanzjament, li jikkonsisti f'ekwità u dejn, fejn il-qligħ fuq l-istrument huwa konness mal-qligħ jew mat-telf tal-impriża li jikkwalifikaw fil-portafoll, u fejn il-ħlas lura tal-istrument f'każ ta' mankanza ma jkunx żgurat bis-sħiħ. Dawn l-istrumenti jinkludu varjetà ta' strumenti ta' finanzjament bħas-self subordinat, parteċipazzjonijiet passivi, self parteċipanti, drittijiet parteċipanti bi qligħ, bonds konvertibbli u bonds b'warrants. Bħala addizzjonali għal – iżda mhux sostitut għal – strumenti ta' ekwità u kważi ekwità, self garantit jew mhux garantit, pereżempju bridge financing, mogħti mill-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika lil impriża li jikkwalifikaw fil-portafoll li fih il-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika huwa diġà detentur ta' investimenti li jikkwalifikaw, għandhom jiġu permessi sakemm mhux aktar minn 30 fil-mija tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati u l-kapital impenjat mhux mitlub fil-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika jintuża għal self bħal dan. Barra minn hekk, sabiex tiġi riflessa l-prasssi kummerċjali fis-suq tal-kapital ta' riskju, fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika għandu jkun jista' jixtri ishma ta' impriża li tikkwalifika fil-portafoll mill-azzjonisti eżistenti ta' dik l-impriża. Sabiex jiġu żgurati l-opportunitajiet l-aktar wiesgħa għall-ġbir ta' fondi, għandhom ukoll jiġu permessi investimenti f'fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw oħra. Sabiex l-investimenti ma jispiċċawx f'impriżi ta' li jikkwalifikaw fil-portafoll, il-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw għandhom ikunu jistgħu jinvestu biss f'fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw oħra, sakemm dawk il-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw stess ma jkunux investew aktar minn 10 % tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati u ta' kapital impenjat mhux mitlub tagħhom f'fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw oħra.*

*(8e) L-attivitajiet ewlenin tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw huma l-provvediment tal-finanzjament lill-SMEs permezz ta' investimenti primarji. Il-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw ma għandhomx jipparteċipawx f'attivitajiet bankarji li huma sistematikament importanti barra mill-qafas regolatorju prudenzjali tas-soltu (l-hekk imsejħa 'shadow banking'). L-anqas ma għandhom isegwu strateġiji tipiċi ta' ekwità privata, bħalma huma l-akkwisti li l-prezz tax-xiri tiegħu huwa ffinanzjat permezz ta' ekwità u dejn.*

*(8f) F'konformità mal-istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, dan ir-Regolament huwa intiż sabiex jippromwovi investimenti f'kapital ta' riskju f'SMEs innovattivi li jinsabu fl-ekonomija reali. Istituzzjonijiet ta' kreditu, impriżi ta' investiment, impriżi ta' assigurazzjoni, kumpaniji b'partiċipazzjoni finanzjarja u kumpaniji azzjonarja ta' attività mħallta għandhom għalhekk jiġu esklużi mid-definizzjoni ta' impriżi li jikkwalifikaw fil-portafoll taħt dan ir-Regolament.*

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

(9) Sabiex tkun stabbilita salvagwardja essenzjali li tiddifferenzja l-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw skont dan ir-Regolament mill-kategorija aktar wiesgħa ta' fondi ta' investiment alternattivi li jikkummerċjalizzaw f'titoli maħruġa fi swieq sekondarji, huwa neċessarju li ***jiġu stabbiliti regoli sabiex il-fondi*** ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw ***jinvestu primarjament*** fi strumenti maħruġa b'mod dirett.

(10) Sabiex il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju jkollhom ċertu grad ta' flessibilità fl-investiment u l-ġestjoni tal-likwidità tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw tagħhom, għandha tkun permessa l-kummerċjalizzazzjoni ▌, ***bħal f'ishma jew parteċipazzjonijiet f'impriżi li ma jikkwalifikawx fil-portafoll jew akkwisti ta' investimenti li ma jikkwalifikawx***, sa limitu massimu li ma jaqbiżx it-30 fil-mija tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati u l-investimenti kapitali mhux mitluba ▌. ▌

(11) Sabiex ikun żgurat li d-denominazzjoni '**EuVECA**' tkun affidabbli u faċilment rikonoxxuta mill-investituri fl-Unjoni, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi li huma biss il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkonformaw mal-kriterji ta' kwalità uniformi kif stabbiliti f'dan ir-Regolament li għandhom ikunu eliġibbli biex jużaw id-denominazzjoni '**EuVECA**' meta jikkummerċjalizzaw il-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw fl-Unjoni.

(12) Sabiex ikun żgurat li fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw ikollhom profil distint u identifikabbli li huwa adattat għall-finijiet tagħhom, għandu jkun hemm regoli uniformi dwar il-kompożizzjoni tal-portafoll u dwar it-tekniki tal-investiment li huma permessi għal fondi li jikkwalifikaw bħal dawn.

(13) Sabiex ikun żgurat li l-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw ma jikkontribwixxux għall-iżvilupp ta' riskji sistemiċi, u ▌ li, fl-attivitajiet tal-investiment tagħhom, fondi bħal dawn jikkonċentraw fuq l-appoġġ għal ***impriżi*** li jikkwalifikaw fil-portafoll, m'għandux ikun permess ***l-użu ta'*** lieva finanzjarja fil-livell tal-fond. ***Il-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju għandu jkun jista' biss jissellef, joħroġ obbligi ta' dejn jew jipprovdi garanziji, fil-livell tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika, sakemm dan is-self, obbligi ta' dejn jew garanziji jkunu koperti minn impenji mhux mitluba u b'hekk ma jżidux l-iskopertura tal-fond lil hinn mil-livell tal-kapital mitlub tiegħu. B'dan l-approċċ, antiċipi ta' flus minn investituri tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika li huma kompletament koperti b'impenji ta' kapital minn dawn l-investituri ma jżidux l-iskopertura tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika u għalhekk għandhom ikunu permessi. Barra minn hekk***, sabiex il-fond ikun permess ikopri l-ħtiġijiet ta' likwidità straordinarji li jistgħu jfeġġu bejn is-sejħa ta' kapital kommess mill-investituri u l-wasla attwali tal-kapital fil-kontijiet tiegħu, għandu jkun permess is-self fuq medda ta' żmien fil-qosor***, sakemm dan ma jeċċedix il-kapital impenjat mhux mitlub***.

(14) Sabiex ikun żgurat li l-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw huma kkummerċjalizzati ***biss*** lil investituri li għandhom ▌ l-esperjenza***, l-għarfien u l-għarfien espert sabiex jagħmlu d-deċiżjonijiet tagħhom fuq investimenti u jevalwaw sew*** ir-riskji li dawn il-fondi jkollhom, u sabiex tinżamm il-fiduċja tal-investituri fil-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw, iridu jkunu stabbiliti ċerti salvagwardji. Għaldaqstant, il-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw għandhom ▌ ikunu kkummerċjalizzati biss lil investituri li huma klijenti professjonali jew li jistgħu jkunu ttrattati bħala klijenti professjonali skont id-Direttiva 2004/39/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji ▌([1]). Madankollu, sabiex ikun hemm bażi tal-investituri wiesgħa biżżejjed għall-investiment fil-fondi ta' kapital ta' riskju ***li jikkwalifikaw*** huwa mixtieq ukoll li ċerti investituri oħra jkollhom aċċess għall-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw, inklużi l-individwi ta' valur għoli. Għal dawk l-investituri l-oħra, madankollu, għandhom ikunu stabbiliti salvagwardji speċifiċi sabiex ikun żgurat li l-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw huma kkummerċjalizzati biss lil dawk l-investituri li għandhom il-profil adattat biex jagħmlu tali investimenti. Dawn is-salvagwardji jeskludu l-kummerċjalizzazzjoni permezz ta' pjanijiet ta' tfaddil perjodiku. ***Barra minn hekk, l-investimenti magħmula minn diriġenti eżekuttivi, diretturi jew impjegati involuti fil-ġestjoni ta' maniger ta' fond ta' kapital ta' riskju għandhom ikunu possibbli meta dawn isiru fil-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika li jiġġestixxu, peress li dawn l-individwi jkollhom għarfien tajjeb biżżejjed biex jipparteċipaw f'investimenti f'kapital ta' riskju.***

([1]) ĠU L 145, tat-30.4.2004, p. 1.

(15) Sabiex ikun żgurat li d-denominazzjoni '***EuVECA***' tintuża biss minn maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju, li jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità uniformi fir-rigward tal-imġiba tagħhom fis-suq, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi regoli dwar it-twettiq tan-negozju u r-relazzjoni tal-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju mal-investituri tiegħu. Għall-istess raġuni, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi fir-rigward tal-immaniġġjar tal-kunflitti ta' interess minn maniġers bħal dawn. Dawn ir-regoli għandhom ukoll jirrikjedu li l-maniġer ikollu l-arranġamenti organizzattivi u amministrattivi meħtieġa fis-seħħ biex ikun żgurat li jista' jimmaniġġja kif jixraq il-kunflitti ta' interess.

***(15a) Fejn maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju jkollu l-ħsieb li jiddelega funzjonijiet lil partijiet terzi, r-responsabbiltà tal-maniġer għall-fond ta' kapital ta' riskju u l-investituri tiegħu m'għandhiex tiġi affettwata mid-delega ta' funzjonijiet mill-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju lil parti terza. Barra minn hekk, il-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju m'għandux jiddelega funzjonijiet sal-punt fejn, essenzjalment, ma jkunx jista' jitqies aktar bħala l-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju u jkun sar entità 'tal-kaxxa tal-ittri'. Il-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju għandu jibqa' responsabbli għall-eżekuzzjoni xierqa tal-funzjonijiet delegati u għall-konformità ma' dan ir-Regolament f'kull mument. Id-delega ta' funzjonijiet ma għandhiex iddgħajjef l-effikaċja tas-superviżjoni tal-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju u, b'mod partikolari m'għandhiex tipprevjeni lill-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju milli jaġixxi, jew il-fond ta' kapital ta' riskju milli jiġi ġestit, fl-aħjar interessi tal-investituri tiegħu;***

(16) Sabiex tkun żgurata l-integrità tad-denominazzjoni '***EuVECA***' dan ir-Regolament għandu jinkludi ukoll kriterji ta' kwalità fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju. Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi rekwiżiti uniformi u proporzjonati għall-ħtieġa li jinżammu riżorsi tekniċi u umani adegwati ▌.

***(16a) Sabiex tkun żgurata ġestjoni xierqa tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika u l-kapaċità tal-maniġer li jkopri riskji potenzjali li jiġu mill-attivitajiet tiegħu dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi rekwiżiti uniformi u proporzjonati għall-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju biex iżomm fondi proprji suffiċjenti. L-ammont ta' dawn il-fondi proprji għandu jkun biżżejjed biex jiżgura l-kontinwità u l-ġestjoni xierqa tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika.***

(17) Għall-fini tal-protezzjoni tal-investitur huwa meħtieġ li jkun żgurat li l-assi tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika jiġu evalwati kif jixraq. Għaldaqstant, ***ir-regoli u l-istrumenti ta' inkorporazzjoni*** tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw għandu jkun fihom regoli dwar il-valutazzjoni tal-assi. Dan għandu jiżgura l-integrità u t-trasparenza tal-valutazzjoni.

(18) Sabiex ikun żgurat li l-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jużaw id-denominazzjoni '***EuVECA***' jagħtu rendikont suffiċjenti tal-attivitajiet tagħhom, għandhom ikunu stabbiliti regoli uniformi rigward ir-rapporti annwali.

(19) Sabiex tkun żgurata l-integrità tad-denominazzjoni '***EuVECA***' f'għajnejn l-investituri, huwa meħtieġ li din tintuża biss minn maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju li huma trasparenti b'mod sħiħ fir-rigward tal-politika tal-investiment tagħhom u l-miri tal-investiment tagħhom. Għaldaqstant, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi regoli uniformi dwar ir-rekwiżiti tal-iżvelar li għandu jagħmel maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju fir-rigward tal-investituri tiegħu. B'mod partikolari, għandu jkun hemm obbligi ta' żvelar prekuntrattwali relatati mal-istrateġija tal-investiment u l-objettivi tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw, l-istrumenti tal-investiment li jintużaw, l-informazzjoni dwar l-ispejjeż u l-imposti assoċjati, u l-profil tar-riskji u l-benefiċċji tal-investiment propost minn fond li jikkwalifika. Bil-għan li jinkiseb grad għoli ta' trasparenza, rekwiżiti ta' żvelar bħal dawn għandhom jinkludu wkoll l-informazzjoni dwar kif hija kkalkulata r-remunerazzjoni tal-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

(20) Sabiex tkun żgurata superviżjoni effettiva tar-rekwiżiti uniformi li fih dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tissorvelja l-konformità tal-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju mar-rekwiżiti uniformi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Għal dan il-għan, il-maniġer tal-kapital li jikkwalifika tar-riskju li jixtieq jikkummerċjalizza l-fondi li jikkwalifikaw tiegħu taħt id-denominazzjoni '***EuVECA***' għandu jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu dwar din l-intenzjoni. L-awtorità kompetenti għandha tirreġistra lill-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju jekk tkun ġiet ipprovduta l-informazzjoni kollha meħtieġa u jekk hemm fis-seħħ arranġamenti xierqa għal konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament. Din ir-reġistrazzjoni għandha tkun valida fl-Unjoni kollha.

***(20a) Sabiex tkun faċilitata kummerċjalizzazzjoni transkonfinali effiċjenti ta' fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika, ir-reġistrazzjoni tal-maniġer għandha ssir malajr kemm jista' jkun.***

***(20b) Filwaqt li f'dan ir-Regolament hemm inklużi salvagwardji li jaċċertaw li l-fondi jintużaw b'mod xieraq, l-awtoritajiet superviżorji għandhom ikunu viġilanti biex jiżguraw li jkun hemm konformità ma' dawk is-salvagwardji.***

(21) Sabiex tkun żgurata superviżjoni effettiva tal-konformità mal-kriterji uniformi stabbiliti f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu jinkludi regoli dwar iċ-ċirkustanzi fejn ikun meħtieġ li l-informazzjoni pprovduta lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ta' domiċilju tiġi aġġornata.

(22) Biex ikun hemm superviżjoni effettiva tar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi wkoll proċess għan-notifiki transkonfinali bejn l-awtoritajiet kompetenti superviżorji, li jiskatta mar-reġistrazzjoni tal-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju fl-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu.

(23) Sabiex jinżammu kundizzjonijiet trasparenti għall-kummerċjalizzazzjoni ta' fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw fl-Unjoni, ***l-Awtorità Superviżorja Ewropea (***l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq***)*** (AETS) ***stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*** [1] għandha tiġi fdata biż-żamma ta' bażi ta' dejta ċentrali li telenka ***l-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw u*** l-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw kollha ***ġestiti minnhom*** li jkunu rreġistrati skont dan ir-Regolament.

***(23a) Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollha raġunijiet ċari u li jistgħu jiġu ppruvati biex temmen li maniġer ta' impriża ta' kapital ta' riskju jkun kiser dan ir-Regolament fi ħdan it-territorju tagħha, din għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, li għandha tieħu miżuri xierqa.***

***(23b) Jekk, minkejja l-miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju jew jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tonqos milli tieħu azzjoni fi żmien raġonevoli, jew il-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju jkompli jaġixxi b'mod li jkun ċar li jinsab f'konflitt ma' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista', wara li tinforma l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, tieħu l-miżuri xierqa kollha meħtieġa sabiex tipproteġi l-investituri, inkluża l-possibilità li żżomm il-maniġer ikkonċernat milli jwettaq kwalunkwe kummerċjalizzazzjoni ulterjuri tal-fondi ta' kapital ta' riskju tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti.***

(24) Sabiex tkun żgurata s-superviżjoni effettiva tal-kriterji uniformi stabbiliti f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu jinkludi lista tas-setgħat superviżorji li l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom.

(1) ĠU L 331, tal-15.12.2010, p. 84.

(25) Sabiex ikun żgurat infurzar kif jixraq, dan ir-Regolament għandu jinkludi sanzjonijiet ***u miżuri amministrattivi*** għall-ksur ta' dispożizzjonijiet ewlenin ta' dan ir-Regolament, li huma r-regoli dwar il-kompożizzjoni tal-portafoll, dwar is-salvagwardji relatati mal-identità tal-investituri eliġibbli, u dwar l-użu tad-denominazzjoni '***EuVECA***' biss minn maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju rreġistrati. Għandu jkun stabbilit li l-ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet ewlenin iwassal għal projbizzjoni tal-użu tad-denominazzjoni u t-tneħħija tal-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju mir-reġistru.

(26) L-informazzjoni superviżorja għandha tkun skambjata bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri ta' domiċilju u ospitanti u l-AETS.

(27) Kooperazzjoni regolatorja effettiva fost l-entitajiet inkarigati bis-sorveljanza tal-konformità mal-kriterji uniformi stabbiliti f'dan ir-Regolament tirrikjedi li għandu jkun applikat livell għoli ta' segretezza professjonali lill-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kollha u l-AETS.

(28) L-istandards tekniċi fis-servizzi finanzjarji għandhom jiżguraw armonizzazzjoni konsistenti u livell għoli ta' sorveljanza fl-Unjoni kollha. Bħala korp b'kompetenza speċjalizzata ħafna, ikun effiċjenti u xieraq li l-AETS tkun fdata bit-tfassil ta' abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni meta dawn ma jinvolvux għażliet politiċi, biex ikun sottomess lill-Kummissjoni.

(29) Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta standards tekniċi ta' implimentazzjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) ▌[1]. L-AETS għandha tkun fdata bl-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-format ▌tan-notifika ***msemmija f'dan ir-Regolament***.

(30) Sabiex ikunu speċifikati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, is-setgħa li jkunu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tkun iddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ▌tat-tipi ta' kunflitt ta' interess li jeħtieġ li jkunu evitati mill-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju u l-passi li jridu jittieħdu f'dak ir-rigward. Hija ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. ***Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal l-atti ddelegati, għandha tiżgura t-trażmissjoni simultanja, f'waqtha u adattata tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill.*** ▌

(32) Mill-inqas erba' snin wara d-data li fiha dan ir-Regolament isir applikabbli għandha titwettaq analiżi ta' dan ir-Regolament sabiex jitqies l-iżvilupp tas-suq tal-kapital ta' riskju. ***Ir-reviżjoni għandha tinkludi stħarriġ ġenerali tal-funzjonament tar-regoli f'dan ir-Regolament u l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tagħhom.*** Fuq il-bażi tal-analiżi, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn ***proposti*** leġiżlattivi.

***(32a) Barra minn hekk, sat-22 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni għandha tibda reviżjoni tal-interazzjoni bejn dan ir-Regolament u regoli oħra dwar impriżi ta' investiment kollettiv u l-maniġers tagħhom, speċjalment dawk tad-Direttiva 2011/61/UE. B'mod partikolari, din ir-reviżjoni għandha tindirizza l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament filwaqt li tevalwa jekk hux meħtieġ li testendi l-kamp ta' applikazzjoni għal maniġers ta' fondi ta' investiment alternattiv akbar biex jużaw id-denominazzjoni 'EuVECA'. Fuq il-bażi tar-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill flimkien, jekk ikun xieraq, minn proposti leġiżlattivi.***

(1) ĠU L 331, tal-15.12.2010, p. 84.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

***(32b) Fil-kuntest ta' din ir-reviżjoni, il-Kummissjoni għandha tevalwa kull ostaklu li seta' impedixxa l-assorbiment tal-fondi mill-investituri, inkluż l-impatt fuq investituri istituzzjonali ta' regolamentazzjoni oħra ta' natura prudenzjali, kif din tista' tapplika għalihom. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiġbor data biex tevalwa l-kontribut tal-EuVECA għal programmi oħra tal-Unjoni bħal Orizzont 2020 li wkoll ifittxu li jappoġġaw l-innovazzjoni fl-Unjoni.***

***(32c) Fid-dawl tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Pjan ta' Azzjoni għat-titjib tal-aċċess għall-finanzi għall-SMEs u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ottubru 2010 bit-titolu 'Inizjattiva Ewlenija Ewropea 2020: Unjoni tal-Innovazzjoni', huwa importanti li jiġu żgurati l-effikaċja tal-iskemi pubbliki fl-Unjoni kollha biex jiġi appoġġat is-suq tal-kapital ta' riskju, u l-koordinament u l-koeranza reċiproka tal-politiki tal-Unjoni differenti intiżi għat-trawwim tal-innovazzjoni, inklużi politiki dwar il-kompetizzjoni u r-riċerka. Fokus ewlieni tal-politiki tal-Unjoni fuq innovazzjoni u t-tkabbir huwa t-teknoloġija ekoloġika, fid-dawl tal-fatt li l-objettiv tal-Unjoni huwa li tkun mexxejja globali fit-tkabbir intelliġenti u sostenibbli u fl-effiċjenza tal-enerġija u tar-riżorsi, inkluż fir-rigward tal-finanzjament għall-SMEs. Fir-reviżjoni ta' dan ir-Regolament, huwa importanti li jiġi evalwat l-impatt tiegħu fuq il-progress lejn dan l-objettiv.***

***(32d) L-AETS għandha tevalwa l-ħtiġijiet ta' persunal u riżorsi li jirriżultaw mill-mument meta tassumi s-setgħat u d-dmirijiet tagħha b'konformità ma' dan ir-Regolament u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.***

***(32e) Il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI) jinvesti, fost oħrajn, f'fondi ta' kapital ta' riskju fl-Unjoni kollha. Il-miżuri f'dan ir-Regolament sabiex jippermettu l-identifikazzjoni faċli ta' fondi ta' kapital ta' riskju b'karatteristiċi komuni definiti għandhom jagħmluha aktar faċli għall-FEI li jidentifika fondi ta' kapital ta' riskju taħt dan ir-Regolament bħala miri ta' investiment possibbli. Il-FEI għandu għalhekk jiġi inkoraġġut jinvesti f'fondi ta' kapital ta' riskju Ewropej.***

(33) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, inkluż id-dritt għar-rispett lejn il-hajja privata u tal-familja (Artikolu 7) u l-libertà tat-twettiq ta' negozju (Artikolu 16).

(34) Id-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta [1] tirregola l-ipproċessar tad-dejta personali mwettaq fl-Istati Membri fil-kuntest ta' dan ir-Regolament u taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, b'mod partikolari l-awtoritajiet pubbliċi indipendenti maħtura mill-Istati Membri. Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu[i] fir-rigward tal-ipproċessar ta' data [dejta] personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data [dejta] [2], jirregola l-ipproċessar tad-dejta personali mwettaq mill-AETS fi ħdan il-qafas ta' dan ir-Regolament u taħt is-superviżjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta.

(35) Dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-istat lill-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw.

(36) ***Billi l-objettivi ta'*** dan ir-Regolament, ***jiġifieri*** li jiżgura li rekwiżiti uniformi japplikaw għall-kummerċjalizzazzjoni tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw, ***u li jistabbilixxi sistema ta' reġistrazzjoni sempliċi għall-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju, biex b'hekk iqis b'mod sħiħ il-ħtieġa li jkun hemm bilanċ bejn is-sigurtà u l-affidabbiltà assoċjati mal-użu tad-denominazzjoni 'EuVECA' u l-operat effiċjenti tas-suq tal-kapital ta' riskju kif ukoll l-ispiża għall-partijiet interessati differenti tiegħu,*** ma ***jistgħux jintlaħqu*** biżżejjed mill-Istati Membri ***u għaldaqstant, minħabba d-daqs u l-effetti tagħha, jistgħu jintlaħqu aħjar fuq livell tal-Unjoni,*** l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, ▌ dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-objettivi,

(1) ĠU L 281, tat-23.11.1995, p. 31.
(2) ĠU L 8, tat-12.1.2001, p. 1.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti ***u kundizzjonijiet*** uniformi għal dawk il-maniġers ta' impriżi ta' investiment kollettiv li jixtiequ jużaw id-denominazzjoni '***EuVECA***' ***fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw*** fl-Unjoni, u b'hekk jikkontribwixxi għal-funzjonament effiċjenti tas-suq intern. Dan jistabbilixxi regoli uniformi għall-kummerċjalizzazzjoni tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw lill-investituri eliġibbli fl-Unjoni, għall-kompożizzjoni tal-portafoll ta' fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw, għall-istrumenti tal-investiment eliġibbli u t-tekniki li jridu jintużaw mill-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw kif ukoll għall-organizzazzjoni, l-imġiba u t-trasparenza tal-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkummerċjalizzaw il-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw fl-Unjoni.

Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament japplika għall-maniġers tal-impriżi ta' investiment kollettiv kif iddefiniti fil-punt (b) tal-Artikolu 3, ***li l-assi ġestiti tagħhom b'kollox ma jaqbżux il-limitu msemmi fl-Artikolu 3(2)(b) tad-Direttiva 2011/61/EU,*** li huma stabbiliti fl-Unjoni u huma suġġetti għal reġistrazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom skont il-punt (a) tal-Artikolu 3 (3) tad-Direttiva 2011/61/UE, sakemm dawk il-maniġers jiġġestixxu portafolli ta' fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw ▌.

***1a. Il-maniġers ta' fondi ta' kapital ta' riskju li huma reġistrati skont dan ir-Regolament bi qbil mal-Artikolu 14, u li t-total tal-assi tagħhom sussegwentement jikber u jeċċedi l-limitu msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2011/61/UE, u li għalhekk saru suġġetti għal awtorizzazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju bi qbil mal-Artikolu 6 ta' dik id-Direttiva, jistgħu jkomplu jużaw id-denominazzjoni 'EuVeca' fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw fl-Unjoni, sakemm huma jikkonformaw mar-rekwiżiti mniżżla fid-Direttiva u jkomplu jikkonformaw mal-Artikoli 3, 5, 9, 12(b), u (ga) ta' dan ir-Regolament f'kull żmien fir-rigward tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw.***

***1b. Maniġers ta' fondi ta' kapital ta' riskju li huma reġistrati bi qbil ma' dan ir-Regolament jistgħu wkoll jiġġestixxu UCITS bil-kundizzjoni li jiksbu awtorizzazzjoni skont id-Direttiva 2009/65/KE sakemm ikunu maniġers esterni.***

▌

Artikolu 3

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) 'fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika' tfisser tfisser impriża tal-investiment kollettiv***:***

***(i) li għandha l-ħsieb*** tinvesti mill-inqas 70 fil-mija tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati u l-kapital impenjat mhux mitlub tagħha f'assi li huma investimenti li jikkwalifikaw ***fi żmien stipulat fir-regoli jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika***;

***(ii) qatt ma tuża aktar minn 30 % tal-fond tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati u kapital impenjat mhux mitlub għall-akkwist ta' assi għajr investimenti li jikkwalifikaw;***

***(iii) hi stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru, jew f'pajjiż terz sakemm dak il-pajjiż terz:***

- ***ma jkollux miżuri tat-taxxa li jinvolvu nuqqas ta' taxxi jew taxxi nomimali jew fejn ikunu mogħtija vantaġġi mingħajr ebda attività ekonomika reali u preżenza ekonomika sostanzjali fil-pajjiż terz li joffri dawn il-vantaġġi tax-taxxa;***

- ***għandu arranġamenti ta' kooperazzjoni xierqa mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tal-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju li jiżguraw skambju effettiv ta' informazzjoni skont is-sens tal-Artikolu 21 ta' dan ir-Regolament li jippermetti l-awtoritajiet kompetenti jwettqu d-dmirijiet tagħhom bi qbil ma' dan ir-Regolament;***

- ***mhux imniżżel fil-lista ta' Pajjiż u Territorju Non-Kooperattiv mill-FATF;***

- ***ikun iffirma ftehim mal-Istat Membru tad-domiċilju tal-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju u ma' kull Stat Membru ieħor fejn ikun intiż li jiġu kkummerċjalizzati l-unitajiet jew l-ishma tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika, sabiex ikun assigurat li l-pajjiż terz jikkonforma kompletament mal-istandards stipulati fl-Artikolu 26 tal-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali tal-OKŻE u li jiżgura skambju ta' informazzjoni effikaċi fil-kwistjonijiet fiskali, inklużi kwalunkwe ftehimiet fiskali multilaterali.***

***Il-limiti msemmija fil-punti (i) u (ii) għandhom ikunu kkalkulati fuq il-bażi tal-ammonti investibbli wara tnaqqis tal-ispejjeż relevanti kollha u parteċipazzjonijiet fi flus u ekwivalenti ta' flus;***

***(aa) 'spejjeż relevanti' tfisser id-drittijiet, il-kosti u l-ispejjeż kollha li jiġu mġarrba direttament jew indirettament mill-investituri u li jkun sar qbil dwarhom bejn il-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika u l-investituri;***

(b) 'impriża ta' investiment kollettiv' tfisser ***AIF kif definita fl-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/61/UE***;

(c) "investimenti li jikkwalifikaw" tfisser ***kwalunkwe wieħed mill-istrumenti li ġejjin:***

***(i)*** strumenti ta' ekwità jew kważi ekwità li huma

- maħruġa minn impriża li tikkwalifika fil-portafoll u akkwistata direttament mill-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika mill-impriża li tikkwalifika fil-portafoll, ▌

- maħruġa minn impriża li tikkwalifika fil-portafoll fi skambju għal titolu ta' ekwità maħruġ mill-impriża li tikkwalifika fil-portafoll, jew

- maħruġa minn impriża li tagħha l-impriża li tikkwalifika fil-portafoll hija sussidjarja b'sehem azzjonarju maġġoritarju u li hija akkwistata mill-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika fi skambju għal strument ta' ekwità maħruġ mill-impriża li jikkwalifika fil-portafoll;

*(ii)* ***self garantit u mhux garantit mogħti mill-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika lil impriża li tikkwalifika fil-portafoll li fiha l-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika diġà għandu investimenti li jikkwalifika, w sakemm mhux aktar minn 30 fil-mija tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati u l-kapital impenjat mhux mitlub fil-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika jintuża għal self bħal dan;***

*(iii)* ***ishma tal-impriża li tikkwalifika fil-portafoll miksuba minn azzjonisti eżistenti ta' dik l-impriża;***

*(iv)* ***unitajiet jew ishma ta' fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika wieħed jew aktar, sakemm dawk il-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw stess ma jkunux investew aktar minn 10 % tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati u ta' kapital impenjat mhux mitlub tagħhom f'fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw;***

(d) 'impriża li tikkwalifika fil-portafoll' tfisser impriża li***:***

*(i)* meta jsir investiment mill-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika***:***

— ***ma tkunx aċċettata li tinnegozja*** f'suq regolat ***jew f'faċilità ta' kummerċ multilaterali (MTF)*** kif iddefinit ***fil-punti (14) u (15)*** tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE;

— timpjega inqas minn 250 persuna, u

— li jew għandha dħul annwali li ma jaqbiżx EUR 50 miljun, jew għandha ***karta*** tal-bilanċ annwali ***totali*** li ma ***taqbiżx*** EUR 43 miljun,

*(ii)* li hija nnifisha mhijiex impriża ta' investiment kollettiv;

*(iii)* ***mhijiex waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:***

— ***istituzzjoni ta' kreditu fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2006/48/KE;***

— ***ditta tal-investiment fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2004/39/KE;***

— ***impriża tal-assigurazzjoni fis-sens tal-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2009/138/KE;***

— ***kumpanija b'parteċipazzjoni finanzjarja fis-sens tal-Artikolu 4(19) tad-Direttiva 2006/48/KE;***

— ***kumpanija b'attivitajiet imħallta fis-sens tal-Artikolu 4(20) tad-Direttiva 2006/48/KE;***

*(iv)* ***hi stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru, jew f'pajjiż terz sakemm dak il-pajjiż terz:***

— ***ma jkollux miżuri tat-taxxa li jinvolvu nuqqas ta' taxxi jew taxxi nomimali jew fejn ikunu mogħtija vantaġġi mingħajr ebda attività ekonomika reali u preżenza ekonomika sostanzjali fil-pajjiż terz li joffri dawn il-vantaġġi tax-taxxa,***

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

— ***mhux imniżżel fil-lista ta' Pajjiż u Territorju Non-Kooperattiv mill-FATF,***

— ***ikun iffirma ftehim mal-Istat Membru tad-domiċilju tal-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju u ma' kull Stat Membru ieħor fejn ikun intiż li jiġu kkummerċjalizzati l-unitajiet jew l-ishma tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika, sabiex ikun assigurat li l-pajjiż terz jikkonforma kompletament mal-istandards stipulati fl-Artikolu 26 tal-Mudell ta' Konvenzjoni Fiskali tal-OKŻE u li jiżgura skambju ta' informazzjoni effikaċi fil-kwistjonijiet fiskali, inklużi kwalunkwe ftehimiet fiskali multilaterali;***

(e) 'ekwità' tfisser interess azzjonarju f'impriża, irrappreżentat mill-ishma jew ***forom*** oħra ta' parteċipazzjoni fil-kapital tal-impriża li tikkwalifika fil-portafoll, maħruġa lill-investituri ***tagħha***;

(f) 'kważi ekwità' tfisser kwalunkwe ***tip ta'*** strument ***ta' finanzjament, li jikkonsisti f'ekwità u dejn, fejn il-qligħ fuq l-istrument huwa konness mal-qligħ*** jew it-telf tal-impriża li tikkwalifika fil-portafoll***, u fejn il-ħlas lura tal-istrument*** f'każ ta' mankanza ***ma jkunx garantit bis-sħiħ.***

(g) 'kummerċjalizzazzjoni' tfisser l-offerta jew l-allokazzjoni diretta jew indiretta fuq inizjattiva tal-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju jew f'isem il-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju ta' unitajiet jew ishma ta' fond ta' kapital ta' riskju li jiġġestixxi lil jew mal-investituri ddomiċiljati jew b'uffiċċju rreġistrat fl-Unjoni;

(h) 'kapital impenjat' tfisser kwalunkwe impenn li minħabba fih ***investitur huwa obbligat, i żmien stipulat fir-regoli jew l-istrumenti ta' inkorporazzjoni tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika, jakkwista*** interess fil-fond ta' kapital ta' riskju jew ***jagħmel*** kontribuzzjonijiet kapitali lill-fond ta' kapital ta' riskju;

(i) 'maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju' tfisser persuna ġuridika li n-negozju regolari tagħha jiġġestixxi mill-inqas fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika wieħed;

(j) 'Stat Membru ta' domiċilju' tfisser Stat Membru fejn il-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju huwa stabbilit ***u huwa suġġett għal reġistrazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti skont il-punt (a) tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2011/61/UE***;

(k) 'Stat Membru ospitanti' tfisser Stat Membru, li ma jkunx l-Istat Membru ta' domiċilju, fejn il-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju jikkummerċjalizza l-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw skont dan ir-Regolament;

(l) 'awtorità kompetenti' tfisser l-awtorità nazzjonali li jaħtar l-Istat Membru ta' domiċilju, bil-liġi jew b'regolament, biex twettaq ir-reġistrazzjoni tal-maniġers tal-impriżi ta' investiment kollettiv kif imsemmija fil-paragrafu (1) tal-Artikolu 2***;***

***(la) 'UCITS' tfisser impriża għal investiment kollettiv f'titoli trasferibbli awtorizzata f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2009/65/KE.***

***Fir-rigward tal-punt (i) tal-ewwel subparagrafu, fejn il-forma legali tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika tippermetti ġestjoni interna u fejn il-korp ta' tmexxija tal-fond jagħżel li ma jaħtarx maniġer estern, il-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika nnifsu għandu jkun reġistrat bħala l-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju. Fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika li hu reġistrat bħala maniġer intern ta' fond ta' kapital ta' riskju ma jistax ikun reġistrat bħala maniġer estern ta' fond ta' kapital ta' riskju ta' impriżi ta' investiment kollettiv oħra.***

## KAPITOLU II

## KUNDIZZJONIJIET GĦALL-UŻU TAD-DENOMINAZZJONI '*EuVECA*'

### Artikolu 4

Il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-Kapitolu għandhom ikunu intitolati li jużaw id-denominazzjoni '***EuVECA***' fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw fl-Unjoni.

### Artikolu 5

1. Il-maniġer tal-fondi ta' kapital ta' riskju għandu jiżgura li, meta jakkwista l-assi, għajr l-investimenti li jikkwalifikaw, mhux aktar minn 30 fil-mija tal-kontribuzzjonijiet kapitali aggregati u l-kapital impenjat mhux mitlub jintużaw għall-akkwist ta' assi, għajr l-investimenti li jikkwalifikaw; ***it-30 % għandu jiġi kkalkulat fuq il-bażi ta' ammont investibbli wara t-tnaqqis tal-ispejjeż relevanti kollha;*** parteċipazzjoni fuq medda ta' żmien fil-qosor fi flus jew l-ekwivalenti ta' flus m'għandhomx jitqiesu biex jiġi kkalkulat dan il-limitu ***minħabba li flus u ekwivalenti għal flus ma għandhomx ikunu kkunsidrati bħala investimenti***.

2. Il-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju ma ***jistax juża*** fil-livell tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika ▌xi metodu li bih tiżdied l-iskopertura tal-fond ***lil hinn mill-livell ta' kapital impenjat***, kemm jekk permezz ta' self ta' flus jew titoli, involviment f'pożizzjonijiet derivattivi jew bi kwalunkwe mezz ieħor.

***2a. Il-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju jista' biss jissellef, joħroġ obbligi ta' dejn jew jipprovdi garanziji, fil-livell tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika, meta dan is-self, obbligi ta' dejn jew garanziji jkunu koperti minn impenji mhux mitluba.***

▌

### Artikolu 6

***1.*** Il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju għandhom jikkummerċjalizzaw l-unitajiet u l-ishma tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw esklużivament lil investituri li jitqiesu li huma klijenti professjonali skont it-Taqsima I tal-Anness II tad-Direttiva 2004/39/KE jew jistgħu, meta jintalab hekk, ikunu ttrattati bħala klijenti professjonali skont it-Taqsima II tal-Anness II tad-Direttiva 2004/39/KE, jew lil investituri oħra meta:

(a) dawk l-investituri l-oħra jimpenjaw li jinvestu minimu ta' EUR 100 000; ***u***

(b) dawk l-investituri l-oħra jiddikjaraw bil-miktub, f'dokument separat mill-kuntratt li jrid jiġi konkluż għall-impenn li jinvestu, li huma mgħarrfa rigward ir-riskji assoċjati mal-impenn jew l-investiment previst**.**

▌

***2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal investimenti li jsiru minn diriġenti eżekuttivi, diretturi jew impjegati involuti fil-ġestjoni ta' maniġer ta' fondi ta' kapital ta' riskju meta dawn jinvestu f'fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw li huma jmexxu.***

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

Artikolu 7

Il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju għandhom, fir-rigward tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw ġestiti minnhom:

(a) jaġixxu ***onestament***, b'ħila, reqqa u kawtela xierqa ***u b'mod ġust*** fit-tmexxija tal-attivitajiet tagħhom;

(b) japplikaw politiki u proċeduri xierqa biex ikunu evitati abbużi li raġonevolment jistgħu jkunu mistennija jaffettwaw l-interessi tal-investituri u l-impriżi li jikkwalifikaw fil-portafoll;

(c) iwettqu l-attivitajiet tan-negozju tagħhom b'mod li jippromwovu l-aħjar interessi tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw li huma jiġġestixxu, l-investituri f'dawk il-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw li huma jiġġestixxu u l-integrità tas-suq;

(d) japplikaw livell għoli ta' kawtela fl-għażla u l-monitoraġġ kontinwu tal-investimenti fl-impriżi li jikkwalifikaw fil-portafoll;

(e) ikollhom għarfien u fehim xierqa rigward l-impriżi li jikkwalifikaw fil-portafoll li fihom jinvestu***;***

***(ea) jittrattaw lill-investituri b'mod ekwu;***

***(eb) jiżguraw li l-ebda investitur ma jikseb trattament preferenzjali, sakemm tali trattament preferenzjali ma jiġix żvelat fir-regoli jew l-istrumenti tal-inkorporazzjoni tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika.***

***Artikolu 7a***

***1. Fejn il-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju għandu l-ħsieb jiddelega funzjonijiet lil partijiet terzi, ir-responsabilità tal-maniġer lejn il-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika u l-investituri tiegħu m'għandhiex tkun affettwata mill-fatt li l-maniġer ikun iddelega funzjonijiet lil parti terza, lanqas m'għandu l-maniġer jiddelega sal-punt fejn, essenzjalment, ma jkunx jista' jitqies aktar bħala l-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika u sal-punt li jkun sar entità tal-kaxxa tal-ittri.***

***2. Id-delega ta' funzjonijiet ma għandhiex iddgħajjef l-effikaċja tas-superviżjoni tal-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju u, b'mod partikolari m'għandhiex tipprevjeni lill-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju milli jaġixxi, jew il-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika milli jiġi ġestit, fl-aħjar interessi tal-investituri tiegħu.***

Artikolu 8

1. Il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju għandhom jidentifikaw u jevitaw il-kunflitti ta' interess u, meta dawn ma jistgħux ikunu evitati, jiġġestixxu u jimmonitorjaw u, skont il-paragrafu 4, jiżvelaw ***minnufih***, dawk il-kunflitti ta' interess sabiex ma jitħallewx jaffettwaw ħażin l-interessi tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw u l-investituri tagħhom u biex jiżguraw li l-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw ġestiti minnhom jiġu ttrattati b'mod ġust.

2. Il-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju għandu jidentifika b'mod partikolari dawk il-kunflitti ta' interess li jistgħu jitnisslu bejn:

(a) il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju, dawk il-persuni li effettivament iwettqu n-negozju tal-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju, l-impjegati jew kwalunkwe persuna li direttament jew indirettament jikkontrollaw jew huma kkontrollati mill-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju, u l-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika ġestit mill-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju jew l-investituri f'dawk il-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw;

(b) il-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika jew l-investituri f'dak il-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika, u fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika ieħor ġestit mill-istess maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju jew l-investituri f'dak il-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika l-ieħor***;***

***(ba) il-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika jew l-investituri f'dak il-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika, u impriża ta' investiment kollettiv jew UCITS ġestiti mill-istess maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika jew l-investituri f'dik l-impriża ta' investiment kollettiv jew UCITS.***

3. Il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju għandhom iżommu u joperaw arranġamenti organizzattivi u amministrattivi effettivi sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2.

4. Għandhom jiġu żvelati kunflitti ta' interess kif imsemmi fil-paragrafu 1, meta l-arranġamenti organizzattivi magħmula mill-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju biex jidentifika, jevita, jiġġestixxi u jimmonitorja l-kunflitti ta' interess ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw, b'fiduċja raġonevoli, li riskji ta' ħsara għall-interessi tal-investituri se jkunu evitati. Il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju għandhom jiżvelaw b'mod ċar in-natura jew is-sorsi tal-kunflitti ta' interess lill-investituri qabel iwettqu n-negozju f'isimhom.

5. Il-Kummissjoni għandha tkun tista' tadotta atti ddelegati skont il-miżuri tal-Artikolu 23 u tispeċifika:

(a) it-tipi ta' kunflitti ta' interess kif imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(b) il-passi li l-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju ***għandhom iwettqu***, f'termini tal-istrutturi u l-proċeduri organizzattivi u amministrattivi sabiex jidentifikaw, jevitaw, jiġġestixxu, jimmonitorjaw u jiżvelaw il-kunflitti ta' interess.

Artikolu 9

Fi kwalunkwe ħin, il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju għandu jkollhom biżżejjed fondi tagħhom stess u jużaw riżorsi umani u tekniċi adegwati u adattati kif ikun meħtieġ għall-ġestjoni xierqa tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw.

***Għandha tkun ir-responsabilità tal-maniġers ta' fond ta' kapital ta' riskju, f'kull żmien, li jiżguraw li jkunu jistgħu jiġġustifikaw li l-fondi tagħhom huma suffiċjenti biex iżommu kontinwità operattiva u jiddivulgaw ir-raġunament tagħhom li juri dwar kif dawn il-fondi huma biżżejjed kif speċifikat fl-Artikolu 12.***

Artikolu 10

Ir-regoli għall-valutazzjoni tal-assi għandhom ikunu stabbiliti ***fir-regoli u l-istrumenti ta' inkorporazzjoni*** tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika ***u għandhom jiżguraw proċess ta' valutazzjoni tajjeb u trasparenti.***

***Il-proċeduri ta' valutazzjoni użati għandhom jiżguraw li l-assi jingħataw valur xieraq, u li l-valur tal-assi jkun ikkalkulat għall-inqas darba fis-sena.***

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

Artikolu 11

1. Il-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju għandu jagħmel rapport annwali disponibbli għall-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għal kull fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika li jkun ġestit mhux aktar tard minn 6 xhur wara t-tmiem tas-sena finanzjarja. Ir-rapport għandu jiddeskrivi l-kompożizzjoni tal-portafoll tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika u l-attivitajiet tas-sena li tkun għaddiet. ***Għandu jinkludi wkoll divulgazzjoni tal-profitti tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika sa tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu u, fejn applikabbli, divulgazzjoni tal-profitti mqassma matul iċ-ċiklu ta' ħajja tiegħu.*** Dan irid jinkludi l-kontijiet finanzjarji awditjati għall-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika. ***L-awditu għandu jikkonferma li l-flus u l-assi huma miżmuma f'isem il-fond u li l-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju jkun stabbilixxa u żamm rekords u kontrolli adegwati fir-rigward tal-użu ta' kwalunkwe mandat jew kontroll fuq il-flus u l-assi tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika u tal-investituri tiegħu u għandu jsir għall-inqas darba fis-sena. Ir-rapport annwali*** għandu jsir skont l-istandards tar-rappurtar eżistenti u t-termini miftehma bejn il-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju u l-investituri. Il-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju għandu jipprovdi r-rapport lill-investituri meta dan jintalab. Il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju u l-investituri jistgħu jiftiehmu bejniethom ***li jiżvelaw aktar lil xulxin***.

2. Meta l-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju jkun meħtieġ jippubblika rapport finanzjarju annwali skont id-Direttiva 2004/109/KE ***tal-15 ta' Diċembru 2004*** dwar l-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' trasparenza f'dak li għandu x'jaqsam ma' informazzjoni dwar emittenti li t-titoli tagħhom huma ammessi għall-kummerċ f'suq regolat ([1]) fir-rigward tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' tkun ipprovduta jew separatament jew bħala parti addizzjonali tar-rapport finanzjarju annwali.

Artikolu 12

1. Il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju għandhom***, fir-rigward tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw,*** jinfurmaw lill-investituri tagħhom***, b'mod ċar u li jinftiehem,*** dwar l-elementi li ġejjin qabel id-deċiżjoni tal-investiment tagħhom:

(a) l-identità tal-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju u kwalunkwe fornituri ta' servizzi oħra kuntrattati mill-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju fir-rigward tal-ġestjoni tagħhom tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw, u deskrizzjoni tad-dmirijiet tagħhom;

***(aa) l-ammont ta' fondi proprji disponibbli għall-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju, kif ukoll bħala dikjarazzjoni dettaljata dwar ir-raġuni li għaliha l-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju jqis li dawn il-fondi proprji huma biżżejjed biex iżommu r-riżorsi umani u tekniċi meħtieġa għat-tmexxija xierqa tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw;***

(b) deskrizzjoni tal-istrateġija u l-objettivi tal-investiment tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw, inklużi***:***

***(i) it-tipi*** tal-impriżi li jikkwalifikaw fil-portafoll ***li fihom għandu l-ħsieb li jinvesti;***

***(ii) kwalunkwe*** ▌ ***fond*** ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika ***ieħor li fih għandu l-ħsieb li jinvesti;***

***(iii) it-tipi ta' impriżi li jikkwalifikaw fil-portafoll li fih kwalunkwe fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika ieħor, kif imsemmi fil-punt (ii), għandu l-ħsieb li jinvesti;***

***(iv) investimenti li ma jikkwalifikawx li għandu l-ħsieb li jagħmel;***

([1]) ĠU L 390, tal-31.12.2004, p. 38.

*(v)* ▌ it-tekniki li ***għandu l-ħsieb li*** jhaddem***;*** u

***(vi)*** kwalunkwe restrizzjoni tal-investiment applikabbli;

(c) deskrizzjoni tal-profil tar-riskju tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika u kwalunkwe riskji assoċjati mal-assi li fihom jista' jinvesti l-fond jew it-tekniki tal-investiment li jistgħu jkunu użati;

(d) deskrizzjoni tal-proċedura tal-valutazzjoni tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika u l-metodoloġija tal-ipprezzar għall-valutazzjoni tal-assi, inklużi l-metodi użati għall-valutazzjoni tal-impriżi li jikkwalifikaw fil-portafoll;

(e) deskrizzjoni ta' kif hija kkalkulata r-remunerazzjoni tal-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju;

(f) deskrizzjoni ▌ l-ispejjeż ***rilevanti*** kollha u l-ammonti massimi tagħhom ▌;

(g) meta tkun disponibbli, il-prestazzjoni storika tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika;

***(ga) is-servizzi ta' appoġġ tan-negozji u l-attivitajiet ta' appoġġ l-oħrajn li l-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika qed jipprovdi jew iforni permezz ta' partijiet terzi sabiex jiffaċilita l-iżvilupp, it-tkabbir jew b'xi mod ieħor l-operazzjonijiet kurrenti tal-impriżi li jikkwalifikaw fil-portafoll li fihom il-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika jinvesti jew inkella, fejn dawn is-servizzi jew l-attivitajiet ma jkunux ipprovduti spjegazzjoni dwar dak il-fatt;***

(h) deskrizzjoni tal-proċeduri li bihom il-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika jista' jibdel l-istrateġija tal-investiment jew il-politika tal-investiment tiegħu, jew it-tnejn.

***1a. It-tagħrif kollu kif imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun ġust, ċar u ma jiżgwidax. Għandu jinżamm aġġornat u jiġi revedut b'mod regolari fejn relevanti.***

2. Meta l-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika jkun meħtieġ jippubblika prospett skont id-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ ([1]) jew skont il-liġi nazzjonali fir-rigward tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu tista' tingħata jew separatament jew bħala parti mill-prospectus.

## KAPITOLU III

## SUPERVIŻJONI, KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA

### Artikolu 13

1. Il-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju li għandhom l-intenzjoni li jużaw id-denominazzjoni '***EuVECA***' għall-kummerċjalizzazzjoni tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw tagħhom għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tagħhom rigward din l-intenzjoni u għandhom jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identità tal-persuni li effettivament iwettqu n-negozju tal-ġestjoni tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw;

(b) l-identità tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw li l-unitajiet jew l-ishma tagħhom se jkunu kkummerċjalizzati u l-istrateġiji tal-investiment tagħhom;

([1]) ĠU L 345, tal-31.12.2003, p. 64.

(c) l-informazzjoni dwar l-arranġamenti magħmula għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Kapitolu II;

(d) lista tal-Istati Membri fejn il-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju għandu l-intenzjoni li jikkummerċjalizza kull fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika***;***

***(da) lista ta' Stati Membri u pajjiżi terzi fejn il-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju EuSEF waqqaf, jew għandu l-ħsieb li jwaqqaf, fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika***.

2. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru domiċiljari tirreġistra l-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju biss jekk ***jintlaħqu l-kondizzjonijiet segwenti:***

***(-a) il-persuni li jmexxu effettivament in-negozju ta' maniġment ta' fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika jkunu ta' reputazzjoni tajba biżżejjed u esperjenzati biżżejjed ukoll fir-rigward tat-tip ta' strateġiji ta' investiment li qed juża l-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika;***

(a) l-informazzjoni meħtieġa skont il-paragrafu 1 tkun kompluta***;***

(b) l-arranġamenti nnotifikati skont il-punt (c) tal-paragrafu 1 jkunu adattati sabiex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-Kapitolu II***;***

***(ba) il-lista notifikata skont il-punt (e) tal-paragrafu 1 turi li l-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw kollha huma stabbiliti bi qbil mal-Artikolu 3(1)(a)(iii) ta' dan ir-Regolament.***

3. Ir-reġistrazzjoni għandha tkun valida għat-territorju kollu tal-Unjoni u għandha tippermetti lill-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkummerċjalizzaw il-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw skont id-denominazzjoni '***EuVECA***' fl-Unjoni kollha.

Artikolu 14

Il-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju għandu jinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju meta l-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju jkollu l-intenzjoni li jikkummerċjalizza:

(a) fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika ġdid;

(b) fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika eżistenti fi Stat Membru mhux imsemmi fil-lista msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 13(1).

Artikolu 15

1. Immedjatament wara r-reġistrazzjoni ta' maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju, ***iż-żieda ta' fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika ġdid, iż-żieda ta' domiċilju ġdid għat-twaqqif ta' fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika jew iż-żieda ta' Stat Membru ġdid fejn il-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju għandu l-ħsieb li jikkummerċjalizza fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw***, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tinnotifika ***dan lill-maniġer*** tal-fond ta' kapital ta' riskju huwa rreġistrat lill-Istati Membri indikati skont il-punt (d) tal-Artikolu 13(1) u lill-AETS.

2. L-Istati Membri ospitanti indikati skont il-punt (d) tal-Artikolu 13(1) m'għandhomx jimponu, fuq il-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju rreġistrat skont l-Artikolu 13, xi rekwiżiti jew proċeduri amministrattivi fir-rigward tal-kummerċjalizzazzjoni tal-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw tiegħu, u lanqas m'għandhom jirrikjedu xi approvazzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni qabel isseħħ.

3. Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu, l-AETS għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni biex tiddetermina l-format tan-notifika.

4. L-AETS għandha tissottometti dan l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa … ***(*)***.

5. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa tadotta l-abbozz ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Artikolu 16

L-AETS għandha żżomm aġġornata database ċentrali, aċċessibbli fuq l-internet, li telenka l-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju kollha rreġistrat fl-Unjoni skont dan ir-Regolament ***u l-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw ikkummerċjalizzaw minnhom kif ukoll il-pajjiżi li fihom ikunu kkummerċjalizzati***.

Artikolu 17

***1.*** L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha tissorvelja l-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

***1a. Meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti jkollha raġunijiet ċari u li jistgħu jiġu ppruvati biex temmen li maniġer ta' impriża ta' kapital ta' riskju jkun kiser dan ir-Regolament fi ħdan it-territorju tagħha, din għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju b'dan, li għandha tieħu miżuri xierqa.***

***1b. Jekk, minkejja l-miżuri meħuda mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju jew jekk l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tonqos milli tieħu azzjoni fi żmien raġonevoli, jew il-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju jkompli jaġixxi b'mod li jkun ċar li jinsab f'konflitt ma' dan ir-Regolament, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista', bħala konsegwenza u wara li tinforma l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju, tieħu l-miżuri xierqa kollha meħtieġa sabiex tipproteġi l-investituri, inkluża l-possibilità li żżomm il-maniġer ikkonċernat milli jwettaq kwalunkwe kummerċjalizzazzjoni ulterjuri tal-fondi ta' kapital ta' riskju tiegħu fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti.***

Artikolu 18

L-awtoritajiet kompetenti, f'konformità mal-liġi nazzjonali, għandu jkollhom is-setgħat superviżorji u investigattivi kollha li huma meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom. B'mod partikolari huma għandhom ikollhom is-setgħa li:

(a) jitolbu l-aċċess għal kwalunkwe dokument fi kwalunkwe forma, u li jirċievu jew jieħdu kopja tiegħu;

(b) jirrikjedu lill-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju li jipprovdi l-informazzjoni mingħajr dewmien;

(c) jirrikjedu informazzjoni mingħand kwalunkwe persuna relatata mal-attivitajiet tal-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju jew il-fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika;

(d) iwettqu spezzjonijiet fuq il-post b'avviż minn qabel jew mingħajru;

***(da) jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżguraw li maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju ikompli jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament;***

(*) Disa' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

(e) joħorġu ordni sabiex jiżguraw li l-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u ma jkomplix jikser dan ir-Regolament.

Artikolu 19

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar ***is-sanzjonijiet u l-miżuri*** ▌ amministrattivi applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom iwettqu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li huma jiġu implimentati. ***Is-sanzjonijiet u l-miżuri*** ▌ speċifikati jkunu effikaċi, proporzjonati u dissważivi.

2. Sa … (*) l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw ir-regoli msemmija fil-paragrafu 1 lill-Kummissjoni u l-AETS. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u l-AETS mingħajr dewmien rigward kwalunkwe emenda sussegwenti għalihom.

Artikolu 20

1. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha***, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju ta' proporzjonalità,*** twettaq il-miżuri xierqa msemmija fil-paragrafu 2 meta maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju:

(a) jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti li japplikaw għall-kompożizzjoni tal-portafoll bi ksur tal-Artikolu 5;

(b) ***jikkummerċjalizza, bi ksur tal-Artikolu 6, l-unitajiet u l-ishma ta' fond*** ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika lil investituri ***mhux*** eliġibbli ▌;

(c) ***juża d-denominazzjoni 'EuVECA' mingħajr ma jkun irreġistrat*** mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju tiegħu ***skont l-Artikolu 13;***

***(ca) juża d-denominazzjoni 'EuVECA' biex jikkummerċjalizza fondi li mhumiex stabbiliti bi qbil mal-Artikolu 3(1)(a)(iii) ta' dan ir-Regolament;***

***(cb) jakkwista reġistrazzjoni permezz ta' dikjarazzjonijiet foloz jew b'xi mod irregolari ieħor bi ksur tal-Artikolu 13;***

***(cc) jonqos milli jaġixxi onestament, bil-ħila, ir-reqqa u l-kawtela xierqa u b'mod ġust fit-twettiq tal-attivitajiet tagħhom bi ksur tal-Artikolu 7(a);***

***(cd) jonqos milli japplika politiki u proċeduri xierqa biex jevita prattiki ħżiena bi ksur tal-Artikolu 7(b);***

***(ce) repetutament jonqos milli jikkonforma mar-rekwiżiti tal-Artikolu 11 dwar ir-rapport annwali;***

***(cf) repetutament jonqos milli jikkonforma mal-obbligu li jinforma lill-investituri bi qbil mal-Artikolu 12.***

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ta' domiċilju għandha twettaq il-miżuri li ġejjin, kif jixraq:

***(-a) tieħu l-miżuri li jiżguraw li l-maniġer ta' fond ta' kapital ta' riskju jikkonforma mal-Artikoli 3(a)(iii), 5, 6, 7(a), 7(b), 11, 12 u 13 ta' dan ir-Regolament;***

(*) 24-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

(a) tipprojbixxi l-użu tad-denominazzjoni '***EuVECA***' ***u*** tneħħi lill-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju mir-reġistru.

3. L-awtorità kompetenti tal-Istati Membri ta' domiċilju għandha tinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ospitanti indikati skont il-punt (d) tal-Artikolu 13(1) ***u l-AETS mingħajr dewmien*** dwar it-tneħħija tal-maniġer tal-fond ta' kapital ta' riskju mir-reġistru msemmi ***fil-punt (a)*** tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

4. Id-dritt li jkun ikkummerċjalizzat fond ta' kapital ta' riskju li jikkwalifika wieħed jew aktar skont id-denominazzjoni '***EuVECA***' fl-Unjoni jiskadi b'effett immedjat mid-data tad-deċiżjoni tal-awtorità kompetenti msemmija ***fil-punt (a)*** tal-paragrafu 2.

### Artikolu 21

1. L-awtoritajiet kompetenti u l-AETS għandhom jikkoperaw ma' xulxin ▌ għall-finijiet tat-twettiq tad-dmirijiet rispettivi tagħhom taħt dan ir-Regolament ***skont ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010***.

2. ***L-awtoritajiet kompetenti u l-AETS*** għandhom jiskambjaw l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa ***biex iwettqu d-dmirijiet rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament bi qbil mar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, b'mod partikolari*** biex jiġi identifikat u rimedjat kull ksur ta' dan ir-Regolament.

### Artikolu 22

1. Il-persuni kollha li jaħdmu jew li ħadmu għall-awtoritajiet kompetenti jew l-AETS, kif ukoll l-awdituri u l-esperti li jingħataw struzzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti, huma marbutin bl-obbligu ta' segretezza professjonali. L-ebda informazzjoni kunfidenzjali li dawn il-persuni jirċievu matul it-twettiq tad-dmirijiet tagħhom m'għandha tkun żvelata lil xi persuna jew awtorità, ħlief f'forma sommarja jew aggregata b'tali mod li l-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju u l-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw ma jkunux jistgħu jiġu identifikati individwalment, mingħajr preġudizzju għall-każijiet koperti mil-liġi kriminali u l-proċeduri skont dan ir-Regolament.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew l-AETS m'għandhomx jinżammu milli jiskambjaw l-informazzjoni skont dan ir-Regolament jew liġijiet oħra tal-Unjoni applikabbli għall-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju u l-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw.

3. Meta l-awtoritajiet kompetenti u l-AETS jirċievu informazzjoni kunfidenzjali skont il-paragrafu 2, huma jistgħu jużawha biss fit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom jew għall-finijiet tal-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji.

### ***Artikolu 22a***

### ***Soluzzjoni ta' tilwim***

***Fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri dwar xi evalwazzjoni, azzjoni jew omissjoni ta' xi waħda mill-awtorità kompetenti f'oqsma fejn dan ir-Regolament jitlob kooperazzjoni jew koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti minn aktar minn Stat Membru wieħed, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirreferu l-kwistjoni lill-AETS, li tista' taġixxi permezz tas-setgħat mogħtija lilha skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, sakemm dan in-nuqqas ta' qbil ma jkunx relatat mal-Artikolu 3(a)(iii) jew l-Artikolu 3(d)(iv) ta' dan ir-Regolament.***

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

KAPITOLU IV

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U FINALI

Artikolu 23

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemmija ▌fl-Artikolu 8(5) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' erba' snin mid-data … (*). Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delegazzjoni tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' erba' snin. Id-delegazzjoni tas-setgħa għandha tkun estiża taċitament għal perjodi tal-istess tul, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux tali estensjoni mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemmija ▌fl-Artikolu 8(5) tista' tkun irrevokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delegazzjoni tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Hija m'għandhiex taffettwa l-validità ta' xi att iddelegat diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont ▌l-Artikolu 8(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' ta' ***tliet xhur*** min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ikunu t-tnejn għarrfu lill-Kummissjoni li huma mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż ***bi tliet xhur*** b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 24

1. Sa mhux aktar tard minn erba' snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrevedi dan ir-Regolament. Ir-reviżjoni għandha tinkludi stħarriġ ġenerali tal-funzjonament tar-regoli f'dan ir-Regolament u l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tagħhom, inklużi:

(a) il-punt sa fejn id-denominazzjoni '***EuVECA***' intużat mill-maniġers tal-fondi ta' kapital ta' riskju fi Stati Membri differenti, kemm fuq bażi nazzjonali kemm fuq bażi transkonfinali;

***(aa) il-pożizzjoni ġeografika tal-fondi ta' kapital ta' riskju u jekk humiex meħtieġa miżuri addizzjonali li jiżguraw li l-fondi ta' kapital ta' riskju li jikkwalifikaw huma stabbiliti bi qbil mal-Artikolu 3(a)(iii);***

***(ab) id-distribuzzjoni ġeografika u settorjali tal-investimenti mwettqa mill-fondi ta' kapital ta' riskju Ewropej;***

***(ac) l-użu tal-investimenti li jikkwalifikaw differenti mill-maniġers ta' fondi ta' kapital ta' riskju u b'mod partikolari jekk hemmx bżonn li jiġu aġġustati l-investimenti li jikkwalifikaw f'dan ir-Regolament;***

(b) ***il-possibilità li l-kummerċjalizzazzjoni tal-fondi ta' kapital ta' riskju Ewropej tkun estiża għal investituri bl-imnut***;

(*) Dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

***(ba) kemm hu xieraq li dan ir-Regolament ikun kumplimentat b'reġim depożitarju;***

***(bb) l-adegwatezza tar-rekwiżiti tal-informazzjoni skont l-Artikolu 12, b'mod partikolari jekk dawn humiex suffiċjenti biex jippermettu li l-investituri jieħdu deċizjoni infurmata dwar investiment;***

***(bc) l-effikaċja, il-proporzjonalità u l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet u l-miżuri amministrattivi provduti mill-Istati Membri bi qbil ma' dan ir-Regolament;***

***(bd) l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq is-suq tal-kapital ta' riskju;***

***(be) evalwazzjoni ta' kwalunikwe ostaklu li jista' jimpedixxi li investituri jutilizzaw il-fondi, inkluż l-impatt fuq investituri istituzzjonali ta' leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni ta' natura prudenzjali.;***

2. ***Wara r-reviżjoni msemmi fil-paragrafu 1 u wara*** konsultazzjoni mal-AETS, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien, jekk dan ikun xieraq, ma' proposta leġiżlattiva.

***Artikolu 24a***

***1. Sat-22 ta' Lulju 2017, il-Kummissjoni għandha tibda reviżjoni tal-interazzjoni bejn dan ir-Regolament u regoli oħra dwar impriżi ta' investiment kollettiv u tal-maniġers tagħhom, speċjalment dawk tad-Direttiva 2011/61/UE. Din ir-reviżjoni għandha tindirizza l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Se tiġbor data biex tivvaluta jekk hux meħtieġ li l-kamp ta' applikazzjoni jiġi estiż biex jippermetti li l-maniġers li jimmaniġjaw fondi ta' kapital ta' riskju li l-assi totali tagħhom jeċċedu l-limitu provdut fl-Artikolu 2(1) isiru maniġers ta' fondi ta' kapital ta' riskju bi qbil ma' dan ir-Regolament.***

***2. Wara r-reviżjoni msemmi fil-paragrafu 1 u wara konsultazzjoni mal-AETS, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill flimkien, jekk dan ikun xieraq, ma' proposta leġiżlattiva.***

Artikolu 25

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Huwa għandu japplika mit-22 ta' Lulju 2013, ħlief ▌għall-Artikolu 8(5), li għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi …

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

# L-implimentazzjoni tal-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-UE u l-Kolombja u l-Perù ***I

P7_TA(2012)0347

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawsola ta' slavagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Peru (COM(2011)0600 – C7-0307/2011 – 2011/0262(COD))** [1]

(2013/C 353 E/51)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(3a) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti strumenti ta' salvagwardja xierqa biex tkun evitata ħsara serja lill-kultivazzjoni tal-Unjoni tal-banana, settur ta' importanza kbira fil-produzzjoni agrikola finali ta' ħafna mir-reġjuni ultraperiferiċi. Il-kapaċità limitata ta' diversifikazzjoni ta' dawn ir-reġjuni, konsegwenza tal-karatteristiċi naturali tagħhom, twassal biex is-settur tal-banana jkun settur partikolarment vulnerabbli. Għalhekk huwa essenzjali li jinħolqu mekkaniżmi effikaċi biex jindirizzaw l-importazzjonijiet preferenzjali minn pajjiżi terzi, sabiex jiġi garantit li l-produzzjoni tal-Unjoni tal-banana, li huwa settur kruċjali tal-impjieg speċjalment fir-reġjuni ultraperiferiċi, jinżamm f'kundizzjonijiet ottimi.* |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | *(4a) Il-monitoraġġ mill-qrib tal-importazzjonijiet tal-banana se jiffaċilita kwalunkwe deċiżjoni f'waqtha rigward l-attivazzjoni tal-mekkaniżmu ta' stabilizzazzjoni għall-banana, it-tnedija ta' investigazzjoni jew l-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tintensifika l-monitoraġġ regolari tal-importazzjonijiet fis-settur tal-banana mid-data tal-applikazzjoni tal-Ftehim.* |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (5) Il-miżuri ta' salvagwardja għandhom jitqiesu biss jekk il-prodott ikkonċernat jiġi importat fl-Unjoni fi kwantitajiet daqstant ikbar min-normal, f'termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni tal-Unjoni, u f'kundizzjonijiet li jikkawża, jew jhedded li jikkawża, dannu serju lill-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jkunu f'kompetizzjoni diretta kif stabbilit fl-Artikolu 48 tal-Ftehim. | (5) Il-miżuri ta' salvagwardja għandhom jitqiesu biss jekk il-prodott ikkonċernat jiġi importat fl-Unjoni fi kwantitajiet daqstant ikbar min-normal, f'termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni tal-Unjoni, u f'kundizzjonijiet li jikkawża, jew jhedded li jikkawża, dannu serju lill-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jkunu f'kompetizzjoni diretta kif stabbilit fl-Artikolu 48 tal-Ftehim. ***Skont l-Artikolu 349 tat-Trattat*** |

[1] Il-każ kien riferut lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa' jiġi kkunsidrat skont it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 57(2) (A7-0249/2012).

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fir-rigward tal-prodotti u s-setturi ekonomiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, għandhom jiġu introdotti miżuri ta' salvagwardja malli importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott ikkonċernat jikkaġunaw jew jheddu li jikkaġunaw ħsara lill-produtturi ta' prodotti simili jew prodotti direttament kompetittivi fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(5a) Dannu serju jew theddida ta' dannu serju lill-produtturi tal-Unjoni jista' jiġi kkaġunat ukoll minħabba n-nuqqas ta' osservanza ta' obbligi speċifiċi tat-Titolu IX dwar "Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli" tal-Ftehim – b'mod partikolari fir-rigward tal-istandards soċjali u ambjentali stipulati fih.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| | |
|---|---|
| (6) Il-miżuri ta' salvagwardja għandhom ikunu minn fost dawk it-tipi msemmija fl-Artikolu 50 tal-Ftehim. | (6) Il-miżuri ta' salvagwardja għandhom ikunu minn fost dawk it-tipi msemmija fl-Artikolu 50 tal-Ftehim. ***Għandhom jiġu previsti miżuri speċifiċi ta' salvagwardja meta l-prodotti u s-setturi ekonomiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi jsibu rwieħom mhedda, skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(7a) Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim u l-applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana, li għandu jinkludi statistika aġġornata u affidabbli dwar l-importazzjonijiet mill-Kolombja u l-Perù u valutazzjoni tal-impatt tagħhom fuq il-prezzijiet tas-suq, l-impjiegi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Unjoni u l-iżvilupp tas-settur ta' produzzjoni tal-Unjoni, b'attenzjoni speċjali għall-produtturi u l-kooperattivi żgħar. Il-Kummissjoni għandha tagħmel l-almu tagħha biex tinkludi analiżi tal-impatt tal-Ftehim u ta' dan ir-Regolament dwar il-produzzjoni u l-konsum organiċi fl-Unjoni u l-flussi ta' Kummerċ Ġust bejn il-partijiet kollha tal-Ftehim.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7b (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(7b) L-isfidi straordinarji fil-Kolombja u l-Perù fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, soċjali, tax-xogħol u ambjentali inkonnessjoni ma' prodotti mill-Kolombja u l-Perù jitolbu djalogu mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-UE.*** |

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (8) Għandu jkun hemm dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-ftuħ tal-proċedimenti. Il-Kummissjoni għandha tirċievi tagħrif li jinkludi l-evidenza disponibbli mill-Istati Membri dwar kull xejra fl-importazzjonijiet li tista' teħtieġ l-applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja. | (8) Għandu jkun hemm dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-ftuħ tal-proċedimenti. Il-Kummissjoni għandha tirċievi tagħrif li jinkludi l-evidenza disponibbli mill-Istati Membri ***u partijiet interessati u għandha titlob mis-setturi involuti, tagħrif*** dwar kull xejra fl-importazzjonijiet li tista' teħtieġ l-applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(8a) Fil-każ li l-Parlament Ewropew jadotta rakkomandazzjoni għall-ftuħ ta' investigazzjoni ta' salvagwardja, il-Kummissjoni se teżamina bir-reqqa jekk ġewx sodisfatti l-kundizzjonijiet tar-Regolament għal ftuħ ex-officio. Fil-każ li l-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet ma ġewx sodisfatti, hi se tippreżenta rapport lill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew li jinkludi spjegazzjoni tal-fatturi kollha relevanti għall-ftuħ ta' investigazzjoni bħal din.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(10a) Il-kompiti ta' segwitu u reviżjoni tal-Ftehim u, jekk ikun meħtieġ, l-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja għandhom isiru bl-aktar mod trasparenti possibbli u bl-involviment tas-soċjetà ċivili. Għal dak il-għan, jeħtieġ li l-kumitati tal-Unjoni għall-impjieg u l-ambjent jew għall-iżvilupp sostenibbli jkunu inklużi f'kull stadju tal-proċess.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10b (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(10b) F'xi każijiet, żieda fl-importazzjonijiet ikkonċentrata f'wieħed jew aktar mir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni tista' tikkaġuna jew thedded li tikkaġuna deterjorament serju fis-sitwazzjoni ekonomika tiegħu jew tagħhom. Fil-każ li jkun hemm żieda fl-importazzjonijiet ikkonċentrata f'wieħed jew aktar mir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, il-Kummissjoni tista' tintroduċi miżuri ta' sorveljanza preċedenti.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (14) Miżuri ta' salvagwardja għandhom jiġu applikati biss sa fejn, u għal tant żmien, kif jista' jinħtieġ biex ma jsirx dannu serju u biex jiġi ffaċilitat l-aġġustament. It-tul ta' żmien massimu tal-miżuri ta' salvagwardja għandu jkun iddeterminat u għandhom jiġu stipulati dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-estensjoni u r-reviżjoni ta' dawn il-miżuri, kif imsemmi fl-Artikolu 52 tal-Ftehim. | (14) Miżuri ta' salvagwardja għandhom jiġu applikati biss sa fejn, u għal tant żmien, kif jista' jinħtieġ biex ma jsirx dannu serju u biex jiġi ffaċilitat l-aġġustament. It-tul ta' żmien massimu tal-miżuri ta' salvagwardja għandu jkun iddeterminat u għandhom jiġu stipulati dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-estensjoni u r-reviżjoni ta' dawn il-miżuri, kif imsemmi fl-Artikolu 52 tal-Ftehim. ***Fir-rigward ta' miżuri ta' salvagwardja mdaħħla biex*** |

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |
| | *jitħarsu l-produzzjoni u s-servizzi ekonomiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, għandhom japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.* |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14a (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | *(14a) Il-monitoraġġ mill-qrib għandu jiffaċilita kwalunkwe deċiżjoni f'waqtha dwar il-ftuħ possibbli ta' investigazzjoni jew l-impożizzjoni ta' miżuri. Għalhekk, il-Kummissjoni għandha tissorvelja b'mod regolari l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet f'setturi sensittivi, bħalma hu tal-banana, mid-data ta' applikazzjoni tal-Ftehim.* |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14b (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | *(14b) Jeħtieġ li ssir insistenza dwar l-importanza tal-konformità mal-istandards internazzjonali tax-xogħol imfassla u sorveljati mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol. Id-difiża tax-xogħol deċenti għal kulħadd għandha tkun prijorità assoluta u l-banana impurtata mill-Kolombja u mill-Perù trid tkun tkabbret b'kundizzjonijiet salarjali ġusti u taħt kundizzjonijiet soċjali u ambjentali deċenti, sabiex jiġi żgurat li l-produtturi tal-Unjoni ma jkunux vittmi ta' dumping li ma jkunux jistgħu jikkumpensaw għalih, u li dan jikkomprometti b'mod definittiv il-kompetittività tagħhom fis-suq dinji tal-banana.* |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16a (ġdida)**

| | |
| --- | --- |
| | *(16a) Il-Kummissjoni għandha tagħmel użu diliġenti u effettiv tal-Mekkaniżmu ta' Stabbilizzazzjoni għall-Banana sabiex tiġi evitata theddida ta' deterjorament serju jew deterjorament serju għall-produtturi fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u, minn Jannar tal-2020, tuża strumenti eżistenti bħall-klawsola ta' salvagwardja jew, jekk meħtieġ, tibda' taħseb dwar l-iżvilupp ta' strumenti ġodda li, fil-każ ta' tfixkil serju tas-suq, se jagħmluha possibbli li tiġi ppreservata l-kompetittività ta' setturi ta' produzzjoni fl-Unjoni u partikolarment fir-reġjuni ultraperiferiċi.* |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt e a (ġdid)**

| | |
| --- | --- |
| | *(ea) "deterjorament serju" ifisser tfixkil sinifikanti f'settur jew f'industrija; "theddida ta' deterjorament serju" tfisser tfixkil sinfikanti imminenti b'mod ċar.* |

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *Artikolu 2a* |
| | *Monitoraġġ* |
| | ***1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-prodotti Kolombjani u Peruvjani, partikolarment f'setturi sensittivi, inkluż dak tal-banana. Għal dan il-għan, se tikkoopera u twettaq skambju ta' data b'mod regolari mal-Istati Membri u l-industrija tal-Unjoni u mal-partijiet interessati kollha.*** |
| | ***2. Fuq talba debitament iġġustifikata mill-industriji kkonċernati, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-monitoraġġ għal setturi oħra.*** |
| | ***3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali ta' monitoraġġ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar statistika aġġornata dwar l-importazzjonijiet mill-Kolombja u l-Perù ta' prodotti fis-setturi sensittivi u f'dawk is-setturi li għalihom ġie estiż il-monitoraġġ, inkluż dak tal-bannana.*** |
| | ***4. Fir-rapport ta' monitoraġġ tagħha, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-almu tagħha biex tinkludi r-rati ta' impjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-produtturi tal-banana fil-Kolombja u l-Perù sabiex jiġu evitati l-forom kollha ta' dumping.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2b (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *Artikolu 2b* |
| | *Djalogu dwar l-implimentazzjoni u l-impatt tal-Ftehim* |
| | ***Il-Kummissjoni għandha twaqqaf djalogu sistematiku mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-impatt tal-Ftehim.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. Għandha tinfetaħ investigazzjoni fuq talba ta' Stat Membru, minn kwalunkwe persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika, li tkun qed taġixxi f'isem l-industrija tal-Unjoni, jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jekk il-Kummissjoni jidhrilha li hemm biżżejjed evidenza prima facie, kif stabbilit abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 4(5), li tiġġustifika tali ftuħ. | 1. Għandha tinfetaħ investigazzjoni fuq talba ta' Stat Membru, minn kwalunkwe persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika, li tkun qed taġixxi f'isem l-industrija tal-Unjoni, ***mill-Parlament Ewropew*** jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jekk il-Kummissjoni jidhrilha li hemm biżżejjed evidenza prima facie, kif stabbilit abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 4(5), li tiġġustifika tali ftuħ. |

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 3. Tista' tinbeda wkoll investigazzjoni fil-każ li jkun hemm żieda qawwija tal-importazzjonijiet ikkonċentrati fi Stat Membru wieħed jew f'diversi Stati Membri, bil-kundizzjoni li jkun hemm biżżejjed evidenza prima facie li l-kundizzjonijiet għall-ftuħ ikunu ġew sodisfatti, kif stabbilit abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 4(5). | 3. Investigazzjoni tista' tinfetaħ ukoll fil-każ li jkun hemm żieda qawwija tal-importazzjonijiet ikkonċentrati fi Stat Membru wieħed jew f'għadd ta' Stati Membri ***jew reġjuni ultraperiferiċi,*** bil-kundizzjoni li jkun hemm biżżejjed evidenza prima facie li l-kundizzjonijiet għall-ftuħ ikunu ġew sodisfatti, kif stabbilit abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 4(5). |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 5. Fl-investigazzjoni l-Kummissjoni għandha tagħmel stima tal-fatturi kollha rilevanti ta' natura oġġettiva u kwantifikabbli li għandhom influwenza fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari, ir-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat f'termini assoluti u relattivi, is-sehem tas-suq domestiku meħud mill-importazzjonijiet żejda, it-tibdil fil-livell tal-bejgħ, il-produzzjoni, il-produttività, l-użu tal-kapaċità, il-qligħ u t-telf, u l-impjieg. Din il-lista mhix eżawrjenti u l-Kummissjoni tista' tqis fatturi oħra rilevanti meta tkun qed tiddetermina l-eżistenza ta' dannu serju jew theddida ta' dannu serju, bħalma huma l-istokkjiet, il-prezzijiet, ir-redditu fuq il-kapital użat, il-likwidità, u fatturi oħra li jkunu qed jikkawżaw jew li diġà jkunu kkawżaw dannu serju, jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija tal-Unjoni. | 5. Fl-investigazzjoni l-Kummissjoni għandha tagħmel stima tal-fatturi kollha rilevanti ta' natura oġġettiva u kwantifikabbli li għandhom influwenza fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari, ir-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat f'termini assoluti u relattivi, is-sehem tas-suq domestiku meħud mill-importazzjonijiet żejda, it-tibdil fil-livell tal-bejgħ, il-produzzjoni, il-produttività, l-użu tal-kapaċità, il-qligħ u t-telf, u l-impjieg ***u l-kundizzjonijiet tax-xogħol***. Din il-lista mhix eżawrjenti u l-Kummissjoni tista' tqis fatturi oħra relevanti meta tkun qed tistabbilixxi l-eżistenza ta' dannu serju jew theddida ta' dannu serju, bħalma huma l-istokkjiet, il-prezzijiet, ir-ritorn fuq il-kapital użat, il-likwidità, ***l-effetti fuq l-impjieg*** u fatturi oħra li jkunu qed jikkawżaw jew għandu mnejn ikkawżaw dannu serju, jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija tal-Unjoni. |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***5a. Barra minn hekk, fl-investigazzjoni l-Kummissjoni għandha tevalwa, l-osservanza mill-Kolombja u mill-Perù tal-istandards soċjali u ambjentali stipulati fit-Titolu IX tal-Ftehim u kwalunkwe konsegwenza fuq il-prezzijiet jew vantaġġ kompetittiv inġust li potenzjalment iwassal għal dannu serju jew theddida ta' dannu serju għall-produtturi jew setturi speċifiċi tal-ekonomija fl-Unjoni.*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 4. Qabel kull estensjoni skont il-paragrafu 3, għandha tinfetaħ investigazzjoni fuq talba ta' Stat Membru, minn kwalunkwe persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika, li tkun qed taġixxi f'isem l-industrija tal-Unjoni, jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jekk il-Kummissjoni jidhrilha li hemm biżżejjed provi prima facie, li huma sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 4(5). | 4. Qabel kull estensjoni skont il-paragrafu 3, għandha tinfetaħ investigazzjoni fuq talba ta' Stat Membru, minn kwalunkwe persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika, li tkun qed taġixxi f'isem l-industrija tal-Unjoni, ***mill-Parlament Ewropew*** jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jekk hemm biżżejjed provi prima facie, li huma sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 4(5). |

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *Artikolu 11a* |
| | *Rapport* |
| | *1. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim u ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' miżuri provviżorji u definittivi, miżuri ta' sorveljanza minn qabel, miżuri ta' sorveljanza u ta' salvagwardja reġjonali, it-tmiem ta' investigazzjonijiet mingħajr miżuri, u l-attivitajiet taddiversi korpi responsabbli għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim u l-issodisfar tal-obbligi li jitqajmu minnhom, inkluża l-informazzjoni li tingħata mill-partijiet interessati.* |
| | *2. Ir-rapport għandu jinkludi statistika aġġornata dwar l-importazzjonijiet tal-banana mill-Kolombja u l-Perù u l-impatt dirett u indirett tagħhom fuq l-iżvilupp tal-impjiegi u l-kundizzjonijiet ta' ħidma fis-settur tal-produzzjoni tal-Unjoni.* |
| | *3. Taqsimiet speċjali tar-rapport għandhom jivvalutaw it-twettiq tal-obbligi skont it-Titolu IX tal-Ftehim, u l-azzjoni li tittieħed f'dak ir-rigward mill-Kolombja u l-Perù skont il-mekkaniżmi interni tagħhom u r-riżultati tad-djalogu mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kif stipulat fl-Artikolu 282 tal-Ftehim.* |
| | *4. Ir-rapport għandu jippreżenta wkoll ġabra qasira tal-istatistika u tal-iżvilupp tal-kummerċ mal-Kolombja u l-Perù.* |
| | *5. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tiegħu, sabiex tippreżenta u tispjega kwalunkwe kwistjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.* |
| | *6. Mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport.* |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *4a. Meta l-opinjoni tal-kumitat għandha tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tiġi mitmuma mingħajr riżultat meta, fiż-żmien stipulat għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew il-maġġoranza tal-membri tal-kumitat jitolbu dan.* |

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***KAPITOLU I A*** |
| | ***Artikolu 12a*** |
| | ***Id-dispożizzjoni applikabbli għall-finijiet tal-adozzjoni tar-regoli implimentattivi meħtieġa għall-applikazzjoni tar-regoli li jinsabu fl-Appendiċi 2A tal-Anness II għall-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Kolombja u l-Perù, min-naħa l-oħra "Dwar il-Kunċett ta' 'Prodotti li Joriġinaw' u l-Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva" u l-Appendiċi 2 tal-Anness I "L-eliminazzjoni tad-dazji doganali" tal-Ftehim hija l-Artikolu 247a tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità.*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***1a. L-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana fl-ebda każ ma twaqqaf l-attivazzjoni ta' miżuri inklużi fil-klawsola ta' salvagwardja bilaterali.*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Volum ta' importazzjoni annwali ta' skattament huwa stabbilit għall-importazzjonijiet tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1, kif indikat fit-tielet u r-raba' kolonni tat-tabella fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Ladarba l-volum ta' skattament jew għall-Kolombja jew għall-Perù jintlaħaq matul is-sena kalendarja korrispondenti, il-Kummissjoni ***tista'***, skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(3), tissospendi temporanjament id-dazju doganali preferenzjali li jiġi applikat għall-prodotti ta' oriġini korrispondenti matul l-istess sena għal mhux aktar minn tliet xhur u li ma jaqbiżx tmiem is-sena kalendarja. | 2. Volum ta' importazzjoni annwali ta' skattament huwa stabbilit għall-importazzjonijiet tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1, kif indikat fit-tielet u r-raba' kolonni tat-tabella fl-Anness ta' dan ir-Regolament. Ladarba l-volum ta' skattament jew għall-Kolombja jew għall-Perù jintlaħaq matul is-sena kalendarja korrispondenti, il-Kummissjoni ***għandha***, skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 12(3), tissospendi temporanjament id-dazju doganali preferenzjali li jiġi applikat għall-prodotti ta' oriġini korrispondenti matul l-istess sena għal mhux aktar minn tliet xhur u li ma jaqbiżx tmiem is-sena kalendarja. ***Huwa biss f'każ ta' sitwazzjoni straordinarja li din is-sospensjoni ma tidħolx fis-seħħ.*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 5a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***5a. Il-Kummissjoni se tiżgura l-monitoraġġ mill-qrib tal-iżvilupp tal-istatistiċi dwar l-importazzjonijiet tal-banana li jiġu mill-Kolombja u l-Perù. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tikkoopera u twettaq skambju ta' informazzjoni b'mod regolari mal-Istati Membri u l-partijiet interessati.*** |
| | ***Fuq rikjesta ġustifikata min-naħa ta' Stat Membru, l-industrija tal-Unjoni, il-Parlament Ewropew jew kwalunkwe parti interessata, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lil kull żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet tal-banana li jiġu mill-Kolombja u l-Perù u, jekk ikun xieraq skont it-termini tal-Artikolu 5,għandha tintroduċi miżuri ta' sorveljanza preliminari.*** |

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 5b (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***5b. Il-miżuri ta' sorveljanza preliminari għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni b'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 12(2) ladarba l-volum ta' skattament tal-mekkaniżmu jintlaħaq matul is-sena kalendarja korrispondenti.*** |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 5c (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***5c. Il-Parlament Ewropew jista' jistieden lill-Kummissjoni, fi żmien xahar wara l-pubblikazzjoni tar-rapport tagħha, għal laqgħa ad hoc tal-kumitat responsabbli tiegħu sabiex tippreżenta u tispjega kwalunwke kwistjoni marbuta mal-implimentazzjoni tal-Ftehim li taffettwa s-settur tal-banana.*** |

## L-implimentazzjoni tal-klawżola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali ***I

P7_TA(2012)0348

**Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawżola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra (COM(2011)0599 – C7-0306/2011 – 2011/0263(COD))** [1]

(2013/C 353 E/52)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| | |
|---|---|
| (3) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-proċeduri ***għall-applikazzjoni*** ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim li jikkonċernaw il-klawżola ta' salvagwardja bilaterali u għall-applikazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Stabbilizzazzjoni għall-Banana li kien hemm qbil dwaru mal-Amerika Ċentrali. | (3) Jeħtieġ li jiġu stabbiliti l-proċeduri ***l-aktar adegwati biex jiggarantixxu l-applikazzjoni effikaċi*** ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Ftehim li jikkonċernaw il-klawżola ta' salvagwardja bilaterali u għall-applikazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Stabbilizzazzjoni għall-Banana li kien hemm qbil dwaru mal-Amerika Ċentrali. |

[1] Il-każ kien riferut lura lill-kumitat responsabbli biex jerġà jiġi kkunsidrat skont it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 57(2) (A7-0237/2012).

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(3a) **Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti strumenti ta' salvagwardja xierqa biex tkun evitata ħsara gravi lill-kultivazzjoni tal-Unjoni tal-banana, settur li għandu importanza kbira fil-produzzjoni agrikola finali ta' ħafna reġjuni ultraperiferiċi. Il-kapaċità skarsa ta' diversifikazzjoni ta' dawn ir-reġjuni, konsegwenza tal-karatteristiċi naturali tagħhom, twassal biex is-settur tal-banana jkun settur partikolarment vulnerabbli. Għalhekk huwa essenzjali li jkunu previsti mekkaniżmi effikaċi minħabba l-importazzjonijiet preferenzjali minn pajjiżi terzi, sabiex tkun garantita ż-żamma tal-produzzjoni tal-banana tal-Unjoni f'kundizzjonijiet ottimali, billi jirrappreżenta settur ta' impjiegi kruċjali f'ċerti żoni, speċjalment fir-reġjuni ultraperiferiċi.*** |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(4a) **Dannu serju jew theddida ta' dannu serju lill-produtturi tal-Unjoni jistgħu wkoll jiġu kkawżati bin-nuqqas ta' rispett tal-obbligi speċifiċi fl-ambitu tat-Titolu VIII "Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli" tal-Parti IV tal-Ftehim, b'mod partikolari rigward l-istandards tax-xogħol u ambjentali stabbiliti fih, li b'hekk tkun meħtieġa l-impożizzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| | |
|---|---|
| (5) Miżuri ta' salvagwardja għandhom jitqiesu biss jekk il-prodott ikkonċernat jiġi importat fl-Unjoni fi kwantitajiet daqstant ikbar min-normal, f'termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni tal-Unjoni, u b'tali kundizzjonijiet li jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, dannu serju lill-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jkunu f'kompetizzjoni diretta kif stabbilit fl-Artikolu 104 tal-Ftehim. | (5) Miżuri ta' salvagwardja għandhom jitqiesu biss jekk il-prodott ikkonċernat jiġi importat fl-Unjoni fi kwantitajiet daqstant ikbar min-normal, f'termini assoluti jew relattivi għall-produzzjoni tal-Unjoni, u b'tali kundizzjonijiet li jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, dannu serju lill-produtturi tal-Unjoni ta' prodotti simili jew li jkunu f'kompetizzjoni diretta kif stabbilit fl-Artikolu 104 tal-Ftehim. ***Skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u fir-rigward tal-prodotti u s-setturi ekonomiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, għandhom jiġu introdotti miżuri ta' salvagwardja malli importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott inkwistjoni jikkawżaw jew jheddu li jikkawżaw dannu lill-produtturi ta' prodotti simili jew prodotti direttament kompetittivi fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| | |
|---|---|
| (6) Il-miżuri ta' salvagwardja għandhom ikunu minn fost dawk it-tipi msemmija fl-Artikolu 104(2) tal-Ftehim. | (6) Il-miżuri ta' salvagwardja għandhom ikunu minn fost dawk it-tipi msemmija fl-Artikolu 104(2) tal-Ftehim. ***Għandhom jiġu previsti miżuri speċifiċi ta' salvagwardja meta l-prodotti u s-setturi ekonomiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi jsibu ruħhom mhedda, skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.*** |

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| | |
|---|---|
| (7) Il-kompiti tat-twettiq ta’ investigazzjonijiet u, jekk ikun meħtieġ, l-impożizzjoni ta’ miżuri ta’ salvagwardja għandhom isiru bl-aktar mod trasparenti possibbli. | (7) Il-kompiti ***ta’ segwitu u ta’ rieżami tal-Ftehim u*** tat-twettiq ta’ investigazzjonijiet u, jekk ikun meħtieġ, l-impożizzjoni ta’ miżuri ta’ salvagwardja għandhom isiru bl-aktar mod trasparenti possibbli. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| | |
|---|---|
| (8) Għandu jkun hemm dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-ftuħ tal-proċedimenti. Il-Kummissjoni għandha tirċievi tagħrif, inkluża l-evidenza disponibbli, mill-Istati Membri dwar kwalunkwe *xejriet* fl-importazzjonijiet li jkunu jistgħu jeħtieġu l-applikazzjoni tal-miżuri ta’ salvagwardja. | (8) Għandu jkun hemm dispożizzjonijiet dettaljati dwar il-ftuħ tal-proċedimenti. Il-Kummissjoni għandha tirċievi tagħrif, inkluża l-evidenza disponibbli, mill-Istati Membri ***u mill-partijiet interessati*** dwar kwalunkwe *xejra* fl-importazzjonijiet li jkunu jistgħu jeħtieġu l-applikazzjoni tal-miżuri ta’ salvagwardja. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8 a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | ***(8a) Fil-każ li l-Parlament Ewropew jadotta rakkomandazzjoni biex jibda investigazzjoni ta’ salvagwardja, il-Kummissjoni se teżamina bir-reqqa jekk ġewx sodisfatti l-kundizzjonijiet skont ir-Regolament għal inizjazzjoni ex officio. Fil-każ li l-Kummissjoni tqis li l-kundizzjonijiet ma ġewx sodisfatti, hi se tippreżenta rapport lill-kumitat responsabbli tal-Parlament Ewropew li jinkludi spjegazzjoni tal-fatturi kollha rilevanti għall-inizjazzjoni ta’ tali investigazzjoni.*** |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | ***(10a) F’xi każijiet, żieda fl-importazzjonijiet ikkonċentrata f’wieħed jew aktar minn fost ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni jew l-Istati Membri tista’ tikkawża jew thedded li tikkawża dannu serju jew deterjorament serju fil-qagħda ekonomika tagħhom. Fil-każ li jkun hemm żieda fl-importazzjonijiet ikkonċentrata f’wieħed jew aktar minn fost ir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni jew l-Istati Membri, il-Kummissjoni tista’ tintroduċi miżuri ta’ sorveljanza preventivi.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| | |
|---|---|
| (12) Huwa wkoll meħtieġ, skont l-Artikolu 112 tal-Ftehim, li jiġu stabbiliti l-limiti ta’ żmien għall-ftuħ tal-investigazzjonijiet u għall-kunsiderazzjonijiet dwar jekk il-miżuri humiex xierqa jew le, bil-ħsieb li jiġi żgurat li dawn il-kunsiderazzjonijiet isiru malajr, sabiex tiżdied iċ-ċertezza *legali* għall-operaturi ekonomiċi kkonċernati. | (12) Huwa wkoll meħtieġ, skont l-Artikolu 112 tal-Ftehim, li jiġu stabbiliti l-limiti ta’ żmien għall-ftuħ tal-investigazzjonijiet u għall-kunsiderazzjonijiet dwar jekk il-miżuri humiex xierqa jew le, bil-ħsieb li jiġi żgurat li dawn il-kunsiderazzjonijiet isiru malajr, sabiex tiżdied iċ-ċertezza *tad-dritt* għall-operaturi ekonomiċi kkonċernati ***u jiġi garantit li l-miżuri jkunu effikaċi***. |

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| (14) Il-miżuri ta' salvagwardja għandhom jiġu applikati biss sa fejn, u għal tant żmien, kif jista' jinħtieġ biex ma jsirx dannu serju u jiġi ffaċilitat l-aġġustament. It-tul ta' żmien massimu tal-miżuri ta' salvagwardja għandu jkun iddeterminat u għandhom jiġu stipulati dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-estensjoni u r-reviżjoni ta' dawn il-miżuri, kif imsemmi fl-Artikolu 105 tal-Ftehim. | (14) Il-miżuri ta' salvagwardja għandhom jiġu applikati biss sa fejn, u għal tant żmien, kif jista' jinħtieġ biex ma jsirx dannu serju u jiġi ffaċilitat l-aġġustament. It-tul ta' żmien massimu tal-miżuri ta' salvagwardja għandu jkun iddeterminat u għandhom jiġu stipulati dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-estensjoni u r-reviżjoni ta' dawn il-miżuri, kif imsemmi fl-Artikolu 105 tal-Ftehim. ***Meta dan jirrigwarda miżuri ta' salvagwardja mdaħħla biex jitħarsu l-produzzjoni u s-servizzi ekonomiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi, għandhom japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi skont l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(14a) Il-monitoraġġ mill-qrib jiffaċilita kwalunkwe deċiżjoni f'waqtha dwar il-ftuħ possibbli ta' investigazzjoni jew l-impożizzjoni ta' miżuri. Il-Kummissjoni, għalhekk, għandha timmonitorja b'mod regolari l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet f'setturi sensittivi, fosthom dak tal-banana, mid-data ta' applikazzjoni tal-Ftehim.*** |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 14b (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(14b) Jeħtieġ li ssir insistenza dwar l-importanza tar-rispett tal-istandards internazzjonali tax-xogħol imfassla u sorveljati mill-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol. Id-difiża tax-xogħol dinjituż għal kulħadd għandha tkun prijorità assoluta u l-banana impurtata mill-Amerika Ċentrali għandha tkun prodotta f'kundizzjonijiet salarjali, soċjali u ambjentali korretti, sabiex il-produtturi tal-Unjoni ma jkunux vittmi ta' dumping, żvantaġġ li ma jkunux jistgħu jikkumpensaw għalih u li jikkompromettі b'mod definittiv il-kompetittività tagħhom fis-suq dinji tal-banana.*** |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16a (ġdida)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***(16a) Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim u dwar l-applikazzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana, li għandu jkun fih l-istatistika aġġornata u affidabbli dwar l-importazzjonijiet mill-Amerika Ċentrali u valutazzjoni tal-impatt tagħhom fuq il-prezzijiet tas-suq, l-impjiegi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Unjoni u l-evoluzzjoni tas-settur produttiv tal-Unjoni, b'attenzjoni speċjali tingħata lill-produtturi u lill-kooperattivi ta' daqs żgħir. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilta biex tinkludi fih ukoll analiżi tal-impatt tal-Ftehim u ta' dan ir-Regolament dwar il-produzzjoni u l-konsum organiċi fl-Unjoni u l-flussi ta' Kummerċ Ġust bejn il-partijiet kollha tal-Ftehim.*** |

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16b (ġdida)**

| | |
|---|---|
| | *(16b) Il-Kummissjoni għandha tuża b'mod attent u effikaċi l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana bil-għan li tevita theddid ta' deterjorament serju jew deterjorament serju għall-produtturi fir-reġjuni ultraperiferiċi fl-Unjoni u, minn Jannar 2020, tuża strumenti eżistenti bħall-klawżola ta' salvagwardja jew, jekk neċessarju, tikkunsidra li tiżviluppa strumenti ġodda li jippermettu li tinżamm, f'każ ta' tfixkil gravi tas-suq, il-kompetittività tas-setturi produttivi fl-Unjoni u partikolarment fir-reġjuni ultraperiferiċi.* |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt b**

| | |
|---|---|
| (b) "partijiet interessati" tfisser il-partijiet milquta mill-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat; | (b) "partijiet interessati" tfisser il-partijiet milquta mill-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat***, fosthom l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, l-NGOs u l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema***; |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – punt ea (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *(ea)* ***"deterjorament serju" tfisser disturbi konsiderevoli f'settur jew f'industrija; "theddida ta' deterjorament serju" tfisser disturbi konsiderevoli li jkun imminenti b'mod ċar.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *Artikolu 2a*<br><br>*Monitoraġġ*<br><br>***1. Il-Kummissjoni timmonitorja l-evoluzzjoni tal-istatistika dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet tal-prodotti tal-Amerika Ċentrali, partikolarment f'setturi sensittivi, fosthom dak tal-banana. Għaldaqstant, se tikkoopera u twettaq skambju ta' data b'mod regolari mal-Istati Membri u l-industrija tal-Unjoni u mal-partijiet interessati kollha.***<br><br>***2. Fuq talba ġġustifikata kif xieraq mill-industriji kkonċernati, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li testendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-monitoraġġ għal setturi oħra.***<br><br>***3. Il-Kummissjoni tippreżenta rapport annwali ta' monitoraġġ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar statistika aġġornata dwar l-importazzjonijiet tal-prodotti tal-Amerika Ċentrali fis-setturi sensittivi u f'dawk is-setturi li għalihom ġie estiż il-monitoraġġ, inkluż dak tal-banana.*** |

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***4. Fir-rapport ta' monitoraġġ, il-Kummissjoni tagħmel ħilta biex tinkludi r-rati ta' impjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-produtturi tal-banana fl-Amerika Ċentrali bil-għan li jiġi evitati l-forom kollha ta' dumping.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1**

| | |
|---|---|
| 1. Investigazzjoni għandha tinfetaħ fuq talba ta' Stat Membru, minn kwalunkwe persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika, li tkun qed taġixxi f'isem l-industrija tal-Unjoni, jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jekk il-Kummissjoni jidhrilha li hemm biżżejjed evidenza *prima facie*, kif stabbilit abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 4(5), li tiġġustifika tali ftuħ. | 1. Investigazzjoni għandha tinfetaħ fuq talba ta' Stat Membru, minn kwalunkwe persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika, li tkun qed taġixxi f'isem l-industrija tal-Unjoni, ***mill-Parlament Ewropew*** jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jekk il-Kummissjoni jidhrilha li hemm biżżejjed evidenza *prima facie*, kif stabbilit abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 4(5), li tiġġustifika tali ftuħ. |
| | ***Meta jkun xieraq, il-Parlament Ewropew jista' jikkonsulta u jirreferi għall-analiżi minn korpi indipendenti, bħat-trade unions, l-ILO, id-dinja akkademika jew l-organizzazzjonijiet fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

| | |
|---|---|
| 2. It-talba għall-ftuħ ta' investigazzjoni għandha tinkludi evidenza li l-kundizzjonijiet biex tiġi imposta l-miżura ta' salvagwardja stipulata fl-Artikolu 2(1) ikunu ġew sodisfatti. It-talba għandha ġeneralment tinkludi t-tagħrif li ġej: ir-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat f'termini assoluti u relattivi, is-sehem tas-suq domestiku meħud minn importazzjonijiet miżjuda, u l-bidliet fil-livelli ta' bejgħ, produzzjoni, produttività, użu tal-kapaċità, qligħ u telf, ***u*** impjiegi. | 2. It-talba għall-ftuħ ta' investigazzjoni għandha tinkludi evidenza li l-kundizzjonijiet biex tiġi imposta l-miżura ta' salvagwardja stipulata fl-Artikolu 2(1) ikunu ġew sodisfatti. It-talba għandha ġeneralment tinkludi t-tagħrif li ġej: ir-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat f'termini assoluti u relattivi, is-sehem tas-suq domestiku meħud minn importazzjonijiet miżjuda, u l-bidliet fil-livelli ta' bejgħ, produzzjoni, produttività, użu tal-kapaċità, qligħ u telf, impjiegi ***u kundizzjonijiet tax-xogħol***. |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 3**

| | |
|---|---|
| 3. Investigazzjoni tista' tinfetaħ ukoll fil-każ li jkun hemm żieda qawwija tal-importazzjonijiet ikkonċentrati fi Stat Membru wieħed jew f'għadd ta' Stati Membri, bil-kundizzjoni li jkun hemm biżżejjed evidenza *prima facie* li l-kundizzjonijiet għall-ftuħ ikunu ġew sodisfatti, kif stabbilit abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 4(5). | 3. Investigazzjoni tista' tinfetaħ ukoll fil-każ li jkun hemm żieda qawwija tal-importazzjonijiet ikkonċentrati fi Stat Membru wieħed jew f'għadd ta' Stati Membri ***jew ta' reġjuni ultraperiferiċi***, bil-kundizzjoni li jkun hemm biżżejjed evidenza *prima facie* li l-kundizzjonijiet għall-ftuħ ikunu ġew sodisfatti, kif stabbilit abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 4(5). |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 4**

| | |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha titlob it-tagħrif kollu li jidhrilha li jkun meħtieġ biex tkun tista' tiddetermina dwar il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1)***,*** u***, fejn jidhrilha li jkun xieraq,*** tfittex li tivverifika dan. | 4. Il-Kummissjoni għandha titlob it-tagħrif kollu li jidhrilha li jkun meħtieġ biex tkun tista' tiddetermina dwar il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 2(1) u tfittex li tivverifika dan. |

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 5**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 5. Fl-investigazzjoni l-Kummissjoni għandha tagħmel stima tal-fatturi rilevanti kollha ta' natura oġġettiva u kwantifikabbli li għandhom influwenza fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari, ir-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat f'termini assoluti u relattivi, is-sehem tas-suq domestiku meħud mill-importazzjonijiet miżjuda, it-tibdil fil-livelli tal-bejgħ, tal-produzzjoni, tal-produttività, tal-użu tal-kapaċità, tal-qligħ u tat-telf, u tal-impjiegi. Din il-lista mhix eżawrjenti u l-Kummissjoni tista' tqis fatturi oħra rilevanti meta tkun qed tiddetermina l-eżistenza ta' dannu serju jew theddida ta' dannu serju, bħalma huma il-ħażniet, il-prezzijiet, ir-redditu fuq il-kapital użat, il-likwidità, u fatturi oħra li jkunu qed jikkawżaw jew għandhom mnejn ikkawżaw dannu serju, jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija tal-Unjoni. | 5. Fl-investigazzjoni l-Kummissjoni għandha tagħmel stima tal-fatturi rilevanti kollha ta' natura oġġettiva u kwantifikabbli li għandhom influwenza fuq il-qagħda tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari, ir-rata u l-ammont taż-żieda fl-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat f'termini assoluti u relattivi, is-sehem tas-suq domestiku meħud mill-importazzjonijiet miżjuda, it-tibdil fil-livelli tal-bejgħ, tal-produzzjoni, tal-produttività, tal-użu tal-kapaċità, tal-qligħ u tat-telf, u tal-impjiegi. Din il-lista mhix eżawrjenti u l-Kummissjoni tista' tqis fatturi oħra rilevanti meta tkun qed tiddetermina l-eżistenza ta' dannu serju jew theddida ta' dannu serju, bħalma huma il-ħażniet, il-prezzijiet, ir-redditu fuq il-kapital użat, il-likwidità, u fatturi oħra li jkunu qed jikkawżaw jew għandhom mnejn ikkawżaw dannu serju, jew jheddu li jikkawżaw dannu serju lill-industrija tal-Unjoni***, bħall-ilħuq tal-volumi limitu fil-qafas tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana, inklużi dawk inklużi fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament***. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 7**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 7. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li *d-dejta* u l-istatistika kollha li jintużaw għall-investigazzjoni jkunu disponibbli, jinftiehmu, trasparenti u verifikabbli. | 7. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li *d-data* u l-istatistika kollha li jintużaw għall-investigazzjoni jkunu disponibbli, jinftiehmu, trasparenti***, aġġornati, affidabbli*** u verifikabbli. |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***1a. Fil-każ li jkun hemm żieda qawwija fl-importazzjonijiet ta' prodotti li jidħlu fi ħdan is-setturi sensittivi kkonċentrati f'wieħed jew aktar minn fost l-Istati Membri jew ir-reġjuni ultraperiferiċi, il-Kummissjoni tista' tintroduċi miżuri ta' sorveljanza preventivi.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 4. Kull estensjoni skont il-paragrafu 3 għandha tiġi ppreċeduta minn investigazzjoni fuq talba ta' Stat Membru, minn kwalunkwe persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika, li tkun qed taġixxi f'isem l-industrija tal-Unjoni, jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jekk ikun hemm biżżejjed evidenza *prima facie* li l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 3 jkunu sodisfatti, abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 4(5). | 4. Kull estensjoni skont il-paragrafu 3 għandha tiġi ppreċeduta minn investigazzjoni fuq talba ta' Stat Membru, minn kwalunkwe persuna ġuridika jew kwalunkwe assoċjazzjoni li ma jkollhiex personalità ġuridika, li tkun qed taġixxi f'isem l-industrija tal-Unjoni, ***minn partijiet interessati, mill-Parlament Ewropew,*** jew fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jekk ikun hemm biżżejjed evidenza *prima facie* li l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 3 jkunu sodisfatti, abbażi tal-fatturi msemmija fl-Artikolu 4(5). |

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *Artikolu 11a* |
| | *Rapport* |
| | *1. Il-Kummissjoni tippreżenta rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim u tar-Regolament. Ir-rapport jinkludi informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' miżuri provviżorji u definittivi, miżuri ta' sorveljanza preventivi, miżuri ta' sorveljanza u ta' salvagwardja reġjonali, it-tmiem tal-investigazzjonijiet mingħajr miżuri u l-attivitajiet tad-diversi korpi responsabbli mill-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-Ftehim u tar-rispett tal-obbligi li ġejjin minnu, inkluża l-informazzjoni rċevuta mill-partijiet interessati.* |
| | *2. It-taqsimiet speċjali tar-rapport jittrattaw ir-rispett tal-obbligi skont it-Titolu VIII "Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli" tal-Parti IV tal-Ftehim u l-azzjoni meħuda f'dak ir-rigward mill-Amerika Ċentrali fl-ambitu tal-mekkaniżmi interni tagħha u mill-Forum għad-Djalogu mas-Soċjetà Ċivili.* |
| | *3. Ir-rapport jippreżenta wkoll sinteżi tal-istatistika u tal-evoluzzjoni tal-kummerċ mal-Amerika Ċentrali.* |
| | *4. Ir-rapport jinkludi statistika aġġornata u affidabbli dwar l-importazzjonijiet mill-Amerika Ċentrali tal-banana u l-impatt dirett u indirett tagħhom fuq l-evoluzzjoni tal-impjieg u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur produttiv tal-Unjoni.* |
| | *5. Il-Parlament Ewropew jista', fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni, jistieden lill-Kummissjoni għal laqgħa ad hoc tal-kumitat reponsabbli tiegħu biex tippreżenta u tispjega xi kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehim u ta' dan ir-Regolament.* |
| | *6. Mhux aktar tard minn tliet xhur wara l-preżentazzjoni tar-rapport lill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni tippubblika r-rapport.* |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)**

| | |
|---|---|
| | *4a. Jekk l-opinjoni tal-kumitat trid tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, din il-proċedura tiġi konkluża mingħajr riżultati meta, sat-terminu għall-preżentazzjoni tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi f'dan is-sens jew fuq talba tal-maġġoranza tal-membri tal-kumitat.* |

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**

KAPITOLU Ia - Artikolu 12a (ġdid)

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***Kapitolu Ia*** |
| | ***Artikolu 12a*** |
| | ***12a. Id-dispożizzjoni applikabbli bl-għan li jiġu adottati r-regoli ta' implimentazzjoni meħtieġa għall-applikazzjoni tar-regoli inklużi fl-Appendiċi 2A tal-Anness II "Dwar il-Kunċett ta' "Prodotti Oriġinarji" u Metodi ta' Kooperazzjoni Amministrattiva" u l-Appendiċi 2 tal-Anness I "L-eliminazzoni tad-dazji doganali" tal-Ftehim, hija l-Artikolu 247a tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità.*** |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| | ***1a. L-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana fl-ebda ċirkostanza ma timpedixxi l-attivazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-klawżola bilaterali ta' salvagwardja.*** |

**Emenda 31 u 32**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
|---|---|
| 2. Volum ta' importazzjoni annwali separat *ta' skattar* huwa stabbilit għall-importazzjonijiet minn pajjiż tal-Amerika Ċentrali għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 kif indikat fit-tabella fl-Anness ma' dan ir-Regolament. L-importazzjoni tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 bir-rata tad-dazju doganali preferenzjali għandha, flimkiem mal-prova tal-oriġini stabbilita fl-Anness III (Definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti tal-oriġini" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva) tal-Ftehim mal-Amerika Ċentrali, tkun suġġetta għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' esportazzjoni maħruġ mill-awtorità kompetenti tar-Repubblika tal-pajjiż tal-Amerika Ċentrali minn fejn jiġu esportati l-prodotti. Ladarba jintlaħaq il-volum *tal-iskattar* matul is-sena kalendarja korrispondenti, il-Kummissjoni***, b'konformità mal-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 12(3), għandha*** tissospendi temporanjament id-dazji doganali preferenzjali matul l-istess sena għal perjodu taż-żmien li ma jaqbiżx it-tliet xhur, u li ma jmurx lil hinn minn tmiem is-sena kalendarja. | 2. Volum *limitu* ta' importazzjoni annwali separat ta' skattar huwa stabbilit għall-importazzjonijiet minn pajjiż tal-Amerika Ċentrali għall-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 kif indikat fit-tabella fl-Anness ma' dan ir-Regolament. L-importazzjoni tal-prodotti msemmija fil-paragrafu 1 bir-rata tad-dazju doganali preferenzjali għandha, flimkiem mal-prova tal-oriġini stabbilita fl-Anness III (Definizzjoni tal-kunċett ta' "prodotti tal-oriġini" u metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva) tal-Ftehim mal-Amerika Ċentrali, tkun suġġetta għall-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' esportazzjoni maħruġ mill-awtorità kompetenti tar-Repubblika tal-pajjiż tal-Amerika Ċentrali minn fejn jiġu esportati l-prodotti. ***Dan l-obbligu ta' preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' esportazzjoni, madankollu, ma għandu jimplika għall-esportatur la piż amministrattiv akbar, la spejjeż addizzjonali u lanqas limitazzjonijiet kummerċjali.*** Ladarba jintlaħaq il-volum *limitu* matul is-sena kalendarja korrispondenti, il-Kummissjoni ***għandha*** tissospendi temporanjament id-dazji doganali preferenzjali matul l-istess sena għal perjodu taż-żmien li ma jaqbiżx it-tliet xhur, u li ma jmurx lil hinn minn tmiem is-sena kalendarja. ***Is-sospensjoni tista' tkun attivata biss minħabba kawżi ta' forza maġġuri.*** |

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

| TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI | EMENDA |
| --- | --- |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 5a (ġdid)**

*5a. Il-Kummissjoni timmonitorja mill-qrib l-evoluzzjoni tal-istatistika għall-importazzjonijiet tal-banana mill-Amerika Ċentrali. Ir-rati ta' impjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, kif ukoll il-produzzjoni u l-konsum organiċi u l-flussi tal-Kummerċ Ġust jiffurmaw parti mill-proċess ta' monitoraġġ. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tikkoopera u twettaq skambju ta' informazzjoni b'mod regolari mal-Istati Membri, mal-industriji tal-Unjoni u mal-partijiet interessati.*

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 5b (ġdid)**

*5b. Fuq talba motivata tal-Parlament Ewropew, ta' Stat Membru, tal-industrija tal-Unjoni, ta' kwalunkwe parti interessata, jew fuq inizjattiva proprja, il-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lil kwalunkwe żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet tal-banana li jiġu mill-Amerika Ċentrali, u jekk applikabbli, tadotta l-miżuri ta' sorveljanza preventivi, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 5.*

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 5c (ġdid)**

*5c. Il-miżuri ta' sorveljanza preventivi jiġu adottati mill-Kummissjoni b'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 12(2) ladarba l-volum limitu tal-mekkaniżmu jintlaħaq matul is-sena ta' kalendarju korrispondenti.*

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 5d (ġdid)**

*5d. Fi żmien xahar wara l-pubblikazzjoni tar-rapport mill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew jista' jistedinha għal laqgħa ad hoc tal-kumitat responsabbli sabiex tippreżentalu u tispjegalu kwalunwke kwistjoni marbuta mal-implimentazzjoni tal-Ftehim li se tolqot is-settur tal-banana.*

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

# L-użi permessi ta' xogħlijiet orfni ***I

P7_TA(2012)0349

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti użijiet permessi ta' xogħlijiet orfni (COM(2011)0289 – C7-0138/2011 – 2011/0136(COD))**

(2013/C 353 E/53)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2011)0289),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 53(1), 62 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0138/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta' Settembru 2011 ([1]),

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tal-14 ta' Ġunju 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur u tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni (A7-0055/2012),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) ĠU C 376, 22.12.2011, p. 66.

**P7_TC1-COD(2011)0136**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2012/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti użi permessi ta' xogħlijiet orfni**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, d-Direttiva 2012/28/UE.)*

---

## Preferenzi kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għall-Pakistan ***I

P7_TA(2012)0350

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi preferenzi kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għall-Pakistan (COM(2010)0552 – C7-0322/2010 – 2010/0289(COD))**

(2013/C 353 E/54)

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2010)0552),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 207(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0322/2010),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-18 ta' Lulju 2012, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A7-0069/2011),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt ([1]);

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

([1]) Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fl-10 ta' Mejju 2011 (Testi adottati, P7_TA(2011)0205).

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

## P7_TC1-COD(2010)0289

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-13 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi preferenzi kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għall-Pakistan**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel ma' l-att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1029/2012.)*

2013/C 353 E/15 Strateġija għar-Reġjun tal-Atlantiku fil-qafas tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar l-istrateġija għar-reġjun tal-Atlantiku fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni (2011/2310(INI)) .......... 122

2013/C 353 E/16 Is-sitwazzjoni fis-Sirja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar is-Sirja (2012/2788(RSP)) .......... 129

2013/C 353 E/17 L-użu politiku tal-ġustizzja fir-Russja

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar l-użu politiku tal-ġustizzja fir-Russja (2012/2789(RSP)) .......... 134

2013/C 353 E/18 Proposti għal Unjoni Bankarja Ewropea (UBE)

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 Lejn Unjoni Bankarja (2012/2729(RSP)) .......... 138

2013/C 353 E/19 L-Afrika t'Isfel: massakru tal-minaturi fuq strajk

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar l-Afrika t'Isfel: il-massakru tal-minaturi li qed jistrajkjaw (2012/2783(RSP)) .......... 141

2013/C 353 E/20 Il-persekuzzjoni tal-Musulmani Rohingya f'Burma

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat- 13 ta' Settembru 2012 dwar il-Persekuzzjoni tal-Musulmani Rohingya fil-Burma/Mjanmar (2012/2784(RSP)) .......... 145

2013/C 353 E/21 Azerbajġan: il-każ ta' Ramil Safarov

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar l-Azerbajġan: il-każ ta' Ramil Safarov (2012/2785(RSP)) .......... 148

2013/C 353 E/22 L-indirizzar tal-marda tal-isklerożi multipla fl-Ewropa

Dikjarazzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar l-indirizzar tal-marda tal-isklerożi multipla fl-Ewropa .......... 151

II *Komunikazzjonijiet*

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Parlament Ewropew**

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

2013/C 353 E/23 It-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Jaroslaw Leszek Walesa

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità ta' Jarosław Leszek Wałęsa (2012/2112(IMM)) .......... 152

MT

2013/C 353 E/24 Talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Birgit Collin-Langen

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar it-talba għat-tneħħija tal-immunità parlamentari ta' Birgit Collin-Langen (2012/2128(IMM)) . . . 153

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

2013/C 353 E/25 Ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar it-trasmissjoni lil u t-trattament mill-Parlament Ewropew ta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill dwar kwistjonijiet apparti dawk fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà komuni

Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar il-konklużjoni ta' ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar it-trasmissjoni lil u t-trattament mill-Parlament Ewropew ta' informazzjoni klassifikata miżmuma mill-Kunsill dwar kwistjonijiet apparti dawk fil-qasam tal-politika sstera u ta' sigurtà komuni (2012/2069(ACI)) . . . 156

ANNESS . . . 159

---

III *Atti preparatorji*

IL-PARLAMENT EWROPEW

**It-Tlieta 11 ta' Settembru 2012**

2013/C 353 E/26 Il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: EGF/2011/008 DK/Odense Steel Shipyard, Danimarka

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/008 DK/Odense Steel Shipyard mid-Danimarka) (COM(2012)0272 – C7-0131/2012 – 2012/2110(BUD)) . . . 168

ANNESS: . . . 172

2013/C 353 E/27 Il-Mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni: EGF/2011/017 ES/Aragon

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina tal-baġit u l-ġestjoni finanzjarja tajba (applikazzjoni EGF/2011/017 ES/Kostruzzjoni ta' Aragón minn Spanja) (COM(2012)0290 – C7-0150/2012 – 2012/2121(BUD)) . . . 172

ANNESS . . . 175

2013/C 353 E/28 Effiċjenza enerġetika ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza fl-enerġija u li tirrevoka d-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (COM(2011)0370 – C7-0168/2011 – 2011/0172(COD)) . . . 176

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

P7_TC1-COD(2011)0172

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2012/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE ..... 177

ANNESS ..... 177

2013/C 353 E/29 L-istandardizzazzjoni Ewropea ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/105/KE u 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2011)0315 – C7-0150/2011 – 2011/0150(COD)) ..... 178

P7_TC1-COD(2011)0150

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (EU) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE ▌tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsil 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE ..... 179

2013/C 353 E/30 Identifikazzjoni elettronika tal-annimali bovini ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fil-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta emendata għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1760/2000 dwar l-identifikazzjoni elettronika tal-annimali bovini u t-tneħħija tad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettjar volontarju taċ-ċanga (COM(2012)0162 – C7-0114/2012 – 2011/0229(COD)) ..... 179

2013/C 353 E/31 Farmakoviġilanza (emenda tad-Direttiva 2001/83/KE) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/83/KE fir-rigward tal-farmakoviġilanza (COM(2012)0052 – C7-0033/2012 – 2012/0025(COD)) ..... 191

P7_TC1-COD(2012)0025

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2012/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2001/83/KE fir-rigward tal-farmakoviġilanza ..... 192

2013/C 353 E/32 Farmakoviġilanza (emenda tar-Regolament (KE) Nru 726/2004) ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004 fir-rigward tal-farmakoviġilanza (COM(2012)0051 – C7-0034/2012 – 2012/0023(COD)) ..... 192

P7_TC1-COD(2012)0023

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 726/2004, fir-rigward tal-farmakoviġilanza ..... 193

2013/C 353 E/33 Kontenut ta' kubrit fil-karburanti marittimi ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/32/KE fir-rigward tal-kontenut ta' kubrit fil-fjuwils tal-baħar (COM(2011)0439 – C7-0199/2011 – 2011/0190(COD)) ..... 193

P7_TC1-COD(2011)0190

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2012/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE fir-rigward tal-kontenut ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu ........ 194

2013/C 353 E/34 — Skema ta' pagament uniku u ta' appoġġ għal min ikabbar id-dwieli ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tar-reġim tal-iskema ta' pagament uniku u ta' appoġġ għal min ikabbar id-dwieli (COM(2011)0631 – C7-0338/2011 – 2011/0285(COD)) ........ 194

P7_TC1-COD(2011)0285

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-11 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tar-reġim tal-iskema ta' pagament uniku u l-appoġġ għal min ikabbar id-dwieli ........ 195

2013/C 353 E/35 — Il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ('ir-Regolament tal-IMI') ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern ('ir-Regolament tal-IMI') (COM(2011)0522 – C7-0225/2011 – 2011/0226(COD)) ........ 195

P7_TC1-COD(2011)0226

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni amministrattiva permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern *u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/49/KE* ('ir-Regolament tal-IMI') ........ 196

2013/C 353 E/36 — Sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti (riformulazzjoni) (COM(2011)0714 – C7-0516/2011 – 2011/0314(CNS)) ... 196

**L-Erbgħa 12 ta' Settembru 2012**

2013/C 353 E/37 — Standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità (COM(2011)0275 – C7-0127/2011 – 2011/0129(COD)) ........ 201

P7_TC1-COD(2011)0129

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2012/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI 202

2013/C 353 E/38 — L-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa Komunitarja għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja u għal-laħam tal-majjal, il-laħam tat-tjur, il-qamħ u l-maħlut, u tipi ta' nuħħala, il-frak iebes u fdalijiet oħra ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-12 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 774/94 li jiftaħ u jipprovdi l-amministrazzjoni ta' ċerti kwoti tat-tariffa Komunitarja għal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja, u għal-laħam tal-majjal, il-laħam tat-tjur, il-qamħ u l-maħlut, u tipi ta' nuħħala, il-frak iebes u fdalijiet oħra (COM(2011)0906 – C7-0524/2011 – 2011/0445(COD)) ........ 202

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

2013/C 353 E/39 Importazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa u prodotti agrikoli oħra mit-Turkija fir-rigward tas-setgħat ta' delegazzjoni u implimentazzjoni li se jingħataw lill-Kummissjoni ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-12 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2008/97, (KE) Nru 779/98 u (KE) Nru 1506/98 fil-qasam ta' importazzjonijiet ta' żejt taż-żebbuġa u prodotti agrikoli oħra mit-Turkija fir-rigward tas-setgħat ta' delegazzjoni u implimentazzjoni li ser jingħataw lill-Kummissjoni (COM(2011)0918 – C7-0005/2012 – 2011/0453(COD)) . . . . . 204

2013/C 353 E/40 Emenda tal-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku fir-rigward tal-istima tal-konformità, iċ-ċertifikati u l-immarkar bejn il-KE u l-Awstralja

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Awstralja li jemenda l-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku fir-rigward tal-istima tal-konformità, tal-istima tal-konformità, iċ-ċertifikati u l-immarkar bejn il-Komunità Ewropea u l-Awstralja (12124/2010 – C7-0057/2012 – 2010/0146(NLE)) . . . . . 210

2013/C 353 E/41 Ftehim UE/New Zealand dwar l-għarfien reċiproku fir-rigward tal-istima tal-konformità ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni ta' ftehim UE/New Zealand li jemenda l-Ftehim dwar l-għarfien reċiproku fir-rigward tal-istima tal-konformità bejn il-Komunità Ewropea u n-New Zealand (12126/2010 – C7-0058/2012 – 2010/0139(NLE)) 210

2013/C 353 E/42 Ċerti miżuri fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti miżuri fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut (COM(2011)0888 – C7-0508/2011 – 2011/0434(COD)) . . . . . 211

P7_TC1-COD(2011)0434

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti miżuri għall-iskop tal-konservazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut fir-rigward ta' pajjiżi li jippermettu sajd mhux sostenibbli . . . . . 212

2013/C 353 E/43 L-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura (COM(2011)0416 – C7-0197/2011 – 2011/0194(COD)) . . . . . 212

P7_TC1-COD(2011)0194

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura, li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u li tħassar r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 . . . . . 213

ANNESS I . . . . . 241

ANNESS II . . . . . 242

ANNESS III . . . . . 245


MT

**Il-Ħamis 13 ta' Settembru 2012**

2013/C 353 E/44 It-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-13 ta' Settembru 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar it-tiġdid tal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Federattiva tal-Brażil (10475/2012 – C7-0181/2012 – 2012/0059(NLE)) ..... 247

2013/C 353 E/45 Ftehim UE-Alġerija dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika ***

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Demokratika Popolari tal-Alġerija dwar kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika (08283/2012 – C7-0122/2012 – 2011/0175(NLE)) ..... 247

2013/C 353 E/46 Esklużjoni ta' għadd ta' pajjiżi mil-lista ta' reġjuni jew stati li kkonkludew in-negozjati ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 fir-rigward tal-esklużjoni ta' għadd ta' pajjiżi mil-lista ta' reġjuni jew stati li kkonkludew in-negozjati (COM(2011)0598 – C7-0305/2011 – 2011/0260(COD)) ..... 248

P7_TC1-COD(2011)0260

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1528/2007 fir-rigward tal-esklużjoni ta' għadd ta' pajjiżi mil-lista ta' reġjuni jew stati li kkonkludew in-negozjati ..... 249

ANNESS ..... 252

2013/C 353 E/47 Mekkaniżmu ta' skambju fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija (COM(2011)0540 – C7-0235/2011 – 2011/0238(COD)) ..... 252

P7_TC1-COD(2011)0238

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni Nru …/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija ..... 253

2013/C 353 E/48 L-iskemi tal-kwalità tal-prodotti agrikoli ***I

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskemi tal-kwalità tal-prodotti agrikoli (COM(2010)0733 – C7-0423/2010 – 2010/0353(COD)) ..... 254

P7_TC1-COD(2010)0353

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskemi tal-kwalità għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel ..... 255

Anness għal riżoluzzjoni leġiżlattiva ..... 255

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

2013/C 353 E/49 Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fondi ta' Intraprenditorija Soċjali Ewropej (COM(2011)0862 – C7-0489/2011 – 2011/0418(COD)) ... 255

2013/C 353 E/50 Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar Fondi Ewropej ta' Kapital ta' Riskju (COM(2011)0860 – C7-0490/2011 – 2011/0417(COD)) ... 280

2013/C 353 E/51 L-implimentazzjoni tal-klawsola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-UE u l-Kolombja u l-Perù ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawsola ta' slavagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim Kummerċjali bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kolombja u l-Peru (COM(2011)0600 – C7-0307/2011 – 2011/0262(COD)) ... 304

2013/C 353 E/52 L-implimentazzjoni tal-klawżola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Amerika Ċentrali ***I

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fit-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jimplimenta l-klawżola ta' salvagwardja bilaterali u l-mekkaniżmu ta' stabbilizzazzjoni għall-banana tal-Ftehim li jistabbilixxi Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Amerika Ċentrali min-naħa l-oħra (COM(2011)0599 – C7-0306/2011 – 2011/0263(COD)) ... 312

2013/C 353 E/53 L-użi permessi ta' xogħlijiet orfni ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti użijiet permessi ta' xogħlijiet orfni (COM(2011)0289 – C7-0138/2011 – 2011/0136(COD)) ... 322

P7_TC1-COD(2011)0136

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-13 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2012/…/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ċerti użi permessi ta' xogħlijiet orfni ... 323

2013/C 353 E/54 Preferenzi kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għall-Pakistan ***I

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi preferenzi kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għall-Pakistan (COM(2010)0552 – C7-0322/2010 – 2010/0289(COD)) ... 323

P7_TC1-COD(2010)0289

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-13 ta' Settembru 2012 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru …/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jintroduċi preferenzi kummerċjali awtonomi ta' emerġenza għall-Pakistan ... 324

*Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| **I | Proċedura ta' konsultazzjoni: l-ewwel qari |
| **II | Proċedura ta' konsultazzjoni: it-tieni qari |
| *** | Proċedura ta' parir konformi |
| ***I | Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari |
| ***II | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari |
| ***III | Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tielet qari |

(It-tip ta' proċedura tiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni)

Emendi politiċi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva u qawwija; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ▌.

Korrezzjonijiet u adattamenti tekniċi tas-servizzi: it-test ġdid jew modifikat huwa indikat permezz tat-tipa korsiva rqiqa; it-tħassir huwa indikat permezz tas-simbolu ‖.

MT

**EUR-Lex (http://new.eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT